2025/905

13.6.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/905

tat-12 ta' Mejju 2025

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' rieżami intern biex isegwi s-sejbiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2015/128 u aġġornamenti proċedurali oħra

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus") tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE). Il-Konvenzjoni ta' Aarhus hija implimentata fl-Unjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(2) L-Artikolu 2(2), il-punt (a) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 jeskludi atti amministrattivi, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1), il-punt (g), adottati mill-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ikkonċernati mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat ma jistgħux ikunu soġġetti għal talba għal rieżami minn membri tal-pubbliku kif previst fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

(3) Il-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus (l-"ACCC") fil-kawża ACCC/C/2015/128 ([3]), sab li l-Unjoni kienet qed tikser il-Konvenzjoni ta' Aarhus talli naqset milli tipprovdi lill-membri tal-pubbliku aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji biex jikkontestaw deċiżjonijiet dwar miżuri ta' għajnuna mill-Istat meħuda mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat li tmur kontra l-liġi tal-Unjoni relatata mal-ambjent.

(4) L-Unjoni jenħtieġ li tieħu passi biex tindirizza s-sejbiet tal-ACCC billi tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rieżami intern. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li japplika għad-deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat li jagħlqu l-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat, adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2015/1589, li għandhom bħala bażi legali l-Artikolu 107(3), il-punt (a), l-ewwel parti tal-punt (b) (għajnuna għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni), il-punti (c), (d) u (e) tat-Trattat, l-Artikolu 93 tat-Trattat, u l-Artikolu 106(2) tat-Trattat. F'dan il-kuntest, l-Istat Membru notifikanti jenħtieġ li jikkonferma li la l-attività soġġetta għall-għajnuna mill-Istat, u lanqas kwalunkwe aspett tal-miżura ta' għajnuna mill-Istat notifikata marbuta b'mod irrevokabbli mal-għan tal-għajnuna ma jiksru l-liġi ambjentali tal-Unjoni ([4]). Dik il-konferma jenħtieġ li tingħata fil-forma stabbilita fil-Parti I, il-punt 6.8 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([5]). Jekk miżura ta' għajnuna mill-Istat tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, u sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fil-ġurisprudenza ([6]), il-Kummissjoni ma tistax tawtorizza l-għajnuna.

([1]) ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1589/oj.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1367/OJ).

([3]) Għas-sejbiet u l-informazzjoni relatat dwar il-kawża, ara https://unece.org/env/pp/cc/accc.c.2015.128_european-union.

([4]) Is-sentenza *ex multis* tat-22 ta' Marzu 1977, *Iannelli & Volpi*, 74/76, ECLI:EU:C:1977:51, il-paragrafu 14: "Dawk l-aspetti ta' għajnuna li jmorru kontra dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat (…) jaf ikunu tant marbuta b'mod irrevokabbli mal-għan tal-għajnuna li jkun impossibbli li jiġu evalwati separatament b'tali mod li l-effett tagħhom fuq il-kompatibbiltà jew l-inkompatibbiltà tal-għajnuna meqjusa bħala ħaġa shiha irid għalhekk neċessarjament jiġi ddeterminat fid-dawl tal-proċedura preskritta fl-Artikolu 93".

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/794/oj).

([6]) Is-Sentenza tal-15 ta' Ġunju 1993, *Matra vs Il-Kummissjoni* C-225/91, ECLI:EU:C:1993:239, il-paragrafu 41, is-Sentenza tat-22 ta' Marzu 1977, *Iannelli & Volpi*, 74/76, ECLI:EU:C:1977:51, il-paragrafu 14, is-Sentenza tal-31 ta' Jannar 2023, *Il-Kummissjoni vs Braesch et al*, C-284/21 P, ECLI:EU:C:2023:58, il-paragrafi minn 96 sa 99.

(5) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw minn dan il-mekkaniżmu ta' rieżami intern ġdid, l-obbligu għall-Istati Membri li fin-notifika tagħhom jikkonfermaw in-nuqqas ta' ksur tal-liġi ambjentali tal-Unjoni jenħtieġ li japplika biss minn xahrejn wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) L-arranġamenti għall-proċedura ta' rieżami intern huma spjegati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Kodiċi tal-Aħjar Prattiki għat-tmexxija tal-proċeduri ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat ([7]).

(7) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 794/2004, żieda sa 20 % tal-baġit oriġinali ta' skema ta' għajnuna jenħtieġ li ma titqiesx bħala bidla fl-għajnuna eżistenti. Fl-interess taċ-ċertezza legali, huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament japplika biss għal skemi ta' għajnuna awtorizzati jew skemi ta' għajnuna meqjusa kompatibbli fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 ([8]), peress li tipi oħra ta' għajnuna eżistenti, bħall-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni, jista' ma jkollhomx baġit oriġinali awtorizzat.

(8) Il-Kummissjoni jenħtieġ li temenda l-formoli ta' notifikazzjoni tagħha, wara l-adozzjoni tar-regolamenti, linji gwida u oqfsa aġġornati tal-għajnuna mill-Istat rigward l-għajnuna reġjonali ([9]), ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni ([10]), il-broadband ([11]), il-klima, il-ħarsien ambjentali u l-enerġija ([12]), il-finanzjament ta' riskju ([13]), l-għajnuna għall-agrikoltura ([14]) u s-sajd ([15]) kif ukoll testendi l-linji gwida tal-għajnuna mill-Istat dwar l-avjazzjoni ([16]). Fid-dawl ta' dawn il-bidliet, il-formola ta' notifika u l-iskedi ta' informazzjoni ta' għajnuna mill-Istat stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 jenħtieġ li jiġu emendati biex jirriflettu l-bidliet u biex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex twettaq il-valutazzjoni tagħha skont ir-regoli emendati dwar l-għajnuna mill-Istat.

(9) Il-prattika tal-Kummissjoni evolviet f'termini tal-użu ta' sistemi elettroniċi ta' notifika u formati ta' rappurtar annwali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 jiġu emendati biex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tirċievi l-informazzjoni kollha li teħtieġ biex twettaq il-valutazzjoni tagħha skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(10) Il-prattika tal-Kummissjoni fir-rigward tar-rappurtar fis-setturi tal-agrikoltura u s-sajd jeħtieġ li tiġi emendata, f'konformità mar-regoli ġenerali tar-rappurtar. Għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu r-rapporti tagħhom anki fis-setturi tal-agrikoltura u s-sajd f'konformità mal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 794/2004, skont l-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament.

([7]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Kodiċi tal-Aħjar Prattiki għat-tmexxija tal-proċeduri ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat (ĠU C, C/2025/2810, 13.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2810/oj).

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj).

([9]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat (ĠU C 153, 29.4.2021, p. 1).

([10]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni (ĠU C 414, 28.10.2022, p. 1).

([11]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għan-networks tal-broadband (ĠU C 36, 31.1.2023, p. 1).

([12]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (ĠU C 80, 18.2.2022, p. 1).

([13]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju (ĠU C 508, 16.12.2021, p. 1).

([14]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2472 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 327, 21.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2472/oj) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali (ĠU C 485, 21.12.2022, p. 1).

([15]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2473 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 327, 21.12.2022, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2473/oj) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1).

([16]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li testendi l-perjodu tranżitorju previst fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru li jikkonċernaw ajruporti reġjonali (ĠU C 244, 11.7.2023, p. 1).

(11) Il-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Unjoni kompliet tiċċara l-kunċett ta' "parti interessata" skont l-Artikolu 1, il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2015/1589 ([17]). Għalhekk il-formola ta' lment stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 jenħtieġ li tiġi emendata.

(12) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 794/2004 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-kliem "fir-Regolament (KE) Nru 659/1999" huwa sostitwit bil-kliem "fir-Regolament (UE) 2015/1589";

(2) fl-Artikolu 2, il-kliem "tar-Regolament (KE) Nru 659/1999" huwa sostitwit bil-kliem "tar-Regolament (UE) 2015/1589";

(3) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. In-notifiki għandhom jintbagħtu b'mod elettroniku, permezz tal-applikazzjoni elettronika magħżula mill-Kummissjoni.

Il-korrispondenza kollha b'rabta ma' notifika għandha tintbagħat b'mod elettroniku permezz tas-sistema elettronika sigura magħżula mill-Kummissjoni.";

(4) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel sentenza, il-kliem "tar-Regolament (KE) Nru 659/1999" huwa sostitwit bil-kliem "tar-Regolament (UE) 2015/1589";

(b) it-tieni sentenza hija sostitwita b'li gej:

"Iżda żieda fl-estimi oriġinali ta' għajnuna eżistenti li tkun awtorizzata jew meqjusa kompatibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 651/2014 sa 20 % m'għandhiex titqies bħala alterazzjoni għall-għajnuna eżistenti.";

(5) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kondizzjoni speċifika addizzjonali ta' rapportar stipulata f'deċiżjoni kondizzjonata adottata skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 2015/1589, jew għall-osservanza ta' kwalunkwe impenn provdut mill-Istat Membru kkonċernat b'konnessjoni ma' deċiżjoni biex tiġi approvata għajnuna, l-Istati Membri għandhom jikkompilaw rapporti annwali dwar skemi eżistenti ta' għajnuna u ta' għajnuna individwali fir-rigward ta' kull sena kalendarja sħiħa jew parti minnha li matulha tapplika l-iskema bl-użu tal-format ta' rapportar standardizzat stabbilit fl-Anness III.";

(6) fl-Artikolu 7, il-kliem "l-Artikolu 88(3) tat-Trattat" huwa sostitwit bil-kliem "l-Artikolu 108(3) tat-Trattat" u l-kliem "tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999" huwa sostitwit bil-kliem "tar-Regolament (UE) 2015/1589".

([17]) Is-sentenzi tat-2 ta' Settembru 2021, *Ja zum Nürburgring* v *Il-Kummissjoni*, C-647/19 P, ECLI:EU:C:2021:666, il-paragrafi 56 u 57; tal-31 ta' Jannar 2023, *Il-Kummissjoni Ewropea* vs *Anthony Braesch u Ohrajn*, C-284/21 P, ECLI:EU:C:2023:58, il-paragrafi 59 u 60; tal-5 ta' Settembru 2024, *Penya Barça Lyon (PBL) u Issam Abdelmouine* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, C-224/23 P, ECLI:EU:C:2024:682, il-paragrafi 59 sa 72.

(7) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem "fir-Regolament (KE) Nru 659/1999" huwa sostitwit bil-kliem "fir-Regolament (UE) 2015/1589";

(b) fil-paragrafu 5, il-kliem "tar-Regolament (KE) Nru 659/1999" huwa sostitwit bil-kliem "tar-Regolament (UE) 2015/1589";

(c) fil-paragrafu 5a, il-kliem "l-Artikolu 6a(6) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999" huwa sostitwit bil-kliem "l-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2015/1589";

(d) fil-paragrafu 5b, il-kliem "l-Artikolu 6a(7) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999" huwa sostitwit bil-kliem "l-Artikolu 7(7) tar-Regolament (UE) 2015/1589";

(8) fl-Artikolu 9(1), il-kliem "l-Artikolu 88(3) tat-Trattat" huwa sostitwit bil-kliem "l-Artikolu 108(3) tat-Trattat";

(9) fl-Artikolu 11a(1), "l-Artikoli 10(1) u 20(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999" huwa sostitwit bil-kliem "l-Artikoli 12(1) u 24(2) tar-Regolament (UE) 2015/1589";

(10) fl-Artikolu 11b, il-kliem "ir-Regolament (KE) Nru 659/1999" huwa sostitwit bil-kliem "ir-Regolament (UE) 2015/1589";

(11) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(12) l-Annessi III.A, III.B u III.C jitħassru;

(13) l-Anness III, kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud;

(14) l-Anness IV huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(15) l-Anness V, kif stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-Parti I, il-punt 6.8 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 kif emendat f'konformità mal-Artikolu 1, il-punt 11 ta' dan ir-Regolament għandu japplika mit-13 ta' Awwissu 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti I hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI I.

INFORMAZZJONI ĠENERALI

1. STATUS TAN-NOTIFIKA

L-informazzjoni mibgħuta fuq din il-formola tikkonċerna:

(a) ☐ notifika minn qabel? Jekk iva, jaf ma jkollokx bżonn li timla l-formola sħiħa f'dan l-istadju iżda li tiftiehem mas-servizzi tal-Kummissjoni dwar liema informazzjoni hija meħtieġa sabiex issir valutazzjoni preliminari tal-miżura proposta.

(b) ☐ notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat")?

(c) ☐ notifika simplifikata skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 ([1])? Jekk iva, imla biss il-Formola ta' Notifika Simplifikata fl-Anness II.

(d) ☐ miżura li ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat iżda hija notifikata lill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' ċertezza legali?

Jekk għażilt l-ittra (d) ta' hawn fuq, jekk jogħġbok indika hawn taħt għaliex l-Istat Membru notifikanti jqis li l-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Jekk jogħġbok ipprovdi valutazzjoni sħiħa tal-miżura fid-dawl ta' kull wieħed mill-erba' kriterji li ġejjin, filwaqt li tenfasizza b'mod partikolari l-kriterji li inti tqis li mhumiex issodisfati fil-miżura ppjanata:

Il-miżura nnotifikata timplika trasferiment ta' riżorsi pubbliċi jew hija imputabbli lill-Istat?

……

Il-miżura notifikata tagħti vantaġġ lil impriżi?

……

Il-miżura hija diskrezzjonali, disponibbli biss għal għadd limitat ta' intrapriżi, f'għadd limitat ta' setturi tal-ekonomija jew tinvolvi xi restrizzjonijiet territorjali?

……

Il-miżura taffettwa l-kompetizzjoni fis-suq intern jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kummerċ fl-Unjoni?

……

2. IDENTIFIKAZZJONI TAL-KONĊEDENT TAL-GĦAJNUNA

Stat Membru kkonċernat:

……

Reġjun(i) tal-Istat Membru kkonċernat (fil-livell NUTS 2); inkludi informazzjoni dwar l-istatus tal-għajnuna reġjonali tagħhom:

……

Persuna/persuni ta' kuntatt:

Isem: ……

Indirizz/i tal-posta elettronika: ……

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p 1).

Indika l-isem, l-indirizz (inkluż l-indirizz fuq il-web) u l-indirizz elettroniku tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:

Isem: .....

Indirizz: .....

Indirizz fuq il-web: .....

Indirizz tal-posta elettronika: .....

Il-persuna ta' kuntatt fir-Rappreżentanza Permanenti

Isem: .....

Numru/numri tat-telefown: .....

Indirizz tal-posta elettronika: .....

Jekk tixtieq li kopja tal-korrispondenza uffiċjali mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Istat Membru tingħadda lil awtoritajiet nazzjonali oħrajn, indika isimhom, l-indirizz (inkluż l-indirizz tagħhom fuq il-web) u l-indirizz tal-posta elettronika tagħhom hawnhekk:

Isem: .....

Indirizz: .....

Indirizz fuq il-web: .....

Indirizz tal-posta elettronika: .....

3. BENEFIĊJARJI

3.1. **Fejn jinsab(u) il-benefiċjarju/benefiċjarji**

(a) ☐ f'reġjun(i) mhux assistit(i): .....

(b) ☐ f'reġjun(i) eliġibbli għal assistenza skont l-Artikolu 107(3), il-punt (a) tat-Trattat (speċifika r-reġjun(i) skont il-livell NUTS 2): .....

(c) ☐ f'reġjun(i) eliġibbli għal assistenza skont l-Artikolu 107(3) il-punt (c) tat-Trattat (speċifika r-reġjun(i) skont il-livell NUTS 3 jew f'livell iktar baxx): .....

3.2. **Jekk applikabbli, fejn jinsab(u) il-proġett(i)**

(a) ☐ f'reġjun(i) mhux assistit(i): .....

(b) ☐ f'reġjun(i) eliġibbli għal assistenza skont l-Artikolu 107(3) il-punt (a) tat-Trattat (speċifika r-reġjun(i) skont il-livell NUTS 2): .....

(c) ☐ f'reġjun(i) eliġibbli għal assistenza skont l-Artikolu 107(3), il-punt (a) tat-Trattat (speċifika r-reġjun(i) skont il-livell NUTS 3 jew anqas): .....

3.3. **Is-settur(i) affettwat(i) mill-miżura ta' għajnuna (jiġifieri dawk li fihom huma attivi l-benefiċjarji tal-għajnuna):**

(a) ☐ Miftuħ għas-setturi kollha

(b) ☐ Speċifiku għas-settur. F'dak il-każ, speċifika s-settur(i) fil-livell tal-grupp NACE ([2]): ....

3.4. **Fil-każ ta' skema ta' għajnuna, speċifika:**

3.4.1. *Tip ta' benefiċjarji:*

(a) ☐ intrapriżi kbar

(b) ☐ intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)

([2]) NACE Rev. 2.1, jew leġiżlazzjoni sussegwenti li temendaha jew tissostitwiha. NACE hija l-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea kif stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

(c) ☐ intrapriżi ta' daqs medju

(d) ☐ intrapriżi żgħar

(e) ☐ mikrointrapriżi

3.4.2. *Stima tal-għadd ta' benefiċjarji:*

(a) ☐ inqas minn 10

(b) ☐ minn 11 sa 50

(c) ☐ minn 51 sa 100

(d) ☐ minn 101 sa 500

(e) ☐ minn 501 sa 1 000

(f) ☐ aktar minn 1 000

3.5. **Fil-każ ta' għajnuna individwali, li jew mogħtija fl-ambitu ta' skema inkella mogħtija bħala għajnuna ad hoc, speċifika:**

3.5.1. *Isem il-benefiċjarju/benefiċjarji:*

……

3.5.2. *It-tip ta' benefiċjarju/benefiċjarji:*

……

☐ SME

L-għadd ta' impjegati: ……

Fatturat annwali (ammont sħiħ fil-munita nazzjonali, matul l-aħħar sena finanzjarja): ……

Total annwali tal-karta tal-bilanċ (ammont sħiħ fil-munita nazzjonali, matul l-aħħar sena finanzjarja): ……

L-eżistenza ta' intrapriża assoċjata jew intrapriża msieħba (ehmeż dikjarazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(5) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([3]) li tikkonferma l-istatus awtonomu, assoċjat inkella dak imsieħeb tal-impriża benefiċjarja ([4])):

……

☐ Intrapriża kbira

3.6. ***Il-benefiċjarju/benefiċjarji huwa/huma** intrapriża **f'diffikultà** ([5])**?**

☐ iva ☐ le

3.7. **Ordnijiet ta' rkupru pendenti**

3.7.1. *Fil-każ ta' għajnuna individwali:*

L-awtoritajiet tal-Istat Membru jieħdu impenn li jissospendu l-għoti u/jew il-ħlas tal-għajnuna notifikata jekk il-benefiċjarju jkun għad għandu għad-dispożizzjoni tiegħu għajnuna illegali li tkun ingħatatlu u li ġiet iddikjarata inkompatibbli b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni (jew bħala għajnuna individwali inkella bħala għajnuna minn skema ta' għajnuna ddikjarata inkompatibbli), sakemm il-benefiċjarju jrodd jew iħallas f'kont ibblukkat l-ammont sħiħ tal-għajnuna illegali u inkompatibbli u l-imgħax tal-irkupru korrispondenti.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi r-referenza għall-bażi legali nazzjonali rigward dan il-punt:

……

([3]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

([4]) Fil-każ ta' intrapriżi msieħba u assoċjati, kun af li l-ammonti rrapportati għall-benefiċjarju tal-għajnuna għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-għadd ta' impjegati u d-data finanzjarja tal-intrapriżi assoċjati u/jew l-intrapriżi msieħba.

([5]) Kif definiti fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

3.7.2. *Fil-każ ta' skemi tal-għajnuna:*

L-awtoritajiet tal-Istat Membru jieħdu l-impenn li jissospendu l-għoti u/jew il-ħlas tal-għajnuna notifikata jekk il-benefiċjarju jkun għad għandu għad-dispożizzjoni tiegħu għajnuna illegali li ngħatatlu qabel li ġiet iddikjarata bħala inkompatibbli minn Deċiżjoni tal-Kummissjoni (jew bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna minn skema ta' għajnuna ddikjarata inkompatibbli), sakemm il-benefiċjarju jrodd jew iħallas f'kont imblokkat l-ammont sħiħ tal-għajnuna illegali u inkompatibbli u l-imgħax tal-irkupru korrispondenti.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi r-referenza għall-bażi legali nazzjonali rigward dan il-punt:

……

4. BAŻI LEGALI NAZZJONALI

4.1. Ipprovdi l-bażi legali nazzjonali tal-miżura ta' għajnuna inklużi d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni u s-sorsi rispettivi tagħhom:

Bażi legali nazzjonali: ……

Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni (fejn applikabbli): ……

Referenzi (fejn applikabbli): ……

4.2. Ehmeż wieħed mid-dokumenti li ġejjin ma' din in-notifika:

(a) ☐ kopja tas-siltiet rilevanti tat-test(i) finali tal-bażi legali (flimkien ma' indirizz fuq il-web li jagħti aċċess dirett għaliha, jekk disponibbli)

(b) ☐ kopja tas-siltiet rilevanti tal-abbozz tat-test(i) tal-bażi legali (flimkien ma' indirizz fuq il-web li jagħti aċċess dirett, jekk disponibbli)

4.3. Fil-każ ta' test finali, it-test finali fih klawżola ta' sospensjoni li biha l-korp li jagħti l-għajnuna jkun jista' jagħti l-għajnuna biss wara li l-Kummissjoni tkun awtorizzatha?

☐ Iva

☐ Le: ġiet inkluża dispożizzjoni f'dan is-sens fl-abbozz tat-test?

☐ Iva

☐ Le: spjega għaliex ma ġietx inkluża dispożizzjoni bħal din fit-test tal-bażi legali.

……

4.4. Fejn it-test tal-bażi ġuridika fih klawżola ta' sospensjoni, indika jekk id-data li fiha ngħatat l-għajnuna hijiex se tkun:

☐ id-data tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni

☐ id-data li fiha l-awtoritajiet nazzjonali ħadu impenn li jagħtu l-għajnuna, soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni

……

5. IDENTIFIKAZZJONI TAL-GĦAJNUNA, L-GĦAN U T-TUL TA' ŻMIEN

5.1. **Titlu tal-miżura ta' għajnuna (jew isem il-benefiċjarju tal-għajnuna individwali)**

……

5.2. **Deskrizzjoni fil-qosor tal-għan tal-għajnuna:**

……

5.3. **Tip ta' għajnuna**

5.3.1. *In-notifika tirrigwarda skema ta' għajnuna?*

☐ Le

☐ Iva: L-iskema temenda skema ta' għajnuna eżistenti?

☐ Le

☐ Iva: Huma ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-proċedura simplifikata ta' notifika skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 794/2004?

☐ Iva: Uża u imla l-Formola Simplifikata ta' Notifika (ara l-Anness II).

☐ Le: Kompli b'din il-formola, u speċifika jekk l-iskema oriġinali li qed tiġi emendata kenitx notifikata lill-Kummissjoni

☐ Iva: speċifika:

— Numru tal-għajnuna ([6]): .....

— Data tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni (referenza tal-ittra tal-Kummissjoni) jekk rilevanti jew in-numru tal-eżenzjoni: .....

— Tul ta' żmien tal-iskema oriġinali: .....

— Speċifika liema kundizzjonijet qed jiġu emendati fir-rigward tal-iskema oriġinali u għaliex: .....

☐ Le: speċifika meta ġiet implimentata l-iskema: .....

5.3.2. *In-notifika hija relatata ma' għajnuna individwali* ([7])*?*

☐ Le

☐ Iva: indika jekk:

☐ l-għajnuna hijiex ibbażata fuq skema approvata/li ngħatat eżenzjoni ta' kategorija li għandha tiġi notifikata individwalment. Ipprovdi r-referenza għall-iskema approvata jew għall-iskema eżentata:

Titlu: .....

Numru tal-għajnuna ([8]): .....

L-ittra tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni (fejn applikabbli): .....

☐ l-għajnuna individwali mhijiex ibbażata fuq skema

5.3.3. *Is-sistema ta' finanzjament tifforma parti integrali mill-miżura ta' għajnuna (pereżempju, billi jiġu applikati imposti parafiskali sabiex jinġabru l-fondi meħtieġa biex l-għajnuna tkun tista' tingħata)?*

☐ Le

☐ Iva: jekk iva, is-sistema ta' finanzjament għandha tiġi notifikata wkoll.

5.4. **Tul ta' żmien**

☐ Skema

Indika sa liema l-aħħar data skedata tista' tingħata l-għajnuna individwali skont l-iskema. Jekk it-tul ta' żmien jaqbeż is-sitt (6) snin, indika għaliex perjodu itwal huwa indispensabbli biex jintlaħqu l-għanijiet tal-iskema ta' għajnuna.

.....

([6]) In-numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni tal-iskema awtorizzata jew li ngħatat eżenzjoni ta' kategorija.

([7]) F'konformità mal-Artikolu 1, il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2015/1589, għajnuna individwali tfisser għajnuna li ma tingħatax abbażi ta' skema ta' għajnuna u għoti notifikabbli ta' għajnuna abbażi ta' skema.

([8]) In-numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni tal-iskema awtorizzata jew li ngħatat eżenzjoni ta' kategorija.

☐ Għajnuna individwali

Indika d-data skedata li fiha se tingħata l-għajnuna ([9]): .....

Jekk l-għajnuna se titħallas f'pagamenti parzjali, indika d-data/dati ppjanata/ippjanati ta' kull pagament parzjali .....

5.5. **Il-miżura notifikata hija riforma u/jew investiment iffinanzjat mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza?**

☐ iva ☐ le

5.6. **Il-miżura notifikata tikkonċerna investiment iffinanzjat fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta?**

☐ iva ☐ le

6. KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA

Prinċipji komuni tal-valutazzjoni

(Is-Subtaqsimiet 6.2 sa 6.7 ma japplikawx għal għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd u l-akkwakultura ([10]))

6.1. Indika l-għan primarju u, fejn applikabbli, l-għan(ijiet) sekondarju/sekondarji, ta' interess komuni li għalihom tikkontribwixxi l-għajnuna:

	Għan primarju (immarka wieħed biss)	Għan sekondarju ([1])
Agrikoltura; Forestrija; Żoni rurali	☐	☐
Għajnuna għall-kooperazzjoni fis-settur tal-foresti	☐	☐
Għajnuna għall-kooperazzjoni fiż-żoni rurali	☐	☐
Għajnuna għal ħaddiema żvantaġġati u/jew ħaddiema b'diżabilitajiet	☐	☐
Għajnuna għat-trasferiment tal-għarfien u l-azzjonijiet ta' informazzjoni fis-settur tal-agrikoltura	☐	☐
Għajnuna għal miżuri ta' promozzjoni favur prodotti agrikoli	☐	☐
Infrastruttura jew tagħmir tal-ajruporti	☐	☐
Operazzjoni tal-ajruporti	☐	☐
Infrastrutturi tal-broadband	☐	☐
Għajnuna għall-għeluq	☐	☐
Kumpens għal ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali	☐	☐
Koordinazzjoni tat-trasport	☐	☐
Kultura	☐	☐
Enerġija	☐	☐

([9]) Id-data tal-impenn legalment vinkolanti għall-għoti tal-għajnuna.

([10]) Fil-każ ta' għajnuna lis-settur tal-agrikoltura jew lis-settur tas-sajd u l-akkwakultura, tintalab informazzjoni dwar il-konformità mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni fil-Partijiet III.12 (Skeda ta' informazzjoni ġenerali għal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali) u III.14 (Skeda ta' informazzjoni ġenerali għal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura).

	Għan primarju (immarka wieħed biss)	Għan sekondarju [1]
Effiċjenza enerġetika	☐	☐
Infrastrutturi tal-enerġija	☐	☐
Protezzjoni ambjentali	☐	☐
Eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew	☐	☐
Is-sajd u l-akkwakultura	☐	☐
Konservazzjoni tal-patrimonju	☐	☐
Promozzjoni tal-esportazzjoni u internazzjonalizzazzjoni	☐	☐
Żvilupp reġjonali (inkluża l-koperazzjoni territorjali)	☐	☐
Rimedju għal taqlib serju fl-ekonomija	☐	☐
Enerġija rinnovabbli	☐	☐
Salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà	☐	☐
Riċerka, żvilupp u innovazzjoni	☐	☐
Ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà	☐	☐
Il-finanzjament ta' riskju	☐	☐
Żvilupp settorjali	☐	☐
Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI, Services of general economic interest)	☐	☐
SMEs	☐	☐
Appoġġ soċjali għal konsumaturi individwali	☐	☐
Infrastrutturi sportivi u ta' rikreazzjoni multifunzjonali	☐	☐
Taħriġ	☐	☐
Għajnuna tal-bidu sabiex il-linji tal-ajru jiżviluppaw rotot ġodda	☐	☐

[1] Għan sekondarju huwa wieħed li, flimkien mal-għan primarju, l-għajnuna tkun iddedikata esklussivament għalih. Pereżempju, skema li għaliha l-għan primarju huwa r-riċerka u l-iżvilupp jista' jkollha bħala għan sekondarju l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jekk l-għajnuna hija ddedikata esklussivament għall-SMEs. L-għan sekondarju jista' jkun settorjali wkoll, pereżempju fil-każ ta' skema ta' riċerka u żvilupp fis-settur tal-azzar.

6.2. Spjega għaliex hemm bżonn intervent mill-Istat. Kun af li l-għajnuna trid tkun immirata lejn sitwazzjoni fejn hija tkun tista' tiġġenera titjib materjali li ma jistax jitwassal mis-suq innifsu, billi tirrimedja għal falliment tas-suq definit b'mod ċar.

.....

6.3. Indika għaliex l-għajnuna hija strument xieraq biex tindirizza l-għan ta' interess komuni kif definit fil-punt 6.1. Kun af li l-għajnuna mhijiex se titqies kompatibbli jekk hemm miżuri jfixklu inqas il-kompetizzjoni li bihom ikun possibbli li tinkiseb l-istess kontribuzzjoni pożittiva.

……

6.4. Indika jekk l-għajnuna għandhiex effett ta' inċentiv (jiġifieri meta l-għajnuna tibdel l-imġiba ta' impriża u twassalha biex tidħol f'attivitajiet oħra li ma kinitx tidħol fihom mingħajr l-għajnuna jew li kienet tidħol fihom b'mod limitat jew differenti).

☐ iva ☐ le

Indika jekk humiex eliġibbli l-attivitajiet li bdew qabel il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal għajnuna.

☐ iva ☐ le

Jekk huma eliġibbli, spjega kif huma konformi mar-rekwiżit tal-effett ta' inċentiv.

……

6.5. Indika għaliex l-għajnuna mogħtija hija proporzjonata sakemm tammonta għall-minimu meħtieġ sabiex twassal għal investiment jew attività.

……

6.6. Indika l-effetti negattivi possibbli tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u speċifika sa liema punt jiżbquhom l-effetti pożittivi.

……

6.7. F'konformità mar-rekwiżiti ta' trasparenza stabbiliti fil-Linji Gwida u l-Oqfsa tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, ikkonferma jekk l-informazzjoni li ġejja hijiex se tiġi ppubblikata fil-Modulu għall-Għoti ta' Trasparenza (TAM, Transparency Award Module) ([11]) tal-Kummissjoni Ewropea jew fuq sit web nazzjonali jew reġjonali wieħed: (i) it-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti ta' għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, jew ħolqa għaliha; (ii) l-identità tal-awtorità/awtoritajiet tal-għotja; (iii) l-identità tal-benefiċjarju/benefiċjarji individwali, (iv) l-istrument tal-għajnuna ([12]) u l-ammont tal-għajnuna mogħtija lil kull benefiċjarju jew lil benefiċjarji; (v) l-objettiv tal-għajnuna, id-data tal-għoti, (vi) it-tip ta' impriża (pereżempju SME, kumpanija kbira); (vii) in-numru ta' referenza tal-miżura ta' għajnuna tal-Kummissjoni; (viii) ir-reġjun fejn jinsab il-benefiċjarju (fil-livell NUTS 2) u (ix) is-settur ekonomiku ewlieni tal-benefiċjarju/benefiċjarji (fil-livell tal-grupp NACE) ([13]).

☐ iva ☐ le

6.7.1. *Ipprovdi l-indirizz(i) tas-sit(i) web fejn se tkun disponibbli l-informazzjoni:*

……

6.7.2. *Jekk applikabbli, ipprovdi l-indirizz(i) tas-sit web ċentrali li jikseb l-informazzjoni mis-sit(i) web reġjonali:*

……

([11]) "Tiftix Pubbliku tal-Bażi ta-Data dwar it-Trasparenza tal-Għajnuna mill-Istat", jinsab fis-sit web li ġej: https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public?lang=mt.

([12]) Għotja/Sussidju tar-rata tal-imgħax; Self/Avvanzi ripagabbli/Għotja rimborsabbli; Garanzija; Benefiċċju fuq it-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa; Finanzjament ta' riskju; Oħrajn. Jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' bosta strumenti ta' għajnuna, l-ammont tal-għajnuna jrid jiġi pprovdut skont l-istrument.

([13]) Tali rekwiżit jista' jitneħħa fir-rigward tal-għotjiet ta' għajnuna individwali inqas mil-livelli kif speċifikat fil-bażi legali. Għal skemi fil-forma ta' vantaġġi tat-taxxa, l-informazzjoni dwar l-għajnuna individwali tista' tiġi pprovduta fil-meded speċifikati fil-bażi legali.

6.7.3. *Jekk l-indirizz(i) tas-sit web imsemmi fil-punt 6.7.2 ma jkunx/ikunux għadu/għadhom magħruf(a) meta tiġi ppreżentata n-notifika, l-Istat Membru jrid jieħu impenn li jgħarraf lill-Kummissjoni ladarba jinħolqu dawk is-siti web u jkun magħruf x'inhuma l-indirizzi.*

6.8. **Għal għajnuna notifikata skont l-Artikoli 107(3) il-punt (a), l-ewwel parti (għajnuna biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni), il-punti (c), (d) u (e) tat-Trattat, l-Artikolu 93 tat-Trattat u l-Artikolu 106(2) tat-Trattat, jekk jogħġbok ikkonferma li, la l-attività mogħtija l-għajnuna, u lanqas kwalunkwe aspett tal-miżura ta' għajnuna mill-Istat notifikata li huwa indissolubbilment marbut mal-oġġett tal-għajnuna mhuma jiksru l-liġi ambjentali tal-Unjoni.**

☐ iva ☐ le

7. L-ISTRUMENT TA' GĦAJNUNA, L-AMMONT TAL-GĦAJNUNA, L-INTENSITÀ TAL-GĦAJNUNA U L-MEZZI TA' FINANZJAMENT

7.1. **L-istrument ta' għajnuna u l-ammont tal-għajnuna**

Speċifika l-forma tal-għajnuna u l-ammont tal-għajnuna ([14]) mqegħdin għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju/benefiċjarji (fejn xieraq, għal kull miżura):

L-istrument ta' għajnuna	L-ammont tal-għajnuna jew l-allokazzjoni tal-baġit ([1])	
	Kumplessivament	Annwali
☐ **Għotjiet (jew simili fl-effett)** (a) ☐ Għotja diretta (b) ☐ Sussidju tar-rata tal-imgħax (c) ☐ Ħassir tad-dejn		
☐ **Self (jew simili fl-effett)** (a) ☐ Self issussidjat (inklużi d-dettalji dwar kif inhu garantit is-self u t-tul ta' żmien tiegħu) (b) ☐ Ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli (c) ☐ Differiment ta' taxxa		
☐ **Garanzija** Fejn xieraq, agħti referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-metodoloġija sabiex jiġi kkalkolat l-ekwivalenti tal-għotja gross u informazzjoni dwar is-self jew tranżazzjoni finanzjarja oħra koperta mill-garanzija, it-titolu ta' sigurtà meħtieġ u l-premium li jrid jitħallas, it-tul ta' żmien, eċċ.		
☐ Kull xorta ta' intervent ta' **ekwità jew kważi-ekwità**		
☐ **Il-vantaġġ tat-taxxa jew l-eżenzjoni mit-taxxa** (a) ☐ Benefiċċju tat-taxxa (b) ☐ Tnaqqis fil-bażi tat-taxxa (c) ☐ Tnaqqis fir-rata tat-taxxa (d) ☐ Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (e) ☐ Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)		

([14]) L-ammont kumplessiv tal-għajnuna ppjanata, mogħti f'ammonti sħaħ tal-munita nazzjonali. Għall-miżuri tat-taxxa, id-dħul globali stmat mitluf minħabba konċessjonijiet ta' taxxa. Jekk il-baġit annwali medju tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema jaqbeż il-EUR 150 miljun, jekk jogħġbok imla t-taqsima dwar l-Evalwazzjoni ta' din il-formola ta' notifika.

L-istrument ta' għajnuna	L-ammont tal-għajnuna jew l-allokazzjoni tal-baġit ([1])	
	Kumplessiva-ment	Annwali
☐ **Oħrajn** (jekk jogħġbok speċifika) ..... Indika l-istrumenti li magħhom jista' jsir paragun b'mod ġenerali fir-rigward tal-effett tiegħu		

([1]) Għal informazzjoni dwar l-ammonti tal-għajnuna jew il-baġit fi kwalunkwe Taqsima ta' din il-formola u formoli supplimentari, agħti l-ammont sħiħ fil-munita nazzjonali.

Għall-garanziji, indika l-ammont massimu ta' self iggarantit: .....

Għas-self, indika l-ammont massimu (nominali) tas-self mogħti: .....

7.2. **Deskrizzjoni tal-istrument ta' għajnuna**

Għal kull strument ta' għajnuna magħżul mil-lista fil-punt 7.1, iddeskrivi l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-għajnuna (bħat-trattament fiskali, jekk l-għajnuna tingħatax b'mod awtomatiku fuq il-bażi ta' ċerti kriterji oġġettivi jew jekk hemmx xi element ta' diskrezzjoni min-naħa tal-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna):

.....

7.3. **Sors ta' finanzjament**

7.3.1. *Speċifika l-finanzjament tal-għajnuna:*

(a) ☐ Il-baġit ġenerali tal-Istat/reġjun/lokalità

(b) ☐ Permezz tal-imposti parafiskali jew taxxi affettwati lil benefiċjarju. Ipprovdi d-dettalji sħaħ tal-imposti u l-prodotti/attivitajiet li għalihom jintalbu l-imposti (b'mod partikolari għandek tispeċifika jekk il-prodotti importati minn Stati Membri oħrajn humiex soġġetti għall-imposti). Jekk applikabbli, ehmeż kopja tal-bażi legali tal-finanzjament.

(c) ☐ Riżervi akkumulati

(d) ☐ Intrapriżi pubbliċi

(e) ☐ Kofinanzjament tal-fond strutturali

(f) ☐ Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)

.....

7.3.2. *Il-baġit huwa adottat kull sena?*

☐ Iva

☐ Le. Speċifika x'perjodu jkopri: .....

7.3.3. *Jekk in-notifika tikkonċerna bidliet fi skema eżistenti, indika l-effetti baġitarji għal kull wieħed mill-istrumenti tal-għajnuna tal-bidliet notifkati fl-iskema fuq il-:*

Baġit globali: .....

Baġit annwali ([15]): .....

([15]) Fil-każ ta' baġit annwali medju tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema ta' aktar minn EUR 150 miljun, jekk jogħġbok imla t-taqsima dwar l-Evalwazzjoni ta' din il-formola ta' notifika.

7.4. **Akkumulazzjoni**

L-għajnuna tista' tiġi kumulata ma' għajnuna jew għajnuna *de minimis* ([16]) riċevuti minn għajnuna lokali, reġjonali jew nazzjonali oħra ([17]) sabiex tkopri l-istess spejjeż eliġibbli?

☐ Iva. Jekk disponibbli, agħti l-isem, l-iskop u l-għan tal-għajnuna

……

Jekk jogħġbok spjega l-mekkaniżmi stabbiliti sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-kumulazzjoni jiġu rispettati:

……

☐ Le

8. EVALWAZZJONI

☐ **Għal skema notifikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat:**

L-iskema hija kkunsidrata għall-evalwazzjoni?

☐ Le

Jekk l-iskema mhijiex ikkunsidrata għall-evalwazzjoni, spjega għaliex tqis li l-kriterji għall-evalwazzjoni mhumiex issodisfati.

……

☐ Iva

Skont liema kriterji hija l-iskema meqjusa għal evalwazzjoni ex post:

(a) ☐ Skema b'baġit ta' għajnuna kbir;

(b) ☐ Skema li fiha karatteristiċi ġodda;

(c) ☐ Skema fejn jista' jiġi previst tibdil sinifikanti tas-suq, tat-teknoloġija jew regolatorju;

(d) ☐ Skema li int tippjana għal evalwazzjoni anki jekk ma japplikawx il-kriterji l-oħrajn imsemmija f'dan il-punt.

([16]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2831/oj), Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2832 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L, 2023/2832, 15.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2832/oj), Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/717/oj) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1408/oj)

([17]) Il-fondi tal-Unjoni amministrati ċentralment mill-Kummissjoni li mhumiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru, ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat. Meta tali finanzjament tal-Unjoni jingħata flimkien ma' finanzjament pubbliku ieħor, dan tal-aħħar biss jiġi kkunsidrat sabiex jiġi stabbilit jekk humiex rispettati l-limiti tan-notifika u l-intensitajiet massimi tal-għajnuna, sakemm l-ammont totali tal-finanzjament pubbliku mogħti b'rabta mal-istess spejjeż eliġibbli ma jaqbiżx ir-rati massimi ta' finanzjament stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ewropea applikabbli.

Jekk ikun issodisfat kwalunkwe wieħed mill-kriterji msemmija f'dan il-punt, indika l-perjodu tal-evalwazzjoni u imla l-formola ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika ta' pjan ta' evalwazzjoni fl-Anness I, Parti III.8 ([18])

……

Indika jekk twettqitx diġà xi evalwazzjoni ex post għal skema simili (fejn relevanti, b'referenza u link għal kwalunkwe sit web relevanti).

……

☐ **Għal skema soġġetta għal evalwazzjoni skont l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 (GBER) jew l-Artikolu 1(3)(a) tar-Regolament (UE) 2022/2472 (ABER) jew l-Artikolu 1(7)(a) tar-Regolament (UE) 2022/2473 (FIBER):**

Indika n-numru SA tal-iskema: ……

u imla l-formola ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika ta' pjan ta' evalwazzjoni fl-Anness 1, Parti III.8 ([19]).

9. RAPPORTAR U MONITORAĠĠ

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja l-iskema ta' għajnuna u l-għajnuna individwali, l-Istat Membru notifikanti jieħu impenn li:

☐ Kull sena ibgħat lill-Kummissjoni r-rapporti previsti fl-Artikolu 26 tar- Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([20]).

☐ Għal mhux inqas minn 10 snin mid-data li fiha tingħata l-għajnuna (għajnuna individwali u għajnuna mogħtija mill-iskema), żomm reġistri dettaljati li jkun fihom l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-kompatibbiltà, u ipprovdihom, fuq talba bil-miktub, lill-Kummissjoni fi żmien 20 jum tax-xogħol jew perjodu itwal skont kif jiġi stabbilit fit-talba.

Għal skemi ta' għajnuna fiskali:

☐ Fil-każ ta' skemi li fihom tingħata għajnuna fiskali fuq bażi awtomatika tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-benefiċjarji, u meta ma jkun sar ebda kontroll ex ante li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà kollha għal kull benefiċjarju, l-Istat Membru jieħu impenn li jimplimenta mekkaniżmu xieraq ta' kontroll li bih jivverifika b'mod regolari (pereżempju darba kull sena fiskali), tal-inqas ex post u fuq bażi ta' kampjuni, li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà, u li jimponi sanzjonijiet f'każ ta' frodi. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja skemi ta' għajnuna fiskali, l-Istat Membru notifikanti jieħu impenn li jżomm reġistri dettaljati tal-verifiki għal mhux inqas minn 10 snin mid-data li fiha jsiru l-verifiki, u jipprovdihom, b'talba bil-miktub, lill-Kummissjoni fi żmien perjodu ta' 20 jum tax-xogħol jew perjodu itwal skont kif jiġi stabbilit fit-talba.

([18]) Bħala gwida, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Metodoloġija Komuni għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat", SWD(2014) 179 finali tat-28.5.2014 skont https://competition-policy.ec.europa.eu/document/download/323bb641-3467-4b18-aece-7efdc39e0edc_en?filename=modernisation_evaluation_methodology_en.pdf .

([19]) Bħala gwida, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Metodoloġija Komuni għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat", SWD(2014) 179 finali tat-28.5.2014 skont https://competition-policy.ec.europa.eu/document/download/323bb641-3467-4b18-aece-7efdc39e0edc_en?filename=modernisation_evaluation_methodology_en.pdf .

([20]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1589/oj).

10. KUNFIDENZJALITÀ

In-notifika fiha informazzjoni kunfidenzjali ([21]) li ma għandhiex tiġi żvelata lil partijiet terzi?

☐ Iva. Indika liema mill-formoli huma kunfidenzjali u agħti r-raġuni għall-kunfidenzjalità.

……

☐ Le

11. INFORMAZZJONI OĦRA

Fejn applikabbli, indika kull informazzjoni oħra li hija rilevanti biex tiġi vvalutata l-għajnuna.

……

12. Dokumenti mehmużin

Elenka d-dokumenti kollha li huma mehmużin man-notifika u pprovdi kopji fuq karti jew indirizzi fuq il-web li jagħtu aċċess għad-dokumenti kkonċernati.

……

13. Dikjarazzjoni

Niċċertifika li sa fejn naf jien l-informazzjoni pprovduta f'din il-formola, fl-annessi u fid-dokumenti mehmuża hija preċiża u kompluta.

Data u post tal-firma: ……

Firma: ……

Isem u kariga tal-persuna li qed tiffirma: ……

14. FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI

1. Fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata fil-formola ta' informazzjoni ġenerali, agħżel il-formola ta' informazzjoni supplimentari li se timla:

(a) Formoli ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna reġjonali

☐ għajnuna għall-investiment

☐ għajnuna operatorja

☐ għajnuna individwali

(b) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni

(c) Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għar-ristrutturar u s-salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà

☐ għajnuna għas-salvataġġ

☐ għajnuna għar-ristrutturar

☐ skemi ta' għajnuna

(d) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-produzzjoni awdjoviżiva

(e) Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-broadband

☐ għall-miżuri ta' bidu

☐ għat-tnedija ta' networks tal-broadband

([21]) Bħala gwida ara l-Artikolu 339 TFUE li jagħmel referenza għal "tagħrif li jirriferi għal impriżi u dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom jew l-elementi tal-costing tagħhom". Il-qrati tal-Unjoni għandhom "sigrieti kummerċjali" definiti b'mod ġenerali bħala informazzjoni "li mhux biss l-iżvelar tagħha lill-pubbliku iżda saħansitra anki s-sempliċi mogħdija lil persuna oħra għajr dik li pprovdiet l-informazzjoni jista' jagħmel ħsara serja lill-interess ta' dik imsemmija l-aħħar" fil-Kawża T-353/94, *Postbank vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:1996:119, il-paragrafu 87.

(f) Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-enerġija

☐ taħt it-Taqsima 4.1. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.2. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.3.1. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.4. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.5. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.6. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.7.1. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.7.2. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.8. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.9. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.10. ta' CEEAG

☐ taħt it-Taqsima 4.11. ta' CEEAG

(g) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-finanzjament tar-riskju

(h) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika ta' pjan ta' evalwazzjoni

(i) ☐ Skeda ta' informazzjoni ġenerali għal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali

☐ Formoli ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestijra u f'żoni rurali

(j) Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għas-settur tat-trasport:

☐ għajnuna għall-investiment għall-ajruporti

☐ għajnuna operatorja għall-ajruporti

☐ għajnuna tal-bidu għal-linji tal-ajru

☐ għajnuna ta' natura soċjali skont l-Artikolu 107(2), il-punt (a), tat-Trattat

☐ għajnuna għat-trasport marittimu

(k) ☐ Formola ta' informazzjoni ġenerali għal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akwakultura

☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura

2. Għal għajnuna li mhijiex koperta mill-ebda waħda mill-formola ta' informazzjoni supplimentari, agħżel id-dispożizzjoni rilevanti tat-Tratta, linja gwida jew test ieħor applikabbli għall-għajnuna mill-Istat:

(a) ☐ Kreditu għall-esportazzjoni fuq terminu qasir ([22])

(b) ☐ Sistemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ([23])

(c) ☐ Komunikazzjoni Bankarja ([24])

(d) ☐ Komunikazzjoni dwar proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew ([25])

([22]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni għall-esportazzjoni bi kreditu għal żmien qasir, (ĠU C 392, 19.12.2012, p. 1).

([23]) Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2021 (ĠU C 317, 25.9.2020, p. 5) Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra wara l-2012 (ĠU C 158, 5.6.2012, p. 4).

([24]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).

([25]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (ĠU C 188, 20.6.2014, p. 4).

(e) ☐ Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (l-Artikolu 106(2) tat-Trattat) ([26])

(f) ☐ L-Artikolu 93 tat-Trattat

(g) ☐ L-Artikolu 107(2), il-punt (a), tat-Trattat

(h) ☐ L-Artikolu 107(2), il-punt (b), tat-Trattat

(i) ☐ L-Artikolu 107(3), il-punt (a), tat-Trattat

(j) ☐ L-Artikolu 107(3), il-punt (b), tat-Trattat

(k) ☐ L-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat

(l) ☐ L-Artikolu 107(3), il-punt (d), tat-Trattat

(m) ☐ Ieħor/Oħrajn, speċifika: .....

Ipprovdi ġustifikazzjoni għall-kompatibbiltà tal-għajnuna li taqa' fil-kategoriji magħżula f'dan il-punt:

.....

Għal raġunijiet prattiċi, huwa rakkomandat li tinnumera d-dokumenti pprovduti bħala annessi u tirreferi għal dawn in-numri ta' dawk id-dokumenti fit-taqsimiet rilevanti tal-formoli ta' informazzjoni supplimentari.'

(2) Il-Parti III hija emendata kif ġej:

(a) Il-partijiet III.1.A, III.1.B, III.1.C huma sostitwiti b'dan li ġej:

"PARTI III.1.A

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-INVESTIMENT REĠJONALI INDIVIDWALI

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari ma hijiex obbligatorja. Madankollu, huwa rrakkomandat li din timtela, flimkien mal-formola "Informazzjoni ġenerali", għan-notifika ta' kwalunkwe għajnuna għall-investiment individwali koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022 (RAG). ([27])

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. **Raġunijiet għan-notifika tal-miżura:**

☐ In-notifika tirrigwarda l-għajnuna individwali mogħtija skont skema, u l-għajnuna mis-sorsi kollha taqbeż il-livell limitu tan-notifika. Ipprovdi referenzi tal-għajnuna mill-Istat tal-iskemi tal-għajnuna kkonċernati approvati jew li ngħataw eżenzjoni ta' kategorija:

.....

☐ In-notifika tirrigwarda għajnuna individwali mogħtija barra minn skema (għajnuna *ad hoc*).

☐ In-notifika tirrigwarda għajnuna mogħtija lil benefiċjarju li għalaq l-istess attività jew waħda simili ([28]) fiż-Żona Ekonomika Ewropea sentejn qabel id-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna, jew li fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna jkollu l-intenzjoni li jagħlaq din l-attività fi żmien perjodu ta' sentejn wara li jitlesta l-investiment li jrid jiġi ssussidjat.

☐ Oħrajn (spjega)

.....

([26]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4).

([27]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat", 2021/C 153/01 (ĠU C 153, 29.4.2021, p. 1).

([28]) "L-istess attività jew waħda simili" tfisser attività li taqa' taħt l-istess kategorija (kodiċi numeriku b'erba' ċifri) tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi NACE Reviżjoni 2.

1.2. **Kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna notifikata**

1.2.1. Ikkonferma li l-benefiċjarju ma huwiex impriża f'diffikultà ([29])

……

1.2.2. Ipprovdi kopja tal-formola tal-applikazzjoni u l-ftehim (abbozz) tal-għoti tal-għajnuna.

2. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI DWAR IL-BENEFIĊJARJU, IL-PROĠETT TAL-INVESTIMENT U L-GĦAJNUNA

2.1. **Benefiċjarju**

2.1.1. Identifika r-riċevitur(i) tal-għajnuna:

……

2.1.2. Jekk l-identità legali tar-riċevitur tal-għajnuna tkun differenti mill-impriża/i li tiffinanzja/jiffinanzjaw il-proġett jew mill-benefiċjarju/i effettivi tal-għajnuna, iddeskrivi dawn id-differenzi u identifika dawk l-impriżi l-oħrajn involuti.

……

2.1.3. Agħti deskrizzjoni ċara tar-relazzjoni bejn il-benefiċjarju, il-grupp tal-intrapriżi li jagħmel parti minnu u intrapriżi assoċjati oħrajn, inklużi l-impriżi konġunti.

……

2.2. **Il-proġett ta' investiment**

2.2.1. Ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar il-proġett ta' investiment notifikat:

Data tal-applikazzjoni għall-għajnuna:

Data tal-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment:

Data tal-bidu tal-produzzjoni:

Data li fiha tintlaħaq il-kapaċità sħiħa tal-produzzjoni:

Tlestija ppjanata tal-proġett ta' investiment:

2.2.2. Jekk in-notifika tkopri investiment f'żona "a" jew investiment minn SME/SMEs ([30]) f'żona "c" (il-paragrafu 45 tal-RAG), speċifika l-kategorija/i tal-investiment inizjali kkonċernata/i min-notifika (il-paragrafu 19(13) tal-RAG):

☐ it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid

☐ l-estensjoni tal-kapaċità ta' stabbiliment eżistenti

☐ id-diversifikazzjoni tal-output ta' stabbiliment fi prodotti li qatt ma ġew prodotti fl-istabbiliment qabel

☐ bidla fundamentali fil-proċess globali tal-produzzjoni tal-prodott(i) ikkonċernat(i) mill-investiment fl-istabbiliment

☐ l-akkwist ta' assi li jappartjenu għal stabbiliment li jkun għalaq jew li kien jagħlaq kieku ma nxtarax ([31])

([29]) Kif definit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

([30]) "SMEs" tfisser intrapriżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

([31]) L-akkwist uniku tal-ishma ta' impriża ma jikkwalifikax bħala investiment inizjali.

2.2.3. Jekk in-notifika tkopri investiment f'żona "c" minn intrapriża kbira, speċifika l-kategorija/i tal-investiment inizjali kkonċernata/i min-notifika (il-paragrafu 19(14) u l-paragrafu 14 tal-RAG):

☐ it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid

☐ id-diversifikazzjoni tal-attività ta' stabbiliment, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida ma tkunx l-istess attività jew waħda simili għall-attività li kienet issir qabel fl-istabbiliment

☐ id-diversifikazzjoni tal-output ta' stabbiliment fi prodotti li ma kinux prodotti qabel fl-istabbiliment skont it-tliet kundizzjonijiet kumulattivi tal-pararagrafu 14 tal-RAG ([32])

☐ bidla fundamentali fil-proċess ta' produzzjoni ġenerali tal-prodott(i) ikkonċernat(i) mill-investiment fl-istabbiliment skont it-tliet kundizzjonijiet kumulattivi tal-paragrafu 14 tal-RAG

☐ l-akkwist ta' assi li jappartjenu għal stabbiliment li għalaq jew li kieku kien jagħlaq kieku ma nxtarax, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida li se ssir bl-użu tal-assi akkwiżiti ma tkunx l-istess attività jew waħda simili għall-attività mwettqa fl-istabbiliment qabel l-akkwist ([33])

2.2.4. Agħti deskrizzjoni qasira tal-proġett ta' investiment li tispjega wkoll kif il-proġett ikkonċernat jaqa' fi ħdan waħda jew aktar mill-kategoriji ta' investiment inizjali indikati hawn fuq:

……

2.3. **Kostijiet eliġibbli kkalkolati abbażi tal-kostijiet ta' investiment**

2.3.1. Ipprovdi r-rendikont li ġej tal-kostijiet ta' investiment totali eliġibbli f'valur nominali u skontat:

	Kost totali eliġibbli (nominali) ([1])	Kost totali eliġibbli (skontat) ([1])
Studji preparatorji jew kostijiet ta' konsulenza marbutin mal-investiment (SMEs biss)		
Art		
Bini		
Impjant/makkinarju/tagħmir		
Assi intanġibbli		
Kost totali eliġibbli		

([1]) *F'munita nazzjonali (ara wkoll il-punt 2.5 hawn taħt)*

2.3.2. Ikkonferma li l-assi akkwistati huma ġodda (il-paragrafu 27 tal-RAG) ([34]).

……

2.3.3. Ipprovdi evidenza biex turi li fil-każ ta' SMEs mhux aktar minn 50 % tal-kostijiet ta' studji preparatorji jew kostijiet ta' konsulenza marbutin mal-investiment huma inklużi fil-kostijiet eliġibbli (il-paragrafu 28 tal-RAG).

……

([32]) Il-kundizzjonijiet huma dawn li ġejjin: (1) L-investiment jikkonċerna investiment inizjali f'territorju identifikat għal appoġġ kofinanzjat mill-JTF f'żona "c" li għandha PDG *per capita* taħt il-100 % tal-medja tal-EU-27; (2) l-investiment u l-benefiċjarju jkunu identifikati fil-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta ta' Stat Membru approvat mill-Kummissjoni; u (3) l-għajnuna mill-Istat għall-investiment tkun koperta mill-JTF sal-massimu permess.

([33]) L-akkwist uniku tal-ishma ta' impriża ma jikkwalifikax bħala investiment inizjali li joħloq attività ekonomika ġdida.

([34]) Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal SMEs jew fil-każ tal-akkwist ta' stabbiliment.

2.3.4. Ipprovdi evidenza biex turi li rigward l-għajnuna mogħtija lil intrapriżi kbar għal bidla fundamentali fil-proċess tal-produzzjoni, il-kostijiet eliġibbli jeċċedu d-deprezzament tal-assi marbutin mal-attività li għandha tiġi mmodernizzata matul it-3 snin fiskali ta' qabel (il-paragrafu 29 tal-RAG).

.....

2.3.5. Ipprovdi referenza għall-bażi legali jew spjega kif jiġi żgurat li għall-għajnuna mogħtija għal diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti, il-kostijiet eliġibbli jeċċedu b'mill-anqas 200 % l-valur kontabilistiku tal-assi li jkunu qegħdin jerġgħu jintużaw, kif irreġistrat fis-sena fiskali ta' qabel il-bidu tax-xogħlijiet (il-paragrafu 30 tal-RAG). Jekk ikun xieraq, ipprovdi dokumentazzjoni li tinkludi d-*data* kwantitattiva rilevanti.

.....

2.3.6. F'każijiet li jinvolvu l-lokazzjoni ta' assi tanġibbli, ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali fejn huwa stipulat li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma rispettati (il-paragrafu 31 tal-RAG) jew spjega kif dan jista' jintlaħaq b'mod ieħor.

— fil-każ ta' art u bini, il-lokazzjoni trid tkompli għal mill-anqas 5 snin wara d-data li fiha jkun mistenni li jitlesta l-investiment fil-każ ta' intrapriżi kbar, u għal 3 snin fil-każ ta' SMEs;

.....

— fil-każ ta' impjanti jew makkinarju, il-lokazzjoni trid tieħu l-forma ta' lokazzjoni finanzjarja u trid tinkludi obbligu għall-benefiċjarju tal-għajnuna sabiex jixtri l-assi malli jiskadi t-terminu tal-lokazzjoni.

.....

2.3.7. Il-paragrafu 32 tal-RAG jipprevedi li fil-każ ta' akkwist ta' stabbiliment "*fil-prinċipju jenħtieġ li jitqiesu biss il-kostijiet tax-xiri tal-assi minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej. Madankollu, jekk membru tal-familja tas-sid oriġinali, jew impjegat, jieħu f'idejh intrapriża żgħira, il-kundizzjoni li l-assi jridu jinxtraw minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej ma tapplikax. It-tranżazzjoni trid isseħħ skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk l-akkwist tal-assi ta' stabbiliment ikun akkumpanjat minn investiment addizzjonali eliġibbli għall-għajnuna reġjonali, il-kostijiet eliġibbli ta' dak l-investiment addizzjonali jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-kostijiet tal-akkwist tal-assi tal-istabbiliment*".

Jekk huwa rilevanti fil-każ notifikat, spjega kif dawk il-kundizzjonijiet ġew issodisfati, billi tipprovdi dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti.

.....

2.3.8. Jekk il-kostijiet eliġibbli għall-proġett ta' investiment jinkludu assi intanġibbli, spjega kif jiġi żgurat li se jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 33 u 34 tal-RAG ([35]). F'każijiet bħal dawn ipprovdi referenza preċiża għad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi legali.

.....

([35]) Il-paragrafu 33 tal-RAG jipprevedi li fil-każ ta' intrapriżi kbar, il-kostijiet ta' assi intanġibbli huma eliġibbli biss sa limitu ta' 50 % tal-kostijiet ta' investiment eliġibbli totali għall-investiment inizjali. Għall-SMEs, huma eliġibbli 100 % tal-kostijiet tal-assi intanġibbli. Il-paragrafu 34 tal-RAG jipprevedi li l-assi intanġibbli li jistgħu jitqiesu għall-kalkolu tal-kostijiet ta' investiment iridu jibqgħu assoċjati maż-żona kkonċernata u ma għandhomx jiġu ttrasferiti għal żoni oħrajn. Għal dan il-għan, l-assi intanġibbli jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
(1) iridu jintużaw esklussivament fl-istabbiliment li jirċievi l-għajnuna;
(2) iridu jkunu amortizzabbli;
(3) iridu jinxtraw skont kundizzjonijiet tas-suq minn partijiet terzi mhux relatati mal-akkwirent;
(4) iridu jiġu inklużi fl-assi tal-impriża li tkun qiegħda tirċievi l-għajnuna u jridu jibqgħu assoċjati mal-proġett li għalih tkun inghatat l-għajnuna għal mill-anqas 5 snin (3 snin għall-SMEs).

2.4. **Kostijiet eliġibbli kkalkolati abbażi tal-kostijiet tal-pagi**

2.4.1. Jekk jogħġbok:

— spjega kif il-kostijiet eliġibbli kkalkolati fuq il-bażi tal-kostijiet tal-pagi ġew stabbiliti (il-paragrafu 35 tal-RAG);

— spjega kif l-għadd ta' impjiegi maħluqin ġie kkalkolat b'referenza għall-paragrafu 19(16) tal-RAG;

— spjega kif il-kostijiet tal-pagi tal-persuni mqabbdin ġew stabbiliti b'referenza għall-paragrafu 19(33) tal-RAG; u

— pprovdi l-kalkoli u d-dokumentazzjoni rilevanti ta' sostenn għaċ-ċifri.

.....

2.5. **Kalkolu tal-kostijiet eliġibbli skontati u l-ammont ta' għajnuna**

2.5.1. Imla t-tabella ta' hawn taħt bid-dettalji tal-kostijiet eliġibbli skont il-kategorija tal-kost eliġibbli li għandu jitħallas kemm idum il-proġett ta' investiment:

	Nominali/ skontati	N-0 ([1])	N+1 ([1])	N+2 ([1])	N+3 ([1])	N+X ([1])	Total ([1])
Preparatorji studji eċċ. (SMEs biss)	Nominali						
	Skontati						
Art	Nominali						
	Skontati						
Bini	Nominali						
	Skontati						
Impjant/makkinarju/	Nominali						
tagħmir	Skontati						
Assi intanġibbli	Nominali						
	Skontati						
Kostijiet tal-pagi	Nominali						
	Skontati						
Oħrajn (speċifika)	Nominali						
	Skontati						

	Nominali/ skontati	N-0 ([1])	N+1 ([1])	N+2 ([1])	N+3 ([1])	N+X ([1])	Total ([1])
Total	Nominali						
	Skontati						

([1]) *F'munita nazzjonali*

Indika d-data li fiha ġew skontati l-ammonti, kif ukoll ir-rata ta' skont użata ([36]):

.....

2.5.2. Imla t-tabella ta' hawn taħt bid-dettalji tal-għajnuna nnotifikata (li se tkun) mogħtija għall-proġett ta' investiment b'referenza għat-tip ta' għajnuna applikabbli:

	Nominali/ skontati	N-0 ([1])	N+1 ([1])	N+2 ([1])	N+3 ([1])	N+X ([1])	Total ([1])
Għotja	Nominali						
	Skontati						
Self	Nominali						
	Skontati						
Garanzija	Nominali						
	Skontati						
Benefiċċju fuq it-taxxa	Nominali						
	Skontati						
.....	Nominali						
	Skontati						
.....	Nominali						
	Skontati						
Total	Nominali						
	Skontati						

([1]) *F'munita nazzjonali*

([36]) Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' imgħax ta' rkupru tal-għajnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza/ta' skont applikabbli mill-1 ta' Mejju 2021 (Ippubblikat f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

Indika d-data li fiha ġew skontati l-ammonti, kif ukoll ir-rata ta' skont użata:

……

Għal kull tip ta' għajnuna msemmija fit-tabella hawn fuq, indika kif l-ekwivalent tal-għotja huwa kkalkolat:

Self b'kundizzjonijiet favorevoli:

……

Garanzija:

……

Tnaqqis fit-taxxa:

……

Oħrajn:

……

2.5.3. Jekk kwalunkwe miżura ta' għajnuna li għandha tingħata għall-proġett għadha ma hijiex definita, indika dan, u spjega kif l-awtorità tal-għoti se tiżgura li l-intensità massima ta' għajnuna applikabbli hija rispettata (il-paragrafu 93 u 94 tal-RAG):

……

2.5.4. Il-proġett huwa kofinanzjat minn xi wieħed mill-Fondi tal-Unjoni implimentat taħt ġestjoni kondiviża (il-"Fondi")? Jekk iva, spjega taħt liema programm se jinkiseb dan il-finanzjament. Indika wkoll l-ammont ta' finanzjament mill-Fondi li se jkun involut.

……

2.5.5. Jekk il-benefiċjarju (fil-livell ta' grupp) irċieva għajnuna għal investiment(i) inizjali wieħed (jew aktar) relatat(i) mal-istess attività jew waħda simili li bdiet fl-istess reġjun NUTS 3 tul perjodu ta' 3 snin qabel id-data tal-bidu tax-xogħlijiet tal-proġett ta' investiment notifikat (il-paragrafu 19(27) tal-RAG), ipprovdi dettalji tal-miżuri ta' għajnuna għal kull wieħed mill-investimenti inizjali meġħjuna preċedentement (billi tinkludi deskrizzjoni qasira tal-proġett ta' investiment, id-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna, id-data tal-għoti ta' għajnuna, id-data tal-bidu tax-xogħlijiet, l-ammont(i) ta' għajnuna u l-kostijiet eliġibbli ([37])).

	Kost ta' investiment eliġibbli ([1])	Ammont tal-għajnuna mogħtija ([1])	Data tal-applikazzjoni	Data tal-għotja ta' għajnuna	Data tal-bidu tax-xogħol	Deskrizzjoni qasira	Referenza/i tal-għajnuna
Proġett ta' investiment inizjali 1							
Investiment inizjali. Proġett 2							
Proġett ta' investiment inizjali 3							
……							

([1]) *F'munita nazzjonali*

([37]) L-ammont(i) ta' għajnuna u l-kostijiet eliġibbli għandhom jiġu pprovduti kemm f'valuri nominali kif ukoll f'dawk skontati.

2.5.6. Ikkonferma li l-ammont totali tal-għajnuna li se jingħata lill-proġett ta' investiment inizjali ma jeċċedix l-"intensità massima tal-għajnuna" (kif definita fil-paragrafu 19(19) tal-RAG), billi jittieħed kont tal-intensità tal-għajnuna miżjuda għal SMEs (kif determinat fil-paragrafu 186 tal-RAG) u l-"ammont aġġustat tal-għajnuna" (kif definit fil-paragrafu 19(3) tal-RAG), fejn applikabbli. Ipprovdi d-dokumentazzjoni u l-kalkoli rilevanti sabiex tappoġġa din il-konferma.

……

2.5.7. Ikkonferma li la l-ammont massimu tal-għajnuna approvat f'valur skontat, u lanqas l-intensità tal-għajnuna approvata ma jinqabżu jekk l-ammont tal-kostijiet eliġibbli jiddevja mill-ammont notifikat.

☐ Iva

2.5.8. Meta l-għajnuna li għandha tingħata għall-proġett ta' investiment tkun se tingħata taħt diversi skemi ta' għajnuna reġjonali jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc*, ikkonferma li l-intensità tal-għajnuna massima permissibbli li tista' tingħata lill-proġett ġiet ikkalkolata bil-quddiem mill-ewwel awtorità tal-għoti u speċifika din l-intensità massima tal-għajnuna. Spjega kif l-awtoritajiet tal-għoti ta' għajnuna se jiżguraw li dik l-intensità massima tal-għajnuna se tiġi rispettata (il-paragrafu 99 tal-RAG).

2.5.9. Jekk l-investiment inizjali huwa marbut ma' proġett ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE), spjega b'referenza għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 100 tal-RAG, kif tiġi stabbilita l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli għall-proġett u l-benefiċjarji differenti involuti.

……

3. VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBBILTÀ TAL-MIŻURA

3.1. **Kontribut għall-iżvilupp reġjonali, l-effetti pożittivi u l-ħtieġa għal intervent mill-Istat**

3.1.1. Jekk jogħġbok:

— indika l-post eżatt tal-proġett megħjun (jiġifieri l-lokalità u r-reġjun NUTS 2 jew 3 li għalihom tappartjeni l-lokalità);

— ipprovdi dettalji dwar l-istatus tal-għajnuna reġjonali fil-mappa attwali tal-għajnuna reġjonali (jiġifieri jinsab f'żona eliġibbli għall-għajnuna reġjonali skont l-Artikolu 107(3)(a) jew (c)); u

— ipprovdi l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli għal intrapriżi kbar,

……

3.1.2. Spjega kif l-għajnuna se tikkontribwixxi għall-iżvilupp reġjonali u, jekk applikabbli, x'effetti pożittivi oħrajn jiġu prodotti mill-għajnuna? ([38])

……

3.1.3. Jekk in-notifika tikkonċerna applikazzjoni individwali għal għajnuna taħt skema, spjega kif il-proġett jikkontribwixxi għall-għan tal-iskema u pprovdi dokumenti rilevanti ta' sostenn (il-paragrafu 46 tal-RAG)?

……

([38]) Sabiex tagħmel dan, tista' pereżempju tirreferi għall-kriterji numerati fil-paragrafu 50 tal-RAG u/jew għall-pjan tan-negozju tal-benefiċjarju. L-effetti pożittivi mistennija jistgħu pereżempju jkunu relatati mal-għadd ta' impjiegi maħluqin jew salvagwardjati, mal-attivitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, mat-taħriġ, mal-ħolqien ta' cluster u mal-kontribut possibbli għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tal-ekonomija (inkluż, fejn rilevanti, informazzjoni dwar jekk l-investiment huwiex ambjentalment sostenibbli skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).

3.1.4. Jekk in-notifika tikkonċerna għajnuna *ad hoc*, spjega kif il-proġett jikkontribwixxi għall-istrateġija ta' żvilupp taż-żona kkonċernata u pprovdi dokumenti rilevanti ta' sostenn (il-paragrafu 53 RAG)?

……

3.1.5. Spjega kif hija implimentata d-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-investiment jinżamm fiż-żona kkonċernata għal mill-inqas 5 snin (3 snin għall-SMEs) wara t-tlestija tiegħu (il-paragrafu 47 RAG). Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi legali (pereżempju, il-kuntratt tal-għoti tal-għajnuna).

……

3.1.6. Fil-każijiet meta l-għajnuna hija kkalkolata fuq il-bażi tal-kostijiet tal-pagi, spjega kif hija implimentata d-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-impjiegi jiġu maħluqa fi żmien 3 snin mit-tlestija tal-investiment u li kull impjieg maħluq mill-investiment jinżamm fiż-żona għal perjodu ta' 5 snin (3 snin għall-SMEs) mid-data li l-post jimtela l-ewwel darba (il-paragrafu 36 tal-RAG). Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi legali (pereżempju, il-kuntratt tal-għoti tal-għajnuna).

……

3.1.7. Ipprovdi referenza għall-bażi legali jew uri li r-riċevitur(i) għandu/hom jagħmel/jagħmlu kontribuzzjoni ta' mill-anqas 25 % tal-kostijiet eliġibbli, mir-riżorsi tiegħu/tagħhom stess jew permezz ta' finanzjament estern, f'forma li hija eżenti minn kull appoġġ finanzjarju pubbliku ([39]). (il-paragrafu 48 tal-RAG)

……

3.1.8. Ħadt l-impenn jew se timpenja ruħek li twettaq Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali ("VIA") għall-investiment? (il-paragrafu 49 tal-RAG)?

☐ Iva

☐ Le

Jekk le, spjega għaliex ma hijiex meħtieġa VIA għal dan il-proġett

……

3.2. **Effett ta' inċentiv tal-miżura**

3.2.1. Ikkonferma li x-xogħlijiet fuq l-investiment individwali nnotifikat bdew biss wara li saret l-applikazzjoni għall-għajnuna (il-paragrafu 62 tal-RAG). Ipprovdi kopja tal-applikazzjoni għall-għajnuna mibgħuta lill-awtorità tal-għoti mill-benefiċjarju u evidenza dokumentarja tad-data tal-bidu tax-xogħlijiet.

……

3.2.2. Spjega l-effett ta' inċentiv tal-għajnuna billi tiddeskrivi x-xenarju kontrofattwali b'referenza għal wieħed miż-żewġ xenarji possibbli stabbiliti fil-paragrafu 59 tal-RAG.

……

3.2.3. Jekk l-għajnuna reġjonali hija mogħtija permezz ta' fondi tal-politika ta' koeżjoni jew il-FAEŻR f'żoni "a" għal investimenti meħtieġa sabiex jinkisbu standards stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, spjega li ġej (u pprovdi dokumentazzjoni ta' sostenn):

— X'inhu l-istandard ikkonċernat?

— Għaliex l-investiment huwa meħtieġ għall-ksib tal-istandard?

([39]) Din il-mistoqsija ma tapplikax għal self sussidjat, self pubbliku ta' kapital ta' ekwità jew parteċipazzjonijiet pubbliċi li ma jissodisfawx il-prinċipju ta' investitur tas-suq, garanziji mill-Istat li fihom elementi ta' għajnuna, jew appoġġ pubbliku mogħti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regola *de minimis*.

— L-għaliex fin-nuqqas tal-għajnuna, ma jkunx profittabbli biżżejjed għall-benefiċjarju biex jagħmel l-investiment fiż-żona kkonċernata (il-paragrafu 61 tal-RAG)

……

3.3. **Adegwatezza tal-miżura**

3.3.1. Jekk in-notifika tikkonċerna għajnuna *ad hoc*, uri kif l-iżvilupp taż-żona kkonċernata jiġi żgurat aħjar permezz ta' din l-għajnuna minflok b'għajnuna taħt skema jew tipi oħrajn ta' miżuri (il-paragrafu 83 tal-RAG):

……

3.3.2. Jekk l-għajnuna tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ pekunjarju dirett ([40]), uri għaliex forom oħrajn ta' għajnuna li potenzjalment ifixklu anqas, bħas-self bil-quddiem li jitħallas lura jew forom ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ta' ekwità ([41]) ma humiex adattati (il-paragrafu 85 tal-RAG):

……

3.4. **Proporzjonalità tal-miżura**

3.4.1. Għal każijiet tax-Xenarju 1, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja (jew irreferi għall-partijiet rilevanti tax-xenarju kontrofattwali ppreżentat) (il-paragrafu 96 tal-RAG):

— il-kalkolu tar-Rata ta' Redditu Interna ("IRR") tal-investiment bl-għajnuna u mingħajrha ([42]):

……

— informazzjoni dwar punti ta' riferiment rilevanti għall-kumpanija (pereżempju, rati normali ta' redditu meħtieġa mill-benefiċjarju biex iwettaq proġetti simili, il-kost tal-kapital tal-kumpanija kollha, punti ta' riferiment rilevanti tal-industrija):

……

— spjegazzjoni tar-raġuni għaliex, abbażi ta' dan ta' hawn fuq, l-għajnuna hija l-minimu meħtieġ sabiex il-proġett isir profittabbli biżżejjed:

……

3.4.2. Għal każijiet tax-Xenarju 2, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja (jew irreferi għall-partijiet rilevanti tax-xenarju kontrofattwali ppreżentat) (il-paragrafu 97 tal-RAG):

— il-kalkolu fid-differenza tal-Valur Preżenti Nett ("VPN") tal-investiment fiż-żona fil-mira u l-VPN tal-investiment fil-post alternattiv ([43]):

……

— il-parametri kollha użati għall-kalkolu ta' hawn fuq (fost l-oħrajn il-perjodu ta' żmien ikkonċernat, ir-rata ta' skont użata, eċċ.):

……

([40]) Pereżempju, għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxi, sigurtà soċjali jew imposti obbligatorji oħrajn, jew il-provvista ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet favorevoli, eċċ.

([41]) Pereżempju, self b'rati tal-imgħax baxxi jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-Istat, ix-xiri ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew injezzjoni alternattiva ta' kapital b'termini favorevoli.

([42]) Il-perjodu ta' żmien meqjus għall-kalkolu tal-IRR jenħtieġ li jikkorrispondi ma' skedi taż-żmien li normalment jitqiesu mill-industrija għal proġetti simili.

([43]) Il-kostijiet u l-benefiċċji rilevanti kollha jridu jitqiesu, inkluż pereżempju, il-kostijiet amministrattivi, il-kostijiet għat-trasport, il-kostijiet għat-taħriġ li ma humiex koperti minn għajnuna għat-taħriġ kif ukoll id-differenzi fil-pagi. Madankollu, f'każ li l-post alternattiv ikun jinsab fiż-ŻEE, is-sussidji mogħtija f'dak il-post l-ieħor ma jistgħux jitqiesu.

— spjegazzjoni tar-raġuni għaliex abbażi ta' dan ta' hawn fuq l-għajnuna ma taqbiżx id-differenza bejn il-VPN tal-investiment fiż-żona fil-mira u l-VPN fil-post alternattiv:

……

3.5. **Evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ**

Definizzjoni tas-suq rilevanti:

3.5.1. Ipprovdi l-informazzjoni speċifikata hawn taħt sabiex tidentifika s-suq/swieq tal-prodott ikkonċernat(i) (jiġifieri, l-prodotti affettwati mill-bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna) u sabiex tidentifika l-kompetituri u l-klijenti/il-konsumaturi affettwati (il-paragrafu 124 u l-paragrafu 125 tal-RAG):

— Speċifika l-prodott(i) kollha li se jkun(u) manifatturat(i) fl-istabbiliment megħjun malli jkun lest l-investiment u indika, fejn huwa xieraq, il-kodiċi NACE jew kodiċi Prodcom jew in-nomenklatura CPA għal proġetti fis-setturi tas-servizzi.

……

— Indika jekk il-prodotti previsti mill-proġett humiex se jissostitwixxu kwalunkwe prodott ieħor manifatturat mill-benefiċjarju (fil-livell ta' grupp). Liema prodott(i) se jissostitwixxi? Jekk dawn il-prodotti sostitwiti ma humiex manifatturati fil-post tal-proġett, indika fejn qegħdin jiġu mmanifatturati bħalissa. Ipprovdi deskrizzjoni tar-rabta bejn il-produzzjoni sostitwita u l-investiment attwali u aġħti skeda ta' żmien għas-sostituzzjoni.

……

— Indika liema prodott(i) ieħor/oħrajn jista' jiġi mmanifatturat/jistgħu jiġu mmanifatturati fl-istess faċilitajiet ġodda (permezz tal-flessibbiltà tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-benefiċjarju) b'kost addizzjonali żgħir jew bl-ebda kost addizzjonali.

……

— Spjega jekk il-proġett jikkonċernax prodott intermedju u jekk parti sinifikanti mill-produzzjoni tinbiegħx mod ieħor milli fis-suq (taħt kundizzjonijiet tas-suq). Abbażi tal-ispjegazzjoni ta' hawn fuq, sabiex ikunu kkalkolati s-sehem mis-suq u ż-żieda fil-kapaċità fil-bqija ta' din it-taqsima, indika jekk il-prodott ikkonċernat huwiex il-prodott previst mill-proġett jew jekk huwiex prodott downstream.

……

— Indika s-suq/is-swieq tal-prodott rilevanti. Is-suq tal-prodott rilevanti jinkludi l-prodott ikkonċernat u s-sostituti tiegħu mil-lat tad-domanda, jiġifieri prodotti meqjusin li huma hekk mill-konsumatur (minħabba l-karatteristiċi, il-prezzijiet u l-użu intenzjonat tal-prodott) u s-sostituti tiegħu mil-lat tal-provvista, jiġifieri prodotti meqjusin li huma hekk mill-produtturi (permezz tal-flessibbiltà tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-benefiċjarju u tal-kompetituri tiegħu). Indika xi tqis bħala sostituti rilevanti mil-lat tad-domanda u tal-provvista f'dan il-każ. Ipprovdi evidenza, jekk possibbli minn parti terza indipendenti, sabiex issostni l-konklużjonijiet tiegħek dwar dan il-punt.

……

3.5.2. Ipprovdi informazzjoni, u evidenza ta' sostenn, dwar is-suq ġeografiku rilevanti tal-benefiċjarju:

……

Għal każijiet tax-xenarju 1 ([44])

Is-saħħa tas-Suq (il-paragrafi 108 u 127 tal-RAG):

3.5.3. Ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar il-pożizzjoni tas-suq tal-benefiċjarju (tul perjodu ta' żmien qabel jirċievi l-għajnuna u l-pożizzjoni tas-suq mistennija wara li jiġi ffinalizzat l-investiment) (il-paragrafu 133 tal-RAG):

— stima tal-bejgħ kollu (f'termini ta' valur u volum) tar-riċevitur tal-għajnuna fis-suq rilevanti (fil-livell ta' grupp).

.....

— stima tal-bejgħ globali tal-produtturi kollha fis-suq rilevanti (f'termini ta' valur u volum). Jekk ikunu disponibbli, inkludi statistiċi ppreparati minn sorsi pubbliċi u/jew indipendenti.

.....

3.5.4. Ipprovdi valutazzjoni tal-istruttura tas-suq rilevanti billi tinkludi, pereżempju, il-livell ta' konċentrazzjoni fis-suq, l-ostakoli possibbli għad-dħul, is-saħħa tax-xerrej u l-ostakoli għall-espansjoni jew il-ħruġ. Ipprovdi evidenza, jekk possibbli minn parti terza indipendenti, sabiex issostni l-konklużjonijiet tiegħek dwar dan il-punt.

.....

Kapaċità (il-paragrafu 127(1) tal-RAG): .....

3.5.5. Ipprovdi stima tal-kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali maħluqa mill-investiment (f'termini ta' volum u ta' valur):

.....

Għall-każijiet kollha

Effetti negattivi evidenti: .....

3.5.6. Għal każijiet tax-xenarju 1, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja, u evidenza ta' sostenn, dwar is-suq tal-prodott rilevanti ([45]):

— Minn perspettiva fit-tul, is-suq rilevanti sejjer lura strutturalment (jiġifieri, qiegħed juri rata ta' tkabbir negattiva)? (il-paragrafu 130 tal-RAG)

.....

— Is-suq rilevanti sejjer lura b'mod relattiv (jiġifieri, qiegħed juri rata ta' tkabbir pożittiva, iżda mhux aktar minn rata ta' tkabbir ta' riferiment)? (il-paragrafu 130 tal-RAG)

.....

3.5.7. Għal każijiet tax-xenarju 2, indika jekk, mingħajr għajnuna, l-investiment kienx isir f'żona b'intensità tal-għajnuna reġjonali li hija ogħla jew l-istess bħal dik taż-żona fil-mira? (il-paragrafu 117 tal-RAG) Ipprovdi evidenza sabiex tappoġġa l-pożizzjoni tiegħek.

.....

([44]) Ipprovdi wkoll din l-informazzjoni għal sitwazzjonijiet tax-xenarju 2 fejn l-investiment, fix-xenarju kontrofattwali, isir f'suq ġeografiku differenti.

([45]) Prestazzjoni baxxa tas-suq tipikament titkejjel apparagun tal-PDG taż-ŻEE matul it-3 snin qabel il-bidu tal-proġett (ir-rata ta' referenza); din tista' titkejjel ukoll abbażi tar-rati tat-tkabbir imbassra għat-3 snin sa 5 snin li jkun imiss. L-indikaturi jistgħu jinkludu t-tkabbir futur mistenni tas-suq ikkonċernat, ir-rati tal-użu tal-kapaċità li mistennija jirriżultaw, kif ukoll l-impatt possibbli taż-żieda fil-kapaċità fuq il-kompetituri f'termini ta' prezzijiet u marġnijiet tal-profitt.

3.5.8. Ikkonferma jekk il-benefiċjarju ppreżentax dikjarazzjoni li fiha huwa jikkonferma li, fil-livell ta' grupp, ma għalaqx l-istess attività jew waħda simili fiż-ŻEE fis-sentejn ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna u ma huwiex beħsiebu jagħlaq l-istess attività jew waħda simili fiż-ŻEE fis-sentejn wara li jitlesta l-investiment (il-paragrafu 118 tal-RAG).

Jekk ikun ipprovda din id-dikjarazzjoni, ehmeż kopja tagħha man-notifika. Jekk ma pprovdihiex, spjega għaliex ma għamilx dan.

……

3.5.9. Jekk il-benefiċjarju fil-livell ta' grupp għalaq l-istess attività jew waħda simili f'żona oħra fiż-ŻEE fis-sentejn ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jew beħsiebu jagħmel hekk fis-sentejn wara li jitlesta l-investiment, u rriloka din l-attività fiż-żona fil-mira, jew beħsiebu jagħmel hekk, spjega għaliex iqis li ma hemm l-ebda rabta kawżali bejn l-għajnuna u r-rilokazzjoni (il-paragrafu 118 tal-RAG).

……

3.5.10. Spjega jekk l-għajnuna mill-Istat tirriżultax direttament f'telf sostanzjali ta' impjiegi f'postijiet eżistenti fiż-ŻEE. Jekk l-għajnuna mill-Istat tirriżulta f'telf sostanzjali ta' impjiegi f'postijiet eżistenti fiż-ŻEE, indika n-numru tagħhom u l-proporzjon meta mqabbla mat-total tal-impjiegi fil-post(ijiet) ikkonċernat(i).

……

4. TRASPARENZA

4.1. Ikkonferma li t-test sħiħ tad-deċiżjoni għall-għoti ta' għajnuna individwali jew tal-iskema ta' għajnuna approvata u tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, jew il-link għalih, u informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż il-EUR 100 000, se jiġu ppubblikati bl-użu tal-istruttura fl-Anness VIII fuq il-pjattaforma Transparency Award Modul (TAM) tal-Kummissjoni Ewropea, jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell nazzjonali jew reġjonali ([46]), fi żmien 6 xhur mid-data tal-għoti tal-għajnuna, jew, għal għajnuna fil-forma ta' vantaġġi tat-taxxa, fi żmien sena mid-data li fiha tkun dovuta d-dikjarazzjoni tat-taxxa.

☐ Iva

4.2. Ipprovdi referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali li jistipulaw li l-awtorità tal-għoti għandha tippubblika, fuq il-pjattaforma Transparency Award Module (TAM) jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell nazzjonali jew reġjonali ([47]), tal-anqas l-informazzjoni li ġejja dwar l-iskemi notifikati ta' għajnuna mill-Istat: it-test tal-iskema ta' għajnuna notifikata u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, l-awtorità tal-għoti, il-benefiċjarji individwali, l-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju u l-intensità tal-għajnuna. (il-paragrafu 136 tal-RAG)

Jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux fis-seħħ, spjega għaliex le. Bl-istess mod, jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux inklużi fil-bażi legali għall-iskema notifikata, iżda jkunu jinsabu f'dokumenti leġiżlattivi oħrajn, indika dan.

……

4.3. Ipprovdi referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali li jistipulaw li l-informazzjoni msemmija hawn fuq se tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali mingħajr restrizzjonijiet għal mill-anqas 10 snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna. (il-paragrafu 140 tal-RAG).

([46]) Kif definit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

([47]) Kif definit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

5. RAPPORTAR U MONITORAĠĠ

5.1. Ikkonferma li skont ir-Regolament (UE) 2015/1589 u r-Regolament (KE) Nru 794/2004, ir-rapporti annwali se jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.

☐ Iva

5.2. Ikkonferma li se jinżammu rekords dettaljati għal mill-anqas 10 snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna, li jkun fihom l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa biex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà huma ssodisfati, u li dawn ir-rekords se jiġu pprovduti lill-Kummissjoni meta jintalbu.

☐ Iva

PARTI III.1.B

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR SKEMI TA' GĦAJNUNA GĦALL-INVESTIMENT REĠJONALI.

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari ma hijiex obbligatorja. Madankollu, huwa rrakkomandat li din timtela, flimkien mal-formola "Informazzjoni ġenerali", għan-notifika ta' kwalunkwe għajnuna għall-investiment individwali koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022 ("RAG"). ([48])

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. **Ir-raġunijiet għan-notifika tal-iskema minflok ma tiġi implimentata skont ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ("GBER")** ([49]) **jew ir-Regolament *de minimis*** ([50])**:**

☐ In-notifika hija relatata ma' skema settorjali. F'dan il-każ, indika s-settur kopert mill-iskema (il-kodiċi NACE):

……

☐ Oħrajn. Speċifika:

……

1.2. **Il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema notifikata**

1.2.1. Ikkonferma li l-bażi legali għall-iskema notifikata tinkludi obbligu li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata dwar għajnuna individwali mogħtija lil benefiċjarju f'każ li l-għajnuna mis-sorsi kollha taqbeż il-livell limitu ta' notifika individwali stabbilit fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ("GBER") għall-għajnuna għall-investiment reġjonali (il-paragrafu 22 tal-RAG)

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

1.2.2. Ikkonferma li l-bażi legali għall-iskema notifikata tinkludi obbligu li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata dwar għajnuna individwali mogħtija lil benefiċjarju sakemm dan (1) ma jkunx ikkonferma li fis-sentejn ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, ma jkunx wettaq rilokazzjoni għall-istabbiliment li fih għandu jsir l-investiment inizjali megħjun u (2) ikun impenja ruħu li ma jwettaqx rilokazzjoni bħal din sa perjodu ta' sentejn wara li jitlesta l-investiment inizjali. (il-paragrafu 23 tal-RAG)

1.2.3. Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

([48]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat (ĠU C 153, 29.4.2021, p. 1).

([49]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat *(ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1,* ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj).

([50]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2831/oj).

1.2.4. Ikkonferma li l-iskema ta' għajnuna notifikata tipprevedi li l-ebda għajnuna għall-investiment reġjonali ma hija se tingħata lil kategoriji ta' kumpaniji u setturi elenkati hawn taħt? F'kull każ, elenka d-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi legali tal-iskema.

Kategoriji ta' kumpaniji u setturi esklużi	Dispożizzjoni rilevanti fil-bażi legali tal-iskema
Ditti f'diffikultà ([1])	
Is-settur tal-azzar ([2])	
Is-settur tal-linjite ([3])	
Is-settur tal-faħam ([4])	
Is-sajd u l-akkwakultura ([5])	
L-agrikoltura ([6])	
L-ipproċessar u/jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat fi prodotti elenkati fl-Anness I ([7])	
It-trasport ([8])	
Il-broadband ([9])	
L-enerġija ([10])	

([1]) Kif definit fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

([2]) Kif definit fl-Anness VI tal-RAG.

([3]) "Linjite" tfisser linjite ta' grad baxx C jew ortolinjite u linjite ta' grad baxx B jew metalinjite kif definit mis-sistema ta' kodifikazzjoni internazzjonali għall-faħam stabbilita mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.

([4]) "Faħam" tfisser faħam ta' grad għoli, ta' grad medju u ta' grad baxx tal-kategorija A u B kif definit mis-sistema ta' kodifikazzjoni internazzjonali għall-faħam stabbilita mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, u kif iċċarat fid-deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar Għajnuna mill-Istat biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 24).

([5]) Kif kopert mir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

([6]) L-għajnuna mill-Istat għall-produzzjoni primarja, għall-ipproċessar u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli li jirriżultaw fil-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat u għall-forestrija hija soġġetta għal regoli stabbiliti fil-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura (ĠU C 204, 1.7.2014, p. 1).

([7]) Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali japplikaw għal skemi ta' għajnuna li jappoġġaw attivitajiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat iżda li huma kofinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), jew li qegħdin jingħataw bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal dawn il-miżuri kofinanzjati, sakemm ir-regoli settorjali ma jippreveduх mod ieħor.

([8]) Trasport tfisser it-trasport ta' passiġġieri permezz ta' inġenji tal-ajru, it-trasport marittimu, bit-triq, bil-ferrovija u permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni jew servizzi ta' trasport ta' merkanzija b'kiri jew b'kumpens. L-infrastruttura tat-trasport koperta minn linji gwida speċifiċi, bħall-ajruporti, ukoll hija eskluża minn dawn il-Linji Gwida (ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).

([9]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband (ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1).

([10]) Il-Kummissjoni se tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat għas-settur tal-enerġija abbażi tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1).

2. INVESTIMENT INIZJALI, KOSTIJIET ELIĠIBBLI U GĦAJNUNA

2.1. **Tipi ta' investimenti inizjali koperti mill-iskema**

2.1.1. F'każ li l-iskema tkopri investimenti f'żoni "a" minn SMEs jew Intrapriżi Kbar ([51]) jew investimenti minn SME(s) f'żoni "c" (il-paragrafu 45 tal-RAG), speċifika l-kategorija/i tal-investiment inizjali kkonċernata/i min-notifika (il-paragrafu 19(13) tal-RAG):

☐ it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid

☐ l-estensjoni tal-kapaċità ta' stabbiliment eżistenti

☐ id-diversifikazzjoni tal-output ta' stabbiliment fi prodotti li qatt ma ġew prodotti fl-istabbiliment qabel

☐ bidla fundamentali fil-proċess globali tal-produzzjoni tal-prodott(i) ikkonċernat(i) mill-investiment fl-istabbiliment

☐ l-akkwist ta' assi li jappartjenu għal stabbiliment li jkun għalaq jew li kien jagħlaq kieku ma nxtarax ([52]).

2.1.2. F'każ li l-iskema tkopri investimenti fiż-żoni "c" minn Intrapriżi Kbar, speċifika l-kategorija/i tal-investiment inizjali kkonċernata/i min-notifika(il-paragrafu 19(14) u l-paragrafu 14 tal-RAG):

☐ it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid

☐ id-diversifikazzjoni tal-attività ta' stabbiliment, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida ma tkunx l-istess attività jew waħda simili għall-attività ([53]) li kienet issir qabel fl-istabbiliment

☐ l-akkwist ta' assi li jappartjenu għal stabbiliment li għalaq jew li kieku kien jagħlaq kieku ma nxtarax, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida li se ssir bl-użu tal-assi akkwiżiti ma tkunx l-istess attività jew waħda simili għall-attività mwettqa fl-istabbiliment qabel l-akkwist ([54])

2.2. **Kostijiet eliġibbli kkalkolati abbażi tal-kostijiet ta' investiment**

2.2.1. Meta l-kostijiet eliġibbli taħt l-iskema ikunu relatati ma' assi tanġibbli (il-paragrafu 19(31) tal-RAG), indika jekk il-valur tal-investiment huwiex stabbilit bħala perċentwal tal-kostijiet tal-art, tal-bini u tal-impjant, tal-makkinarju u tat-tagħmir:

☐ l-art

☐ il-bini

☐ l-impjant/il-makkinarju/it-tagħmir

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

2.2.2. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali li tistipula li l-assi akkwiżiti għandhom ikunu ġodda ([55])? (il-paragrafu 27 tal-RAG)

……

([51]) "SMEs" tfisser intrapriżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

([52]) L-akkwist uniku tal-ishma ta' impriża ma jikkwalifikax bħala investiment inizjali.

([53]) "L-istess attività jew waħda simili" tfisser attività li taqa' taħt l-istess kategorija (kodiċi numeriku b'erba' ċifri) tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi NACE Reviżjoni 2.

([54]) L-akkwist uniku tal-ishma ta' impriża ma jikkwalifikax bħala investiment inizjali li joħloq attività ekonomika ġdida.

([55]) Din id-dispożizzjoni ma għandhiex għalfejn tapplika għal SMEs jew fil-każ ta' akkwist ta' stabbiliment.

2.2.3. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi legali li tistipula li fil-każ ta' SMEs mhux aktar minn 50 % tal-kostijiet ta' studji preparatorji jew tal-kostijiet ta' konsulenza marbutin mal-investiment jistgħu jitqiesu bħala kostijiet eliġibbli (il-paragrafu 28 tal-RAG).

.....

2.2.4. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali li tistipula li għall-għajnuna mogħtija lil intrapriżi kbar għal bidla fundamentali fil-proċess tal-produzzjoni, il-kostijiet eliġibbli jaqbżu d-deprezzament tal-assi marbutin mal-attività li għandha tiġi mmodernizzata matul it-3 snin fiskali preċedenti (il-paragrafu 29 tal-RAG).

.....

2.2.5. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali li tistipula li għall-għajnuna mogħtija għal diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti, il-kostijiet eliġibbli jaqbżu mill-anqas b'200 % l-valur kontabilistiku tal-assi li jintużaw mill-ġdid, kif irreġistrat fis-sena fiskali ta' qabel il-bidu tax-xogħlijiet (il-paragrafu 30 tal-RAG).

.....

2.2.6. F'każijiet li jinvolvu l-lokazzjoni ta' assi tanġibbli, ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li tistipula li l-kundizzjonijiet li ġejjin jenħtieġ li jiġu rrispettati (il-paragrafu 31 tal-RAG).

— fil-każ ta' art u bini, il-lokazzjoni trid tkompli għal mill-anqas 5 snin wara d-data li fiha jkun mistenni li jitlesta l-investiment fil-każ ta' intrapriżi kbar, u għal 3 snin fil-każ ta' SMEs;

.....

— fil-każ ta' impjanti jew makkinarju, il-lokazzjoni trid tieħu l-forma ta' lokazzjoni finanzjarja u trid tinkludi obbligu għall-benefiċjarju tal-għajnuna sabiex jixtri l-assi malli jiskadi t-terminu tal-lokazzjoni.

.....

2.2.7. Il-paragrafu 32 tal-RAG jipprevedi li fil-każ ta' akkwist ta' stabbiliment "*fil-prinċipju jenħtieġ li jitqiesu biss il-kostijiet tax-xiri tal-assi minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej. Madankollu, jekk membru tal-familja tas-sid oriġinali, jew impjegat, jieħu f'idejh intrapriża żgħira, il-kundizzjoni li l-assi jridu jinxtraw minn partijiet terzi mhux relatati max-xerrej ma tapplikax. It-tranżazzjoni trid isseħħ skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk l-akkwist tal-assi ta' stabbiliment ikun akkumpanjat minn investiment addizzjonali eliġibbli għall-għajnuna reġjonali, il-kostijiet eliġibbli ta' dak l-investiment addizzjonali jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-kostijiet tal-akkwist tal-assi tal-istabbiliment*".

Jekk rilevanti għall-iskema notifikata, ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet tal-bażi legali li jistipulaw li l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom jiġu rrispettati.

.....

2.2.8. Meta l-kostijiet eliġibbli taħt l-iskema jirrigwardaw assi intanġibbli (il-paragrafu 19(15) tal-RAG), speċifika jekk il-valur tal-investiment huwiex stabbilit abbażi tan-nefqa mġarrba mit-trasferiment tat-teknoloġija permezz tal-akkwist ta' drittijiet ta' privattivi, liċenzji, għarfien jew proprjetà intellettwali oħra:

☐ drittijiet ta' privattivi

☐ liċenzji

☐ għarfien

☐ proprjetà intellettwali oħra

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

.....

2.2.9. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali fejn huwa stipulat li għall-impriżi kbar in-nefqa fuq investiment intanġibbli eliġibbli ma tridx taqbeż il-50 % tal-kostijiet ta' investiment eliġibbli totali tal-proġett (il-paragrafu 33 tal-RAG).

……

2.2.10. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li tistipula li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 34 tal-RAG ([56]) għandhom jiġu rrispettati.

……

2.3. **Kostijiet eliġibbli kkalkolati abbażi tal-kostijiet tal-pagi**

2.3.1. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali fejn huwa stipulat kif għandu jkun stabbilit il-kost eliġibbli kkalkolat abbażi tal-kostijiet tal-pagi (il-paragrafu 35 tal-RAG), kif l-għadd ta' impjiegi maħluq għandu jiġi kkalkolat b'referenza għall-paragrafu 19(16) tal-RAG u kif il-kostijiet tal-pagi tal-persuni rreklutati għandhom jiġu stabbiliti b'referenza għall-paragrafu 19(33) tal-RAG.

……

2.4. **Kalkolu tal-kostijiet eliġibbli skontati**

2.4.1. Indika liema tipi ta' għajnuna huma permessi taħt l-iskema:

☐ għotjiet. Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

☐ self. Indika kif l-ekwivalent tal-għotja se jiġi kkalkolat u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

☐ garanziji. Indika kif l-ekwivalent tal-għotja se jiġi kkalkolat u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

☐ benefiċċji fuq it-taxxa. Speċifika liema tip ta' miżuri u indika kif l-ekwivalent tal-għotja se jiġi kkalkolat. Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

☐ oħrajn. Speċifika u indika kif l-ekwivalent tal-għotja se jiġi kkalkolat. Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

2.4.2. Speċifika jekk l-iskema ta' għajnuna hijiex eliġibbli biex tiġi kofinanzjata minn xi wieħed mill-Fondi tal-UE implimentati taħt ġestjoni kondiviża (il-"Fondi"). Jekk iva, semmi taħt liema programm jista' jinkiseb dan il-finanzjament. Indika wkoll l-ammont ta' finanzjament mill-Fondi li se jkun involut, jekk huwa magħruf f'dan l-istadju.

……

([56]) Il-paragrafu 34 tal-RAG jipprevedi li l-assi intanġibbli li jistgħu jitqiesu għall-kalkolu tal-kostijiet ta' investiment iridu jibqgħu assoċjati maż-żona kkonċernata u ma għandhomx jiġu ttrasferiti għal żoni oħrajn. Għal dan il-għan, l-assi intanġibbli jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
(1) iridu jintużaw esklussivament fl-istabbiliment li jirċievi l-għajnuna;
(2) iridu jkunu amortizzabbli;
(3) iridu jinxtraw skont kundizzjonijiet tas-suq minn partijiet terzi mhux relatati mal-akkwirent;
(4) iridu jiġu inklużi fl-assi tal-impriża li tkun qiegħda tirċievi l-għajnuna u jridu jibqgħu assoċjati mal-proġett li għalih tkun inghatat l-għajnuna għal mill-anqas 5 snin (3 snin għall-SMEs).

2.4.3. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jistipulaw li, qabel ma tagħti l-għajnuna individwali mill-iskema notifikata, l-awtorità tal-għoti tal-għajnuna għandha tistabbilixxi jekk il-benefiċjarju (fil-livell tal-grupp) irċeviex għajnuna għal investiment inizjali wieħed (jew aktar) mibdi fl-istess reġjun NUTS 3 f'perjodu ta' 3 snin qabel id-data tal-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment.

……

2.4.4. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jistipulaw li l-ammont totali tal-għajnuna li se tingħata taħt l-iskema għal kwalunkwe proġett ta' investiment inizjali ma jaqbiżx l-ammont li jirriżulta mill-"intensità massima tal-għajnuna" (kif definit fil-paragrafu 19(19) tal-RAG), b'kont meħud tal-intensità akbar tal-għajnuna għall-SMEs (kif determinat fil-paragrafu 186 tal-RAG) jew l-"ammont aġġustat tal-għajnuna" (kif definit fil-paragrafu 19(3) tal-RAG), fejn applikabbli.

……

2.4.5. Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jistipulaw li meta l-għajnuna individwali tingħata minn bosta skemi ta' għajnuna reġjonali jew flimkien ma' għajnuna *ad hoc*, l-intensità massima permissibbli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-proġett tiġi kkalkolata bil-quddiem mill-ewwel awtorità tal-għoti (il-paragrafu 99 tal-RAG).

……

2.4.6. Meta l-iskema ta' għajnuna tippermetti għajnuna għal investiment inizjali marbuta ma' proġetti tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE), ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jistipulaw (b'referenza għad-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 100 tal-RAG) kif se tiġi stabbilita l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli għall-proġett u l-benefiċjarji differenti involuti.

……

3. VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBBILTÀ TAL-ISKEMA TA' GĦAJNUNA

3.1. **Kontribut għall-iżvilupp reġjonali, l-effetti pożittivi u l-ħtieġa għal intervent mill-Istat**

3.1.1. Spjega kif l-iskema hija konsistenti mal-istrateġija ta' żvilupp taż-żona kkonċernata u kif tikkontribwixxi għaliha (il-paragrafu 44 tal-RAG):

……

3.1.2. Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jkun fihom ir-rekwiżit li ssir Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali ("VIA") għall-investimenti kkonċernati qabel l-għoti ta' għajnuna lil proġetti individwali, meta hekk rikjest bil-liġi (il-paragrafu 49 tal-RAG).

……

3.1.3. Spjega kif l-awtoritajiet tal-għoti se jagħtu prijorità u jagħżlu l-proġetti ta' investiment skont l-objettivi tal-iskema (pereżempju, fuq il-bażi tal-approċċ ta' punteġġ formali) (il-paragrafu 44 tal-RAG). Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali jew atti amministrattivi relatati oħrajn.

……

3.1.4. Spjega kif, meta tagħti l-għajnuna lil proġetti ta' investiment individwali taħt l-iskema notifikata, l-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi li l-proġett(i) magħżul(in) jikkontribwixxi/u għall-objettiv tal-iskema u, għalhekk, għall-istrateġija ta' żvilupp taż-żona kkonċernata. (il-paragrafu 46 tal-RAG)

……

3.1.5. Spjega kif hija implimentata d-dispożizzjoni li tirrikjedi li kwalunkwe investiment appoġġat taħt l-iskema notifikata se jinżamm fiż-żona kkonċernata għal tal-anqas 5 snin (3 snin għall-SMEs) wara li jitlesta (il-paragrafu 47 tal-RAG). Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali.

……

3.1.6. F'każijiet fejn l-għajnuna mogħtija taħt l-iskema notifikata hija kkalkolata abbażi tal-kostijiet tal-pagi, spjega kif tiġi implimentata d-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-impjiegi jinħolqu fi żmien 3 snin mit-tlestija tal-investiment, u li kull impjieg maħluq permezz tal-investiment ikkonċernat għandu jinżamm fiż-żona għal perjodu ta' 5 snin (3 snin għall-SMEs) mid-data minn meta l-post ikun imtela' l-ewwel darba (il-paragrafu 36 tal-RAG). Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali.

……

3.1.7. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali fejn huwa stipulat li r-riċevituri jridu jipprovdu kontribuzzjoni ta' mill-anqas 25 % tal-kostijiet eliġibbli, mir-riżorsi tagħhom stess jew permezz ta' finanzjament estern, f'forma li hija eżenti minn kwalunkwe appoġġ finanzjarju pubbliku ([57]). (il-paragrafu 48 tal-RAG)

……

3.1.8. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li turi li l-iskema għandha tirrispetta l-limiti tal-mappa tal-għajnuna reġjonali applikabbli fi żmien l-għoti tal-għajnuna (il-paragrafu 88 tal-RAG). Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-mappa tal-għajnuna reġjonali kkonċernata.

……

3.2. **Effett ta' inċentiv tal-iskema**

3.2.1. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jistipulaw li kwalunkwe applikazzjoni għall-għajnuna trid tiġi ppreżentata qabel ma jinbeda x-xogħol fuq il-proġett ta' investiment ikkonċernat (il-paragrafu 62 tal-RAG).

……

3.2.2. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jistipulaw li dawk li japplikaw għal għajnuna taħt l-iskema notifikata se jkunu obbligati jippreżentaw formola ta' applikazzjoni standard provduta mill-awtorità tal-għoti ta' għajnuna, li fiha jridu jispjegaw x'jiġri f'xenarju kontrofattwali jekk ma jirċevux l-għajnuna u jindikaw liema mix-xenarji (*xenarju 1* – deċiżjoni ta' investiment jew *xenarju 2* – deċiżjoni dwar il-post) japplika (il-paragrafu 64 u l-paragrafu 59 tal-RAG). Jekk din il-formola ta' applikazzjoni tkun differenti mill-eżempju mogħti fl-Anness VII tal-RAG, ipprovdi kopja ta' din il-formola.

……

3.2.3. Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jistipulaw li intrapriżi kbar li japplikaw għall-għajnuna taħt l-iskema notifikata huma rikjesti jipprovdu evidenza dokumentarja sabiex tissostanzja x-xenarju kontrofattwali deskritt. (il-paragrafu 65 tal-RAG). Spjega wkoll x'tip ta' dokumenti se jkunu meħtieġa.

……

([57]) Din il-mistoqsija ma tapplikax għal self sussidjat, self pubbliku ta' kapital ta' ekwità jew parteċipazzjonijiet pubbliċi li ma jissodisfawx il-prinċipju ta' investitur tas-suq, garanziji mill-Istat li fihom elementi ta' għajnuna, jew appoġġ pubbliku mogħti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regola *de minimis*.

3.2.4. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jistipulaw li meta tivvaluta applikazzjonijiet għal għajnuna individwali, l-awtorità tal-għoti hija obbligata twettaq verifika tal-kredibbiltà tax-xenarju kontrofattwali pprovdut u tivverifika li l-għajnuna reġjonali għandha l-effett ta' inċentiv meħtieġ li jikkorrispondi għax-*xenarju 1* jew għax-*xenarju 2* ([58]) (il-paragrafu 66 tal-RAG).

……

3.3. **Adegwatezza tal-iskema**

3.3.1. Spjega għaliex l-għajnuna reġjonali hija strument xieraq li jgħin fl-iżvilupp taż-żona ([59]) (il-paragrafu 80 tal-RAG):

……

3.3.2. Meta l-iskema tkun speċifika għas-settur, uri l-vantaġġi ta' dan l-istrument meta mqabbel ma' skema multisettorjali jew ma' għażliet ta' politika oħrajn (il-paragrafu 81 tal-RAG):

……

3.3.3. Speċifika jekk l-għajnuna individwali taħt l-iskema notifikata hijiex se tingħata:

☐ Awtomatikament, jekk il-kundizzjonijiet tal-iskema jiġu ssodisfati jew

☐ Fuq bażi diskrezzjonali, wara deċiżjoni tal-awtoritajiet

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

Jekk għajnuna għandha tingħata fuq bażi diskrezzjonali, ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-kriterji użati u ehmeż kopja tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-awtorità tal-għoti applikabbli għall-għoti tal-għajnuna:

……

3.3.4. Jekk l-għajnuna mill-iskema tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ pekunjarju dirett ([60]), uri għaliex forom oħrajn ta' għajnuna li potenzjalment ifixklu anqas, bħas-self bil-quddiem li jitħallas lura jew forom ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ta' ekwità ([61]) ma humiex adattati (il-paragrafu 85 tal-RAG):

……

3.4. **Effett ta' inċentiv u proporzjonalità tal-iskema**

3.4.1. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jistipulaw li għajnuna individwali mogħtija lil intrapriżi kbar taħt l-iskema notifikata se tkun limitata għall-kostijiet netti żejda marbutin mal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbla max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas ta' għajnuna, bl-użu tal-metodu spjegat fil-paragrafi 96 u 97 tal-RAG (il-paragrafu 95 tal-RAG).

……

([58]) Xenarju kontrofattwali jitqies kredibbli jekk ikun ġenwin u jekk ikun jirrigwarda l-fatturi deċiżjonali prevalenti fiż-żmien li fih il-benefiċjarju jieħu d-deċiżjoni dwar l-investiment.

([59]) Għal dan l-għan tista' ssir referenza, fost l-oħrajn, għal valutazzjonijiet tal-impatt tal-iskema proposta jew evalwazzjonijiet *ex post* ta' skemi simili.

([60]) Pereżempju, għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxi, sigurtà soċjali jew imposti obbligatorji oħrajn, jew il-provvista ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet favorevoli, eċċ.

([61]) Pereżempju, self b'rati tal-imgħax baxxi jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-Istat, ix-xiri ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew injezzjoni alternattiva ta' kapital b'termini favorevoli.

3.5. **Evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ**

3.5.1. Spjega kif id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ ikkawżati mill-iskema ta' għajnuna notifikata se jkunu limitati għall-minimu (il-paragrafu 120 tal-RAG) ([62]):

……

3.5.2. Ipprovdi referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali li jistipulaw li meta tingħata l-għajnuna taħt l-iskema għal proġetti individwali, l-awtorità tal-għoti għandha tivverifika u tikkonferma li l-għajnuna ma tirriżultax f'effetti negattivi evidenti bħall-ħolqien ta' kapaċità żejda f'suq li jkun sejjer lura f'termini assoluti (il-paragrafi 112 sa 115 tal-RAG), f'effetti kontra l-koeżjoni (il-paragrafi 116 u 117 tal-RAG) jew rilokazzjoni (il-paragrafi 118 u 121 tal-RAG).

……

4. TRASPARENZA

4.1. Ikkonferma li t-test sħiħ tad-deċiżjoni għall-għoti ta' għajnuna individwali jew tal-iskema ta' għajnuna approvata u tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, jew il-link għalih, u informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż il-EUR 100 000, se jiġi ppubblikat bl-użu tal-istruttura fl-Anness VIII fuq il-pjattaforma Transparency Award Modul (TAM) tal-Kummissjoni Ewropea, jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell nazzjonali jew reġjonali ([63]), fi żmien 6 xhur mid-data tal-għoti tal-għajnuna, jew, għal għajnuna fil-forma ta' vantaġġi tat-taxxa, fi żmien sena mid-data li fiha tkun dovuta d-dikjarazzjoni tat-taxxa.

☐ Iva

4.2. Ipprovdi referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali li jistipulaw li l-awtorità tal-għoti għandha tippubblika fuq il-pjattaforma Transparency Award Module (TAM) jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell nazzjonali jew reġjonali ([64]), tal-anqas l-informazzjoni li ġejja dwar l-iskemi notifikati ta' għajnuna mill-Istat: it-test tal-iskema ta' għajnuna notifikata u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, l-awtorità tal-għoti, il-benefiċjarji individwali, l-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju u l-intensità tal-għajnuna. (il-paragrafu 136 tal-RAG)

Jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux fis-seħħ, spjega għaliex le. Bl-istess mod, jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux inklużi fil-bażi legali għall-iskema notifikata, iżda jkunu jinsabu f'dokumenti leġiżlattivi oħrajn, indika dan.

……

Ipprovdi referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali li jistipulaw li l-informazzjoni msemmija hawn fuq se tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali mingħajr restrizzjonijiet għal mill-anqas 10 snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna. (il-paragrafu 140 tal-RAG)

……

5. EVALWAZZJONI, RAPPORTAR U MONITORAĠĠ

5.1. **Evalwazzjoni**

5.1.1. Indika n-numru SA tal-iskemi kollha ta' għajnuna mill-Istat preċedenti u li għadhom għaddejjin li għandhom objettiv u żona ġeografika simili. (il-paragrafu 144 tal-RAG)

……

([62]) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-effetti negattivi potenzjali, l-Istat Membru jista' jippreżenta kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt li tkun għad-dispożizzjoni tiegħu kif ukoll evalwazzjonijiet *ex post* li jkunu saru għal skemi simili preċedenti.

([63]) Kif definit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

([64]) Kif definit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

Xi waħda mill-iskemi ta' għajnuna mill-Istat elenkati hawn fuq ġiet evalwata *ex post*? (il-paragrafu 144 tal-RAG)

☐ Iva

☐ Le

Jekk iva, ipprovdi sommarju qasir tar-riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni(jiet) *ex post* (fejn rilevanti, b'referenza u b'link).

……

Iddeskrivi kif ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet tqiesu fit-tfassil tal-iskema l-ġdida.

……

5.1.2. Indika jekk il-baġit tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema jaqbiżx il-EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari (il-paragrafu 143 tal-RAG):

☐ Iva

☐ Le

Indika jekk il-baġit tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema jaqbiżx is-EUR 750 miljun tul il-perjodu kollu tal-iskema (jiġifieri t-tul tal-perjodu kkombinat tal-iskema u kwalunkwe skema ta' qabel li jkopru objettiv u żona ġeografika simili, mill-1 ta' Jannar 2022):

☐ Iva

☐ Le

5.1.3. Indika jekk l-iskema hijiex (il-paragrafu 143 tal-RAG):

Skema li tinkludi karatteristiċi ġodda?

☐ Iva

☐ Le

Skema fejn jista' jiġi previst tibdil sinifikanti tas-suq, tat-teknoloġija jew regolatorju?

☐ Iva

☐ Le

Skema li għaliha hi prevista evalwazzjoni anke jekk il-kriterji ta' hawn fuq f'5.1.2. u 5.1.3. ma japplikawx?

☐ Iva

☐ Le

Jekk it-tweġiba hija "Le" għall-mistoqsija 5.1.1. u "Iva" għal xi waħda mill-mistoqsijiet f'5.1.2 jew 5.1.3, l-iskema għandha titqies għal evalwazzjoni *ex post* (il-paragrafu 143 tal-RAG). Jekk dan ikun il-każ, wieġeb "Iva" għall-mistoqsija rilevanti fil-formola ta' notifika ġenerali, indika l-perjodu tal-evalwazzjoni, u nnotifika l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni fl-Anness I - Parti III.8 ([65]).

5.2. **Rapportar u Monitoraġġ**

5.2.1. Ikkonferma li se:

— tippreżenta rapporti annwali lill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/1589 u r-Regolament (KE) Nru 794/2004; u

☐ Iva

([65]) Għal gwida ara d-dokument ta' gwida metodoloġika għal evalwazzjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat: https://competition-policy.ec.europa.eu/system/files/2021-04/modernisation_evaluation_methodology_en.pdf. Il-pjan ta' evalwazzjoni (Anness I – Parti III.8) għandu jiġi ppreżentat billi tintuża l-formola disponibbli fuq: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en.

— jinżammu rekords dettaljati għal mill-anqas 10 snin mid-data tal-għoti ta' kwalunkwe għajnuna taħt l-iskema li jkun fihom l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà huma ssodisfati, u li dawn ir-rekords jiġu pprovduti lill-Kummissjoni meta jintalbu.

☐ Iva

PARTI III.1.C

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR SKEMI TA' GĦAJNUNA OPERATORJA REĠJONALI

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari ma hijiex obbligatorja. Madankollu, huwa rrakkomandat li din timtela, flimkien mal-formola "Informazzjoni ġenerali", għan-notifika ta' kwalunkwe skema ta' għajnuna operatorja koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022 ("RAG") ([66]).

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. **Speċifika x'tip ta' għajnuna operatorja l-awtoritajiet tiegħek jixtiequ jagħtu:**

☐ Għajnuna operatorja biex jonqsu ċerti diffikultajiet speċifiċi li jiffaċċjaw l-SMEs fiż-żoni "a"

☐ Għajnuna operatorja biex tikkumpensa kostijiet addizzjonali speċifiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi

☐ Għajnuna operatorja biex tiġi evitata jew titnaqqas id-depopolazzjoni f'żoni skarsament popolati jew żoni skarsament popolati bil-kbir

☐ Oħrajn. Speċifika:

.....

1.2. Ikkonferma li l-iskema ta' għajnuna notifikata tipprevedi li l-ebda għajnuna operatorja ma hija se tingħata lil kategoriji ta' kumpaniji u setturi elenkati hawn taħt. F'kull każ, elenka d-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi legali tal-iskema.

Kategoriji ta' kumpaniji u setturi esklużi		Dispożizzjoni rilevanti fil-bażi legali tal-iskema
Ditti f'diffikultà ([1])		
Is-settur tal-azzar ([2])	☐ Iva	
Is-settur tal-linjite ([3])	☐ Iva	
Is-settur tal-faħam ([4])	☐ Iva	
Sajd u akkwakultura ([5])	☐ Iva	
Agrikoltura ([6])	☐ Iva	
L-ipproċessar u/jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat fi prodotti elenkati fl-Anness I ([7])	☐ Iva	
Trasport ([8])	☐ Iva	
Broadband ([9])	☐ Iva	
Enerġija ([10])	☐ Iva	
It-Taqsima K "Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni" tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2	☐ Iva	

([66]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat (ĠU C 153, 29.4.2021, p. 1).

Kategoriji ta' kumpaniji u setturi eskluż		Dispożizzjoni rilevanti fil-bażi legali tal-iskema
70.10 "Attivitajiet ta' uffiċċji prinċipali" u 70.22 "Attivitajiet ta' negozju u ta' konsulenza maniġerjali oħra"	☐ Iva	

([1]) Kif definit fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).
([2]) Kif definit fl-Anness VI tal-RAG.
([3]) "Linjite" tfisser linjite ta' grad baxx C jew ortolinjite u linjite ta' grad baxx B jew metalinjite kif definit mis-sistema ta' kodifikazzjoni internazzjonali għall-faħam stabbilita mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.
([4]) "Faħam" tfisser faħam ta' grad għoli, ta' grad medju u ta' grad baxx tal-kategorija A u B kif definit mis-sistema ta' kodifikazzjoni internazzjonali għall-faħam stabbilita mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, u kif iċċarat fid-deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar Għajnuna mill-Istat biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 24).
([5]) Kif kopert mir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).
([6]) L-għajnuna mill-Istat għall-produzzjoni primarja, għall-ipproċessar u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli li jirriżultaw fil-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat u għall-forestrija hija soġġetta għal regoli stabbiliti fil-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura (ĠU C 204, 1.7.2014, p. 1).
([7]) Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali japplikaw għal skemi ta' għajnuna li jappoġġaw attivitajiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat iżda li huma kofinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), jew li qegħdin jingħataw bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal dawn il-miżuri kofinanzjati, sakemm ir-regoli settorjali ma jipprevedux mod ieħor.
([8]) Trasport tfisser it-trasport ta' passiġġieri permezz ta' inġenji tal-ajru, it-trasport marittimu, bit-triq, bil-ferrovija u permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni jew servizzi ta' trasport ta' merkanzija b'kiri jew b'kumpens. L-infrastruttura tat-trasport koperta minn linji gwida speċifiċi, bħall-ajruporti, ukoll hija eskluża minn dawn il-Linji Gwida (ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3)).
([9]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għan-networks tal-broadband 2023/C 36/01 (ĠU C 36, 31.1.2023, p. 1).
([10]) Il-Kummissjoni se tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat għas-settur tal-enerġija abbażi tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2022 (ĠU C 80, 18.2.2022, p. 1).

2. ELEMENTI BAŻIĊI TAL-ISKEMA

2.1. **Ipprovdi deskrizzjoni tal-elementi ewlenin tal-iskema u l-objettivi tagħha:**

……

2.2. **Indika liema tipi ta' għajnuna huma permessi taħt l-iskema:**

☐ Għotjiet. Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

☐ Self. Indika kif l-ekwivalent tal-għotja se jiġi kkalkolat u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

☐ Garanziji. Indika kif l-ekwivalent tal-għotja se jiġi kkalkolat u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

☐ Benefiċċji fuq it-taxxa. Speċifika liema tip ta' miżuri u indika kif l-ekwivalent tal-għotja se jiġi kkalkolat. Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

☐ Oħrajn. Speċifika u indika kif l-ekwivalent tal-għotja se jiġi kkalkolat. Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali:

……

2.3. **Speċifika jekk l-għajnuna individwali taħt l-iskema notifikata hijiex se tingħata:**

☐ Awtomatikament, jekk il-kundizzjonijiet tal-iskema jiġu ssodisfati.

☐ Fuq bażi diskrezzjonali, wara deċiżjoni tal-awtoritajiet.

Jekk l-għajnuna tingħata fuq bażi ta' każ b'każ, ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-kriterji li ġew segwiti u ehmeż kopja tad-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli għall-għoti tal-għajnuna:

……

2.4. Speċifika jekk l-iskema ta' għajnuna hijiex se tiġi kofinanzjata minn kwalunkwe wieħed mill-Fondi tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni kondiviża (il-"Fondi"). Jekk iva, spjega taħt liema programm se jinkiseb dan il-finanzjament. Indika wkoll l-ammont ta' finanzjament mill-Fondi li se jkun involut.

……

3. KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA

3.1. **Kontribut għall-iżvilupp reġjonali u l-effett ta' inċentiv:**

Għal għajnuna li tnaqqas ċerti diffikultajiet speċifiċi li jiffaċċjaw l-SMEs [67] ***fiż-żoni "a":***

3.1.1. Elenka d-diffikultajiet speċifiċi li jiffaċċjaw l-SMEs fir-reġjun ikkonċernat li għandhom jiġu indirizzati mill-iskema (il-paragrafu 54 tal-RAG) u uri l-eżistenza u l-grad ta' dawn id-diffikultajiet (il-paragrafu 55 tal-RAG).

……

3.1.2. Spjega għaliex id-diffikultajiet ma jistgħux jingħelbu mill-għajnuna għall-investiment u għalhekk hija meħtieġa l-iskema ta' għajnuna operatorja notifikata (il-paragrafu 55 tal-RAG):

……

Għal għajnuna li tikkumpensa ċerti kostijiet addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi:

3.1.3. Identifika l-kostijiet addizzjonali speċifiċi [68] li se jiġu kkumpensati taħt l-iskema u uri kif dawk il-kostijiet huma marbutin mal-iżvantaġġi permanenti stabbiliti fl-Artikolu 349 tat-Trattat (il-paragrafu 56 tal-RAG):

……

Għal għajnuna biex titnaqqas id-depopolazzjoni f'żoni skarsament popolati jew żoni skarsament popolati bil-kbir:

3.1.4. Uri r-riskju ta' depopolazzjoni taż-żona rilevanti fin-nuqqas ta' għajnuna operatorja (il-paragrafu 57 tal-RAG):

……

3.2. **Adegwatezza tal-iskema**

3.2.1. Indika għaliex tqis li l-għajnuna proposta hija xierqa sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-iskema. Spjega b'mod partikolari għaliex strumenti oħrajn ta' politika li jfixklu anqas u tipi oħrajn ta' għajnuna li jfixklu anqas ma humiex xierqa sabiex jinkiseb l-istess kontribut pożittiv għall-iżvilupp reġjonali (il-paragrafi 78, 84 u 85 tal-RAG):

……

(67) "SMEs" tfisser intrapriżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

(68) F'dan ir-rigward kun af li l-għajnuna operatorja biex tikkumpensa għal kostijiet addizzjonali tat-trasport ta' oġġetti li ġew prodotti f'żoni eliġibbli għall-għajnuna operatorja tista' tingħata biss f'konformità mar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ("GBER") fis-seħħ fil-mument tal-għotja.

3.3. **Proporzjonalità tal-iskema**

Għat-tipi kollha ta' għajnuna operatorja:

3.3.1. Iddetermina l-kostijiet eliġibbli li huma kompletament attribwibbli għall-problemi li l-għajnuna għandha l-għan li tindirizza (il-paragrafu 102 tal-RAG):

……

3.3.2. Ikkonferma li l-imposti tad-deprezzament u l-kostijiet tal-finanzjament inklużi fil-kostijiet eliġibbli rilevanti għal għajnuna għall-investiment reġjonali mhux se jiġu inklużi fil-kostijiet eliġibbli għal għajnuna operatorja (il-paragrafu 19(22) tal-RAG), u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

3.3.3. Iddeskrivi l-mudell ta' kumpens (il-paragrafu 84 tal-RAG) li se jiġi adottat u kif dan il-mudell se jippermetti l-kalkolu xieraq tal-ammont ta' għajnuna, filwaqt li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda kumpens żejjed, kif definit fil-paragrafu 102 tal-RAG:

……

3.3.4. Indika jekk għajnuna operatorja hijiex mogħtija wkoll permezz ta' skemi oħrajn ta' għajnuna operatorja fir-reġjun, billi ssemmi r-referenza rilevanti tal-għajnuna mill-Istat ta' dawk l-iskemi:

……

F'każ li skemi oħrajn ta' għajnuna operatorja huma applikabbli fl-istess reġjun, spjega kif jiġi assigurat li għajnuna operatorja mogħtija skont skemi differenti ta' għajnuna operatorja ma twassalx għal kumpens żejjed:

……

Għal għajnuna operatorja f'żoni ultraperiferiċi biss:

3.3.5. Uri li l-kostijiet addizzjonali li għandhom jiġu kkumpensati skont l-iskema notifikata se jiġu kkwantifikati b'rabta mal-livell tal-kostijiet imġarrbin minn impriżi simili stabbiliti f'reġjuni oħrajn tal-Istat Membru kkonċernat (il-paragrafu 38 tal-RAG):

……

Għal għajnuna operatorja sabiex jitnaqqsu ċerti diffikultajiet speċifiċi li jiffaċċjaw l-SMEs f'żoni "a" biss:

3.3.6. Spjega kif il-livell ta' għajnuna se jitnaqqas progressivament tul il-perjodu tal-iskema (il-paragrafu 103 tal-RAG) u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

3.4. **Evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ**

Spjega għaliex ma huwiex probabbli li l-għajnuna mogħtija taħt l-iskema se toħloq tfixkil sinifikanti ħafna fil-kompetizzjoni fis-suq (il-paragrafu 135 tal-RAG):

……

4. TRASPARENZA

4.1. Ikkonferma li t-test sħiħ tad-deċiżjoni għall-għoti ta' għajnuna individwali jew tal-iskema ta' għajnuna approvata u tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, jew il-link għalih u informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż il-EUR 100 000, se jiġi ppubblikat bl-użu tal-istruttura fl-Anness VIII fuq il-pjattaforma Transparency Award Module (TAM) tal-Kummissjoni Ewropea jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell nazzjonali jew reġjonali ([69]) fi żmien 6 xhur mid-data tal-għoti tal-għajnuna, jew, għal għajnuna fil-forma ta' vantaġġi tat-taxxa, fi żmien sena mid-data li fiha tkun dovuta d-dikjarazzjoni tat-taxxa.

☐ Iva

4.2. Ipprovdi referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali li jistipulaw li l-awtorità tal-għoti għandha tippubblika fuq il-pjattaforma Transparency Award Module (TAM) jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell nazzjonali jew reġjonali ([70]), tal-anqas l-informazzjoni li ġejja dwar l-iskemi notifikati ta' għajnuna mill-Istat: it-test tal-iskema ta' għajnuna notifikata u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, l-awtorità tal-għoti, il-benefiċjarji individwali, l-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju u l-intensità tal-għajnuna. (il-paragrafu 136 tal-RAG)

Jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux fis-seħħ, spjega għaliex le. Bl-istess mod, jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux inklużi fil-bażi legali għall-iskema notifikata, iżda jkunu jinsabu f'dokumenti leġiżlattivi oħrajn, indika dan.

……

Ipprovdi referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali li jistipulaw li l-informazzjoni msemmija hawn fuq se tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali mingħajr restrizzjonijiet għal mill-anqas 10 snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna. (il-paragrafu 140 tal-RAG)

……

5. EVALWAZZJONI, RAPPORTAR U MONITORAĠĠ

5.1. **Evalwazzjoni**

5.1.1. Indika n-numru SA tal-iskemi kollha ta' għajnuna mill-Istat preċedenti u li għadhom għaddejjin li għandhom objettiv u żona ġeografika simili. (il-paragrafu 144 tal-RAG)

……

Xi waħda mill-iskemi ta' għajnuna mill-Istat elenkati hawn fuq ġiet evalwata *ex post*? (il-paragrafu 144 tal-RAG)

☐ Iva

☐ Le

Jekk iva, ipprovdi sommarju qasir tar-riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni(jiet) *ex post* (fejn rilevanti, b'referenza u b'link).

……

Iddeskrivi kif ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet tqiesu fit-tfassil tal-iskema l-ġdida.

……

5.1.2. Indika jekk il-baġit tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema jaqbiżx il-EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari (il-paragrafu 143 tal-RAG):

☐ Iva

☐ Le

([69]) Kif definit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

([70]) Kif definit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

Indika jekk il-baġit tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema jaqbiżx is-EUR 750 miljun tul il-perjodu kollu tal-iskema (jiġifieri t-tul tal-perjodu kkombinat tal-iskema u kwalunkwe skema ta' qabel li jkopru objettiv u żona ġeografika simili, mill-1 ta' Jannar 2022):

☐ Iva

☐ Le

5.1.3. Indika jekk l-iskema hijiex (il-paragrafu 143 tal-RAG):

Skema li tinkludi karatteristiċi ġodda?

☐ Iva

☐ Le

Skema fejn jista' jiġi previst tibdil sinifikanti tas-suq, tat-teknoloġija jew regolatorju?

☐ Iva

☐ Le

Skema li għaliha hi prevista evalwazzjoni anke jekk il-kriterji ta' hawn fuq f'5.1.2. u 5.1.3. ma japplikawx?

☐ Iva

☐ Le

Jekk it-tweġiba hija "Le" għall-mistoqsija 5.1.1. u "Iva" għal xi waħda mill-mistoqsijiet f'5.1.2 jew 5.1.3, l-iskema għandha titqies għal evalwazzjoni *ex post* (il-paragrafu 143 tal-RAG). Jekk dan ikun il-każ, wieġeb "Iva" għall-mistoqsija rilevanti fil-formola ta' notifika ġenerali, indika l-perjodu tal-evalwazzjoni, u nnotifika l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni fl-Anness I – Parti III.8 ([71]).

5.2. **Rapportar u Monitoraġġ**

Ikkonferma:

li skont ir-Regolament (UE) 2015/1589 u r-Regolament (KE) Nru 794/2004, ir-rapporti annwali se jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.

☐ Iva

li se jinżammu rekords dettaljati għal mill-anqas 10 snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna, li jkun fihom l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà huma ssodisfati, u li dawn ir-rekords se jingħataw lill-Kummissjoni meta jintalbu.

☐ Iva"

(b) Il-Parti III.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI III.2

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI GĦALL-GĦAJNUNA GĦAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP U L-INNOVAZZJNI

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna (skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali) koperta mill-Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni ("il-Qafas tar-RŻI") ([72]).

F'każ li jkun hemm bosta benefiċjarji involuti f'miżura ta' għajnuna, għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti għal kull wieħed minnhom.

([71]) Għal gwida ara d-dokument ta' gwida metodoloġika għal evalwazzjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat: https://competition-policy.ec.europa.eu/system/files/2021-04/modernisation_evaluation_methodology_en.pdf. Il-pjan ta' evalwazzjoni (Anness I – Parti III.8) għandu jiġi ppreżentat billi tintuża l-formola disponibbli fuq: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en.

([72]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni 2022/C 414/01 (ĠU C 414, 28.10.2022 p. 1).

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi għal din il-formola ta' informazzjoni supplimentari għandhom jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti għandhom jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din il-formola ta' informazzjoni supplimentari. Indika b'mod ċar (il-paragrafi, il-paġni, b'mod viżiv) fejn tista' tinstab l-informazzjoni rilevanti f'dawn l-annessi.

1. IL-KARATTERSITIĊI TAL-MIŻURA TA' GĦAJNUNA NOTIFIKATA

1.1. **Skemi ta' għajnuna**

1. Raġunijiet għan-notifika tal-iskema:

☐ l-iskema tinkludi għajnuna li mhijiex trasparenti fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) No 651/2014 ([73]);

☐ raġunijiet oħra.

Speċifika:

……

2. Iċċara l-kamp ta' applikazzjoni settorjali tal-iskema notifikata.

……

3. Ikkonferma li kwalunkwe għajnuna mogħtija skont l-iskema notifikata se tiġi nnotifikata individwalment jekk taqbeż il-limiti applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014.

☐ iva ☐ le

1.2. **Għajnuna individwali**

1. Identifika l-benefiċjarju tal-għajnuna: l-isem ġuridiku sħiħ tiegħu, is-sede u n-numru ta' identifikazzjoni legali tiegħu, il-post, l-ambitu tal-attività, id-daqs tal-impriża (żgħira, medja, kbira). Ipprovdi evidenza ta' sostenn għal dan.

……

2. Meta l-għajnuna tkun ibbażata fuq skema approvata mill-Kummissjoni jew skema implimentata skont ir-Regolament (UE) Nru 651/2014, ipprovdi informazzjoni dwar dik l-iskema, inkluża r-referenza tal-pubblikazzjoni tagħha (il-link tal-internet) u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-għajnuna mill-Istat.

……

3. Jekk applikabbli, ipprovdi r-rata tal-kambju, indika s-sors u d-data, li ntużaw għall-finijiet tan-notifika.

……

1.3. **Informazzjoni ġenerali**

1. Identifika t-tip ta' miżura ta' għajnuna u sabiex turi l-konformità mal-punt 13 tal-Qafas tar-RŻI, speċifika kif din tissodisfa l-kundizzjonijiet applikabbli:

☐ għajnuna għal proġetti tar-R&Ż (il-punt 13(a))

……

☐ għajnuna għal studji tal-fattibbiltà (il-punt 13(b))

……

☐ għajnuna għall-kostruzzjoni u t-titjib tal-infrastrutturi tar-riċerka (il-punt 13(c))

……

☐ għajnuna għall-kostruzzjoni u t-titjib tal-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni (il-punt 13(d))

……

([73]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj).

☐ għajnuna għal attivitajiet ta' innovazzjoni għall-SMEs (il-punt 13(e))

……

☐ għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni (il-punt 13(f))

……

☐ għajnuna għar-raggruppamenti tal-innovazzjoni (il-punt 13(g))

……

2. Il-miżura notifikata tinvolvi finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħra tal-Unjoni li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri (li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat)?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika s-sors ta' finanzjament u l-ammont:

……

3. Il-miżura notifikata tinvolvi impriżi f'diffikultà, kif definiti mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ([74]) (ara l-punt 11 tal-Qafas tar-RŻI)?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……

4. Il-miżura notifikata tinvolvi impriżi li huma soġġetti għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti li tiddikjara għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern (ara l-punt 12 tal-Qafas tar-RŻI)?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika u indika l-ammonti li għad iridu jiġu rkuprati:

……

5. Il-miżura notifikata tinvolvi organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-tixrid tal-għarfien ("organizzazzjonijiet tar-riċerka") jew infrastrutturi tar-riċerka, kif definiti fil-punti 16(ff) u (gg) tal-Qafas tar-RŻI?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……

6. Il-miżura notifikata tinvolvi infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni, kif definit fil-punt 16(ll) tal-Qafas tar-RŻI?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……

7. Il-miżura notifikata tinvolvi raggruppamenti tal-innovazzjoni, kif definiti fil-punt 16(t) tal-Qafas tar-RŻI?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……

8. Il-miżura notifikata tinvolvi akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp?

☐ iva ☐ le

([74]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà, (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

Jekk iva, speċifika:

……

9. L-għajnuna mill-Istat mogħtija skont il-miżura notifikata tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna oħra mill-Istat?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……

10. Jekk applikabbli għall-miżura kkonċernata, immarka l-kaxxa rilevanti ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-benefiċjarji jikkonformaw mad-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ([75]) u, għal għajnuna individwali, ehmeż man-notifika l-evidenza rilevanti.

☐ iva ☐ le

……

2. ORGANIZZAZZJONIJIET TAR-RIĊERKA U TIXRID TAL-GĦARFIEN U INFRASTRUTTURI TAR-RIĊERKA BĦALA DESTINATARJI TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT

1. L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka, ikkonċernati mill-miżura ta' għajnuna notifikata, iwettqu xi attività ekonomika li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti jew servizzi f'suq partikolari?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi dettalji dwar l-attività ekonomika inkwistjoni.

……

Barra minn hekk, inkludi informazzjoni dwar il-kapaċità annwali tal-entità rilevanti (jiġifieri entità bħal laboratorju jew dipartiment bl-istruttura organizzattiva, il-kapital, il-materjal u l-forza tax-xogħol li effettivament għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex twettaq waħedha l-attività kkonċernata, li fil-livell tagħha l-valutazzjoni jeħtieġ li titwettaq f'konformità mal-punt 21 tal-Qafas tar-RŻI), involuta f'tali attività(jiet) ekonomika/ekonomiċi u s-sehem ta' din il-kapaċità annwali involuta f'attivitajiet ekonomiċi għal dawn l-aħħar 5 snin.

……

2. Jekk l-istess entità twettaq attivitajiet kemm ta' natura ekonomika kif ukoll mhux ekonomika ([76]), dawn iż-żewġ tipi ta' attivitajiet u l-kostijiet, il-finanzjament u d-dħul tagħhom jistgħu jiġu separati b'mod ċar?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……

3. Jekk l-istess entità twettaq attivitajiet kemm ta' natura ekonomika kif ukoll mhux ekonomika, l-ammont ta' finanzjament pubbliku allokat lilha, matul perjodu kontabilistiku speċifiku, huwa limitat għall-kostijiet ta' attivitajiet mhux ekonomiċi mġarrba fl-istess perjodu ([77])?

☐ iva ☐ le

([75]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj.

([76]) Irreferi għall-punt 20 tal-Qafas tar-RŻI li jipprovdi gwida fejn l-attivitajiet huma ġeneralment ta' karattru mhux ekonomiku, bħal ċerti attivitajiet primarji ta' organizzazzjonijiet tar-riċerka u infrastruttura tar-riċerka u ċerti attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet definiti fih.

([77]) Innota li l-Kummissjoni se tikkunsidra bħala appoġġ għal attività ekonomika li taqa' taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fejn organizzazzjoni ta' riċerka jew infrastruttura tar-riċerka tkun iffinanzjata kemm pubblikament kif ukoll privatament u fejn il-finanzjament pubbliku allokat lill-entità rilevanti għal perjodu kontabilistiku speċifiku jaqbeż l-kostijiet ta' attivitajiet mhux ekonomiċi mġarrba f'dak il-perjodu (in-nota 40 f'qiegħ il-paġna tal-Qafas tar-RŻI).

Jekk iva, speċifika:

……

4. Jekk l-istess entità twettaq attivitajiet kemm ta' natura ekonomika kif ukoll mhux ekonomika, l-użu ekonomiku jibqa' purament anċillari, jiġifieri jikkorrispondi għal attività li hija meħtieġa u direttament marbuta mal-operat tal-organizzazzjoni ta' riċerka jew l-infrastruttura tar-riċerka jew intrinsikament marbuta mal-użu mhux ekonomiku ewlieni tagħha, u li hija limitata fil-kamp ta' applikazzjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika u indika s-sehem tal-kapaċità kumplessiva li tintuża jew li hija stmata li tintuża għat-tali attivitajiet ekonomiċi fis-sena:

……

5. Jekk jiġi pprovdut finanzjament pubbliku għal attivitajiet ekonomiċi ta' organizzazzjonijiet tar-riċerka jew infrastrutturi tar-riċerka, jista' jintwera li kemm il-finanzjament pubbliku kif ukoll kwalunkwe vantaġġ miksub permezz tiegħu jiġu mgħoddija kompletament lir-riċevituri finali, pereżempju, permezz ta' prezzijiet imnaqqsa, u li ma jingħata l-ebda vantaġġ ulterjuri lill-organizzazzjoni tar-riċerka jew lill-infrastruttura tar-riċerka li taġixxi biss bħala intermedjarja?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……

3. GĦAJNUNA INDIRETTA MILL-ISTAT LIL IMPRIŻI PERMEZZ TA' ORGANIZZAZZJONIJIET TAR-RIĊERKA U INFRASTRUTTURI TAR-RIĊERKA

3.1. **Riċerka f'isem l-impriżi**

1. L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka, ikkonċernati mill-miżura ta' għajnuna notifikata, iwettqu riċerka kuntrattwali jew jipprovdu servizzi ta' riċerka lil impriżi?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi aktar dettalji:

……

2. Jekk l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jwettqu riċerka kuntrattwali jew jipprovdu servizzi ta' riċerka lil impriżi, jipprovdu t-tali servizzi bi prezz tas-suq?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi aktar dettalji:

……

3. Jekk l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jwettqu riċerka kuntrattwali jew jipprovdu servizzi ta' riċerka lil impriżi u ma jkun hemm l-ebda prezz tas-suq, dawn jipprovdu tali servizzi:

(a) bi prezz li jirrifletti l-kostijiet kollha tas-servizzi u ġeneralment jinkludi marġni stabbilit b'referenza għal dawk applikati komunement minn impriżi attivi fis-settur ikkonċernat, jew

☐ iva ☐ le

(b) li jkunu r-riżultat ta' negozjati b'kundizzjonijiet ta' distakkament (arm's length) ([78]) fejn organizzazzjonijiet tar-riċerka jew infrastrutturi tar-riċerka jinnegozjaw sabiex jiksbu l-benefiċċju ekonomiku massimu fil-mument meta jiġi konkluż il-kuntratt u jkopru mill-inqas il-kostijiet marġinali tagħhom?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi aktar dettalji:

……

4. Jekk applikabbli, is-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ("DPI") jew id-drittijiet ta' aċċess għalihom se jibqgħu f'idejn l-organizzazzjoni tar-riċerka jew l-infrastruttura tar-riċerka?

☐ iva ☐ le

Jekk fl-affermattiv, il-valur tas-suq tagħhom jitnaqqas mill-prezz pagabbli għas-servizzi kkonċernati?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi aktar dettalji:

……

3.2. **Kollaborazzjoni ma' impriżi**

1. L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka, ikkonċernati mill-miżura ta' għajnuna notifikata, jikkollaboraw b'mod effettiv ma' impriżi ([79]) bl-għan li jwettqu proġetti speċifiċi b'mod konġunt?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……

2. Ikkonferma jekk it-termini u l-kundizzjonijiet ta' proġett ta' kollaborazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet għall-kostijiet tiegħu, il-kondiviżjoni tar-riskji u r-riżultati, it-tixrid tar-riżultati, l-aċċess u r-regoli għall-allokazzjoni tad-DPI, humiex konklużi qabel il-bidu tal-proġett (dan ma jinkludix ftehimiet definittivi dwar il-valur tas-suq tad-DPI li jirriżultaw u l-valur tal-kontribuzzjonijiet għall-proġett).

☐ iva ☐ le

Ipprovdi aktar dettalji u ppreżenta l-evidenza rilevanti:

……

3. Jekk l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jikkollaboraw b'mod effettiv ma' impriżi, indika jekk humiex issodisfati xi wħud mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-impriżi parteċipanti jħallsu l-kostijiet kollha tal-proġett(i)

☐ iva ☐ le

(b) ir-riżultati tal-kollaborazzjoni li ma jwasslux għal drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI) jistgħu jitqassmu sew u kull DPI li jirriżulta mill-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew infrastrutturi tar-riċerka jiġu allokati kompletament lilhom

☐ iva ☐ le

([78]) "distakkament (arm's length)" tfisser li l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni bejn il-partijiet kontraenti ma jvarjawx minn dawk li jistgħu jiġu stipulati bejn intrapriżi indipendenti u ma fihom l-ebda element ta' kollużjoni. Kwalunkwe tranżazzjoni li tirriżulta minn proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja titqies li tissodisfa dan il-prinċipju (il-punt 16(f) tal-Qafas tar-RŻI)

([79]) F'konformità mal-punt 28 tal-Qafas tar-RŻI, proġett jitqies li jitwettaq permezz ta' kollaborazzjoni effettiva fejn mill-inqas żewġ partijiet indipendenti jsegwu objettiv komuni bbażat fuq id-diviżjoni tax-xogħol u jiddefinixxu b'mod konġunt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, jipparteċipaw fit-tfassil tiegħu, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tiegħu u jikkondividu r-riskji finanzjarji, teknoloġiċi, xjentifiċi u oħrajn tiegħu, kif ukoll ir-riżultati tiegħu.

(c) kull DPI li jirriżulta mill-proġett, kif ukoll id-drittijiet ta' aċċess relatati jiġu allokati lis-sħab ta' kollaborazzjoni differenti b'mod li jirrifletti kif xieraq il-pakketti ta' ħidma, il-kontribuzzjonijiet u l-interessi rispettivi tagħhom

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba għal xi waħda mill-mistoqsijiet ta' hawn fuq hija iva, ipprovdi d-dettalji (u ppreżenta l-evidenza rilevanti).

……

4. Jekk l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jikkollaboraw b'mod effettiv mal-impriżi u l-ebda waħda mit-tweġibiet għall-mistoqsija (3) ma hija iva, indika jekk ġietx issodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jirċievu kumpens għad-DPI li jirriżultaw mill-attivitajiet tagħhom u li jiġu assenjati lill-impriżi parteċipanti, jew li għalihom l-impriżi parteċipanti jiġu allokati drittijiet ta' aċċess. L-ammont tal-kumpens ikun ġie stabbilit permezz ta' proċedura ta' bejgħ miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja u kompetittiva.

☐ iva ☐ le

(b) L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jirċievu kumpens, għad-DPI li jirriżultaw mill-attivitajiet tagħhom u jiġu assenjati lill-impriżi parteċipanti, jew li għalihom l-impriżi parteċipanti jiġu allokati drittijiet ta' aċċess. L-ammont tal-kumpens huwa kkonfermat li huwa mill-inqas ugwali għall-prezz tas-suq minn valutazzjoni esperta indipendenti.

☐ iva ☐ le

(c) L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jistgħu juru li effettivament innegozjaw il-kumpens (għad-DPI li jirriżultaw mill-attivitajiet tagħhom u li huma assenjati lill-impriżi parteċipanti, jew li għalihom l-impriżi parteċipanti huma allokati drittijiet ta' aċċess), b'kundizzjonijiet ta' distakkament (arm's length) ([80]), sabiex jinkiseb il-benefiċċju ekonomiku massimu fil-mument meta jiġi konkluż il-kuntratt.

☐ iva ☐ le

(d) Fejn il-ftehim ta' kollaborazzjoni jipprovdi lill-impriżi li qed jikkollaboraw bi dritt tal-ewwel rifjut, fir-rigward tal-DPI ġġenerati minn organizzazzjonijiet tar-riċerka jew infrastrutturi tar-riċerka, dawn tal-aħħar jeżerċitaw dritt reċiproku li jitolbu offerti aktar ekonomikament vantaġġużi minn partijiet terzi sabiex l-impriżi li jikkollaboraw ikollhom ilaħħqu mal-offerta tagħhom kif xieraq.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji u ppreżenta l-evidenza rilevanti:

……

4. AKKWIST PUBBLIKU TA' SERVIZZI TA' RIĊERKA U ŻVILUPP

1. Jekk il-miżura notifikata tinvolvi akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp mingħand l-impriżi, il-forniturijintgħażlu permezz ta' proċedura ta' offerta miftuħa mwettqa skont id-direttivi applikabbli ([81])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……

([80]) Ara d-definizzjoni dwar id-"distakkament" ("arm's length") skont il-punt 16(f) tal-Qafas tar-RŻI.

([81]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj), u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243 ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/25/oj).

2. Għal każijiet fejn ma tkunx twettqet proċedura miftuħa ta' sejħa għall-offerti għall-akkwist pubbliku f'konformità mad-direttivi applikabbli, u fejn il-miżura notifikata tinvolvi x-xiri pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp minn impriżi, inkluż l-akkwist prekummerċjali, indika jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin humiex issodisfati:

(a) il-proċedura tal-għażla tkun miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, u tkun ibbażata fuq għażla oġġettiva u kriterji tal-għoti speċifikati qabel il-proċedura tal-offerti.

☐ iva ☐ le

Jekk le, ipprovdi dettalji li jindikaw jekk ġietx segwita proċedura kompetittiva, trasparenti u mhux diskriminatorja f'konformità mad-direttivi applikabbli (pereżempju, proċedura kompetittiva b'negozjati, sħubija għall-innovazzjoni, jew djalogu kompetittiv).

.....

(b) l-arranġamenti kuntrattwali previsti li jiddeskrivu d-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet, inkluż fir-rigward tad-DPI, ikunu disponibbli għall-offerenti interessati kollha qabel il-proċedura tal-offerti.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi dettalji:

.....

(c) l-akkwist ma jagħti l-ebda trattament preferenzjali lill-forituri parteċipanti fil-provvista ta' volumi kummerċjali tal-prodotti jew tas-servizzi finali lil xerrej pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat ([82]), u tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin (indika billi timmarka l-kaxxa rilevanti ta' hawn taħt).

— ir-riżultati kollha li ma jwasslux għal DPI jistgħu jitqassmu b'mod ġenerali b'tali mod li impriżi oħrajn ikunu jistgħu jirriproduċuhom, u kull DPI jiġi allokat bis-sħiħ lix-xerrej pubbliku, jew

☐ iva ☐ le

— kull fornitur tas-servizzi li lilu jiġu allokati riżultati li jwasslu għal DPI huwa meħtieġ jagħti lix-xerrej pubbliku aċċess illimitat għal dawk ir-riżultati mingħajr ħlas, u jagħti aċċess lil partijiet terzi skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi dettalji:

.....

5. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA TA' GĦAJNUNA NOTIFIKATA

5.1. **Għajnuna għal proġetti tar-R&Ż**

1. Indika liema stadji tar-R&Ż huma appoġġati skont il-miżura notifikata:

☐ riċerka fundamentali kif definita fil-punt 16(n) tal-Qafas tar-RŻI

☐ riċerka industrijali, kif definita fil-punt 16(r) tal-Qafas tar-RŻI

☐ żvilupp sperimentali, kif definit fil-punt 16(k) tal-Qafas tar-RŻI

([82]) Mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li jkopru kemm l-iżvilupp kif ukoll l-akkwist sussegwenti ta' prodotti jew servizzi uniċi jew speċjalizzati.

2. Għall-għajnuna individwali, ipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-kontenut tal-proġett tar-R&Ż, inkluż dwar:

(a) l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, kif applikabbli għas-settur ikkonċernat, rilevanti għall-valutazzjoni tal-proġett, u spjega kif/f'liema aspetti l-proġett se jmur lil hinn minnu

……

(b) l-attivitajiet konkreti ta' riċerka (f'dettall xjentifiku u tekniku suffiċjenti)

……

(c) l-eżiti mistennija /ir-riżultati tal-proġett

……

(d) struttura ċara tal-proġett f'pakketti ta' ħidma

……

(e) l-istadji importanti

……

(f) it-tul ta' żmien tal-proġett (id-data tal-bidu – id-data tat-tmiem tal-proġett), inkluża ċ-ċart GANTT dwar kif il-pakketti ta' ħidma tal-proġett se jiżviluppaw u jintemmu

……

(g) jekk il-proġett jinkludi kategoriji differenti ta' riċerka, elenka u kkwalifika l-kompiti differenti bħala li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali

……

(h) kwalunkwe informazzjoni oħra li tqis essenzjali biex turi l-kontenut tar-riċerka u t-tip ta' riċerka li għandha titwettaq

……

3. Speċifika l-kostijiet totali, il-kostijiet eliġibbli totali u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom għal kull tip ta' kost eliġibbli. F'każ ta' riċerka relatata mas-saħħa, iċċara n-natura tal-kostijiet eliġibbli billi tipprovdi analiżi aktar dettaljata tal-kostijiet eliġibbli ([83]).

……

Appoġġa l-kalkoli tiegħek tal-kostijiet għar-R&Ż eliġibbli permezz tal-evidenza dokumentarja l-aktar reċenti disponibbli li għandha tkun ċara u speċifika u annessa mal-formola ta' notifika.

Kostijiet eliġibbli għall-proġett tar-R&Ż	Ammont ta' kost eliġibbli: Riċerka fundamentali	Ammont ta' kost eliġibbli: Riċerka industrijali	Ammont ta' kost eliġibbli: Żvilupp sperimentali
L-kostijiet tal-persunal: riċerkaturi, tekniċi u persunal ieħor ta' appoġġ li ġew impjegati għall-proġett			

([83]) Riċerka relevanti/relatata mas-saħħa tinkludi riċerka dwar il-vaċċini, il-prodotti u t-trattamenti mediċinali, dwar l-apparat mediku u dwar it-tagħmir mediku u tal-isptar, dwar id-diżinfettanti, u dwar l-ilbies u t-tagħmir protettiv, u dwar l-innovazzjonijiet relevanti fil-proċess għal produzzjoni effiċjenti tal-prodotti meħtieġa. Speċifikament għal proġetti tar-R&Ż rilevanti/relatati mas-saħħa, l-kostijiet li ġejjin huma eliġibbli: il-kostijiet kollha meħtieġa għall-proġett tar-R&Ż għal kemm idum għaddej, fost l-oħrajn, l-kostijiet tal-persunal, l-kostijiet għat-tagħmir diġitali u tal-kompjuters, għall-għodod dijanjostiċi, għall-ġbir tad-data u l-għodod tal-ipproċessar, għas-servizzi tar-R&Ż, għall-provi prekliniċi u kliniċi (il-fażijiet tal-provi I-IV); il-provi tal-fażi IV huma eliġibbli dment li dawn jippermettu avvanzi xjentifiċi jew teknoloġiċi ulterjuri.

Kostijiet eliġibbli għall-proġett tar-R&Ż	Ammont ta' kost eliġibbli: Riċerka fundamentali	Ammont ta' kost eliġibbli: Riċerka industrijali	Ammont ta' kost eliġibbli: Żvilupp sperimentali
Il-kostijiet ta' strumenti u tagħmir (deprezzament skont iż-żmien u sal-punt li jintużaw għall-proġett)			
Il-kostijiet tal-binjiet u tal-art (deprezzament skont iż-żmien u sal-punt li jintużaw għall-proġett)			
Il-kostijiet tar-riċerka kuntrattwali, għarfien u privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet ta' distakkament (arm's length), kif ukoll il-kostijiet ta' konsulenzi u ta' servizzi ekwivalenti użati esklussivament għall-proġett			
Spejjeż ġenerali addizzjonali mġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett ([1])			
Spejjeż oħra tal-operazzjoni			
Speċifikament għal proġett tar-R&Ż rilevanti/relatat mas-saħħa, l-kostijiet kollha, inkluż għal provi prekliniċi u kliniċi, provi tal-fażi IV li jmexxu 'l quddiem l-avvanz xjentifiku u teknoloġiku			
Kostijiet totali eliġibbli			

([1]) Kostijiet ġenerali addizzjonali u kostijiet operatorji oħra, inklużi kostijiet ta' materjali, provvisti u prodotti simili, imġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett, jistgħu alternattivament jiġu kkalkulati abbażi ta' approċċ issimplifikat dwar il-kostijiet fil-forma ta' rata fissa sa 20 %, applikata għall-kostijiet diretti totali eliġibbli tal-proġett tar-R&Ż definiti fl-Anness I, il-punti minn (a) sa (d) u l-punt (g) għall-proġetti tar-R&Ż rilevant/relatati mas-saħħa. F'dan il-każ, l-kostijiet tal-proġett tar-R&Ż użati għall-kalkolu tal-kostijiet indiretti għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-prattiki kontabilistiċi normali u għandhom jinkludu biss l-kostijiet eliġibbli tal-proġett tar-R&Ż elenkati fl-Anness I, il-punti minn (a) sa (d) u l-punt (g) għall-proġetti tar-R&Ż rilevanti/relatati mas-saħħa. Għall-proġetti kofinanzjati taħt il-programm Orizzont Ewropa, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-metodoloġija ssimplifikata tal-kostijiet ta' Orizzont Ewropa biex jikkalkulaw il-kostijiet indiretti tal-proġetti tar-R&Ż (il-punt 80 tal-Qafas tar-RŻI).

.....

4. Speċifika l-intensitajiet tal-għajnuna applikabbli u pprovdi ġustifikazzjoni ulterjuri jekk tkun applikabbli xi żieda fl-intensità tal-għajnuna bażika.

L-intensità tal-għajnuna applikata:	Intrapriża żgħira %	Intrapriża ta' daqs medju %	Intrapriża kbira %
Riċerka fundamentali			
Intensità bażika tal-għajnuna għar-riċerka industrijali			

L-intensità tal-għajnuna applikata:	Intrapriża żgħira %	Intrapriża ta' daqs medju %	Intrapriża kbira %
Żieda fl-intensità tal-għajnuna bażika għar-riċerka industrijali: — soġġetta għal kollaborazzjoni effettiva bejn impriżi (għal intrapriżi kbar transfruntieri jew ma' tal-inqas SME waħda) jew bejn impriża u organizzazzjoni ta' riċerka; jew — soġġetta għat-tixrid wiesa' tar-riżultati, jew			
— soġġetta għall-fatt li l-proġett tar-R&Ż li jkun qed jitwettaq f'żoni megħjuna jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat jew — soġġetta għall-fatt li l-proġett tar-R&Ż li jkun qed jitwettaq f'żoni megħjuna jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3), il-punt (a), tat-Trattat			
L-intensità tal-għajnuna applikabbli għall-attivitajiet ta' riċerka industrijali:			
Intensità bażika tal-għajnuna għall-iżvilupp sperimentali			
Żieda fl-intensità bażika tal-għajnuna għall-iżvilupp sperimentali: — soġġetta għal kollaborazzjoni effettiva bejn impriżi (għal intrapriżi kbar transfruntieri jew ma' tal-inqas SME waħda) jew bejn impriża u organizzazzjoni ta' riċerka; jew — soġġetta għat-tixrid wiesa' tar-riżultati, jew			
— soġġetta għall-fatt li l-proġett tar-R&Ż li jkun qed jitwettaq f'żoni megħjuna jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat, jew — soġġetta għall-fatt li l-proġett tar-R&Ż li jkun qed jitwettaq f'żoni megħjuna jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3), il-punt (a), tat-Trattat			
L-intensità tal-għajnuna applikabbli għall-attivitajiet ta' żvilupp sperimentali:			

5. Ipprovdi informazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti, inkluż:

(a) L-ammont nominali kumplessiv tal-għajnuna mill-Istat

……

(b) X'inhu l-istrument tal-għajnuna mill-Istat (forma ta' għajnuna)

……

(c) Jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex se titħallas f'pagament wieħed jew f'diversi pagamenti parzjali

……

(d) Id-dati proviżorji (mill-inqas is-snin) tal-iżborż u l-ammonti ta' kull wieħed minn dawn il-pagamenti parzjali

……

(e) L-ispjegazzjoni tiegħek dwar kif stabbilejt l-ammont ta' għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti għall-proġett u l-ammonti u l-iskeda tal-pagamenti parzjali

……

6. Fejn in-notifika tikkonċerna miżura fiskali li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, iddeskrivi:

(a) jekk il-miżura fiskali tapplikax mingħajr distinzjoni għall-attivitajiet eliġibbli kollha, u ma taqbiżx l-intensità tal-għajnuna applikabbli għall-iżvilupp sperimentali

……

(b) jekk l-intensitajiet rilevanti tal-għajnuna humiex se jinqabżu, fejn miżura ta' għajnuna fiskali tiddistingwi bejn kategoriji differenti tar-R&Ż

……

5.2. **Għajnuna għal studji ta' fattibbiltà**

1. Iddeskrivi l-kontenut u l-attivitajiet ikkonċernati mill-istudji ta' fattibbiltà (ara d-definizzjoni fil-punt 16(l) tal-Qafas tar-RŻI). Ipprovdi wkoll informazzjoni dwar it-tul tal-istudji tal-fattibbiltà (id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem), inkluż fejn applikabbli ċart tal-GANTT biex turi kif se jiżviluppaw u jintemmu l-pakketti ta' ħidma u l-attivitajiet (jekk ikun hemm).

……

2. Speċifika l-kostijiet eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom u pprovdi aktar dettalji dwar is-suppożizzjonijiet sottostanti għall-kalkolu tagħhom. Appoġġa l-kalkoli tiegħek tal-kostijiet għar-R&Ż eliġibbli permezz tal-evidenza dokumentarja l-aktar reċenti disponibbli li għandha tkun ċara u speċifika u annessa mal-formola ta' notifika.

Kostijiet eliġibbli għall-istudju ta' fattibbiltà	Ammont tal-kostijiet eliġibbli
[daħħal ringiela għal kull entrata ta' kost li hija inkluża fil-kostijiet eliġibbli tal-istudju tal-fattibbiltà]	

……

3. Biex turi l-konformità mal-Anness II u mal-punt 81 tal-Qafas tar-RŻI, speċifika l-intensitajiet tal-għajnuna applikabbli. Ipprovdi ġustifikazzjoni, jekk rilevanti, għaliex hija applikabbli kwalunkwe żieda fl-intensità tal-għajnuna bażika.

L-intensità tal-għajnuna applikabbli	Intrapriża żgħira %	Intrapriża ta' daqs medju %	Intrapriża kbira %
Intensità bażika tal-għajnuna għall-istudji ta' fattibbiltà			

L-intensità tal-għajnuna applikabbli	Intrapriża żgħira %	Intrapriża ta' daqs medju %	Intrapriża kbira %
Żieda fl-intensità tal-għajnuna bażika: — f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat, jew — f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3), il-punt (a), tat-Trattat			
L-intensità tal-għajnuna applikabbli			

4. Ipprovdi informazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti, inkluż:

(a) l-ammont nominali kumplessiv tal-għajnuna mill-Istat

……

(b) x'inhu l-istrument tal-għajnuna mill-Istat (forma ta' għajnuna)

……

(c) jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex se titħallas f'pagament wieħed jew f'diversi pagamenti parzjali

……

(d) id-dati proviżorji (mill-inqas is-snin) tal-iżborż u l-ammonti ta' kull wieħed minn dawn il-pagamenti parzjali

……

(e) l-ispjegazzjoni tiegħek dwar kif stabbilejt l-ammont tal-għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti għall-istudju tal-fattibbiltà u l-iskeda tal-pagament parzjali

……

5.3. **Għajnuna għall-kostruzzjoni u t-titjib ta' infrastrutturi tar-riċerka**

1. Speċifika jekk il-miżura hijiex immirata lejn il-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tar-riċerka jew it-titjib ta' infrastruttura tar-riċerka eżistenti.

……

2. Ipprovdi deskrizzjoni sħiħa tal-infrastruttura tar-riċerka (ara d-definizzjoni fil-punt 16(gg) tal-Qafas tar-RŻI), inkluż il-post fejn tinsab, il-funzjonalitajiet, il-faċilitajiet u t-tagħmir tagħha, l-oqsma tar-riċerka u s-servizzi, l-utenti maħsuba, eċċ. Ipprovdi wkoll it-tul tal-proġett (id-data tal-bidu u tat-tmiem tal-attivitajiet ta' kostruzzjoni jew ta' aġġornament), inkluża ċart tal-GANTT biex turi kif u meta se jitwettqu u jintemmu l-attivitajiet ta' investiment megħjuna, kif ukoll id-data meta l-infrastruttura se tibda topera u l-ħajja prevista tagħha.

……

3. Speċifika jekk l-infrastruttura tar-riċerka hijiex se twettaq xi attività ekonomika li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti jew servizzi f'suq partikolari? Ipprovdi d-dettalji ta' dawn l-attivitajiet, inkluż dwar l-entità rilevanti (jiġifieri entità bħal laboratorju jew dipartiment bl-istruttura organizzattiva, il-kapital, il-materjal u l-forza tax-xogħol li effettivament għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex twettaq waħedha l-attività kkonċernata, li fil-livell tagħha jeħtieġ li titwettaq il-valutazzjoni), il-kapaċità annwali tal-entità rilevanti u s-sehem annwali ta' din il-kapaċità li tkun involuta f'tali attività(jiet) ekonomika/ekonomiċi għall-ħajja prevista tal-infrastruttura tar-riċerka.

……

4. Speċifika l-kostijiet eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom u pprovdi aktar dettalji dwar is-suppożizzjonijiet sottostanti għall-kalkolu tagħhom. Appoġġa l-kalkoli tiegħek permezz tal-evidenza dokumentarja l-aktar reċenti disponibbli li għandha tkun ċara u speċifika u annessa mal-formola ta' notifika.

Kostijiet eliġibbli	Ammont tal-kostijiet eliġibbli
kostijiet ta' investiment għall-kostruzzjoni u t-titjib tal-infrastrutturi tar-riċerka	
[inkludi ringiela għal kull kost li tqis li jaqa' fil-kategorija kumplessiva tal-kostijiet tal-investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli]	
Kostijiet totali eliġibbli	

……

5. Speċifika l-intensità tal-għajnuna applikabbli u pprovdi ġustifikazzjoni ulterjuri jekk rilevanti għaliex hija applikabbli żieda fl-intensità tal-għajnuna bażika.

L-intensità tal-għajnuna applikabbli	%
Intensità tal-għajnuna bażika għall-għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni u t-titjib tal-infrastrutturi tar-riċerka	
Żieda fl-intensità tal-għajnuna: — soġġett għall-fatt li mill-inqas żewġ Stati Membri jipprovdu l-finanzjament pubbliku, jew — għal infrastrutturi tar-riċerka evalwati u magħżula fil-livell tal-Unjoni	
L-intensità tal-għajnuna applikabbli	

……

6. Ipprovdi informazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti, inkluż:

(a) L-ammont nominali kumplessiv tal-għajnuna mill-Istat

……

(b) X'inhu l-istrument tal-għajnuna mill-Istat (forma ta' għajnuna)

……

(c) Jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex se titħallas f'pagament wieħed jew f'diversi pagamenti parzjali

……

(d) Id-dati proviżorji (mill-inqas is-snin) tal-iżborż u l-ammonti ta' kull wieħed minn dawn il-pagamenti parzjali

……

(e) L-ispjegazzjoni tiegħek dwar kif stabbilejt l-ammont ta' għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti għall-infrastruttura tar-riċerka u l-iskeda tal-pagament parzjali

……

7. Jekk l-infrastrutturi tar-riċerka jwettqu kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-kostijiet ta' finanzjament u d-dħul ta' kull tip ta' attività huma meqjusa għalihom fuq il-bażi ta' prinċipji kontabilistiċi tal-kostijiet ġustifikabbli b'mod oġġettiv u applikati b'konsistenza.

☐ iva ☐ le

Għall-għajnuna individwali, ipprovdi l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti:

……

8. Jekk l-infrastrutturi tar-riċerka jirċievu finanzjament pubbliku kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll għal attivitajiet mhux ekonomiċi, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li hemm fis-seħħ mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' rkupru sabiex jiġi żgurat li l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli ma tinqabiżx.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi informazzjoni u provi rilevanti:

……

9. Il-prezz mitlub għall-operat jew l-użu tal-infrastruttura tar-riċerka jikkorrispondi għal prezz tas-suq?

☐ iva ☐ le

Speċifika:

……

10. L-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka huwa miftuħ għal bosta utenti fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja?

☐ iva ☐ le

F'każ li jingħata aċċess preferenzjali lil ċerti impriżi, ipprovdi d-dettalji u indika s-sehem tal-kostijiet ta' investiment imġarrbin minn dawk l-impriżi:

……

5.4. **Għajnuna għall-kostruzzjoni u t-titjib tal-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni (li jistgħu jissejħu wkoll "infrastrutturi tat-teknoloġija")**

1. Ipprovdi deskrizzjoni sħiħa tal-infrastruttura tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni (ara d-definizzjoni fil-punt 16(ll) tal-Qafas tar-RŻI), inkluż il-post fejn tinsab, il-funzjonalitajiet, il-faċilitajiet u t-tagħmir tagħha, is-servizzi, l-utenti maħsuba u l-profil tal-utenti (inkluż id-daqs, is-settur u informazzjoni rilevanti oħra tagħhom) eċċ.

……

2. Ipprovdi wkoll it-tul tal-proġett (id-data tal-bidu u tat-tmiem tal-attivitajiet ta' kostruzzjoni jew ta' aġġornament), inkluża ċart tal-GANTT biex turi kif u meta se jitwettqu u jintemmu l-attivitajiet ta' investiment meħtieġa, kif ukoll id-data meta l-infrastruttura se tibda topera u l-ħajja prevista tagħha.

……

3. Speċifika l-kostijiet eliġibbli u għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom u pprovdi aktar dettalji dwar l-elementi tal-kostijiet sottostanti u s-suppożizzjonijiet għall-kalkolu tagħhom. Appoġġa l-kalkoli tiegħek b'evidenza xierqa li għandha tiġi annessa mal-formola ta' notifika.

Kostijiet eliġibbli	Ammont tal-kostijiet eliġibbli
kostijiet ta' investiment għall-kostruzzjoni u t-titjib tal-infrastruttura tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni inklużi	
[inkludi ringiela għal kull kost li tqis li jaqa' fil-kategorija kumplessiva tal-kostijiet tal-investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli]	
Kostijiet totali eliġibbli	

.....

4. Speċifika l-intensità tal-għajnuna applikabbli u pprovdi ġustifikazzjoni ulterjuri jekk tkun applikabbli xi żieda fl-intensità tal-għajnuna bażika:

L-intensità tal-għajnuna applikabbli	Intrapriża żgħira %	Intrapriża ta' daqs medju %	Intrapriża kbira %
Intensità tal-għajnuna bażika għall-għajnuna għall-investiment għall-kostruzzjoni u t-titjib tal-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni			
Żieda fl-intensità tal-għajnuna bażika: — soġġett għall-fatt li mill-inqas żewġ Stati Membri jipprovdu l-finanzjament pubbliku, jew — għall-infrastruttura tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni (TEIs, testing and experimentation infrastructure) evalwata u magħżula fil-livell tal-Unjoni, u/jew			
— soġġett għall-infrastruttura tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni li tipprovdi servizzi l-aktar lill-SMEs (billi talloka mill-inqas 80 % tal-kapaċità tagħha għal dak l-għan)			
L-intensità tal-għajnuna applikabbli			

5. Ipprovdi informazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti, inkluż:

(a) L-ammont nominali kumplessiv tal-għajnuna mill-Istat

.....

(b) X'inhu l-istrument tal-għajnuna mill-Istat (forma ta' għajnuna)

.....

(c) Jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex se titħallas f'pagament wieħed jew f'diversi pagamenti parzjali

……

(d) Id-dati proviżorji (mill-inqas is-snin) tal-iżborż u l-ammonti ta' kull wieħed minn dawn il-pagamenti parzjali

……

(e) L-ispjegazzjoni tiegħek dwar kif stabbilejt l-ammont ta' għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti għall-infrastruttura tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni u l-iskeda tal-pagament parzjali.

……

6. Ipprovdi informazzjoni dettaljata u preċiża dwar l-ispeċjalizzazzjoni ppjanata jew mistennija tal-infrastruttura, il-karattru tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tagħha u r-rwol li l-infrastruttura jista' jkollha biex tiffaċilita t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni fil-livell reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni.

……

7. Ipprovdi informazzjoni dwar jekk hemmx infrastrutturi simili tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni, kemm jekk iffinanzjati pubblikament kif ukoll jekk le, fl-Unjoni.

……

8. Il-prezz mitlub għall-operat jew l-użu tal-infrastruttura/i tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni jikkorrispondi għal prezz tas-suq?

☐ iva ☐ le

Speċifika u pprovdi aktar dettalji dwar il-prezzijiet tas-suq u l-prezzijiet mitluba, kif ukoll evidenza xierqa għad-determinazzjoni tal-prezzijiet tas-suq:

……

9. L-aċċess għall-infrastruttura tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni huwa miftuħ għal diversi utenti fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja u fuq termini tas-suq?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi aktar dettalji dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju:

……

F'każ li jingħata aċċess preferenzjali lil xi impriżi, ipprovdi dettalji u ġustifikazzjoni għal approċċ bħal dan:

……

10. Ipprovdi informazzjoni dwar sa liema punt il-kapaċità tal-infrastruttura tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni se tiġi allokata għal servizzi pprovduti lill-SMEs. Ipprovdi aktar dettalji u ppreżenta l-evidenza rilevanti.

……

11. Uri li l-appoġġ pubbliku mhux se jwassal għal duplikazzjoni fis-servizzi diġà offruti mill-infrastrutturi eżistenti tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni li joperaw fl-Unjoni.

……

5.5. **Għajnuna għall-innovazzjoni għall-SMEs**

1. Indika u ddeskrivi l-attivitajiet li huma appoġġati skont il-miżura notifikata:

☐ il-kisba, il-validazzjoni u d-difiża ta' privattivi u assi intanġibbli oħrajn

☐ is-sekondar ta' persunal bi kwalifiki għolja

☐ l-akkwist ta' servizzi ta' konsulenza u appoġġ fl-innovazzjoni ([84])

2. Speċifika l-perjodu li fih se jitwettqu l-attivitajiet ta' innovazzjoni appoġġati (data tal-bidu – data tat-tmiem):

……

3. Speċifika l-kostijiet eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom.

Kostijiet eliġibbli	Ammont tal-kostijiet eliġibbli
Kostijiet għall-kisba, il-validazzjoni u d-difiża ta' privattivi u assi intanġibbli oħrajn	
Kostijiet ta' sekondar ta' persunal ferm ikkwalifikat	
Kostijiet għall-akkwist ta' servizzi ta' konsulenza u appoġġ għall-innovazzjoni	
Kostijiet totali eliġibbli	

……

4. Speċifika l-intensitajiet tal-għajnuna applikabbli u pprovdi ġustifikazzjoni ulterjuri jekk tkun applikabbli xi żieda fl-intensità tal-għajnuna bażika.

L-intensità tal-għajnuna applikabbli	Intrapriża żgħira %	Intrapriża ta' daqs medju %
Għajnuna għall-innovazzjoni għall-SMEs		

5. Ipprovdi informazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti, inkluż:

(a) L-ammont nominali kumplessiv tal-għajnuna mill-Istat

……

(b) X'inhu l-istrument tal-għajnuna mill-Istat (forma ta' għajnuna)

……

(c) Jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex se titħallas f'pagament wieħed jew f'diversi pagamenti parzjali

……

(d) Id-dati proviżorji (mill-inqas is-snin) tal-iżborż u l-ammonti ta' kull wieħed minn dawn il-pagamenti parzjali

……

(e) L-ispjegazzjoni tiegħek dwar kif stabbilejt l-ammont ta' għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti għall-attività ta' innovazzjoni appoġġata u l-iskeda tal-pagament parzjali

……

([84]) Ara d-definizzjonijiet tas-servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni (il-punt 16(s) tal-Qafas tar-RŻI) u tas-servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni (il-punt 16(u) tal-Qafas tar-RŻI).

5.6. **Għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni**

1. Indika u ddeskrivi l-attivitajiet appoġġati skont il-miżura notifikata:

☐ l-innovazzjoni fil-proċess

☐ l-innovazzjoni fl-organizzazzjoni

Iddeskrivi l-attività appoġġata:

……

2. Ipprovdi deskrizzjoni konkreta tal-attivitajiet li se tikkonsisti minnhom l-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni u ġġustifika għaliex, fil-fehma tiegħek, dawn l-attivitajiet jirrappreżentaw din l-innovazzjoni (ara d-definizzjonijiet fil-punt 16(z) u (cc) tal-Qafas tar-RŻI). Ipprovdi wkoll it-tul tal-attivitajiet megħjuna (data tal-bidu u tat-tmiem), kif ukoll ċart GANTT.

……

3. Speċifika l-kostijiet eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom.

Kostijiet eliġibbli	Ammont tal-kostijiet eliġibbli
Kostijiet tal-persunal sal-punt li ġew impjegati għall-proġett	
Kostijiet ta' strumenti u tagħmir (deprezzament sal-punt u għall-perjodu użat għall-proġett)	
Kostijiet tal-bini u tal-art (deprezzament sal-punt u għall-perjodu użat għall-proġett)	
Il-kostijiet tar-riċerka kuntrattwali, għarfien u privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet ta' distakkament (arm's length), kif ukoll il-kostijiet ta' konsulenzi u ta' servizzi ekwivalenti użati esklussivament għall-proġett	
Kostijiet ġenerali addizzjonali mġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett	
Kostijiet operatorji oħra, li jinkludu kostijiet ta' materjali, provvisti u prodotti simili mġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett.	
Kostijiet totali eliġibbli	

……

4. Speċifika l-intensitajiet tal-għajnuna applikabbli u pprovdi ġustifikazzjoni ulterjuri jekk tkun applikabbli xi żieda fl-intensità tal-għajnuna bażika.

L-intensità tal-għajnuna applikabbli	Intrapriża żgħira %	Intrapriża ta' daqs medju %	Intrapriża kbira %
Għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni — l-għajnuna għal impriżi kbar hija soġġetta għal kollaborazzjoni effettiva ma' mill-inqas SME waħda			

……

5. Ipprovdi informazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti, inkluż:

(a) L-ammont nominali kumplessiv tal-għajnuna mill-Istat

……

(b) X'inhu l-istrument tal-għajnuna mill-Istat (forma ta' għajnuna)

……

(c) Jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex se titħallas f'pagament wieħed jew f'diversi pagamenti parzjali

……

(d) Id-dati proviżorji (mill-inqas is-snin) tal-iżborż u l-ammonti ta' kull wieħed minn dawn il-pagamenti parzjali

……

(e) L-ispjegazzjoni tiegħek dwar kif stabbilejt l-ammont ta' għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti għall-attivitajiet megħjuna u l-iskeda tal-pagament parzjali

……

6. Meta tingħata għajnuna lil intrapriżi kbar, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li dawn jikkollaboraw b'mod effettiv mal-SMEs fl-attività megħjuna u l-SMEs li qed jikkollaboraw iġarrbu mill-inqas 30 % tal-kostijiet eliġibbli totali.

☐

Għal għajnuna individwali, ipprovdi l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti:

……

5.7. **Għajnuna għar-raggruppamenti tal-innovazzjoni**

1. Iċċara jekk il-miżura hijiex immirata lejn l-investiment f'raggruppament tal-innovazzjoni ġdid jew aġġornament ta' raggruppament tal-innovazzjoni eżistenti.

……

2. Ipprovdi deskrizzjoni sinifikanti tar-raggruppament tal-innovazzjoni, inkluż il-post, l-ispeċjalizzazzjoni, il-funzjonijiet, l-utenti maħsuba, il-faċilitajiet, u jekk applikabbli, meta r-raggruppament tal-innovazzjoni beda l-attivitajiet tiegħu eċċ.

……

3. Speċifika jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna huwiex is-sid u/jew l-operatur tar-raggruppament tal-innovazzjoni. Għall-operatur, jekk differenti mis-sid, speċifika jekk għandux personalità ġuridika separata jew huwiex konsorzju ta' impriżi mingħajr personalità ġuridika (fil-każ tal-aħħar ipprovdi wkoll, minbarra l-ismijiet tal-membri tal-konsorzju, il-ftehim tal-konsorzju u kkonferma li kull wieħed minn dawn il-membri se jżomm kontabbiltà separata għall-kostijiet u d-dħul minn kull attività)

……

Għal għajnuna individwali, ipprovdi d-dettalji:

……

4. It-tariffi mitlubin għall-użu tal-faċilitajiet tar-raggruppamenti u l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tar-raggruppamenti jikkorrispondu għall-prezz tas-suq jew jirriflettu l-kostijiet tagħhom?

☐ iva ☐ le

Speċifika:

……

5. L-aċċess għall-bini, il-faċilitajiet u l-attivitajiet tar-raggruppamenti huwa miftuħ għal bosta utenti fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja?

☐ iva ☐ le

Speċifika:

……

6. F'każ li jingħata aċċess preferenzjali lil ċerti impriżi, ipprovdi d-dettalji u indika s-sehem tal-kostijiet ta' investiment imġarrbin minn dawk l-impriżi.

……

7. Għall-għajnuna individwali (li tikkonċerna kemm l-għajnuna għall-investiment kif ukoll/jew l-għajnuna operatorja), ipprovdi informazzjoni dwar:

(a) l-ispeċjalizzazzjoni ppjanata jew mistennija tar-raggruppament tal-innovazzjoni, il-potenzjal reġjonali eżistenti u l-preżenza ta' raggruppamenti fl-Unjoni b'finijiet simili

……

(b) kif ir-raggruppament tal-innovazzjoni jista' jkollu effett pożittiv fuq l-avvanz teknoloġiku u t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tal-Unjoni

……

(c) jekk ir-raggruppament tal-innovazzjoni appoġġat huwiex Ċentru ta' Innovazzjoni Diġitali

……

(d) jekk il-kollaborazzjonijiet li jiġu stimulati jew inċentivati mill-attivitajiet tar-raggruppament tal-innovazzjoni jistax ikollhom fil-mira, fost l-oħrajn, li jqassru ż-żmien meħtieġ mill-ħolqien ta' għarfien ġdid sat-traspożizzjoni tiegħu f'applikazzjonijiet innovattivi

……

(e) kwalunkwe informazzjoni oħra li tqis rilevanti

……

5.7.1. *Għajnuna għall-investiment*

1. Speċifika l-kostijiet eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom.

Kostijiet eliġibbli	Ammont tal-kostijiet eliġibbli
Kostijiet ta' investiment għall-kostruzzjoni u t-titjib tar-raggruppament tal-innovazzjoni inkluż	
[inkludi ringiela għal kull kost li tqis li jaqa' fil-kategorija kumplessiva tal-kostijiet tal-investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli]	
Kostijiet totali eliġibbli	

2. Speċifika l-intensitajiet tal-għajnuna applikabbli, inkluża kwalunkwe żieda għal raggruppamenti li jinsabu f'reġjuni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3), il-punti (a) jew (c), tat-Trattat.

Għajnuna għall-investiment għar-raggruppamenti tal-innovazzjoni	Intrapriża żgħira %	Intrapriża ta' daqs medju %	Intrapriża kbira %
Intensità ta' għajnuna bażika għall-għajnuna għall-investiment			
Żieda fl-intensità tal-għajnuna bażika: — f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat, jew — f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3), il-punt (a), tat-Trattat			
L-intensità tal-għajnuna applikabbli:			

3. Ipprovdi informazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti, inkluż:

(a) L-ammont nominali kumplessiv tal-għajnuna mill-Istat

……

(b) X'inhu l-istrument tal-għajnuna mill-Istat (forma ta' għajnuna)

……

(c) Jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex se titħallas f'pagament wieħed jew f'diversi pagamenti parzjali

……

(d) Id-dati proviżorji (mill-inqas is-snin) tal-iżborż u l-ammonti ta' kull wieħed minn dawn il-pagamenti parzjali

……

(e) L-ispjegazzjoni tiegħek dwar kif stabbilejt l-ammont ta' għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti għall-attivitajiet megħjuna u l-iskeda tal-pagament parzjali

……

5.7.2. *Għajnuna operatorja*

1. Indika liema attivitajiet huma appoġġati skont il-miżura notifikata u pprovdi aktar informazzjoni dwar is-sustanza u ż-żmien tal-attivitajiet appoġġati:

☐ l-animazzjoni tar-raggruppament

☐ il-kummerċjalizzazzjoni tar-raggruppament

☐ il-ġestjoni tal-faċilitajiet tar-raggruppament

☐ l-organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma u konferenzi

……

2. Speċifika l-kostijiet eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom u pprovdi aktar dettalji dwar is-suppożizzjonijiet sottostanti għall-kalkolu tagħhom. Appoġġa l-kalkoli tiegħek b'evidenza xierqa li għandha tiġi annessa mal-formola ta' notifika.

Għajnuna operatorja għal raggruppamenti tal-innovazzjoni	Ammont tal-kostijiet eliġibbli
Kostijiet personali u amministrattivi (inklużi l-kostijiet ġenerali) relatati mal-animazzjoni tar-raggruppament	
Kostijiet personali u amministrattivi (inklużi l-kostijiet ġenerali) relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tar-raggruppament	
Kostijiet personali u amministrattivi (inklużi l-kostijiet ġenerali) relatati mal-ġestjoni tal-faċilitajiet tar-raggruppament	
Kostijiet personali u amministrattivi (inklużi l-kostijiet ġenerali) relatati mal-organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma u konferenzi	
Kostijiet totali eliġibbli	

……

3. Speċifika l-intensità tal-għajnuna applikabbli:

Intensità tal-għajnuna għall-għajnuna operatorja għar-raggruppament tal-innovazzjoni	%

4. Ipprovdi informazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti, inkluż:

(a) L-ammont nominali kumplessiv tal-għajnuna mill-Istat

……

(b) X'inhu l-istrument tal-għajnuna mill-Istat (forma ta' għajnuna)

……

(c) Jekk l-għajnuna mill-Istat hijiex se titħallas f'pagament wieħed jew f'diversi pagamenti parzjali

……

(d) Id-dati proviżorji (mill-inqas is-snin) tal-iżborż u l-ammonti ta' kull wieħed minn dawn il-pagamenti parzjali

……

(e) L-ispjegazzjoni tiegħek dwar kif stabbilejt l-ammont ta' għajnuna mill-Istat li biħsiebek tagħti għall-attivitajiet appoġġati u l-iskeda tal-pagament parzjali

……

6. VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBBILTÀ TAL-MIŻURA TA' GĦAJNUNA NOTIFIKATA

6.1. **L-ewwel kundizzjoni: L-għajnuna għar-RŻI tiffaċilita l-iżvilupp ta' attività ekonomika**

6.1.1. *L-identifikazzjoni tal-attività ekonomika appoġġata*

1. Għall-għajnuna individwali, ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tal-proġett jew tal-attività megħjuna (jew irreferi lura għat-taqsimiet preċedenti jekk tali deskrizzjoni dettaljata ġiet ipprovduta hemmhekk).

……

2. Identifika u ddeskrivi l-attività ekonomika li se tkun appoġġata mill-miżura notifikata.

……

6.1.2. *Effett ta' inċentiv*

6.1.2.1. Kundizzjonijiet ġenerali

1. Ikkonferma jekk l-għajnuna hijiex se tissussidja l-kostijiet ta' attività li l-impriża xorta waħda ġġarrab:

☐ iva ☐ le

2. Ikkonferma jekk l-għajnuna hijiex se tikkumpensa għar-riskju normali tan-negozju ta' attività ekonomika:

☐ iva ☐ le

3. Ipprovdi aktar spjegazzjonijiet jew irreferi għal taqsima fejn tista' tinstab tali informazzjoni:

……

4. Ikkonferma li, meta tingħata l-għajnuna skont il-miżura notifikata, se jiġi żgurat li x-xogħol fuq l-attivitajiet rilevanti tar-RŻI ma jkunx beda qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali ([85]) u, għall-għajnuna individwali, speċifika d-dati rilevanti:

☐ iva ☐ le

……

5. Immarka waħda mill-kaxxi ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna tal-benefiċjarju tal-għajnuna lill-awtoritajiet nazzjonali jinkludu mill-inqas l-isem u d-daqs tal-applikant tal-impriża, deskrizzjoni tal-proġett, inklużi l-post u d-dati tal-bidu u tat-tmiem tiegħu, l-ammont ta' appoġġ pubbliku meħtieġ biex dan jitwettaq, u lista tal-kostijiet eliġibbli:

☐ iva ☐ le

……

6. Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' miżura fiskali, ipprovdi dettalji u, għal miżuri mhux inkrementali, kwalunkwe studju ta' evalwazzjoni biex jiġi stabbilit l-effett ta' inċentiv tagħha:

……

6.1.2.2. Kunsiderazzjonijiet addizzjonali għal għajnuna individwali

1. Ikkonferma jekk id-daqs tal-proġett hux se jiżdied minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' tkabbir u ppreżenta l-evidenza rilevanti:

☐ żieda fil-kostijiet totali tal-proġett (mingħajr tnaqqis fl-infiq mill-benefiċjarju tal-għajnuna meta mqabbel mas-sitwazzjoni mingħajr għajnuna)

☐ żieda fl-għadd ta' nies assenjati għal attivitajiet tar-RŻI

☐ tip ieħor ta' żieda

Iġġustifika t-tweġibiet tiegħek u pprovdi aktar dettalji u ppreżenta l-evidenza rilevanti:

……

2. Speċifika jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett hux se jiżdied minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' tkabbir u ppreżenta l-evidenza rilevanti:

☐ żieda fl-għadd tal-eżiti mistennija mill-proġett;

☐ żieda fil-livell ta' ambizzjoni tal-proġett evidenzjata minn għadd akbar ta' sħab involuti, probabbiltà ogħla ta' avvanzi deċiżivi xjentifiċi jew teknoloġiċi jew riskju ogħla ta' falliment (b'mod partikolari b'rabta man-natura fit-tul tal-proġett u l-inċertezza dwar ir-riżultati tiegħu);

☐ tip ieħor ta' żieda.

Iġġustifika t-tweġibiet tiegħek billi tipprovdi aktar dettalji u evidenza:

……

([85]) Jekk l-applikazzjoni għall-għajnuna tkun għal proġett tar-R&Ż, mhuwiex eskluż li l-benefiċjarju potenzjali jkun diġà wettaq studji ta' fattibbiltà li mhumiex koperti mit-talba għall-għajnuna (in-Nota 52 f'qiegħ il-paġna tal-Qafas tar-RŻI). Fil-każ ta' għajnuna għal proġetti jew attivitajiet li jitwettqu f'fażijiet suċċessivi li jistgħu jkunu soġġetti għal proċeduri tal-għoti ta' għajnuna separati, dan ifisser li l-ħidma ma tistax tibda qabel l-ewwel applikazzjoni għal għanjuna. Fil-każ ta' għajnuna mogħtija taħt skema ta' għajnuna fiskali awtomatika, tali skema trid tkun ġiet adottata u daħlet fis-seħħ qabel ma jibda kwalunkwe xogħol fuq il-proġett jew l-attività megħjuna (in-nota 53 f'qiegħ il-paġna tal-Qafas tar-RŻI).

3. Ikkonferma jekk il-veloċità tal-proġett hijiex se tiżdied minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi aktar ġustifikazzjoni, dettalji u evidenza rilevanti:

……

4. Ikkonferma jekk l-ammont totali minfuq huwiex se jiżdied minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' żieda u ppreżenta aktar ġustifikazzjoni, dettalji u evidenza rilevanti:

☐ żieda fl-infiq totali tar-RŻI mill-benefiċjarju tal-għajnuna, f'termini assoluti jew bħala proporzjon tal-fatturat

☐ bidliet fil-baġit impenjat għall-proġett (mingħajr tnaqqis korrispondenti fil-baġit allokat għal proġetti oħra)

☐ tip ieħor ta' żieda

……

5. Ikkonferma jekk il-miżura notifikata hijiex se tkun soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, disponibbli pubblikament, tal-kontribut tagħha għall-interess komuni?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……

6. Ipprovdi deskrizzjoni komprensiva, permezz ta' analiżi tax-xenarju kontrofattwali, tal-imġiba tal-benefiċjarju fin-nuqqas ta' għajnuna (jiġifieri ta' x'kien jiġri jew x'seta' raġonevolment ikun mistenni li jiġri mingħajr l-għajnuna). Uri permezz ta' evidenza interna kontemporanja jekk ix-xenarju kontrofattwali ġiex ikkunsidrat mill-benefiċjarju fit-teħid ta' deċiżjonijiet interni tiegħu u ehmeż tali evidenza ma' din il-formola.

……

7. Speċifika u elabora aktar l-elementi ulterjuri li huma rilevanti għad-dimostrazzjoni tal-effett ta' inċentiv tal-miżura notifikata u pprovdi evidenza ta' sostenn, bħal dokumenti tal-bord, valutazzjonijiet tar-riskju, rapporti finanzjarji, pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju interni, opinjonijiet tal-esperti u studji oħra relatati mal-proġett li qed jiġi vvalutat:

☐ livell ta' profittabbiltà (jiġifieri fejn proġett jew investiment, fih innifsu, ma jkunx profittabbli biex jitwettaq għal impriża, iżda jiġġenera benefiċċji importanti għas-soċjetà)

……

☐ l-ammont ta' investiment u l-perjodu ta' żmien tal-flussi ta' flus (eż. jekk il-miżura tikkonċernax investiment tal-bidu għoli, livell baxx ta' flussi ta' flus approprjabbli, frazzjoni sinifikanti ta' flussi ta' flus fil-futur imbiegħed ħafna jew b'mod inċert ħafna, eċċ.)

……

☐ il-livell ta' riskju involut (ipprovdi valutazzjoni tar-riskju, li b'mod partikolari tqis, kif applikabbli, l-irriversibbiltà tal-investiment, il-probabbiltà ta' falliment kummerċjali, ir-riskju li l-proġett ikun inqas produttiv milli mistenni, ir-riskju li l-proġett jimmina attivitajiet oħra tal-benefiċjarju tal-għajnuna u r-riskju li l-kostijiet tal-proġett jimminaw il-vijabbiltà finanzjarja tiegħu)

……

8. Jekk disponibbli, ipprovdi data speċifika għall-industrija li turi li x-xenarju kontrofattwali tal-benefiċjarju, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ tiegħu u l-flussi ta' flus mistennija tiegħu huma raġonevoli.

……

9. Speċifika jekk il-miżura megħjuna tinvolvix kooperazzjoni transfruntiera jew hijiex iffinanzjata minn aktar minn Stat Membru wieħed (jiġifieri tikkonċerna attivitajiet transfruntiera tar-R&Ż, infrastrutturi tar-riċerka, infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni jew raggruppamenti tal-innovazzjoni).

……

6.1.3. *L-ebda ksur tal-liġi rilevanti tal-Unjoni*

1. Immarka waħda mill-kaxxi ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-miżura ta' għajnuna mill-Istat, il-kundizzjonijiet marbuta magħha, inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta l-metodu ta' finanzjament jifforma parti integrali mill-miżura ta' għajnuna mill-Istat, jew l-attività li tiffinanzja ma tinvolvix ksur tal-liġi rilevanti tal-Unjoni.

☐ iva ☐ le

2. Għal għajnuna individwali: speċifika wkoll jekk hemmx xi proċedimenti ta' ksur relatati mal-Artikoli 101 jew 102 tat-Trattat li jistgħu jikkonċernaw lill-benefiċjarju tal-għajnuna u li jistgħu jkunu rilevanti għall-valutazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi wkoll aktar informazzjoni u kjarifiki dwar dawn il-punti kollha:

……

6.2. **It-tieni kundizzjoni: L-għajnuna għar-RŻI ma taffettwax b'mod mhux xieraq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni**

6.2.1. ***Ħtieġa għal intervent mill-Istat***

1. Identifika billi timmarka l-kaxxa rilevanti ta' hawn taħt il-fallimenti tas-suq li qed ixekklu l-attivitajiet tar-RŻI f'dan il-każ u ġġustifika l-ħtieġa ta' Għajnuna mill-Istat. Ippreżenta aktar spjegazzjonijiet, kjarifiki u evidenza rilevanti.

☐ esternalitajiet pożittivi/riperkussjonijiet tal-għarfien

☐ tagħrif imperfett jew asimetriku

☐ fallimenti fil-koordinazzjoni u n-networking

……

2. Spjega kif il-miżura notifikata tista' timmitiga b'mod effettiv il-fallimenti tas-suq li jaffettwaw l-attivitajiet tar-RŻI (jiġifieri kif l-għajnuna mill-Istat tista' twassal għal titjib materjali li s-suq waħdu ma jistax iwassal).

……

6.2.1.1. Kundizzjonijiet addizzjonali għal għajnuna individwali

1. Spjega wkoll jekk l-għajnuna tindirizzax falliment ġenerali tas-suq fir-rigward tal-attivitajiet tar-RŻI fl-Unjoni, jew falliment speċifiku tas-suq rigward, pereżempju, settur jew linja ta' negozju partikolari.

……

2. Jekk disponibbli, ipprovdi kwalunkwe tqabbil settorjali u studji oħra li jistgħu jissostanzjaw l-analiżi tal-allegati fallimenti tas-suq.

……

3. Jekk disponibbli, ipprovdi kwalunkwe informazzjoni dwar proġetti jew attivitajiet (oħrajn) tar-RŻI mwettqa fl-Unjoni li, fir-rigward tal-kontenut teknoloġiku, il-livell ta' riskju u d-daqs tagħhom, huma simili għal dawk ikkonċernati mill-miżura notifikata u spjega għaliex l-għajnuna hija meħtieġa fil-każ ikkonċernat.

……

6.2.2. *L-adegwatezza tal-miżura ta' għajnuna*

1. Strument ta' politika xieraq

1.1. Spjega għaliex fil-fehma tiegħek l-għajnuna mill-Istat hija l-istrument ta' politika xieraq li jippermetti r-RŻI inkwistjoni u ma hemm l-ebda strument ta' politika f'pożizzjoni aħjar u inqas distorsiv li kapaċi jikseb l-istess riżultati. Barra minn hekk, spjega kif ġew stabbiliti l-vantaġġi tal-użu ta' strument ta' politika selettiv bħall-għajnuna mill-Istat sabiex jiżdiedu l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, u pprovdi kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt u dokumenti ta' sostenn relatati.

……

2. Fejn il-proġett jew l-attivitajiet tar-RŻI huma ffinanzjati wkoll mill-Unjoni, uri li l-għajnuna mill-Istat għall-proġett ivvalutat jew l-attività tar-RŻI toħloq sinerġiji mal-finanzjament jew il-kofinanzjament mill-programmi tal-Unjoni.

……

3. Adegwatezza fost strumenti ta' għajnuna differenti:

(a) Spjega l-fehmiet tiegħek għaliex il-forma magħżula tal-għajnuna mill-Istat x'aktarx li tiġġenera l-inqas distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ. Jekk l-għajnuna tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ finanzjarju dirett (bħal għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis fit-taxxi jew imposti obbligatorji oħrajn, jew il-forniment ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet vantaġġużi), ipprovdi analiżi ta' għażliet oħra u spjega għaliex jew kif forom oħra ta' għajnuna (bħal pagament antiċipat ripagabbli jew forom ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ekwità, bħal garanziji mill-Istat, ix-xiri ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew il-forniment b'modi oħra ta' dejn jew kapital b'termini vantaġġużi) huma inqas xierqa biex jiġu indirizzati l-fallimenti identifikati tas-suq.

……

(b) Għall-iskemi ta' għajnuna: speċifika wkoll jekk l-iskema notifikata timplimentax l-objettivi u l-prijoritajiet tal-Programmi Operazzjonali u identifika l-istrument ta' finanzjament magħżul f'dawk il-programmi.

……

6.2.3. *Proporzjonalità tal-għajnuna*

1. Ikkonferma jekk l-għajnuna hijiex determinata b'rabta ma' sett predefinit ta' kostijiet eliġibbli u limitata għal ċertu proporzjon ta' dawk il-kostijiet eliġibbli ("intensità tal-għajnuna"). Ikkonferma wkoll jekk l-intensità tal-għajnuna hijiex stabbilita għal kull benefiċjarju tal-għajnuna, inkluż fil-każ ta' proġett ta' kollaborazzjoni.

☐ iva ☐ le

2. Fil-każ ta' għajnuna mill-Istat għal proġett li jkun qed jitwettaq f'kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet tar-riċerka u impriżi, ikkonferma jekk il-kontribuzzjoni ta' appoġġ pubbliku dirett u, fejn jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, il-kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet ta' riċerka għall-istess proġett humiex se jaqbżu l-intensitajiet tal-għajnuna applikabbli għal kull impriża benefiċjarja.

☐ iva ☐ le

Speċifika aktar:

……

3. Pagamenti antiċipati ripagabbli:

(a) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' pagamenti antiċipati ripagabbli espressi bħala ekwivalenti ta' għotja gross, ipprovdi d-dettalji dwar il-metodoloġija applikata sabiex jiġi kkalkulat dan l-ekwivalenti ta' għotja gross, inkluża data verifikabbli sottostanti jew, għal għajnuna individwali, speċifika fuq il-bażi ta' liema skema ta' għajnuna approvata tingħata l-għajnuna.

……

(b) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' pagament antiċipat ripagabbli espress bħala perċentwal tal-kostijiet eliġibbli u jaqbeż, sa 10 punti perċentwali, l-intensitajiet massimi tal-għajnuna stabbiliti fil-Qafas tar-RŻI, ikkonferma, billi timmarka l-kaxxa, li:

☐ fil-każ li l-eżitu jkun suċċess, il-miżura notifikata tipprevedi li l-pagament antiċipat irid jitħallas lura b'rata ta' imgħax li ma tkunx inqas mir-rata ta' skont li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont ([86])

☐ fil-każ ta' suċċess li jmur lil hinn l-eżitu definit bħala wieħed ta' suċċess, l-Istat Membru kkonċernat jitlob pagamenti ogħla mir-ripagament tal-ammont tal-pagament antiċipat inkluż l-imgħax skont ir-rata ta' skont applikabbli

☐ fil-każ ta' falliment jew suċċess parzjali, ir-ripagament ikun proporzjonat mal-grad ta' suċċess miksub

(c) Ipprovdi dettalji dwar il-ħlas lura tal-pagament antiċipat u ddefinixxi b'mod ċar x'jitqies bħala eżitu ta' suċċess tal-attivitajiet megħjuna, abbażi ta' ipoteżi raġonevoli u prudenti.

……

4. Miżuri fiskali li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat: jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' miżura fiskali, speċifika kif inhuma kkalkolati l-intensitajiet tal-għajnuna u pprovdi kull dettall rilevanti:

☐ fuq il-bażi tal-proġetti individwali, jew

☐ fil-livell tal-impriża, bħala l-proporzjon bejn il-ħelsien mit-taxxa kumplessiv u s-somma tal-kostijiet eliġibbli kollha tar-RŻI mġarrbin f'perjodu ta' mhux iktar minn 3 snin fiskali konsekuttivi

……

6.2.3.1. Kundizzjonijiet addizzjonali għal għajnuna individwali

1. Ipprovdi pjan ta' direzzjoni tan-negozju komprensiv għall-proġett megħjun (bl-għajnuna u mingħajrha), inklużi l-kostijiet u d-dħul mistennija rilevanti kollha tul il-ħajja tal-proġett. Ippreżenta spjegazzjonijiet dettaljati, ġustifikazzjonijiet u evidenza rilevanti għas-suppożizzjonijiet sottostanti kollha.

……

([86]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.

2. Jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna jiffaċċja għażla ċara bejn li jwettaq proġett megħjun jew proġett alternattiv mingħajr għajnuna, ipprovdi wkoll pjan ta' direzzjoni tan-negozju komprensiv għat-tul tal-ħajja tal-proġett kontrofattwali. Ipprovdi spjegazzjonijiet dettaljati, ġustifikazzjonijiet u evidenza rilevanti għas-suppożizzjonijiet sottostanti kollha.

……

3. Fin-nuqqas ta' proġett alternattiv, spjega kif l-għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ għall-proġett megħjun sabiex ikun profittabbli biżżejjed, pereżempju billi jkun possibbli li tinkiseb rata ta' redditu interna ("RRI", nternal rate of return) li tikkorrispondi għar-rata ta' referenza jew għar-rata hurdle għas-settur jew speċifiku għall-impriżi.

……

4. Jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna jiffaċċja għażla ċara bejn li jwettaq proġett megħjun jew proġett alternattiv mingħajr għajnuna, spjega għaliex l-għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ biex tkopri l-kostijiet żejda netti tal-proġett megħjun meta mqabbla mal-proġett kontrofattwali, billi tqis il-probabbiltajiet ta' xenarji kummerċjali differenti li jseħħu.

……

5. Ippreżenta kwalunkwe dokument ta' sostenn, bħal dokumenti interni tal-kumpanija, li juru li l-proġett kontrofattwali huwa proġett alternattiv definit b'mod ċar u prevedibbli biżżejjed li ġie kkunsidrat mill-benefiċjarju fit-teħid ta' deċiżjonijiet interni tiegħu.

……

6. Spjega kif l-ammont tal-għajnuna ġie stabbilit u pprovdi kwalunkwe dokument ta' sostenn.

……

7. Jekk ikun hemm diversi kandidati potenzjali biex iwettqu l-attività megħjuna, l-għajnuna tingħata fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi dettalji:

……

8. Jekk l-għajnuna hija maħsuba biex tindirizza distorsjonijiet diretti jew indiretti attwali jew potenzjali tal-kummerċ internazzjonali, jiġifieri fejn, direttament jew indirettament, kompetituri li jinsabu barra mill-Unjoni rċevew fl-aħħar 3 snin jew se jirċievu għajnuna ta' intensità ekwivalenti għal proġetti simili, ipprovdi biżżejjed informazzjoni u kwalunkwe evidenza disponibbli biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta s-sitwazzjoni, b'mod partikolari l-ħtieġa li jitqies il-vantaġġ kompetittiv li jgawdi kompetitur ta' pajjiż terz. Meta d-distorsjonijiet tal-kummerċ internazzjonali x'aktarx li jseħħu wara aktar minn 3 snin, minħabba n-natura partikolari tas-settur inkwistjoni, il-perjodu ta' referenza jista' jiġi estiż kif xieraq.

……

6.2.4. *Akkumulazzjoni ta' għajnuna*

1. Ikkonferma, billi timmarka l-kaxxa x-xierqa, li:

(a) Meta l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħra tal-Unjoni li ma jkunx direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri, jiġi kkombinat ma' għajnuna mill-Istat, l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jridx jaqbeż l-aktar rata ta' finanzjament favorevoli stabbilita fir-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni.

☐ iva ☐ le

(b) Meta n-nefqa eliġibbli għall-għajnuna għar-RŻI tkun ukoll potenzjalment eliġibbli kompletament jew parzjalment għal għajnuna għal skopijiet oħra, il-parti li tikkonċidi tkun soġġetta għall-aktar limitu massimu favorevoli skont kwalunkwe waħda mir-regoli rilevanti.

☐ iva ☐ le

(c) L-għajnuna għar-RŻI mhux se tiġi akkumulata ma' appoġġ *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli jekk dan jirriżulta f'intensità ta' għajnuna li taqbeż dawk stabbiliti f'dan il-qafas.

☐ iva ☐ le

(d) Għall-miżuri ta' għajnuna għall-infrastrutturi tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni kofinanzjati mill-finanzjament tal-Unjoni: uri l-ammont meħtieġ ta' finanzjament pubbliku totali (jiġifieri għajnuna mill-Istat u sorsi oħra ta' finanzjament pubbliku) fuq il-bażi ta' valutazzjoni kredibbli tad-diskrepanza tal-likwidità li tiżgura li l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku ma jwassalx għal kumpens żejjed.

Ipprovdi biżżejjed informazzjoni biex tivvaluta l-ammont meħtieġ ta' finanzjament pubbliku totali għall-infrastruttura tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni u ppreżenta l-evidenza rilevanti:

.....

2. Fir-rigward tal-konfermi mitluba fil-punt (1) hawn fuq, ipprovdi aktar dettalji, u indika l-ittra mill-mistoqsijiet ta' hawn fuq li għalihom huma rilevanti dawn l-ispjegazzjonijiet.

.....

6.2.5. *Trasparenza*

1. Immarka l-kaxxa rilevanti biex tikkonferma li l-Istat Membru se jippubblika fil-modulu tal-għoti tat-trasparenza tal-Kummissjoni Ewropea jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-livell nazzjonali jew reġjonali:

(a) it-test sħiħ tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali jew tal-iskema ta' għajnuna approvata u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, jew link għalih;

☐ iva ☐ le

(b) l-informazzjoni li ġejja dwar kull għoti ta' għajnuna individwali mogħti *ad hoc* jew skont skema ta' għajnuna approvata abbażi ta' dawn il-linji gwida u li taqbeż il-EUR 100 000:

— L-identità tal-benefiċjarju individwali

— L-isem

— L-identifikatur tal-benefiċjarju

☐ iva ☐ le

— It-tip ta' impriża benefiċjarja fiż-żmien tal-għotja:

— SME

— Impriża kbira

☐ iva ☐ le

— Ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju, fil-livell II tan-NUTS jew inqas

☐ iva ☐ le

— Is-settur ekonomiku prinċipali fejn il-benefiċjarju għandu l-attivitajiet tiegħu, fil-livell tal-grupp NACE

☐ iva ☐ le

— L-element ta' għajnuna, u, fejn ikun differenti, l-ammont nominali tal-għajnuna, espress bħala ammont sħiħ fil-munita nazzjonali

☐ iva ☐ le

— L-istrument tal-għajnuna:

— L-għotja/Sussidju tar-rata tal-imgħax/Tħassir tad-dejn

— Self/Pagamenti antiċipati ripagabbli/Għotja rimborżabbli

— Il-garanzija

— Il-vantaġġ tat-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa

— Il-finanzjament ta' riskju

— Oħrajn (speċifika)

☐ iva ☐ le

— Id-data tal-għoti u d-data tal-pubblikazzjoni

☐ iva ☐ le

— L-għan tal-għajnuna

☐ iva ☐ le

— L-identità tal-awtorità jew l-awtoritajiet tal-għoti

☐ iva ☐ le

— Fejn applikabbli, l-isem tal-entità fdata, u l-ismijiet tal-intermedjarji finanzjarji magħżula

☐ iva ☐ le

— Ir-referenza tal-miżura ta' għajnuna

☐ iva ☐ le

(c) Ipprovdi l-indirizz web tas-sit web tal-għajnuna mill-Istat:

.....

(d) Għal skemi fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, ikkonferma li l-informazzjoni meħtieġa dwar l-ammonti ta' għajnuna individwali fil-firxiet deskritti fil-punt 102 tal-Qafas tar-RŻI, se tiġi ppubblikata:

☐ iva ☐ le

2. Immarka l-kaxxa rilevanti ta' hawn taħt sabiex tikkonferma li l-Istat Membru se jorganizza s-sit web komprensiv tiegħu dwar l-għajnuna mill-Istat (kif iddikjarat fil-punt preċedenti) b'tali mod li jippermetti aċċess faċli għall-informazzjoni, li l-informazzjoni se tiġi ppubblikata fil-format ta' spreadsheet b'data nonproprjetarja, li jippermetti li d-data tiġi mfittxija, estratta, imniżżla u ppubblikata faċilment fuq l-internet, pereżempju f'format CSV jew XML, u li l-pubbliku ġenerali se jitħalla jaċċessa s-sit web mingħajr l-ebda restrizzjoni, inkluża r-reġistrazzjoni minn qabel tal-utent.

☐ iva ☐ le

3. Immarka l-kaxxa rilevanti ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-informazzjoni skont dan ta' hawn fuq se tiġi ppubblikata fi żmien sitt xhur mid-data tal-għoti tal-għajnuna, jew, għall-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, fi żmien sena mid-data li fiha trid titħallas id-dikjarazzjoni tat-taxxa.

☐ iva ☐ le

Speċifika l-perjodu ta' żmien applikabbli għall-miżura ta' għajnuna tiegħek:

……

4. Fejn applikabbli, immarka l-kaxxa rilevanti ta' hawn taħt biex tikkonferma l-għajnuna li kienet illegali li madankollu wara nstabet kompatibbli, l-Istat Membru se jippubblika din l-informazzjoni fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli.

☐ iva ☐ le

……

5. Sabiex tippermetti l-infurzar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat skont it-Trattat, l-informazzjoni trid tibqa' disponibbli għal mill-anqas 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna.

☐ iva ☐ le

6.2.6. *Il-verifika li l-effetti negattivi speċifiċi tal-għajnuna għar-RŻI fuq il-kompetizzjoni u l-kundizzjonijiet tal-kummerċ jiġu minimizzati jew evitati*

Indika:

1. jekk l-għoti tal-għajnuna jippermettix lill-benefiċjarju tal-għajnuna li jikseb vantaġġ kompetittiv permezz ta':

☐ tnaqqis fil-kostijiet tal-produzzjoni

☐ żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni

☐ l-iżvilupp ta' prodotti ġodda

☐ effetti oħra, speċifika:

……

2. l-għoti tal-għajnuna huwa soġġett għall-obbligu li l-benefiċjarju jkollu s-sede ċentrali tiegħu, jew ikun stabbilit b'mod predominanti fl-Istat Membru rilevanti (il-punt 117 tal-Qafas tar-RŻI):

☐ iva ☐ le

3. l-għoti ta' għajnuna huwa soġġett għall-obbligu tal-benefiċjarju li juża prodotti jew servizzi nazzjonali (il-punt 117 tal-Qafas tar-RŻI):

☐ iva ☐ le

4. il-miżura ta' għajnuna tirrestrinġi l-possibbiltà għall-benefiċjarju li jisfrutta r-riżultati tar-RŻI fi Stati Membri oħra (il-punt 117 tal-Qafas tar-RŻI):

☐ iva ☐ le

5. il-miżura ta' għajnuna timponi xi obbligu ieħor fuq il-benefiċjarju:

☐ iva ☐ le

6. Ipprovdi ġustifikazzjoni għat-tweġibiet li għażilt u ppreżenta evidenza fejn meħtieġ. Jekk it-tweġiba għal kull waħda mill-mistoqsijiet f'din it-taqsima hija iva, ipprovdi iktar dettalji:

……

6.2.6.1. Skema tal-għajnuna

1. Għall-iskemi ta' għajnuna, spjega kif se jiġi żgurat li kwalunkwe effett negattiv se jkun limitat għall-minimu (filwaqt li jitqiesu, pereżempju, id-daqs tal-proġetti kkonċernati, l-ammonti tal-għajnuna individwali u kumulattiva, l-għadd ta' benefiċjarji mistennija u l-karatteristiċi tas-setturi fil-mira) u pprovdi kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt jew evalwazzjonijiet *ex post* imwettqa għal skemi predeċessuri simili.

……

6.2.6.2. Kundizzjonijiet addizzjonali għal għajnuna individwali

1. Jekk applikabbli, iddeskrivi l-impatt probabbli tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni fil-proċess tal-innovazzjoni (ara l-punt 109 tal-Qafas tar-RŻI).

……

2. Identifika s-swieq tal-prodotti li fuqhom huwa probabbli li l-għajnuna jkollha impatt u pprovdi s-sehem mis-suq attwali u l-valutazzjoni tiegħek tal-pożizzjoni fis-suq u s-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju f'kull wieħed mis-swieq ikkonċernati, kif ukoll kwalunkwe bidla f'dawk l-ishma mis-suq, il-pożizzjoni fis-suq u s-saħħa fis-suq li jirriżultaw mill-attivitajiet megħjuna.

……

3. Għal kull wieħed mis-swieq tal-prodotti kkonċernati, identifika l-kompetituri ewlenin tal-benefiċjarju tal-għajnuna u pprovdi l-ishma mis-suq tagħhom.

……

Jekk disponibbli, ipprovdi l-Indiċi Herfindahl-Hirschman ("HHI") assoċjat.

……

4. Għal kull wieħed mis-swieq tal-prodotti kkonċernati, ipprovdi informazzjoni dwar il-klijenti jew il-konsumaturi affettwati mill-attivitajiet megħjuna.

……

5. Iddeskrivi l-istruttura u d-dinamika tas-swieq ikkonċernati fir-rigward tal-aspetti li ġejjin (il-punti 124 u126 tal-Qafas tar-RŻI):

(a) żviluppi reċenti u prospetti ta' tkabbir għall-futur

……

(b) ammont minfuq mill-atturi ewlenin fuq proġetti ta' tip simili

……

(c) livelli ta' ostakli għad-dħul u l-ħruġ

……

(d) eżistenza ta' saħħa kumpensatorja tax-xerrej

……

(e) inċentivi biex tikkompeti għal swieq futuri

……

(f) differenzjazzjoni tal-prodott u intensità tal-kompetizzjoni

……

(g) karatteristiċi oħra li x'aktarx jaffettwaw il-kompetituri, il-klijenti jew il-konsumaturi

……

6. Il-benefiċjarju tal-għajnuna għandu xi influwenza fil-proċess tal-għażla, pereżempju billi jkollu d-dritt li jirrakkomanda impriżi jew jinfluwenza l-perkors tar-riċerka?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi d-dettalji:

……

7. Immarka l-kaxxa rilevanti biex tiddikjara jekk l-għajnuna tingħatax fi swieq li għandhom kapaċità żejda jew f'industriji li sejrin lura.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi dettalji dwar dawn is-swieq u l-industriji u l-ġustifikazzjoni tiegħek għaliex fil-fehma tiegħek l-għajnuna ma tqajjimx tħassib:

……

8. Indika jekk il-benefiċjarju kkunsidrax xi postijiet alternattivi għall-attivitajiet megħjuna.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi dettalji u evidenza interna kontemporanja kredibbli tal-benefiċjarju tal-għajnuna biex issostni l-asserzjoni.

……

9. Agħti l-fehma ġenerali tiegħek l-għaliex temmen li l-għajnuna ma twassalx għal distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.

……

6.2.7. *L-evalwazzjoni tal-effetti pożittivi u negattivi tal-għajnuna*

1. Identifika, skont il-fehma tiegħek, liema huma l-effetti pożittivi tal-għajnuna fuq l-attività ekonomika megħjuna u l-effetti pożittivi usa' relatati mar-RŻI tal-għajnuna li jeħtieġ li jitqiesu fl-analiżi. Għal aktar dettalji u ġustifikazzjoni, tista' tipprovdi referenza għat-tweġibiet dettaljati tiegħek għall-mistoqsijiet li jmiss.

……

2. Iddefinixxi b'mod preċiż l-objettiv segwit u spjega kif il-miżura notifikata għandha l-intenzjoni li tippromwovi l-attivitajiet tar-RŻI.

……

3. Elabora jekk l-għajnuna twassalx għal effetti pożittivi usa' relatati mar-RŻI.

……

Elabora jekk dawn l-effetti pożittivi humiex inkorporati fil-politiki tal-Unjoni (bħaż-ŻER il-ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Komunikazzjonijiet dwar l-Istrateġija Diġitali Ewropea u l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida għall-Ewropa)?

……

4. Indika jekk il-miżura ta' għajnuna mill-Istat tikkontribwixxix għat-trasformazzjoni diġitali tal-industrija tal-Unjoni u għat-tranżizzjoni tal-Unjoni lejn ekonomija b'livell żero/baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u jekk iva, spjega kif.

……

5. Fil-każ ta' skema ta' għajnuna, hija parti minn programm komprensiv jew pjan ta' azzjoni biex jiġu stimulati attivitajiet tar-RŻI jew strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi, fejn rilevanti, ir-referenza għal evalwazzjonijiet ta' miżuri ta' għajnuna simili fl-imgħoddi:

……

6. Jekk rilevanti, iċċara jekk l-attivitajiet appoġġati tar-RŻI humiex f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([87]).

……

Jekk le, spjega jekk ġietx applikata metodoloġija alternattiva biex jiġu identifikati attivitajiet tar-RŻI għal teknoloġiji, prodotti jew soluzzjonijiet oħra għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli.

……

6.2.7.1. L-ibbilanċjar tal-effetti pożittivi kontra l-effetti negattivi tal-għajnuna

1. Agħti l-fehma tiegħek (kemm għall-iskemi ta' għajnuna kif ukoll għall-għajnuna individwali) għaliex temmen li l-effetti pożittivi tal-għajnuna, kif identifikati u ġġustifikati minnek hawn fuq f'din it-taqsima huma akbar mill-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kundizzjonijiet tal-kummerċ tal-għajnuna.

……

7. INFORMAZZJONI OĦRA

1. Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni oħra li tkun ta' rilevanza biex tiġi vvalutata l-miżura ta' għajnuna nnotifikata skont il-Qafas tar-RŻI.

……

2. Elenka hawn taħt l-annessi kollha mehmuża mal-formola (li għandhom jinkludu l-evidenza rilevanti, il-pjanijiet tad-direzzjoni tan-negozju, l-istudji, eċċ.). Indika b'mod ċar (il-paragrafi, il-paġni, b'mod viżiv) fejn tinstab l-informazzjoni f'dawn l-annessi li tappoġġa t-tweġibiet li ngħataw fil-formola.

……"

(c) Il-Parti III.5 hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI III.5.A

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦALL-MIŻURI TA' DIFFUŻJONI

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifiki ta' għajnuna għal miżuri ta' diffużjoni koperti mil-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għan-networks tal-broadband ([88]) *("Linji Gwida dwar il-Broadband").*

1. INFORMAZZJONI ĠENERALI

1.1. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-miżura ta' għajnuna u tal-objettivi tagħha.

……

1.2. Spjega għaliex, fil-fehma tiegħek, il-miżura ta' għajnuna tammonta għal għajnuna mill-Istat ([89]).

……

([87]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj).

([88]) Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għan-networks tal-broadband (ĠU C 36, 31.1.2023, p. 1).

([89]) Il-paragrafi 177, 178 u 179.

1.3. Indika jekk il-miżura ta' għajnuna tikkonsistix fi:

☐ Vawċers soċjali ([90])

☐ Vawċers għall-konnettività ([91])

1.4. Spjega kif il-miżura ta' għajnuna taqbel mal-istrateġija nazzjonali tal-broadband u l-politika diġitali u l-objettivi ambjentali tal-Unjoni ([92]).

……

1.5. Spjega jekk ir-raġuni li tiġġustifika l-miżura ta' għajnuna hijiex ([93]):

☐ L-impatt ekonomiku tal-ispiża tal-abbonament għas-servizzi tal-broadband. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji.

……

☐ Nuqqas ta' għarfien dwar il-benefiċċji li jġib miegħu l-abbonament għas-servizzi tal-broadband. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji.

……

☐ Raġunijiet oħra. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji.

……

1.6. Spjega l-kuntest tal-miżura ta' għajnuna (pereżempju, il-livell attwali ta' kopertura tan-networks tal-broadband fl-Istat Membru, il-livell attwali ta' diffużjoni tas-servizzi tal-broadband), filwaqt li tindika s-sorsi tal-informazzjoni pprovduta.

……

1.7. Ikkonferma li l-veloċitajiet kollha msemmija f'din in-notifika jitqiesu li jfissru veloċitajiet fil-kundizzjonijiet tal-ħin bl-iktar użu intensiv ([94]).

☐ Iva ☐ Le

1.8. Jekk disponibbli, ibgħat id-dokumenti li ġejjin u pprovdi deskrizzjoni tal-kontenut tagħhom.

☐ Valutazzjoni tal-impatt tal-miżura ta' għajnuna ……

☐ Pjanijiet ta' evalwazzjoni *ex post* ta' skemi preċedenti simili ……

☐ Analiżi kontrofattwali li turi li l-miżura għandha effetti pożittivi meta mqabbel ma' dak li kien jiġri mingħajr l-għajnuna ……

2. VAWĊERS SOĊJALI

2.1. Identifika l-kategoriji partikolari ta' konsumaturi individwali fil-mira tal-miżura ta' għajnuna, filwaqt li tispeċifika ċ-ċirkostanzi finanzjarji li jiġġustifikaw l-għoti ta' għajnuna għal raġunijiet soċjali (pereżempju, familji b'introjtu baxx, studenti, tfal tal-iskola, eċċ.) u l-kriterji oġġettivi użati biex jiġu identifikati l-konsumaturi eliġibbli ([95]).

……

2.2. Ipprovdi stima tal-għadd ta' konsumaturi li jistgħu jibbenefikaw mill-miżura ta' għajnuna.

……

2.3. Identifika l-fornituri ta' servizzi eliġibbli.

……

([90]) Il-paragrafu 181.
([91]) Il-paragrafu 189.
([92]) Pereżempju, id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).
([93]) Il-paragrafu 175.
([94]) Il-paragrafu 19(j) u (k). Ara wkoll il-paragrafu 20, l-aħħar sentenza.
([95]) Il-paragrafu 182.

2.4. Indika s-servizzi eliġibbli koperti mill-miżura ta' għajnuna (pereżempju, f'termini ta' veloċità tad-download, veloċità tal-upload, eċċ.) u spjega kif l-awtoritajiet tiegħek identifikaw dawn is-servizzi.

……

2.5. Spjega kif se jintużaw il-vawċers u aġħti dettalji speċifiċi ([96]):

☐ Biex wieħed jabbona għal servizzi ġodda tal-broadband. Dettalji:

……

☐ Biex jinżammu l-abbonamenti eżistenti. Dettalji:

……

☐ Oħrajn. Dettalji:

……

2.6. Elenka l-ispejjeż eliġibbli koperti mill-miżura ta' għajnuna ([97]).

……

2.7. Indika t-tul massimu tal-vawċer (jekk hemm).

……

2.8. Indika l-forma u l-ammont tal-vawċers, filwaqt li tispeċifika kif ġie stabbilit dan l-ammont u l-perċentwal tal-kost tal-abbonament kopert mill-vawċer.

……

2.9. Spjega jekk u kif il-miżura ta' għajnuna tikkonforma mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika ([98]).

……

2.10. Biex turi li l-miżura ta' għajnuna tiżgura li kull fornitur possibbli ta' servizzi jiġi ttrattat bl-istess mod u toffri lill-konsumaturi l-aktar għażla wiesgħa possibbli ta' forniturі ([99]), ikkonferma (billi tipprovdi d-dettalji rilevanti) li ([100]):

(a) Se jiġi stabbilit reġistru online tal-forniturі tas-servizzi eliġibbli kollha (jew pjattaforma alternattiva ekwivalenti).

……

(b) Il-konsumaturi huma liberi li jikkonsultaw ir-reġistru.

……

(c) L-impriżi kollha li kapaċi jfornu s-servizzi tal-broadband eliġibbli jistgħu jitolbu li jiġu inklużi fir-reġistru (jew fil-pjattaforma alternattiva magħżula).

……

(d) Ir-reġistru (jew il-pjattaforma alternattiva magħżula) iforni informazzjoni addizzjonali biex jassisti lill-konsumaturi (pereżempju, it-tip ta' servizzi pprovduti minn impriżi differenti, eċċ.). Jekk iva, indika l-informazzjoni addizzjonali pprovduta.

……

2.11. Spjega fid-dettall il-proċedura ta' implimentazzjoni tal-miżura ta' għajnuna.

……

([96]) Il-paragrafu 184.
([97]) Il-paragrafu 183.
([98]) Il-paragrafu 185.
([99]) Il-paragrafu 185.
([100]) Il-paragrafu 185.

2.12. Konsultazzjoni pubblika ([101]). Ipprovdi din l-informazzjoni:

(a) Id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' kull konsultazzjoni pubblika li saret.

……

(b) Il-kontenut ta' kull konsultazzjoni pubblika.

……

(c) Is-sit tal-Internet aċċessibbli għall-pubbliku (fil-livell reġjonali u/jew nazzjonali) fejn ġiet ippubblikata l-konsultazzjoni.

……

(d) Is-sommarju tal-osservazzjonijiet ewlenin tal-kontributuri f'kull konsultazzjoni pubblika, li jispeċifika kif ġew indirizzati.

……

2.13. Indika jekk humiex se jiġu implimentati salvagwardji addizzjonali biex jiġi evitat l-użu ħażin possibbli tal-vawċers soċjali. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji ([102]).

……

2.14. Indika jekk il-miżura ta' għajnuna tipprovdix għal regoli speċifiċi dwar il-ġestjoni tal-abbonament, fir-rigward, fost l-oħrajn, tat-terminazzjoni bikrija tal-abbonament, il-possibbiltà li l-abbonament jiġi emigrat lejn fornitur ieħor matul il-perjodu kopert mill-vawċer (jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet), il-kontinwazzjoni tal-abbonament wara l-iskadenza tal-vawċer. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji.

……

3. VAWĊERS GĦALL-KONNETTIVITÀ

3.1. Indika t-tip ta' utenti aħħarin fil-mira tal-miżura.

☐ Konsumaturi

☐ Negozji

3.2. Spjega l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-utenti finali biex jiksbu vawċers tal-konnettività.

……

3.3. Ipprovdi stima tal-għadd ta' utenti finali li jistgħu jibbenefikaw mill-miżura ta' għajnuna.

……

3.4. Identifika l-forniturі ta' servizzi eliġibbli.

……

3.5. Indika s-servizzi eliġibbli koperti mill-miżura ta' għajnuna (pereżempju, f'termini ta' veloċità tad-download, veloċità tal-upload, eċċ.) u spjega kif l-awtoritajiet tiegħek identifikaw dawn is-servizzi. F'dan ir-rigward, indika l-ħtiġijiet tal-utenti finali li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' konnessjonijiet li jipprovdu s-servizzi eliġibbli, billi tissottometti evidenza ta' sostenn verifikabbli dwar dan (pereżempju, stħarriġ tal-konsumaturi, studji indipendenti) ([103]).

……

([101]) Il-paragrafu 186.
([102]) Il-paragrafu 187.
([103]) Il-paragrafu 194.

3.6. Spjega kif se jintużaw il-vawċers u agħti dettalji speċifiċi. Barra minn hekk, ikkonferma li l-vawċers ma jistgħux jintużaw biex jinżammu l-abbonamenti eżistenti ([104]).

☐ Għall-abbonament għal servizzi ġodda tal-broadband. Dettalji:

……

☐ Għall-upgrade ta' abbonamenti eżistenti. Dettalji:

……

☐ Konferma li l-vawċers ma jistgħux jintużaw biex jinżammu l-abbonamenti eżistenti. Dettalji:

……

3.7. Elenka l-ispejjeż eliġibbli koperti mill-miżura ta' għajnuna ([105]).

……

3.8. Indika l-forma u l-ammont tal-vawċers, filwaqt li tispeċifika kif ġie stabbilit dan l-ammont u l-perċentwal tal-kost tal-abbonament kopert mill-vawċer ([106]).

……

3.9. Spjega jekk u kif il-miżura ta' għajnuna tikkonforma mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika ([107]).

……

3.10. Biex turi li l-miżura ta' għajnuna tiżgura li kull fornitur possibbli ta' servizzi jiġi ttrattat bl-istess mod u toffri lill-konsumaturi l-aktar għażla wiesgħa possibbli ta' fornituri, ikkonferma (billi tipprovdi d-dettalji rilevanti) li ([108]):

(a) Se jiġi stabbilit reġistru online tal-fornituri tas-servizzi eliġibbli kollha (jew pjattaforma alternattiva ekwivalenti).

……

(b) Il-konsumaturi huma liberi li jikkonsultaw ir-reġistru.

……

(c) L-impriżi kollha li kapaċi jfornu s-servizzi tal-broadband eliġibbli jistgħu jitolbu li jiġu inklużi fir-reġistru (jew fil-pjattaforma alternattiva magħżula).

……

(d) Ir-reġistru (jew il-pjattaforma alternattiva magħżula) iforni informazzjoni addizzjonali biex jassisti lill-konsumaturi (pereżempju, it-tip ta' servizzi pprovduti minn impriżi differenti, eċċ.). Jekk iva, indika l-informazzjoni addizzjonali pprovduta.

……

3.11. Spjega fid-dettall il-proċedura ta' applikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna.

……

3.12. Konsultazzjoni pubblika. Ipprovdi din l-informazzjoni ([109]):

(a) Id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' kull konsultazzjoni pubblika li saret.

……

(b) Il-kontenut ta' kull konsultazzjoni pubblika.

……

([104]) Il-paragrafu 195.
([105]) Il-paragrafu 193.
([106]) Il-paragrafu 193.
([107]) Il-paragrafu 196. Ara wkoll il-paragrafu 194.
([108]) Il-paragrafu 196.
([109]) Il-paragrafu 198.

(c) Is-sit tal-Internet aċċessibbli għall-pubbliku (fil-livell reġjonali u/jew nazzjonali) fejn ġiet ippubblikata l-konsultazzjoni.

……

(d) Is-sommarju tal-osservazzjonijiet ewlenin tal-kontributuri f'kull konsultazzjoni pubblika, li jispeċifika kif ġew indirizzati.

……

3.13. Indika jekk humiex se jiġu implimentati salvagwardji addizzjonali biex jiġi evitat l-użu ħażin possibbli tal-vawċers ta' konnettività. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji ([110]).

……

3.14. Indika jekk il-miżura ta' għajnuna tipprovdix għal regoli speċifiċi dwar il-ġestjoni tal-abbonament, fir-rigward, fost l-oħrajn, tat-terminazzjoni bikrija tal-abbonament, il-possibbiltà li l-abbonament jiġi emigrat lejn fornitur ieħor matul il-perjodu kopert mill-vawċer (jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet), il-kontinwazzjoni tal-abbonament wara l-iskadenza tal-vawċer. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji.

……

3.15. Identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati mill-miżura ta' għajnuna permezz ta' żieda fil-konnettività u bl-aċċess għal servizzi broadband performanti, u spjega kif l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet huwa appoġġat ([111]).

……

3.16. Ipprovdi evidenza għall-effett ta' inċentiv tal-miżura ta' għajnuna ([112]).

……

3.17. Ikkonferma li l-miżura ta' għajnuna, il-kundizzjonijiet marbuta magħha (inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta dak il-metodu ta' finanzjament jifforma parti integrali mill-għajnuna) jew l-attività li tiffinanzja ma jinvolvux ksur tad-dispożizzjonijiet jew tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

☐ Iva ☐ Le. F'dan il-każ, ipprovdi spjegazzjonijiet.

……

3.18. Spjega għaliex miżuri alternattivi għall-għajnuna mill-Istat (pereżempju, miżuri amministrattivi u regolatorji, strumenti bbażati fuq is-suq, self, miżuri tat-taxxa) mhumiex kapaċi jindirizzaw l-objettiv(i) tal-miżura ta' għajnuna ([113]).

……

3.19. Issottometti valutazzjoni tas-suq li fiha: (i) valutazzjoni tar-riskju li l-miżura ta' għajnuna tagħti vantaġġ sproporzjonat — fil-livell tal-bejgħ bl-imnut u/jew bl-ingrossa — lil xi fornituri għad-detriment ta' oħrajn, u possibbilment issaħħaħ id-dominanza (lokali) tas-suq; (ii) valutazzjoni tal-ħtieġa attwali li jiġi implimentat vawċer tal-konnettività billi s-sitwazzjoni fiż-żona/i ta' intervent titqabbel mas-sitwazzjoni f'żoni oħra tal-Istat Membru jew tal-Unjoni; (iii) analiżi tax-xejriet tad-diffużjoni ta' servizzi eliġibbli fost l-utenti finali ([114]).

……

([110]) Il-paragrafu 187.
([111]) Il-paragrafu 191.
([112]) Il-paragrafu 192. Għal definizzjoni tal-effett ta' inċentiv, ara l-paragrafu 38.
([113]) Il-paragrafu 194.
([114]) Il-paragrafu 197. Ara wkoll il-paragrafu 195.

3.20. Indika jekk xi fornitur eliġibbli ta' servizzi tal-broadband huwiex integrat vertikalment u għandux sehem mis-suq bl-imnut ta' aktar minn 25 %.

☐ Iva ☐ Le.

3.21. F'każ li t-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti tkun pożittiva, ikkonferma li kwalunkwe fornitur ta' servizzi tal-broadband integrat vertikalment li għandu sehem mis-suq bl-imnut ta' aktar minn 25 %, se joffri, fis-suq tal-aċċess bl-ingrossa korrispondenti, prodotti ta' aċċess bl-ingrossa li abbażi tagħhom kwalunkwe persuna li tfittex l-aċċess se tkun tista' tipprovdi s-servizzi eliġibbli b'kundizzjonijiet miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji.

☐ Iva ☐ Le

3.22. Indika t-tul ta' żmien tal-miżura ta' għajnuna u l-perjodu ta' validità tal-vawċers għal utent finali individwali ([115]).

……

3.23. Spjega x'effetti negattivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ jista' jkollha l-miżura ta' għajnuna u liema elementi fit-tfassil tal-miżura jistgħu jimminimizzaw dawk ir-riskji.

……

4. INFORMAZZJONI OĦRA (APPLIKABBLI GĦALL-VAWĊERS SOĊJALI U TAL-KONNETTIVITÀ)

4.1. Spjega r-rwol li għandha l-ARN fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżura ta' għajnuna.

……

4.2. Irrapporta l-opinjoni tal-ARN dwar il-miżura ta' għajnuna (jekk disponibbli).

……

4.3. Irrapporta l-opinjoni tal-Awtorità Nazzjonali tal-Kompetizzjoni dwar il-miżura ta' għajnuna (jekk disponibbli).

……

4.4. Trasparenza.

(a) Ikkonferma li l-Istat Membru se jippubblika (i) it-test sħiħ tad-deċiżjoni li tapprova l-miżura ta' għajnuna u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha (jew link għalihom), u (ii) informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż il-EUR 100 000, f'konformità mal-Anness II ([116]) (fi żmien 6 xhur mid-data tal-għoti tal-għajnuna jew, għal għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, fi żmien sena mid-data meta trid tintbagħat id-dikjarazzjoni tat-taxxa) ([117]),

☐ Fil-modulu dwar l-għoti tat-trasparenza tal-Kummissjoni ([118]).

☐ Fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat (li jipprovdi l-indirizz web rilevanti). F'dan il-każ, speċifika jekk huwiex sit web nazzjonali jew reġjonali ([119]) u huwiex permess aċċess faċli għall-informazzjoni rreġistrata fis-sit web tal-għajnuna (jiġifieri, il-pubbliku ġenerali jrid jitħalla jaċċessa s-sit web mingħajr restrizzjonijiet) ([120]).

……

([115]) Il-paragrafu 200.
([116]) Il-paragrafu 202.
([117]) Il-paragrafu 203.
([118]) Disponibbli fuq: https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public?lang=mt.
([119]) Il-paragrafu 202.
([120]) Il-paragrafu 204.

(b) Ikkonferma li l-informazzjoni taħt il-punt 4.4 se tkun disponibbli għal mill-inqas 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna, se tiġi ppubblikata fi spreadsheet f'format ta' nonproprjetarju, li jippermetti li d-data tiġi mfittxija, estratta, imniżżla b'mod effettiv u ppubblikata faċilment fuq l-internet (pereżempju, f'format CSV jew XML).

☐ Iva ☐ Le

(c) Ikkonferma li, għal għajnuna li hija illegali iżda li sussegwentement tinstab li hija kompatibbli, l-informazzjoni rilevanti hija ppubblikata fuq sit web dwar l-għajnuna mill-Istat (li jispeċifika l-indirizz web rilevanti) fi żmien 6 xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli ([121]).

☐ Iva ☐ Le

4.5. Rappurtaġġ. Ikkonferma li l-awtoritajiet tiegħek se jissottomettu lill-Kummissjoni (i) rapporti annwali fir-rigward ta' kull miżura approvata skont il-Linji Gwida dwar il-Broadband, u (ii) rapport kull sentejn li jkun fih informazzjoni ewlenija dwar il-miżura ta' għajnuna approvata skont il-Linji Gwida dwar il-Broadband, f'konformità mal-Anness III tal-istess Linji Gwida dwar il-Broadband ([122]).

……

4.6. Monitoraġġ. Ikkonferma li l-awtoritajiet tiegħek se jżommu — għal 10 snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna — rekords dettaljati dwar il-miżuri kollha ta' għajnuna, li fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà stabbiliti fil-Linji Gwida dwar il-Broadband huma ssodisfati, u li jimpenjaw ruħhom li jipprovduhom lill-Kummissjoni fuq talba ([123]).

……

4.7. Indika jekk il-miżura ta' għajnuna hijiex ikkunsidrata għal pjan ta' evalwazzjoni *ex post*.

☐ Le. Spjega għaliex tqis li l-kriterji għall-pjan ta' evalwazzjoni *ex post* mhumiex issodisfati.

……

☐ Iva. Jekk iva, indika skont liema kriterji l-miżura ta' għajnuna hija kkunsidrata għal evalwazzjoni ex post u pprovdi l-informazzjoni rilevanti dwar il-pjan ta' evalwazzjoni ex post deskritt fit-Taqsima 8 tal-Linji Gwida dwar il-Broadband.

……

4.8. Indika kull informazzjoni oħra rilevanti sabiex tiġi vvalutata l-miżura ta' għajnuna skont il-Linji Gwida dwar il-Broadband jew kull informazzjoni oħra rilevanti mill-perspettiva tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni u s-suq intern.

……

4.9. Indika jekk din il-formola ta' informazzjoni supplimentari fihiex informazzjoni kunfidenzjali li ma għandhiex tiġi żvelata lil partijiet terzi ([124]).

☐ Iva. Jekk iva, indika l-informazzjoni kunfidenzjali u agħti r-raġunijiet għall-kunfidenzjalità.

☐ Le.

([121]) Il-paragrafu 204.
([122]) Il-paragrafi 207 u 208.
([123]) Il-paragrafu 209.
([124]) Biex jiggwidak, ara l-Artikolu 339 tat-Trattat li jagħmel referenza għal "*tagħrif li jirriferi għal impriżi u dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom jew l-elementi tal-costing tagħhom*". B'mod ġenerali, il-qrati tal-Unjoni fissru "*sigrieti kummerċjali*" bħala informazzjoni "*li mhux biss l-iżvelar tagħha lill-pubbliku iżda saħansitra anki s-sempliċi mogħdija lil persuna oħra għajr dik li pprovdiet l-informazzjoni jista' jagħmel ħsara serja lill-interess ta' dik imsemmija l-aħħar*" fil-Kawża T-353/94, *Postbank* vs *Il-Kummissjoni* EU:T:1996:119, il-paragrafu 87.

4.10. Ikkonferma li l-miżura ta' għajnuna mhijiex koperta mill-Artikolu 52c tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 ([125])jew mir-Regolament (UE) 2023/2831 ([126]).

☐ Iva ☐ Le

PARTI III.5.B

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦAT-TNEDIJA TA' NETWORKS TAL-BROADBAND

Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifiki ta' għajnuna għat-tnedija ta' networks tal-broadband koperti mil-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għan-networks tal-broadband ([127]) *("Linji Gwida dwar il-Broadband").*

1. INFORMAZZJONI ĠENERALI

1.1. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-miżura ta' għajnuna u tal-objettivi tagħha.

.....

1.2. Identifika t-tip ta' network tal-broadband ([128]) appoġġat mill-miżura ta' għajnuna.

☐ tnedija ta' networks ta' aċċess fiss ([129]). Jekk iva, speċifika t-tip ta' żoni fil-mira tal-miżura ta' għajnuna.

☐ Bajda ([130])

☐ Griża ([131])

☐ Imħallta (bajda u griża) ([132])

☐ Sewda ([133])

☐ tnedija ta' networks ta' aċċess mobbli ([134]).

☐ 4G

☐ 5G

☐ oħrajn

☐ tnedija ta' backhaul ([135]).

☐ backhaul biss

☐ backhaul illinkjat mat-tnedija ta' network ta' aċċess ([136])

([125]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj).

([126]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L, 2023/2831, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2831/oj).

([127]) Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għan-networks tal-broadband (ĠU C 36, 31.1.2023, p. 1).

([128]) Kif definit fil-paragrafu 19(a). Ara wkoll il-paragrafu 19(b).

([129]) Kif definit fil-paragrafi 19(c), 19(d) u 21.

([130]) Kif definit fil-paragrafu 100.

([131]) Kif definit fil-paragrafu 101.

([132]) Kif definit fil-paragrafu 103.

([133]) Kif definit fil-paragrafu 107.

([134]) Kif definit fil-paragrafi 19(e) u 22, 23 u 24.

([135]) Kif definit fil-paragrafi 19(f) u 25.

([136]) Ara l-paragrafu 75.

1.3. Spjega kif il-miżura ta' għajnuna taqbel mal-istrateġija nazzjonali tal-broadband u l-politika diġitali u l-objettivi ambjentali tal-Unjoni ([137]).

……

1.4. Ikkonferma li l-veloċitajiet kollha msemmija f'din in-notifika jitqiesu li jfissru veloċitajiet fil-kundizzjonijiet tal-ħin bl-iktar użu intensiv ([138]).

☐ Iva ☐ Le

1.5. Indika l-perjodu ta' żmien ([139]) tal-miżura ta' għajnuna u kif ġie ddeterminat.

……

1.6. Indika l-mudell ta' investiment li fuqu se tiġi implimentata l-miżura ta' għajnuna.

☐ Finanzjament tal-lakuni ([140])

☐ Għajnuna *in natura* ([141])

☐ Investiment dirett ([142])

☐ Konċessjonarju ([143])

☐ Oħrajn. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji. ……

2. FAĊILITAZZJONI TAL-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

2.1. Identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati mill-miżura ta' għajnuna u spjega kif l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet huwa appoġġat ([144]).

……

2.2. Ikkonferma li l-miżura ta' għajnuna, il-kundizzjonijiet marbuta magħha (inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta dak il-metodu ta' finanzjament jifforma parti integrali mill-għajnuna) jew l-attività li tiffinanzja ma jinvolvux ksur tad-dispożizzjonijiet jew tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ([145]).

☐ Iva ☐ Le. F'dan il-każ, ipprovdi spjegazzjonijiet ……

3. EFFETTI POŻITTIVI TAL-GĦAJNUNA

3.1. Iddeskrivi jekk u, jekk iva, kif il-miżura ta' għajnuna se ġġib effetti pożittivi (pereżempju, f'termini ta' tnaqqis tad-distakk diġitali ([146]), korrezzjoni tal-inugwaljanzi soċjali jew reġjonali, ekwità, għanijiet ta' sostenibbiltà ([147]), prezzijiet aktar baxxi u għażla aħjar għall-utenti finali, kwalità ogħla u innovazzjoni, tlestija tas-Suq Uniku Diġitali ([148])) ([149]).

……

([137]) Pereżempju, id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4). Ara l-Linji Gwida dwar il-Broadband, il-paragrafi 2 sa 6, 8, 10 u 171.
([138]) Il-paragrafi 19(j) u (k). Ara wkoll il-paragrafu 20, l-aħħar sentenza.
([139]) Il-paragrafu 19(m). Ara wkoll il-paragrafu 80.
([140]) L-Anness IV, il-paragrafu 1.
([141]) L-Anness IV, il-paragrafu 2.
([142]) L-Anness IV, il-paragrafu 3.
([143]) L-Anness IV, il-paragrafu 4.
([144]) Il-paragrafi 35 u 36.
([145]) Il-paragrafu 41.
([146]) Il-paragrafi 19(q) u 50.
([147]) Il-paragrafu 172.
([148]) Il-paragrafu 171.
([149]) Il-paragrafi 42 u 43.

4. FALLIMENT TAS-SUQ FIR-RIGWARD TAN-NETWORKS TA' AĊĊESS FISSI

4.1. Indika l-prestazzjoni f'termini tal-veloċità tad-download (u, jekk applikabbli, tal-veloċità tal-upload u parametri oħra) li n-networks sussidjati se jkollhom jipprovdu ([150]).

……

4.2. Indika l-ħtiġijiet attwali u futuri tal-utenti finali li jistgħu jiġu indirizzati minn networks fissi li jipprovdu l-prestazzjoni msemmija fil-punt 4.1 (u mhux min-networks fissi eżistenti), filwaqt li tissottometti evidenza ta' sostenn verifikabbli ta' dan (pereżempju, stħarriġ tal-konsumaturi, studji indipendenti) ([151]).

……

4.3. Eżerċizzju ta' mmappjar ([152]). Ipprovdi din l-informazzjoni.

(a) Il-prestazzjoni tan-networks eżistenti u ppjanati (fil-perjodu ta' żmien rilevanti) li ġew immappjati (pereżempju, il-veloċità tad-download, il-veloċità tal-upload, il-latenza, it-telfien ta' pakketti, l-iżball fil-pakkett, jitter, id-disponibbiltà tas-servizz) ([153]).

……

(b) Kif il-pjanijiet ta' investiment futuri fil-perjodu ta' żmien rilevanti tal-miżura ta' għajnuna ġew ivvalutati biex tiġi stabbilita l-kredibbiltà tagħhom ([154]). Fost l-oħrajn, indika:

……

(i) L-evidenza mitluba mingħand il-partijiet ikkonċernati rilevanti u ppreżentata minnhom biex tintwera l-kredibbiltà tal-pjanijiet ta' investiment tagħhom ([155]).

……

(ii) Il-kriterji ta' valutazzjoni applikati biex tiġi vvalutata l-kredibbiltà tal-pjanijiet ta' investiment futuri ([156]).

……

(iii) Jekk il-partijiet ikkonċernati ġewx mistiedna jiffirmaw ftehimiet ta' impenn rigward l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' investiment iddikjarati ([157]).

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, iċċara jekk tali ftehimiet ta' impenn jinkludux stadji importanti u obbligi biex jiġi rrapportat il-progress ([158]).

……

(iv) Jekk ir-riżultati tal-valutazzjoni u l-konklużjonijiet ġustifikati relattivi ġewx ikkomunikati lill-partijiet ikkonċernati kollha li ppreżentaw informazzjoni dwar il-pjanijiet ta' investiment privat tagħhom (u kif) ([159]).

……

(c) Id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' kull pass tal-eżerċizzju ta' mmappjar.

……

(d) L-għadd u l-identità tal-kontributuri ta' kull pass tal-eżerċizzju ta' mmappjar.

……

([150]) Il-paragrafu 70.
([151]) Il-paragrafu 53 u n-nota f'qiegħ il-paġna (48).
([152]) Il-paragrafu 72.
([153]) Il-paragrafu 73(a) u n-nota f'qiegħ il-paġna (62).
([154]) Il-paragrafu 55.
([155]) Il-paragrafu 85.
([156]) Il-paragrafu 87. Ara wkoll il-paragrafu 86.
([157]) Il-paragrafu 88.
([158]) Il-paragrafi 88 u 92.
([159]) Il-paragrafu 91.

(e) Ir-riżultati intermedji u finali tal-eżerċizzju ta' mmappjar.

……

(f) Il-konferma li l-eżerċizzju ta' mmappjar twettaq ([160]):

☐ għal networks bil-wajer fissi fil-livell tal-indirizz fuq il-bażi ta' bini servut ([161]).

☐ għal networks fissi mingħajr wajers, fil-livell tal-indirizz fuq il-bażi ta' bini servut jew fuq il-bażi ta' grilji mhux ikbar minn 100 x 100 metru (jew iżgħar). Speċifika liema miż-żewġ kriterji ġew applikati: ……

(g) Il-konferma li l-eżerċizzju ta' mmappjar immappja wkoll networks eżistenti li jistgħu jiġu aġġornati b'investimenti marġinali (bħal titjib tal-komponenti attivi) biex jiġu pprovduti veloċitajiet tad-download ta' 1 Gbps u tal-upload ta' 150 Mbps u li tali żoni tneħħew miż-żona ta' intervent ([162]).

☐ Iva ☐ Le

(h) Jekk l-awtoritajiet tiegħek ikkonformawx mal-aħjar prattiki għall-applikazzjoni tal-metodoloġiji tal-immappjar deskritti fl-Anness I tal-Linji Gwida dwar il-Broadband ([163]).

☐ Iva

☐ Le. F'dan il-każ, speċifika f'liema aspetti l-awtoritajiet tiegħek iddevjaw mill-Anness I tal-Linji Gwida dwar il-Broadband u għal liema raġuni.

……

(i) Il-konferma li l-metodoloġija u l-kriterji tekniċi sottostanti għall-immappjar saru disponibbli għall-pubbliku (u kif) ([164]).

……

4.4. Jekk il-miżura ta' għajnuna hija mmirata lejn żoni li fihom ikunu preżenti jew ippjanati b'mod kredibbli mill-inqas żewġ networks indipendenti li jipprovdu veloċità tad-download ta' mill-inqas 100 Mbps f'kundizzjonijiet tal-ħin bl-iktar użu intensiv ([165]), iċċara jekk:

(a) L-ebda wieħed min-networks eżistenti jew ippjanati b'mod kredibbli ma jipprovdi veloċità tad-download ta' mill-inqas 300 Mbps f'kundizzjonijiet tal-ħin bl-iktar użu intensiv ([166]).

☐ Iva ☐ Le

(b) Mill-inqas wieħed min-networks eżistenti jew ippjanati b'mod kredibbli jipprovdi veloċità tad-download ta' mill-inqas 300 Mbps f'kundizzjonijiet tal-ħin bl-iktar użu intensiv iżda ma jipprovdix veloċità tad-download ta' mill-inqas 500 Mbps f'kundizzjonijiet tal-ħin bl-iktar użu intensiv ([167]).

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, iċċara għaliex l-awtoritajiet tiegħek huma tal-fehma li l-ebda network mhu se jevolvi biex jipprovdi l-istess veloċità tad-download (u, jekk xieraq, l-istess karatteristiċi addizzjonali) tan-networks sussidjati taħt il-miżura ta' għajnuna u, għalhekk, huwa meħtieġ intervent mill-Istat biex jiġi indirizzat falliment tas-suq ([168]).

……

([160]) Il-paragrafu 73(b).
([161]) Għal definizzjoni ta' bini servut, ara l-paragrafu 19(l).
([162]) Il-paragrafi 56 u 57.
([163]) Il-paragrafu 74.
([164]) Il-paragrafu 76.
([165]) Il-paragrafu 58.
([166]) Il-paragrafu 59(b).
([167]) Il-paragrafu 59(b).
([168]) Il-paragrafu 59(b).

(c) Mill-inqas wieħed min-networks eżistenti jew ippjanati b'mod kredibbli jipprovdi veloċità tad-download ta' mill-inqas 500 Mbps ([169]).

☐ Iva ☐ Le

4.5. Konsultazzjoni pubblika. Ipprovdi din l-informazzjoni:

(a) Id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' kull konsultazzjoni pubblika li saret ([170]).

……

(b) Il-kontenut ta' kull konsultazzjoni pubblika ([171]).

……

(c) Is-sit tal-Internet aċċessibbli għall-pubbliku (fil-livell reġjonali u nazzjonali) fejn ġiet ippubblikata l-konsultazzjoni ([172]).

……

(d) Is-sommarju tal-osservazzjonijiet ewlenin tal-kontributuri f'kull konsultazzjoni pubblika, li jispeċifika kif ġew indirizzati.

……

4.6. Indika l-ambitu finali tal-miżura ta' għajnuna f'termini tad-daqs taż-żona tal-intervent u d-densità tal-popolazzjoni tagħha.

……

5. FALLIMENT TAS-SUQ FIR-RIGWARD TAN-NETWORKS TA' AĊĊESS MOBBLI

5.1. Indika l-prestazzjoni f'termini tal-veloċità tad-download (u, jekk applikabbli, tal-veloċità tal-upload u parametri oħra) li n-networks sussidjati se jkollhom jipprovdu ([173]).

……

5.2. Indika l-ħtiġijiet attwali u futuri tal-utenti finali li jistgħu jiġu indirizzati minn networks mobbli li jipprovdu l-prestazzjoni msemmija fil-punt 5.1 (u mhux min-networks mobbli eżistenti), filwaqt li tissottometti evidenza ta' sostenn verifikabbli ta' dan (pereżempju, stħarriġ tal-konsumaturi, stħarriġ indipendenti) ([174]).

……

5.3. Ikkonferma li l-miżura ta' għajnuna ma tistax tintuża għat-twettiq ta' kwalunkwe obbligu legali (pereżempju, obbligi marbuta mad-drittijiet tal-użu tal-ispettru) ([175]).

……

5.4. Indika jekk il-miżura ta' għajnuna hijiex immirata lejn żoni fejn diġà hemm mill-inqas network mobbli wieħed eżistenti jew ippjanat b'mod kredibbli ([176]) li kapaċi jindirizza l-ħtiġijiet identifikati tal-utenti finali.

☐ Iva ☐ Le

([169]) Il-paragrafu 59(c).
([170]) Il-paragrafu 82.
([171]) Il-paragrafi 78, 79 u 81. Ara wkoll in-nota f'qiegħ il-paġna (64).
([172]) Il-paragrafu 78.
([173]) Il-paragrafu 70.
([174]) Il-paragrafi 60, 61 u 64.
([175]) Il-paragrafu 65.
([176]) Il-paragrafu 62.

Jekk iva, uri (bl-appoġġ ta' evidenza verifikabbli): (a) għaliex tali network jitqies insuffiċjenti biex jipprovdi lill-utenti finali bi kwalità suffiċjenti ta' servizzi biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom li qed jevolvu; u (b) jekk u kif il-miżura ta' għajnuna tipprovdi dik il-kwalità tas-servizzi, biex b'hekk iwassal għal titjib materjali li s-suq ma jistax jipprovdi ([177]).

……

5.5. Eżerċizzju ta' mmappjar ([178]). Ipprovdi din l-informazzjoni:

(a) Liema tip ta' networks (pereżempju, 3G, 4G, 5G, 6G, oħrajn) u kemm minnhom huma disponibbli fiż-żona ta' intervent

(b) Il-kriterji ta' prestazzjoni tan-networks eżistenti u ppjanati (fil-perjodu ta' żmien rilevanti) li ġew immappjati (pereżempju, il-veloċità tad-download, il-veloċità tal-upload, il-latenza, it-telfien ta' pakketti, l-iżball fil-pakkett, jitter, id-disponibbiltà tas-servizz) ([179]).

……

(c) Kif il-pjanijiet ta' investiment futuri fil-perjodu ta' żmien rilevanti tal-miżura ta' għajnuna ġew ivvalutati biex tiġi stabbilita l-kredibbiltà tagħhom. Fost l-oħrajn, indika:

(i) L-evidenza mitluba mingħand il-partijiet ikkonċernati rilevanti u ppreżentata minnhom biex tintwera l-kredibbiltà tal-pjanijiet ta' investiment tagħhom ([180]).

……

(ii) Il-kriterji ta' valutazzjoni applikati biex tiġi vvalutata l-kredibbiltà tal-pjanijiet ta' investiment futuri ([181]).

……

(iii) Jekk il-partijiet ikkonċernati ġewx mistiedna jiffirmaw ftehimiet ta' impenn rigward l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' investiment iddikjarati ([182]).

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, iċċara jekk tali ftehimiet ta' impenn jinkludux stadji importanti u obbligi biex jiġi rrapportat il-progress ([183]).

……

(iv) Jekk ir-riżultati tal-valutazzjoni u l-konklużjonijiet ġustifikati relattivi ġewx ikkomunikati lill-partijiet ikkonċernati kollha li ppreżentaw informazzjoni dwar il-pjanijiet ta' investiment privat tagħhom, u kif ([184]).

……

(d) Id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' kull pass tal-eżerċizzju ta' mmappjar.

……

(e) L-għadd u l-identità tal-kontributuri ta' kull pass tal-eżerċizzju ta' mmappjar.

……

(f) Ir-riżultati intermedji u finali tal-eżerċizzju ta' mmappjar.

……

([177]) Il-paragrafu 63. Ara wkoll il-paragrafu 66.
([178]) Il-paragrafu 72.
([179]) Il-paragrafu 73(a) u n-nota f'qiegħ il-paġna (62).
([180]) Il-paragrafu 85.
([181]) Il-paragrafu 87. Ara wkoll il-paragrafu 86.
([182]) Il-paragrafu 88.
([183]) Il-paragrafi 88 u 92.
([184]) Il-paragrafu 91.

(g) Il-konferma li l-eżerċizzju ta' mmappjar twettaq fil-livell tal-indirizz fuq il-bażi ta' bini servut jew fuq il-bażi ta' grilji mhux ikbar minn 100 x 100 metru (jew iżgħar) ([185]). Speċifika liema miż-żewġ kriterji ġew applikati.

……

(h) Jekk l-awtoritajiet tiegħek ikkonformawx mal-aħjar prattiki għall-applikazzjoni tal-metodoloġiji tal-immappjar deskritti fl-Anness I tal-Linji Gwida dwar il-Broadband ([186]).

☐ Iva

☐ Le. F'dan il-każ, speċifika f'liema aspetti l-awtoritajiet tiegħek iddevjaw mill-Anness I tal-Linji Gwida dwar il-Broadband u għal liema raġuni.

……

(i) Il-konferma li l-metodoloġija u l-kriterji tekniċi sottostanti għall-immappjar saru disponibbli għall-pubbliku (u kif) ([187]).

……

5.6. Konsultazzjoni pubblika. Ipprovdi din l-informazzjoni:

(a) Id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' kull konsultazzjoni pubblika li saret ([188]).

……

(b) Il-kontenut ta' kull konsultazzjoni pubblika ([189]).

……

(c) Is-sit tal-Internet aċċessibbli għall-pubbliku (fil-livell reġjonali u nazzjonali) fejn ġiet ippubblikata l-konsultazzjoni ([190]).

……

(d) Is-sommarju tal-osservazzjonijiet ewlenin tal-kontributuri f'kull konsultazzjoni pubblika, li jispeċifika kif ġew indirizzati.

……

6. FALLIMENT TAS-SUQ FIR-RIGWARD TAL-BACKHAULS

6.1. Iċċara jekk il-backhaul issussidjati jappoġġjawx:

☐ Networks ta' aċċess fiss

☐ Networks ta' aċċess mobbli

☐ It-tnejn li huma

6.2. Indika l-karatteristiċi tekniċi tan-networks backhaul sussidjati, inkluż il-livell mixtieq tagħhom ta' prestazzjoni, affidabbiltà, kapaċità jew dimensjonar ([191]).

……

6.3. Spjega l-iżvilupp mistenni ta' networks ta' aċċess fissi jew mobbli bbażati fuq il-ħtiġijiet attwali u futuri tal-utenti finali u għaliex il-kapaċità tal-backhaul eżistenti jew ippjanata ma tistax tlaħħaq ma' tali żvilupp mistenni, billi tissottometti evidenza ta' sostenn verifikabbli ta' dan (pereżempju, stħarriġ indipendenti) ([192]).

……

([185]) Il-paragrafu 73(b). Ara wkoll in-nota f'qiegħ il-paġna (63).
([186]) Il-paragrafu 74.
([187]) Il-paragrafu 76.
([188]) F'dan ir-rigward, ara l-paragrafu 82 u n-nota f'qiegħ il-paġna (66).
([189]) Il-paragrafi 78, 79 u 81. Ara wkoll in-nota f'qiegħ il-paġna (64).
([190]) Il-paragrafu 78.
([191]) Il-paragrafu 68.
([192]) Il-paragrafu 68.

6.4. Iċċara jekk l-intervent mill-Istat jitqiesx meħtieġ, minħabba li n-networks backhaul eżistenti jipprovdu taħlita subottimali ta' kwalità tas-servizz u prezzijiet ([193]).

……

6.5. Eżerċizzju ta' mmappjar ([194]). Ipprovdi din l-informazzjoni:

(a) Jekk in-networks backhaul eżistenti jew ippjanati humiex ibbażati fuq:

☐ Fibra

☐ teknoloġija oħra bl-istess prestazzjoni tal-fibra

☐ teknoloġiji oħra mingħajr l-istess prestazzjoni tal-fibra

(b) Il-prestazzjoni tan-networks backhaul eżistenti jew ippjanati (fil-perjodu ta' żmien rilevanti) li jkunu ġew immappjati.

……

(c) Kif il-pjanijiet ta' investiment futuri fil-perjodu ta' żmien rilevanti tal-miżura ta' għajnuna ġew ivvalutati biex tiġi stabbilita l-kredibbiltà tagħhom. Fost l-oħrajn, indika:

(i) L-evidenza mitluba mingħand il-partijiet ikkonċernati rilevanti u ppreżentata minnhom biex tintwera l-kredibbiltà tal-pjanijiet ta' investiment tagħhom ([195]).

……

(ii) Il-kriterji ta' valutazzjoni applikati biex tiġi vvalutata l-kredibbiltà tal-pjanijiet ta' investiment futuri ([196]).

……

(iii) Jekk il-partijiet ikkonċernati ġewx mistiedna jiffirmaw ftehimiet ta' impenn rigward l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' investiment iddikjarati ([197]).

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, iċċara jekk tali ftehimiet ta' impenn jinkludux stadji importanti u obbligi biex jiġi rrapportat il-progress ([198]).

……

(iv) Jekk ir-riżultati tal-valutazzjoni u l-konklużjonijiet ġustifikati relattivi ġewx ikkomunikati lill-partijiet ikkonċernati kollha li ppreżentaw informazzjoni dwar il-pjanijiet ta' investiment privat tagħhom (u kif) ([199]).

……

(d) Id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' kull pass tal-eżerċizzju ta' mmappjar.

……

(e) L-għadd u l-identità tal-kontributuri ta' kull pass tal-eżerċizzju ta' mmappjar.

……

(f) Ir-riżultati intermedji u finali tal-eżerċizzju ta' mmappjar.

……

(g) Il-konferma li l-metodoloġija u l-kriterji tekniċi sottostanti għall-immappjar saru disponibbli għall-pubbliku (u kif) ([200]).

……

([193]) Il-paragrafu 69.
([194]) Il-paragrafu 72.
([195]) Il-paragrafu 85.
([196]) Il-paragrafu 87. Ara wkoll il-paragrafu 86.
([197]) Il-paragrafu 88.
([198]) Il-paragrafi 88 u 92.
([199]) Il-paragrafu 91.
([200]) Il-paragrafu 76.

6.6. Konsultazzjoni pubblika. Ipprovdi din l-informazzjoni:

(a) Id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' kull konsultazzjoni pubblika li saret ([201]).

……

(b) Il-kontenut ta' kull konsultazzjoni pubblika ([202]).

……

(c) Is-sit tal-Internet aċċessibbli għall-pubbliku (fil-livell reġjonali u nazzjonali) fejn ġiet ippubblikata l-konsultazzjoni ([203]).

……

(d) Is-sommarju tal-osservazzjonijiet ewlenin tal-kontributuri f'kull konsultazzjoni pubblika, li jispeċifika kif ġew indirizzati.

……

7. L-ADEGWATEZZA TAL-GĦAJNUNA BĦALA STRUMENT TA' POLITIKA

7.1. Spjega għaliex miżuri alternattivi u inqas distorsivi mill-għajnuna mill-Istat (pereżempju, miżuri amministrattivi, miżuri regolatorji, strumenti bbażati fuq is-suq, self, miżuri tat-taxxa, eċċ.) mhumiex kapaċi jindirizzaw l-objettiv(i) tal-miżura ta' għajnuna u l-falliment tas-suq identifikat ([204]).

……

7.2. Bidla fil-Pass ([205]).

(a) F'każ ta' għajnuna li tikkonċerna networks ta' aċċess fiss, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(i) Jekk l-intervent mill-Istat jikkonċerna żoni bojod jew griżi, indika jekk in-networks issussidjati tal-inqas jittriplikawx il-veloċità tad-download ipprovduta min-network(s) eżistenti, u jirrappreżentax investiment sinifikanti ġdid fl-infrastruttura li jġib kapaċitajiet ġodda sinifikanti fis-suq (pereżempju, f'termini ta' disponibbiltà, kapaċità, veloċitajiet u kompetizzjoni) ([206]).

……

(ii) Jekk l-intervent mill-Istat jikkonċerna żoni mħallta (jiġifieri, bojod u griżi), agħti r-raġunijiet għaliex id-dissoċjazzjoni taż-żoni bojod u griżi mhijiex ġustifikata ([207]).

……

Barra minn hekk, ikkonferma li l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin huma ssodisfati ([208]):

— Il-bini eċċessiv taż-żoni griżi ([209]) ma joħloqx distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni, fuq il-bażi tar-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika.

— Il-bini eċċessiv irid ikun limitat għal massimu ta' 10 % tal-binjiet kollha fiż-żona fil-mira.

([201]) F'dan ir-rigward, ara l-paragrafu 82 u n-nota f'qiegħ il-paġna (66).
([202]) Il-paragrafi 78, 79 u 81. Ara wkoll in-nota f'qiegħ il-paġna (64).
([203]) Il-paragrafu 78.
([204]) Il-paragrafi 51, 95 u 96.
([205]) Kif definit fil-paragrafu 19(p). Ara wkoll il-paragrafi 97-98 u n-nota f'qiegħ il-paġna (72).
([206]) Il-paragrafu 102. Ara wkoll in-nota f'qiegħ il-paġna (74).
([207]) Il-paragrafu 104.
([208]) Il-paragrafu 105.
([209]) Kif definit fil-paragrafu 19(n).

— In-networks sussidjati tal-anqas jittripplaw il-veloċità tad-download ipprovduta min-network(s) diġà eżistenti fil-parti l-bajda taż-żona mħallta, u jipprovdu servizzi sostanzjalment aħjar minn dawk disponibbli fil-parti griża taż-żona mħallta.

……

(iii) Jekk l-intervent mill-Istat jikkonċerna żoni suwed, ikkonferma li n-networks sussidjati jissodisfaw il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin ([210]):

— Mill-anqas jittripplaw il-veloċità tad-download ipprovduta min-network eżistenti.

— Jipprovdu veloċità tad-download ta' mill-anqas 1 Gbps u veloċità tal-upload ta' mill-anqas 150 Mbps.

— Dawn jirrappreżentaw investiment sinifikanti ġdid fl-infrastruttura li jġib kapaċitajiet ġodda sinifikanti fis-suq (pereżempju, f'termini ta' disponibbiltà, kapaċità, veloċità u kompetizzjoni).

……

(b) Għal miżura ta' għajnuna li tikkonċerna networks ta' aċċess mobbli, spjega jekk u kif il-miżura ta' għajnuna se tiżgura titjib fid-disponibbiltà, fil-kapaċità, fil-veloċitajiet u fil-kompetizzjoni tas-servizzi mobbli li kapaċi jrawmu l-adozzjoni ta' servizzi innovattivi ġodda ([211]).

……

(c) Għal miżura ta' għajnuna li tikkonċerna n-networks backhaul, spjega jekk u kif, bħala riżultat tal-intervent mill-Istat, in-networks sussidjati jirrappreżentaw investiment sinifikanti fl-infrastruttura backhaul u jappoġġaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu ta' networks ta' aċċess fissi u/jew mobbli ([212]).

……

8. PROPORZJONALITÀ TAL-GĦAJNUNA

8.1. Proċedura ta' selezzjoni kompetittiva.

(a) Indika jekk l-għajnuna tingħatax fuq il-bażi ta' proċedura ta' selezzjoni kompetittiva miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku ([213]).

☐ Iva ☐ Le

(b) Jekk iva:

(i) Spjega jekk u kif it-tfassil tal-proċedura ta' selezzjoni kompetittiva huwa kapaċi jrawwem l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli ([214]).

……

(ii) Ikkonferma li, jekk in-numru ta' parteċipanti fil-proċedura ta' selezzjoni kompetittiva jew in-numru ta' offerti eliġibbli ma jkunx biżżejjed, awditur indipendenti jiġi fdat bil-valutazzjoni tal-offerta rebbieħa (inklużi l-kalkoli tal-kostijiet) ([215]).

……

(iii) Ikkonferma li l-offerta se tingħata abbażi tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża ([216]) u agħti d-dettalji f'dan ir-rigward.

……

([210]) Il-paragrafu 108.
([211]) Il-paragrafu 109. Ara wkoll il-paragrafi 110 u 111.
([212]) Il-paragrafu 112. Ara wkoll il-paragrafi 113 u 114.
([213]) Il-paragrafu 117.
([214]) Il-paragrafu 118.
([215]) Il-paragrafu 118.
([216]) Il-paragrafu 120.

(iv) Indika l-kriterji tal-għoti oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u speċifika l-koeffiċjent tal-korrezzjoni relattiv ta' kull kriterju ([217]).

……

(c) Jekk le, ikkonferma li l-intervent mill-Istat huwa implimentat permezz ta' mudell ta' investiment dirett u pprovdi ġustifikazzjoni adegwata tal-għażla tan-network u tas-soluzzjoni teknoloġika adottata ([218]).

……

(d) Ikkonferma li kwalunkwe konċessjoni jew inkarigu ieħor minn awtorità pubblika jew entità interna lil parti terza biex tfassal, tibni jew topera n-network sussidjat hija allokata permezz ta' proċedura ta' selezzjoni kompetittiva miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist pubbliku, ibbażata fuq l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża ([219]). Ipprovdi dettalji f'dan ir-rigward.

……

8.2. Newtralità teknoloġika. Spjega jekk u kif il-miżura ta' għajnuna tikkonforma mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika ([220]).

……

8.3. L-użu tal-infrastruttura eżistenti. Ipprovdi din l-informazzjoni:

(a) Jekk u, jekk iva, kif l-impriżi li jixtiequ jipparteċipaw fi proċedura ta' selezzjoni kompetittiva huma mħeġġa jużaw l-infrastrutturi eżistenti disponibbli biex ivaraw in-networks sussidjati ([221]).

……

(b) Jekk u, jekk iva, kif l-impriżi li jixtiequ jipparteċipaw fi proċedura ta' selezzjoni kompetittiva huma mħeġġa jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-infrastrutturi eżistenti li huma s-sidien tagħhom jew li jikkontrollaw fiż-żona ta' intervent ippjanata fi żmien xieraq li għandhom jitqiesu fit-tħejjija tal-offerti, filwaqt li jispeċifikaw it-tip ta' informazzjoni mitluba ([222]).

……

(c) Jekk l-għoti ta' din l-informazzjoni huwiex kundizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' selezzjoni ([223]).

☐ Iva ☐ Le

(d) Jekk u, jekk iva, kif l-informazzjoni disponibbli kollha dwar l-infrastruttura eżistenti li tista' tintuża għall-implimentazzjoni tan-networks tal-broadband fiż-żoni ta' intervent issir aċċessibbli, filwaqt li jiġi speċifikat jekk ġiex stabbilit Punt Uniku ta' Informazzjoni skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/61/UE ([224]).

……

8.4. Aċċess bl-ingrossa għal partijiet terzi għan-networks sussidjati.

(a) Informazzjoni ġenerali.

(i) Ikkonferma li l-aċċess bl-ingrossa jingħata kmieni kemm jista' jkun qabel ma jibdew jiġu pprovduti s-servizzi rilevanti u, meta l-operatur tan-network ikollu wkoll il-ħsieb li jipprovdi servizzi bl-imnut, mill-anqas 6 xhur qabel jitniedu dawk is-servizzi bl-imnut ([225]).

……

([217]) Il-paragrafi 120 u 122.
([218]) Il-paragrafu 123.
([219]) Il-paragrafu 124.
([220]) Il-paragrafu 125.
([221]) Il-paragrafu 127.
([222]) Il-paragrafu 127.
([223]) Il-paragrafu 127.
([224]) Il-paragrafu 128.
([225]) Il-paragrafu 129.

(ii) Ikkonferma li n-networks sussidjati se joffru aċċess b'kundizzjonijiet ġusti u mhux diskriminatorji, filwaqt li tispeċifika jekk dan jimplikax titjib u/jew żieda fil-kapaċità tal-infrastruttura eżistenti, fejn meħtieġ, u l-implimentazzjoni ta' infrastruttura ġdida suffiċjenti ([226]). Ipprovdi dettalji f'dan ir-rigward.

.....

(iii) Ikkonferma li t-termini, il-kundizzjonijiet u l-prezzijiet għall-prodotti tal-aċċess bl-ingrossa se jiġu indikati fid-dokumenti tal-proċedura ta' selezzjoni kompetittiva u fuq sit web komprensiv, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali mingħajr ebda restrizzjoni (billi tispeċifika l-indirizz web rilevanti) ([227]).

.....

(iv) Ikkonferma li l-aċċess bl-ingrossa se jingħata wkoll lil partijiet tan-network li ma ġewx iffinanzjati mill-Istat jew li setgħu ma ġewx stabbiliti mill-benefiċjarju tal-għajnuna jekk ikun meħtieġ biex l-aċċess bl-ingrossa jsir effettiv u biex dawk li jfittxu l-aċċess ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom ([228]).

.....

(b) Termini u kundizzjonijiet tal-aċċess bl-ingrossa.

(i) Indika għal kemm snin se jingħata aċċess effettiv bl-ingrossa lil:

☐ Prodotti attivi (minbarra VULA) ([229]) .....

☐ VULA ([230]) .....

☐ Infrastrutturi ġodda ([231]) .....

(ii) Ikkonferma, jekk l-għajnuna mill-Istat tingħata għal infrastruttura ġdida, li l-infrastruttura hi kbira biżżejjed sabiex tissodisfa d-domanda kurrenti u li tevolvi ta' dawk li jfittxu aċċess ([232]).

☐ Iva ☐ Le

(iii) Spjega kif l-infrastruttura l-ġdida se tkun tista' tissodisfa d-domanda attwali u li qed tevolvi ta' dawk li qed ifittxu aċċess (pereżempju, id-daqs tal-kanali, l-għadd ta' fibri, eċċ.).

.....

(iv) Ikkonferma li l-istess kundizzjonijiet ta' aċċess japplikaw għan-network kollu ffinanzjat mill-Istat, inklużi l-partijiet tan-network fejn intużat infrastruttura eżistenti ([233]).

☐ Iva ☐ Le

(v) Ikkonferma li l-obbligi ta' aċċess se jiġu infurzati irrispettivament minn kwalunkwe bidla fis-sjieda, fil-ġestjoni jew fl-operat tan-network sussidjat ([234]).

☐ Iva ☐ Le

(vi) Spjega jekk il-benefiċjarju tal-għajnuna u/jew dawk li jfittxu aċċess marbuta mal-benefiċjarju tal-għajnuna humiex permessi jestendu n-networks tagħhom f'żoni kontigwi barra miż-żona fil-mira billi jużaw ir-riżorsi proprji tagħhom ([235]).

☐ Iva ☐ Le

([226]) Il-paragrafu 130.
([227]) Il-paragrafu 131.
([228]) Il-paragrafu 132.
([229]) Il-paragrafu 133.
([230]) Il-paragrafu 134.
([231]) Il-paragrafu 135.
([232]) Il-paragrafu 135.
([233]) Il-paragrafu 137.
([234]) Il-paragrafu 137.
([235]) Il-paragrafu 138.

Jekk iva, ikkonferma li:

— Fil-konsultazzjoni pubblika ġie indikat li estensjonijiet privati kienu permessi fi stadju aktar tard u ġiet ipprovduta informazzjoni utli dwar il-kopertura potenzjali ta' tali estensjonijiet ([236]).

☐ Iva ☐ Le

— Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika ma jurux evidenza ta' riskji ta' distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni ([237]).

☐ Iva ☐ Le

— Ikkonferma li l-estensjonijiet f'żoni kontigwi jistgħu jitwettqu biss sentejn wara li jibda jopera n-network sussidjat, fejn isseħħ waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin ([238]):

— fil-konsultazzjoni pubblika, il-partijiet ikkonċernati juru li hemm riskju li l-estensjoni ppjanata tidħol f'żona kontigwa li diġà tkun moqdija minn tal-anqas żewġ networks indipendenti li jipprovdu veloċitajiet komparabbli ma' dawk tan-network iffinanzjat mill-Istat; jew

— ikun hemm mill-anqas network wieħed fiż-żona kontigwa li jipprovdi veloċitajiet komparabbli ma' dawk tan-network sussidjat li jkun beda jopera anqas minn 5 snin qabel ma jibda jopera n-network sussidjat ([239]).

☐ Iva ☐ Le

.....

(c) Prodotti ta' aċċess bl-ingrossa.

(i) Networks ta' aċċess fissi varati f'żoni bojod. Elenka l-prodotti ta' aċċess bl-ingrossa li n-network sussidjat irid jipprovdi, filwaqt li jitqies li jrid jipprovdi mill-inqas aċċess bitstream, aċċess għall-fibra skura u aċċess għall-infrastruttura (inklużi kabinetti tat-toroq, lasti, arbli, torrijiet, u kanali) ([240]) u, barra minn hekk, mill-inqas id-diżaggregazzjoni fiżika jew il-VULA ([241]).

.....

(ii) Networks ta' aċċess fiss użati f'żoni griżi u bojod. Elenka l-prodotti ta' aċċess bl-ingrossa li n-network sussidjat irid jipprovdi, filwaqt li jitqies li jrid jipprovdi mill-inqas aċċess bitstream, aċċess għall-fibra skura u aċċess għall-infrastruttura (inklużi kabinetti tat-toroq, lasti, arbli, torrijiet u kanali) u, barra minn hekk, id-diżaggregazzjoni fiżika ([242]). Jekk l-awtoritajiet tiegħek beħsiebhom jagħtu deroga mill-obbligu li jipprovdu diżaggregazzjoni fiżika, ipprovdi ġustifikazzjonijiet rilevanti, uri li d-deroga ma tirriskjax li tfixkel il-kompetizzjoni bla bżonn u indika l-kummenti li waslu f'dan ir-rigward fil-konsultazzjoni pubblika (u kif ġew indirizzati) ([243]).

.....

([236]) Il-paragrafu 138(b).
([237]) Il-paragrafu 139.
([238]) Il-paragrafu 138(b).
([239]) Il-paragrafu 138(b)(ii).
([240]) Il-paragrafu 140.
([241]) Il-paragrafu 141.
([242]) Il-paragrafu 142.
([243]) Il-paragrafu 143.

(iii) Networks ta' aċċess mobbli. Elenka l-prodotti ta' aċċess bl-ingrossa li n-network sussidjat irid jipprovdi, filwaqt li jitqies li jrid jipprovdi mill-inqas roaming ([244]) u aċċess għal-lasti, arbli, torrijiet u kanali. Barra minn hekk, ikkonferma li n-network sussidjat se jkollu jipprovdi l-prodotti ta' aċċess meħtieġa biex jiġu sfruttati l-karatteristiċi aktar avvanzati (pereżempju, MORAN, MOCN, partizzjoni tan-network ([245])) tan-networks mobbli, bħall-5G u l-ġenerazzjonijiet futuri ta' networks mobbli, hekk kif isiru disponibbli ([246]).

.....

(iv) Backhauls. Elenka l-prodotti ta' aċċess bl-ingrossa li n-network sussidjat irid jipprovdi, filwaqt li jitqies li jrid jipprovdi mill-inqas servizz attiv wieħed u aċċess għal-lasti, arbli, torrijiet, kanali u fibra skura ([247]). Barra minn hekk, ikkonferma li l-miżura ta' għajnuna tipprevedi li jkun hemm kapaċità suffiċjenti għal infrastruttura ġdida biex tiżgura aċċess effettiv b'kundizzjonijiet ġusti u nondiskriminatorji ([248]).

.....

(v) L-aċċess bl-ingrossa fuq il-bażi ta' domanda raġonevoli. Jekk l-awtoritajiet tiegħek beħsiebhom jillimitaw il-forniment ta' ċerti prodotti ta' aċċess bl-ingrossa għal każijiet ta' domanda raġonevoli minn persuna li tfittex aċċess:

— ipprovdi data u argumenti raġunati sew, oġġettivi u verifikabbli (inklużi l-kalkoli tal-kostijiet) li jagħtu prova li l-forniment ta' tali prodotti jżid b'mod sproporzjonat il-kostijiet tal-investiment mingħajr ma jwassal għal benefiċċji sinifikanti f'termini ta' kompetizzjoni akbar ([249]).

— ikkonferma li l-persuna li tfittex aċċess titqies raġonevoli jekk il-persuna li tfittex aċċess tipprovdi pjan ta' direzzjoni tan-negozju li jiġġustifika l-iżvilupp tal-prodott fuq in-network sussidjat u l-ebda prodott ta' aċċess komparabbli ma jkun diġà offrut fl-istess żona ġeografika minn impriża oħra bi prezzijiet ekwivalenti għal dawk f'żoni b'popolazzjoni aktar densa ([250]).

☐ Iva ☐ Le

— ikkonferma li, jekk talba għall-aċċess titqies raġonevoli, il-kost addizzjonali biex tintlaqa' t-talba għall-aċċess irid jiġġarrab mill-benefiċjarju tal-għajnuna ([251]).

☐ Iva ☐ Le

.....

(d) Ipprezzar tal-aċċess bl-ingrossa. Indika fuq liema mill-parametri referenzjarji u l-prinċipji tal-ipprezzar li ġejjin huwa bbażat il-prezz tal-aċċess bl-ingrossa għal kull prodott:

☐ il-medja tal-prezzijiet bl-ingrossa ppubblikati li jipprevalu f'żoni komparabbli u aktar kompetittivi tal-Istat Membru ([252]).

([244]) Il-paragrafu 144. Ara wkoll in-nota f'qiegħ il-paġna (91).
([245]) In-nota f'qiegħ il-paġna 97.
([246]) Il-paragrafu 144. Ara wkoll in-nota f'qiegħ il-paġna (98).
([247]) Il-paragrafu 145.
([248]) Il-paragrafu 146.
([249]) Il-paragrafi 147 u 148.
([250]) Il-paragrafu 149.
([251]) Il-paragrafu 150.
([252]) Il-paragrafu 151(b).

☐ il-prezzijiet regolati diġà stabbiliti jew approvati mill-Awtorità Regolatorja Nazzjonali (ARN) għas-swieq u s-servizzi kkonċernati ([253]).

☐ l-orjentazzjoni tal-ispejjeż jew metodoloġija awtorizzata f'konformità mal-qafas regolatorju settorjali ([254]).

8.5. Irkupru. Indika jekk hux se jiġi applikat mekkaniżmu ta' rkupru fil-qafas tal-miżura ta' għajnuna:

☐ Iva ([255]) ☐ Le

Jekk le, spjega għalfejn: .....

Jekk iva, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Ikkonferma li l-mekkaniżmu ta' rkupru se jiġi applikat għat-tul tal-ħajja tan-network issussidjat ([256]).

☐ Iva ☐ Le

(b) Ikkonferma li r-regoli tal-mekkaniżmu ta' rkupru huma stabbiliti b'mod trasparenti u ċar fid-dokumentazzjoni tal-proċedura ta' selezzjoni kompetittiva ([257]). Ipprovdi dettalji f'dan ir-rigward.

.....

(c) Spjega kif it-tfassil tal-mekkaniżmu ta' rkupru se jqis u jibbilanċja żewġ objettivi, jiġifieri l-irkupru mill-Istat Membru tal-ammonti li jaqbżu profitt raġonevoli u s-salvagwardja tal-inċentivi għall-impriżi biex jipparteċipaw fi proċedura ta' selezzjoni kompetittiva u biex jistinkaw għal kosteffiċjenzi (titjib fl-effiċjenza) meta jniedu n-network ([258]). F'dan ir-rigward, speċifika l-kriterji adottati biex jinċentivaw it-titjib fl-effiċjenza.

.....

(d) Indika l-ammont massimu ta' inċentiv (f'perċentwal tal-profitt raġonevoli permess ([259])). Barra minn hekk, speċifika l-kunċett ta' profitt raġonevoli applikat għall-finijiet tal-mekkaniżmu ta' rkupru ([260]).

.....

(e) Ikkonferma li kwalunkwe profitt addizzjonali daqs jew taħt il-limitu ta' hawn taħt (jiġifieri, il-profitt raġonevoli miżjud bl-ammont ta' inċentiv) mhux se jiġi rkuprat mill-Istat Membru, filwaqt li kwalunkwe profitt li jaqbeż il-limitu se jinqasam bejn il-benefiċjarju tal-għajnuna u l-Istat Membru, fuq il-bażi tal-intensità tal-għajnuna li tirriżulta mill-eżitu tal-proċedura ta' selezzjoni kompetittiva ([261]). Ipprovdi dettalji f'dan ir-rigward.

.....

(f) Ikkonferma li l-mekkaniżmu ta' rkupru jqis ukoll il-profitti li saru minn tranżazzjonijiet oħra li jikkonċernaw in-network sussidjat ([262]).

☐ Iva ☐ Le

([253]) Il-paragrafu 151(b).
([254]) Il-paragrafu 151(c).
([255]) Il-paragrafu 155, li skontu jrid jiġi implimentat mekkaniżmu ta' rkupru jekk l-ammont tal-għajnuna jkun ogħla minn EUR 10 miljun. Skont il-paragrafu 156, ma jkunx neċessarju mekkaniżmu ta' rkupru f'każ ta' adozzjoni ta' mudell ta' investiment dirett.
([256]) Il-paragrafu 154.
([257]) Il-paragrafu 155.
([258]) Il-paragrafu 157.
([259]) Il-paragrafu 158.
([260]) In-nota f'qiegħ il-paġna (104).
([261]) Il-paragrafu 158.
([262]) Il-paragrafu 159.

8.6. Separazzjoni tal-kontabilità. Ikkonferma li l-benefiċjarju tal-għajnuna jrid jiżgura separazzjoni tal-kontabilità sabiex l-ispejjeż tat-tnedija u tat-tħaddim, kif ukoll id-dħul mill-użu tan-network sussidjat jiġu identifikati b'mod ċar ([263]).

☐ Iva ☐ Le

9. RWOL TAL-AWTORITAJIET NAZZJONALI

9.1. Spjega r-rwol li għandha l-ARN fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżura ta' għajnuna ([264]). Fost l-oħrajn, iċċara jekk kinitx involuta fi:

☐ Eżerċizzju ta' mmappjar ([265]). Jekk iva, ipprovdi d-dettalji: .....

☐ Valutazzjoni tal-pjanijiet ta' investiment privat ([266]). Jekk iva, ipprovdi d-dettalji: .....

☐ Konsultazzjoni pubblika ([267]). Jekk iva, ipprovdi d-dettalji: .....

☐ Valutazzjoni tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-bidla gradwali ([268]). Jekk iva, ipprovdi d-dettalji: .....

☐ Definizzjoni tal-prodotti tal-aċċess bl-ingrossa, il-kundizzjonijiet u l-ipprezzar ([269]). Jekk iva, ipprovdi d-dettalji: .....

☐ Soluzzjoni ta' tilwim relatat mal-aċċess bl-ingrossa ([270]). Jekk iva, ipprovdi d-dettalji: .....

☐ Infrastrutturi eżistenti soġġetti għal regolamentazzjoni *ex ante* ([271]). Jekk iva, ipprovdi d-dettalji: .....

☐ Definizzjoni tal-mekkaniżmu ta' rkupru. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji: .....

9.2. Ipprovdi l-opinjoni tal-ARN dwar il-miżura ta' għajnuna ([272]) (jekk disponibbli).

.....

9.3. Indika jekk l-ARN ħarġitx linji gwida dwar, fost l-oħrajn, it-twettiq ta' analiżi tas-suq u definizzjonijiet ta' prodotti tal-aċċess bl-ingrossa u l-ipprezzar. Jekk iva, ipprovdi l-kontenut tal-linji gwida u kkjarifika jekk jikkunsidrawx il-qafas regolatorju rilevanti u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni ([273]).

.....

9.4. Ipprovdi l-opinjoni tal-Awtorità Nazzjonali tal-Kompetizzjoni dwar il-miżura ta' għajnuna ([274]) (jekk disponibbli).

.....

9.5. Indika jekk l-Uffiċċju ta' Kompetenza fil-Broadband kienx involut fit-tfassil tal-miżura ta' għajnuna ([275]).

.....

([263]) Il-paragrafu 160.
([264]) It-taqsima 5.2.4.6.
([265]) Il-paragrafu 77. Ara wkoll il-paragrafu 162.
([266]) Il-paragrafu 90.
([267]) Il-paragrafu 83. Ara wkoll il-paragrafu 162.
([268]) Il-paragrafu 162.
([269]) Il-paragrafi 136 u 152. Ara wkoll il-paragrafu 163.
([270]) Il-paragrafu 162.
([271]) Il-paragrafu 163.
([272]) Il-paragrafu 163.
([273]) Il-paragrafu 164.
([274]) Il-paragrafu 165.
([275]) Il-paragrafu 166.

10. TRASPARENZA, RAPPORTAR U MONITORAĠĠ TAL-GĦAJNUNA

10.1. Trasparenza.

(a) Ikkonferma li l-awtoritajiet tiegħek se jippubblikaw (i) it-test sħiħ tad-deċiżjoni li tapprova l-miżura ta' għajnuna u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha (jew link għalihom), u (ii) informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali li taqbeż il-EUR 100 000, f'konformità mal-Anness II ([276]) (fi żmien 6 xhur mid-data tal-għoti tal-għajnuna jew, għal għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, fi żmien sena mid-data meta trid tintbagħat id-dikjarazzjoni tat-taxxa) ([277]),

☐ Fil-modulu dwar l-għoti tat-trasparenza tal-Kummissjoni ([278]).

☐ Fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat (li jipprovdi l-indirizz web rilevanti). F'dan il-każ, speċifika jekk huwiex sit web nazzjonali jew reġjonali ([279]) u huwa permess aċċess faċli għall-informazzjoni rreġistrata fis-sit web tal-għajnuna (jiġifieri, il-pubbliku ġenerali jrid jitħalla jaċċessa s-sit web mingħajr restrizzjonijiet) ([280]).

.....

(b) Ikkonferma li l-informazzjoni taħt il-punt 10.1. se tkun disponibbli għal mill-inqas 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna, se tiġi ppubblikata fi spreadsheet f'format ta' nonproprjetarju, li jippermetti li d-data tiġi mfittxija, estratta, imniżżla b'mod effettiv u ppubblikata faċilment fuq l-internet (pereżempju, f'format CSV jew XML).

☐ Iva ☐ Le

(c) Ikkonferma li, għal għajnuna li hija illegali iżda li sussegwentement tinstab li hija kompatibbli, l-informazzjoni rilevanti hija ppubblikata fuq sit web dwar l-għajnuna mill-Istat (li jispeċifika l-indirizz web rilevanti) fi żmien 6 xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli ([281]).

☐ Iva ☐ Le

10.2. Rapportar. Ikkonferma li l-awtoritajiet tiegħek se jissottomettu lill-Kummissjoni (i) rapporti annwali fir-rigward ta' kull miżura approvata skont il-Linji Gwida dwar il-Broadband, u (ii) rapport kull sentejn li jkun fih informazzjoni ewlenija dwar il-miżura ta' għajnuna approvata skont il-Linji Gwida dwar il-Broadband, f'konformità mal-Anness III tal-istess Linji Gwida dwar il-Broadband ([282]).

.....

10.3. Monitoraġġ. Ikkonferma li l-awtoritajiet tiegħek se jżommu — għal 10 snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna — rekords dettaljati dwar il-miżuri kollha ta' għajnuna, li fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà stabbiliti fil-Linji Gwida dwar il-Broadband huma ssodisfati, u li jimpenjaw ruħhom li jipprovduhom lill-Kummissjoni fuq talba ([283]).

.....

11. EFFETTI NEGATTIVI FUQ IL-KOMPETIZZJONI U FUQ IL-KUMMERĊ

11.1. Spjega x'effetti negattivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ il-miżura ta' għajnuna jista' jkollha (pereżempju: il-potenzjal li tieħu post (crowding out) l-investimenti privati ([284]) jew tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti) u liema elementi fit-tfassil tal-miżura jistgħu jimminimizzaw dawk ir-riskji ([285]).

....."

([276]) Il-paragrafu 202.
([277]) Il-paragrafu 203.
([278]) Disponibbli fuq: https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public?lang=mt.
([279]) Il-paragrafu 202.
([280]) Il-paragrafu 204.
([281]) Il-paragrafu 204.
([282]) Il-paragrafi 207 u 208.
([283]) Il-paragrafu 209.
([284]) Kif definit fil-paragrafu 19(o).
([285]) Il-paragrafi 168 u 169.

(d) Il-Parti III.6 hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI III.6.A

Skeda ta' Informazzjoni Supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") għall-miżuri koperti fit-Taqsima 4.1 tas-CEEAG.

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tikkonċerna l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.1 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għat-tnaqqis u t-tneħħija tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

.....

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, spjega jekk jistax jirriżulta f'xi distorsjoni fis-suq intern.

.....

2. **Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien:**

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-iskema ta' għajnuna hija ppjanata li tidħol fis-seħħ;

.....

2.2. Jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tal-iskema. ([286])

.....

3. **Benefiċjarju/i**

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i.

.....

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (potenzjali) (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istati Membri rispettivi jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

.....

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna hix tingħata skont il-miżura/i favur l-impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

([286]) Jekk jogħġbok kun af li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (inkluż għalhekk iż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet nazzjonali japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

5. **Il-baġit u l-finanzjament tal-miżura/i.**

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv. ([287])

……

5.2. Jekk il-miżura hija ffinanzjata permezz ta' imposta, jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) l-imposta hija stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

……

(b) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

……

(c) il-miżura notifikata hijiex se tkun ta' benefiċċju b'mod indaqs għall-prodotti domestiċi u dawk importati;

……

(d) l-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

……

(e) l-imposta li tiffinanzja l-miżura notifikata tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

……

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsimiet 4.1.1. (il-punt 77) u 4.1.2. (il-punti 78 sa 88) tas-CEEAG.

([287]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati b'riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet jiġi se appoġġat.

……

7. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok "*[i]ddeskriv[i] [wkoll] jekk l-għajnuna hix se tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan*".

……

8. Barra minn hekk, enfasizza sa liema punt l-għajnuna hija relatata mal-politiki deskritti fil-punt 77 tas-CEEAG.

……

9. Jekk jogħġbok iddeskrivi r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà applikabbli għall-benefiċjarju/i (pereżempju billi tinkludi kwalunkwe rekwiżit tekniku, ambjentali (jiġifieri permessi), finanzjarju (jiġifieri kollateral) jew rekwiżiti oħra li l-benefiċjarju/i jeħtieġ li jikkonforma(w) magħhom).

……

10. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-miżura/i ta' għajnuna u l-attivitajiet preċiżi appoġġati minnha/minnhom, kif previst fit-Taqsima 4.1.2. (il-punti78-88) tas-CEEAG.

(a) Rigward l-għajnuna għall-enerġija rinnovabbli, speċifika jekk it-tipi kollha ta' enerġija rinnovabbli humiex appoġġati, u ddeskrivi l-kamp ta' applikazzjoni preċiż għal kull sors ta' enerġija rinnovabbli kkonċernat u pprovdi informazzjoni li turi li l-kamp ta' applikazzjoni jikkorrispondi għat-tipi ta' enerġija rinnovabbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fil-punti 79-82 tas-CEEAG.

……

(b) Għal għajnuna oħra għat-tnaqqis u t-tneħħija tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-effiċjenza enerġetika, ipprovdi l-kamp ta' applikazzjoni preċiż kif ukoll l-informazzjoni li turi li l-kamp ta' applikazzjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-punti 83-88 tas-CEEAG.

1.2. **L-effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti 26-32) tas-CEEAG.

11. L-għajnuna tista' titqies li tiffaċilita attività ekonomika jekk ikollha effett ta' inċentiv biss. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 26 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i "*ġġieħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti*".

……

12. Skont il-punt 28 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju fattwali li mistenni jirriżulta mill-miżura ta' għajnuna u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli fin-nuqqas tal-miżura ta' għajnuna. ([288]) Fejn taħseb li kategoriji differenti ta' benefiċjarji jistgħu jiġu appoġġati, jekk jogħġbok żgura li l-kontrofattwali jkun kredibbli għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

.....

13. Jekk jogħġbok spjega fil-qosor ir-raġuni għall-għażla tax-xenarju/i kontrofattwali probabbli, fid-dawl tal-kategoriji differenti ta' benefiċjarji proposti, jekk applikabbli.

(a) Meta l-għajnuna tingħata mingħajr proċess ta' offerti kompetittiv, jekk jogħġbok iġġustifika l-bidla fl-imġiba fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju, abbażi tal-proġett ta' referenza rispettiv, il-kontrofattwali korrispondenti u d-diskrepanza fil-finanzjament li tirriżulta f'konformità mal-kwantifikazzjoni li trid tiġi pprovduta taħt il-mistoqsija 21 ta' hawn taħt.

.....

JEW

(b) Meta l-għajnuna tingħata abbażi ta' proċess kompetittiv ta' offerti, jekk jogħġbok iġġustifika l-bidla fl-imġiba (fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju/proġett ta' referenza) bl-użu tal-istess evidenza kif meħtieġ skont (a) hawn fuq, jew inkella pprovdi evidenza rilevanti bbażata fuq evidenza kwantitattiva jew kwalitattiva oħra, inklużi studji tas-suq, pjanijiet tal-investituri, rapporti finanzjarji, pjanijiet tan-negozju interni, opinjonijiet ta' esperti, informazzjoni dwar proġetti komparabbli f'reġjuni oħra, inklużi offerti magħmula minn proġetti simili fi proċessi kompetittivi ta' offerti komparabbli reċenti. ([289])

.....

14. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 27 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni biex tikkonferma li l-għajnuna ma tappoġġax il-kostijiet ta' attività li l-benefiċjarju tal-għajnuna xorta waħda kien iwettaq u ma tikkumpensax għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika.

.....

15. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29 u 31 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività ma seħħx qabel applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali;

.....

JEW

(b) Għall-proġetti li bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok uri li l-proġett jaqa' f'wieħed mill-każijiet eċċezzjonali pprovduti fil-punt 31 tas-CEEAG ((a), (b) jew (c)).

.....

([288]) Jekk jogħġbok kun af li l-punti 38, 52 u 90 kif ukoll in-noti 39, 45 u 55 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG jipprovdu gwida ulterjuri dwar kif għandu jiġi żviluppat ix-xenarju kontrofattwali probabbli.

([289]) Jekk inti tiddependi fuq proċess kompetittiv reċenti, jekk jogħġbok spjega kif dan il-proċess tal-offerti jista' jitqies bħala kompetittiv, inkluż kif il-profitti mhux mistennija ġew evitati għal teknoloġiji differenti inklużi fil-proċess kompetittiv ta' offerti, fejn applikabbli, u kif huwa paragunabbli, pereżempju:

i. Il-kundizzjonijiet (eż. it-termini kuntrattwali u t-tul ta' żmien, l-iskadenzi tal-investiment, jekk il-pagamenti ta' appoġġ kinux indiċjati mal-inflazzjoni jew le) kienu simili għal dawk proposti fil-miżura notifikata?

ii. Il-proċess kompetittiv twettaq taħt kundizzjonijiet makroekonomiċi simili?

iii. It-teknoloġiji/it-tipi ta' proġetti kienu simili? Għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli li tiddependi fuq it-temp, ikun meħtieġ ukoll li jiġi kkunsidrat jekk il-kundizzjonijiet klimatiċi kinux simili.

16. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

……

17. Sabiex turi l-konformità mal-punt 32 tas-CEEAG, jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([290]) applikabbli għall-miżura/i notifikata/i, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi l-effett ta' inċentiv.

……

18. F'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-Unjoni jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu mhux fis-seħħ, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv għaliex tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma l-istandard jidħol fis-seħħ.

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

19. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

……

20. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 5.2 ta' hawn fuq, fejn il-miżura/i notifikata/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta.

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Rekwiżiti ta' kwantifikazzjoni skont id-disinn tal-miżura*

L-Istati Membri huma obbligati jissottomettu evidenza kwantitattiva li hija rilevanti għal diversi partijiet tat-taqsimiet ta' hawn taħt, b'mod partikolari dwar in-neċessità u l-proporzjonalità tal-għajnuna. Sabiex jiġi simplifikat l-għoti tal-informazzjoni, id-data rilevanti meħtieġa hija miġbura f'din it-Taqsima tal-formola ta' notifika u għandha ssir referenza għaliha fit-Taqsimiet rilevanti ta' hawn taħt (ara b'mod partikolari l-mistoqsijiet 30, 32, 39, 42, 43, u 56 ta' hawn taħt). Il-livell ta' dettall meħtieġ jiddependi fuq il-miżura speċifika proposta. Is-Subtaqsimiet minn 2.1.1.1 sa 2.1.1.3 li ġejjin huma għaldaqstant alternattivi: ipprovdi biss tweġibiet għas-subtaqsima rilevanti, skont id-disinn tal-miżura proposta.

([290]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:

(a) *standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, eskluż standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;*

(b) *l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux oġħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.*

2.1.1.1. Skemi mingħajr proċess kompetittiv ta' offerti jew notifiki ta' għajnuna *ad hoc*

Meta l-għajnuna tingħata mingħajr proċess kompetittiv ta' offerti, hija meħtieġa evidenza kwantitattiva, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni kontrofattwali kif ukoll il-kostijiet u d-dħul rilevanti, inklużi dawk marbuta mal-ETS, li turi li l-proġett ta' referenza jew il-proġett ta' kull benefiċjarju (jekk il-miżura notifikata tkun ta' benefiċċju għal benefiċjarju wieħed biss jew għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji) ma jitwettaqx mingħajr l-għajnuna. ***F'sitwazzjonijiet bħal dawn, se tkun meħtieġa valutazzjoni sħiħa tad-diskrepanza fil-finanzjament****, biex jiġu kkwantifikati l-kostijiet żejda netti meħtieġa. Għaldaqstant, ipprovdi dan li ġej għal dawn it-tipi ta' miżuri:*

21. Skont il-punt 51 tas-CEEAG, il-kostijiet żejda netti tipiċi jistgħu jiġu stmati bħala d-differenza bejn l-NPV tax-xenarju fattwali u tax-xenarju kontrofattwali tul il-ħajja tal-proġett jew għal kull proġett ta' referenza, fejn applikabbli. Għal din il-valutazzjoni, jekk jogħġbok ippreżenta kwantifikazzjoni, għax-xenarju fattwali u għal xenarju kontrofattwali realistiku ([291]), identifikat fit-tweġiba li tajt għall-mistoqsija 12 ta' hawn fuq, tal-kostijiet u d-dħul ewlenin kollha, il-kost medju ponderat tal-kapital (WACC, weighted average cost of capital) stmat tal-benefiċjarji (jew il-proġetti ta' referenza) biex jiġu skontati l-flussi futuri tal-flus, kif ukoll il-valur preżenti nett (VPN) għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, tul il-ħajja tal-proġett/tal-proġett ta' referenza.

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi dan f'Anness għal din il-formola ta' notifika (billi tuża fajl Excel fejn il-formuli kollha huma viżibbli).

(b) Jekk jogħġbok inkludi informazzjoni dettaljata dwar is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji, ir-raġunamenti u s-sorsi sottostanti tagħhom, użati għal kull aspett tal-kwantifikazzjoni tal-kostijiet u tad-dħul fix-xenarju fattwali u x-xenarju kontrofattwali probabbli (pereżempju inkludi s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu żviluppati dawn ix-xenarji u s-sors/ir-raġunament għal dawn is-suppożizzjonijiet).

(c) Ma' din il-formola ta' notifika tista' tehmeż ukoll id-dokumenti msemmija fin-nota 39 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG. Id-dokumenti tal-Bord jistgħu jkunu partikolarment utli għal miżuri jew skemi ta' għajnuna individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji. Jekk dawn id-dokumenti jkunu mehmuża mal-formola ta' notifika, ipprovdi hawn taħt lista ta' dawk id-dokumenti, speċifika l-awtur, id-data meta ġew abbozzati u l-kuntest meta ntużaw.

.....

22. Jekk il-miżura/i notifikata/i tinvolvi/jinvolvu skema ta' għajnuna b'tul ta' żmien ta' aktar minn 3 snin, ikkonferma li se taġġorna, kif jitlob il-punt 92 tas-CEEAG, l-analiżi tal-kostijiet u tad-dħul rilevanti tal-proġetti ta' referenza, biex tiżgura li l-għajnuna tibqa' meħtieġa għal kull kategorija ta' benefiċjarju.

.....

2.1.1.2. Skemi bi proċess kompetittiv ta' offerti miftuħin għall-benefiċjarji eliġibbli kollha

Filwaqt li l-punt 49 tas-CEEAG jiċċara li valutazzjoni dettaljata tal-kostijiet żejda netti mhux se tkun meħtieġa jekk l-ammonti tal-għajnuna jiġu ddeterminati permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti, jeħtieġ li jintwera wkoll, inkluż b'evidenza kwantitattiva, li l-proċess tal-offerti huwa effettivament kompetittiv. Skont l-ewwel sentenza tal-punt 104 tas-CEEAG, jenħtieġ li l-proċess tal-offerti, fil-prinċipju, ikun miftuħ għall-benefiċjarji eliġibbli kollha biex jippermetti allokazzjoni kosteffettiva tal-għajnuna u jnaqqas id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, u fejn dan huwa l-każ, spjega li ġej:

23. Jekk jogħġbok spjega l-elementi li fuqhom ibbażajt is-suppożizzjoni li l-proċess tal-offerti se jkun miftuħ u sottoskritt kif xieraq, jiġifieri li huwa prevedibbli li mhux l-offerenti kollha se jirċievu għajnuna u li l-għadd ta' offerenti mistennija huwa biżżejjed biex jiżgura l-kompetizzjoni effettiva għat-tul ta' żmien tal-iskema (il-punt 49(c) tas-CEEAG). Fl-ispjegazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkunsidra l-baġit jew il-volum tal-iskema. Fejn rilevanti, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza pprovduta fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet 12 u 13 hawn fuq.

.....

([291]) Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-informazzjoni ulterjuri fil-punti 51-53 kif ukoll fin-noti 45, 46 u 55 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG.

24. Jekk jogħġbok spjega jekk humiex se jintużaw il-limiti massimi għall-offerti. Fejn l-analiżi pprovduta bi tweġiba għall-mistoqsijiet 12 u 13 hawn fuq jew għall-mistoqsijiet 31 u 43 hawn taħt turi li jista' jkun hemm devjazzjoni sinifikanti bejn il-livelli tal-offerti mistennija ta' kategoriji differenti ta' benefiċjarji, jekk jogħġbok spjega kif se jiġi evitat il-kumpens żejjed ta' teknoloġiji oħos (ara l-punt 106 tas-CEEAG). Jekk jiġu proposti limiti massimi għall-offerti, jekk jogħġbok ipprovdi l-evidenza kwantitattiva rilevanti biex tiġġustifika l-livelli previsti pereżempju billi tirreferi għall-evidenza diġà pprovduta bi tweġiba għall-mistoqsijiet 12 u 13 hawn fuq.

……

2.1.1.3. Skemi bi proċess kompetittiv ta' offerti limitati għal kategorija speċifika waħda jew aktar ta' benefiċjarji

Sadanittant, fil-prinċipju, skont l-ewwel sentenza tal-punt 104 tas-CEEAG, il-proċessi tal-offerti jenħtieġ li jkunu miftuħa għall-benefiċjarji eliġibbli kollha. Madankollu, skont it-tieni sentenza tal-punt 104 tas-CEEAG, il-proċess tal-offerti jista' jkun limitat ukoll għal kategorija speċifika waħda jew aktar ta' benefiċjarji. Fejn dan huwa l-każ, ipprovdi dan li ġej:

25. F'konformità mal-punt 104 (a) tas-CEEAG, ipprovdi ġustifikazzjoni speċifika l-għaliex proċess uniku ta' offerti miftuħ għall-benefiċjarji eliġibbli kollha jwassal għal riżultat subottimali jew ma jippermettix li jintlaħqu l-objettivi tal-miżura. Fit-tweġiba tiegħek, tista' tirreferi għall-kriterji speċifiċi elenkati fil-punt 96 tas-CEEAG.

……

26. Skont il-punt 104 (b) u l-punt 105 tas-CEEAG, il-limitazzjonijiet fil-proċess tal-offerti jistgħu jiġu ġġustifikati jekk l-offerti mistennija jvarjaw b'aktar minn 10 % bejn kategoriji differenti ta' benefiċjarji. Fejn dan huwa mistenni li jkun il-każ, jekk jogħġbok iddeskrivi għal kull kategorija ta' benefiċjarju l-livell mistenni tal-offerta, bl-użu ta' evidenza pereżempju kif ipprovduta fit-tweġiba għall-mistoqsijiet 12 u 13 hawn fuq, li tiġġustifika d-differenza bejn il-kategoriji magħżula.

……

27. Jekk jogħġbok spjega l-elementi li fuqhom ibbażajt is-suppożizzjoni li l-proċess tal-offerti għal kull kategorija se jkun miftuħ u sottoskritt kif xieraq, jiġifieri li jista' jkun mistenni li mhux l-offerenti kollha se jirċievu għajnuna u li l-għadd ta' offerenti mistennija huwa biżżejjed biex jiżgura l-kompetizzjoni effettiva għat-tul ta' żmien tal-iskema (il-punt 49(c) tas-CEEAG). Fl-ispjegazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkunsidra l-baġit jew il-volum tal-iskema. Fejn rilevanti, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza pprovduta fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet 12 u 13 hawn fuq.

……

28. Jekk il-miżura/i notifikata/i tinvolvi/jinvolvu skema ta' għajnuna b'tul ta' żmien ta' aktar minn 3 snin, ikkonferma li se taġġorna, kif jitlob il-punt 92 tas-CEEAG, l-analiżi tal-kostijiet u tad-dħul rilevanti għall-kategoriji differenti, biex tiżgura li l-għajnuna tibqa' meħtieġa għal kull kategorija ta' benefiċjarju. Barra minn hekk, ikkonferma li l-punt 105 tas-CEEAG se jiġi rispettat.

……

29. Jekk jogħġbok spjega jekk humiex se jintużaw il-limiti massimi għall-offerti. Fejn l-analiżi pprovduta bi tweġiba għall-mistoqsijiet 12 u 13 hawn fuq jew għall-mistoqsijiet 31 u 43 hawn taħt turi li jista' jkun hemm devjazzjoni sinifikanti bejn il-livelli tal-offerti mistennija ta' kategoriji differenti ta' benefiċjarji, jekk jogħġbok spjega kif se jiġi evitat il-kumpens żejjed ta' teknoloġiji oħos (ara l-punt 106 tas-CEEAG). Jekk jiġu proposti limiti massimi għall-offerti, jekk jogħġbok ipprovdi l-evidenza kwantitattiva rilevanti biex tiġġustifika l-livelli previsti pereżempju billi tirreferi għall-evidenza diġà pprovduta bi tweġiba għall-mistoqsijiet 12 u 13 hawn fuq.

……

2.1.2. *Neċessità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.1.3.1. (il-punti 89-92) tas-CEEAG.

30. F'konformità mal-punt 89 tas-CEEAG, identifika kwalunkwe miżura ta' politika diġà fis-seħħ biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, b'mod partikolari dawk li japplikaw għas-setturi kkonċernati mill-miżura/i.

.....

31. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-ewwel sentenza tal-punt 90 tas-CEEAG, jekk jogħġbok, uri billi tuża wkoll fejn rilevanti l-evidenza pprovduta diġà bi tweġiba għall-mistoqsija 12 ta' hawn fuq, li l-għajnuna hija meħtieġa għall-attivitajiet proposti filwaqt li tqis is-sitwazzjoni kontrofattwali kif ukoll il-kostijiet u d-dħul rilevanti, inklużi dawk marbuta mal-ETS u l-politiki u l-miżuri relatati pprovduti fil-mistoqsija 30 ta' hawn fuq.

.....

32. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mat-tieni sentenza tal-punt 90 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk hemmx inċertezza sinifikanti dwar l-iżviluppi futuri tas-suq li huma relatati mal-biċċa l-kbira tal-argument għall-vijabbiltà tan-negozju. Jekk iva, (a) iddeskrivi l-inċertezza sinifikanti dwar l-iżviluppi futuri tas-suq, (b) iddeskrivi l-forma tal-appoġġ u b'mod partikolari jekk hux previst li din tieħu l-forma ta' ċerta remunerazzjoni garantita biex tillimita l-esponiment għal xenarji negattivi u (c) spjega jekk humiex proposti limiti għall-profittabbiltà u/jew għall-irkupru (jiġifieri mekkaniżmu għall-irkupru ta' għajnuna eċċessiva potenzjali bħala riżultat ta' xenarju pożittiv possibbli, pereżempju bi dħul futur għoli jew kostijiet futuri baxxi) bħala parti mill-miżura/i biex tiġi żgurata l-proporzjonalità.

.....

33. Jekk il-miżura/i notifikata/i tinvolvi/jinvolvu skema ta' għajnuna b'tul ta' żmien ta' aktar minn 3 snin, ikkonferma li se taġġorna, kif jitlob il-punt 92 tas-CEEAG, l-analiżi tal-kostijiet u tad-dħul rilevanti għall-kategoriji differenti, biex tiżgura li l-għajnuna tibqa' meħtieġa għal kull kategorija ta' benefiċjarju.

.....

2.1.3. *Adegwatezza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.1.3.2 (il-punti 93-94) tas-CEEAG.

34. Jekk il-miżura/i notifikata/i tinvolvi/jinvolvu l-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, speċifika l-forma ta' dan l-aspett tal-għajnuna (ara l-punt 94 tas-CEEAG).

.....

2.1.4. *Eliġibbiltà*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.1.3.3. (il-punti 95-97) tas-CEEAG.

35. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 95 u 96 tas-CEEAG, għal miżuri li ma jinkludux it-teknoloġiji u l-proġetti kollha li huma f'kompetizzjoni, jekk jogħġbok aqħti raġunijiet dettaljati għall-eliġibbiltà limitata.

.....

36. Jekk il-miżura/i notifikata/i tinvolvi/jinvolvu skema, ikkonferma li r-regoli tal-eliġibbiltà u kwalunkwe regola relatata magħhom se jinżammu taħt rieżami kif jitlob il-punt 97 tas-CEEAG.

2.1.5. *Konsultazzjoni pubblika*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.1.3.4 (il-punti 98-102) tas-CEEAG.

37. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i tirrikjedix/jirrikjedux konsultazzjoni pubblika skont it-Taqsima 4.1.3.4, u jekk le, għaliex le.

……

38. Jekk il-miżura teħtieġ konsultazzjoni pubblika, jekk jogħġbok:

(a) Speċifika t-tul ta' żmien tal-konsultazzjoni pubblika u pprovdi sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin koperti:

……

(b) F'konformità mar-rekwiżiti fil-punt 101 tas-CEEAG, ipprovdi l-indirizz tas-sit web pubbliku fejn se jiġu ppubblikati/ikunu ppubblikati l-kwestjonarji ta' konsultazzjoni u s-sommarju tal-gvern tat-tweġibiet:

……

2.1.6. *Proporzjonalità*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.3 (il-punti 47-57) u t-Taqsima 4.1.3.5. (il-punti 103-113) tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li ż-żewġ taqsimiet 2.1.6.1. u 2.1.6.2. li ġejjin huma alternattivi. Jekk jogħġbok ipprovdi biss it-tweġibiet għat-Taqsima applikabbli, skont it-tfassil tal-miżura proposta.

2.1.6.1. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 49, 50, 103-106 u 111-112 tas-CEEAG.

39. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 49, 50 u 103 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi dan li ġej:

(a) Jekk jogħġbok spjega kif l-awtoritajiet jiżguraw li l-proċess ta' offerti jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju, abbażi ta' kriterji oġġettivi, definiti *ex ante* skont l-objettiv tal-miżura u li jimminimizzaw ir-riskju ta' offerti strateġiċi (il-punt 49(a) tas-CEEAG). Fejn applikabbli, jekk jogħġbok irreferi wkoll għat-tweġibiet tiegħek ipprovduti diġà bi tweġiba għall-mistoqsijiet 23 jew 26 hawn fuq.

……

(b) Il-kriterji tal-għażla użati għall-klassifikazzjoni tal-offerti, u fl-aħħar mill-aħħar għall-identifikazzjoni tal-livell ta' għajnuna fil-proċess kompetittiv ta' offerti. Fejn rilevanti, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza pprovduta fit-tweġiba għall-mistoqsijiet 12 jew 13 hawn fuq. B'mod aktar speċifiku:

(i) Jekk jogħġbok ipprovdi l-lista tal-kriterji tal-għażla u speċifika liema minnhom huma/ma humiex direttament jew indirettament relatati mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i. Jekk jogħġbok inkludi l-ponderazzjoni tagħhom.

……

(ii) Jekk jogħġbok spjega kif il-kriterji tal-għażla jpoġġu l-kontribuzzjoni għall-objettivi ewlenin tal-miżura/i f'relazzjoni diretta jew indiretta mal-ammont tal-għajnuna mitlub mill-applikant. Dan jista' jiġi espress, pereżempju, f'termini ta' għajnuna għal kull unità ta' ħarsien tal-ambjent jew għajnuna għal kull unità ta' enerġija (il-punt 50 u n-nota 44 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(c) F'każ li jkun hemm kriterji oħra tal-għażla li mhumiex relatati direttament jew indirettament mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i, ipprovdi r-raġunijiet għall-approċċ propost u spjega l-għaliex huwa xieraq għall-objettivi li l-miżura/i għandha/hom l-għan li jilħqu. Jekk jogħġbok ikkonferma wkoll li dawk il-kriterji ma jirrappreżentawx aktar minn 30 % tal-ponderazzjoni tal-kriterji kollha tal-għażla (il-punt 50 tas-CEEAG).

……

(d) Jekk jogħġbok spjega kemm qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ta' kull proċess kompetittiv ta' offerti se jiġu ppubblikati l-kriterji tal-għażla (il-punt 49(b) u n-nota 43 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

.....

(e) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-baġit jew il-volum relatat mal-proċess tal-offerti huwa restrizzjoni vinkolanti fis-sens li huwa prevedibbli li mhux l-offerenti kollha se jirċievu għajnuna (il-punt 49(c) tas-CEEAG). Fejn rilevanti, irreferi għat-tweġibiet tiegħek għall-mistoqsijiet 22 jew 26 ta' hawn fuq kif applikabbli.

.....

(f) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' sessjonijiet ta' offerti previsti u l-għadd mistenni ta' offerenti fl-ewwel ċiklu u matul iż-żmien.

.....

(g) Fil-każ ta' proċess wieħed jew aktar ta' offerti mingħajr biżżejjed sottoskrizzjonijiet, jekk jogħġbok spjega kif it-tfassil tal-proċessi tal-offerti se jiġi kkoreġut matul l-implimentazzjoni tal-iskema biex terġa' tiġi stabbilita l-kompetizzjoni effettiva, u meta (il-punt 49(c) tas-CEEAG).

.....

(h) Jekk jogħġbok ikkonferma li aġġustamenti *ex post* għall-eżitu tal-proċess ta' offerti (bħal negozjati sussegwenti dwar ir-riżultati tal-offerti jew ir-razzjonar) huma evitati (il-punt 49(d) tas-CEEAG).

.....

(i) F'każ li jkun hemm possibbiltà ta' "*offerti mingħajr sussidju*", jekk jogħġbok spjega kif se tiġi żgurata l-proporzjonalità. Jekk jogħġbok iċċara jekk l-awtoritajiet jippreveduxl-użu ta' prezzijiet minimi jew massimi fil-proċess kompetittiv ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok iġġustifika l-użu tagħhom u spjega kif dawn ma jillimitawx il-proċess kompetittiv ta' offerti (il-punt 49 u n-nota 42 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

.....

40. Jekk jogħġbok ikkonferma li, fit-tfassil tal-miżura/i notifikata/i, tqieset l-informazzjoni dwar l-għajnuna diġà riċevuta mid-dokumentazzjoni tas-sistema ta' bilanċ tal-massa skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 (il-punt 111 tas-CEEAG).

.....

41. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i notifikata/i tinvolvix/jinvolvux it-trasferiment ta' drittijiet ta' konċessjoni, drittijiet ta' konnessjoni mal-grilja jew benefiċċji oħra, u jekk iva kif dawn id-drittijiet huma allokati (il-punt 112 tas-CEEAG).

2.1.6.2. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mhux mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 51-55 u 107-113 tas-CEEAG.

42. Jekk jogħġbok spjega għaliex ma jintużax proċess kompetittiv ta' offerti (skont il-punt 107 tas-CEEAG). Jekk jogħġbok irreferi għat-tweġibiet tiegħek ipprovduti fit-tweġiba għall-mistoqsija 21 ta' hawn fuq kif xieraq.

.....

43. Jekk jogħġbok uri li l-għajnuna ma taqbiżx il-minimu meħtieġ, jiġifieri d-differenza bejn l-NPV għax-xenarju fattwali u għax-xenarju kontrofattwali tul il-ħajja tal-proġett ta' referenza, billi tirreferi għall-kwantifikazzjoni ppreżentata fit-tweġiba għall-mistoqsija 21 ta' hawn fuq, jew fil-każ tal-punt 52 tas-CEEAG, li l-għajnuna ma taqbiżx l-NPV tax-xenarju fattwali. Fejn tipprevedi li kategoriji differenti ta' benefiċjarji jistgħu jirċievu għajnuna taħt il-miżura notifikata, jekk jogħġbok agħti l-ispjegazzjoni msemmija hawn fuq għal kull kategorija ta' benefiċjarji.

.....

44. Jekk il-punt 55 tas-CEEAG jkun japplika, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-mudelli ta' kumpens li l-Istat Membru jista' jkollu l-ħsieb li jintroduċi (taħlita ta' mekkaniżmi *ex ante* u *ex post* jew ta' rkupru *ex post* jew mekkaniżmi ta' monitoraġġ tal-kostijiet).

Jekk il-punt 55 tas-CEEAG ma jkunx japplika għall-miżura/i, jekk jogħġbok ipprovdi ġustifikazzjoni.

.....

45. Jekk jogħġbok ikkonferma li, fit-tfassil tal-miżura/i notifikata/i, tqieset l-informazzjoni dwar l-għajnuna diġà riċevuta mid-dokumentazzjoni tas-sistema ta' bilanċ tal-massa skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 (il-punt 111 tas-CEEAG).

.....

46. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i notifikata/i tinvolvix/jinvolvux it-trasferiment ta' drittijiet ta' konċessjoni, drittijiet ta' konnessjoni mal-grilja jew benefiċċji oħra, u jekk iva kif dawn id-drittijiet huma allokati (il-punt 112 tas-CEEAG).

.....

47. Jekk il-miżura/i notifikata/i tieħu l-forma ta' ċertifikat kompetittiv jew skema ta' obbligu tal-fornitur (il-punt 108 tas-CEEAG), jekk jogħġbok:

(a) ikkonferma li d-domanda fl-iskema tkun inqas mill-provvista potenzjali;

(b) spjega kif se jiġi stabbilit il-prezz tal-akkwiżizzjoni jew tal-penali; u

(c) fejn il-miżura tinvolvi l-bijomassa, spjega kif se titqies l-informazzjoni dwar l-appoġġ diġà riċevut mis-sistema ta' bilanċ tal-massa.

.....

48. Jekk il-miżura/i notifikata/i tieħu l-forma ta' tnaqqis fit-taxxi jew imposti parafiskali, jekk jogħġbok:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tat-taxxi u/jew tal-imposti parafiskali li se jitnaqqsu (inkluż l-iskop tagħhom, kif jiġu mitlubin fil-bażi kollha, il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rata u l-entitajiet involuti fl-istabbiliment u r-rieżami tar-rata kif ukoll fil-ġbir u l-ġestjoni tad-dħul miġbur). Fuq din il-bażi, uri li l-miżura proposta ma tinvolvix tnaqqis fit-taxxi jew fl-imposti li jirriflettu l-kostijiet essenzjali tal-provvista tal-enerġija jew tas-servizzi relatati, bħal tariffi tan-network jew tariffi li jiffinanzjaw il-mekkaniżmi ta' kapaċità.

.....

(b) Iddeskrivi kif tingħata l-għajnuna, b'mod partikolari biex tiżgura:

(i) Li l-għajnuna mill-Istat se tingħata bl-istess mod għall-impriżi eliġibbli kollha li joperaw fl-istess settur ta' attività ekonomika li jkunu fl-istess sitwazzjoni fattwali jew waħda simili fir-rigward tal-għanijiet jew l-objettivi tal-miżura ta' għajnuna, f'konformità mal-punt 109 tas-CEEAG;

.....

(ii) Li l-ammont tal-għajnuna mhux se jaqbeż id-differenza bejn il-kostijiet tal-proġett jew tal-attività ekoloġika u tax-xenarju kontrofattwali inqas ekoloġiku, f'konformità mal-punt 110 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok agħti wkoll dettalji dwar kif se jitqies l-iffrankar potenzjali tal-kostijiet u/jew ir-rikavat addizzjonali tal-proġett ekoloġiku.

.....

(c) Iddeskrivi l-monitoraġġ annwali li se jitwettaq biex jiġi żgurat li l-għajnuna tibqa' meħtieġa.

.....

49. Meta l-għajnuna tieħu l-forma ta' self superjuri lill-fornitur tal-miżuri għat-titjib tar-rendiment tal-enerġija skont kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (il-punt 113 tas-CEEAG),

(a) Jekk jogħġbok indika:

(i) il-livell tar-rata ta' koinvestiment mill-fornituri kummerċjali tal-finanzjament tad-dejn;

(ii) il-valur tal-portafoll sottostanti tal-kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-fornitur; u

(iii) jekk il-ħlas lura mill-fornitur tal-miżuri għat-titjib tar-rendiment tal-enerġija jridx ikun mill-inqas daqs il-valur nominali tas-self.

……

(b) ikkonferma li s-self pubbliku huwa limitat għal massimu ta' 10 snin u indika t-tul eżatt tiegħu.

……

50. Meta l-għajnuna tieħu l-forma ta' garanzija għall-fornitur tal-miżuri għat-titjib tar-rendiment tal-enerġija skont kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (il-punt 113 tas-CEEAG), jekk jogħġbok:

(a) Indika s-sehem tal-kapital tas-self sottostanti li se tkopri l-garanzija pubblika;

……

(b) Indika kif it-telf se jkun sostnut apparagun ta' kif it-telf se jkun sostnut mill-istituzzjoni ta' kreditu (il-proporzjon u l-kundizzjonijiet);

……

(c) Ikkonferma li l-ammont iggarantit jonqos proporzjonalment, b'tali mod li l-garanzija qatt ma tkun tkopri aktar minn 80 % tas-self pendenti; u

……

(d) Ikkonferma li l-garanzija hija limitata għall-massimu ta' 10 snin u indika t-tul eżatt tagħha.

……

2.1.7. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

51. Sakemm ma tkunx diġà tinsab fil-Parti I tal-formola ta' notifika ġenerali u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura/i notifikata/i tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dan huwa l-każ, ipprovdi dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna *ad hoc* jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata. Jekk jogħġbok innota li tista' tirreferi għall-kwantifikazzjoni pprovduta hawn fuq.

……

52. Jekk il-punt 56 tas-CEEAG huwa applikabbli, iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għal proġett jew attività mhux se jwassal għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess skont il-punt 51 tas-CEEAG. Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

.....

53. F'każ li japplika l-punt 57 tas-CEEAG, jiġifieri l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni ([292]) mmaniġġjat ċentralment (li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed

.....

2.1.8. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-61) tas-CEEAG.

54. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

.....

55. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġu ppubblikati t-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u l-informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

.....

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.1.4 (il-punti 114-133) tas-CEEAG.

56. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 115 tas-CEEAG,

(a) jekk jogħġbok ipprovdi l-istima tas-sussidju għal kull tunnellata ta' emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 evitati għal kull proġett jew proġett ta' referenza; u

(b) is-suppożizzjonijiet u l-metodoloġija pprovduti għall-kalkolu.

Meta l-għajnuna tingħata permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti, l-istima ta' hawn fuq għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza pprovduta, b'mod partikolari dik mogħtija fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet 12, 13, 25, 26, 31 u 39 ta' hawn fuq.

Meta l-għajnuna tingħata mingħajr proċess kompetittiv ta' offerti, il-kalkoli jenħtieġ li jqisu l-kwantifikazzjoni pprovduta fit-tweġiba għall-punt 21 ta' hawn fuq.

.....

([292]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri.

57. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 116, 127, 128 u 129 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) uri li l-għajnuna mhix limitata li ċċaqlaq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn settur għall-ieħor (permezz ta' żieda fl-emissjonijiet indiretti), u li twassal għal tnaqqis ġenerali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dan għandu jintwera għal kull proġett jew proġett ta' referenza. Is-suppożizzjonijiet u l-metodoloġija għal dan għandhom jiġu pprovduti.

……

(b) spjega jekk l-investimenti jew l-attivitajiet mogħtija għajnuna jistgħux jieħdu post alternattivi aktar nodfa li diġà huma disponibbli fis-suq, jew inkella jeħlu f'ċerti teknoloġiji (li jfixklu l-iżvilupp usa' ta' suq iddedikat għal soluzzjonijiet aktar nodfa u l-użu tagħhom).

……

(c) jekk il-miżura/i notifikata/i tista' tinċentiva/jistgħu jinċentivaw investimenti ġodda fl-enerġija jew fil-produzzjoni industrijali bbażati fuq il-gass naturali, spjega kif il-miżura se tiżgura l-kontribut tagħha għall-kisba tal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u l-mira tan-newtralità klimatika għall-2050. B'mod partikolari, spjega kif se tevita li tinqabad f'din il-ġenerazzjoni tal-enerġija li taħdem bil-gass jew fit-tagħmir tal-produzzjoni li jaħdem bil-gass.

……

58. Jekk il-miżura/i notifikata/i tista' tappoġġa/jistgħu jappoġġaw proġetti li jinvolvu l-ġenerazzjoni tal-enerġija, ikkonferma li ma hemmx inċentivi għall-ġenerazzjoni tal-enerġija li tissostitwixxi forom ta' enerġija li jniġġsu inqas (ara l-punt 126 tas-CEEAG).

……

59. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 117, 118 u 119 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) Rigward l-għajnuna għad-dekarbonizzazzjoni tal-attivitajiet industrijali, ikkonferma li l-miżura tnaqqas l-emissjonijiet li jirriżultaw direttament minn dik l-attività industrijali.

……

(b) Rigward l-għajnuna għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-attivitajiet industrijali, ikkonferma li l-miżura ttejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-attivitajiet tal-benefiċjarji jew li qed jingħata appoġġ għall-faċilitazzjoni tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

……

(c) Meta l-għajnuna għall-faċilitazzjoni tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma tingħatax bħala riżultat ta' proċess kompetittiv ta' offerti, ikkonferma li l-għajnuna tingħata bl-istess mod għall-impriżi eliġibbli kollha li joperaw fl-istess settur ta' attività ekonomika li jkunu fl-istess sitwazzjoni fattwali jew simili fir-rigward tal-għanijiet jew l-objettivi tal-miżura ta' għajnuna.

……

60. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 120 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar:

(a) Il-miżuri meħuda biex jiġi żgurat li l-proġetti mogħtija l-għajnuna jiġu effettivament żviluppati.

……

(b) Jekk il-miżura/i ta' għajnuna jagħtu aktar flessibbiltà fir-rigward tar-rekwiżiti ta' prekwalifikazzjoni għall-proġetti żviluppati u li jkunu 100 % proprjetà ta' SMEs jew ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli bħala mezz biex jitnaqqsu l-ostakli għall-parteċipazzjoni tagħhom, iddeskrivi dawn il-flessibilitajiet/faċilitazzjonijiet fid-dettal.

……

(c) Jekk iva, jekk jogħġbok iġġustifika wkoll kif l-effetti pożittivi meta jiġu żgurati l-parteċipazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-SMEs jew tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli fil-miżura/i notifikata/i jegħlbu l-effetti distorsivi possibbli.

……

61. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 121 u 122 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar:

(a) Il-forma preċiża tal-għajnuna fil-miżura.

……

(b) Jekk il-miżura/i ta' għajnuna tkopri/jkopru l-kostijiet marbuta l-aktar mal-operat pjuttost milli mal-investiment, uri li dan jirriżulta f'deċiżjonijiet operattivi aktar ekoloġiċi.

……

(c) Jekk il-miżura ta' għajnuna tkun primarjament meħtieġa biex tkopri l-kostijiet fuq terminu qasir li jistgħu jkunu varjabbli (bħall-kostijiet tal-fjuwil mill-bijomassa jew il-kostijiet tal-input tal-elettriku), u mħallsa fuq perjodi li jaqbżu sena, ikkonferma li l-kostijiet tal-produzzjoni li fuqhom huwa bbażat l-ammont tal-għajnuna se jiġu mmonitorjati u li l-ammont tal-għajnuna jiġi aġġornat mill-inqas darba fis-sena.

……

62. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 123 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) indika liema suq/swieq jistgħu potenzjalment jiġu affettwati direttament mill-miżura ta' għajnuna (eż. is-suq tal-elettriku, is-suq tal-gass jew swieq oħra tal-fjuwil, is-swieq tal-prodotti).

……

(b) Jekk jogħġbok spjega fid-dettall kif il-miżura tippreserva inċentivi operattivi effiċjenti u s-sinjali tal-prezzijiet (l-esponiment għal varjazzjoni fil-prezz u r-riskju tas-suq, in-nuqqas ta' inċentiv biex jiġi offrut output taħt il-kostijiet marġinali, in-nuqqas ta' għajnuna għall-produzzjoni fi kwalunkwe perjodu li fih il-valur tas-suq ta' dik il-produzzjoni jkun negattiv).

……

63. Jekk il-miżura/i notifikata/i tista' tappoġġa/jistgħu jappoġġaw proġetti li jinvolvu infrastruttura ddedikata, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 124 u 125 tas-CEEAG:

(a) iddeskrivi d-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni tal-infrastruttura ddedikata fir-rigward tas-suq/swieq affettwat(i), u l-impatt fuq il-probabbiltà ta' investimenti addizzjonali bbażati fuq is-suq.

……

(b) Spjega kemm utenti jew gruppi ta' utenti inizjalment se jibbenefikaw mill-infrastruttura ddedikata u jekk jeżistix pjan kredibbli jew impenn sod biex tikkonnettja ma' network usa'.

……

(c) Jekk applikabbli, ipprovdi t-tul ta' żmien ta' kwalunkwe deroga jew eżenzjoni mil-leġiżlazzjoni tas-suq intern, l-istruttura tas-suq u l-pożizzjoni tal-benefiċjarji f'dak is-suq.

……

64. Jekk il-miżura/i notifikata/i tista' tappoġġa/jistgħu jappoġġaw proġetti li jinvolvu l-produzzjoni ta' bijofjuwils minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 130 tas-CEEAG:

(a) Ikkonferma li l-għajnuna mill-Istat għall-bijofjuwils, il-bijolikwidi, il-bijogass u l-fjuwils mill-bijomassa mhux se jaqbżu l-limiti massimi li jiddeterminaw l-eliġibbiltà tagħhom għall-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

……

(b) Jekk il-limiti massimi jinqabżu jew jistgħu jinqabżu, spjega fid-dettall l-effetti pożittivi tal-miżura li jistgħu jegħlbu l-effetti negattivi.

……

65. Jekk il-miżura/i notifikata/i se tkun/se jkunu ta' benefiċċju għal benefiċjarju wieħed jew għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji biss, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 131 u 132 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi b'mod partikolari:

(a) il-lista tal-akbar ħames parteċipanti fis-suq fis-setturi kkonċernati u l-fatturat tagħhom (f'volum jew valur) meta mqabbla mal-fatturat totali tas-setturi. ([293])

……

(b) ir-raġunijiet l-għaliex l-Istati Membri jqisu li l-miżura/i notifikata/i ma ssaħħaħx/ma jsaħħux jew ma żżommx/ma jżommux is-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju/i jew tiskoraġġixxi/jiskoraġġixxu l-espansjoni tal-kompetituri eżistenti jew twassal/iwasslu għall-ħruġ tagħhom jew tiskoraġġixxi/jiskoraġġixxu d-dħul ta' kompetituri ġodda.

F'dan ir-rigward spjega wkoll jekk il-miżura ta' għajnuna twassalx għal żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-benefiċjarju/i.

……

(c) il-miżuri stabbiliti biex jillimitaw id-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għoti tal-għajnuna lill-benefiċjarju/i.

……

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 76(a), 131 u t-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

66. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew inkella ehmeż Anness ma' din il-formola ta' notifika li jinkludi abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG. ([294])

……

67. Jekk tagħti abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

……

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rrispettat.

……

([293]) Jekk il-miżura notifikata tikkonċerna l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, għandu jiġi pprovdut mill-inqas il-fatturat tal-ġenerazzjoni domestika tal-elettriku.

([294]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

……

68. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

……

69. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

……

70. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew hux se jintgħażel fil-futur.

……

(b) Jekk jogħġbok agħti informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

……

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

……

71. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi li qed tipproponi għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok kun af li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fiż-żmien debitu biex tkun tista' tiġi vvalutata l-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna, u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel ma tiskadi, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D:Ir-rapportar u l-monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464-465) tas-CEEAG.

72. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ previsti fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.B

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.2 – Għajnuna għat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali u r-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-bini)

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tikkonċerna l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.2 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. Sfond u objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i:

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għall-prestazzjoni enerġetika u ambjentali tal-bini li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, jekk jogħġbok spjega jekk dan jistax jirriżulta f'xi distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

……

2. **Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien**:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-iskema ta' għajnuna hija ppjanata li tidħol fis-seħħ;

……

2.2. Jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tal-iskema ([295]).

……

3. **Riċevitur/i:**

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i;

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istat Membru rispettiv jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

……

([295]) Jekk jogħġbok innota li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (jinkludi wkoll b'hekk iż-żmien meħtieġ għall-awtoritajiet biex japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien imsemmi f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jkomplu lil hinn mit-tul ta' żmien tal-miżura.

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna hix tingħata skont il-miżura/i favur l-impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, ipprovdi d-dettalji.

……

5. **Il-baġit u l-finanzjament tal-miżura/i**.

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv ([296]).

……

5.2. Jekk il-miżura/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta, jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) l-imposta hija stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

……

(b) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

……

(c) il-miżura/i notifikata/i se tibbenefika lill-prodotti domestiċi u importati bl-istess mod;

……

(d) l-imposta tiffinanzja kompletament il-miżura/i jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

……

(e) l-imposta li tiffinanzja l-miżura/i notifikata/i tiffinanzja wkoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

……

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsimiet 4.2.1 u 4.2.2 (il-punti 136 sa 140) tas-CEEAG.

([296]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati b'riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet jiġi se appoġġat.

……

7. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iddeskrivi jekk l-għajnuna hix se tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan.

Barra minn hekk, enfasizza sa liema punt l-għajnuna hija relatata mal-politiki deskritti fil-punt 135 tas-CEEAG.

……

8. Jekk jogħġbok iddeskrivi r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà applikabbli għall-benefiċjarju/i (pereżempju billi tinkludi kwalunkwe rekwiżit tekniku, ambjentali (jiġifieri permessi), finanzjarji (jiġifieri kollaterali) jew rekwiżiti oħra li l-benefiċjarju/i jeħtieġ li jikkonforma/jikkonformaw magħhom).

……

9. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni preċiż u l-attivitajiet appoġġati tal-miżura/i ta' għajnuna, kif previst fit-Taqsima 4.2.2 tas-CEEAG. B'mod partikolari:

(a) Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i ta' għajnuna tipprovdix biss għajnuna għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini jew tikkombina l-għajnuna għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini ma' għajnuna għal kwalunkwe wieħed mill-investimenti elenkati fil-punt 137 tas-CEEAG jew għall-investimenti kollha elenkati fil-punt tas-CEEAG. Fil-każ tal-aħħar, jekk jogħġbok iċċara liema mill-investimenti huma eliġibbli għall-għajnuna skont il-miżura/i.

……

(b) Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i ta' għajnuna tinkludix ukoll tipi ta' għajnuna li huma eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 4.2 tas-CEEAG, bis-saħħa tal-punt 138 tagħha. Jekk iva, il-formola/i ta' notifika xierqa jridu jiġu sottomessi fir-rigward tal-parti(jiet) rilevanti tal-miżura/i.

……

10. Jekk jogħġbok indika jekk l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i tikkonċernax ir-rinnovazzjoni ta' bini eżistenti, l-installazzjoni jew is-sostituzzjoni ta' tip wieħed biss ta' element tal-bini ([297]), u/jew investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'bini ġdid, kif definit fil-punt 139 (l-ittri (a) sa (c)) tas-CEEAG.

……

11. Jekk jogħġbok uri li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna se twassal għat-titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija meħtieġ fil-punt 139 (l-ittri (a) sa (c), kif applikabbli) tas-CEEAG.

……

([297]) In-nota 74 f'qiegħ il-paġna tipprevedi li l-investimenti għal tip wieħed ta' element tal-bini jistgħu pereżempju jkollhom l-għan li jissostitwixxu t-twieqi jew il-bojlers fil-bini jew jiffukaw fuq l-iżolament tal-ħajt.

12. Jekk jogħġbok indika jekk l-għajnuna tingħatax skont il-miżura/i ta' għajnuna lill-SMEs u lill-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li huma fornituri ta' miżuri għat-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-faċilitazzjoni tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, kif previst fil-punt 140 tas-CEEAG.

……

1.2. **L-effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti 26-32) u t-Taqsima 4.2.3 (il-punti 141-143) tas-CEEAG.

13. Għajnuna tista' titqies li tiffaċilita attività ekonomika biss jekk ikollha effett ta' inċentiv. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 26 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i *"ġġiegħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaqha mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti"*. Barra minn hekk, sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 27 tas-CEEAG, ikkonferma li l-miżura "*ma tikkumpensax għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika*" u spjega fil-qosor għaliex.

……

14. Skont il-punt 28 tas-CEEAG:

(a) Ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju fattwali mistenni li jirriżulta mill-miżura ta' għajnuna u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli fin-nuqqas tal-miżura ta' għajnuna. ([298]) Fejn taħseb li kategoriji differenti ta' benefiċjarji jistgħu jiġu appoġġati, jekk jogħġbok żgura li l-kontrofattwali jkun kredibbli għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

……

(b) Jekk jogħġbok spjega fil-qosor ir-raġunament għall-għażla tax-xenarju/i kontrofattwali probabbli, fid-dawl tal-kategoriji differenti proposti ta' benefiċjarji, jekk applikabbli.

……

(c) Ikkwantifika l-ispejjeż u d-dħul tax-xenarji fattwali u kontrofattwali u ġġustifika l-bidla fl-imġiba fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju, abbażi ta':

(i) il-proġett(i) ta' referenza rispettiv(i) ([299]), il-kontrofattwali korrispondenti u d-diskrepanza fil-finanzjament li tirriżulta;

……

JEW

(ii) evidenza kwantitattiva rilevanti bbażata fuq studji tas-suq (b'mod partikolari studji dwar perjodi ta' ħlas lura), pjanijiet tal-investituri, rapporti finanzjarji, jew evidenza kwantitattiva oħra inklużi, fejn applikabbli, offerti magħmula għal proġetti simili fi proċessi ta' offerti kompetittivi paragunabbli reċenti. ([300])

……

([298]) Jekk jogħġbok kun af li l-punti 38 u 52, kif ukoll in-noti 39 u 45 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG jipprovdu gwida ulterjuri dwar kif għandu jiġi żviluppat ix-xenarju kontrofattwali probabbli.

([299]) "Proġett ta' referenza" huwa definit fil-punt 19(63) tas-CEEAG.

([300]) Jekk inti tiddependi fuq proċess kompetittiv reċenti, jekk jogħġbok spjega kif dan il-proċess tal-offerti jista' jitqies bħala kompetittiv, inkluż kif il-profitti mhux mistennija ġew evitati għal teknoloġiji differenti inklużi fil-proċess kompetittiv ta' offerti, fejn applikabbli, u kif huwa paragunabbli, pereżempju:

i. Il-kundizzjonijiet (eż. it-termini kuntrattwali u t-tul ta' żmien, l-iskadenzi tal-investiment, jekk il-pagamenti ta' appoġġ kinux indiċjati mal-inflazzjoni jew le) kienu simili għal dawk proposti fil-miżura/i notifikata/i?

ii. Il-proċess kompetittiv twettaq taħt kundizzjonijiet makroekonomiċi simili?

iii. It-teknoloġiji/it-tipi ta' proġetti kienu simili?

15. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29 u 31 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività ma seħħx qabel applikazzjoni għall-għajnuna bil-miktub mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali;

……

JEW

(b) Għall-proġetti li bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok uri li l-proġett jaqa' f'wieħed mill-każijiet eċċezzjonali pprovduti fil-punt 31 tas-CEEAG l-ittri (a), (b) jew (c).

……

16. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

……

17. Sabiex turi l-konformità mal-punti 32 u 142 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([301]) li japplikaw għall-miżura/i notifikata/i, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni;

……

(b) F'każijiet fejn il-liġi tal-Unjoni timponi standards tal-Unjoni, ikkonferma u uri li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv minħabba li tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma jidħol fis-seħħ l-istandard.

……

(c) Jekk jogħġbok spjega jekk il-proġetti b'perjodu ta' ħlas lura ([302]) ta' inqas minn ħames snin humiex eliġibbli għall-għajnuna skont il-miżura/i. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza biex turi li l-għajnuna hija meħtieġa biex tiskatta bidla fl-imġiba, kif meħtieġ mill-punt 142 tas-CEEAG.

……

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

18. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

……

([301]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:

(a) standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, eskluż standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;

(b) l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux ogħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.

([302]) Il-perjodu ta' ħlas lura huwa l-ammont ta' żmien biex jiġi rkuprat il-kost ta' investiment (mingħajr għajnuna).

19. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 5.2 ta' hawn fuq, fejn il-miżura/i notifikata/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta.

……

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Neċessità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.1 (il-punti 34-38) tas-CEEAG.

20. Jekk jogħġbok spjega liema falliment(i) tas-suq identifikaw l-awtoritajiet tiegħek li jipprevjeni/u l-kisba ta' livell suffiċjenti ta' ħarsien tal-ambjent. Jekk jogħġbok speċifika f'liema kategorija jaqgħu l-fallimenti tas-suq identifikati, billi tagħmel referenza għall-ittri (a), (b), (c) jew (d) tal-punt 34 tas-CEEAG.

……

21. F'konformità mal-punt 35 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe politika u miżura eżistenti li l-awtoritajiet tiegħek identifikaw, li diġà huma mmirati lejn il-fallimenti regolatorji jew tas-suq identifikati.

……

22. Sabiex turi l-konformità mal-punt 36 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni li turi li l-għajnuna għandha fil-mira b'mod effettiv il-fallimenti residwi tas-suq, filwaqt li tqis ukoll kwalunkwe politika u miżura oħra diġà fis-seħħ biex tindirizza wħud mill-fallimenti tas-suq identifikati.

……

23. Sabiex turi l-konformità mal-punt 37 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk, sa fejn jafu l-awtoritajiet tiegħek, proġetti jew attivitajiet simili għal dawk koperti mill-miżura/i notifikata/i fir-rigward tal-kontenut teknoloġiku, il-livell ta' riskju u d-daqs tagħhom, humiex diġà mwassla fl-Unjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza ulterjuri biex turi l-ħtieġa għal għajnuna mill-Istat.

……

24. Sabiex turi l-konformità mal-punt 38 tas-CEEAG, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza kwantitattiva diġà pprovduta fil-mistoqsija 14 (c) ta' hawn fuq.

……

2.1.2. *Adegwatezza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.2 (il-punti 39-46), it-Taqsima 4.2.4.1 (il-punti 144-145) u l-punti 153 u 157 tas-CEEAG.

25. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 40 tas-CEEAG, uri li ma hemmx strumenti inqas distorsivi disponibbli li huma aktar xierqa mill-għajnuna mill-Istat.

……

26. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 41 tas-CEEAG, uri li l-miżura ta' għajnuna hija mfassla b'tali mod li ma ddgħajjifx l-effiċjenza ta' miżuri oħra li jirrimedjaw l-istess falliment tas-suq, bħal mekkaniżmu/i bbażat/i fuq is-suq (eż. l-EU ETS).

……

27. Sabiex turi l-konformità mal-punt 42 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-ebda wieħed mill-benefiċjarji tal-miżura/i ta' għajnuna ma seta' jinżamm responsabbli għat-tniġġis skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali eżistenti (*il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"*).

.....

28. Biex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti minn 43 sa 46 tas-CEEAG, biex turi l-adegwatezza tal-għajnuna fost strumenti ta' għajnuna differenti, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Jekk jogħġbok spjega għaliex forom oħra ta' għajnuna potenzjalment inqas distorsivi huma inqas xierqa, kif meħtieġ fil-punt 44 tas-CEEAG. Forom ta' għajnuna li jiġġeneraw inqas distorsjoni jistgħu jkunu avvanzi ripagabbli meta mqabbla ma' għotjiet diretti; krediti ta' taxxa meta mqabbel ma' tnaqqis fit-taxxa; jew forom oħra ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti finanzjarji, bħal dejn, meta mqabbel ma' strumenti ta' ekwità, inkluż, pereżempju, self b'imgħax baxx jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-gvern, jew forniment ta' finanzjament alternattiv b'termini favorevoli.

.....

(b) Jekk jogħġbok uri li l-għażla tal-istrument ta' għajnuna hija xierqa għall-falliment tas-suq li l-miżura/i ta' għajnuna għandha l-għan li tindirizza, kif meħtieġ fil-punt 45 tas-CEEAG.

.....

(c) Jekk jogħġbok spjega kif il-miżura ta' għajnuna u t-tfassil tagħha huma xierqa biex jintlaħaq l-objettiv tal-miżura li għaliha hija mmirata l-għajnuna, kif meħtieġ fil-punt 46 tas-CEEAG.

.....

29. Jekk l-għajnuna tingħata skont il-miżura/i lill-SMEs u lill-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li huma fornituri ta' miżuri għat-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija skont kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, ikkonferma li, kif meħtieġ mill-punt 145 tas-CEEAG, l-għajnuna tieħu l-forma ta' self jew garanzija lill-fornitur jew tikkonsisti fi prodott finanzjarju mmirat lejn il-finanzjament tal-fornitur (pereżempju, il-fatturament jew il-forfaiting).

.....

30. Jekk l-għajnuna tingħata skont il-miżura/i fil-forma ta' strumenti finanzjarji, ikkonferma li:

(a) L-għajnuna lis-sid jew lill-inkwilin tal-bini tieħu l-forma ta' garanzija jew self, f'konformità mal-punt 153 tas-CEEAG; u

.....

(b) L-għajnuna lill-intermedjarju finanzjarju (eż. fond għall-effiċjenza enerġetika) tieħu l-forma ta' dotazzjoni, ekwità, garanzija jew self, f'konformità mal-punt 157 tas-CEEAG.

.....

2.1.3. *Proporzjonalità*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.2.4.2 (il-punti 146-153) tas-CEEAG.

Jekk jogħġbok innota li t-tliet taqsimiet 2.1.3.1., 2.1.3.2. u 2.1.3.3. li ġejjin huma alternattivi. Jekk jogħġbok ipprovdi biss it-tweġibiet għat-Taqsima applikabbli, skont it-tfassil tal-miżura proposta.

2.1.3.1. Il-proporzjonalità tal-għajnuna meta l-għajnuna ma tingħatax permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti u ma tingħatax fil-forma ta' strumenti finanzjarji

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 146-151 u 153 tas-CEEAG.

31. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 146 tas-CEEAG, spjega liema huma l-kostijiet eliġibbli skont il-miżura/i u kif huma limitati għall-kostijiet tal-investiment marbuta direttament mal-kisba ta' livell ogħla ta' prestazzjoni enerġetika jew ambjentali.

……

32. Jekk jogħġbok indika l-intensitajiet massimi tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura u indika jekk japplikawx xi bonusijiet (kif deskritt fil-punti 147-150 tas-CEEAG).

……

33. Jekk applikabbli, jekk jogħġbok iġġustifika l-applikazzjoni tal-bonus tal-intensità tal-għajnuna għal titjib li jwassal għal tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 40 %, f'konformità mal-punt 148 tas-CEEAG.

……

34. Jekk b'deroga mill-punti 147-150 tas-CEEAG, jitqies li hija meħtieġa għajnuna lil hinn mill-intensitajiet massimi tal-għajnuna stabbiliti f'dawn il-punti, jekk jogħġbok indika l-livell ta' għajnuna kkunsidrata meħtieġa u ġġustifikaha abbażi ta' analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament, f'konformità mal-punti 51-52 tas-CEEAG.

Għal din l-analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament, jekk jogħġbok ippreżenta kwantifikazzjoni, għax-xenarju/i fattwali u xenarju/xenarji kontrofattwali realistiċi ([303]) identifikati bi tweġiba għall-mistoqsija 14(c) ta' hawn fuq, tal-kostijiet u d-dħul ewlenin kollha, il-kost medju ponderat tal-kapital (WACC) stmat tal-benefiċjarji (jew proġetti ta' referenza) biex jiġu skontati l-flussi futuri tal-flus, kif ukoll tal-valur preżenti nett (VPN) għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, tul il-ħajja tal-proġett/tal-proġett ta' referenza.

Jekk jogħġbok innota li għal każijiet ta' għajnuna u skemi individwali li jibbenefikaw minn għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, l-Istat Membru jeħtieġ li jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fil-livell tal-pjan dettaljat ta' direzzjoni tan-negozju tal-proġett, filwaqt li għal każijiet ta' skemi ta' għajnuna, l-Istat Membru jeħtieġ li jippreżenta l-evidenza ta' sostenn abbażi ta' proġett ta' referenza wieħed jew aktar.

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi dan f'Anness għal din il-formola ta' notifika (billi tuża fajl Excel fejn il-formuli kollha huma viżibbli).

……

(b) Jekk jogħġbok inkludi informazzjoni dettaljata dwar is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji, ir-raġunament u s-sorsi sottostanti tagħhom, użati għal kull aspett tal-kwantifikazzjoni tal-kostijiet u d-dħul fix-xenarju fattwali u x-xenarju kontrofattwali probabbli (pereżempju inkludi s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu żviluppati dawk ix-xenarji u s-sors/ir-raġunament għal dawn is-suppożizzjonijiet).

……

(c) Ma' din il-formola ta' notifika tista' tehmeż ukoll id-dokumenti msemmija fin-nota 39 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG. Id-dokumenti tal-Bord jistgħu jkunu partikolarment utli għal miżuri jew skemi ta' għajnuna individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji. Jekk dawn id-dokumenti jkunu mehmuża mal-formola ta' notifika, ipprovdi hawn taħt lista ta' dawk id-dokumenti, speċifika l-awtur, id-data meta ġew abbozzati u l-kuntest meta ntużaw.

……

35. Jekk jogħġbok uri li l-applikazzjoni ta' intensità ogħla tal-għajnuna ddeterminata kif indikat fil-mistoqsija 34 ma tirriżultax f'għajnuna li taqbeż id-diskrepanza fil-finanzjament.

……

([303]) Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-informazzjoni ulterjuri fil-punti 51-53 kif ukoll in-noti 45 u 46 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG.

36. F'każ li l-punt 52 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri x-xenarju kontrofattwali l-aktar probabbli jikkonsisti mill-fatt li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività jew investiment, jew ikompli n-negozju tiegħu mingħajr bidliet, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza biex issostni din is-suppożizzjoni ([304]).

.....

2.1.3.2. Il-proporzjonalità tal-għajnuna meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għall-punti 146 u 153 tas-CEEAG.

37. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 146 tas-CEEAG, spjega liema huma l-kostijiet eliġibbli skont il-miżura/i u kif huma limitati għall-kostijiet tal-investiment marbuta direttament mal-kisba ta' livell ogħla ta' prestazzjoni enerġetika jew ambjentali.

.....

38. Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 153 tas-CEEAG:

(a) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' garanzija, ikkonferma li l-garanzija mhux se taqbeż it-80 % tas-self sottostanti u spjega kif se tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-rekwiżit.

.....

(b) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' self, ikkonferma li l-ħlas lura mis-sid/i tal-bini lill-fond tal-effiċjenza enerġetika jew lill-fond tal-enerġija rinnovabbli jew intermedjarju finanzjarju ieħor ikun tal-inqas ugwali għall-valur nominali tas-self u spjega kif se tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-rekwiżit.

.....

2.1.3.3. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 49 u 50 tas-CEEAG.

39. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 49 u 50 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi dan li ġej:

(a) Jekk jogħġbok spjega kif l-awtoritajiet jiżguraw li l-proċess ta' offerti jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju, abbażi ta' kriterji oġġettivi, definiti *ex ante* skont l-objettiv tal-miżura u li jimminimizzaw ir-riskju ta' offerti strateġiċi (il-punt 49(a) tas-CEEAG).

.....

(b) Il-kriterji tal-għażla użati għall-klassifikazzjoni tal-offerti, u fl-aħħar mill-aħħar għall-identifikazzjoni tal-livell ta' għajnuna fil-proċess kompetittiv ta' offerti. B'mod aktar speċifiku:

(i) Jekk jogħġbok ipprovdi l-lista tal-kriterji tal-għażla u speċifika liema minnhom huma/ma humiex direttament jew indirettament relatati mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i. Jekk jogħġbok inkludi l-ponderazzjoni tagħhom.

.....

([304]) Jekk jogħġbok kun af li l-punti 38, 52, 165, 166 u 167 kif ukoll in-noti 39 u 45 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG jipprovdu gwida ulterjuri dwar kif għandu jiġi żviluppat ix-xenarju kontrofattwali probabbli.

(ii) Jekk jogħġbok spjega kif il-kriterji tal-għażla jpoġġu l-kontribuzzjoni għall-objettivi ewlenin tal-miżura/i f'relazzjoni diretta jew indiretta mal-ammont tal-għajnuna mitlub mill-applikant. Dan jista' jiġi espress, pereżempju, f'termini ta' għajnuna għal kull unità ta' ħarsien tal-ambjent ([305]) (il-punt 50 tas-CEEAG u n-nota 44 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(iii) F'każ li jkun hemm kriterji oħra tal-għażla li mhumiex relatati direttament jew indirettament mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i, jekk jogħġbok ipprovdi r-raġunijiet għall-approċċ propost u spjega għaliex huwa xieraq għall-objettivi li l-miżura/i għandha/għandhom l-għan li jilħqu. Jekk jogħġbok ikkonferma wkoll li dawk il-kriterji ma jirrappreżentawx aktar minn 30 % tal-ponderazzjoni tal-kriterji kollha tal-għażla (il-punt 50 tas-CEEAG).

……

(iv) Jekk jogħġbok spjega kemm qabel kull proċess kompetittiv tal-offerti se jiġu ppubblikati l-kriterji tal-għażla (il-punt 49(b) u n-nota 43 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(c) Jekk jogħġbok spjega l-elementi li fuqhom ibbażajt is-suppożizzjoni li l-proċess tal-offerti se jkun miftuħ u sottoskritt kif suppost, jiġifieri li jista' jkun mistenni li mhux l-offerenti kollha se jirċievu għajnuna u li l-għadd ta' offerenti mistennija huwa biżżejjed biex jiżgura l-kompetizzjoni effettiva għat-tul ta' żmien tal-iskema (il-punt 49(c) tas-CEEAG). Fl-ispjegazzjoni tiegħek, ikkunsidra l-baġit jew il-volum tal-iskema. Meta rilevanti, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza pprovduta fit-tweġibiet għall-mistoqsija 14.

……

(d) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' sessjonijiet ta' offerti previsti u l-għadd mistenni ta' offerenti fl-ewwel ċiklu u matul iż-żmien.

……

(e) Fil-każ ta' proċess wieħed jew aktar ta' offerti mingħajr biżżejjed sottoskrizzjonijiet, jekk jogħġbok spjega kif it-tfassil tal-proċessi tal-offerti se jiġi kkoreġut matul l-implimentazzjoni tal-iskema sabiex terġa' tiġi stabbilita l-kompetizzjoni effettiva, u meta (il-punt 49(c) tas-CEEAG).

……

(f) Jekk jogħġbok ikkonferma li aġġustamenti *ex post* għall-eżitu tal-proċess ta' offerti (bħal negozjati sussegwenti dwar ir-riżultati tal-offerti jew ir-razzjonar) huma evitati (il-punt 49(d) tas-CEEAG).

……

(g) F'każ li jkun hemm possibbiltà ta' "*offerti mingħajr sussidju*", jekk jogħġbok spjega kif se tiġi żgurata l-proporzjonalità (jekk jogħġbok ara l-punt 49, in-nota 42 f'qiegħ il-paġna, tas-CEEAG).

……

(h) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-awtoritajiet jippreveduxx l-użu ta' prezzijiet minimi jew massimi fil-proċess kompetittiv ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok iġġustifika l-użu tagħhom u spjega kif dawn ma jillimitawx il-proċess kompetittiv ta' offerti (il-punt 49 u n-nota 42 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

([305]) Jekk jogħġbok innota li n-nota 44 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG tipprevedi li: "*Meta jivvalutaw l-unitajiet tal-ħarsien tal-ambjent, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jiżviluppaw metodoloġija li tqis l-emissjonijiet jew tniġġis ieħor fi stadji differenti tal-attività ekonomika appoġġata, iż-żmien tar-realizzazzjoni tal-proġett jew il-kostijiet tal-integrazzjoni tas-sistema. Meta jqiegħdu l-kontribuzzjoni għall-objettivi ewlenin fil-konfront tal-ammont tal-għajnuna mitluba, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, iqisu l-kriterji oġġettivi varji u jagħżlu abbażi tal-ammont tal-għajnuna għal kull unità tal-medja ponderata tal-kriterji oġġettivi, jew jagħżlu fost firxa limitata ta' offerti bl-aktar ammont baxx għal kull unità tal-kriterji oġġettivi dawk bl-oġħla punteġġi fil-kriterji oġġettivi. Il-parametri ta' approċċ bħal dan iridu jiġu kkalibrati biex jiżguraw li l-proċess ta' offerti jibqa' mhux diskriminatorju, effettivament kompetittiv u jirrifletti valur ekonomiku.*"

2.1.4. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

40. Sakemm ma tkunx diġà tinsab fil-Parti I tal-formola ta' notifika ġenerali u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura/i notifikata/i tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dan huwa l-każ, ipprovdi dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, għajnuna *ad hoc* jew għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata.

.....

41. Jekk il-punt 56 tas-CEEAG huwa applikabbli, iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għal proġett jew attività ma jwassalx għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess skont it-Taqsima 4.2.4.2. tas-CEEAG. Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

.....

42. F'każ li l-punt 57 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment ([306]) (li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed.

.....

2.1.5. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-62) tas-CEEAG.

43. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

.....

44. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġi ppubblikat it-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha u informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

.....

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.2 (il-punti 63-70) u t-Taqsima 4.2.4.3 (il-punti 154-157) tas-CEEAG.

45. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 67 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti negattivi possibbli fuq terminu qasir u twil tal-miżura/i notifikata/i fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

.....

46. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura taqax taħt xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) Tikkonċerna suq (jew swieq) fejn l-operaturi stabbiliti kisbu saħħa fis-suq qabel il-liberalizzazzjoni tas-suq;

.....

([306]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea u li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru.

(b) Tinvolvi proċessi kompetittivi ta' offerti f'suq (swieq) emerġenti, meta jkun hemm attur b'pożizzjoni b'saħħitha fis-suq;

……

(c) Dan se jkun ta' benefiċċju biss għal benefiċjarju wieħed jew għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji.

……

47. Jekk il-miżura ta' għajnuna tiffoka fuq għażla/perkors teknoloġika/u speċifika/u, iġġustifika r-raġuni għall-għażla teknoloġika u li mhux se tiskoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji aktar nodfa.

……

48. Jekk il-miżura/i notifikata/i tibbenefika/jibbenefikaw biss minn benefiċjarju wieħed jew minn għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 68 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i notifikata/i ssaħħaħx/jsaħħux jew iżżommx/iżommux is-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju/i jew tiskoraġġixxix l-espansjoni tal-kompetituri eżistenti jew twassalx għall-ħruġ tagħhom jew tiskoraġġixxi d-dħul ta' kompetituri ġodda. F'dan ir-rigward spjega wkoll jekk il-miżura ta' għajnuna twassalx għal żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-benefiċjarju.

……

(b) Iddeskrivi l-miżura/i stabbilita/i biex tillimita d-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għoti tal-għajnuna lill-benefiċjarju/i.

……

49. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 69 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega:

(a) Jekk l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għandha l-għan li tippreserva l-attività ekonomika f'reġjun wieħed jew tiġbed lejha lil hinn minn reġjuni oħra fis-suq intern.

……

(b) Jekk iva, speċifika liema huwa l-effett ambjentali nett tal-miżura/i notifikata/i u kif il-miżura/i notifikata/i ttejjeb il-livell eżistenti ta' protezzjoni ambjentali fl-Istati Membri.

……

(c) Kif l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i ma tirriżultax f'effetti manifestament negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

(d) F'każ ta' għajnuna individwali, il-fatturi ewlenin tal-għażla tal-post għall-investimenti mill-benefiċjarju.

……

50. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 70 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata taħt l-iskema notifikata għal perjodu massimu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li, jekk l-awtoritajiet tiegħek jixtiequ jestendu t-tul ta' żmien tal-iskema lil hinn minn dak il-perjodu massimu, huma se jirrinotifikaw il-miżura.

……

51. Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' dotazzjoni, ekwità, garanzija jew self lil fond għall-effiċjenza enerġetika jew fond tal-enerġija rinnovabbli jew intermedjarju finanzjarju ieħor, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 157 tas-CEEAG:

(a) uri li l-intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers tal-fondi se jintgħażlu permezz ta' proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju li jsir skont il-liġijiet applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali;

……

(b) Jekk jogħġbok uri li hemm kundizzjonijiet fis-seħħ biex jiżguraw li l-intermedjarji finanzjarji, inklużi l-fondi għall-effiċjenza enerġetika jew il-fondi għall-enerġija rinnovabbli, jiġu ġestiti fuq bażi kummerċjali u se jiżguraw deċiżjonijiet ta' finanzjament immexxija mill-profitt;

……

(c) l-amministraturi tal-fond għall-effiċjenza fl-enerġija jew tal-fond għall-enerġija rinnovabbli jew intermedjarju finanzjarju ieħor jgħaddu l-vantaġġ kemm jista' jkun lill-benefiċjarji finali (is-sid(ien)) jew l-inkwilin(i) tal-bini), fil-forma ta' volumi ogħla ta' finanzjament, rekwiżiti ta' kollateral aktar baxxi, primjums ta' garanzija aktar baxxi jew rati tal-imgħax aktar baxxi.

……

3. L-IBBILANĊJAR TAL-EFFETTI POŻITTIVI TAL-GĦAJNUNA MAL-EFFETTI NEGATTIVI FUQ IL-KOMPETIZZJONI U L-KUMMERĊ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.3 (il-punti 71-76) tas-CEEAG.

52. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 72 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk l-attivitajiet appoġġati taħt il-miżura/i notifikata/i jissodisfawx il-kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([307]), inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", jew metodoloġiji paragunabbli oħra.

……

53. (Fil-każ ta' proċess kompetittiv ta' offerti) Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i notifikata/i tinkludix/jinkludux karatteristiċi li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs fi proċessi kompetittivi ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar dawk il-karatteristiki u ġġustifika kif l-effetti pożittivi tal-iżgurar tal-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-miżura/i notifikata/i jegħlbu l-effetti distorsivi possibbli.

……

54. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 74 u 155-156 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-investimenti f'tagħmir li juża l-gass naturali humiex eliġibbli għall-għajnuna skont il-miżura/i notifikata/i. Jekk iva, uri li l-għajnuna mhux se tisposta l-investimenti f'alternattivi aktar nodfa li diġà huma disponibbli fis-suq jew li jissakkru f'ċerti teknoloġiji. Jekk jogħġbok spjega wkoll jekk it-tagħmir li juża l-gass naturali jissostitwix it-tagħmir tal-enerġija li juża l-aktar fjuwils fossili li jniġġsu bħaż-żejt u l-faħam.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-investimenti f'tagħmir li juża fjuwils fossili li jniġġsu bħaż-żejt u l-faħam mhumiex eliġibbli għall-għajnuna skont il-miżura/i notifikata/i. Innota li l-għajnuna għall-installazzjoni ta' tagħmir li juża fjuwils fossili bħaż-żejt u l-faħam hija meqjusa li għandha effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni minħabba l-emissjonijiet akbar tal-karbonju marbuta mal-użu tal-fjuwils fossili, ir-riskju sinifikanti ta' mblukkar fit-teknoloġiji tal-fjuwils fossili u l-ispostament tal-investimenti f'alternattivi aktar nodfa u aktar innovattivi disponibbli fis-suq.

……

([307]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

55. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew inkella ehmeż Anness ma' din il-formola ta' notifika li jinkludi abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG ([308]).

……

56. Jekk jiġi pprovdut abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi hawn taħt sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rispettat.

……

(c) Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

……

57. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

……

58. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

……

59. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew jekk hux se jintgħażel fil-futur.

……

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

……

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

……

(d) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi proposti tiegħek għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok innota li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel l-iskadenza tagħha, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

([308]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

(e) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D: Ir-rapportar u l-monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464 u 465) tas-CEEAG.

60. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.C

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.3.1 – Għajnuna għall-akkwist jew il-kiri ta' vetturi nodfa u ta' tagħmir nadif għas-servizzi mobbli u għall-modifika retroattiva ta' vetturi u ta' tagħmir għas-servizzi mobbli

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tikkonċerna l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.3.1 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, jekk jogħġbok spjega jekk dan jistax jirriżulta f'xi distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

……

2. **Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien**:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-iskema ta' għajnuna hija ppjanata li tidħol fis-seħħ;

……

2.2. Jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tal-iskema. ([309])

……

([309]) Jekk jogħġbok kun af li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (inkluż għalhekk iż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet nazzjonali japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

3. **Benefiċjarju/i**

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i;

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (potenzjali) (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi biss li jinsabu fl-Istat Membru rispettiv jew ukoll fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli biex jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna hix tingħata skont il-miżura/i favur l-impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tieħu kont tiegħu fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

5. **Il-baġit u l-finanzjament tal-miżura/i**.

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv. ([310])

……

5.2. jekk il-miżura hija ffinanzjata permezz ta' imposta, jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) l-imposta hijiex stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

……

(b) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

……

(c) il-miżura notifikata hijiex se tkun ta' benefiċċju b'mod indaqs għall-prodotti domestiċi u dawk importati;

……

(d) l-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

……

(e) l-imposta li tiffinanzja l-miżura notifikata tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

……

([310]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsimiet 4.3.1.1 (il-punti 160 u 161) u 4.3.1.2 (il-punti 162 u 163) tas-CEEAG.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "*għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni*". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, jekk jogħġbok identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati b'riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet huwa appoġġat.

……

7. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok "*[i]ddeskriv[i] [wkoll] jekk l-għajnuna hix se* tikkontribwixxi *għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan*".

……

8. Barra minn hekk, jekk jogħġbok enfasizza sa liema punt l-għajnuna hija relatata mal-politiki deskritti fil-punti 160 u 161 tas-CEEAG.

……

9. Jekk jogħġbok iddeskrivi r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà applikabbli għall-benefiċjarju/i (pereżempju billi tinkludi kwalunkwe rekwiżit tekniku, ambjentali (jiġifieri permessi), finanzjarji (jiġifieri kollaterali) jew rekwiżiti oħra li l-benefiċjarju/i jeħtieġ li jikkonforma/jikkonformaw magħhom).

……

10. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ambitu preċiż u l-attivitajiet appoġġati preċiżi tal-miżura/i ta' għajnuna, kif ipprovdut fit-Taqsima 4.3.1.2 (il-punti 162 u 163) tas-CEEAG.

……

1.2. **Effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti 26-32) u t-Taqsima 4.3.1.3 (il-punti 164-169) tas-CEEAG.

11. L-għajnuna tista' tiġi kkunsidrata bħala li tiffaċilita attività ekonomika biss jekk ikollha effett ta' inċentiv. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 26 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i "*ġġiegħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti*".

……

12. Skont il-punt 28 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju fattwali li mistenni jirriżulta mill-miżura ta' għajnuna u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli fin-nuqqas tal-miżura ta' għajnuna. ([311]) Fejn taħseb li kategoriji differenti ta' benefiċjarji jistgħu jiġu appoġġati, jekk jogħġbok żgura li l-kontrofattwali jkun kredibbli għal kull waħda minn dawn il-kategoriji. Jekk jogħġbok innota li l-punt 165 tas-CEEAG jirrikjedi li x-xenarju kontrofattwali jkun investiment bl-istess kapaċità, tul tal-ħajja u, fejn xieraq, karatteristiċi tekniċi rilevanti oħra bħall-investiment li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. Jekk jogħġbok innota li l-punti 165 sa 169 tas-CEEAG jimponu rekwiżiti alternattivi addizzjonali għax-xenarju kontrofattwali:

(i) Meta x-xenarju kontrofattwali jkun jikkonsisti fl-akkwist jew il-kiri ta' vetturi jew tagħmir għas-servizzi mobbli inqas ekoloġiċi tal-istess kategorija u l-istess kapaċità bħall-vettura b'emissjonijiet żero jew nadifa, jekk jogħġbok uri li l-vettura jew it-tagħmir inqas ekoloġiċi huma mill-inqas konformi mal-istandards tal-Unjoni, fejn applikabbli.

……

(ii) Meta x-xenarju kontrofattwali jkun jikkonsisti fil-manutenzjoni tal-vettura eżistenti jew tat-tagħmir għas-servizzi mobbli operattiv għal perjodu li jkun jikkorrispondi għat-tul tal-ħajja tal-investiment ekoloġiku, jekk jogħġbok innota li jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-kostijiet skontati tal-manutenzjoni, it-tiswija u l-modernizzazzjoni matul dak il-perjodu.

……

(iii) Meta x-xenarju kontrofattwali jkun jikkonsisti f'sostituzzjoni aktar tard tal-vettura jew tat-tagħmir għas-servizzi mobbli, jekk jogħġbok ipprovdi l-valur skontat tal-vettura jew tat-tagħmir għas-servizzi mobbli sabiex tiġi kkunsidrata d-differenza fit-tul tal-ħajja ekonomika rispettiva tat-tagħmir.

……

(iv) Fil-każ ta' vetturi jew tagħmir għas-servizzi mobbli soġġetti għal arranġamenti ta' kiri, jekk jogħġbok ipprovdi tqabbil tal-valur skontat tal-kiri tal-vetturi nodfa jew tat-tagħmir għas-servizzi mobbli nadif mal-valur skontat tal-kiri tal-vettura jew tat-tagħmir għas-servizzi mobbli inqas ekoloġiċi li kieku jintużaw fin-nuqqas tal-għajnuna.

……

(v) Fejn l-investiment ikun jikkonsisti fiż-żieda ta' tagħmir ma' vettura eżistenti jew tagħmir għas-servizzi mobbli biex titjieb il-prestazzjoni ambjentali tagħhom (pereżempju, il-modifika retroattiva ta' sistemi ta' kontroll tat-tniġġis), jekk jogħġbok spjega jekk ix-xenarju kontrofattwali jikkonsistix fit-tkomplija tal-użu tal-vettura mingħajr l-investiment tal-modifika retroattiva. F'dak il-każ, il-kostijiet eliġibbli jistgħu jikkonsistu fil-kostijiet totali tal-investiment.

……

(b) Jekk jogħġbok spjega fil-qosor ir-raġunament għall-għażla tax-xenarju/i kontrofattwali probabbli, fid-dawl tal-kategoriji differenti proposti ta' benefiċjarji, jekk applikabbli.

……

([311]) Jekk jogħġbok kun af li l-punti 38, 52, 165, 166 u 167 kif ukoll in-noti 39 u 45 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG jipprovdu gwida ulterjuri dwar kif għandu jiġi żviluppat ix-xenarju kontrofattwali probabbli.

(c) Jekk jogħġbok ikkwantifika l-kostijiet u d-dħul tax-xenarji fattwali u kontrofattwali kif ġej:

(i) Meta l-għajnuna tingħata mingħajr proċess ta' offerti kompetittiv, jekk jogħġbok iġġustifika l-bidla fl-imġiba fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju, abbażi tal-proġett ta' referenza rispettiv ([312]), il-kontrofattwali korrispondenti u d-diskrepanza fil-finanzjament li tirriżulta.

.....

(ii) Meta l-għajnuna tingħata abbażi ta' proċess kompetittiv ta' offerti, jekk jogħġbok iġġustifika l-bidla fl-imġiba (fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju/proġett ta' referenza) bl-użu tal-istess evidenza kif meħtieġ taħt (c)(i) hawn fuq, jew inkella pprovdi evidenza kwantitattiva rilevanti bbażata fuq studji tas-suq, pjanijiet tal-investituri, rapporti finanzjarji, jew evidenza kwantitattiva oħra inklużi offerti li saru għal proġetti simili fi proċessi kompetittivi ta' offerti komparabbli reċenti. ([313])

.....

13. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 27 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma li l-għajnuna ma tappoġġax il-kostijiet ta' attività li l-benefiċjarju tal-għajnuna xorta waħda kien iwettaq u ma tikkumpensax għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika.

.....

14. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29 u 31 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività ma seħħx qabel applikazzjoni għall-għajnuna bil-miktub mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali;

JEW

(b) Għall-proġetti li bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok uri li l-proġett jaqa' f'wieħed mill-każijiet eċċezzjonali pprovduti fil-punt 31 tas-CEEAG ((a), (b) jew (c)).

.....

15. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

.....

([312]) "Proġett ta' referenza" huwa definit fil-punt 19(63) tas-CEEAG.

([313]) Jekk inti tiddependi fuq proċess kompetittiv reċenti, jekk jogħġbok spjega kif dan il-proċess tal-offerti jista' jitqies bħala kompetittiv, inkluż kif il-profitti mhux mistennija ġew evitati għal teknoloġiji differenti inklużi fil-proċess kompetittiv ta' offerti, fejn applikabbli, u kif huwa paragunabbli, pereżempju:

i. Il-kundizzjonijiet (eż. it-termini kuntrattwali u t-tul ta' żmien, l-iskadenzi tal-investiment, jekk il-pagamenti ta' appoġġ kinux indiċjati mal-inflazzjoni jew le) kienu simili għal dawk proposti fil-miżura notifikata?

ii. Il-proċess kompetittiv twettaq taħt kundizzjonijiet makroekonomiċi simili?

iii. It-teknoloġiji/it-tipi ta' proġetti kienu simili?

16. Sabiex turi l-konformità mal-punt 32 tas-CEEAG, jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([314]) applikabbli għall-miżura/i notifikata/i, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi l-effett ta' inċentiv.

……

17. F'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-Unjoni jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu mhux fis-seħħ, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv għaliex tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma l-istandard jidħol fis-seħħ.

……

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

18. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

……

19. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 5.2 ta' hawn fuq, fejn il-miżura/i notifikata/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta.

……

2. Kundizzjoni negattiva: l-għajnuna ma tistax taffettwa b'mod mhux xieraq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Neċessità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.1 (il-punti 34-38) tas-CEEAG.

20. Jekk jogħġbok spjega liema falliment(i) tas-suq identifikaw l-awtoritajiet tiegħek li jipprevjeni/u l-kisba ta' livell suffiċjenti ta' ħarsien tal-ambjent. Jekk jogħġbok speċifika f'liema kategorija jaqgħu l-fallimenti tas-suq identifikati, billi tagħmel referenza għall-ittri (a), (b), (c) jew (d) tal-punt 34 tas-CEEAG.

……

21. F'konformità mal-punt 35 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe politika u miżura eżistenti li l-awtoritajiet tiegħek identifikaw, li diġà huma mmirati lejn il-fallimenti regolatorji jew tas-suq identifikati.

……

([314]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:

(a) *standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, eskluż standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;*

(b) *l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux ogħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.*

22. Sabiex turi l-konformità mal-punt 36 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni li turi li l-għajnuna għandha fil-mira b'mod effettiv il-fallimenti residwi tas-suq, filwaqt li tqis ukoll kwalunkwe politika u miżura oħra diġà fis-seħħ biex tindirizza wħud mill-fallimenti tas-suq identifikati.

……

23. Sabiex turi l-konformità mal-punt 37 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk, sa fejn jafu l-awtoritajiet tiegħek, proġetti jew attivitajiet simili għal dawk koperti mill-miżura/i notifikata/i fir-rigward tal-kontenut teknoloġiku, il-livell ta' riskju u d-daqs tagħhom, humiex diġà mwassla fl-Unjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza ulterjuri biex turi l-ħtieġa għal għajnuna mill-Istat.

……

24. Sabiex turi l-konformità mal-punt 38 tas-CEEAG, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza kwantitattiva diġà pprovduta fil-mistoqsija 12(c) ta' hawn fuq.

……

2.1.2. *Adegwatezza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.2 (il-punti 39-46) u t-Taqsima 4.3.1.4.1 (il-punt 171) tas-CEEAG.

25. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 41 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-miżura ta' għajnuna hija mfassla b'tali mod li ma ddgħajjifx l-effiċjenza ta' miżuri oħra li jirrimedjaw l-istess falliment tas-suq, bħal mekkaniżmi bbażati fuq is-suq (pereżempju, l-EU ETS).

……

26. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 42 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-ebda wieħed mill-benefiċjarji tal-miżura/i ta' għajnuna ma seta' jinżamm responsabbli għat-tniġġis taħt id-dritt eżistenti tal-Unjoni jew nazzjonali (*il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"*).

……

27. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti minn 43 sa 46 tas-CEEAG, biex turi l-adegwatezza tal-għajnuna fost strumenti ta' għajnuna differenti, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Jekk jogħġbok spjega għaliex forom oħra ta' għajnuna potenzjalment inqas distorsivi huma inqas xierqa, kif meħtieġ fil-punt 44 tas-CEEAG. Forom ta' għajnuna li jiġġeneraw inqas distorsjoni jistgħu jkunu avvanzi ripagabbli meta mqabbla ma' għotjiet diretti; krediti ta' taxxa meta mqabbel ma' tnaqqis fit-taxxa; jew forom oħra ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti finanzjarji, bħal dejn meta mqabbel ma' strumenti ta' ekwità, inkluż, pereżempju, self b'imgħax baxx jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-gvern, jew forniment ta' finanzjament alternattiv b'termini favorevoli.

……

(b) Uri li l-għażla tal-istrument ta' għajnuna hija xierqa għall-falliment tas-suq li l-miżura/i ta' għajnuna għandha l-għan li tindirizza, kif meħtieġ fil-punt 45 tas-CEEAG.

……

(c) Jekk jogħġbok spjega kif il-miżura ta' għajnuna u t-tfassil tagħha huma xierqa biex jintlaħaq l-objettiv tal-miżura li għaliha hija mmirata l-għajnuna (il-punt 46 tas-CEEAG).

……

28. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 40 u 171 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk tipi oħra ta' interventi minbarra l-għajnuna mill-Istat ma setgħux jistimulaw l-iżvilupp tas-suq tal-mobbiltà nadifa u ddeskrivi l-impatt mistenni tagħhom meta mqabbel ma' dak tal-miżura proposta. Dawn it-tipi oħra ta' interventi jistgħu jinkludu l-introduzzjoni ta' miżuri ġenerali mmirati lejn il-promozzjoni tal-akkwist ta' vetturi nodfa bħal skemi ta' bonus ekoloġiku jew skemi ta' skrappjar jew il-ħolqien ta' żoni b'emissjonijiet baxxi fl-Istat Membru kkonċernat

……

2.1.3. *Proporzjonalità*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.3 (il-punti 47-55) u t-Taqsima 4.3.1.4.2 (il-punti 172-181) tas-CEEAG. Jekk jogħġbok innota li ż-żewġ Taqsimiet 2.1.3.1. u 2.1.3.2. li ġejjin huma alternattivi. Jekk jogħġbok ipprovdi biss it-tweġibiet għat-Taqsima applikabbli, skont it-tfassil tal-miżura proposta.

2.1.3.1. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 49, 50, 173, 174 u 175 tas-CEEAG.

29. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 49, 50 u 173 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi dan li ġej:

(a) Jekk jogħġbok spjega kif l-awtoritajiet jiżguraw li l-proċess tal-offerti jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju, ibbażat fuq kriterji oġġettivi, definiti *ex ante* f'konformità mal-objettiv tal-miżura u jimminimizza r-riskju ta' offerti strateġiċi (il-punt 49(a) tas-CEEAG).

……

(b) Il-kriterji tal-għażla użati għall-klassifikazzjoni tal-offerti, u fl-aħħar mill-aħħar għall-identifikazzjoni tal-livell ta' għajnuna fil-proċess kompetittiv ta' offerti. B'mod aktar speċifiku:

(i) Jekk jogħġbok ipprovdi l-lista tal-kriterji tal-għażla u speċifika liema minnhom huma/ma humiex direttament jew indirettament relatati mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i. Jekk jogħġbok inkludi l-ponderazzjoni tagħhom.

……

(ii) Jekk jogħġbok spjega kif il-kriterji tal-għażla jpoġġu l-kontribuzzjoni għall-objettivi ewlenin tal-miżura/i f'relazzjoni diretta jew indiretta mal-ammont tal-għajnuna mitlub mill-applikant. Dan jista' jiġi espress, pereżempju, f'termini ta' għajnuna għal kull unità ta' ħarsien tal-ambjent jew għajnuna għal kull vettura nadifa jew b'emissjonijiet żero (il-punt 50 u n-nota 44 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(iii) F'każ li jkun hemm kriterji oħra tal-għażla li mhumiex relatati direttament jew indirettament mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i, ipprovdi raġunijiet għall-approċċ propost u spjega kif huwa xieraq għall-objettivi segwiti mill-miżura/i. Jekk jogħġbok ikkonferma wkoll li dawk il-kriterji ma jirrappreżentawx aktar minn 30 % tal-ponderazzjoni tal-kriterji kollha tal-għażla (il-punt 50 u 174 tas-CEEAG).

……

(iv) Jekk jogħġbok spjega kemm qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ta' kull proċess kompetittiv ta' offerti se jiġu ppubblikati l-kriterji tal-għażla (il-punt 49(b) u n-nota 43 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(c) Jekk jogħġbok spjega l-elementi li fuqhom ibbażajt is-suppożizzjoni li l-proċess ta' offerti se jkun miftuħ u sottoskritt kif suppost, jiġifieri li jista' jkun mistenni li mhux l-offerenti kollha se jirċievu għajnuna u li l-għadd mistenni ta' offerenti jkun biżżejjed biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni effettiva għat-tul ta' żmien tal-iskema (il-punt 49 (c) tas-CEEAG). Fl-ispjegazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkunsidra l-baġit jew il-volum tal-iskema. Meta rilevanti, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza pprovduta fit-tweġibiet għall-mistoqsija 12.

……

(d) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' sessjonijiet ta' offerti previsti u l-għadd mistenni ta' offerenti fl-ewwel ċiklu u matul iż-żmien.

……

(e) Fil-każ ta' proċess wieħed jew aktar ta' offerti mingħajr biżżejjed sottoskrizzjonijiet, jekk jogħġbok spjega kif it-tfassil tal-proċessi tal-offerti se jiġi kkoreġut matul l-implimentazzjoni tal-iskema sabiex terġa' tiġi stabbilita l-kompetizzjoni effettiva, u meta (il-punt 49(c) tas-CEEAG).

……

(f) Jekk jogħġbok ikkonferma li aġġustamenti *ex post* għall-eżitu tal-proċess ta' offerti (bħal negozjati sussegwenti dwar ir-riżultati tal-offerti jew ir-razzjonar) huma evitati (il-punt 49(d) tas-CEEAG).

……

(g) F'każ li jkun hemm possibbiltà ta' "*offerti mingħajr sussidju*", jekk jogħġbok spjega kif se tiġi żgurata l-proporzjonalità (jekk jogħġbok ara l-punt 49, in-nota 42 f'qiegħ il-paġna, tas-CEEAG).

……

(h) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-awtoritajiet jipprevedux l-użu ta' prezzijiet minimi jew massimi fil-proċess kompetittiv ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok iġġustifika l-użu tagħhom u spjega kif dawn ma jillimitawx il-proċess kompetittiv ta' offerti (il-punt 49 u n-nota 42 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

30. Jekk jogħġbok spjega kif it-tfassil tal-proċess kompetittiv ta' offerti jiżgura li jibqgħu biżżejjed inċentivi għall-applikanti biex jagħmlu offerti għal proġetti li jirrigwardaw l-akkwist ta' vetturi b'emissjonijiet żero, li ġeneralment ikunu aktar għaljin minn alternattivi inqas ekoloġiċi, sa fejn dawn ikunu disponibbli għal dak il-mod tat-trasport. Pereżempju, jekk jogħġbok spjega jekk it-tfassil tal-offerti kompetittivi jinkludix primjums li jippermettu li jiġi assenjat punteġġ ogħla għal proġetti li jġibu benefiċċji ambjentali lil hinn minn dawk li jirriżultaw mir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà jew l-objettiv primarju tal-miżura (il-punt 175 tas-CEEAG).

……

2.1.3.2. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mhux mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 51-55 u 176-181 tas-CEEAG.

31. Jekk jogħġbok spjega għaliex ma jintużax proċess kompetittiv ta' offerti (b'referenza għall-eċċezzjonijiet stipulati fil-punt 176 tas-CEEAG):

(a) l-għadd mistenni ta' parteċipanti mhuwiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni effettiva jew jiġu evitati offerti strateġiċi; *JEW*

(b) proċess kompetittiv ta' offerti, kif deskritt fil-punti 49 u 50, mhuwiex xieraq biex tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-għajnuna u li l-użu tal-metodi alternattivi fil-punti 177 sa 180 tas-CEEAG biex tintwera l-proporzjonalità ma jżidx ir-riskju ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bla bżonn, skont il-karatteristiki tal-miżura jew tas-setturi jew tal-modi tat-trasport ikkonċernati; *JEW*

(c) l-għajnuna tingħata għall-akkwist jew il-kiri ta' vetturi maħsuba għall-użu minn impriżi attivi fis-settur tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri bl-art, bil-ferrovija jew bil-baħar.

.....

32. Jekk jogħġbok identifika l-kostijiet żejda netti tal-investiment. Dawn huma kkalkulati bħala d-differenza, minn naħa waħda, bejn il-kost totali tas-sjieda tal-vettura nadifa prevista li tiġi akkwistata jew mikrija, u min-naħa l-oħra l-kost totali tas-sjieda fix-xenarju kontrofattwali, bl-esklużjoni tal-kostijiet li mhumiex marbuta direttament mal-ksib ta' livell ogħla ta' ħarsien tal-ambjent. Fir-rigward tal-modifika retroattiva ta' vetturi jew ta' tagħmir għas-servizzi mobbli, il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu l-kostijiet totali tal-modifika retroattiva sakemm fix-xenarju kontrofattwali l-vetturi jew it-tagħmir għas-servizzi mobbli jżommu l-istess ħajja ekonomika finnuqqas tal-modifika retroattiva (il-punti 178-179 tas-CEEAG).

.....

33. Jekk jogħġbok indika l-intensitajiet massimi tal-għajnuna li huma applikabbli taħt il-miżura u indika jekk japplikawx xi bonusijiet (kif deskritt fil-punt 177 tas-CEEAG).

.....

34. Jekk b'deroga mill-punti 177-179 tas-CEEAG, jiġi kkunsidrat li tenħtieġ għajnuna lil hinn millintensitajiet massimi tal-għajnuna stabbiliti taħt il-punt 177 tas-CEEAG, jekk jogħġbok indika l-livell ta' għajnuna kkunsidrata meħtieġa u ġġustifikaha fuq il-bażi ta' analiżi tad-diskrepanza filfinanzjament għall-proġetti ta' referenza fix-xenarji fattwali u kontrofattwali kif identifikati bi tweġiba għall-mistoqsija 12(c)(i) ta' hawn fuq, f'konformità mal-punti 51-52 tas-CEEAG.

Għal din l-analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament, jekk jogħġbok ippreżenta kwantifikazzjoni, għax-xenarju fattwali u għal xenarju kontrofattwali realistiku ([315]), identifikat fit-tweġiba li tajt għallmistoqsija 12 ta' hawn fuq, tal-kostijiet u d-dħul ewlenin kollha, tal-kost medju ponderat tal-kapital (WACC) stmat tal-benefiċjarji (jew il-proġetti ta' referenza) biex jiġu skontati l-flussi futuri tal-flus, kif ukoll tal-valur preżenti nett (VPN) għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, tul il-ħajja tal-proġett/tal-proġett ta' referenza.

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi dan f'Anness għal din il-formola ta' notifika (billi tuża fajl Excel fejn il-formuli kollha huma viżibbli).

.....

(b) Jekk jogħġbok inkludi informazzjoni dettaljata dwar is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji, ir-raġunament u s-sorsi sottostanti tagħhom, użati għal kull aspett tal-kwantifikazzjoni tal-kostijiet u d-dħul fix-xenarju fattwali u x-xenarju kontrofattwali probabbli (pereżempju jekk jogħġbok inkludi s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu żviluppati dawk ix-xenarji u s-sors/ir-raġunament għal dawn is-suppożizzjonijiet).

.....

(c) Għal każijiet ta' għajnuna u skemi individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, jeħtieġ li l-Istat Membru jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fil-livell talpjan dettaljat tan-negozju tal-proġett.

Għal każijiet ta' skemi ta' għajnuna, l-Istat Membru jeħtieġ li jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fuq il-bażi ta' proġett ta' referenza wieħed jew aktar.

.....

([315]) Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-informazzjoni ulterjuri fil-punti 51-53 u 165-167 kif ukoll in-noti 45 u 46 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG.

(d) Ma' din il-formola ta' notifika tista' tehmeż ukoll id-dokumenti msemmija fin-nota 39 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG. Id-dokumenti tal-Bord jistgħu jkunu partikolarment utli għal miżuri jew skemi ta' għajnuna individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji. Jekk dawn id-dokumenti jkunu mehmuża mal-formola ta' notifika, ipprovdi hawn taħt lista ta' dawk id-dokumenti, speċifika l-awtur, id-data meta ġew abbozzati u l-kuntest meta ntużaw.

……

35. Jekk jogħġbok uri wkoll li l-applikazzjoni ta' għajnuna ogħla ddeterminata kif indikat fil-mistoqsija 34 ma tirriżultax f'għajnuna li taqbeż id-diskrepanza fil-finanzjament.

……

36. F'każ li l-punt 52 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri x-xenarju kontrofattwali l-aktar probabbli jikkonsisti fil-fatt li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività jew investiment, jew ikompli n-negozju tiegħu mingħajr bidliet, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza biex issostni din is-suppożizzjoni ([316]).

……

37. Fil-każijiet kollha li fihom il-proporzjonalità hija ġġustifikata b'referenza għal analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament, jekk jogħġbok ikkonferma wkoll li l-awtoritajiet tiegħek se jwettqu monitoraġġ *ex post* biex jivverifikaw is-suppożizzjonijiet li saru dwar il-livell ta' għajnuna meħtieġa u jistabbilixxu mekkaniżmu ta' rkupru. Jekk jogħġbok iddeskrivi wkoll il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' rkupru li l-awtoritajiet tiegħek għandhom l-intenzjoni li japplikaw (il-punt 180 tas-CEEAG).

……

2.1.4. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

38. Sakemm ma tkunx diġà tinsab fil-Parti I tal-formola ta' notifika ġenerali u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura/i notifikata/i tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dak huwa l-każ, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna *ad hoc* jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata.

……

39. Jekk il-punt 56 tas-CEEAG huwa applikabbli, iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i għal proġett jew attività ma jwassalx għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess taħt il-punt 173, il-punt 177 jew il-punt 180 tas-CEEAG. Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

……

40. F'każ li l-punt 57 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment ([317]) (li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed.

……

([316]) F'dak il-każ, skont il-punt 52 tas-CEEAG, "il-kost żejjed nett jista' jiġi approssimat mill-NPV negattiv tal-proġett fix-xenarju fattwali mingħajr għajnuna tul il-ħajja tal-proġett (għalhekk, b'mod impliċitu jassumi li l-NPV tax-xenarju kontrofattwali huwa żero)"

([317]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea u li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru.

2.1.5. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-61) tas-CEEAG.

41. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

……

42. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġu ppubblikati t-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u l-informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

……

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.2 (il-punti 63-70) u t-Taqsima 4.3.1.5. (il-punti 183-189) tas-CEEAG.

43. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 67 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti negattivi possibbli fuq terminu qasir u twil tal-miżura/i notifikata/i fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

44. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura taqax taħt xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) Tikkonċerna suq (jew swieq) fejn l-operaturi stabbiliti kisbu saħħa fis-suq qabel il-liberalizzazzjoni tas-suq;

……

(b) Tinvolvi proċessi kompetittivi ta' offerti f'suq (swieq) emerġenti, meta jkun hemm attur b'pożizzjoni b'saħħitha fis-suq;

……

(c) Dan se jkun ta' benefiċċju biss għal benefiċjarju wieħed jew għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji.

……

45. Jekk il-miżura ta' għajnuna tiffoka fuq għażla/perkors teknoloġika/u speċifika/u, iġġustifika r-raġuni għall-għażla teknoloġika u li mhux se tiskoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji aktar nodfa.

……

46. Jekk il-miżura/i notifikata/i se tibbenefika/jibbenefikaw biss minn benefiċjarju wieħed jew minn għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 68 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) Spjega jekk il-miżura/i notifikata/i ssaħħaħx/jsaħħux jew iżżommx/iżommux is-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju/i jew tiskoraġġixxix/jiskoraġġixxux l-espansjoni tal-kompetituri eżistenti jew twassalx/iwasslux għall-ħruġ tagħhom jew tiskoraġġixxi/jiskoraġġixxux id-dħul ta' kompetituri ġodda. F'dan ir-rigward spjega wkoll jekk il-miżura ta' għajnuna twassalx għal żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-benefiċjarju.

……

(b) Iddeskrivi l-miżuri stabbiliti biex jillimitaw id-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għoti tal-għajnuna lill-benefiċjarju/i.

……

47. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 69 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega:

(a) Jekk l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għandha l-għan li tippreserva l-attività ekonomika f'reġjun wieħed jew tiġbed lejha lil hinn minn reġjuni oħra fis-suq intern.

……

(b) Jekk iva, speċifika liema huwa l-effett ambjentali nett tal-miżura/i notifikata/i u kif il-miżura/i notifikata/i ttejjeb il-livell eżistenti ta' protezzjoni ambjentali fl-Istati Membri.

……

(c) Kif l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i ma tirriżultax f'effetti manifestament negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

(d) F'każ ta' għajnuna individwali, il-fatturi ewlenin tal-għażla tal-post għall-investimenti mill-benefiċjarju.

……

48. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 70 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata taħt l-iskema notifikata għal perjodu massimu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li, jekk l-awtoritajiet tiegħek jixtiequ jestendu t-tul ta' żmien tal-iskema lil hinn minn dak il-perjodu massimu, huma se jirrinotifikaw il-miżura.

……

49. Jekk il-miżura/i notifikata/i tista'/jistgħu tinċentiva/jinċentivaw investimenti ġodda f'vetturi u f'tagħmir għas-servizzi mobbli li jużaw il-gass naturali, spjega kif il-miżura tista' titqies li ma għandhiex effetti ta' intrappolament fit-tul u li ma tispostax l-investimenti f'alternattivi aktar nodfa. Għalhekk, għall-għajnuna għall-akkwist jew il-kiri ta' vetturi CNG u LNG għat-trasport fuq l-ilma u għat-tagħmir għas-servizzi mobbli, jekk jogħġbok uri li alternattivi aktar nodfa għad-dekarbonizzazzjoni tal-mod tat-trasport rilevanti mhumiex disponibbli faċilment fis-suq u mhumiex mistennija li jkunu disponibbli fuq terminu qasir. Għal dan l-għan, jekk jogħġbok ikkunsidra perjodu ta' bejn 2 u 5 snin wara n-notifika tal-miżura ta' għajnuna (jew perjodu differenti, jekk debitament ġustifikat) u ppreżenta studji indipendenti tas-suq ta' sostenn jew kwalunkwe evidenza xierqa oħra.

……

50. Jekk il-miżura notifikata tista' tinċentiva investimenti f'inġenji tal-ajru nodfa (għajr inġenji tal-ajru b'emissjonijiet żero) li jużaw fjuwils fossili, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna tikkontribwixxi għall-introduzzjoni fis-suq jew għall-adozzjoni aċċellerata ta' inġenji tal-ajru ġodda, aktar effiċjenti u sostanzjalment aktar ekoloġiċi. Jekk jogħġbok spjega wkoll kif dawn l-investimenti huma konformi ma' perkors lejn in-newtralità klimatika, u kif il-miżura tevita r-riskju ta' intrappolament ta' teknoloġiji konvenzjonali u l-ispostament tal-investimenti f'alternattivi aktar nodfa.

……

51. Jekk il-miżura tirrigwarda s-servizz tat-trasport bl-ajru, spjega jekk l-awtoritajiet tiegħek għandhomx l-intenzjoni li jirrikjedu li l-benefiċjarju jiddekkummissjona għadd ekwivalenti ta' inġenji tal-ajru inqas ekoloġiċi ta' massa tat-tluġħ simili bħall-inġenju tal-ajru akkwistat jew mikri bl-għajnuna mill-Istat, biex jiġu mitigati l-effetti potenzjalment distorsivi tal-għajnuna b'kunsiderazzjoni tal-pożizzjoni tas-suq tal-benefiċjarju jew biex jiżdiedu l-effetti pożittivi tal-miżura ta' għajnuna.

……

52. Fir-rigward tal-għajnuna għall-akkwist jew il-kiri ta' vetturi jew tagħmir għas-servizzi mobbli, jekk jogħġbok spjega jekk id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda jirriżultax jew jaggravax fallimenti eżistenti tas-suq, bħall-kapaċità żejda fis-settur ikkonċernat.

……

53. Jekk il-miżura notifikata tagħti appoġġ immirat lil benefiċjarju individwali jew lil għadd limitat ta' benefiċjarji speċifiċi fin-nuqqas ta' offerti kompetittivi, jekk jogħġbok iġġustifika t-tfassil tal-miżura u r-raġunijiet għaliex mhijiex miftuħa għall-kompetituri kollha li lesti jipprovdu l-istess servizz, prodott jew benefiċċju u juru li hija tindirizza kif xieraq ir-riskji ogħla ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

……

3. L-IBBILANĊJAR TAL-EFFETTI POŻITTIVI TAL-GĦAJNUNA MAL-EFFETTI NEGATTIVI FUQ IL-KOMPETIZZJONI U L-KUMMERĊ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.3 (il-punti 71-76) tas-CEEAG.

54. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 72 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk l-attivitajiet appoġġati taħt il-miżura notifikata jissodisfawx il-kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([318]), inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", jew metodoloġiji paragunabbli oħra.

……

55. (Fil-każ ta' proċess kompetittiv ta' offerti) Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i notifikata/i tinkludix/jinkludux karatteristiċi li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs fi proċessi kompetittivi ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar dawk il-karatteristiki u ġġustifika kif l-effetti pożittivi tal-iżgurar tal-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-miżura/i notifikata/i jegħlbu l-effetti distorsivi possibbli.

……

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

56. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew inkella ehmeż Anness ma' din il-formola ta' notifika li jinkludi abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG ([319]).

……

57. Jekk tagħti abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

……

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rrispettat.

……

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

……

([318]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

([319]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

58. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

……

59. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

……

60. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew jekk hux se jintgħażel fil-futur.

……

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

……

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

……

61. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi proposti tiegħek għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok innota li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel l-iskadenza tagħha, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D:Ir-rapportar u l-monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464-465) tas-CEEAG.

62. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.D

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.3.2 – Għajnuna għall-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tirrigwarda l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.3.2 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, jekk jogħġbok spjega jekk dan jistax jirriżulta f'xi distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

……

2. **Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien:**

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-iskema ta' għajnuna hija ppjanata li tidħol fis-seħħ.

……

2.2. Jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tal-iskema. ([320])

……

3. **Benefiċjarju/i**

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i;

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (potenzjali) (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istati Membri rispettivi jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna hijiex tingħata skont il-miżura/i favur l-impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

([320]) Jekk jogħġbok kun af li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (inkluż għalhekk iż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet nazzjonali japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

5. **Il-baġit u l-finanzjament tal-miżura/i**.

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv. ([321])

……

5.2. jekk il-miżura hija ffinanzjata permezz ta' imposta, jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) l-imposta hijiex stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

……

(b) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

……

(c) il-miżura notifikata hijiex se tkun ta' benefiċċju kemm għall-prodotti domestiċi kif ukoll għal dawk importati;

……

(d) l-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

……

(e) l-imposta li tiffinanzja l-miżura notifikata tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

……

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsimiet 4.3.2.1 (il-punti 190 u 191) u 4.3.2.2 (il-punti 192 u 193) tas-CEEAG.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara bħala kompatibbli l-"għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, jekk jogħġbok identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati b'riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet huwa appoġġat.

……

7. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok "*[i]ddeskriv[i] [wkoll] jekk l-għajnuna hix se* tikkontribwixxi *għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan*".

……

([321]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

8. Barra minn hekk, jekk jogħġbok enfasizza sa liema punt l-għajnuna hija relatata mal-politiki deskritti fil-punti 190 u 191 tas-CEEAG.

……

9. Iddeskrivi r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà applikabbli għall-benefiċjarju/i (pereżempju billi titfa' dawl fuq kwalunkwe rekwiżit tekniku, ambjentali (jiġifieri permessi), finanzjarji (jiġifieri kollateral) jew rekwiżiti oħra li l-benefiċjarju/i jeħtieġ li jikkonforma/jikkonformaw magħhom).

……

10. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ambitu preċiż u l-attivitajiet appoġġati preċiżi tal-miżura/i ta' għajnuna, kif previst fit-Taqsima 4.3.2.2 (il-punti 192 u 193) tas-CEEAG.

……

1.2. **Effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti 26-32) tas-CEEAG.

11. L-għajnuna tista' titqies li tiffaċilita attività ekonomika jekk ikollha effett ta' inċentiv biss. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 26 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i *"ġġiegħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti"*.

……

12. Skont il-punt 28 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju fattwali li mistenni jirriżulta mill-miżura ta' għajnuna u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli fin-nuqqas tal-miżura ta' għajnuna. ([322]) Fejn taħseb li kategoriji differenti ta' benefiċjarji jistgħu jiġu appoġġati, jekk jogħġbok żgura li l-kontrofattwali jkun kredibbli għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

……

(b) Jekk jogħġbok spjega fil-qosor ir-raġuni għall-għażla tax-xenarju/i kontrofattwali probabbli, fid-dawl tal-kategoriji differenti ta' benefiċjarji proposti, jekk applikabbli.

. ……

(c) Jekk jogħġbok ikkwantifika l-kostijiet u d-dħul tax-xenarji fattwali u kontrofattwali kif ġej:

(i) Meta l-għajnuna tingħata mingħajr proċess ta' offerti kompetittiv, jekk jogħġbok iġġustifika l-bidla fl-imġiba fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju, abbażi tal-proġett ta' referenza rispettiv ([323]), il-kontrofattwali korrispondenti u d-diskrepanza fil-finanzjament li tirriżulta.

……

([322]) Jekk jogħġbok kun af li l-punti 38 u 52, kif ukoll in-noti 39 u 45 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG jipprovdu gwida ulterjuri dwar kif għandu jiġi żviluppat ix-xenarju kontrofattwali probabbli.

([323]) "Proġett ta' referenza" huwa definit fil-punt 19(63) tas-CEEAG.

(ii) Meta l-għajnuna tingħata abbażi ta' proċess kompetittiv ta' offerti, jekk jogħġbok iġġustifika l-bidla fl-imġiba (fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju/proġett ta' referenza) bl-użu tal-istess evidenza kif meħtieġ taħt (a) hawn fuq, jew inkella pprovdi evidenza kwantitattiva rilevanti bbażata fuq studji tas-suq, pjanijiet tal-investituri, rapporti finanzjarji, jew evidenza kwantitattiva oħra inklużi offerti li saru għal proġetti simili fi proċessi kompetittivi ta' offerti komparabbli reċenti. ([324])

.....

13. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 27 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma li l-għajnuna ma tappoġġax il-kostijiet ta' attività li l-benefiċjarju tal-għajnuna xorta waħda kien iwettaq u ma tikkumpensax għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika.

.....

14. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29 u 31 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività ma seħħx qabel applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali;

.....

JEW

(b) Għall-proġetti li bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok uri li l-proġett jaqa' f'wieħed mill-każijiet eċċezzjonali pprovduti fil-punt 31 tas-CEEAG ((a), (b) jew (c)).

.....

15. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

.....

16. Sabiex turi l-konformità mal-punt 32 tas-CEEAG, jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([325]) applikabbli għall-miżura/i notifikata/i, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjuži mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi l-effett ta' inċentiv.

.....

([324]) Jekk inti tiddependi fuq proċess kompetittiv reċenti, jekk jogħġbok spjega kif dan il-proċess tal-offerti jista' jitqies bħala kompetittiv, inkluż kif il-profitti mhux mistennija ġew evitati għal teknoloġiji differenti inklużi fil-proċess kompetittiv ta' offerti, fejn applikabbli, u kif huwa paragunabbli, pereżempju:
i. Il-kundizzjonijiet (eż. it-termini kuntrattwali u t-tul ta' żmien, l-iskadenzi tal-investiment, jekk il-pagamenti ta' appoġġ kinux indiċjati mal-inflazzjoni jew le) kienu simili għal dawk proposti fil-miżura notifikata?
ii. Il-proċess kompetittiv twettaq taħt kundizzjonijiet makroekonomiċi simili?
iii. It-teknoloġiji/it-tipi ta' proġetti kienu simili?

([325]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:
(a) *standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, eskluži standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;*
(b) *l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux ogħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.*

17. F'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-Unjoni jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu mhux fis-seħħ, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv għaliex tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma l-istandard jidħol fis-seħħ.

.....

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

18. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

.....

19. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 5.2 ta' hawn fuq, fejn il-miżura/i notifikata/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta.

.....

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Neċessità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.3.2.3.1 (il-punti 194 u 195) tas-CEEAG.

20. Jekk jogħġbok spjega jekk ġiex ivverifikat, u b'liema mod, jekk l-għajnuna hijiex meħtieġa biex tinċentiva l-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-istess kategorija bħall-infrastruttura li tiġi varata bl-għajnuna mill-Istat, jekk x'aktarx li fuq terminu qasir ma tiġix żviluppata infrastruttura fuq termini kummerċjali . Dan jista' jintwera b'referenza għal konsultazzjoni pubblika miftuħa *ex ante*, studju tas-suq indipendenti jew abbażi ta' kwalunkwe evidenza xierqa oħra kif stabbilit fit-Taqsima 3.2.1.1 tas-CEEAG. Fejn applikabbli, jekk jogħġbok agħti informazzjoni dwar l-impatt ta' ETS. Jekk jogħġbok agħti d-dokumenti ta' sostenn.

.....

21. Jekk l-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment li tiġi appoġġata se tkun miftuħa għall-aċċess minn utenti għajr il-benefiċjarju jew il-benefiċjarji tal-għajnuna, jekk jogħġbok indika (i) il-livell ta' penetrazzjoni fis-suq tal-vetturi nodfa moqdija mill-infrastruttura meta mqabbla mal-flotta totali ta' vetturi rreġistrati fl-Istat Membru tiegħek; u/jew (ii) il-volumi tat-traffiku fir-reġjun jew fir-reġjuni kkonċernati mill-miżura.

.....

2.1.2. *Adegwatezza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.2 (il-punti 39-46) u t-Taqsima 4.3.2.3.2 (il-punti 196 u 197) tas-CEEAG.

22. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 41 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-miżura ta' għajnuna hija mfassla b'tali mod li ma ddgħajjifx l-effiċjenza ta' miżuri oħra li jirrimedjaw l-istess falliment tas-suq, bħal mekkaniżmi bbażati fuq is-suq (pereż., l-EU ETS).

.....

23. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 42 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-ebda wieħed mill-benefiċjarji tal-miżura/i ta' għajnuna ma seta' jinżamm responsabbli għat-tniġġis taħt id-dritt eżistenti tal-Unjoni jew nazzjonali (*il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"*).

.....

24. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti minn 43 sa 46 tas-CEEAG, biex turi l-adegwatezza tal-għajnuna fost strumenti ta' għajnuna differenti, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Jekk jogħġbok spjega għaliex forom oħra ta' għajnuna potenzjalment inqas distorsivi huma inqas xierqa, kif meħtieġ fil-punt 44 tas-CEEAG. Forom ta' għajnuna li jiġġeneraw inqas distorsjoni jistgħu jkunu avvanzi ripagabbli meta mqabbla ma' għotjiet diretti; krediti ta' taxxa meta mqabbel ma' tnaqqis fit-taxxa; jew forom oħra ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti finanzjarji, bħal dejn meta mqabbel ma' strumenti ta' ekwità, inkluż, pereżempju, self b'imgħax baxx jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-gvern, jew forniment ta' finanzjament alternattiv b'termini favorevoli.

.....

(b) Uri li l-għażla tal-istrument ta' għajnuna hija xierqa għall-falliment tas-suq li l-miżura/i ta' għajnuna għandha l-għan li tindirizza, kif meħtieġ fil-punt 45 tas-CEEAG.

.....

(c) Jekk jogħġbok spjega kif il-miżura ta' għajnuna u t-tfassil tagħha huma xierqa biex jintlaħaq l-objettiv tal-miżura li għaliha hija mmirata l-għajnuna (il-punt 46 tas-CEEAG).

.....

25. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 197 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk interventi regolatorji oħra (fosthom dawk ġodda) jistimulawx il-qalba lejn mobbiltà nadifa u ddeskrivi l-impatt mistenni tagħhom meta mqabbel ma' dak tal-miżura proposta.

.....

2.1.3. *Proporzjonalità*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.3.2.3.3 (il-punti 198-204) tas-CEEAG. Jekk jogħġbok innota li ż-żewġ Taqsimiet 2.1.3.1. u 2.1.3.2. li ġejjin huma alternattivi. Jekk jogħġbok ipprovdi biss it-tweġibiet għat-Taqsima applikabbli, skont it-tfassil tal-miżura proposta.

2.1.3.1. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 49, 50 u 199 tas-CEEAG.

26. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 49 u 50 u 199 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi dan li ġej:

(a) Jekk jogħġbok spjega kif l-awtoritajiet jiżguraw li l-proċess ta' offerti jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi ta' kriterji oġġettivi, definiti *ex ante* skont l-objettiv tal-miżura u li jimminimizzaw ir-riskju ta' offerti strateġiċi (il-punt 49(a) tas-CEEAG).

.....

(b) Il-kriterji tal-għażla użati għall-klassifikazzjoni tal-offerti, u fl-aħħar mill-aħħar għall-identifikazzjoni tal-livell ta' għajnuna fil-proċess ta' offerti kompetittiv. B'mod aktar speċifiku:

(i) Jekk jogħġbok ipprovdi l-lista tal-kriterji tal-għażla u speċifika liema minnhom huma/ma humiex direttament jew indirettament relatati mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i. Jekk jogħġbok inkludi l-ponderazzjoni tagħhom.

.....

(ii) Jekk jogħġbok spjega kif il-kriterji tal-għażla jpoġġu l-kontribuzzjoni għall-objettivi ewlenin tal-miżura/i f'relazzjoni diretta jew indiretta mal-ammont tal-għajnuna mitlub mill-applikant. Dan jista' jiġi espress, pereżempju, f'termini ta' għajnuna għal kull unità ta' ħarsien tal-ambjent jew għajnuna għal kull post tal-irriċarġjar jew tar-riforniment (il-punt 50 u n-nota 44 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(iii) F'każ li jkun hemm kriterji oħra tal-għażla li mhumiex relatati direttament jew indirettament mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i, agħti r-raġunijiet għall-approċċ propost u spjega l-għaliex huwa xieraq għall-objettivi li l-miżura/i għandha/hom l-għan li jilħqu. Jekk jogħġbok ikkonferma wkoll li dawk il-kriterji ma jirrappreżentawx aktar minn 30 % tal-ponderazzjoni tal-kriterji kollha tal-għażla (il-punt 50 u 199 tas-CEEAG).

……

(iv) Jekk jogħġbok spjega kemm qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ta' kull proċess kompetittiv ta' offerti se jiġu ppubblikati l-kriterji tal-għażla (il-punt 49(b) u n-nota 43 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(c) Jekk jogħġbok spjega l-elementi li fuqhom ibbażajt is-suppożizzjoni li l-proċess tal-offerti se jkun miftuħ u sottoskritt kif xieraq, jiġifieri li huwa prevedibbli li mhux l-offerenti kollha se jirċievu għajnuna u li l-għadd ta' offerenti mistennija huwa biżżejjed biex jiżgura biex jiżgura l-kompetizzjoni effettiva għat-tul ta' żmien tal-iskema (il-punt 49(c) tas-CEEAG). Fl-ispjegazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkunsidra l-baġit jew il-volum tal-iskema. Meta rilevanti, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza pprovduta fit-tweġibiet għall-mistoqsija 12 (c)(ii) ta' hawn fuq.

……

(d) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' sessjonijiet ta' offerti previsti u l-għadd mistenni ta' offerenti fl-ewwel ċiklu u matul iż-żmien.

……

(e) Fil-każ ta' proċess wieħed jew aktar ta' offerti mingħajr biżżejjed sottoskrizzjonijiet, jekk jogħġbok spjega kif it-tfassil tal-proċessi tal-offerti se jiġi kkoreġut matul l-implimentazzjoni tal-iskema sabiex terġa' tiġi stabbilita l-kompetizzjoni effettiva, u meta (il-punt 49(c) tas-CEEAG).

……

(f) Jekk jogħġbok ikkonferma li aġġustamenti *ex post* għall-eżitu tal-proċess ta' offerti (bħal negozjati sussegwenti dwar ir-riżultati tal-offerti jew ir-razzjonar) huma evitati (il-punt 49(d) tas-CEEAG).

……

(g) F'każ li jkun hemm possibbiltà ta' "*offerti mingħajr sussidju*", jekk jogħġbok spjega kif se tiġi żgurata l-proporzjonalità (jekk jogħġbok ara l-punt 49, in-nota 42 f'qiegħ il-paġna, tas-CEEAG).

……

(h) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-awtoritajiet jipprevedux l-użu ta' prezzijiet minimi jew massimi fil-proċess kompetittiv ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok iġġustifika l-użu tagħhom u spjega kif dawn ma jillimitawx il-proċess kompetittiv ta' offerti (il-punt 49 u n-nota 42 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG). Jekk jintużaw limiti massimi għall-offerti, jekk jogħġbok iġġustifika l-livelli tagħhom b'referenza għall-kwantifikazzjoni tal-kostijiet u d-dħul tal-proġetti ta' referenza skont il-mistoqsija 12 (c)(ii) ta' hawn fuq.

……

27. Jekk jogħġbok spjega kif it-tfassil tal-proċess tal-offerti kompetittiv jiżgura li jkun hemm biżżejjed inċentivi għall-applikanti biex jissottomettu offerti għal proġetti li jikkonċernaw l-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment li tipprovdi elettriku rinnovabbli jew idroġenu rinnovabbli. Pereżempju, jekk jogħġbok spjega jekk it-tfassil tal-offerti kompetittivi jinkludix primjums li jippermettu li jiġi assenjat punteġġ ogħla għal proġetti li jġibu benefiċċji ambjentali lil hinn minn dawk li jirriżultaw mir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà jew l-objettiv primarju tal-miżura (il-punt 199 tas-CEEAG).

……

2.1.3.2. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mhux mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 200-204 tas-CEEAG.

28. Jekk jogħġbok spjega għaliex ma jintużax proċess kompetittiv ta' offerti (b'referenza għall-eżenzjonijiet stipulati fil-punt 200 tas-CEEAG):

(a) l-għadd mistenni ta' parteċipanti mhuwiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni effettiva jew jiġu evitati offerti strateġiċi;

……

JEW

(b) proċess ta' offerti kompetittiv, kif deskritt fil-punti 49 u 50, mhuwiex xieraq biex tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-għajnuna u li l-użu tal-metodi alternattivi fil-punti 201 sa 204 tas-CEEAG biex tintwera l-proporzjonalità ma jżidx ir-riskju ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bla bżonn, skont il-karatteristiki tal-miżura jew tas-setturi jew tal-modi tat-trasport ikkonċernati;

……

JEW

(c) l-għajnuna tingħata għall-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment maħsuba esklussivament jew primarjament għall-użu minn impriżi attivi fis-settur tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri fuq l-art, bil-ferrovija jew bil-baħar;

……

JEW

(d) l-għajnuna tingħata għall-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment maħsuba esklussivament jew primarjament għall-użu mill-benefiċjarju tal-għajnuna u li ma tkunx aċċessibbli għall-pubbliku. F'dan il-każ, jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex mhuwiex previst proċess ta' offerti kompetittiv;

……

JEW

(e) l-għajnuna tingħata għall-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment maħsuba għall-użu minn ċerti tipi ta' vetturi li għalihom ir-rata ta' penetrazzjoni tas-suq rilevanti (għal kull tip ta' vettura rilevanti li tuża l-infrastruttura) fl-Istat Membru kkonċernat jew il-volumi tat-traffiku fir-reġjun jew reġjuni kkonċernati huma limitati ħafna, u agħti d-data.

……

2.1.3.2.1. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija permezz ta' analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament

29. Jekk l-għajnuna tiġi ddeterminata abbażi ta' analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament, jekk jogħġbok iġġustifika l-ammont tal-għajnuna fuq il-bażi ta' analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament f'konformità mal-punti 48, 51-52 tas-CEEAG għal proġetti ta' referenza fix-xenarji fattwali u kontrofattwali kif identifikati fit-tweġiba għall-mistoqsija 12 ta' hawn fuq sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 201 tas-CEEAG.

……

30. Għal din l-analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament, jekk jogħġbok ippreżenta kwantifikazzjoni, għax-xenarju fattwali u għal xenarju kontrofattwali realistiku ([326]), identifikati fit-tweġiba għall-mistoqsija 12 ta' hawn fuq, tal-kostijiet u d-dħul ewlenin kollha, tal-kost medju ponderat tal-kapital (WACC) stmat, tal-benefiċjarji (jew il-proġetti ta' referenza) biex jiġu skontati l-flussi futuri tal-flus, kif ukoll il-valur preżenti nett (VPN) għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, tul il-ħajja tal-proġett/tal-proġett ta' referenza.

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi dan f'Anness għal din il-formola ta' notifika (billi tuża fajl Excel fejn il-formuli kollha huma viżibbli).

……

(b) Jekk jogħġbok inkludi informazzjoni dettaljata dwar is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji, ir-raġunament u s-sorsi sottostanti tagħhom, użati għal kull aspett tal-kwantifikazzjoni tal-kostijiet u d-dħul fix-xenarju fattwali u x-xenarju kontrofattwali probabbli (pereżempju inkludi s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu żviluppati dawk ix-xenarji u s-sors/ir-raġunament għal dawn is-suppożizzjonijiet).

……

(c) Għal każijiet ta' għajnuna u skemi individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, jeħtieġ li l-Istat Membru jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fil-livell tal-pjan dettaljat tan-negozju tal-proġett.

Għal każijiet ta' skemi ta' għajnuna, l-Istat Membru jeħtieġ li jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fuq il-bażi ta' proġett ta' referenza wieħed jew aktar (il-punt 53 tas-CEEAG).

……

(d) Ma' din il-formola ta' notifika tista' tehmeż ukoll id-dokumenti msemmija fin-nota 39 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG. Id-dokumenti tal-Bord jistgħu jkunu partikolarment utli għal miżuri jew skemi ta' għajnuna individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji. Jekk dawk id-dokumenti jkunu mehmuża mal-formola ta' notifika, ipprovdi hawn taħt lista ta' dawk id-dokumenti, speċifika l-awtur, id-data meta ġew abbozzati u l-kuntest meta ntużaw.

……

31. F'każ li l-punt 52 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri x-xenarju kontrofattwali l-aktar probabbli jikkonsisti mill-fatt li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività jew investiment, jew ikompli n-negozju tiegħu mingħajr bidliet, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza biex issostni din is-suppożizzjoni ([327]).

……

32. Fil-każijiet kollha li fihom il-proporzjonalità hija ġġustifikata b'referenza għal analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament, jekk jogħġbok ikkonferma wkoll li l-awtoritajiet tiegħek se jwettqu monitoraġġ *ex post* biex jivverifikaw is-suppożizzjonijiet li saru dwar il-livell ta' għajnuna meħtieġa u jistabbilixxu mekkaniżmu ta' rkupru. Jekk jogħġbok iddeskrivi wkoll il-mekkaniżmu ta' rkupru li l-awtoritajiet tiegħek għandhom l-intenzjoni li japplikaw (il-punt 201 tas-CEEAG).

……

([326]) Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-informazzjoni ulterjuri fil-punti 51-53 u 165-167 kif ukoll in-noti 45 u 46 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG.

([327]) F'dak il-każ, skont il-punt 52 tas-CEEAG, *"il-kost żejjed nett jista' jiġi approssimat mill-NPV negattiv tal-proġett fix-xenarju fattwali mingħajr għajnuna tul il-ħajja tal-proġett (għalhekk, b'mod impliċitu jassumi li l-NPV tax-xenarju kontrofattwali huwa żero)"*.

2.1.3.2.2. Proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija fuq il-bażi tal-kostijiet eliġibbli u l-intensitajiet tal-għajnuna

33. Jekk l-ammont tal-għajnuna jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-kostijiet eliġibbli u tal-intensitajiet tal-għajnuna, iddeskrivi l-kostijiet eliġibbli skont il-miżura, u nnota li skont il-punti 202, 203 u 204 tas-CEEAG, il-kostijiet eliġibbli huma l-kostijiet kollha tal-investiment għall-kostruzzjoni, l-installazzjoni, l-aġġornament jew l-estensjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment. Pereżempju, dawn jistgħu jinkludu l-kostijiet ta':

(a) l-infrastruttura tal-iċċarġjar jew tar-riforniment tal-karburant u t-tagħmir tekniku relatat;

(b) l-installazzjoni jew l-aġġornamenti ta' komponenti elettriċi jew oħrajn, inklużi kejbils tal-elettriku u transformers tal-elettriku, meħtieġa biex iqabbdu l-infrastruttura tal-iċċarġjar jew tar-riforniment tal-karburant mal-grilja jew ma' unità lokali tal-produzzjoni jew tal-ħżin tal-elettriku jew tal-idroġenu;

(c) xogħlijiet ta' inġinerija ċivili, adattamenti tal-art jew tat-toroq, kostijiet tal-installazzjoni u kostijiet għall-kisba ta' permessi relatati;

(d) il-kostijiet tal-investiment tal-elettriku rinnovabbli fuq il-post jew tal-unitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli/b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew tal-faċilitajiet tal-ħżin.

……

34. Jekk jogħġbok indika l-intensitajiet massimi tal-għajnuna li huma applikabbli taħt il-miżura u indika jekk japplikawx xi bonusijiet (kif deskritt fil-punt 202 tas-CEEAG).

……

2.1.4. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

35. Sakemm ma tkunx diġà tinsab fil-Parti I tal-formola ta' notifika ġenerali u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura/i notifikata/i tistax tingħata fl-istess ħin minn diversi skemi ta' għajnuna jew tiġix akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dan huwa l-każ, jekk jogħġbok agħti dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna *ad hoc* jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata.

……

36. Jekk il-punt 56 tas-CEEAG huwa applikabbli, iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i għal proġett jew attività ma jwassalx għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess taħt il-punt 199, il-punt 201 jew il-punt 202 tas-CEEAG. Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

……

37. F'każ li l-punt 57 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment ([328]) (li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed.

……

([328]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea u li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru.

2.1.5. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-61) tas-CEEAG.

38. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

……

39. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġu ppubblikati t-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u l-informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

……

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.2 (il-punti 63-70) u t-Taqsima 4.3.2.4 (il-punti 205-216) tas-CEEAG.

40. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 67 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti negattivi possibbli fuq terminu qasir u twil tal-miżura/i notifikata/i fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

41. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura taqax taħt xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) Tikkonċerna suq (jew swieq) fejn l-operaturi stabbiliti kisbu saħħa fis-suq qabel il-liberalizzazzjoni tas-suq;

……

(b) Tinvolvi proċessi kompetittivi ta' offerti f'suq (swieq) emerġenti, meta jkun hemm attur b'pożizzjoni b'saħħitha fis-suq;

……

(c) Dan se jkun ta' benefiċċju biss għal benefiċjarju wieħed jew għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji.

……

42. Jekk il-miżura ta' għajnuna tiffoka fuq għażla/perkors teknoloġika/u speċifika/u, iġġustifika r-raġuni għall-għażla teknoloġika u li mhux se tiskoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji aktar nodfa.

……

43. Jekk il-miżura/i notifikata/i se tibbenefika/jibbenefikaw biss minn benefiċjarju wieħed jew minn għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 68 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) Spjega jekk il-miżura/i notifikata/i ssaħħaħx/jsaħħux jew iżżommx /iżommux is-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju jew tiskoraġġixxix/jiskoraġġixxux l-espansjoni tal-kompetituri eżistenti jew twassalx/iwasslux għall-ħruġ tagħhom jew tiskoraġġixxi/jiskoraġġixxux id-dħul ta' kompetituri ġodda. F'dan ir-rigward spjega wkoll jekk il-miżura ta' għajnuna twassalx għal żieda fil-kapaċità tal-benefiċjarju.

……

(b) Iddeskrivi l-miżuri stabbiliti biex jillimitaw id-distorsjoni(jiet) potenzjali tal-kompetizzjoni kkawżati mill-għoti tal-għajnuna lill-benefiċjarju/i.

……

44. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 69 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega:

(a) Jekk l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għandha l-għan li tippreserva l-attività ekonomika f'reġjun wieħed jew tiġbed lejha lil hinn minn reġjuni oħra fis-suq intern.

……

(b) Jekk iva, speċifika liema huwa l-effett ambjentali nett tal-miżura/i notifikata/i u kif il-miżura/i notifikata/i ttejjeb il-livell eżistenti ta' protezzjoni ambjentali fl-Istati Membri.

……

(c) Kif l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i ma tirriżultax f'effetti manifestament negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

(d) F'każ ta' għajnuna individwali, il-fatturi ewlenin tal-għażla tal-post għall-investimenti mill-benefiċjarju.

45. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 70 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata taħt l-iskema notifikata għal perjodu massimu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li, jekk l-awtoritajiet tiegħek jixtiequ jestendu t-tul ta' żmien tal-iskema lil hinn minn dak il-perjodu massimu, huma se jirrinotifikaw il-miżura/i.

……

46. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-infrastruttura ġdida tal-irriċarġjar li tippermetti t-trasferiment tal-elettriku b'output ta' potenza sa 22 kW tkun kapaċi tappoġġa l-funzjonalitajiet tal-irriċarġjar intelliġenti (il-punt 206 tas-CEEAG).

……

47. Jekk tingħata għajnuna għall-infrastruttura tar-riforniment għat-trasport fuq l-ilma u bl-ajru u għall-provvisti ta' fjuwils sintetiċi, inklużi fjuwils għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, jew għall-bijofjuwils, jekk jogħġbok iġġustifika l-ħtieġa għal infrastruttura ġdida. Fil-każ ta' karburanti sintetiċi jew bijokarburanti ta' sostituzzjoni, jekk jogħġbok ikkunsidra sa liema punt l-infrastruttura eżistenti tista' tintuża għall-provvista ta' karburanti sintetiċi jew bijokarburanti (il-punt 207 tas-CEEAG).

……

48. Jekk l-għajnuna hija għall-kostruzzjoni, l-installazzjoni, l-aġġornament jew l-estensjoni tal-infrastruttura tar-riforniment tas-CNG u tal-LNG għat-trasport fuq l-ilma, jekk jogħġbok:

(a) uri li ma hemm l-ebda alternattiva aktar nadifa disponibbli faċilment fis-suq u li dawn mhumiex mistennija li jkunu disponibbli fi żmien qasir.

……

(b) spjega kif dik l-infrastruttura tar-riforniment tintuża biex tiskatta t-tranżizzjoni lejn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (il-punt 209 tas-CEEAG), u

……

(c) jekk l-investiment jifformax parti minn perkors ta' dekarbonizzazzjoni u kif l-għajnuna tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (il-punt 209 tas-CEEAG).

……

49. Jekk l-għajnuna hija għall-kostruzzjoni, l-installazzjoni, l-aġġornament jew l-estensjoni tal-infrastruttura tar-riforniment tal-LNG għall-vetturi tqal, ikkonferma li mhux se tingħata wara l-2025. Jekk jogħġbok spjega kif l-għajnuna se tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (il-punt 210 tas-CEEAG).

……

50. Fil-każ tal-infrastruttura tar-riforniment tal-idroġenu, jekk jogħġbok indika jekk l-għajnuna skont il-miżura hijiex soġġetta għall-kundizzjoni li l-idroġenu fornut fl-infrastruttura tar-riforniment appoġġata jkun rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tul il-ħajja kollha tiegħu. Jekk le, jekk jogħġbok spjega jekk u kif se jiġi żgurat li l-benefiċjarji jkollhom perkors kredibbli lejn l-eliminazzjoni gradwali tal-idroġenu li mhuwiex rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju biex jipprovdu l-infrastruttura tar-riforniment tal-fjuwil sa mhux aktar tard mill-2035 (il-punt 212 tas-CEEAG).

.....

51. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura notifikata fihiex salvagwardji kontra l-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjonijiet ta' saħħa fis-suq li jistgħu jipprevjenu jew ifixklu l-kompetizzjoni effettiva fi swieq emerġenti jew li qegħdin jiżviluppaw (pereżempju, l-istabbiliment ta' perċentwal massimu tal-baġit għall-miżura li tista' tiġi allokata lil impriża waħda) (il-punt 213 tas-CEEAG).

.....

52. Jekk jogħġbok iddeskrivi s-salvagwardji li jinsabu fis-seħħ bħala parti mill-miżura notifikata biex tiżgura li l-operaturi tal-infrastruttura tal-iċċarġjar jew tar-riforniment tal-karburant li joffru jew jippermettu pagamenti bbażati fuq kuntratti fuq l-infrastruttura tagħhom ma jiddiskriminawx bla bżonn bejn il-forniturі tas-servizzi tal-mobbiltà, pereżempju billi japplikaw kundizzjonijiet ta' aċċess preferenzjali mhux ġustifikati, jew permezz ta' differenza fil-prezz kbira ħafna u mhux ġustifikata (il-punt 214 tas-CEEAG).

.....

53. Jekk jogħġbok ikkonferma kwalunkwe konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza (għajr il-benefiċjarju) biex topera l-infrastruttura tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tingħata fuq bażi kompetittiva, trasparenti u mhux diskriminatorja, filwaqt li jitqiesu kif xieraq ir-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, fejn japplika (il-punt 215 tas-CEEAG).

.....

54. Jekk l-infrastruttura se tkun miftuħa għall-aċċess minn utenti għajr il-benefiċjarju jew il-benefiċjarji tal-għajnuna, ikkonferma li se jiġi żgurat aċċess mhux diskriminatorju għall-utenti, inkluż, kif xieraq, fir-rigward tat-tariffi, l-awtentikazzjoni u l-metodi ta' pagament u termini u kundizzjonijiet oħra tal-użu (il-punt 216 tas-CEEAG).

.....

55. Jekk jogħġbok ikkonferma li t-tariffi imposti fuq l-utenti għall-użu tal-infrastruttura appoġġata tal-irriċarġjar jew tar-riforniment tal-fjuwil jikkorrispondu għall-prezzijiet tas-suq (il-punt 216 tas-CEEAG). Jekk jogħġbok indika jekk l-operaturi tal-infrastruttura appoġġata tal-irriċarġjar jew tar-riforniment humiex se jkunu soġġetti għal kwalunkwe limitu fuq il-prezzijiet; jekk iva, jekk jogħġbok spjega kif ġew stabbiliti dawn il-limiti massimi tal-prezzijiet.

.....

3. **L-ibbilanċjar tal-effetti pożittivi tal-għajnuna mal-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.3 (il-punti 71-76) tas-CEEAG.

56. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 72 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk l-attivitajiet appoġġati taħt il-miżura notifikata jissodisfawx il-kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([329]), inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", jew metodoloġiji paragunabbli oħra.

.....

([329]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

57. (Fil-każ ta' proċess kompetittiv ta' offerti) Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i notifikata/i tinkludix/jinkludux karatteristiċi li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs fi proċessi kompetittivi ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar dawk il-karatteristiki u ġġustifika kif l-effetti pożittivi tal-iżgurar tal-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-miżura/i notifikata/i jegħlbu l-effetti distorsivi possibbli.

.....

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

58. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew inkella ehmeż Anness ma' din il-formola ta' notifika li jinkludi abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG ([330]).

.....

59. Jekk tagħti abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

.....

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rispettat.

.....

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

.....

60. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

.....

61. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

.....

62. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew jekk hux se jintgħażel fil-futur.

.....

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

.....

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

.....

([330]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

63. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi proposti tiegħek għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok innota li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel l-iskadenza tagħha, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D: Ir-rapportar u l-monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464-465) tas-CEEAG.

64. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.E

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.4 – Għajnuna għall-effiċjenza fir-riżorsi u għall-appoġġ tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tikkonċerna l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.4 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, jekk jogħġbok spjega jekk dan jistax jirriżulta f'xi distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

……

2. **Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien**:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-iskema ta' għajnuna hija ppjanata li tidħol fis-seħħ;

……

2.2. Jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tal-iskema ([331]).

……

3. **Benefiċjarju/i**

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i;

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istat Membru rispettiv jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna hix tingħata skont il-miżura/i favur l-impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

5. **Il-baġit u l-finanzjament tal-miżura/i**.

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv ([332]).

……

5.2. jekk il-miżura hija ffinanzjata permezz ta' imposta, jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) l-imposta hijiex stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

……

(b) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

……

(c) il-miżura notifikata hijiex se tkun ta' benefiċċju b'mod indaqs għall-prodotti domestiċi u dawk importati;

……

([331]) Jekk jogħġbok kun af li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (inkluż għalhekk iż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet nazzjonali japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

([332]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

(d) l-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

……

(e) l-imposta li tiffinanzja l-miżura notifikata tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

……

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsimiet 4.4.1. (il-punti 217-219) u 4.4.2. (il-punti 220-224) tas-CEEAG.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "*għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni*". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, jekk jogħġbok identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati b'riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet huwa appoġġat.

……

7. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok "*[i]ddeskriv[i] [wkoll] jekk l-għajnuna hix se* tikkontribwixxi *għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan*".

……

8. Barra minn hekk, enfasizza sa liema punt l-għajnuna hija relatata mal-politiki deskritti fil-punti 217 sa 219 tas-CEEAG.

……

9. Jekk jogħġbok iddeskrivi r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà applikabbli għall-benefiċjarju/i (pereżempju billi tinkludi kwalunkwe rekwiżit tekniku, ambjentali (jiġifieri permessi), finanzjarji (jiġifieri kollaterali) jew rekwiżiti oħra li l-benefiċjarju/i jeħtieġ li jikkonforma/jikkonformaw magħhom).

……

10. Għal skemi ta' għajnuna individwali u ta' għajnuna li jibbenefikaw minn għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji jew benefiċjarju eżistenti, agħti kwantifikazzjoni tal-benefiċċji ambjentali mistennija mill-miżura (riżorsi ffrankati/evitati l-konsum tar-riżorsi) u spjega l-metodu segwit biex dawn jiġu kkwantifikati.

……

11. Jekk jogħġbok agħti informazzjoni dwar l-ambitu u l-attivitajiet appoġġati tal-miżura/i ta' għajnuna u indika għal liema mill-attivitajiet elenkati fil-punti 220 u 221 tas-CEEAG jikkorrispondu.

……

12. Jekk jogħġbok innota li l-miżuri ta' għajnuna għall-investiment li ġejjin mhumiex ivvalutati fit-Taqsima 4.4:

(a) L-irkupru tas-sħana residwa mill-proċessi tal-produzzjoni

(b) CCUs

(c) Il-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi, bijogass jew fjuwil tal-bijomassa mill-iskart

(d) Il-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-iskart

(e) Il-produzzjoni tal-enerġija jew tas-sħana mill-iskart relatata ma' investimenti f'sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali jew għat-tħaddim tagħhom.

Jekk jogħġbok irreferi għall-formola ta' notifika għat-Taqsima 4.1 għall-investimenti elenkati fil-punti a sa d peress li tali miżuri se jiġu vvalutati kif stabbilit fit-Taqsima 4.1 tas-CEEAG u għall-formola ta' notifika għat-Taqsima 4.10 għall-investiment deskritt fil-punt e peress li dan se jiġi vvalutat kif stabbilit fit-Taqsima 4.10 tas-CEEAG

.....

13. Jekk jogħġbok indika jekk il-miżura ta' għajnuna tkoprix ukoll l-kostijiet operatorji għall-ġbir separat u s-separazzjoni tal-iskart u jekk iva, għal liema flussi ta' skart jew tipi ta' skart.

.....

1.2. **Effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti 26-32) u t-Taqsima 4.4.3. (il-punti 225-233) tas-CEEAG.

14. L-għajnuna tista' titqies li tiffaċilita attività ekonomika jekk ikollha effett ta' inċentiv biss. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 26 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i *"ġġiegħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaqha mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti"*.

.....

15. Skont il-punt 28 tas-CEEAG:

15.1. Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju fattwali li mistenni jirriżulta mill-miżura ta' għajnuna u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli fin-nuqqas tal-miżura ta' għajnuna. ([333]) Fejn taħseb li kategoriji differenti ta' benefiċjarji jistgħu jiġu appoġġati, jekk jogħġbok żgura li l-kontrofattwali jkun kredibbli għal kull waħda minn dawn il-kategoriji. Jekk jogħġbok ikkunsidra r-rekwiżiti dwar ix-xenarju kontrofattwali inklużi fil-punti 226-230 u l-punt 239 tas-CEEAG, b'mod partikolari:

(a) Ġeneralment, il-kontrofattwali jikkorrispondi għal investiment bl-istess kapaċità, tul ta' ħajja u, fejn xieraq, karatteristiċi tekniċi rilevanti oħra, bħall-investiment li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, li madankollu jwassal għal livell aktar baxx ta' protezzjoni ambjentali, pereżempju installazzjoni li tittratta l-iskart abbażi ta' operazzjoni li tinsab aktar baxxa fl-ordni ta' prijorità tal-ġerarkija tal-iskart jew b'mod inqas effiċjenti ta' riżorsi; meta l-prodott użat mill-ġdid jew riċiklat (sekondarju) ikun teknikament u ekonomikament sostitwibbli bil-materja prima jew il-prodott primarju, ix-xenarju kontrofattwali jista' jikkonsisti fl-installazzjoni konvenzjonali relatata mal-produzzjoni ta' materja prima jew prodott primarju.

([333]) Jekk jogħġbok kun af li l-punti 38, 52, 165, 166 u 167 kif ukoll in-noti 39 u 45 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG jipprovdu gwida ulterjuri dwar kif għandu jiġi żviluppat ix-xenarju kontrofattwali probabbli.

(b) Alternattivament, ix-xenarju kontrofattwali jista' jikkorrispondi wkoll għal wieħed mix-xenarji li ġejjin:

(i) iż-żamma tal-installazzjonijiet jew tat-tagħmir eżistenti li jkunu qegħdin jitħaddmu għal perjodu li jikkorrispondi għat-tul tal-ħajja tal-investiment li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent; f'dak il-każ, il-kostijiet skontati ta' manutenzjoni, tiswija u modernizzazzjoni matul dak il-perjodu għandhom jiġu kkunsidrati (il-punt 227 tas-CEEAG);

(ii) sostituzzjoni aktar tard tal-installazzjonijiet jew tat-tagħmir; f'dak il-każ il-valur skontat tal-installazzjonijiet u t-tagħmir jenħtieġ li jitqies u d-differenza fit-tul tal-ħajja ekonomika rispettiva tal-installazzjonijiet jew tat-tagħmir jenħtieġ li titqassam indaqs bejniethom f'konformità mal-punt 228 tas-CEEAG;

(iii) il-kiri ta' tagħmir inqas ekoloġiku li kieku jintuża fin-nuqqas tal-għajnuna; f'dak il-każ, il-valur skontat tal-kiri tat-tagħmir inqas ekoloġiku għandu jitqies f'konformità mal-punt 229 tas-CEEAG;

(iv) ix-xenarju kontrofattwali jista' jikkonsisti wkoll fin-nuqqas ta' proġett ta' investiment alternattiv, b'mod partikolari meta l-investiment megħjun jikkonsisti fiż-żieda ta' installazzjonijiet jew tagħmir ma' faċilitajiet, installazzjonijiet jew tagħmir eżistenti u li għalihom ma teżisti l-ebda alternattiva konvenzjonali ekwivalenti.

Meta tiddeskrivi x-xenarju fattwali u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli, jekk jogħġbok speċifika l-kapaċità, it-tul tal-ħajja u karatteristiċi tekniċi oħra tal-investiment kemm għax-xenarju/i fattwali kif ukoll għal dak kontrofattwali.

……

15.2. Jekk jogħġbok spjega fil-qosor ir-raġuni għall-għażla tax-xenarju/i kontrofattwali probabbli, fid-dawl tal-kategoriji differenti ta' benefiċjarji proposti, jekk applikabbli

……

15.3. Jekk jogħġbok ikkwantifika l-kostijiet u d-dħul tax-xenarji fattwali u kontrofattwali u ġġustifika l-bidla fl-imġiba, fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju, abbażi ta':

(a) il-proġett ta' referenza rispettiv ([334]), il-kontrofattwali korrispondenti u d-diskrepanza fil-finanzjament li tirriżulta

……

JEW

(b) evidenza kwantitattiva rilevanti bbażata fuq studji tas-suq, pjanijiet tal-investituri, rapporti finanzjarji, jew evidenza kwantitattiva oħra inklużi offerti magħmula għal proġetti simili fi proċessi ta' offerti kompetittivi paragunabbli reċenti. ([335])

……

16. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 27 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma li l-għajnuna ma tappoġġax il-kostijiet ta' attività li l-benefiċjarju tal-għajnuna xorta waħda kien iwettaq u ma tikkumpensax għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika.

……

([334]) "Proġett ta' referenza" huwa definit fil-punt 19(63) tas-CEEAG.

([335]) Jekk inti tiddependi fuq proċess kompetittiv reċenti, jekk jogħġbok spjega kif dan il-proċess tal-offerti jista' jitqies bħala kompetittiv, inkluż kif il-profitti mhux mistennija ġew evitati għal teknoloġiji differenti inklużi fil-proċess kompetittiv ta' offerti, fejn applikabbli, u kif huwa paragunabbli, pereżempju:

i. Il-kundizzjonijiet (eż. it-termini kuntrattwali u t-tul ta' żmien, l-iskadenzi tal-investiment, jekk il-pagamenti ta' appoġġ kinux indiċjati mal-inflazzjoni jew le) kienu simili għal dawk proposti fil-miżura notifikata?

ii. Il-proċess kompetittiv twettaq taħt kundizzjonijiet makroekonomiċi simili?

iii. It-teknoloġiji/it-tipi ta' proġetti kienu simili?

17. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29 u 31 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività ma seħħx qabel applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali;

……

JEW

(b) Għall-proġetti li bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok uri li l-proġett jaqa' f'wieħed mill-każijiet eċċezzjonali pprovduti fil-punt 31 tas-CEEAG ((a), (b) jew (c)).

……

18. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

……

19. Sabiex turi l-konformità mal-punti 32, 232 u 233 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([336]) li japplikaw għall-miżura/i notifikata/i, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni;

F'dak il-kuntest, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi l-effett ta' inċentiv.

……

(b) F'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-Unjoni jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu mhux fis-seħħ, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna għandha l-effett ta' inċentiv għaliex tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma l-istandard jidħol fis-seħħ f'konformità mal-punt 233 tas-CEEAG.

……

20. Sabiex turi l-konformità mat-Taqsima 4.4.3 tas-CEEAG, jekk jogħġbok indika jekk il-proġetti b'perjodu ta' ħlas lura ta' inqas minn 5 snin humiex eliġibbli għall-għajnuna taħt il-miżura ta' għajnuna. Jekk dan huwa l-każ, spjega għaliex dik l-għajnuna hija meħtieġa biex tiskatta bidla fl-imġiba f'konformità mal-punt 231 tas-CEEAG.

……

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

21. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

……

([336]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:

(a) *standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, eskluż standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;*

(b) *l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux ogħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.*

22. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 5.2 ta' hawn fuq, fejn il-miżura/i notifikata/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta.

.....

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Neċessità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.1 (il-punti 34-38) u t-Taqsima 4.4.4.1 (il-punti 234-236) tas-CEEAG.

23. Jekk jogħġbok spjega liema falliment(i)tas-suq identifikaw l-awtoritajiet tiegħek li jipprevjeni/u l-ilħuq ta' livell suffiċjenti ta' ħarsien tal-ambjent. Jekk jogħġbok speċifika f'liema kategorija jaqgħu l-fallimenti tas-suq identifikati, billi tagħmel referenza għall-ittri (a), (b), (c) jew (d) tal-punt 34 tas-CEEAG.

.....

24. F'konformità mal-punt 35 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe politika u miżura eżistenti li l-awtoritajiet tiegħek identifikaw, li diġà għandhom fil-mira l-fallimenti regolatorji jew tas-suq identifikati.

.....

25. Sabiex turi l-konformità mal-punt 36 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni li turi li l-għajnuna għandha fil-mira b'mod effettiv il-fallimenti residwi tas-suq, filwaqt li tqis ukoll kwalunkwe politika u miżura oħra diġà fis-seħħ biex tindirizza wħud mill-fallimenti tas-suq identifikati.

.....

26. Sabiex turi l-konformità mal-punt 37 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk, sa fejn jafu l-awtoritajiet tiegħek, proġetti jew attivitajiet simili għal dawk koperti mill-miżura/i notifikata/i fir-rigward tal-kontenut teknoloġiku, il-livell ta' riskju u d-daqs tagħhom, humiex diġà mwassla fl-Unjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza ulterjuri biex turi l-ħtieġa għal għajnuna mill-Istat.

.....

27. Sabiex turi l-konformità mal-punt 38 tas-CEEAG, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza kwantitattiva diġà pprovduta fil-mistoqsija 15 ta' hawn fuq.

.....

28. Barra minn hekk, jekk jogħġbok iddeskrivi, f'konformità mal-punt 235 tas-CEEAG, x'inhuma l-prattiki kummerċjali stabbiliti fis-settur ikkonċernat u uri li l-proġett imur lil hinn minn dawn il-prattiki kummerċjali stabbiliti ġeneralment applikati fl-Unjoni u fost it-teknoloġiji.

.....

29. Sabiex turi l-konformità mal-punt 236 tas-CEEAG:

(a) Fil-każ ta' għajnuna għall-ġbir separat u s-separazzjoni tal-iskart jew ta' prodotti, materjali jew sustanzi oħra, jekk jogħġbok uri li tali ġbir separat u separazzjoni huma sottożviluppati fl-Istat Membru tiegħek ([337]).

.....

([337]) Fejn tintwera adegwatament, tista' tiġi kkunsidrata wkoll is-sitwazzjoni speċifika fil-livell tar-reġjun jew reġjuni konċernati.

(b) Fil-każ li tingħata għajnuna biex jiġu koperti l-kostijiet, jekk jogħġbok uri li din l-għajnuna hija meħtieġa matul perjodu tranżitorju biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' attivitajiet relatati mal-ġbir separat u s-separazzjoni tal-iskart. Jekk jogħġbok ikkunsidra kwalunkwe obbligu ta' impriżi taħt skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, li jista' jkun li implimentajt skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/98/KE.

……

2.1.2. *Adegwatezza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.2 (il-punti 39-46) u t-Taqsima 4.4.4.2 (il-punt 238) tas-CEEAG.

30. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 40 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li ma hemmx strumenti inqas distorsivi disponibbli li huma aktar xierqa.

31. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 41 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-miżura ta' għajnuna hija mfassla b'tali mod li ma ddgħajjifx l-effiċjenza ta' miżuri oħra li jirrimedjaw l-istess falliment tas-suq, bħal mekkaniżmi bbażati fuq is-suq (pereżempju, l-EU ETS).

……

32. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 42 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-ebda wieħed mill-benefiċjarji tal-miżura/i ta' għajnuna ma seta' jinżamm responsabbli għat-tniġġis taħt id-dritt eżistenti tal-Unjoni jew nazzjonali (*il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"*).

……

33. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 238 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna ma teħlisx lill-impriżi li jiġġeneraw l-iskart minn kwalunkwe kost jew obbligu relatat mat-trattament tal-iskart li huma responsabbli għalih skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, inkluż taħt skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur; u dik l-għajnuna ma teħlisx lill-impriżi minn kostijiet li għandhom jitqiesu bħala kostijiet normali għal impriża.

……

34. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti minn 43 sa 46 tas-CEEAG, biex turi l-adegwatezza tal-għajnuna fost strumenti ta' għajnuna differenti, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Jekk jogħġbok spjega għaliex forom oħra ta' għajnuna potenzjalment inqas distorsivi huma inqas xierqa, kif meħtieġ fil-punt 44 tas-CEEAG. Forom ta' għajnuna li jiġġeneraw inqas distorsjoni jistgħu jkunu avvanzi ripagabbli meta mqabbla ma' għotjiet diretti; krediti ta' taxxa meta mqabbel ma' tnaqqis fit-taxxa; jew forom oħra ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti finanzjarji, bħal dejn, meta mqabbel ma' strumenti ta' ekwità, inkluż, pereżempju, self b'imgħax baxx jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-gvern, jew forniment ta' finanzjament alternattiv b'termini favorevoli.

……

(b) Jekk jogħġbok uri li l-għażla tal-istrument ta' għajnuna hija xierqa għall-falliment tas-suq li l-miżura/i ta' għajnuna għandha l-għan li tindirizza, kif meħtieġ fil-punt 45 tas-CEEAG.

……

(c) Jekk jogħġbok spjega kif il-miżura ta' għajnuna u t-tfassil tagħha huma xierqa biex jintlaħaq l-objettiv tal-miżura li għaliha hija mmirata l-għajnuna, kif meħtieġ fil-punt 46 tas-CEEAG..

……

2.1.3. *Proporzjonalità*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 239-244 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok innota li t-tliet taqsimiet 2.1.3.1., 2.1.3.2. u 2.1.3.3. li ġejjin huma alternattivi. Jekk jogħġbok ipprovdi biss it-tweġibiet għat-Taqsima applikabbli, skont it-tfassil tal-miżura proposta [għall-għajnuna operatorja għall-ġbir, ara t-Taqsima 2.1.3.3].

2.1.3.1. Għajnuna abbażi tal-intensitajiet tal-għajnuna stabbiliti fil-punti 240-244 tas-CEEAG

35. Sabiex tiddeskrivi l-kostijiet eliġibbli skont il-punt 239 tas-CEEAG, jekk jogħġbok identifika l-kostijiet addizzjonali ta' investiment marbuta direttament mal-kisba ta' livell ogħla ta' ħarsien tal-ambjent.

……

36. Jekk jogħġbok spjega kif se jiġu ddeterminati u vverifikati l-kostijiet tal-investiment tax-xenarji ekoloġiċi fattwali u kontrofattwali.

……

37. Għall-prodotti, is-sustanzi jew il-materjal li jikkostitwixxu skart sakemm ma jerġgħux jintużaw u ma jkun hemm l-ebda rekwiżit legali biex dawk il-prodotti, sustanzi jew materjali jintremew jew jiġu ttrattati mod ieħor, jekk jogħġbok ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jistgħu jikkorrispondu għall-investiment meħtieġ għall-irkupru tal-prodotti, is-sustanzi jew il-materjali kkonċernati.

……

38. Jekk jogħġbok indika l-intensitajiet massimi tal-għajnuna li japplikaw skont il-miżura u indika jekk japplikawx xi bonusijiet (il-punti 241-244 tas-CEEAG).

……

39. Għall-attivitajiet ta' ekoinnovazzjoni, jekk jogħġbok uri li l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin huma ssodisfati (il-punt 244 tas-CEEAG):

(a) L-attività tal-ekoinnovazzjoni tkun ġdida jew imtejba sostanzjalment meta mqabbla mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija tagħha fl-Unjoni ([338]);

(b) Il-benefiċċju ambjentali mistenni jrid ikun ferm ogħla mit-titjib li jirriżulta mill-evoluzzjoni ġenerali tax-xogħol kurrenti l-aktar avvanzat f'attivitajiet komparabbli ([339]);

(c) Il-karattru innovattiv tal-assi jew proġetti jinvolvi grad ċar ta' riskju f'termini teknoloġiċi, tas-suq jew finanzjarji, li huwa ogħla mir-riskju ġeneralment assoċjat mal-assi jew il-proġetti innovattivi paragunabbli li mhumiex innovattivi ([340]).

……

40. Jekk b'deroga mill-punti 241-244 tas-CEEAG, jiġi kkunsidrat li tenħtieġ għajnuna lil hinn mill-intensitajiet massimi tal-għajnuna, jekk jogħġbok indika l-livell ta' għajnuna kkunsidrata meħtieġa u ġġustifikaha fuq il-bażi ta' analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-proġetti ta' referenza fix-xenarji fattwali u kontrofattwali kif identifikati bi tweġiba għall-mistoqsija 15 ta' hawn fuq, f'konformità mal-punti 51-52 tas-CEEAG.

([338]) In-novità, pereżempju, tista' tintwera mill-Istati Membri fuq il-bażi ta' deskrizzjoni preċiża tal-innovazzjoni u tal-kundizzjonijiet tas-suq għall-introduzzjoni jew id-diffużjoni tagħha, li tqabbilha mal-aktar proċessi avvanzati jew l-aktar tekniki ta' organizzazzjoni avvanzati ġeneralment użati minn impriżi oħra fl-istess industrija.

([339]) Jekk il-parametri kwantitattivi jistgħu jintużaw sabiex jiġu pparagunati attivitajiet ekoinnovattivi ma' attivitajiet standard li mhumiex innovattivi, "ferm ogħla" tfisser li t-titjib marġinali mistenni minn attivitajiet ekoinnovattivi, f'termini ta' riskju ambjentali jew tniġġis imnaqqas, jew effiċjenza mtejba fl-enerġija jew fir-riżorsi, jenħtieġ li jkun mill-inqas darbtejn ogħla mit-titjib marġinali mistenni mill-iżvilupp ġenerali ta' attivitajiet paragunabbli li mhumiex innovattivi. Meta l-approċċ propost ma jkunx xieraq għal każ partikolari, jew jekk ma jkunx possibbli li jsir paragun kwantitattiv, jenħtieġ li l-fajl tal-applikazzjoni għall-għajnuna mill-Istat jinkludi deskrizzjoni ddettaljata tal-metodu użat għall-valutazzjoni ta' dan il-kriterju, waqt li jiġi assigurat standard komparabbli għal dak tal-metodu propost.

([340]) Ir-riskju jista' jintwera mill-Istat Membru pereżempju f'termini ta' kostijiet marbuta mal-fatturat tal-impriża, iż-żmien meħtieġ għall-iżvilupp, il-benefiċċji mistennija mill-attività ta' ekoinnovazzjoni fejn għandhom x'jaqsmu l-kostijiet, u probabbiltà ta' falliment.

Għal din l-analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament, jekk jogħġbok ippreżenta kwantifikazzjoni, għax-xenarju/i fattwali u xenarju/i kontrofattwali realistiċi ([341]) identifikati bi tweġiba għall-mistoqsija 15 ta' hawn fuq, tal-kostijiet u d-dħul ewlenin kollha, tal-kost medju ponderat tal-kapital (WACC) stmat tal-benefiċjarji (jew proġetti ta' referenza) biex jiġu skontati l-flussi futuri tal-flus, kif ukoll tal-valur preżenti nett (VPN) għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, tul il-ħajja tal-proġett/tal-proġett ta' referenza.

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi dan f'Anness għal din il-formola ta' notifika (billi tuża fajl Excel fejn il-formuli kollha huma viżibbli).

……

(b) Jekk jogħġbok inkludi informazzjoni dettaljata dwar is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji, ir-raġunament u s-sorsi sottostanti tagħhom, użati għal kull aspett tal-kwantifikazzjoni tal-kostijiet u d-dħul fix-xenarju fattwali u x-xenarju kontrofattwali probabbli (pereżempju inkludi s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu żviluppati dawk ix-xenarji u s-sors/ir-raġunament għal dawn is-suppożizzjonijiet).

……

(c) Għal każijiet ta' għajnuna u skemi individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, jeħtieġ li l-Istat Membru jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fil-livell tal-pjan dettaljat tan-negozju tal-proġett.

Għal każijiet ta' skemi ta' għajnuna, l-Istat Membru jeħtieġ li jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fuq il-bażi ta' proġett ta' referenza wieħed jew aktar.

……

(d) Ma' din il-formola ta' notifika tista' tehmeż ukoll id-dokumenti msemmija fin-nota 39 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG. Id-dokumenti tal-Bord jistgħu jkunu partikolarment utli għal miżuri jew skemi ta' għajnuna individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji. Jekk tali dokumenti jkunu mehmuża mal-formola ta' notifika, jekk jogħġbok ipprovdi hawn taħt lista ta' dawk id-dokumenti, filwaqt li tispeċifika l-awtur, id-data meta ġew abbozzati u l-kuntest meta ntużaw.

……

41. Jekk jogħġbok uri wkoll li l-applikazzjoni ta' għajnuna ogħla ddeterminata kif indikat fil-mistoqsija 40 ma tirriżultax f'għajnuna li taqbeż id-diskrepanza fil-finanzjament.

……

42. F'każ li l-punt 52 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri x-xenarju kontrofattwali l-aktar probabbli jikkonsisti fil-fatt li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività jew investiment, jew ikompli n-negozju tiegħu mingħajr bidliet, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza biex issostni din is-suppożizzjoni.

……

43. F'konformità mal-punt 245 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li jekk tkun rikjesta intensità tal-għajnuna ogħla abbażi tal-mistoqsija 40, l-awtoritajiet tiegħek se jwettqu monitoraġġ *ex post* biex jivverifikaw is-suppożizzjonijiet li saru dwar il-livell ta' għajnuna meħtieġ u biex jistabbilixxu mekkaniżmu ta' rkupru u jiddeskrivu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' rkupru li l-Istat Membru jkun bihsiebu jintroduċi.

……

2.1.3.2. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 49, 50 u 246 tas-CEEAG.

([341]) Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-informazzjoni ulterjuri fil-punti 51-53 kif ukoll in-noti 45 u 46 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG.

44. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 49, 50 u 246 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi dan li ġej:

(a) Jekk jogħġbok spjega kif l-awtoritajiet jiżguraw li l-proċess tal-offerti jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju, ibbażat fuq kriterji oġġettivi, definiti *ex ante* f'konformità mal-objettiv tal-miżura u jimminimizza r-riskju ta' offerti strateġiċi (il-punt 49(a) tas-CEEAG).

……

(b) Il-kriterji tal-għażla użati għall-klassifikazzjoni tal-offerti, u fl-aħħar mill-aħħar għall-identifikazzjoni tal-livell ta' għajnuna fil-proċess kompetittiv ta' offerti. B'mod aktar speċifiku:

(i) Jekk jogħġbok ipprovdi l-lista tal-kriterji tal-għażla u speċifika liema minnhom huma/ma humiex direttament jew indirettament relatati mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i. Jekk jogħġbok inkludi l-ponderazzjoni tagħhom.

……

(ii) Jekk jogħġbok spjega kif il-kriterji tal-għażla jpoġġu l-kontribuzzjoni għall-objettivi ewlenin tal-miżura/i f'relazzjoni diretta jew indiretta mal-ammont tal-għajnuna mitlub mill-applikant. Dan jista' jiġi espress, pereżempju, f'termini ta' għajnuna għal kull unità ta' ħarsien tal-ambjent jew għajnuna għal kull unità ta' enerġija (il-punt 50 u n-nota 44 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(iii) F'każ li jkun hemm kriterji oħra tal-għażla li mhumiex relatati direttament jew indirettament mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i, ipprovdi r-raġunijiet għall-approċċ propost u spjega l-għaliex huwa xieraq għall-objettivi li l-miżura/i għandha/hom l-għan li jilħqu. Jekk jogħġbok ikkonferma wkoll li dawk il-kriterji ma jirrappreżentawx aktar minn 30 % tal-ponderazzjoni tal-kriterji kollha tal-għażla (il-punt 50 tas-CEEAG).

……

(iv) Jekk jogħġbok spjega kemm qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ta' kull proċess kompetittiv ta' offerti se jiġu ppubblikati l-kriterji tal-għażla (il-punt 49(b) u n-nota 43 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(c) Jekk jogħġbok spjega l-elementi li fuqhom ibbażajt is-suppożizzjoni li l-proċess tal-offerti se jkun miftuħ u sottoskritt kif xieraq, jiġifieri li huwa prevedibbli li mhux l-offerenti kollha se jirċievu għajnuna u li l-għadd ta' offerenti mistennija huwa biżżejjed biex jiżgura l-kompetizzjoni effettiva għat-tul ta' żmien tal-iskema (il-punt 49(c) tas-CEEAG). Fl-ispjegazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkunsidra l-baġit jew il-volum tal-iskema. Meta rilevanti, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza pprovduta fit-tweġibiet għall-mistoqsija 15.

……

(d) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' sessjonijiet ta' offerti previsti u l-għadd mistenni ta' offerenti fl-ewwel ċiklu u matul iż-żmien.

……

(e) Fil-każ ta' proċess wieħed jew aktar ta' offerti mingħajr biżżejjed sottoskrizzjonijiet, jekk jogħġbok spjega kif it-tfassil tal-proċessi tal-offerti se jiġi kkoreġut matul l-implimentazzjoni tal-iskema sabiex terġa' tiġi stabbilita l-kompetizzjoni effettiva, u meta (il-punt 49(c) tas-CEEAG).

……

(f) Jekk jogħġbok ikkonferma li aġġustamenti *ex post* għall-eżitu tal-proċess ta' offerti (bħal negozjati sussegwenti dwar ir-riżultati tal-offerti jew ir-razzjonar) huma evitati (il-punt 49(d) tas-CEEAG).

……

(g) F'każ li jkun hemm possibbiltà ta' "*offerti mingħajr sussidju*", jekk jogħġbok spjega kif se tiġi żgurata l-proporzjonalità (jekk jogħġbok ara l-punt 49, in-nota 42 f'qiegħ il-paġna, tas-CEEAG).

……

(h) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-awtoritajiet jippreveduxl-użu ta' prezzijiet minimi jew massimi fil-proċess kompetittiv ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok iġġustifika l-użu tagħhom u spjega kif dawn ma jillimitawx il-proċess kompetittiv ta' offerti (il-punt 49 u n-nota 42 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

2.1.3.3. Il-proporzjonalità tal-għajnuna li tkopri l-kostijiet operatorji tal-ġbir separat u tas-separazzjoni tal-iskart

45. Skont il-punt 247 tas-CEEAG l-għajnuna tista' tkopri wkoll il-kostijiet operatorji meta tkun relatata mal-ġbir separat u s-separazzjoni tal-iskart jew ta' prodotti, materjali jew sustanzi oħra b'rabta ma' flussi speċifiċi ta' skart jew tipi speċifiċi ta' skart bil-ħsieb tal-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ. Għal fejn qed tippjana din l-għajnuna:

(a) Ipprovdi evidenza li l-għajnuna trid tingħata wara proċedura kompetittiva ta' offerti mwettqa skont il-kriterji fil-punti 49 u 50 tas-CEEAG li trid tkun organizzata fuq bażi miftuħa u mhux diskriminatorja għall-operaturi kollha li jipprovdu servizzi ta' ġbir separat u ta' separazzjoni. Għal dan l-għan, jeħtieġ li jiġu pprovduti l-informazzjoni u l-evidenza elenkati fil-punt 42 ta' hawn fuq.

(b) Indika jekk il-proċess tal-offerti jinkludix regoli li jillimitaw l-għajnuna f'ċerti ċirkostanzi identifikati sew u stabbiliti *ex ante*. Jekk dan huwa l-każ, jekk jogħġbok:

(i) Uri li dawn il-limitazzjonijiet huma ġġustifikati minn livell għoli ta' inċertezza dwar l-evoluzzjoni futura tal-kostijiet operatorji għat-tul ta' żmien tal-miżura.

……

(ii) Iddeskrivi dawn ir-regoli u ċ-ċirkostanzi stabbiliti sew relatati.

……

(c) Agħti informazzjoni dwar kwalunkwe għajnuna għall-investiment mogħtija għal installazzjoni użata għall-ġbir separat u s-separazzjoni tal-iskart li tibbenefika wkoll mill-għajnuna operatorja. Meta ż-żewġ forom ta' għajnuna jkopru l-istess kostijiet eliġibbli, uri li l-għajnuna għall-investiment se titnaqqas mill-għajnuna operatorja mogħtija lill-istess installazzjoni u kif din se tiġi żgurata.

……

(d) Ikkonferma li t-tul ta' żmien tal-għoti tal-għajnuna ma jaqbiżx il-5 snin.

……

2.1.4. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

46. Sakemm ma tkunx diġà tinsab fil-Parti I tal-formola ta' notifika ġenerali u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura/i notifikata/i tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dan huwa l-każ, ipprovdi dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna *ad hoc* jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata.

……

47. Jekk japplika l-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għal proġett jew attività mhux se jwassal għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess skont il-punti 241-245 tas-CEEAG. Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

……

48. F'każ li japplika l-punt 57 tas-CEEAG, jiġifieri l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni ([342]) mmaniġġjat ċentralment (li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed.

……

2.1.5. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-61) tas-CEEAG.

49. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

……

50. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġu ppubblikati t-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u l-informazzjoni dwar kull għotja ta'għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

……

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.2 (il-punti 63-70) u t-Taqsima 4.4.5. (il-punti 248-252) tas-CEEAG.

51. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 67 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti negattivi possibbli fuq terminu qasir u twil tal-miżura/i notifikata/i fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

52. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura taqax taħt xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) Tikkonċerna suq (jew swieq) fejn l-operaturi stabbiliti kisbu saħħa fis-suq qabel il-liberalizzazzjoni tas-suq;

……

(b) Tinvolvi proċessi kompetittivi ta' offerti f'suq (swieq) emerġenti, meta jkun hemm attur b'pożizzjoni b'saħħitha fis-suq;

……

(c) Dan se jkun ta' benefiċċju biss għal benefiċjarju wieħed jew għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji.

……

53. Jekk il-miżura ta' għajnuna tiffoka fuq għażla/perkors teknoloġika/u speċifika/u, iġġustifika r-raġuni għall-għażla teknoloġika u li mhux se tiskoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji aktar nodfa.

……

([342]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea u li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru.

54. Jekk il-miżura/i notifikata/i se tibbenefika/jibbenefikaw biss minn benefiċjarju wieħed jew minn għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 68 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) Spjega jekk il-miżura/i notifikata/i ssaħħaħx/jsaħħux jew iżżommx/iżommux is-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju/i jew tiskoraġġixxix/jiskoraġġixxux l-espansjoni tal-kompetituri eżistenti jew twassalx/iwasslux għall-ħruġ tagħhom jew tiskoraġġixxi/jiskoraġġixxux id-dħul ta' kompetituri ġodda. F'dan ir-rigward spjega wkoll jekk il-miżura ta' għajnuna twassalx għal żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-benefiċjarju.

……

(b) Iddeskrivi l-miżura/i stabbilita/i biex tillimita d-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għoti tal-għajnuna lill-benefiċjarju/i.

……

55. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 69 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega:

(a) Jekk l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għandha l-għan li tippreserva l-attività ekonomika f'reġjun wieħed jew tiġbed lejha lil hinn minn reġjuni oħra fis-suq intern.

……

(b) Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika liema huwa l-effett ambjentali nett tal-miżura/i notifikata/i u kif il-miżura/i notifikata/i ttejjeb/itejbu l-livell eżistenti ta' ħarsien ambjentali fl-Istati Membri

……

(c) Kif l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i ma tirriżultax f'effetti manifestament negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

(d) F'każ ta' għajnuna individwali, il-fatturi ewlenin tal-għażla tal-post għall-investimenti mill-benefiċjarju.

……

56. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 70 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata taħt l-iskema notifikata għal perjodu massimu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li, jekk l-awtoritajiet tiegħek jixtiequ jestendu t-tul ta' żmien tal-miżura lil hinn minn dak il-perjodu massimu, huma se jirrinotifikaw il-miżura.

……

57. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 249 tas-CEEAG, jekk jogħġbok aġħti ġustifikazzjoni li l-għajnuna mhux se tinċentiva l-ġenerazzjoni tal-iskart jew iżżid l-użu tar-riżorsi.

……

58. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 250 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li meta l-għajnuna żżid id-domanda għall-iskart jew għal materjali u riżorsi oħra maħsuba biex jerġgħu jintużaw, jiġu riċiklati jew jiġu rkuprati, il-kapaċità tal-ġbir ta' tali skart, materjali u riżorsi oħra se tiżdied kif xieraq biex tissodisfa ż-żieda fid-domanda.

……

59. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 251 tas-CEEAG, jekk jogħġbok indika jekk l-għajnuna hux se jkollha xi effetti potenzjali fuq il-funzjonament tas-swieq għall-materjali primarji u sekondarji relatati mal-prodotti kkonċernati, u x'jista' jirriżulta minn dawn l-effetti potenzjali.

……

60. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 252 tas-CEEAG, fejn l-għajnuna tkopri l-kostijiet operatorji relatati mal-ġbir separat u s-separazzjoni tal-iskart jew ta' prodotti, materjali jew sustanzi oħra fir-rigward ta' flussi ta' skart jew tipi ta' skart speċifiċi bil-ħsieb tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ, jekk jogħġbok indika jekk l-għajnuna tistax potenzjalment tinteraġixxi ma' xi skema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fl-Istat Membru tiegħek, jekk jogħġbok iddeskrivi kwalunkwe skemi bħal dawn u speċifika kif tista' tinteraġixxi.

……

3. L-IBBILANĊJAR TAL-EFFETTI POŻITTIVI TAL-GĦAJNUNA MAL-EFFETTI NEGATTIVI FUQ IL-KOMPETIZZJONI U L-KUMMERĊ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.3 (il-punti 71-76) tas-CEEAG.

61. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 72 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk l-attivitajiet appoġġati taħt il-miżura notifikata jissodisfawx il-kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([343]), inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", jew metodoloġiji paragunabbli oħra.

……

62. (Fil-każ ta' proċess kompetittiv ta' offerti) Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i notifikata/i tinkludix/jinkludux karatteristiċi li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs fi proċessi kompetittivi ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar dawk il-karatteristiki u ġġustifika kif l-effetti pożittivi tal-iżgurar tal-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-miżura/i notifikata/i jegħlbu l-effetti distorsivi possibbli.

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

63. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew inkella ehmeż Anness ma' din il-formola ta' notifika li jinkludi abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG ([344]).

……

64. Jekk tagħti abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

……

(b) ikkonferma li d-dispożizzjonijiet tal-punt 460 tas-CEEAG se jiġu rispettati.

……

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

……

([343]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

([344]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

65. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

.....

66. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

.....

67. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG,

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew hux se jintgħażel fil-futur.

.....

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

.....

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

.....

68. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi proposti tiegħek għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok innota li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel l-iskadenza tagħha, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

.....

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

.....

Taqsima D:Ir-rapportar u l-monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464 u 465) tas-CEEAG.

69. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

.....

PARTI III.6.F

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.5 – Għajnuna għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis ta' tniġġis għajr minn gassijiet serra

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tikkonċerna l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.5 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għall-objettiv(i) ambjentali li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, jekk jogħġbok spjega jekk dan jistax jirriżulta f'xi distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

……

2. Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-iskema ta' għajnuna hija ppjanata li tidħol fis-seħħ;

……

2.2. Jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tal-iskema ([345]).

……

3. Benefiċjarju/i

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i;

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istat Membru rispettiv jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna hix tingħata skont il-miżura/i favur l-impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

([345]) Jekk jogħġbok kun af li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (inkluż għalhekk iż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet nazzjonali japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

5. Baġit u finanzjament tal-miżura/i.

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv ([346]).

.....

5.2. jekk il-miżura hija ffinanzjata permezz ta' imposta, jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) l-imposta hijiex stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

.....

(b) it-tnaqqis fl-imposta huwiex iffinanzjat billi tiżdied l-imposta għal konsumaturi oħra;

.....

(c) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

.....

(d) il-miżura notifikata hijiex se tkun ta' benefiċċju b'mod indaqs għall-prodotti domestiċi u dawk importati;

.....

(e) l-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

.....

(f) l-imposta li tiffinanzja l-miżura notifikata tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

.....

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsimiet 4.5.1 (il-punti 253-254) u 4.5.2 (il-punti 255-259) tas-CEEAG.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "*għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni*". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, jekk jogħġbok identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati b'riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet huwa appoġġat.

.....

([346]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

7. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok "*[i]ddeskriv[i] [wkoll] jekk l-għajnuna hix se tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan*".

……

8. Barra minn hekk, enfasizza sa liema punt l-għajnuna hija relatata mal-politiki deskritti fil-punti 253-254 tas-CEEAG.

……

9. Jekk jogħġbok iddeskrivi r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà applikabbli għall-benefiċjarju/i (pereżempju billi tinkludi kwalunkwe rekwiżit tekniku, ambjentali (jiġifieri permessi), finanzjarju (jiġifieri kollateral) jew rekwiżiti oħra li l-benefiċjarju/i jeħtieġ li jikkonforma(w) magħhom).

……

10. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-attivitajiet appoġġati preċiżi tal-miżura/i ta' għajnuna, kif previst fit-Taqsima 4.5.2 (il-punti 255-259) tas-CEEAG. Jekk jogħġbok indika liema kategorija/i mill-kategoriji ta' investimenti li ġejjin huma eliġibbli taħt il-miżura ta' għajnuna:

(a) Investimenti li jippermettu lill-impriżi jipprevjenu jew inaqqsu t-tniġġis apparti dak mill-gassijiet serra lil hinn mill-istandards tal-Unjoni għall-ħarsien tal-ambjent;

(b) Investimenti li jippermettu lill-impriżi jipprevjenu jew inaqqsu t-tniġġis apparti dak mill-gassijiet serra fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni;

(c) Investimenti li jippermettu lill-impriżi jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni li huma adottati iżda li għadhom mhumiex fis-seħħ.

……

11. Jekk l-għajnuna tkun fil-forma ta' permessi negozjabbli ([347]):

(a) Jekk jogħġbok iddeskrivi fid-dettall l-iskema ta' permessi negozzjabbli, li tinkludi fost l-oħrajn l-objettivi, il-metodoloġija tal-għotja, l-awtoritajiet jew l-entitajiet involuti, ir-rwol tal-Istat, il-benefiċjarji u l-aspetti proċedurali.

……

(b) Jekk jogħġbok spjega kif l-iskema ta' permessi negozjabbli hija ddiżinjata b'tali mod li tipprevjeni jew tnaqqas it-tniġġis lil hinn mil-livelli li għandhom jinkisbu fuq il-bażi tal-istandards tal-Unjoni li huma mandatorji għall-impriżi kkonċernati.

……

12. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna għandha fil-mira tagħha l-prevenzjoni jew it-tnaqqis tat-tniġġis direttament marbut mal-attivitajiet tal-benefiċjarju/i stess.

……

13. Jekk jogħġbok iddeskrivi kif se jiġi żgurat li l-għajnuna mhijiex sempliċiment se ċċaqlaq it-tniġġis minn settur għal ieħor jew minn mezz ambjentali għal ieħor u li se tikseb tnaqqis kumplessiv tat-tniġġis.

……

([347]) Permessi negozjabbli jistgħu jinvolvu għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari meta l-Istati Membri jagħtu permessi u konċessjonijiet inferjuri għall-valur tas-suq tagħhom.

14. Għal skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li jibbenefikaw minnhom għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji jew benefiċjarju stabbilit u li għandhom l-għan li jnaqqsu t-tniġġis tagħhom apparti dak mill-gassijiet serra, jekk jogħġbok ipprovdi kwantifikazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet/inkwinanti mistenni mill-miżura u spjega l-metodu segwit biex tikkwantifikahom.

.....

15. Jekk jogħġbok indika jekk il-miżura ta' għajnuna tikkontribwixxix ukoll għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi paragun tar-riżultati mistennija tal-miżura f'termini tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tal-emissjonijiet ta' inkwinanti oħra abbażi ta' kwantifikazzjonijiet kredibbli u dettaljati.

.....

Jekk il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra huma l-objettiv predominanti tal-miżura ta' għajnuna, jekk jogħġbok irreferi għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għat-Taqsima 4.1 peress li l-kompatibbiltà tagħha se tiġi vvalutata abbażi tat-Taqsima 4.1. Madankollu, jekk l-objettiv predominanti tal-miżura huwa l-prevenzjoni jew it-tnaqqis tat-tniġġis apparti dak mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra, dan jiġi vvalutat abbażi tat-Taqsima 4.5 (il-punt 259 tas-CEEAG).

1.2. **Effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti 26-32) u għat-Taqsima 4.5.3 (il-punti 260-262) tas-CEEAG.

16. L-għajnuna tista' titqies li tiffaċilita attività ekonomika jekk ikollha effett ta' inċentiv biss. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 26 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i *"ġġiegħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaqha mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti"*.

.....

17. Skont il-punt 28 tas-CEEAG:

17.1. Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju fattwali li mistenni jirriżulta mill-miżura ta' għajnuna u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli fin-nuqqas tal-miżura ta' għajnuna. ([348]) Fejn taħseb li kategoriji differenti ta' benefiċjarji jistgħu jiġu appoġġati, jekk jogħġbok żgura li l-kontrofattwali jkun kredibbli għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

Jekk jogħġbok ikkunsidra r-rekwiżiti dwar ix-xenarju kontrofattwali inklużi fil-punti 266 u 226-230 tas-CEEAG, b'mod partikolari:

(a) B'mod ġenerali, ix-xenarju kontrofattwali jikkorrispondi għal investiment bl-istess kapaċità, tul tal-ħajja u, fejn xieraq, karatteristiċi tekniċi rilevanti oħra, bħall-investiment li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, li madankollu jwassal għal livell inferjuri ta' ħarsien tal-ambjent;

(b) Alternattivament, ix-xenarju kontrofattwali jista' jikkorrispondi wkoll għal wieħed mix-xenarji li ġejjin:

(i) iż-żamma tal-installazzjonijiet jew tat-tagħmir eżistenti li jkunu qegħdin jitħaddmu għal perjodu li jikkorrispondi għat-tul tal-ħajja tal-investiment li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent; f'dak il-każ, il-kostijiet skontati ta' manutenzjoni, tiswija u modernizzazzjoni matul dak il-perjodu għandhom jiġu kkunsidrati (il-punt 227 tas-CEEAG);

([348]) Jekk jogħġbok kun af li l-punti 38 u 52, kif ukoll in-noti 39 u 45 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG jipprovdu gwida ulterjuri dwar kif għandu jiġi żviluppat ix-xenarju kontrofattwali probabbli.

(ii) sostituzzjoni aktar tard tal-installazzjonijiet jew tat-tagħmir; f'dak il-każ il-valur skontat tal-installazzjonijiet u t-tagħmir jenħtieġ li jitqies u d-differenza fit-tul tal-ħajja ekonomika rispettiva tal-installazzjonijiet jew tat-tagħmir jenħtieġ li titqassam indaqs bejniethom f'konformità mal-punt 228 tas-CEEAG;

(iii) il-kiri ta' tagħmir inqas ekoloġiku li kieku jintuża fin-nuqqas tal-għajnuna; f'dak il-każ, il-valur skontat tal-kiri tat-tagħmir inqas ekoloġiku għandu jitqies f'konformità mal-punt 229 tas-CEEAG;

(iv) in-nuqqas ta' proġett alternattiv, b'mod partikolari fejn l-investiment megħjun jikkonsisti fiż-żieda ta' installazzjonijiet jew tagħmir ma' faċilitajiet, installazzjonijiet jew tagħmir eżistenti.

Meta tiddeskrivi x-xenarju fattwali u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli, jekk jogħġbok speċifika l-kapaċità, it-tul tal-ħajja u karatteristiċi tekniċi oħra tal-investiment kemm għax-xenarju/i fattwali kif ukoll għal dak kontrofattwali.

.....

17.2. Jekk jogħġbok spjega fil-qosor ir-raġuni għall-għażla tax-xenarju/i kontrofattwali probabbli, fid-dawl tal-kategoriji differenti ta' benefiċjarji proposti, jekk applikabbli;

.....

17.3. Jekk jogħġbok ikkwantifika l-kostijiet u d-dħul tax-xenarji fattwali u kontrofattwali u ġġustifika l-bidla fl-imġiba, fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju, abbażi ta':

(a) il-proġett ([349]) ta' referenza rispettiv, il-kontrofattwali korrispondenti u d-diskrepanza fil-finanzjament li tirriżulta;

JEW

(b) evidenza kwantitattiva rilevanti bbażata fuq studji tas-suq, pjanijiet tal-investituri, rapporti finanzjarji, jew evidenza kwantitattiva oħra inklużi offerti magħmula għal proġetti simili fi proċessi ta' offerti kompetittivi paragunabbli reċenti. ([350])

.....

18. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29 u 31 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività ma seħħx qabel applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali;

.....

JEW

(b) Għall-proġetti li bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok uri li l-proġett jaqa' f'wieħed mill-każijiet eċċezzjonali pprovduti fil-punt 31 tas-CEEAG ((a), (b) jew (c)).

.....

([349]) "Proġett ta' referenza" huwa definit fil-punt 19(63) tas-CEEAG.

([350]) Jekk inti tiddependi fuq proċess kompetittiv reċenti, jekk jogħġbok spjega kif dan il-proċess tal-offerti jista' jitqies bħala kompetittiv, inkluż kif il-profitti mhux mistennija ġew evitati għal teknoloġiji differenti inklużi fil-proċess kompetittiv ta' offerti, fejn applikabbli, u kif huwa paragunabbli, pereżempju:

i. Il-kundizzjonijiet (eż. it-termini kuntrattwali u t-tul ta' żmien, l-iskadenzi tal-investiment, jekk il-pagamenti ta' appoġġ kinux indiċjati mal-inflazzjoni jew le) kienu simili għal dawk proposti fil-miżura notifikata?

ii. Il-proċess kompetittiv twettaq taħt kundizzjonijiet makroekonomiċi simili?

iii. It-teknoloġiji/it-tipi ta' proġetti kienu simili?

19. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

……

20. Sabiex turi l-konformità mal-punti 32, 261 u 262 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([351]) applikabbli għall-miżura/i notifikata/i, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni.

F'dak il-kuntest, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi l-effett ta' inċentiv.

……

(b) F'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-Unjoni jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu mhux fis-seħħ, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna għandha l-effett ta' inċentiv għaliex tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma' l-istandard jidħol fis-seħħ f'konformità mal-punt 262 tas-CEEAG.

……

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

21. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

……

22. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 5.2 ta' hawn fuq, fejn il-miżura/i notifikata/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta.

……

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Neċessità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.1 (il-punti 34-38) u t-Taqsima 4.5.4.1 (il-punt 264) tas-CEEAG.

([351]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:
(a) *standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, esklużi l-istandards jew il-miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;*
(b) *l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux ogħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.*

23. Jekk jogħġbok spjega liema falliment(i) tas-suq identifikaw l-awtoritajiet tiegħek li jipprevjeni/u l-kisba ta' livell suffiċjenti ta' ħarsien tal-ambjent. Jekk jogħġbok speċifika f'liema kategorija jaqgħu l-fallimenti tas-suq identifikati, billi tagħmel referenza għall-ittri (a), (b), (c) jew (d) tal-punt 34 tas-CEEAG.

……

24. F'konformità mal-punt 35 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe politika u miżura eżistenti li l-awtoritajiet tiegħek identifikaw, li diġà għandhom fil-mira l-fallimenti regolatorji jew tas-suq identifikati.

……

25. Sabiex turi l-konformità mal-punt 36 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni li turi li l-għajnuna għandha fil-mira b'mod effettiv il-fallimenti residwi tas-suq, filwaqt li tqis ukoll kwalunkwe politika u miżura oħra diġà fis-seħħ biex tindirizza whud mill-fallimenti tas-suq identifikati.

……

26. Sabiex turi l-konformità mal-punt 37 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk, sa fejn jafu l-awtoritajiet tiegħek, proġetti jew attivitajiet simili għal dawk koperti mill-miżura/i notifikata/i fir-rigward tal-kontenut teknoloġiku, il-livell ta' riskju u d-daqs tagħhom, humiex diġà mwassla fl-Unjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza ulterjuri biex turi l-ħtieġa għal għajnuna mill-Istat.

……

27. Sabiex turi l-konformità mal-punt 38 tas-CEEAG, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza kwantitattiva diġà pprovduta fil-mistoqsija 17 hawn fuq.

……

28. Jekk l-għajnuna hija fil-forma ta' permessi negozjabbli, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza li turi li l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin huma ssodisfati, f'konformità mal-punt 264 tas-CEEAG:

(a) Irkant integrali jwassal għal żieda sostanzjali fil-kostijiet tal-produzzjoni għal kull settur jew kategorija ta' benefiċjarji individwali;

……

(b) Iż-żieda sostanzjali fil-kostijiet tal-produzzjoni ma tistax tingħadda lill-klijenti mingħajr ma tirriżulta fi tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ ([352]);

……

(c) Mhux possibbli għal impriżi individwali fis-settur li jnaqqsu l-livelli ta' emissjonijiet sabiex inaqqsu l-kostijiet taċ-ċertifikati/permessi negozjabbli sa livell li dawk il-kumpaniji jistgħu jifilħu. Dan jista' jintwera billi jitqabbel il-livell tal-emissjonijiet tal-benefiċjarji potenzjali mal-livelli tal-emissjonijiet miksuba permezz tal-implimentazzjoni tat-teknika bl-aħjar prestazzjoni u billi jintwera li t-teknika bl-aħjar prestazzjoni fiż-ŻEE ntużat bħala punt ta' riferiment għal-livell tal-konċessjoni mogħtija.

……

2.1.2. *Adegwatezza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.2 (il-punti 39-46) tas-CEEAG.

29. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 40 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li ma hemmx strumenti inqas distorsivi disponibbli li huma aktar xierqa.

……

([352]) L-analiżi tista' titwettaq abbażi ta' stimi tal-elastiċità tal-prezz tal-prodott fis-settur ikkonċernat, fost fatturi oħra, kif ukoll fuq stimi ta' bejgħ mitluf kif ukoll l-impatt tagħhom fuq il-profittabbiltà tal-benefiċjarju.

30. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 41 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-miżura ta' għajnuna hija mfassla b'tali mod li ma ddgħajjifx l-effiċjenza ta' miżuri oħra li jirrimedjaw l-istess falliment tas-suq, bħal mekkaniżmi bbażati fuq is-suq (pereżempju, l-EU ETS).

……

31. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 42 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-ebda wieħed mill-benefiċjarji tal-miżura/i ta' għajnuna ma seta' jinżamm responsabbli għat-tniġġis taħt id-dritt eżistenti tal-Unjoni jew nazzjonali (*il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"*).

……

32. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti minn 43 sa 46 tas-CEEAG, biex turi l-adegwatezza tal-għajnuna fost strumenti ta' għajnuna differenti, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Jekk jogħġbok spjega għaliex forom oħra ta' għajnuna li potenzjalment jiġġeneraw inqas distorsjoni huma inqas adegwati, kif meħtieġ fil-punt 44 tas-CEEAG. Forom ta' għajnuna li jiġġeneraw inqas distorsjoni jistgħu jkunu avvanzi ripagabbli meta mqabbla ma' għotjiet diretti; krediti ta' taxxa meta mqabbel ma' tnaqqis fit-taxxa; jew forom oħra ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti finanzjarji, bħal dejn, meta mqabbel ma' strumenti ta' ekwità, inkluż, pereżempju, self b'imgħax baxx jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-gvern, jew forniment ta' finanzjament alternattiv b'termini favorevoli.

……

(b) Jekk jogħġbok uri li l-għażla tal-istrument ta' għajnuna hija xierqa għall-falliment tas-suq li l-miżura/i ta' għajnuna għandha l-għan li tindirizza, kif meħtieġ fil-punt 45 tas-CEEAG.

……

(c) Jekk jogħġbok spjega kif il-miżura ta' għajnuna u t-tfassil tagħha huma xierqa sabiex jintlaħaq l-objettiv tagħha (il-punt 46 tas-CEEAG).

……

2.1.3. *Proporzjonalità*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.3 (il-punti 47-57) u t-Taqsima 4.5.4.2 (il-punti 265-273) tas-CEEAG. Jekk jogħġbok innota li t-tliet taqsimiet 2.1.3.2., 2.1.3.3. u 2.1.3.4 li ġejjin huma alternattivi. Jekk jogħġbok ipprovdi biss it-tweġibiet għat-Taqsima applikabbli, skont it-tfassil tal-miżura proposta. Għall-għajnuna mogħtija fil-forma ta' permessi negozjabbli, jekk jogħġbok wieġeb ukoll għall-mistoqsija 33 (it-Taqsima 2.1.3.1).

2.1.3.1. Proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija fil-forma ta' permessi negozjabbli

33. Jekk l-għajnuna hija fil-forma ta' permessi negozjabbli, f'konformità mal-punt 273 jekk jogħġbok spjega kif:

(a) L-allokazzjoni se ssir b'mod trasparenti, abbażi ta' kriterji oġġettivi u abbażi ta' sorsi ta' data tal-oġħla kwalità disponibbli;

……

(b) L-ammont totali tal-permessi negozjabbli jew konċessjonijiet mogħtija lil kull impriża għall-prezz li jkun taħt il-valur tas-suq ma jkunx akbar mill-valur tas-suq għall-ħtiġiet mistennija kif tkun l-istima għal sitwazzjoni mingħajr l-iskema tal-kummerċ.

……

2.1.3.2. Proporzjonalità tal-għajnuna abbażi tal-intensitajiet tal-għajnuna stabbiliti fil-punti 265-273 tas-CEEAG

34. Sabiex tiddeskrivi l-kostijiet eliġibbli skont il-miżura, jekk jogħġbok identifika l-kostijiet addizzjonali ta' investiment marbuta direttament mal-kisba ta' livell oġħla ta' ħarsien tal-ambjent. Għal dan l-iskop, jekk jogħġbok irreferi għax-xenarju kontrofattwali rilevanti, kif identifikat fit-tweġiba għall-mistoqsija 17 u għall-punti 266 u 226 sa 230 tas-CEEAG.

……

35. Jekk jogħġbok spjega kif se jiġu ddeterminati u vverifikati l-kostijiet tal-investiment tax-xenarji fattwali u kontrofattwali.

……

36. Jekk jogħġbok indika l-intensitajiet massimi tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura u indika jekk japplikawx xi bonusijiet (il-punti 267-270 tas-CEEAG).

……

37. Għall-attivitajiet ta' ekoinnovazzjoni, jekk jogħġbok uri li l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin huma ssodisfati (il-punt 270 tas-CEEAG):

(a) L-attività tal-ekoinnovazzjoni tkun ġdida jew imtejba sostanzjalment meta mqabbla mal-oġħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija tagħha fl-Unjoni ([353]);

(b) Il-benefiċċju ambjentali mistenni jrid ikun ferm oġħla mit-titjib li jirriżulta mill-evoluzzjoni ġenerali tax-xogħol kurrenti l-aktar avvanzat f'attivitajiet komparabbli ([354]);

(c) Il-karattru innovattiv tal-assi jew proġetti jinvolvi grad ċar ta' riskju f'termini teknoloġiċi, tas-suq jew finanzjarji, li huwa oġħla mir-riskju ġeneralment assoċjat mal-assi jew il-proġetti innovattivi paragunabbli li mhumiex innovattivi ([355]).

……

38. Jekk b'deroga mill-punti 267-270 tas-CEEAG, jiġi kkunsidrat li tenħtieġ għajnuna lil hinn mill-intensitajiet massimi tal-għajnuna stabbiliti skont it-Taqsima 4.5.4.2, jekk jogħġbok indika l-livell ta' għajnuna kkunsidrata meħtieġa u ġġustifikaha fuq il-bażi ta' analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-proġetti ta' referenza fix-xenarji fattwali u kontrofattwali kif identifikati bi tweġiba għall-mistoqsija 17(c) ta' hawn fuq, f'konformità mal-punti 51-52 tas-CEEAG.

Għal din l-analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament, jekk jogħġbok ippreżenta kwantifikazzjoni, għax-xenarju/i fattwali u xenarju/i kontrofattwali realistiċi ([356]) identifikati bi tweġiba għall-mistoqsija 17(c) ta' hawn fuq, tal-kostijiet u d-dħul ewlenin kollha, tal-kost medju ponderat tal-kapital (WACC) stmat tal-benefiċjarji (jew proġetti ta' referenza) biex jiġu skontati l-flussi futuri tal-flus, kif ukoll tal-valur preżenti nett (VPN) għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, tul il-ħajja tal-proġett/tal-proġett ta' referenza.

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi dan f'Anness ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari (billi tuża fajl Excel, fejn il-formuli kollha jkunu jidhru).

……

(b) Jekk jogħġbok inkludi informazzjoni dettaljata dwar is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji, ir-raġunamenti u s-sorsi sottostanti tagħhom, użati għal kull aspett tal-kwantifikazzjoni tal-kostijiet u tad-dħul fix-xenarju fattwali u x-xenarju kontrofattwali probabbli (pereżempju inkludi s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu żviluppati dawn ix-xenarji u s-sors/ir-raġunament għal dawn is-suppożizzjonijiet).

……

([353]) In-novità, pereżempju, tista' tintwera mill-Istati Membri fuq il-bażi ta' deskrizzjoni preċiża tal-innovazzjoni u tal-kundizzjonijiet tas-suq għall-introduzzjoni jew id-diffużjoni tagħha, li tqabbilha mal-aktar proċessi avvanzati jew l-aktar tekniki ta' organizzazzjoni avvanzati ġeneralment użati minn impriżi oħra fl-istess industrija.

([354]) Jekk il-parametri kwantitattivi jistgħu jintużaw sabiex jiġu pparagunati attivitajiet ekoinnovattivi ma' attivitajiet standard li mhumiex innovattivi, "ferm oġħla" tfisser li t-titjib marġinali mistenni minn attivitajiet ekoinnovattivi, f'termini ta' riskju ambjentali jew tniġġis imnaqqas, jew effiċjenza mtejba fl-enerġija jew fir-riżorsi, jenħtieġ li jkun mill-inqas darbtejn oġħla mit-titjib marġinali mistenni mill-iżvilupp ġenerali ta' attivitajiet paragunabbli li mhumiex innovattivi. Meta l-approċċ propost ma jkunx xieraq għal każ partikolari, jew jekk ma jkunx possibbli li jsir paragun kwantitattiv, jenħtieġ li l-fajl tal-applikazzjoni għall-għajnuna mill-Istat jinkludi deskrizzjoni ddettaljata tal-metodu użat għall-valutazzjoni ta' dan il-kriterju, waqt li jiġi assigurat standard komparabbli għal dak tal-metodu propost.

([355]) Dan ir-riskju jista' jintwera minn Stat Membru pereżempju f'termini ta': kostijiet marbuta mal-fatturat tal-impriża, iż-żmien meħtieġ għall-iżvilupp, il-benefiċċji mistennija mill-attività ta' ekoinnovazzjoni fejn għandhom x'jaqsmu l-kostijiet, u probabbiltà ta' falliment.

([356]) Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-informazzjoni ulterjuri fil-punti 51-53 kif ukoll in-noti 45 u 46 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG.

(c) Għal każijiet ta' għajnuna u skemi individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, jeħtieġ li l-Istat Membru jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fil-livell tal-pjan dettaljat tan-negozju tal-proġett.

Għal każijiet ta' skemi ta' għajnuna, l-Istat Membru jeħtieġ li jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fuq il-bażi ta' proġett ta' referenza wieħed jew aktar.

.....

(d) Ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tista' teħmeż ukoll id-dokumenti msemmija fin-nota 39 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG. Id-dokumenti tal-Bord jistgħu jkunu partikolarment utli għal miżuri jew skemi ta' għajnuna individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji. Jekk dawn id-dokumenti jkunu mehmuża mal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari, jekk jogħġbok ipprovdi hawn taħt lista ta' dawk id-dokumenti, speċifika l-awtur, id-data meta ġew abbozzati u l-kuntest meta ntużaw.

.....

39. Jekk jogħġbok uri wkoll li l-applikazzjoni ta' għajnuna ogħla ddeterminata kif indikat fil-mistoqsija 38 ma tirriżultax f'għajnuna li taqbeż id-diskrepanza fil-finanzjament.

.....

40. F'każ li l-punt 52 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri x-xenarju kontrofattwali l-aktar probabbli jikkonsisti fil-fatt li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività jew investiment, jew ikompli n-negozju tiegħu mingħajr bidliet, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza biex issostni din is-suppożizzjoni ([357]).

.....

41. Fil-każijiet kollha li fihom il-proporzjonalità hija ġġustifikata b'referenza għal analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament,, jekk jogħġbok ikkonferma li l-awtoritajiet tiegħek se jwettqu monitoraġġ *ex post* biex jivverifikaw is-suppożizzjonijiet li saru dwar il-livell ta' għajnuna meħtieġa u se jistabbilixxu mekkaniżmu ta' rkupru. Jekk jogħġbok iddeskrivi wkoll il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' rkupru li l-awtoritajiet tiegħek għandhom l-intenzjoni li japplikaw (il-punt 271 tas-CEEAG).

.....

2.1.3.3. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 49, 50 u 272 tas-CEEAG.

42. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 49 u 50 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi dan li ġej:

(a) Jekk jogħġbok spjega kif l-awtoritajiet jiżguraw li l-proċess tal-offerti jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju, ibbażat fuq kriterji oġġettivi, definiti *ex ante* f'konformità mal-objettiv tal-miżura u jimminimizza r-riskju ta' offerti strateġiċi (il-punt 49(a) tas-CEEAG).

.....

(b) Il-kriterji tal-għażla użati għall-klassifikazzjoni tal-offerti, u fl-aħħar mill-aħħar għall-identifikazzjoni tal-livell ta' għajnuna fil-proċess kompetittiv ta' offerti. B'mod aktar speċifiku:

(i) Jekk jogħġbok ipprovdi l-lista tal-kriterji tal-għażla u speċifika liema minnhom huma/ma humiex direttament jew indirettament relatati mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i. Jekk jogħġbok inkludi l-ponderazzjoni tagħhom.

.....

([357]) F'dak il-każ, skont il-punt 52 tas-CEEAG, "il-kost żejjed nett jista' jiġi approssimat mill-NPV negattiv tal-proġett fix-xenarju fattwali mingħajr għajnuna tul il-ħajja tal-proġett (għalhekk, b'mod impliċitu jassumi li l-NPV tax-xenarju kontrofattwali huwa żero)"

(ii) Jekk jogħġbok spjega kif il-kriterji tal-għażla jpoġġu l-kontribuzzjoni għall-objettivi ewlenin tal-miżura/i f'relazzjoni diretta jew indiretta mal-ammont tal-għajnuna mitlub mill-applikant. Dan jista' jiġi espress, pereżempju, f'termini ta' għajnuna għal kull unità ta' ħarsien tal-ambjent ([358]) (il-punt 50 tas-CEEAG u n-nota 44 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(iii) F'każ li jkun hemm kriterji oħra tal-għażla li mhumiex relatati direttament jew indirettament mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i, jekk jogħġbok ipprovdi r-raġunijiet għall-approċċ propost u spjega għaliex huwa xieraq għall-objettivi li l-miżura/i għandha/għandhom l-għan li jilħqu. Jekk jogħġbok ikkonferma wkoll li dawk il-kriterji ma jirrappreżentawx aktar minn 30 % tal-ponderazzjoni tal-kriterji kollha tal-għażla (il-punt 50 tas-CEEAG).

……

(iv) Jekk jogħġbok spjega kemm qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ta' kull proċess kompetittiv ta' offerti se jiġu ppubblikati l-kriterji tal-għażla (il-punt 49(b) u n-nota 43 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

43. Jekk jogħġbok spjega l-elementi li fuqhom ibbażajt is-suppożizzjoni li l-proċess tal-offerti se jkun miftuħ u sottoskritt kif xieraq, jiġifieri li huwa prevedibbli li mhux l-offerenti kollha se jirċievu għajnuna u li l-għadd ta' offerenti mistennija huwa biżżejjed biex jiżgura l-kompetizzjoni effettiva għat-tul ta' żmien tal-iskema (il-punt 49(c) tas-CEEAG). Fl-ispjegazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkunsidra l-baġit jew il-volum tal-iskema. Meta rilevanti, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza pprovduta fit-tweġibiet għall-mistoqsija 17.

……

44. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' sessjonijiet ta' offerti previsti u l-għadd mistenni ta' offerenti fl-ewwel ċiklu u matul iż-żmien.

……

45. Fil-każ ta' proċess wieħed jew aktar ta' offerti mingħajr biżżejjed sottoskrizzjonijiet, jekk jogħġbok spjega kif it-tfassil tal-proċessi tal-offerti se jiġi kkoreġut matul l-implimentazzjoni tal-iskema biex terġa' tiġi stabbilita kompetizzjoni effettiva, u meta(il-punt 49(c) tas-CEEAG).

……

46. Jekk jogħġbok ikkonferma li aġġustamenti *ex post* għall-eżitu tal-proċess ta' offerti (bħal negozjati sussegwenti dwar ir-riżultati tal-offerti jew ir-razzjonar) huma evitati (il-punt 49(d) tas-CEEAG).

……

47. F'każ li jkun hemm possibbiltà ta' "*offerti mingħajr sussidju*", jekk jogħġbok spjega kif se tiġi żgurata l-proporzjonalità (jekk jogħġbok ara l-punt 49, in-nota 42 f'qiegħ il-paġna, tas-CEEAG).

……

([358]) Jekk jogħġbok innota li n-nota 44 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG tipprevedi li:
"Meta jivvalutaw l-unitajiet tal-ħarsien tal-ambjent, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jiżviluppaw metodoloġija li tqis l-emissjonijiet jew tniġġis ieħor fi stadji differenti tal-attività ekonomika appoġġata, iż-żmien tar-realizzazzjoni tal-proġett jew il-kostijiet tal-integrazzjoni tas-sistema. Meta jqieġħdu l-kontribuzzjoni għall-objettivi ewlenin fil-konfront tal-ammont tal-għajnuna mitluba, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, iqisu l-kriterji oġġettivi varji u jagħżlu abbażi tal-ammont tal-għajnuna għal kull unità tal-medja ponderata tal-kriterji oġġettivi, jew jagħżlu fost firxa limitata ta' offerti bl-aktar ammont baxx għal kull unità tal-kriterji oġġettivi dawk bl-ogħla punteġġi fil-kriterji oġġettivi. Il-parametri ta' approċċ bħal dan iridu jiġu kkalibrati biex jiżguraw li l-proċess ta' offerti jibqa' mhux diskriminatorju, effettivament kompetittiv u jirrifletti valur ekonomiku."

48. Jekk jogħġbok iċċara jekk l-awtoritajiet jipprevedux l-użu ta' prezzijiet minimi jew massimi fil-proċess kompetittiv ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok iġġustifika l-użu tagħhom u spjega kif dawn ma jillimitawx il-proċess kompetittiv ta' offerti (il-punt 49 u n-nota 42 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

2.1.4. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

49. Sakemm ma tkunx diġà tinsab fil-Parti I tal-formola ta' notifika ġenerali u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura/i notifikata/i tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dan huwa l-każ, ipprovdi dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna *ad hoc* jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata.

……

50. Jekk il-punt 56 tas-CEEAG ikun applikabbli, jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għal proġett jew attività mhux se jwassal għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess skont il-punti 267-273 tas-CEEAG. Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

……

51. F'każ li l-punt 57 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment ([359]) (li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed.

……

2.1.5. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-62) tas-CEEAG.

52. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

……

53. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġu ppubblikati t-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u l-informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

……

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.2 (il-punti 63-70) u t-Taqsima 4.5.5 (il-punti 274-275) tas-CEEAG.

([359]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea u li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru.

54. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 67 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti negattivi possibbli fuq terminu qasir u twil tal-miżura/i notifikata/i fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

55. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura taqax taħt xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) Tikkonċerna suq (jew swieq) fejn l-operaturi stabbiliti kisbu saħħa fis-suq qabel il-liberalizzazzjoni tas-suq;

……

(b) Tinvolvi proċessi kompetittivi ta' offerti f'suq (swieq) emerġenti, meta jkun hemm attur b'pożizzjoni b'saħħitha fis-suq;

……

(c) Dan se jkun ta' benefiċċju biss għal benefiċjarju wieħed jew għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji.

……

56. Jekk il-miżura ta' għajnuna tiffoka fuq għażla/perkors teknoloġika/u speċifika/u, iġġustifika r-raġuni għall-għażla teknoloġika u li mhux se tiskoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji aktar nodfa.

……

57. Jekk il-miżura/i notifikata/i se tibbenefika/jibbenefikaw biss minn benefiċjarju wieħed jew minn għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 68 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) Spjega jekk il-miżura/i notifikata/i ssaħħaħx/jsaħħux jew iżżommx/iżommux is-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju/i jew tiskoraġġixxix/jiskoraġġixxux l-espansjoni tal-kompetituri eżistenti jew twassalx/iwasslux għall-ħruġ tagħhom jew tiskoraġġixxi/jiskoraġġixxux id-dħul ta' kompetituri ġodda. F'dan ir-rigward spjega wkoll jekk il-miżura ta' għajnuna twassalx għal żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-benefiċjarju.

……

(b) Iddeskrivi l-miżura/i stabbilita/i biex tillimita d-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għoti tal-għajnuna lill-benefiċjarju/i.

……

58. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 69 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega:

(a) Jekk l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għandha l-għan li tippreserva l-attività ekonomika f'reġjun wieħed jew tiġbed lejha lil hinn minn reġjuni oħra fis-suq intern.

……

(b) Jekk iva, speċifika liema huwa l-effett ambjentali nett tal-miżura/i notifikata/i u kif il-miżura/i notifikata/i ttejjeb il-livell eżistenti ta' protezzjoni ambjentali fl-Istati Membri.

……

(c) Kif l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i ma tirriżultax f'effetti manifestament negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

(d) F'każ ta' għajnuna individwali, il-fatturi ewlenin tal-għażla tal-post għall-investimenti mill-benefiċjarju.

……

59. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 70 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata taħt l-iskema notifikata għal perjodu massimu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li, jekk l-awtoritajiet tiegħek jixtiequ jestendu t-tul ta' żmien tal-iskema lil hinn minn dak il-perjodu massimu, huma se jirrinotifikaw il-miżura.

……

60. Jekk l-għajnuna hija fil-forma ta' permessi negozjabbli, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 275 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura tikkonforma mal-kriterji kollha li ġejjin:

(a) L-għażla ta' benefiċjarji hi bbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti u l-għajnuna tingħata fil-prinċipju bl-istess mod għall-kompetituri kollha fl-istess settur jekk ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali simili;

……

(b) Il-metodoloġija tal-allokazzjoni ma tiffavorix ċerti impriżi jew ċerti setturi.

……

(c) F'każ li l-metodoloġija tal-allokazzjoni tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti setturi, jekk jogħġbok spjega kif dan huwa ġustifikat mil-loġika ambjentali tal-iskema nfisha jew meħtieġ għall-konsistenza ma' linji oħra ta' politika ambjentali.

……

(d) Parteċipanti ġodda ma jirċievux permessi jew konċessjonijiet b'kundizzjonijiet aktar favorevoli meta mqabbla ma' impriżi eżistenti li huma attivi fl-istess swieq.

……

(e) L-għoti ta' allokazzjonijiet ogħla lil installazzjonijiet eżistenti meta mqabbla ma' parteċipanti ġodda ma jirriżultax fil-ħolqien ta' ostakli żejda għad-dħul.

……

3. L-IBBILANĊJAR TAL-EFFETTI POŻITTIVI TAL-GĦAJNUNA MAL-EFFETTI NEGATTIVI FUQ IL-KOMPETIZZJONI U L-KUMMERĊ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.3 (il-punti 71-76) tas-CEEAG.

61. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 72 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk l-attivitajiet appoġġati taħt il-miżura notifikata jissodisfawx il-kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([360]), inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", jew metodoloġiji paragunabbli oħra.

……

62. (Fil-każ ta' proċess kompetittiv ta' offerti) Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura/i notifikata/i tinkludix/jinkludux karatteristiċi li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs fi proċessi kompetittivi ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar dawk il-karatteristiki u ġġustifika kif l-effetti pożittivi tal-iżgurar tal-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-miżura/i notifikata/i jegħlbu l-effetti distorsivi possibbli.

……

([360]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

63. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew ehmeż Anness ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari li jinkludi abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG ([361]).

……

64. Jekk jiġi pprovdut abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

……

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rrispettat.

……

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

……

65. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

……

66. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

……

67. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew jekk hux se jintgħażel fil-futur.

……

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

……

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

……

([361]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

68. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi proposti tiegħek għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok innota li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel l-iskadenza tagħha, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D: Ir-rapportar u l-monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464 u 465) tas-CEEAG.

69. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.G

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.6 – Għajnuna għar-rimedju ta' siti kkontaminati, għar-riabilitazzjoni tal-ħabitats naturali u l-ekosistemi u għall-bijodiversità u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tikkonċerna l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.6 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għar-rimedju ta' siti kkontaminati, ir-riabilitazzjoni tal-ħabitats naturali u l-ekosistemi u l-bijodiversità u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, jekk jogħġbok spjega jekk dan jistax jirriżulta f'xi distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

……

2. Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-iskema ta' għajnuna hija ppjanata li tidħol fis-seħħ;

……

2.2. Jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tal-iskema. ([362])

……

3. Benefiċjarju/i

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i;

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (potenzjali) (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu fl-Istat Membru rispettiv biss jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra li jkunu eliġibbli biex jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna hijiex tingħata skont il-miżura/i favur l-impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

5. Baġit u finanzjament tal-miżura/i.

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv. ([363])

……

5.2. jekk il-miżura hija ffinanzjata permezz ta' imposta, jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) l-imposta hijiex stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

……

(b) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

……

(c) il-miżura notifikata hijiex se tkun ta' benefiċċju b'mod indaqs għall-prodotti domestiċi u dawk importati;

……

([362]) Jekk jogħġbok kun af li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (inkluż għalhekk iż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet nazzjonali japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

([363]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

(d) l-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

……

(e) l-imposta li tiffinanzja l-miżura notifikata tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

……

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsimiet 4.6.1 (il-punti 276-278) u 4.6.2 (il-punti 279-282) tas-CEEAG.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "*għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni*". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, jekk jogħġbok identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati b'riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet huwa appoġġat.

……

7. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iddeskrivi "*jekk l-għajnuna hix se tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan*".

……

8. Barra minn hekk, jekk jogħġbok enfasizza sa liema punt l-għajnuna hija relatata mal-politiki deskritti fil-punti 276, 277 u 278 tas-CEEAG.

……

9. Jekk jogħġbok iddeskrivi r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà applikabbli għall-benefiċjarju/i (pereżempju billi tinkludi kwalunkwe rekwiżit tekniku, ambjentali (jiġifieri permessi), finanzjarji (jiġifieri kollaterali) jew rekwiżiti oħra li l-benefiċjarju/i jeħtieġ li jikkonforma/jikkonformaw magħhom).

……

10. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ambitu preċiż u l-attivitajiet appoġġati preċiżi tal-miżura/i ta' għajnuna biex turi li l-iskema tkopri attivitajiet li jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji elenkati fil-punt 281 tas-CEEAG.

……

11. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ma tingħatax għar-rimedju jew għar-riabilitazzjoni wara l-għeluq tal-impjanti tal-enerġija u l-operazzjonijiet tal-minjieri jew tal-estrazzjoni sal-punt li l-għajnuna inkwistjoni tkun koperta mit-Taqsima 4.12 (il-punt 280(a) tas-CEEAG). Jekk l-għajnuna għar-rimedju jew għar-riabilitazzjoni tkun direttament wara l-għeluq bikri tal-attivitajiet profittabbli tal-faħam, tal-pit u tax-shale bituminuż jew l-għeluq ta' attivitajiet mhux kompetittivi tal-faħam, tal-pit u tax-shale bituminuż, jekk jogħġbok imla l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija skont it-Taqsima 4.12 tas-CEEAG, peress li tali għajnuna hija vvalutata fit-Taqsima 4.12.

……

12. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ma tingħatax biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali, bħal terremoti, valangi, uqigħ tal-art, għargħar, trombi tal-arja, uragani, żbroffi vulkaniċi u nirien mhux ikkontrollati ta' oriġini naturali (il-punt 280(b) tas-CEEAG).

.....

13. Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kompatibbiltà tal-miżura/i hijiex se tiġi vvalutata skont it-Taqsima 4.6 jew it-Taqsima 4.1, jekk jogħġbok indika jekk l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i tikkontribwixxix ukoll għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

.....

14. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi, sabiex tiddetermina l-objettiv predominanti tal-miżura f'konformità mal-punt 282 u n-nota 124 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG, paragun tar-riżultati mistennija tal-miżura f'termini tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tar-rimedju tal-ħsara ambjentali, ir-riabilitazzjoni tal-ħabitats naturali u l-ekosistemi, il-protezzjoni jew ir-restawr tal-bijodiversità u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, abbażi ta' kwantifikazzjonijiet kredibbli u dettaljati.

.....

1.2. **Effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti 26-32) u t-Taqsima 4.6.3 (il-punti 283-287) tas-CEEAG.

15. L-għajnuna tista' tiġi kkunsidrata bħala li tiffaċilita attività ekonomika biss jekk ikollha effett ta' inċentiv. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 26 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i "*ġġiegħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti*".

.....

16. Skont il-punt 28 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju fattwali li mistenni jirriżulta mill-miżura ta' għajnuna u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli fin-nuqqas tal-miżura ta' għajnuna. ([364]) Fejn taħseb li kategoriji differenti ta' benefiċjarji jistgħu jiġu appoġġati, jekk jogħġbok żgura li l-kontrofattwali jkun kredibbli għal kull waħda minn dawn il-kategoriji u ġġustifika l-għażla tal-kontrofattwali.

.....

Jekk jogħġbok iġġustifika l-bidla fl-imġiba fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju, abbażi tal-proġett ta' referenza rispettiv ([365]), il-kontrofattwali korrispondenti u d-diskrepanza fil-finanzjament li tirriżulta.

.....

17. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 27 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma li l-għajnuna ma tappoġġax il-kostijiet ta' attività li l-benefiċjarju tal-għajnuna xorta waħda kien iwettaq u ma tikkumpensax għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika.

.....

([364]) Jekk jogħġbok kun af li l-punti 38 u 52, kif ukoll in-noti 39 u 45 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG jipprovdu gwida ulterjuri dwar kif għandu jiġi żviluppat ix-xenarju kontrofattwali probabbli.

([365]) "Proġett ta' referenza" huwa definit fil-punt 19(63) tas-CEEAG.

18. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29 u 31 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività ma seħħx qabel applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali;

……

JEW

(b) Għall-proġetti li bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok uri li l-proġett jaqa' f'wieħed mill-każijiet eċċezzjonali pprovduti fil-punt 31 tas-CEEAG ((a), (b) jew (c)).

……

19. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

……

20. Sabiex turi l-konformità mal-punt 32 tas-CEEAG, jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([366]) applikabbli għall-miżura/i notifikata/i, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji li ġew adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi l-effett ta' inċentiv.

……

21. F'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-Unjoni jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu mhux fis-seħħ, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv għaliex tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma l-istandard jidħol fis-seħħ.

……

22. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/35/KE jew regoli rilevanti oħra tal-Unjoni ([367]), sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 284 u 285 tas-CEEAG u mal-prinċipju ta' "*min iniġġes iħallas*":

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-impriża li minnha nibtet il-ħsara ambjentali ma tistax tiġi identifikata jew tinżamm responsabbli għall-finanzjament tax-xogħlijiet meħtieġa biex tiġi pprevenuta u rranġata l-ħsara ambjentali f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".

……

(b) Jekk jogħġbok uri li ttieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inkluża l-azzjoni legali, biex tiġi identifikata l-entità jew l-impriża responsabbli fl-oriġini tal-ħsara ambjentali u biex din iġġarrab il-kostijiet rilevanti.

……

([366]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:

(a) *standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, esklużi standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;*

(b) *l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux oġħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.*

([367]) Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56). Ara wkoll in-Notifika tal-Kummissjoni Linji gwida li jipprovdu fehim komuni tat-terminu "danni ambjentali" kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU C 118, 7.4.2021, p. 1).

(c) Jekk jogħġbok indika jekk l-impriża li minnha nibtet il-ħsara ambjentali, waqfitx teżisti legalment u l-ebda impriża oħra ma tista' titqies bħala s-suċċessur legali jew ekonomiku tagħha u jekk hemmx biżżejjed sigurtà finanzjarja biex jiġu koperti l-ispejjeż tar-rimedju.

.....

23. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 286 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna ma tingħatax għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kumpens imsemmija fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([368]).

.....

24. Jekk jogħġbok indika jekk l-għajnuna tkoprix il-kostijiet żejda meħtieġa biex jiżdied il-kamp ta' applikazzjoni jew l-ambizzjoni tal-miżuri ta' kumpens lil hinn mill-obbligi legali skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE.

.....

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

25. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

.....

26. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 5.2 ta' hawn fuq, fejn il-miżura/i notifikata/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta.

.....

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.1 (il-punti 34-38) tas-CEEAG.

27. Jekk jogħġbok spjega liema falliment(i) tas-suq identifikaw l-awtoritajiet tiegħek li jipprevjeni/u l-kisba ta' livell suffiċjenti ta' ħarsien tal-ambjent. Jekk jogħġbok speċifika f'liema kategorija jaqgħu l-fallimenti tas-suq identifikati, billi tagħmel referenza għall-ittri (a), (b), (c) jew (d) tal-punt 34 tas-CEEAG.

.....

28. F'konformità mal-punt 35 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe politika u miżura eżistenti li l-awtoritajiet tiegħek identifikaw, li diġà huma mmirati lejn il-fallimenti regolatorji jew tas-suq identifikati.

.....

29. Sabiex turi l-konformità mal-punt 36 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni li turi li l-għajnuna għandha fil-mira b'mod effettiv il-fallimenti residwi tas-suq, filwaqt li tqis ukoll kwalunkwe politika u miżura oħra diġà fis-seħħ biex tindirizza wħud mill-fallimenti tas-suq identifikati.

.....

([368]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

30. Sabiex turi l-konformità mal-punt 37 tas-CEEAG, spjega jekk, sa fejn jafu l-awtoritajiet tiegħek, proġetti jew attivitajiet simili għal dawk koperti mill-miżura/i notifikata/i fir-rigward tal-kontenut teknoloġiku, il-livell ta' riskju u d-daqs tagħhom, humiex diġà mwassla fl-Unjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza ulterjuri biex turi l-ħtieġa għal għajnuna mill-Istat.

……

31. Sabiex turi l-konformità mal-punt 38 tas-CEEAG, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza kwantitattiva diġà pprovduta fil-mistoqsija 16 hawn fuq.

……

2.1.2. *Adegwatezza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.2 (il-punti 39-46) tas-CEEAG.

32. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 40 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li ma hemmx strumenti inqas distorsivi disponibbli li huma aktar xierqa.

……

33. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 41 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-miżura ta' għajnuna hija mfassla b'tali mod li ma ddgħajjifx l-effiċjenza ta' miżuri oħra li jirrimedjaw l-istess falliment tas-suq, bħal mekkaniżmi bbażati fuq is-suq (pereżempju, l-ETS tal-Unjoni).

……

34. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti minn 43 sa 46 tas-CEEAG, biex turi l-adegwatezza tal-għajnuna fost strumenti ta' għajnuna differenti, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Jekk jogħġbok spjega għaliex forom oħra ta' għajnuna potenzjalment inqas distorsivi huma inqas xierqa, kif meħtieġ fil-punt 44 tas-CEEAG. Forom ta' għajnuna li jiġġeneraw inqas distorsjoni jistgħu jkunu avvanzi ripagabbli meta mqabbla ma' għotjiet diretti; krediti ta' taxxa meta mqabbel ma' tnaqqis fit-taxxa; jew forom oħra ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti finanzjarji, bħal dejn meta mqabbel ma' strumenti ta' ekwità, inkluż, pereżempju, self b'imgħax baxx jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-gvern, jew forniment ta' finanzjament alternattiv b'termini favorevoli.

……

(b) Uri li l-għażla tal-istrument ta' għajnuna hija xierqa għall-falliment tas-suq li l-miżura/i ta' għajnuna għandha l-għan li tindirizza, kif meħtieġ fil-punt 45 tas-CEEAG.

……

(c) Jekk jogħġbok spjega kif il-miżura ta' għajnuna u t-tfassil tagħha huma xierqa biex jintlaħaq l-objettiv tal-miżura li għaliha hija mmirata l-għajnuna (il-punt 46 tas-CEEAG).

……

2.1.3. *Proporzjonalità*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.6.4 (il-punti 288-291) tas-CEEAG.

35. Iddeskrivi liema spejjeż huma eliġibbli taħt il-miżura ta' għajnuna u kif se jiġu identifikati.

……

36. Għal investimenti fir-rimedju tal-ħsara ambjentali jew fir-riabilitazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-ekosistemi:

(a) Jekk jogħġbok indika (i) il-kostijiet ta' rimedju jew ta' riabilitazzjoni u pprovdi l-ammonti tagħhom billi tuża l-kwantifikazzjoni tal-kostijiet tal-proġett jew tal-kostijiet tal-proġett ta' referenza taħt il-mistoqsija 16 u (ii) il-valur tal-art qabel ma jkunu seħħew ir-rimedju jew ir-riabilitazzjoni u wara li jkunu seħħew ir-rimedju jew ir-riabilitazzjoni jew iddeskrivi l-proċedura biex tiġi ddeterminata ż-żieda fil-valur tal-art.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna ma tistax taqbeż id-differenza bejn il-kostijiet tar-rimedju jew tar-riabilitazzjoni u ż-żieda fil-valur tal-art (il-punt 288 tas-CEEAG).

……

(c) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-evalwazzjonijiet taż-żieda fil-valur tal-art jew tal-proprjetà li tirriżulta mir-rimedju jew mir-riabilitazzjoni se jitwettqu minn espert kwalifikat indipendenti (il-punt 288 tas-CEEAG).

……

37. Għall-investimenti fil-protezzjoni jew fir-restawr tal-bijodiversità u fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli ma jistgħux jaqbżu l-kostijiet totali tax-xogħlijiet li jirriżultaw fil-kontribuzzjoni għall-protezzjoni jew għar-restawr tal-bijodiversità jew fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (il-punt 289 tas-CEEAG).

……

38. Għall-għajnuna mogħtija għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fil-bini, li għalih jeżisti ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, uri li dawn l-investimenti ma jipprevjenux l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika rakkomandati fiċ-ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (il-punt 290 tas-CEEAG).

……

39. Il-punt 291 tas-CEEAG jippermetti li l-intensità tal-għajnuna tilħaq il-100 %. Jekk jogħġbok indika l-intensitajiet massimi tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

2.1.4. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

40. Sakemm ma tkunx diġà tinsab fil-Parti I tal-formola ta' notifika ġenerali u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura/i notifikata/i tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dan huwa l-każ, ipprovdi dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna *ad hoc* jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata.

……

41. Jekk il-punt 56 tas-CEEAG huwa applikabbli, iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għal proġett jew attività mhux se jwassal għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess skont il-punt 291 tas-CEEAG. Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

……

42. F'każ li l-punt 57 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment ([369]) (li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed.

……

2.1.5. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-61) tas-CEEAG.

43. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

……

44. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġu ppubblikati t-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u l-informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

……

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.2 (il-punti 63-70) tas-CEEAG.

45. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 67 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti negattivi possibbli fuq terminu qasir u twil tal-miżura/i notifikata/i fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

46. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura taqax taħt xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) Tikkonċerna suq (jew swieq) fejn l-operaturi stabbiliti kisbu saħħa fis-suq qabel il-liberalizzazzjoni tas-suq;

……

(b) Tinvolvi proċessi kompetittivi ta' offerti f'suq (swieq) emerġenti, meta jkun hemm attur b'pożizzjoni b'saħħitha fis-suq;

……

(c) Dan se jkun ta' benefiċċju biss għal benefiċjarju wieħed jew għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji.

……

47. Jekk il-miżura ta' għajnuna tiffoka fuq għażla/perkors teknoloġika/u speċifika/u, iġġustifika r-raġuni għall-għażla teknoloġika u li mhux se tiskoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji aktar nodfa.

……

48. Jekk il-miżura/i notifikata/i se tibbenefika/jibbenefikaw biss minn benefiċjarju wieħed jew minn għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 68 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) Spjega jekk il-miżura/i notifikata/i ssaħħaħx/jsaħħux jew iżżommx/iżommux is-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju/i jew tiskoraġġixxix/jiskoraġġixxux l-espansjoni tal-kompetituri eżistenti jew twassalx/iwasslux għall-ħruġ tagħhom jew tiskoraġġixxi/jiskoraġġixxux id-dħul ta' kompetituri ġodda. F'dan ir-rigward spjega wkoll jekk il-miżura ta' għajnuna twassalx għal żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-benefiċjarju.

……

([369]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea u li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru.

(b) Iddeskrivi l-miżuri stabbiliti biex jillimitaw id-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għoti tal-għajnuna lill-benefiċjarju(i).

……

49. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 69 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega:

(a) Jekk l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għandha l-għan li tippreserva l-attività ekonomika f'reġjun wieħed jew tiġbed lejha lil hinn minn reġjuni oħra fis-suq intern.

……

(b) Jekk iva, speċifika liema huwa l-effett ambjentali nett tal-miżura/i notifikata/i u kif il-miżura/i notifikata/i ttejjeb il-livell eżistenti ta' protezzjoni ambjentali fl-Istati Membri.

……

(c) Kif l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i ma tirriżultax f'effetti manifestament negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

(d) F'każ ta' għajnuna individwali, il-fatturi ewlenin tal-għażla tal-post għall-investimenti mill-benefiċjarju.

……

50. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 70 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata taħt l-iskema notifikata għal perjodu massimu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li, jekk l-awtoritajiet tiegħek jixtiequ jestendu t-tul ta' żmien tal-iskema lil hinn minn dak il-perjodu massimu, huma se jirrinotifikaw il-miżura/i.

……

3. L-IBBILANĊJAR TAL-EFFETTI POŻITTIVI TAL-GĦAJNUNA KONTRA L-EFFETTI NEGATTIVI FUQ IL-KOMPETIZZJONI U L-KUMMERĊ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.3 (il-punti 71-76) tas-CEEAG.

51. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 72 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk l-attivitajiet appoġġati taħt il-miżura notifikata jissodisfawx il-kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([370]), inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", jew metodoloġiji paragunabbli oħra.

……

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

([370]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

52. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew inkella ehmeż Anness ma' din il-formola ta' notifika li jinkludi abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG ([371]).

……

53. Jekk jiġi pprovdut abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

……

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rrispettat.

……

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

……

54. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

……

55. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

……

56. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew jekk hux se jintgħażel fil-futur.

……

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

……

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

……

57. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi proposti tiegħek għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok innota li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel l-iskadenza tagħha, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

([371]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D: Ir-rapportar u l-monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464-465) tas-CEEAG.

58. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.H

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.7.1 – Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali u imposti parafiskali

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tirrigwarda l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.7.1 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiki ewlenin tal-miżura/i

1. Sfond u objettiv(i) tal-miżura/i:

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża r-rabta ma' kwalunkwe mira ambjentali tal-Unjoni li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.2. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, jekk jogħġbok spjega jekk jistax jirriżulta f'xi distorsjoni fis-suq intern.

……

2. Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika:

(a) Għal skema ta' għajnuna:

— id-data li fiha huwa ppjanat li l-iskema se tidħol fis-seħħ:

……

— It-tul ta' żmien tal-iskema ([372]).

……

([372]) Jekk jogħġbok innota li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (jinkludi wkoll b'hekk iż-żmien meħtieġ għall-awtoritajiet biex japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

(b) Għal għajnuna individwali:

— id-data tal-għoti tal-għajnuna (ippjanata) (weġħda ta' għajnuna):

……

u

— id-data tal-pagament (l-ewwel data tal-pagament jekk ikunu previsti diversi pagamenti suċċessivi).

……

3. Benefiċjarju/i:

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i.

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istati Membri rispettivi jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna hijiex tingħata skont il-miżura/i favur l-impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

……

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

5. Baġit u finanzjament tal-miżura/i:

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv. ([373])

……

5.2. Billi l-miżura tikkonċerna taxxa ambjentali/imposta parafiskali ([374]), jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) L-imposta hijiex stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali.

……

(b) It-tnaqqis fl-imposta huwiex iffinanzjat billi tiżdied l-imposta għal konsumaturi oħra.

……

([373]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.
([374]) Ir-referenzi f'din is-sottomistoqsija għal "imposta" għandhom jinftiehmu li jkopru wkoll it-taxxi ambjentali.

(c) L-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u dawk importati.

……

(d) Il-miżura hijiex se tkun ta' benefiċċju kemm għall-produtturi domestiċi kif ukoll għal dawk importati.

……

(e) L-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, jekk jogħġbok indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom.

……

(f) L-imposta li tiffinanzja l-miżura tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

……

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika, l-effett ta' inċentiv, ir-raġunament għall-għajnuna u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet appoġġati**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsimiet 3.1.1 u 3.1.2, sa fejn dawn ikunu applikabbli għall-miżura/i , u għat-Taqsimiet 4.7.1.1.u 4.7.1.2 (il-punti 293-296) tas-CEEAG.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati b'riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet jiġi se appoġġat.

……

7. L-għajnuna tista' titqies li tiffaċilita attività ekonomika jekk ikollha effett ta' inċentiv biss. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mat-Taqsima 3.1.2 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i "ġġieħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti.", fid-dawl tar-raġunament għall-għajnuna kif spjegat fit-Taqsima 4.7.1.1 tas-CEEAG.

……

8. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 293 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iddeskrivi (i) għaliex "[i]t-tnaqqis fit-taxxi ambjentali jew l-imposti parafiskali [li] jista' jkollu impatt negattiv fuq l-objettiv [ta' ħarsien tal-ambjent], (…) jista' madankollu jkun meħtieġ", u (ii) għaliex "[i]l-benefiċjarji jkunu fi żvantaġġ kompetittiv tant kbir li, ibda biex, ma jkunx fattibbli li jiġu introdotti t-taxxa ambjentali jew l-imposta parafiskali".

……

9. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 294 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iddeskrivi:

(a) Għaliex "l-għoti ta' trattament aktar favorevoli lil xi impriżi jista' jippermetti li jinkiseb livell ġenerali ogħla ta' kontribuzzjoni għat-taxxi ambjentali jew l-imposti parafiskali".

……

(b) Għaliex "it-tnaqqis fit-taxxi jew l-imposti ambjentali jista' indirettament jikkontribwixxi għal livell ogħla ta' ħarsien tal-ambjent";

……

U

(c) Kif l-Istat Membru jiżgura li tali tnaqqis ma "[jdgħajjifx] l-objettiv ġenerali tat-taxxa ambjentali jew tal-imposta parafiskali li jiskoraġġixxu mġiba li tagħmel ħsara lill-ambjent u/jew iżidu l-kost ta' tali mġiba fejn alternattivi sodisfaċenti ma jkunux disponibbli".

……

10. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 295 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni kif deskritt fil-punt 296 tas-CEEAG:

(a) Deskrizzjoni tas-setturi jew kategoriji ta' benefiċjarji eliġibbli għat-tnaqqis

……

(b) Lista tal-akbar benefiċjarji f'kull settur ikkonċernat, il-fatturat tagħhom, l-ishma mis-suq, id-daqs tal-bażi għat-taxxa u l-proporzjon li t-taxxa jew imposta ambjentali tirrappreżenta fil-profitt tagħhom qabel it-taxxa bit-tnaqqis u mingħajru (li tista' tiġi pprovduta f'anness separat ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari).

……

(c) Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni ta' dawk il-benefiċjarji li tispjega għaliex ma jkunux jistgħu jħallsu r-rata standard ta' taxxa jew imposta ambjentali.

……

(d) Spjegazzjoni ta' kif it-taxxa jew imposta mnaqqsa tikkontribwixxi għal żieda reali tal-livell ta' protezzjoni ambjentali meta mqabbel mal-livell ta' protezzjoni ambjentali li għandu jinkiseb fin-nuqqas ta' tnaqqis ([375]).

……

1.2. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

11. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

……

12. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 5.2 ta' hawn fuq.

……

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

Innota li Taqsimiet 2.1.1 u 2.1.2 huma alternattivi. Għall-każijiet li huma eliġibbli għall-approċċ simplifikat f'konformità mat-Taqsima 2.1.1 ta' hawn taħt, mhumiex meħtieġa t-tweġibiet taħt it-Taqsima 2.1.2.

([375]) Pereżempju billi titqabbel ir-rata standard li tiġi implimentata bit-tnaqqis mar-rata standard li tkun implimentata mingħajr it-tnaqqis, l-għadd ta' impriżi li jkunu soġġetti għat-taxxa jew imposta b'kollox jew indikaturi oħra li jirriflettu l-bidla reali fl-imġiba li tagħmel ħsara lill-ambjent.

2.1.1. *Approċċ simplifikat għat-taxxi ambjentali armonizzati*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.7.1.3 (il-punti 297-300) tas-CEEAG. Meta t-taxxi ambjentali jkunu armonizzati, il-Kummissjoni tista' tapplika approċċ simplifikat sabiex tivvaluta n-neċessità u l-proporzjonalità tal-għajnuna. Fil-kuntest tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kummissjoni tista' tapplika approċċ simplifikat għat-tnaqqis tat-taxxa li jirrispetta l-livell minimu tat-taxxa tal-Unjoni stabbilit fil-punti 298 u 299.

13. Jekk jogħġbok iċċara jekk il-miżura/i taqax/jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/96/KE.

……

14. Jekk iva, u sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 298 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Jekk jogħġbok indika l-livell minimu applikabbli ta' taxxa tal-Unjoni u r-rata tat-taxxa applikabbli mħallsa mill-benefiċjarju taħt il-miżura.

……

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi l-kriterji għall-għażla tal-benefiċjarji u spjegahom. Fit-tweġiba tiegħek, jekk jogħġbok spjega għaliex dawn huma oġġettivi u trasparenti.

……

(c) Jekk jogħġbok spjega u kkonferma li l-għajnuna tingħata bl-istess mod għall-impriżi kollha fl-istess settur, jekk ikunu f'sitwazzjoni fattwali simili.

……

(d) Jekk jogħġbok ikkonferma li saret konsultazzjoni pubblika *ex ante* fejn is-setturi eliġibbli għat-tnaqqis huma deskritti kif xieraq u ġiet ipprovduta lista tal-akbar benefiċjarji għal kull settur. Jekk jogħġbok ipprovdi evidenza rilevanti għal din il-konsultazzjoni.

……

15. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 299 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok spjega jekk l-għajnuna tingħatax fil-forma ta' tnaqqis tar-rata tat-taxxa jew bħala ammont ta' kumpens fiss annwali (rifużjoni tat-taxxa), jew bħala kombinazzjoni tat-tnejn li huma;

……

(b) Jekk l-għajnuna (jew parti minnha) tkun fil-forma ta' rifużjoni tat-taxxa, jekk jogħġbok ikkonferma li (i) l-ammont ta' rifużjoni tat-taxxa jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' data storika, jiġifieri l-livell tal-produzzjoni, u l-konsum jew it-tniġġis osservat għall-impriża fuq sena bażi partikolari; u (ii) l-livell ta' rifużjoni tat-taxxa ma jmurx lil hinn mill-ammont minimu ta' taxxa tal-Unjoni li altrimenti kien ikun dovut għas-sena bażi.

……

2.1.2. *Valutazzjoni fil-fond tal-miżura/i*

Meta t-taxxi ambjentali ma jkunux armonizzati jew il-benefiċjarji jħallsu inqas mil-livell minimu tal-Unjoni tat-taxxa armonizzata fejn permess mid-Direttiva 2003/96/KE, tkun meħtieġa valutazzjoni fil-fond tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-għajnuna.

2.1.2.1. Neċessità tal-għajnuna

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.1, sa fejn din tkun applikabbli għall-miżura/i , u għat-Taqsima 4.7.1.3.1 (il-punti 301-303) tas-CEEAG.

16. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima 3.2.1.1 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iddeskrivi kif il-miżura/i hija/huma mmirata/i lejn sitwazzjoni fejn tkun/ikunu tista'/jistgħu twassal/jwasslu għal żvilupp materjali li s-suq waħdu ma jistax iwettaq. Fit-tweġiba tiegħek, jekk jogħġbok irreferi għall-fallimenti tas-suq kif deskritti fil-punt 34 tas-CEEAG kif applikabbli u spjega għaliex politiki u miżuri oħra diġà fis-seħħ kif jissemma fil-punt 35 tas-CEEAG mhumiex suffiċjenti biex jindirizzawhom.

……

17. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 302 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iddeskrivi jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin humiex issodisfati:

(a) l-għażla tal-benefiċjarji tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, u l-għajnuna tingħata bl-istess mod lil kull impriża eliġibbli li topera fl-istess settur ta' attività ekonomika li tkun fl-istess sitwazzjoni fattwali jew simili fir-rigward tal-għanijiet jew l-objettivi tal-miżura ta' għajnuna;

……

(b) it-taxxa ambjentali jew l-imposta parafiskali mingħajr tnaqqis twassal għal żieda sostanzjali fil-kostijiet tal-produzzjoni, ikkalkulati bħala proporzjon tal-valur miżjud gross għal kull settur jew kategorija ta' benefiċjarji individwali (pereż. abbażi ta' ċifri minn benefiċjarji rappreżentattivi jew ċifri aggregati għas-settur jew kategorija ta' benefiċjarji);

……

(c) iż-żieda sostanzjali fil-kostijiet tal-produzzjoni ma setgħetx tingħadda għand il-konsumaturi mingħajr ma twassal għal tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ (pereż. abbażi ta' referenzi għall-kompetizzjoni minn impriżi f'ġuriżdizzjonijiet mhux soġġetti għat-taxxa u l-grad ta' sostitwibbiltà tal-prodott rilevanti);

……

18. Għat-tnaqqis tat-taxxa fuq i-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa, sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 303 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) ikkonferma li se jkun stabbilit mekkaniżmu biex jivverifika li l-miżura għadha meħtieġa, bl-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' neċessità tat-Taqsima 4.1.3.1. tas-CEEAG;

……

(b) spjega kif dan il-mekkaniżmu se jaħdem; u

……

(c) kkonferma li l-Istat Membru se jieħu miżuri xierqa, bħat-terminazzjoni tal-eżenzjoni jew tnaqqis tal-livell ta' appoġġ u speċifika liema miżuri xierqa se jiġu applikati konkretament.

……

2.1.2.2. Adegwatezza tal-għajnuna

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.2, sa fejn din tkun applikabbli għall-miżura/i, u għat-Taqsima 4.7.1.3.2. (il-punti 304-306) tas-CEEAG.

19. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima 3.2.1.2 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iddeskrivi għaliex il-miżura/i hija strument ta' politika xieraq biex jintlaħaq l-objettiv maħsub tal-għajnuna, jiġifieri ma jridx ikun hemm politika u strument ta' għajnuna li joħolqu inqas distorsjoni li kapaċi jiksbu l-istess riżultati, b'kont meħud ta' strumenti ta' politika oħra u strumenti ta' għajnuna differenti li jistgħu jiġu implimentati bħala alternattiva.

……

20. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 305 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li (i) t-tul ta' żmien tal-miżura/i huwa ta' massimu ta' 10 snin u (ii) kwalunkwe notifika mill-ġdid se tkun ibbażata fuq evalwazzjoni mill-ġdid tal-adegwatezza tal-miżura/i.

……

21. Jekk l-għajnuna (jew parti minnha) tkun fil-forma ta' rifużjoni tat-taxxa, sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 306 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-ammont ta' rifużjoni tat-taxxa se jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' data storika, jiġifieri l-livell tal-produzzjoni, u l-konsum jew it-tniġġis osservat għall-impriża fuq sena bażi partikolari.

……

2.1.2.3. Proporzjonalità tal-għajnuna

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.7.1.3.3. (il-punti 307-309) tas-CEEAG.

22. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 308 tas-CEEAG (li jirrikjedi li mill-inqas tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin), jekk jogħġbok ipprovdi waħda jew oħra mill-informazzjoni li ġejja:

(a) Jekk jogħġbok indika jekk kull benefiċjarju tal-għajnuna jħallasx mill-inqas 20 % tal-ammont nominali tat-taxxa ambjentali jew tal-imposta parafiskali li altrimenti tkun applikabbli għal dak il-benefiċjarju fin-nuqqas tat-tnaqqis.

……

(b) Jekk jogħġbok indika jekk (i) it-tnaqqis fit-taxxa jew fl-imposta ma jaqbiżx il-100 % tat-taxxa ambjentali jew tal-imposta parafiskali nazzjonali; (ii) it-tnaqqis fit-taxxa jew fl-imposta huwiex kundizzjonali fuq il-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istat Membru u l-benefiċjarji jew l-assoċjazzjonijiet ta' benefiċjarji li permezz tagħhom il-benefiċjarji jew l-assoċjazzjonijiet tal-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li jilħqu objettivi ta' ħarsien tal-ambjent li jkollhom l-istess effett daqslikieku l-benefiċjarji jew l-assoċjazzjonijiet ta' benefiċjarji ħallsu mill-inqas 20 % tat-taxxa jew imposta nazzjonali ([376]).

……

23. Jekk se sserraħ fuq l-opzjoni (ii) tal-mistoqsija 22, sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 309 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iddeskrivi:

(a) is-sustanza tal-ftehimiet applikabbli, inklużi l-miri speċifiċi u l-iskeda ta' żmien stabbilita sabiex dawn jintlaħqu;

……

(b) kif se jiġi assigurat monitoraġġ indipendenti u regolari tal-impenji fil-ftehimiet;

……

(c) kif il-ftehimiet jiġu riveduti perjodikament fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u żviluppi oħra u jipprevedu penali effettivi f'każ li l-impenji ma jintlaħqux.

……

2.2. **Akkumulazzjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

([376]) Dawn il-ftehimiet jew impenji jistgħu jkunu marbuta, fost affarijiet oħra, ma' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, tnaqqis fl-emissjonijiet jew sustanzi niġġiesa oħra, jew kwalunkwe miżura ambjentali oħra.

24. Sakemm ma tkunx diġà tinsab fil-Parti I tal-formola ta' notifika ġenerali u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura/i tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dak huwa l-każ, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna *ad hoc* jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata.

.....

25. Jekk il-punt 56 tas-CEEAG ikun applikabbli, jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija skont il-miżura/i għal proġett jew attività mhux se jwassal għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess skont il-punt 308 tas-CEEAG. Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

.....

26. F'każ li l-punt 57 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni ([377]) mmaniġġjat ċentralment (li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed.

.....

2.3. **Trasparenza**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-62) tas-CEEAG.

27. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

.....

28. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link(s) tal-internet fejn se jiġu ppubblikati t-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u l-informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

.....

2.4. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.2 tas-CEEAG, sa fejn din tkun applikabbli għall-miżura/i.

29. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima 3.2.2 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iddeskrivi kif il-miżura/i timmitiga/jimmitigaw kwalunkwe effett manifestament negattiv fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

.....

30. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 70 tas-CEEAG:

(a) Jekk ma tkunx għadek għamiltha bi tweġiba għall-mistoqsija 20 ta' hawn fuq, jekk jogħġbok ikkonferma li t-tul ta' żmien tal-iskema huwa ta' massimu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli.

.....

([377]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri.

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li estensjoni tat-tul ta' żmien tal-miżura lil hinn minn dak il-perjodu massimu, tkun tirrikjedi notifika ġdida tal-miżura/i.

……

3. L-IBBILANĊJAR TAL-EFFETTI POŻITTIVI TAL-GĦAJNUNA MAL-EFFETTI NEGATTIVI FUQ IL-KOMPETIZZJONI U L-KUMMERĊ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.3 (il-punti 71-76) tas-CEEAG, sa fejn din tkun applikabbli għall-miżura/i.

31. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima 3.3 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iġġustifika kif b'mod ġenerali l-effetti pożittivi tal-miżura/i jisbqu l-effetti negattivi.

……

(b) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-punt 75 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk il-miżura/i tinkludix/jinkludux karatteristiċi li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar dawk il-karatteristiki u ġġustifika kif l-effetti pożittivi tal-iżgurar tal-parteċipazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-SMEs fil-miżura/i jisbqu l-effetti distorsivi possibbli.

……

(c) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-punt 76(c) tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk il-miżura/i ta' għajnuna hijiex/humiex soġġetta/i għal limitu ta' żmien.

……

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 76(a) u t-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

32. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew ehmeż Anness ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari li jinkludi abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG. ([378])

……

33. Jekk jiġi pprovdut abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) ipprovdi sommarju hawn taħt, ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

……

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rrispettat.

……

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

……

34. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

……

([378]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

35. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

……

36. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew jekk hux se jintgħażel fil-futur.

……

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

……

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

……

37. Sabiex tiġi vvalutata ulterjorment il-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi proposti tal-Istat Membru għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok kun af li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fiż-żmien debitu biex tkun tista' tiġi vvalutata l-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna, u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel ma tiskadi, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D: Ir-rapportar u l-monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464-465) tas-CEEAG.

38. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ previsti fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.I

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.7.2 – Għajnuna għall-ħarsien tal-ambjent fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi jew imposti parafiskali

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tirrigwarda l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.7.2 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għall-protezzjoni ambjentali li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, jekk jogħġbok spjega jekk dan jistax jirriżulta f'xi distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

……

2. Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-iskema ta' għajnuna hija ppjanata li tidħol fis-seħħ;

……

2.2. Jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tal-iskema ([379]).

……

3. Benefiċjarju/i

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i;

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istat Membru rispettiv jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna hix tingħata skont il-miżura/i favur l-impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

5. Baġit u finanzjament tal-miżura/i.

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv ([380]).

……

([379]) Jekk jogħġbok kun af li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (inkluż għalhekk iż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet nazzjonali japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

([380]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

5.2. jekk il-miżura (jiġifieri t-tnaqqis tat-taxxa/parafiskali) hija ffinanzjata permezz ta' imposta, jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) l-imposta hijiex stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

……

(b) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

……

(c) il-miżura notifikata hijiex se tkun ta' benefiċċju b'mod indaqs għall-prodotti domestiċi u dawk importati;

……

(d) l-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

……

(e) l-imposta li tiffinanzja l-miżura notifikata tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

……

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsimiet 4.7.2.1 (il-punt 310) u 4.7.2.2 (il-punti 311-313) tas-CEEAG.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "*għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni*". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, jekk jogħġbok identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati b'riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet huwa appoġġat.

……

7. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok "iddeskrivi jekk l-għajnuna hix se tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan".

……

8. Barra minn hekk, skont it-Taqsima tas-CEAAG li taħtha jaqgħu l-attivitajiet appoġġati, jekk jogħġbok enfasizza sa liema punt l-għajnuna hija relatata mal-objettivi u/jew il-politiki deskritti fil-punt 135 tas-CEEAG (għat-Taqsima 4.2), il-punti 160-161 tas-CEEAG (għat-Taqsima 4.3.1), il-punti 190-191 tas-CEEAG (għat-Taqsima 4.3.2), il-punti 217-219 tas-CEEAG (għat-Taqsima 4.4), il-punti 253-254 tas-CEEAG (għat-Taqsima 4.5) jew il-punti 276-278 tas-CEEAG (għat-Taqsima 4.6).

……

9. Skont il-punt 311 tas-CEEAG, u skont it-Taqsima tas-CEEAG li taħtha jaqgħu l-attivitajiet appoġġati, ipprovdi informazzjoni dwar l-ambitu preċiż u l-attivitajiet appoġġati preċiżi tal-miżura/i ta' għajnuna billi timla l-mistoqsija/i li ġejja/ġejjin tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti. Għall-attivitajiet li jaqgħu taħt it-Taqsima:

☐ 4.2 (il-mistoqsijiet 9-12 tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti)

☐ 4.3.1 (il-mistoqsija 10 tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti)

☐ 4.3.2 (il-mistoqsija 10 tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti)

☐ 4.4 (il-mistoqsijiet 11-13 tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti)

☐ 4.5 (il-mistoqsijiet 10-15 tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti)

☐ 4.6 (il-mistoqsijiet 10-12 tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti)

……

10. Jekk jogħġbok indika jekk l-attivitajiet appoġġati primarjament għandhomx objettiv ta' dekarbonizzazzjoni. Jekk il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra huma l-objettiv predominanti tal-miżura ta' għajnuna, jekk jogħġbok irreferi għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għat-Taqsima 4.1 tas-CEEAG f'konformità mal-punt 312 tas-CEEAG, peress li tali għajnuna hija vvalutata fuq il-bażi tat-Taqsima 4.1 tas-CEEAG.

……

11. Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tat-taxxi u/jew l-imposti parafiskali li se jitnaqqsu (inkluż l-iskop tagħhom, kif jiġu imposti fuq il-bażi, ir-rata u l-entitajiet involuti fl-istabbiliment u r-rieżami tar-rata kif ukoll fil-ġbir u l-ġestjoni tad-dħul iġġenerat). Fuq din il-bażi, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-punt 313 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-miżura proposta ma tinvolvix tnaqqis fit-taxxi jew fl-imposti li jirriflettu l-kostijiet essenzjali tal-provvista tal-enerġija jew ta' servizzi relatati, bħal tariffi tan-network jew imposti li jiffinanzjaw mekkaniżmi ta' kapaċità. Barra minn hekk, jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura ma tkoprix tnaqqis mill-imposti fuq il-konsum tal-elettriku li jiffinanzja objettiv tal-politika tal-enerġija.

……

12. Jekk jogħġbok iddeskrivi r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà applikabbli għall-benefiċjarju/i (pereżempju billi tinkludi kwalunkwe rekwiżit tekniku, ambjentali (jiġifieri permessi), finanzjarji (jiġifieri kollaterali) jew rekwiżiti oħra li l-benefiċjarju/i jeħtieġ li jikkonforma/jikkonformaw magħhom).

……

1.2. **Effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti 26-32) u t-Taqsima 4.7.2.3 (il-punti 315-316) tas-CEEAG.

13. L-għajnuna tista' titqies li tiffaċilita attività ekonomika biss jekk ikollha effett ta' inċentiv. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 26 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i *"ġġieħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaqha mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti"*.

……

14. Skont il-punti 28 u 315 tas-CEEAG:

14.1. Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju fattwali li mistenni jirriżulta mill-miżura ta' għajnuna u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli fin-nuqqas tal-miżura ta' għajnuna. ([381]) Fejn taħseb li kategoriji differenti ta' benefiċjarji jistgħu jiġu appoġġati, jekk jogħġbok żgura li l-kontrofattwali jkun kredibbli għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

Jekk jogħġbok ikkunsidra r-rekwiżiti rigward il-kontrofattwali inklużi fil-punti 165-169 tas-CEEAG (għall-proġetti u l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 4.3.1) u 226-230 tas-CEEAG (għall-proġetti u l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsimiet 4.4 u 4.5) u wieġeb għall-mistoqsijiet mill-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva għat-Taqsimiet 4.3.1, 4.4 jew 4.5.

.....

14.2. Jekk jogħġbok spjega fil-qosor ir-raġunament għall-għażla tax-xenarju/i kontrofattwali probabbli, fid-dawl tal-kategoriji differenti proposti ta' benefiċjarji, jekk applikabbli;

.....

14.3. Jekk jogħġbok ikkwantifika l-kostijiet u d-dħul tax-xenarji fattwali u kontrofattwali u ġġustifika l-bidla fl-imġiba, fejn rilevanti għal kull kategorija ta' benefiċjarju, billi tqabbel il-profittabbiltà tal-proġett jew tal-attività ta' referenza ([382]) bit-tnaqqis tat-taxxa jew tal-imposta parafiskali u mingħajru ([383]), abbażi ta':

(a) il-proġett ta' referenza rispettiv, il-kontrofattwali korrispondenti u d-diskrepanza fil-finanzjament li tirriżulta ([384]);

.....

JEW

(b) data ekwivalenti.

.....

15. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 27 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma li l-għajnuna ma tappoġġax il-kostijiet ta' attività li l-benefiċjarju tal-għajnuna xorta waħda kien iwettaq u ma tikkumpensax għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika.

.....

([381]) Jekk jogħġbok kun af li l-punti 38 u 52, kif ukoll in-noti 39 u 45 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG jipprovdu gwida ulterjuri dwar kif għandu jiġi żviluppat ix-xenarju kontrofattwali probabbli.

([382]) "Proġett ta' referenza" huwa definit fil-punt 19(63) tas-CEEAG.

([383]) Pereżempju, jekk il-miżura tikkonsisti fi tnaqqis tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-karozzi fuq il-karozzi elettriċi, l-Istat Membru l-ewwel ikollu jqabbel il-profittabbiltà tal-proġett ta' referenza (l-akkwist ta' flotta ta' karozzi elettriċi) u l-proġett kontrofattwali (eż. l-akkwist ta' flotta ta' karozzi tal-petrol) li japplika fiż-żewġ xenarji t-taxxa normali tar-reġistrazzjoni tal-karozzi. Sussegwentement, l-Istat Membru mbagħad irid juri li t-tnaqqis fit-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-karozzi għall-karozzi elettriċi jinċentiva lill-benefiċjarju biex jakkwista l-flotta tal-karozzi elettriċi billi jipparaguna l-profittabbiltà tal-proġett ta' referenza mat-tnaqqis fit-taxxa (jiġifieri l-akkwist ta' flotta ta' karozzi elettriċi bit-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-karozzi mnaqqsa) u l-profittabbiltà tal-proġett kontrofattwali (jiġifieri l-akkwist ta' flotta ta' karozzi li jaħdmu bil-petrol bir-rata normali tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-karozzi). Eżempju ieħor jista' jkun miżura li tikkonsisti fi tnaqqis ta' 40 % fil-kostijiet addizzjonali mill-bażi tal-introjtu taxxabbli minbarra d-deprezzament standard għall-finijiet tat-taxxa għal investimenti f'makkinarju li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. F'dak il-każ, l-Istat Membru jkollu jqabbel il-profittabbiltà tal-proġett ta' referenza (l-akkwist ta' makkinarju li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent) u l-proġett kontrofattwali (eż. l-akkwist ta' makkinarju standard) billi japplika fiż-żewġ xenarji r-regoli standard ta' deprezzament għal finijiet ta' taxxa u l-istess perjodu ta' deprezzament. Sussegwentement, l-Istat Membru jrid juri li t-tnaqqis addizzjonali ta' 40 % tal-kost tal-investiment tal-makkinarju li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent mill-bażi taxxabbli (għalhekk f'deprezzament totali ta' 140 % tal-kostijiet tul il-ħajja tal-makkinarju) jinċentiva lill-benefiċjarju jakkwista din il-verżjoni aktar għalja. Dan jista' jitwettaq billi jsir paragun bejn il-profittabbiltà tal-proġett ta' referenza mat-tnaqqis fit-taxxa (jiġifieri l-ammont finali ta' taxxa dovuta wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis addizzjonali għall-bażi tat-taxxa) u l-profittabbiltà tal-proġett kontrofattwali (jiġifieri l-ammont finali ta' taxxa dovuta wara l-applikazzjoni tar-regoli standard ta' deprezzament għall-bażi taxxabbli).

([384]) Ara l-eżempji pprovduti fin-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

16. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29, 31 u 316 tas-CEEAG, indika jekk il-proġett jew l-attività nbdewx diġà qabel applikazzjoni għall-għajnuna bil-miktub mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali.

……

17. Għal proġetti jew attivitajiet li bdew qabel ma ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok:

(a) ikkonferma li l-miżura tistabbilixxi dritt għall-għajnuna f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u mingħajr eżerċizzju ulterjuri ta' diskrezzjoni mill-Istati Membri u li l-miżura tkun ġiet adottata u tkun fis-seħħ qabel ma tkun bdiet il-ħidma fuq il-proġett jew l-attività megħjuna;

JEW

(b) F'każ li l-proġett jew l-attività jkunu diġà bdew qabel applikazzjoni għall-għajnuna bil-miktub u qabel l-adozzjoni u/jew id-dħul fis-seħħ tal-miżura, ikkonferma li l-proġett jew l-attività kienu diġà koperti minn skema simili preċedenti fil-forma ta' vantaġġi fiskali jew parafiskali

JEW

(c) juru li l-proġett jew l-attività jaqgħu taħt wieħed mill-każijiet eċċezzjonali previsti fil-punt 31 tas-CEEAG (b) jew (c).

……

18. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

……

19. Sabiex turi l-konformità mal-punt 32 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([385]) applikabbli għall-miżura/i notifikata/i, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni.

F'dak il-kuntest, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi l-effett ta' inċentiv.

……

(b) F'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-Unjoni jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu mhux fis-seħħ, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv għaliex tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma l-istandard jidħol fis-seħħ.

……

(c) Għal proġetti u attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 4.2, jekk jogħġbok spjega jekk proġetti b'perjodu ta' ħlas lura ([386]) ta' inqas minn ħames snin humiex eliġibbli għall-għajnuna taħt il-miżura/i. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza biex turi li l-għajnuna hija meħtieġa biex tiskatta bidla fl-imġiba, kif meħtieġ mill-punt 142 tas-CEEAG.

……

([385]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:

(a) *standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, esklużi standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;*

(b) *l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux ogħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.*

([386]) Il-perjodu ta' ħlas lura huwa l-ammont ta' żmien biex jiġi rkuprat il-kost ta' investiment (mingħajr għajnuna).

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

20. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

……

21. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 5.2 ta' hawn fuq, fejn il-miżura/i notifikata/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta.

……

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Neċessità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.1 (il-punti 34-38) tas-CEEAG.

22. Jekk jogħġbok spjega liema falliment(i) tas-suq identifikaw l-awtoritajiet tiegħek li jipprevjeni/u l-kisba ta' livell suffiċjenti ta' ħarsien tal-ambjent. Jekk jogħġbok speċifika f'liema kategorija jaqgħu l-fallimenti tas-suq identifikati, billi tagħmel referenza għall-ittri (a), (b), (c) jew (d) tal-punt 34 tas-CEEAG.

……

23. F'konformità mal-punt 35 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe politika u miżura eżistenti li l-awtoritajiet tiegħek identifikaw, li diġà għandhom fil-mira l-fallimenti regolatorji jew tas-suq identifikati.

……

24. Sabiex turi l-konformità mal-punt 36 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni li turi li l-għajnuna għandha fil-mira b'mod effettiv il-fallimenti residwi tas-suq, filwaqt li tqis ukoll kwalunkwe politika u miżura oħra diġà fis-seħħ biex tindirizza wħud mill-fallimenti tas-suq identifikati.

……

25. Sabiex turi l-konformità mal-punt 37 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk, sa fejn jafu l-awtoritajiet tiegħek, proġetti jew attivitajiet simili għal dawk koperti mill-miżura/i notifikata/i fir-rigward tal-kontenut teknoloġiku, il-livell ta' riskju u d-daqs tagħhom, humiex diġà mwassla fl-Unjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi evidenza ulterjuri biex turi l-ħtieġa għal għajnuna mill-Istat.

……

26. Sabiex turi l-konformità mal-punt 38 tas-CEEAG, jekk jogħġbok irreferi għall-evidenza kwantitattiva diġà pprovduta fil-mistoqsija 14(c) ta' hawn fuq.

……

2.1.2. *Adegwatezza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.2 (il-punti 39-46) tas-CEEAG.

27. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 40 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li ma hemmx strumenti inqas distorsivi disponibbli li huma aktar xierqa.

……

28. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 41 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-miżura ta' għajnuna hija mfassla b'tali mod li ma ddgħajjifx l-effiċjenza ta' miżuri oħra li jirrimedjaw l-istess falliment tas-suq, bħal mekkaniżmi bbażati fuq is-suq (pereżempju, l-EU ETS).

……

29. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 42 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-ebda wieħed mill-benefiċjarji tal-miżura/i ta' għajnuna ma seta' jinżamm responsabbli għat-tniġġis taħt id-dritt eżistenti tal-Unjoni jew nazzjonali (*il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"*).

……

30. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti minn 43 sa 46 tas-CEEAG, biex turi l-adegwatezza tal-għajnuna fost strumenti ta' għajnuna differenti, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Jekk jogħġbok spjega għaliex forom oħra ta' għajnuna li potenzjalment jiġġeneraw inqas distorsjoni huma inqas adegwati, kif meħtieġ fil-punt 44 tas-CEEAG.

……

(b) Uri li l-għażla tal-istrument ta' għajnuna hija xierqa għall-falliment tas-suq li l-miżura/i ta' għajnuna għandha l-għan li tindirizza, kif meħtieġ fil-punt 45 tas-CEEAG.

……

(c) Jekk jogħġbok spjega kif il-miżura ta' għajnuna u t-tfassil tagħha huma xierqa sabiex jintlaħaq l-objettiv tagħha (il-punt 46 tas-CEEAG).

……

2.1.3. *Proporzjonalità*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.7.2.4 (il-punti 318-320) tas-CEEAG.

31. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 318 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi li l-għajnuna ma taqbiżx l-ammont normali tat-taxxa jew tal-imposta li altrimenti kien ikun applikabbli.

……

32. F'każijiet fejn it-tnaqqis tat-taxxa jew tal-imposta parafiskali huwa marbut mal-kostijiet tal-investiment, skont it-Taqsima tas-CEAAG li taħtha jaqgħu l-attivitajiet appoġġati, iddeskrivi f'konformità mal-punt 319 tas-CEEAG kif se jiġi żgurat li l-għajnuna ma taqbiżx l-intensitajiet tal-għajnuna applikabbli u l-ammonti massimi tal-għajnuna:

☐ Għat-Taqsima 4.2 (il-punti 146-151 tas-CEEAG)

☐ Għat-Taqsima 4.3.1 (il-punti 177-180 tas-CEEAG)

☐ Għat-Taqsima 4.3.2 (il-punti 200-204 tas-CEEAG

☐ Għat-Taqsima 4.4 (il-punti 239-245 tas-CEEAG)

☐ Għat-Taqsima 4.5 (il-punti 265-271 tas-CEEAG)

☐ Għat-Taqsima 4.6 (il-punti 288-291 tas-CEEAG)

Għall-intensitajiet massimi tal-għajnuna u l-ammonti massimi tal-għajnuna, jekk jogħġbok imla l-mistoqsijiet mill-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva għat-Taqsima rilevanti.

33. F'każijiet fejn it-tnaqqis tat-taxxa jew tal-imposta parafiskali jnaqqas il-kostijiet operatorji rikorrenti, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 320 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iddeskrivi kif se jiġi żgurat li l-ammont tal-għajnuna mhuwiex se jaqbeż id-differenza bejn il-kostijiet tal-proġett jew tal-attività ekoloġika u tax-xenarju kontrofattwali inqas ekoloġiku. Jekk jogħġbok agħti wkoll dettalji dwar kif se jitqies l-iffrankar potenzjali tal-kostijiet u/jew ir-rikavat addizzjonali tal-proġett ekoloġiku.

……

2.1.4. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-62) tas-CEEAG.

34. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

……

35. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġu ppubblikati t-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u l-informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000, fejn l-ammonti ta' għajnuna individwali jistgħu jiġu ppubblikati f'medda kif stabbilit fil-punt 60 tas-CEEAG.

……

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.2 (il-punti 63-70) u t-Taqsima 4.7.2.5 (il-punti 322-324) tas-CEEAG.

36. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 67 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti negattivi possibbli fuq terminu qasir u twil tal-miżura/i notifikata/i fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

37. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura taqax taħt xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) Se tkun ta' benefiċċju biss għal benefiċjarju wieħed jew għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji;

……

(b) Hija mmirata lejn suq (jew swieq) fejn l-operaturi stabbiliti kisbu saħħa fis-suq qabel il-liberalizzazzjoni tas-suq.

……

38. Jekk il-miżura ta' għajnuna tiffoka fuq għażla/perkors teknoloġiku speċifiku, jekk jogħġbok iġġustifika r-raġuni għall-għażla teknoloġika u li mhux se tiskoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji aktar nodfa.

……

39. Jekk il-miżura/i notifikata/i se tibbenefika/jibbenefikaw biss minn benefiċjarju wieħed jew minn għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 68 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) Spjega jekk il-miżura/i notifikata/i ssaħħaħx/jsaħħux jew iżżommx/iżommux is-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju/i jew tiskoraġġixxix/jiskoraġġixxux l-espansjoni tal-kompetituri eżistenti jew twassalx/iwasslux għall-ħruġ tagħhom jew tiskoraġġixxi/jiskoraġġixxux id-dħul ta' kompetituri ġodda. F'dan ir-rigward spjega wkoll jekk il-miżura ta' għajnuna twassalx għal żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-benefiċjarju.

……

(b) Iddeskrivi l-miżura/i stabbilita/i biex tillimita d-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għoti tal-għajnuna lill-benefiċjarju/i.

……

40. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 69 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega:

(a) Jekk l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għandha l-għan li tippreserva l-attività ekonomika f'reġjun wieħed jew tiġbed lejha lil hinn minn reġjuni oħra fis-suq intern.

……

(b) Jekk iva, speċifika liema huwa l-effett ambjentali nett tal-miżura/i notifikata/i u kif il-miżura/i notifikata/i ttejjeb il-livell eżistenti ta' protezzjoni ambjentali fl-Istati Membri.

……

(c) Kif l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i ma tirriżultax f'effetti manifestament negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

……

41. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 70 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata taħt l-iskema notifikata għal perjodu massimu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li, jekk l-awtoritajiet tiegħek jixtiequ jestendu t-tul ta' żmien tal-iskema lil hinn minn dak il-perjodu massimu, huma se jirrinotifikaw il-miżura.

……

42. Iddeskrivi kif huwa żgurat li tingħata l-għajnuna, f'konformità mal-punt 322 tas-CEEAG, bl-istess mod għall-impriżi eliġibbli kollha li joperaw fl-istess settur ta' attività ekonomika li jinsabu fl-istess sitwazzjoni fattwali jew f'sitwazzjoni fattwali simili fir-rigward tal-għanijiet jew l-objettivi tal-miżura ta' għajnuna.

……

43. Għal skemi li ilhom għaddejjin għal aktar minn 3 snin, iddeskrivi f'konformità mal-punt 323 tas-CEEAG il-monitoraġġ li se jsir biex jiġi żgurat li l-għajnuna tibqa' meħtieġa u kkonferma li l-iskema se tkun soġġetta għal eżerċizzju ta' verifika mill-inqas kull 3 snin.

……

44. Skont il-punt 324 tas-CEEAG, u skont it-Taqsima tas-CEEAG li taħtha jaqgħu l-attivitajiet appoġġati, imla l-mistoqsija/iet li ġejja/ġejjin tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti. Għall-proġetti li jaqgħu taħt it-Taqsima:

☐ 4.2 (il-mistoqsija 52 tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti).

☐ 4.3.1 (il-mistoqsijiet 49-52 tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti).

☐ 4.3.2 (il-mistoqsijiet 46-55 tal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rilevanti).

……

3. L-IBBILANĊJAR TAL-EFFETTI POŻITTIVI TAL-GĦAJNUNA MAL-EFFETTI NEGATTIVI FUQ IL-KOMPETIZZJONI U L-KUMMERĊ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.3 (il-punti 71-76) tas-CEEAG.

45. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 72 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega jekk l-attivitajiet appoġġati taħt il-miżura notifikata jissodisfawx il-kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([387]), inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", jew metodoloġiji paragunabbli oħra.

.....

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

46. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew ehmeż Anness ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari li jinkludi abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG ([388]).

.....

47. Jekk jiġi pprovdut abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

.....

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rrispettat.

.....

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

.....

48. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

.....

49. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

.....

50. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew jekk hux se jintgħażel fil-futur.

.....

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

.....

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

.....

([387]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

([388]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

51. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi proposti tiegħek għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok innota li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel l-iskadenza tagħha, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D Rappurtar u monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464 u 465) tas-CEEAG.

52. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.J

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.8 – Għajnuna għas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku

Din il-formola ta' notifika tikkonċerna l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.8 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li jkunu koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok qis li timla wkoll il-formola ta' notifika rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi mal-formola ta' notifika jridu jiġu enumerati u n-numru tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din formola ta' notifika.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali tal-miżura.

……

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kull objettiv li ma jikkonċernax is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku jew il-ħarsien tal-ambjent, spjega jekk dan jistax jirriżulta f'xi distorsjoni fis-suq intern.

……

2. Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-miżura/i hija ppjanata li tidħol fis-seħħ/huma ppjanati li jidħlu fis-seħħ;

……

2.2. Jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tal-miżura/i. ([389])

……

3. Benefiċjarju/i

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i.

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istati Membri rispettivi jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, speċifika jekk l-għajnuna tingħatax skont il-miżura favur impriża (individwali jew parti minn skema) li tkun soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat biex il-Kummissjoni tqisu fil-valutazzjoni tal-miżura notifikata.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

5. Baġit

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv. ([390])

……

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsimiet 4.8.1 u 4.8.2 (il-punti 325-328) tas-CEEAG.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

([389]) Jekk jogħġbok kun af li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u titħieħed deċiżjoni dwarha (inkluż għalhekk iż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet nazzjonali japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

([390]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati b'riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet jiġi se appoġġat. Il-punt 328 tas-CEEAG jipprovdi eżempji ta' tali attivitajiet ekonomiċi li jikkonċernaw miżuri li għandhom l-għan li jżidu s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku.

……

7. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok "iddeskrivi jekk l-għajnuna hix se tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan".

……

8. Jekk jogħġbok iddeskrivi r-rekwiżiti applikabbli għall-benefiċjarju/i (pereżempju billi tinkludi kull rekwiżit tekniku, ambjentali (jiġifieri permessi), finanzjarju (jiġifieri kollaterali) jew rekwiżiti oħra li l-benefiċjarju/i jeħtieġ li jikkonforma/jikkonformaw magħhom).

……

9. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar ir-raġunament tal-miżura, kif previst fit-Taqsima 4.8.1. (il-punt 325) tas-CEEAG.

……

10. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura, kif previst fit-Taqsima 4.8.2. (il-punti 326-327) tas-CEEAG.

……

1.2. **Effett tal-inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 329 u t-Taqsima 3.1.2 (il-punti 29, 30, 31 u 32) tas-CEEAG.

11. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29 u 31 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività ma seħħx qabel applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali;

……

JEW

(b) Għall-proġetti li bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok uri li l-proġett jaqa' f'wieħed mill-każijiet eċċezzjonali pprovduti fil-punt 31 tas-CEEAG ((a), (b) jew (c)).

……

12. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

……

13. Sabiex turi l-konformità mal-punt 32 tas-CEEAG, jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([391]) applikabbli għall-miżura notifikata, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji li ġew adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi l-effett ta' inċentiv.

……

14. F'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-Unjoni jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu mhux fis-seħħ, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv għaliex tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma l-istandard jidħol fis-seħħ.

……

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

15. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG (ara pereż. il-mistoqsija 49 dwar il-konformità mar-Regolament (UE) 2019/943).

……

16. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i (ara l-mistoqsija 54 ta' hawn taħt), jekk jogħġbok iċċara jekk:

……

(a) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

……

(b) il-miżura notifikata tkunx ta' benefiċċju kemm għall-prodotti domestiċi kif ukoll għal dawk importati.

……

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Neċessità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.8.4.1 (il-punti 331-339 tas-CEEAG).

17. Il-punt 331 tas-CEEAG jipprevedi li n-natura u l-kawżi tal-problema tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, u għalhekk tal-ħtieġa ta' għajnuna mill-Istat biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, jridu jiġu analizzati u kkwantifikati kif xieraq, inkluż meta u fejn il-problema tkun mistennija li tinqala' b'referenza fejn applikabbli għall-istandard ta' affidabbiltà kif definit fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/943.

Jekk jogħġbok ipprovdi analiżi li tidentifika u tikkwantifika l-problema tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. Jekk jogħġbok ipprovdi fit-tweġiba, dettalji fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punti minn 331 sa 333 tas-CEEAG.

……

([391]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:

(a) *standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, eskluż standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;*

(b) *l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux ogħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.*

18. F'konformità mal-punt 334 tas-CEEAG u għall-miżuri relatati mar-riskju ta' kriżijiet tal-elettriku, jekk jogħġbok ipprovdi l-pjan nazzjonali tat-tħejjija għar-riskji previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/941 li fih jenħtieġ li tiġi identifikata l-miżura proposta.

……

19. F'konformità mal-punt 335 tas-CEEAG u fil-każ ta' proposta biex jiġu introdotti diversi miżuri mmirati lejn is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, spjega b'mod ċar kif dawn jinteraġixxu ma' xulxin biex jiżguraw il-kosteffettività ġenerali tal-miżuri kkombinati għall-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista, pereżempju fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' kapaċità, billi tispjega kif jilħqu l-istandard ta' affidabbiltà (iżda ma jmorrux lil hinn minnu) msemmi fil-punt 331.

……

20. F'konformità mal-punt 336 tas-CEEAG, identifika l-falliment(i) regolatorju/i jew tas-suq, flimkien ma' kwistjonijiet oħra li jipprevjenu livell suffiċjenti ta' sigurtà tal-provvista tal-elettriku (u ta' protezzjoni ambjentali jekk rilevanti) fin-nuqqas ta' intervent.

……

21. F'konformità mal-punt 337 tas-CEEAG, identifika l-miżuri eżistenti li diġà huma mmirati lejn il-falliment(i) regolatorji jew tas-suq jew kwistjonijiet oħra identifikati fil-punt 336. Sa fejn ikun adattat, tista' tirreferi għall-evidenza diġà pprovduta bi tweġiba għall-mistoqsija 16 ta' hawn fuq.

……

22. F'konformità mal-punt 338 tas-CEEAG, uri r-raġunijiet għaliex is-suq ma jistax ikun mistenni li jipprovdi sigurtà tal-provvista tal-elettriku mingħajr għajnuna mill-Istat, waqt li jitqiesu r-riformi tas-suq u t-titjib ippjanati mill-Istat Membru, u l-iżviluppi teknoloġiċi.

……

23. Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja stabbilita fil-punt 339 tas-CEEAG:

(a) Valutazzjonijiet tal-impatt tal-ġenerazzjoni varjabbli, inkluża dik li toriġina minn sistemi fl-inħawi.

……

(b) Valutazzjoni tal-impatt tal-parteċipazzjoni fin-naħa tad-domanda u fil-ħżin, inkluża deskrizzjoni tal-miżuri biex tiġi inkoraġġuta l-ġestjoni tad-domanda.

……

(c) Valutazzjoni tal-eżistenza attwali jew potenzjali ta' interkonnetturi u ta' infrastruttura ewlenija ta' grilja tat-trażmissjoni interna, inkluża deskrizzjoni tal-proġetti previsti u tal-proġetti għaddejjin.

……

(d) Valutazzjoni ta' kull element ieħor li jista' jikkaġuna jew jiggrava l-problema tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, bħal limiti massimi fuq il-prezzijiet bl-ingrossa jew fallimenti regolatorji jew fallimenti oħra tas-suq. Fejn applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdi u qis il-pjan ta' implimentazzjoni għall-miżuri li jeliminaw kull distorsjoni regolatorja jew falliment tas-suq li jkunu ġew identifikati, kif ukoll l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar tali pjan ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 20(3) u (5) tar-Regolament (UE) 2019/943.

……

(e) Kull kontenut rilevanti fi pjan ta' azzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/943.

……

2.1.2. *Adegwatezza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.8.4.2 (il-punti 341-342) tas-CEEAG.

24. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 341 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok spjega liema modi alternattivi tqiesu biex tinkiseb is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, b'mod partikolari disinn tas-suq tal-elettriku aktar effiċjenti li jista' jtaffi l-fallimenti tas-suq li jimminaw is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. F'dan ir-rigward, il-punt 341 tas-CEEAG jipprovdi eżempji ta' titjib fid-disinn tas-suq tal-elettriku (it-titjib tal-funzjonament tal-issetiljar tal-iżbilanċ tal-elettriku, integrazzjoni aħjar tal-ġenerazzjoni varjabbli, l-inċentivar u l-integrazzjoni tar-rispons u l-ħżin fin-naħa tad-domanda, il-possibbiltà ta' sinjali tal-prezzijiet effiċjenti, it-tneħħija ta' ostakli għall-kummerċ transfruntier, u t-titjib tal-infrastruttura, inkluża l-interkonnessjoni).

……

(b) Uri li minkejja titjib xieraq u proporzjonat fid-disinn tas-suq u fl-investimenti fl-assi tan-network, kemm jekk diġà implimentati kif ukoll jekk ippjanati, għad hemm tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista (il-punt 341 tas-CEEAG).

……

25. Fir-rigward tal-miżuri ta' konġestjoni tan-network, jekk jogħġbok spjega wkoll kif l-effiċjenza tal-miżuri ta' dispaċċ mill-ġdid qiegħda tittejjeb f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/943 (il-punt 342 tal-EEAG).

……

2.1.3. *Eliġibbiltà*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.8.4.3 (il-punti 343-346) tas-CEEAG.

26. Sabiex turi l-konformità mal-punt 343 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura se tkun miftuħa għall-benefiċjarji jew għall-proġetti kollha li teknikament kapaċi jikkontribwixxu b'mod effiċjenti għall-kisba tal-objettiv tas-sigurtà tal-provvista (eż. il-ġenerazzjoni, il-ħżin, ir-rispons tad-domanda, l-aggregazzjoni ta' unitajiet żgħar fi blokok akbar).

……

27. F'konformità mal-punt 344 tas-CEEAG, spjega jekk hemmx xi limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni fil-miżura tas-sigurtà tal-provvista proposta li jkollhom l-għan li jiżguraw li l-miżura ma ddgħajjifx il-protezzjoni ambjentali.

……

28. Jekk il-miżura tas-sigurtà tal-provvista notifikata tinkludi kriterji jew karatteristiċi addizzjonali biex tippromwovi l-parteċipazzjoni ta' teknoloġiji aktar ekoloġiċi (jew tnaqqas il-parteċipazzjoni ta' teknoloġiji li jniġġsu) meħtieġa biex jappoġġaw it-twettiq tal-objettivi tal-protezzjoni ambjentali tal-Unjoni, uri li tali kriterji jew karatteristiċi addizzjonali huma oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji fir-rigward tal-objettivi ta' protezzjoni ambjentali identifikati b'mod ċar, u li mhux se jirriżultaw f'kumpens żejjed tal-benefiċjarji (il-punt 345 tas-CEEAG).

……

29. Konformi mal-punt 346 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok indika jekk il-miżura għas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku tridx tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni transfruntiera diretta ta' forniturituri tal-kapaċità li jinsabu fi Stat Membru ieħor. Jekk le, ipprovdi ġustifikazzjoni.

……

(b) Uri li l-kapaċità barranija li kapaċi tipprovdi prestazzjoni teknika ekwivalenti għall-kapaċitajiet domestiċi, ikollha l-opportunità li tipparteċipa fl-istess proċess kompetittiv tal-kapaċità domestika.

……

(c) Jekk applikabbli, uri l-konformità mar-regoli rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2019/943 dwar il-parteċipazzjoni transfruntiera fil-mekkaniżmi ta' kapaċità.

……

2.1.4. *Konsultazzjoni pubblika*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.8.4.4 (il-punti 348-351) tas-CEEAG.

30. Jekk jogħġbok spjega jekk il-miżura teħtieġx konsultazzjoni pubblika skont it-Taqsima 4.8.4.4, u jekk le, għalfejn.

……

31. Jekk il-miżura teħtieġ konsultazzjoni pubblika:

(a) Speċifika t-tul ta' żmien tal-konsultazzjoni pubblika u pprovdi sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin koperti.

……

(b) F'konformità mar-rekwiżiti fil-punt 350 tas-CEEAG, ipprovdi l-indirizz tas-sit web pubbliku fejn se jiġu ppubblikati/ikunu ppubblikati l-kwestjonarji tal-konsultazzjonijiet u s-sommarju tat-tweġibiet riċevuti elaborat mill-awtoritajiet.

2.1.5. *Proporzjonalità*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.3 (il-punti 49-53 u 55) u t-Taqsima 4.8.4.5. (il-punti 353-357) tas-CEEAG. Jekk jogħġbok innota li ż-żewġ Taqsimiet 2.1.5.1. u 2.1.5.2. li ġejjin huma alternattivi. Jekk jogħġbok ipprovdi biss it-tweġibiet għat-Taqsima applikabbli, skont it-tfassil tal-miżura proposta

2.1.5.1. Proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.3 (il-punti 49, 50, 51, 52, 53 u 55) u l-punti 353, 354 u 356 tas-CEEAG.

Għall-għajnuna mogħtija mingħajr proċess kompetittiv ta' offerti, din it-Taqsima mhijiex applikabbli. Għal miżuri bħal dawn, jekk jogħġbok mur direttament fit-Taqsima 2.1.5.2.

32. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 353 tas-CEEAG, u f'każ li ma tkunx diġà pprovduta bi tweġiba għall-mistoqsija 16 ta' hawn fuq, jekk jogħġbok ipprovdi analiżi użata biex jiġi stabbilit il-livell tad-domanda fil-miżura notifikata tas-sigurtà tal-provvista abbażi tal-istandard ta' affidabbiltà jew tal-analiżi kost-benefiċċji. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-analiżi użata biex jiġi stabbilit il-livell tad-domanda ma tkunx aktar antika minn 12-il xahar fil-mument li fih jiġi stabbilit il-livell tad-domanda.

……

33. F'konformità mal-punt 354 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li ż-żmien meħtieġ bejn l-għoti tal-għajnuna u l-iskadenza sa meta jridu jitwettqu l-proġetti, se jippermetti l-kompetizzjoni effettiva bejn il-proġetti varji eliġibbli.

……

34. F'konformità mal-punt 356 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-benefiċjarji tal-miżuri tas-sigurtà tal-provvista se jkollhom inċentivi effiċjenti biex jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista matul il-perjodu tal-konsenja. Dawn l-inċentivi b'mod ġenerali għandhom ikunu relatati mal-valur tat-tagħbija mitlufa (VoLL, volume of lost load) kif determinat f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/943.

……

35. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 49 u 50 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi dan li ġej:

(a) Jekk jogħġbok spjega kif l-awtoritajiet jiżguraw li l-proċess ta' offerti jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju, abbażi ta' kriterji oġġettivi, definiti *ex ante* skont l-objettiv tal-miżura u li jimminimizzaw ir-riskju ta' offerti strateġiċi (il-punt 49(a) tas-CEEAG).

……

(b) Il-kriterji tal-għażla użati għall-klassifikazzjoni tal-offerti, u fl-aħħar mill-aħħar għall-identifikazzjoni tal-livell ta' għajnuna fil-proċess kompetittiv ta' offerti. B'mod aktar speċifiku:

(i) Jekk jogħġbok ipprovdi l-lista tal-kriterji tal-għażla u speċifika liema minnhom huma/mhumiex direttament jew indirettament relatati mal-objettivi ewlenin tal-miżura. Jekk jogħġbok indika l-ponderazzjoni tagħhom.

……

(ii) Jekk jogħġbok spjega kif il-kriterji tal-għażla jpoġġu l-kontribuzzjoni għall-objettivi ewlenin tal-miżura/i f'relazzjoni diretta jew indiretta mal-ammont tal-għajnuna mitlub mill-applikant. Dan jista' jiġi espress, pereżempju, f'termini ta' għajnuna għal kull unità ta' ħarsien tal-ambjent jew għajnuna għal kull unità ta' enerġija (il-punt 50 u n-nota 44 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(iii) F'każ li jkun hemm kriterji oħra tal-għażla li mhumiex relatati direttament jew indirettament mal-objettivi ewlenin tal-miżura/i, ipprovdi raġunijiet għall-approċċ propost u spjega kif huwa xieraq għall-objettivi segwiti mill-miżura/i. Jekk jogħġbok ikkonferma wkoll li dawk il-kriterji ma jirrappreżentawx aktar minn 30 % tal-ponderazzjoni tal-kriterji kollha tal-għażla (il-punt 50 tas-CEEAG).

……

(iv) Jekk jogħġbok spjega kemm qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ta' kull proċess kompetittiv ta' offerti se jiġu ppubblikati l-kriterji tal-għażla (il-punt 49(b) u n-nota 43 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

(c) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-baġit jew il-volum relatat mal-proċess tal-offerti huwa restrizzjoni vinkolanti fis-sens li huwa prevedibbli li mhux l-offerenti kollha se jirċievu għajnuna (il-punt 49(c) tas-CEEAG).

……

(d) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' sessjonijiet ta' offerti previsti u l-għadd mistenni ta' offerenti fl-ewwel ċiklu u matul iż-żmien.

……

(e) Fil-każ ta' proċess wieħed jew aktar ta' offerti mingħajr biżżejjed sottoskrizzjonijiet, jekk jogħġbok spjega kif it-tfassil tal-proċessi tal-offerti se jiġi kkoreġut matul l-implimentazzjoni tal-iskema sabiex terġa' tiġi stabbilita l-kompetizzjoni effettiva, u meta (il-punt 49(c) tas-CEEAG).

……

(f) Jekk jogħġbok ikkonferma li aġġustamenti *ex post* għall-eżitu tal-proċess ta' offerti (bħal negozjati sussegwenti dwar ir-riżultati tal-offerti jew ir-razzjonar) huma evitati (il-punt 49(d) tas-CEEAG).

……

(g) F'każ li jkun hemm possibbiltà ta' "*offerti mingħajr sussidju*", jekk jogħġbok spjega kif se tiġi żgurata l-proporzjonalità.

……

(h) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-awtoritajiet jipprevedux l-użu ta' prezzijiet minimi jew massimi fil-proċess kompetittiv ta' offerti. Jekk iva, jekk jogħġbok iġġustifika l-użu tagħhom u spjega kif dawn ma jillimitawx il-proċess kompetittiv ta' offerti ([392]) (il-punt 49 u n-nota 42 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG).

……

2.1.5.2. Il-proporzjonalità tal-għajnuna mhux mogħtija permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 51-55 u 353 sa 357 tas-CEEAG.

Din it-Taqsima ma tapplikax għal miżuri li fihom l-għajnuna tingħata permezz ta' proċess kompetittiv ta' offerti. Għal miżuri bħal dawn, jekk jogħġbok wieġeb għat-Taqsima 2.5.1.1 ta' hawn fuq minflok.

36. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 353 tas-CEEAG, u f'każ li ma tkunx diġà pprovduta bi tweġiba għall-mistoqsija 16 ta' hawn fuq, jekk jogħġbok ipprovdi analiżi użata biex jiġi stabbilit il-livell tad-domanda fil-miżura notifikata tas-sigurtà tal-provvista abbażi tal-istandard ta' affidabbiltà jew tal-analiżi kost-benefiċċji. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-analiżi użata biex jiġi stabbilit il-livell tad-domanda ma tkunx aktar antika minn 12-il xahar fil-mument li fih jiġi stabbilit il-livell tad-domanda.

……

37. F'konformità mal-punt 354 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li ż-żmien meħtieġ bejn l-għoti tal-għajnuna u l-iskadenza sa meta jridu jitwettqu l-proġetti, se jippermetti l-kompetizzjoni effettiva bejn il-proġetti varji eliġibbli.

……

38. F'konformità mal-punt 356 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-benefiċjarji tal-miżuri tas-sigurtà tal-provvista se jkollhom inċentivi effiċjenti biex jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista matul il-perjodu tal-konsenja. Dawn l-inċentivi b'mod ġenerali għandhom ikunu relatati mal-valur tat-tagħbija mitlufa (VoLL, volume of lost load) kif determinat f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/943.

……

39. Jekk jogħġbok spjega għaliex ma jintużax proċess kompetittiv ta' offerti (skont il-punt 355 tas-CEEAG).

……

40. Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, ipprovdi lista ta' proġetti ta' referenza u spjega għaliex dawn ġew definiti (spjega pereżempju li f'kull proġett ta' referenza l-kostijiet u d-dħul jistgħu jkunu mistennija li jkunu ġeneralment simili). Biex jiġi evitat kull dubju, proġett ta' referenza huwa proġett ta' eżempju li jkun rappreżentattiv tal-proġett medju f'kategorija ta' benefiċjarji eliġibbli għal skema ta' għajnuna (il-punt 19 (63) tas-CEEAG).

……

41. Skont il-punt 51 tas-CEEAG, għal kull proġett ta' referenza (fil-każ ta' skemi ta' għajnuna) jew għal kull benefiċjarju (fil-każ ta' għajnuna individwali), uri li l-għajnuna ma taqbiżx il-minimu meħtieġ, jiġifieri d-differenza bejn il-valur preżenti nett (VPN) għax-xenarju fattwali u l-VPN għax-xenarju kontrofattwali tul il-ħajja tal-proġett ta' referenza jew tal-proġett. Għal din il-valutazzjoni, jekk

([392]) Jekk jogħġbok innota li n-nota 42 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG tipprevedi li "*Għandhom jiġu evitati prezzijiet minimi jew massimi li jirrestrinġu l-proċess kompetittiv u jimminaw il-proporzjonalità, anki jekk ikunu żero.*"

jogħġbok ippreżenta kwantifikazzjoni, għax-xenarju fattwali u għal xenarju kontrofattwali realistiku, ([393]) tal-kostijiet u d-dħul ewlenin kollha, il-kost medju ponderat tal-kapital (WACC) stmat tal-benefiċjarji (jew il-proġetti ta' referenza fil-każ ta' skemi ta' għajnuna) biex jiġu skontati l-flussi tal-flus futuri, kif ukoll il-VPN għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, tul il-ħajja tal-proġett/tal-proġett ta' referenza.

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi dan f'Anness għal din il-formola ta' notifika (billi tuża fajl Excel fejn il-formuli kollha huma viżibbli).

……

(b) Jekk jogħġbok inkludi informazzjoni dettaljata dwar is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji, ir-raġunament u s-sorsi sottostanti tagħhom, użati għal kull aspett tal-kwantifikazzjoni tal-kostijiet u d-dħul fix-xenarju fattwali u x-xenarju kontrofattwali probabbli (pereżempju inkludi s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu żviluppati dawk ix-xenarji u s-sors/ir-raġunament għal dawn is-suppożizzjonijiet).

……

(c) Ma' din il-formola ta' notifika tista' tehmeż ukoll id-dokumenti msemmija fin-nota 39 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG. Id-dokumenti tal-Bord jistgħu jkunu partikolarment utli għal miżuri jew skemi ta' għajnuna individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji. Jekk dawn id-dokumenti jkunu mehmuża mal-formola ta' notifika, ipprovdi hawn taħt lista ta' dawk id-dokumenti, speċifika l-awtur, id-data meta ġew abbozzati u l-kuntest meta ntużaw.

……

42. Jekk il-punt 55 tas-CEEAG jkun japplika, ipprovdi informazzjoni dwar il-mudelli ta' kumpens li l-Istat Membru jista' jkollu l-ħsieb li jintroduċi (taħlita ta' mudelli *ex ante* u *ex post* jew ta' rkupru *ex post* jew mekkaniżmi ta' monitoraġġ tal-kostijiet).

Jekk il-punt 55 tas-CEEAG ma jkunx japplika għall-miżura/i, ipprovdi ġustifikazzjoni.

……

43. Jekk il-miżura/i notifikata/i tieħu l-forma ta' ċertifikat kompetittiv jew skema ta' obbligu tal-fornitur (il-punt 357 tas-CEEAG), jekk jogħġbok:

(a) ikkonferma li d-domanda fl-iskema tkun inqas mill-provvista potenzjali; u

……

(b) spjega kif il-prezz tax-xiri/penali se jiġi stabbilit u kif jiżgura li mhu se jkun hemm l-ebda kumpens żejjed.

……

2.1.6. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56 u 57 tas-CEEAG.

44. Sakemm ma tkunx diġà tinsab fil-Parti I tal-formola ta' notifika ġenerali u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura notifikata tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew tistax tiġi akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dak huwa l-każ, ipprovdi dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna *ad hoc* jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata. Jekk jogħġbok innota li tista' tirreferi għall-kwantifikazzjoni pprovduta hawn fuq.

……

([393]) Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-informazzjoni ulterjuri fil-punti 51-53 kif ukoll fin-noti 45, 46 u 55 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG.

45. Jekk il-punt 56 tas-CEEAG huwa applikabbli, iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għal proġett jew attività mhux se jwassal għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess skont is-CEEAG. L-ammont massimu ta' għajnuna permess skont is-CEEAG huwa l-ammont ta' għajnuna meqjus fl-offerta ta' suċċess jew inkella, fin-nuqqas ta' proċess kompetittiv, id-diskrepanza fil-finanzjament, filwaqt li jitqies id-dħul ewlieni kollu inkluż sorsi oħra ta' għajnuna (il-punt 51 tas-CEEAG). Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

……

46. F'każ li japplika l-punt 57 tas-CEEAG, jiġifieri l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni mmaniġġjat ċentralment ([394]) (li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed

……

2.1.7. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-61) tas-CEEAG.

47. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

……

48. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġi ppubblikat it-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

……

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.8.5 (il-punti 359-370) u t-Taqsima 3.3 (il-punti 71-76) tas-CEEAG.

49. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 359, 360 u 361 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) uri (f'każ li ma tkunx diġà ngħatat bi tweġiba għall-mistoqsija 23 ta' hawn fuq) li l-għajnuna hija mfassla biex iżżomm il-funzjonament effiċjenti tas-swieq u tippreserva inċentivi operattivi effiċjenti u sinjali tal-prezzijiet.

……

(b) ikkonferma l-assenza ta' inċentivi għall-ġenerazzjoni tal-enerġija li tissostitwixxi forom ta' enerġija li jniġġsu inqas.

……

(c) indika jekk il-miżura tirrigwardax il-kapaċità (EUR għal kull megawatt (MW)) jew l-output tal-elettriku (EUR/MWh).

……

50. Jekk jogħġbok ipprovdi evidenza li l-miżura tissodisfa kull kundizzjoni tat-tfassil applikabbli fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2019/943 (il-punt 362 tas-CEEAG).

……

([394]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri.

51. Għal riżervi strateġiċi u għal kull miżura oħra għall-adegwatezza tar-riżorsi, inklużi skemi ta' interruzzjoni, meta l-kapaċità tinżamm barra mis-suq biex jiġi żgurat li l-formazzjoni tal-prezzijiet tas-suq ma tkunx distorta, uri, f'konformità mal-punt 363 tas-CEEAG, li l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin huma ssodisfati:

(a) Ir-riżorsi tal-miżura/i għandhom jintbagħtu biss jekk l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni x'aktarx jeżawrixxu r-riżorsi ta' bilanċ tagħhom biex jistabbilixxu ekwilibriju bejn id-domanda u l-provvista.

……

(b) Matul il-perjodi ta' saldu tal-iżbilanċ, meta jintbagħtu r-riżorsi fil-miżura/i, l-iżbilanċi fis-suq għandhom jiġu saldati mill-anqas bil-VoLL jew b'valur ogħla mil-limitu tal-prezz tekniku ta' dakinhar, skont liema minnhom ikun l-ogħla.

……

(c) L-output tal-miżura/i wara d-dispaċċ għandu jiġi attribwit lill-partijiet responsabbli mill-bilanċ permezz tal-mekkaniżmu ta' saldu tal-iżbilanċ.

……

(d) Ir-riżorsi ma jirċevux remunerazzjoni mis-suq tal-elettriku bl-ingrossa jew mis-swieq tal-ibbilanċjar.

……

(e) Ir-riżorsi fil-miżura/i għandhom jinżammu barra mis-swieq tal-enerġija mill-anqas għat-tul ta' żmien tal-perjodu kuntrattwali.

……

52. Fir-rigward tal-miżuri ta' konġestjoni tan-network, meta r-riżorsi jinżammu barra mis-suq, jekk jogħġbok ikkonferma li dawn ir-riżorsi mhumiex se jirċievu remunerazzjoni mis-suq tal-elettriku bl-ingrossa jew mis-swieq tal-ibbilanċjar u li se jinżammu barra mis-swieq tal-enerġija, mill-inqas għat-tul ta' żmien tal-perjodu kuntrattwali (il-punt 364 tas-CEEAG).

……

53. Għall-mekkaniżmi ta' kapaċità għajr ir-riżervi strateġiċi, uri, f'konformità mal-punt 365 tas-CEEAG, li l-miżura:

(a) Hi mfassla b'tali mod li jiżgura li l-prezz imħallas għad-disponibbiltà jqarreb b'mod awtomatiku lejn iż-żero jekk il-livell ta' kapaċità fornut ikun mistenni li jkun adegwat biex jintlaħaq il-livell ta' kapaċità mitlub.

……

(b) Tirremunera r-riżorsi parteċipanti għad-disponibbiltà tagħhom biss u tiżgura li r-remunerazzjoni ma taffettwax id-deċiżjonijiet tal-fornitur ta' kapaċità dwar jekk jiġġenerax jew le.

……

(c) Tippermetti li l-obbligi ta' kapaċità jkunu trasferibbli bejn il-forniturі eliġibbli tal-kapaċità.

……

54. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 366 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-miżura mhijiex se:

(a) Toħloq distorsjonijiet tas-suq bla bżonn jew tillimita l-kummerċ transżonali.

……

(b) Tnaqqas l-inċentivi għall-investiment fil-kapaċità tal-interkonnessjoni — pereżempju billi jitnaqqas id-dħul mill-konġestjoni għal interkonnetturi eżistenti jew ġodda.

……

(c) Timmina l-akkoppjament tas-swieq, inkluż għas-swieq tal-istess ġurnata u tal-ibbilanċjar.

……

(d) Timmina d-deċiżjonijiet tal-investiment dwar il-kapaċità li jkunu saru qabel il-miżura.

……

55. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 367 tas-CEEAG, jekk jogħġbok uri li l-kostijiet tal-miżura notifikata se jiġġarrbu mill-parteċipanti fis-suq li jikkontribwixxu għall-ħtieġa tal-miżura/i. Jekk tqis li allokazzjoni tal-kostijiet bħal din mhijiex meħtieġa, jekk jogħġbok spjega għaliex dan huwa l-każ u pprovdi evidenza, inkluża dik miġbura fil-konsultazzjoni pubblika. ([395])

……

56. Skont il-punt 72 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iġġustifika l-konformità tal-miżura notifikata mal-kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([396]), inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", ([397]) jew metodoloġiji paragunabbli oħra.

……

57. Skont il-punt 75 tas-CEEAG, f'każijiet meta l-Istat Membru jagħżel li jimplimenta proċedura kompetittiva tal-offerti, jekk jogħġbok iċċara jekk il-miżura notifikata tinkludix karatteristiċi li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs jew il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Jekk dan ikun il-każ, ipprovdi informazzjoni dwar dawn il-karatteristiċi u ġġustifika kif l-effetti pożittivi tal-iżgurar tal-parteċipazzjoni u tal-aċċettazzjoni tal-SMEs fil-miżura/i notifikata/i jegħlbu l-effetti ta' distorsjoni possibbli.

……

58. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti 368 u 369 tas-CEEAG, jekk jogħġbok:

(a) F'każ li l-miżura notifikata tinċentiva investimenti ġodda fil-fjuwils fossili li jniġġsu l-aktar, spjega jekk il-miżura, inklużi l-miżuri ta' konġestjoni tan-network u l-iskemi ta' interruzzjoni, tirrispettax il-limitu tal-emissjonijiet applikabbli għall-mekkaniżmi ta' kapaċità stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2019/943.

……

(b) Jekk il-miżura notifikata tinċentiva investimenti ġodda fil-ġenerazzjoni tal-enerġija mħaddma bil-gass naturali, spjega kif il-miżura se tiżgura li tikkontribwixxi għall-kisba tal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u l-mira tan-newtralità klimatika għall-2050. B'mod partikolari, spjega kif se jiġi evitat il-lock in ta' tali impjanti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mħaddma bil-gass jew it-tagħmir għall-produzzjoni tal-enerġija mħaddma bil-gass.

……

59. Fir-rigward tal-miżuri jew tal-iskemi ta' għajnuna individwali li minnhom jibbenefikaw biss għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji jew lil benefiċjarju stabbilit, jekk jogħġbok uri wkoll li l-miżura ta' għajnuna proposta mhijiex se twassal għal saħħa akbar fis-suq (il-punt 370 tas-CEEAG).

……

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 76(a) u t-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

([395]) F'konformità mal-punt 367 tal-EEAG, *"tali allokazzjoni tal-kost tista' ma tkunx meħtieġa jekk l-Istat Membru jipprovdi analiżi fuq il-bażi ta' evidenza, inkluża dik miġbura fil-konsultazzjoni pubblika, li l-allokazzjoni tal-kostijiet b'dan il-mod timmina l-effettività tal-kost tal-miżura jew tirriżulta f'distorsjonijiet severi għall-kompetizzjoni li jimminaw b'mod ċar il-benefiċċji potenzjali ta' tali allokazzjoni tal-kost.*

([396]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

([397]) Jekk jogħġbok innota li f'konformità man-nota 50 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG, *"Għal miżuri li huma identiċi għal miżuri fil-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza kif approvati mill-Kunsill, il-konformità tagħhom mal-prinċipju 'La tagħmilx ħsara sinifikanti' titqies bħala ssodisfata peress li din diġà ġiet ivverifikata."*

60. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew inkella ehmeż Anness ma' din il-formola ta' notifika li jinkludi abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG. ([398])

……

61. Jekk jiġi pprovdut abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

……

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rrispettat.

……

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

……

62. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

……

63. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

……

64. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew jekk hux se jintgħażel fil-futur.

……

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

……

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

……

65. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi proposti tiegħek għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok kun af li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fiż-żmien debitu biex tkun tista' tiġi vvalutata l-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna, u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel ma tiskadi, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

([398]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D: Ir-rapportar u l-monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464-465) tas-CEEAG.

66. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ previsti fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.K

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.9 – Għajnuna għall-infrastruttura tal-enerġija

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tikkonċerna l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.9 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għat-tnaqqis u t-tneħħija tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, spjega jekk jistax jirriżulta f'xi distorsjoni fis-suq intern.

……

2. Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-miżura hija ppjanata li tidħol fis-seħħ;

……

2.2. Jekk il-miżura tikkonċerna skema ta' għajnuna, jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tagħha. ([399])

……

([399]) Jekk jogħġbok kun af li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (inkluż għalhekk iż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet nazzjonali japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

3. Benefiċjarju/i

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i.

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (potenzjali) (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istati Membri rispettivi jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk tingħatax għajnuna individwali skont il-miżura/i favur impriża (bħala parti minn skema jew le) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

3.4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

Il-punti 373 u 374 tas-CEEAG jistabbilixxu li *"l-għajnuna għall-infrastruttura tal-enerġija fil-kuntest tal-qafas ta' monopolju legali mhijiex soġġetta għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat"*. Dan jista' jkun il-każ fejn il-kostruzzjoni u l-operat ta' ċerti infrastrutturi jkunu esklussivament riżervati bil-liġi għat-TSO jew għad-DSO. Bl-istess mod, il-punt 375 tas-CEEAG jistabbilixxi li *"il-Kummissjoni tqis li ma hemm l-ebda għajnuna mill-Istat involuta fl-investimenti fejn l-infrastruttura tal-enerġija hija operata f'"monopolju naturali"*.

Il-proġett huwa notifikat fil-qafas ta' monopolju legali jew huwa mmexxi taħt "monopolju naturali"?

……

3.5. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija Iva, spjega għaliex il-proġett notifikat jaqa' fi ħdan il-qafas ta' monopolju legali u/jew naturali, b'referenza għal kull kriterju kumulattiv stabbilit fil-punt 374 għall-monopolji legali u/jew fil-punt 375 għall-monopolji naturali tas-CEEAG.

……

4. Baġit u finanzjament tal-miżura/i.

4.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv. ([400])

……

4.2. Jekk il-miżura hija ffinanzjata permezz ta' imposta, jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) l-imposta hija stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

……

([400]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

(b) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

……

(c) il-miżura notifikata hijiex se tkun ta' benefiċċju b'mod indaqs għall-prodotti domestiċi u dawk importati;

……

(d) l-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

……

(e) l-imposta li tiffinanzja l-miżura notifikata tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

……

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsima 4.9.1 u 4.9.2 tas-CEEAG.

5. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, jekk jogħġbok identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati bħala riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet huwa appoġġat.

……

6. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok "iddeskrivi jekk l-għajnuna hix se tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan".

……

7. Barra minn hekk, enfasizza sa liema punt l-għajnuna hija relatata ma' politiki deskritti fil-punti 371 u 372 tas-CEEAG.

……

8. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ambitu u l-attivitajiet appoġġati tal-miżura/i ta' għajnuna, kif stabbilit fil-punt 376 tas-CEEAG. Billi tagħmel dan, ġentilment ara wkoll li:

(a) Tiżgura li l-proġett ikun dwar infrastruttura tal-enerġija kif definita fil-punt 19(36) tas-CEEAG.

(b) Tiżgura li l-proġett ma jinvolvix infrastruttura dedikata u/jew infrastruttura tal-enerġija oħra flimkien ma' attivitajiet ta' produzzjoni u/jew konsum.

(c) Tispeċifika x'tip ta' kostijiet se jiġu appoġġati mill-miżura: spejjeż ta' investiment jew ta' operat.

(d) F'każ fejn il-miżura se tkopri l-kostijiet operatorji, uri li dawk il-kostijiet ma jistgħux jiġu rkuprati mill-utenti tan-network u li mhumiex relatati ma' kostijiet irrekuperabbli, u li l-għajnuna operatorja twassal għal bidla fl-imġiba li tippermetti t-twettiq tal-objettivi tas-sigurtà tal-provvista jew tal-protezzjoni ambjentali.

.....

1.2. **Effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti 26-32) tas-CEEAG.

9. L-għajnuna tista' titqies li tiffaċilita attività ekonomika jekk ikollha effett ta' inċentiv biss. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 26 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i *"ġġiegħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti"*.

.....

10. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 27 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni biex tikkonferma li l-għajnuna ma tappoġġax il-kostijiet ta' attività li l-benefiċjarju tal-għajnuna xorta waħda kien iwettaq u ma tikkumpensax għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika ([401]).

.....

11. Sabiex tintwera l-preżenza ta' effett ta' inċentiv, il-punt 28 tas-CEEAG jirrikjedi l-identifikazzjoni tax-xenarju fattwali u x-xenarju kontrofattwali probabbli fin-nuqqas ta' għajnuna. Għal għajnuna għall-infrastruttura tal-enerġija, kif spjegat fil-punt 52, ix-xenarju kontrofattwali huwa preżunt bħala s-sitwazzjoni li fiha l-proġett ma jseħħx.

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju fattwali. Fil-każ ta' skemi li jkopru proġetti ta' referenza differenti ([402]), jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni tax-xenarju fattwali għal kull proġett ta' referenza.

.....

(b) Sakemm il-miżura mhijiex skema ta' għajnuna, ma' din il-formola ta' notifika ehmeż kwalunkwe dokument uffiċjali tal-bord, valutazzjonijiet tar-riskju, rapport finanzjarju, pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju interni, opinjonijiet esperti u studji oħra relatati mal-proġett li qed jiġi vvalutat, dokumenti li fihom informazzjoni dwar il-previżjonijiet tad-domanda, il-previżjonijiet tal-kostijiet, il-previżjonijiet finanzjarji, id-dokumenti sottomessi lill kumitat tal-investiment u li jelaboraw dwar xenarji ta' investiment/operazzjoni, jew dokumenti pprovduti lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif previst fil-punt 28, in-nota 39 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG.

Jekk jogħġbok innota li dawk id-dokumenti jridu jkunu kontemporanji għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet rigward id-deċiżjoni ta' investiment/operazzjoni.

Jekk dawn id-dokumenti huma mehmuża mal-formola ta' notifika, ipprovdi hawn taħt lista ta' dawk id-dokumenti, li tispeċifika l-awtur, id-data meta ġew abbozzati u l-kuntest meta ntużaw.

.....

([401]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ġunju 2013, *HGA u oħrajn* vs *Il-Kummissjoni*, C-630/11 P sa C-633/11 P, ECLI:EU:C:2013:387, il-punt 104.

([402]) Skont il-punt 19(63) tas-CEEAG, "proġett ta' referenza" tfisser eżempju ta' proġett li jirrappreżenta l-proġett tipiku f'kategorija ta' benefiċjarji eliġibbli għal skema ta' għajnuna.

12. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29 u 31 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività ma seħħx qabel applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali;

……

JEW

(b) Għall-proġetti li bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok uri li l-proġett jaqa' f'wieħed mill-każijiet eċċezzjonali pprovduti fil-punt 31 tas-CEEAG ((a), (b) jew (c)).

……

13. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

……

14. Sabiex turi l-konformità mal-punt 32 tas-CEEAG, jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([403]) applikabbli għall-miżura/i notifikata/i, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi l-effett ta' inċentiv.

……

15. F'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-Unjoni jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu mhux fis-seħħ, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv għaliex tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma l-istandard jidħol fis-seħħ.

……

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

16. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

……

17. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 4.2 ta' hawn fuq, fejn il-miżura/i notifikata/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta.

……

([403]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:

(a) *standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, eskluż standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;*

(b) *l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux ogħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.*

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Il-ħtieġa u l-adegwatezza tal-intervent tal-għajnuna mill-Istat*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.9.3.1 (il-punti 379 u 380) tas-CEEAG.

18. Il-punt 379 tas-CEEAG jipprevedi li, fir-rigward tal-infrastruttura tal-enerġija, il-fallimenti tas-suq normalment jiġu indirizzati/iffinanzjati permezz ta' tariffi obbligatorji għall-utent soġġetti għal regolamentazzjoni. Madankollu, kif imsemmi fil-punt 380 tas-CEEAG, dan mhux dejjem jista' jkun il-każ. Jekk jogħġbok spjega sa liema punt il-miżura tindirizza l-fallimenti tas-suq li ma jistgħux jiġu indirizzati permezz ta' tariffi obbligatorji għall-utent.

.....

19. Sabiex turi l-ħtieġa u l-adegwatezza tal-għajnuna mill-Istat, speċifika taħt liema mis-sitwazzjonijiet differenti għandu jiġi vvalutat il-proġett notifikat:

(a) Il-proġett notifikat huwa proġett ta' interess komuni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4) tar-Regolament (UE) Nru 347/2013, li huwa kompletament soġġett għal-leġiżlazzjoni tas-suq intern tal-enerġija. F'dik is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni tqis li hemm preżunzjoni ta' falliment tas-suq. Ma hemmx bżonn li l-Istat Membru jiġġustifika aktar il-ħtieġa u l-adegwatezza tal-għajnuna mill-Istat, jew

(b) il-proġett notifikat mhuwiex proġett ta' interess komuni kif definit hawn fuq jew huwa proġett ta' interess komuni iżda huwa parzjalment jew kompletament eżentat mil-leġiżlazzjoni tas-suq intern tal-enerġija, jew

(c) il-proġett mhuwiex proġett ta' interess komuni u huwa bejn l-Unjoni u pajjiż terz.

.....

20. Jekk il-proġett notifikat jaqa' fl-ambitu tas-sitwazzjoni msemmija fil-punt 19(b) ta' hawn fuq, sabiex tiġi ġġustifikata l-ħtieġa u l-adegwatezza tal-miżura, jekk jogħġbok spjega sa liema punt:

— il-falliment tas-suq iwassal għal forniment subottimali tal-infrastruttura meħtieġa;

— l-infrastruttura hija miftuħa għall-aċċess ta' partijiet terzi u soġġetta għar-regolamentazzjoni tat-tariffi;

— u sa fejn il-proġett jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni jew għall-objettivi tan-newtralità klimatika tal-Unjoni.

.....

21. Jekk il-proġett jinsab fis-sitwazzjoni msemmija fil-punt 19(c), jekk jogħġbok spjega jekk (i) għall-parti tal-infrastruttura li tinsab fit-territorju tal-Unjoni, il-proġett huwiex mibni u operat f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u (ii) għall-parti li tinsab f'pajjiż jew pajjiżi terzi involuti, il-proġett għandux livell għoli ta' allinjament regolatorju u jappoġġax l-objettivi kumplessivi tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jiġu żgurati:

— suq intern tal-enerġija li jiffunzjona tajjeb,

— is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fuq il-bażi tal-kooperazzjoni u tas-solidarjetà,

— sistema tal-enerġija fuq perkors lejn id-dekarbonizzazzjoni f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni, u b'mod partikolari

— l-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

.....

2.1.2. *Il-prinċipju tal-proporzjonalità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 51-52 u 381 tas-CEEAG.

22. Skont il-punt 51 tas-CEEAG, il-kostijiet żejda netti tipiċi jistgħu jiġu stmati bħala d-differenza bejn l-NPV tax-xenarju fattwali u tax-xenarju kontrofattwali tul il-ħajja tal-proġett jew għal kull proġett ta' referenza, fejn applikabbli. Meta x-xenarju kontrofattwali jkun li l-proġett mhux se jiġi implimentat (ara l-punt 52 tas-CEEAG), il-VPN negattiv tax-xenarju fattwali huwa ugwali għall-kostijiet żejda netti.

Jekk jogħġbok ipprovdi dan f'Anness għal din il-formola ta' notifika (billi tuża fajl Excel fejn il-formuli kollha huma viżibbli):

(a) Sabiex tiġi ddeterminata d-diskrepanza fil-finanzjament ([404]), jekk jogħġbok ippreżenta kwantifikazzjoni, għax-xenarju fattwali, ta':

(i) l-ispejjeż u d-dħul ewlenin kollha tal-proġett;

(ii) il-kost medju ponderat tal-kapital (WACC) stmat tal-benefiċjarju biex jiġu skontati l-flussi tal-flus futuri;

(iii) il-valur preżenti nett (VPN) għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, tul il-ħajja tal-proġett.

……

(b) Jekk jogħġbok inkludi, f'Anness ta' din il-formola ta' notifika, informazzjoni dettaljata dwar is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji, ir-raġunijiet u s-sorsi sottostanti tagħhom, użati għal kull aspett tal-kwantifikazzjoni tal-kostijiet u d-dħul fix-xenarju fattwali (pereżempju inkludi s-suppożizzjonijiet użati biex jiġi żviluppat ix-xenarju fattwali)

……

23. Skont il-punt 53 tas-CEEAG, għal każijiet ta' għajnuna u skemi individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, l-Istat Membru jeħtieġ li jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fil-livell tal-pjan dettaljat ta' direzzjoni tan-negozju tal-proġett.

Għal każijiet ta' skemi ta' għajnuna, l-Istat Membru jeħtieġ li jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fuq il-bażi ta' proġett ta' referenza wieħed jew aktar.

24. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx il-minimu meħtieġ biex il-proġett megħjun ikun profittabbli biżżejjed ([405]), jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Ir-rata ta' redditu interna (internal rate of return, IRR) li tikkorrispondi għall-parametru referenzjarju jew għar-rata minima ta' rendiment finanzjarju speċifika għas-settur jew għad-ditta; jew

(b) Ir-rati normali ta' redditu meħtieġa mill-benefiċjarju fi proġetti oħra ta' investiment ta' tip simili, il-kost tal-kapital tiegħu kollu kemm hu; jew

(c) Ir-redditi komunement osservati fl-industrija kkonċernata; jew

(d) Kwalunkwe informazzjoni oħra li tiġġustifika li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx il-minimu meħtieġ biex il-proġett megħjun ikun profittabbli biżżejjed.

……

([404]) Il-punt 51 tas-CEEAG jipprevedi li *"il-kost żejjed nett tipiku jista' jiġi stmat bħala d-differenza bejn l-NPV għax-xenarju fattwali u għax-xenarju kontrofattwali tul il-ħajja tal-proġett ta' referenza."*

([405]) Skont in-nota 46 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG, jekk jogħġbok innota li *"l-kostijiet u l-benefiċċji kollha rilevanti mistennija jridu jitqiesu tul il-ħajja tal-proġett"*.

25. Skont il-punt 381 tas-CEEAG, jekk l-għajnuna tkun qrib il-massimu permess u fejn ikun hemm riskju ta' profitti mhux mistennija, jista' jkun meħtieġ mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' rkupru, filwaqt li jinżammu l-inċentivi għall-benefiċjarji biex jimminimizzaw il-kostijiet tagħhom u jiżviluppaw in-negozju tagħhom b'mod aktar effiċjenti maż-żmien. Jekk jogħġbok spjega jekk hemmx fis-seħħ xi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' rkupru. Jekk le, spjega għalfejn.

……

2.1.3. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

26. Sakemm ma jkunx diġà pprovdut fit-Taqsima 7.4 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura/i notifikata/i tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dak huwa l-każ, ipprovdi dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna ad hoc jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata. Jekk jogħġbok innota li tista' tirreferi għall-kwantifikazzjoni pprovduta hawn fuq.

……

27. Jekk l-għajnuna tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli, jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għal proġett jew attività ma jwassalx għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess skont il-punti 51 u 381 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok speċifika, għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata, il-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

……

28. Jekk l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni mmaniġġjat ċentralment skont il-punt 57 tas-CEEAG ([406]), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed.

……

2.1.4. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-62) tas-CEEAG.

29. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

……

30. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġi ppubblikat it-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, u informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

……

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.9.4. (il-punti 382 et seq. tas-CEEAG).

([406]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri.

31. Jekk il-proġett notifikat huwa eżentat, kompletament jew parzjalment, mil-leġiżlazzjoni tas-suq intern tal-enerġija, spjega:

— Sa liema punt l-infrastruttura meħjuna hija disponibbli għal aċċess minn partijiet terzi;

— Sa liema punt il-klijenti jista' jkollhom aċċess għal infrastruttura alternattiva, jekk ikun hemm;

— Sa liema punt il-proġett jista' jirriżulta fl-esklużjoni ta' investimenti privati;

— Il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarju(i), kemm fir-rigward tal-operat tal-infrastruttura kif ukoll fir-rigward tas-swieq tal-prodotti rilevanti għall-oġġett ittrasportat bl-infrastruttura.

.....

32. Jekk il-proġett notifikat huwa infrastruttura tal-gass naturali, ipprovdi informazzjoni dwar kif il-proġett notifikat se jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— L-infrastruttura tkun lesta għall-użu tal-idroġenu u twassal għal żieda fl-użu tal-gassijiet rinnovabbli; jew inkella, ir-raġuni għaliex mhuwiex possibbli li l-proġett jitfassal sabiex ikun lest għall-idroġenu u kif il-proġett ma joħloqx effett ta' intrappolament għall-użu tal-gass naturali;

— L-investiment jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u l-mira tan-newtralità klimatika għall-2050.

.....

33. Jekk il-proġett notifikat huwa Proġett ta' Interess Komuni jew Proġett ta' Interess Reċiproku mhux soġġett għal-leġiżlazzjoni tas-suq intern, spjega x'se jkun l-impatt tal-proġett fuq is-swieq tas-servizzi relatati kif ukoll fuq swieq oħra tas-servizzi.

.....

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 76(a) u t-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

34. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew inkella ehmeż Anness ma' din il-formola ta' notifika li jinkludi abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG. ([407])

.....

35. Jekk jiġi pprovdut abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

.....

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rrispettat.

.....

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

.....

([407]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

36. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

……

37. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

……

38. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew hux se jintgħażel fil-futur.

……

(b) Jekk jogħġbok agħti informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

……

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

……

39. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi li qed tipproponi għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok kun af li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fiż-żmien debitu biex tkun tista' tiġi vvalutata l-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna, u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel ma tiskadi, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D:Ir-rapportar u l-monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464-465) tas-CEEAG.

40. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.L

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.10 – Għajnuna għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tikkonċerna l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.10 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għat-tnaqqis u t-tneħħija tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.2. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, spjega jekk jistax jirriżulta f'xi distorsjoni fis-suq intern.

……

2. Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika d-data minn meta l-iskema ta' għajnuna hija ppjanata li tidħol fis-seħħ;

……

2.2. Jekk jogħġbok indika t-tul ta' żmien tal-iskema. ([408])

……

3. Benefiċjarju/i

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i.

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (potenzjali) (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istati Membri rispettivi jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna hix tingħata skont il-miżura/i favur l-impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

5. Baġit u finanzjament tal-miżura/i.

([408]) Jekk jogħġbok kun af li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (inkluż għalhekk iż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet nazzjonali japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

5.1. Jekk mhux diġà semmejtu fit-tabella fit-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv. ([409])

.....

5.2. Jekk il-miżura hija ffinanzjata permezz ta' imposta, jekk jogħġbok iċċara jekk:

(a) l-imposta hija stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

.....

(b) l-imposta hijiex imposta b'mod ugwali fuq il-prodotti domestiċi u importati;

.....

(c) il-miżura notifikata hijiex se tkun ta' benefiċċju kemm għall-produtturi domestiċi kif ukoll għal dawk importati;

.....

(d) l-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

.....

(e) l-imposta li tiffinanzja l-miżura notifikata tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

.....

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.1 (il-punti 23-25) u t-Taqsimiet 4.10.1 u 4.10.2 (il-punti 383-390) tas-CEEAG.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 23 tas-CEEAG, jekk jogħġbok identifika l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati bħala riżultat tal-għajnuna u kif l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet huwa appoġġat.

.....

7. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 25 tas-CEEAG, jekk jogħġbok "*[i]ddeskriv[i] [wkoll] jekk l-għajnuna hix se tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika ambjentali u l-politika dwar l-enerġija tal-Unjoni u, aktar speċifikament, il-benefiċċji mistennija tal-għajnuna f'termini tal-kontribuzzjoni materjali tagħha għall-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jew il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tal-enerġija, u kif se tagħmel dan*".

.....

([409]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

8. Barra minn hekk, enfasizza sa liema punt l-għajnuna hija relatata mal-politiki deskritti taħt il-punti 383 u 384 CEEAG. Billi tagħmel dan, jekk jogħġbok iċċara wkoll jekk il-proġett jippromwovix l-enerġija rinnovabbli f'konformità mal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001. B'mod speċifiku, jekk jogħġbok ikkonferma jekk il-miżura tiżviluppax sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali fis-sens tal-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 biex tippromwovi t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

……

9. Il-punti 385 u 386 tas-CEEAG jipprevedu li l-appoġġ li huwa limitat għan-networks ta' distribuzzjoni tat-tisħin distrettwali jista', f'ċerti ċirkostanzi, jitqies li jaqa' barra mill-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

(a) Il-miżura tappoġġa n-networks ta' distribuzzjoni tat-tisħin distrettwali li se jkunu soġġetti għal aċċess għal partijiet terzi, separazzjoni (jiġifieri separazzjoni bejn il-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tat-tisħin/tkessiħ) u tariffi regolati?

(b) Jekk it-tweġiba għall-punt a) hija Iva, spjega jekk in-network ta' distribuzzjoni hux se jitħaddem b'monopolju legali u/jew naturali, b'referenza għall-kriterji stabbiliti fil-punti 374 u 375 tas-CEEAG.

……

10. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ambitu u l-attivitajiet appoġġjati tal-miżura/i tal-għajnuna, kif ipprovdut fit-Taqsima 4.10.2. (il-punti 388-389) tas-CEEAG. Billi tagħmel dan, ġentilment ara wkoll li:

(a) Spjega għaliex il-proġett jaqa' taħt id-definizzjoni ta' tisħin/tkessiħ distrettwali skont il-punt 19 (27) tas-CEEAG u fid-definizzjoni ta' tisħin distrettwali u/jew sistema ta' tkessiħ distrettwali skont il-punt 19 (28) tas-CEEAG.

(b) Spjega jekk il-proġett jappoġġax il-kostruzzjoni, it-titjib jew l-operat ta':

— unità ta' ġenerazzjoni, u/jew

— impjant tal-ħżin u/jew

— network ta' distribuzzjoni.

(c) Jekk l-appoġġ ikun dwar unità ta' ġenerazzjoni, spjega liema riżorsi tuża din l-unità ta' ġenerazzjoni biex tipproduċi l-elettriku, it-tisħin jew it-tkessiħ distrettwali: enerġija rinnovabbli, sħana mormija jew koġenerazzjoni effiċjenti ħafna inkluża soluzzjoni ta' ħżin termali.

(d) Jekk l-appoġġ ikun dwar unità ta' ġenerazzjoni li tuża l-iskart, ikkonferma li l-appoġġ huwa limitat jew għal skart li jissodisfa d-definizzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew għal skart użat għal installazzjonijiet tal-fjuwil li jissodisfaw id-definizzjoni ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja.

(e) Meta l-għajnuna tingħata għall-aġġornament ta' sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, jiġi ċċarat jekk is-sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali tissodisfax l-istandard ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti f'konformità mal-Artikolu 2(46) u l-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

(f) Speċifika x'tip ta' kostijiet se jiġu appoġġati mill-miżura: spejjeż tal-investiment u/jew kostijiet operattivi.

……

11. Jekk l-għajnuna għandha l-għan li tappoġġa l-aġġornament ta' sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali li madankollu ma twassalx biex sistema tissodisfa l-istandard ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti fis-sens tal-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 bħala riżultat tal-aġġornament appoġġat, ipprovdi impenn li l-benefiċjarju se jibda x-xogħlijiet biex jilħaq dak l-istandard ta' effiċjenza fi żmien 3 snin wara x-xogħlijiet ta' aġġornament skont il-punt 390 tas-CEEAG.

……

1.2. **Effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti 26-32) tas-CEEAG.

12. L-għajnuna tista' titqies li tiffaċilita attività ekonomika jekk ikollha effett ta' inċentiv biss. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 26 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega kif il-miżura/i *"ġġiegħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu, jinvolvi ruħu f'attività ekonomika addizzjonali jew f'attività ekonomika aktar ekoloġika, li kieku ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna jew kien iwettaqha b'mod ristrett jew differenti"*.

.....

13. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 27 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni biex tikkonferma li l-għajnuna ma tappoġġax il-kostijiet ta' attività li l-benefiċjarju tal-għajnuna xorta waħda kien iwettaq u ma tikkumpensax għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika ([410]).

.....

14. Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju fattwali u x-xenarju/i kontrofattwali probabbli. Fil-każ ta' skemi li jkopru proġetti ta' referenza differenti ([411]), tali deskrizzjoni trid tiġi pprovduta għal kull proġett ta' referenza. Għall-kostruzzjoni, l-aġġornament u t-tħaddim tan-networks ta' distribuzzjoni, ix-xenarju kontrofattwali huwa preżunt li huwa s-sitwazzjoni li fiha l-proġett ma jseħħx (il-punt 395 tas-CEEAG).

.....

(a) Kif previst fil-punt 28, in-nota 39 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG, ehmeż ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari kwalunkwe dokument uffiċjali tal-bord, valutazzjonijiet tar-riskju, rapport finanzjarju, pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju interni, opinjonijiet tal-esperti u studji oħra relatati mal-proġett li qiegħed jiġi vvalutat, dokumenti li fihom informazzjoni dwar it-tbassir tad-domanda, previżjonijiet tal-kostijiet, previżjonijiet finanzjarji, dokumenti sottomessi lil kumitat tal-investiment u li jelaboraw dwar xenarji ta' investiment/operazzjoni, jew dokumenti pprovduti lill-istituzzjonijiet finanzjarji.

Jekk jogħġbok innota li dawk id-dokumenti jridu jkunu kontemporanji għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet rigward id-deċiżjoni ta' investiment/operazzjoni.

Jekk tali dokumenti jkunu mehmuża mal-iskeda ta' informazzjoni supplimentari, jekk jogħġbok ipprovdi hawn taħt lista ta' dawk id-dokumenti, fejn tispeċifika l-awtur, id-data meta ġew abbozzati u l-kuntest meta ntużaw.

.....

(b) Jekk jogħġbok ipprovdi f'Anness għal din il-formola ta' notifika (bl-użu ta' fajl Excel fejn il-formuli kollha huma viżibbli) kwantifikazzjoni, għax-xenarju fattwali u xenarju kontrofattwali kredibbli kif deskritt fil-punt i., tal-kostijiet u d-dħul ewlenin kollha, il-kost medju ponderat tal-kapital (WACC) stmat tal-benefiċjarji biex jiġu skontati l-flussi futuri tal-flus, kif ukoll il-valur preżenti nett (VPN) għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, tul il-ħajja tal-proġett. Għal każijiet ta' għajnuna individwali u skemi li jibbenefikaw minnhom għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, huwa meħtieġ li dawk il-kalkoli u l-projezzjonijiet jiġu ppreżentati fil-livell tal-pjan dettaljat tan-negozju tal-proġett, u għal skemi ta' għajnuna abbażi ta' proġett ta' referenza wieħed jew aktar.

([410]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ġunju 2013, HGA u oħrajn vs Il-Kummissjoni, C-630/11 P sa C-633/11 P, ECLI:EU:C:2013:387, il-punt 104.

([411]) Skont il-punt 19(63) tas-CEEAG, "proġett ta' referenza" tfisser eżempju ta' proġett li jirrappreżenta l-proġett tipiku f'kategorija ta' benefiċjarji eliġibbli għal skema ta' għajnuna.

(c) Jekk jogħġbok inkludi, f'Anness ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari, informazzjoni dettaljata dwar is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji, ir-raġunament u s-sorsi sottostanti tagħhom, użati għal kull aspett tal-kwantifikazzjoni tal-kostijiet u tad-dħul fix-xenarju fattwali u x-xenarju/xenarji kontrofattwali probabbli (pereżempju jekk jogħġbok inkludi s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu żviluppati dawk ix-xenarji).

.....

15. Sabiex turi l-konformità mal-punti 29 u 31 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett jew l-attività ma seħħx qabel applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali;

.....

JEW

(b) Għall-proġetti li bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok uri li l-proġett jaqa' fl-ambitu ta' wieħed mill-każijiet eċċezzjonali previsti fil-punt 31 tas-CEEAG ((a), (b) jew (c)) ([412]).

.....

16. Sabiex turi l-konformità mal-punt 30 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-applikazzjoni għall-għajnuna tinkludi mill-inqas l-isem tal-applikant, deskrizzjoni tal-proġett jew l-attività, inkluż il-post, u l-ammont tal-għajnuna meħtieġa biex jitwettqu.

.....

17. Sabiex turi l-konformità mal-punt 32 tas-CEEAG, jekk jogħġbok indika jekk hemmx standards tal-Unjoni ([413]) applikabbli għall-miżura/i notifikata/i, standards nazzjonali obbligatorji li huma aktar stretti jew ambizzjużi mill-istandards korrispondenti tal-Unjoni, jew standards nazzjonali obbligatorji adottati fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex turi l-effett ta' inċentiv.

.....

([412]) Il-punt 31 tas-CEEAG jipprevedi li *"F'ċerti każijiet eċċezzjonali, l-għajnuna jista' jkollha effett ta' inċentiv saħansitra għall-proġetti li jkunu bdew qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna. B'mod partikolari, l-għajnuna titqies li jkollha effett ta' inċentiv f'dawn is-sitwazzjonijiet:*

(a) *l-għajnuna tingħata awtomatikament f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u mingħajr eżerċizzju ulterjuri ta' diskrezzjoni mill-Istat Membru, u l-miżura tkun ġiet adottata u tkun fis-seħħ qabel ma jkun beda x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività megħjuna, ħlief fil-każ ta' skemi fiskali suċċessivi, fejn l-attività tkun diġà ġiet koperta mill-iskemi preċedenti fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa;*

(b) *qabel il-bidu tax-xogħlijiet, l-awtoritajiet nazzjonali jkunu ppubblikaw avviż bl-intenzjoni tagħhom li jistabbilixxu l-miżura ta' għajnuna proposta, bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni tapprova l-miżura kif meħtieġ bl-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Dan l-avviż irid ikun disponibbli fuq sit web pubbliku jew mezz tal-informazzjoni ieħor aċċessibbli pubblikament b'aċċess mifrux u faċli u jiddikjara b'mod ċar it-tip ta' proġetti li l-Istat Membru jipproponi li jkunu eliġibbli u l-punt fiż-żmien li minnu l-Istat Membru beħsiebu jqis tali proġetti eliġibbli. L-eliġibbiltà proposta ma tridx tkun limitata bla bżonn. Il-benefiċjarju jrid ikun informa lill-awtorità awtorizzanti qabel il-bidu tax-xogħlijiet li l-miżura ta' għajnuna proposta kienet ikkunsidrata bħala kundizzjoni għad-deċiżjonijiet ta' investiment li ttieħdu. Meta jkun jiddependi fuq dan l-avviż biex juri effett ta' inċentiv, bħala parti min-notifika tiegħu dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istat Membru jrid jipprovdi kopja tal-avviż u link għas-sit web li fuqu jkun ġie ppubblikat jew prova rispettiva tad-disponibbiltà tiegħu għall-pubbliku;*

(c) *l-għajnuna operatorja mogħtija lill-installazzjonijiet eżistenti għal produzzjoni ekoloġika fejn ma jkun hemm l-ebda "bidu tax-xogħlijiet" għax ma jkun hemm l-ebda investiment ġdid sinifikanti. F'dawn il-każijiet, l-effett ta' inċentiv jista' jintwera b'bidla biex l-installazzjoni topera b'mod ekoloġiku minflok topera b'mod alternattiv li jkun irħas u inqas ekoloġiku."*

([413]) Skont il-punt 19(89) tas-CEEAG, "standard tal-Unjoni" tfisser:

(a) *standard obbligatorju tal-Unjoni li jiffissa l-livelli li għandhom jintlaħqu f'termini ambjentali minn impriżi individwali, eskluż standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għall-impriżi individwali;*

(b) *l-obbligu li jintużaw l-aqwa tekniki disponibbli (BAT, best available techniques), kif definit fid-Direttiva 2010/75/UE, u li jiġi żgurat li l-livelli ta' emissjonijiet ma jkunux ogħla minn dawk li kienu jintlaħqu bl-applikazzjoni tal-BAT; meta l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew skont direttivi oħra applikabbli, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-fini ta' dawn il-linji gwida; meta dawn il-livelli jkunu espressi bħala firxa, ikun applikabbli l-limitu li jintlaħaq bl-aqwa tekniki disponibbli tal-impriża kkonċernata.*

18. F'każijiet fejn l-istandard rilevanti tal-Unjoni jkun diġà ġie adottat iżda jkun għadu mhux fis-seħħ, jekk jogħġbok uri li l-għajnuna għandha effett ta' inċentiv għaliex tinċentiva l-investiment li għandu jiġi implimentat u ffinalizzat mill-inqas 18-il xahar qabel ma l-istandard jidħol fis-seħħ.

.....

1.3. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

19. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

.....

20. Jekk tintuża imposta biex tiffinanzja l-miżura/i, jekk jogħġbok iċċara jekk hemmx bżonn li titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif il-miżura tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 110 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għall-informazzjoni ppreżentata taħt il-mistoqsija 5.2 ta' hawn fuq, fejn il-miżura/i notifikata/i hija/huma ffinanzjata/i permezz ta' imposta.

.....

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Il-ħtieġa u l-adegwatezza għall-intervent ta' għajnuna mill-Istat*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.10.3 (il-punti 391-393) tas-CEEAG.

21. Jekk jogħġbok spjega fid-dettall kif il-proġett se jikkontribwixxi għall-ħolqien, l-estensjoni jew l-aġġornament ta' sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali.

.....

22. Jekk il-miżura tkopri b'mod eċċezzjonali l-kostijiet operatorji, uri li dawn il-kostijiet ma jistgħux jiġu mgħoddija lill-konsumaturi tat-tisħin/tat-tkessiħ distrettwali mingħajr ma tiġi mminata l-protezzjoni ambjentali f'konformità mal-punt 392 tas-CEEAG. Uri li s-sistemi ta' tisħin/tkessiħ distrettwali appoġġati jżidu l-effiċjenza enerġetika, inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 u sorsi oħra ta' tniġġis kif ukoll it-telf tan-network, meta mqabbla ma' soluzzjonijiet alternattivi ta' tisħin/tkessiħ distrettwali.

.....

23. F'konformità mal-punt 393 tas-CEEAG, jekk il-proġett huwa bbażat fuq l-iskart bħala fjuwil tal-input, spjega kif jirrispetta l-prinċipju tal-ġerarkija tal-iskart (l-Artikolu 4, il-punt (1) tad-Direttiva (UE) 2008/98).

.....

2.1.2. *Il-prinċipju tal-proporzjonalità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.3 u t-Taqsima 4.10.4 (il-punti 394 u 395) tas-CEEAG.

24. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 51 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi dan li ġej:

(a) Sabiex tiġi ddeterminata d-diskrepanza fil-finanzjament ([414]), jekk jogħġbok ippreżenta kwantifikazzjoni, għax-xenarju fattwali u xenarju kontrofattwali kredibbli ([415]), ta':

(i) il-kostijiet u d-dħul ewlenin kollha tal-proġett;

(ii) il-kost medju ponderat tal-kapital (WACC) stmat tal-benefiċjarju biex jiġu skontati l-flussi tal-flus futuri;

(iii) il-valur preżenti nett (VPN) għax-xenarji fattwali u kontrofattwali, tul il-ħajja tal-proġett.

.....

(b) Ir-raġunijiet għas-suppożizzjonijiet użati għal kull aspett tal-kwantifikazzjoni, u jispjegaw u jiġġustifikaw kwalunkwe metodoloġija applikata.

.....

Għal każijiet ta' għajnuna u skemi individwali li jkunu ta' benefiċċju għal għadd partikolarment limitat ta' benefiċjarji, jeħtieġ li l-Istat Membru jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fil-livell tal-pjan dettaljat tan-negozju tal-proġett.

Għal każijiet ta' skemi ta' għajnuna, l-Istat Membru jeħtieġ li jippreżenta l-evidenza ta' sostenn fuq il-bażi ta' proġett ta' referenza wieħed jew aktar.

.....

25. Fin-nuqqas ta' proġett alternattiv, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx il-minimu meħtieġ biex il-proġett megħjun ikun profittabbli biżżejjed ([416]), jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Ir-rata ta' redditu interna (internal rate of return, IRR) li tikkorrispondi għall-parametru referenzjarju jew għar-rata minima ta' rendiment finanzjarju speċifika għas-settur jew għad-ditta; jew

(b) Ir-rati normali ta' redditu meħtieġa mill-benefiċjarju fi proġetti oħra ta' investiment ta' tip simili, il-kost tal-kapital tiegħu kollu kemm hu; jew

(c) Ir-redditi komunement osservati fl-industrija kkonċernata; jew

(d) Kwalunkwe informazzjoni oħra li tiġġustifika li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx il-minimu meħtieġ biex il-proġett megħjun ikun profittabbli biżżejjed.

.....

2.1.3. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

26. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna taħt il-miżura/i notifikata/i tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew tiġi akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dak huwa l-każ, ipprovdi dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna ad hoc jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata.

.....

([414]) Il-punt 51 tas-CEEAG jipprevedi li *"il-kost żejjed nett tipiku jista' jiġi stmat bħala d-differenza bejn l-NPV għax-xenarju fattwali u għax-xenarju kontrofattwali tul il-ħajja tal-proġett ta' referenza."*

([415]) Jekk jogħġbok innota li, skont in-nota 45 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG, *"xenarju kontrofattwali li jipproponi kontinwazzjoni fit-tul ta' attivitajiet attwali mhux ambjentalment sostenibbli bħala xenarju ta' investiment/operazzjoni alternattiv mhux se jitqies bħala xenarju realistiku"*.

([416]) Skont in-nota 46 f'qiegħ il-paġna tas-CEEAG, jekk jogħġbok innota li *"l-kostijiet u l-benefiċċji kollha rilevanti mistennija jridu jitqiesu tul il-ħajja tal-proġett"*.

27. Jekk il-punt 56 tas-CEEAG huwa applikabbli għall-miżura/i ta' għajnuna notifikata, iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i għal proġett jew attività ma jwassalx għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna. permess taħt il-punt 394 tas-CEEAG. Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

……

28. F'każ li japplika l-punt 57 tas-CEEAG, jiġifieri l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni mmaniġġjat ċentralment ([417]), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed

……

2.1.4. *Trasparenza*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-61) tas-CEEAG.

29. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

……

30. Jekk jogħġbok ipprovdi l-link tal-internet fejn se jiġi ppubblikat it-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha u informazzjoni dwar kull għotja ta' għajnuna individwali mogħtija *ad hoc* jew taħt skema ta' għajnuna approvata fuq il-bażi tas-CEEAG u li taqbeż l-EUR 100 000.

……

2.2. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.10.5 (il-punti 396-398) tas-CEEAG.

31. Jekk is-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali jiddependu fuq l-aktar fjuwils fossili li jniġġsu bħall-faħam, il-linjite, iż-żejt u d-diżil, spjega jekk il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin humiex issodisfati skont il-punt 396 tas-CEEAG:

(a) L-għajnuna hija limitata għal investimenti fin-network ta' distribuzzjoni.

……

(b) In-network ta' distribuzzjoni diġà jippermetti t-trasport tas-sħana u tat-tkessiħ iġġenerati minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, mis-sħana mormija jew mis-sorsi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju.

……

(c) L-għajnuna ma tirriżultax f'aktar ġenerazzjoni ta' enerġija mill-fjuwils fossili li jniġġsu l-aktar (pereżempju billi jiġu konnessi klijenti addizzjonali).

……

(d) Hemm skeda ta' żmien ċara li tinvolvi impenji sodi għat-tranżizzjoni 'l bogħod mill-fjuwils fossili li jniġġsu l-aktar fid-dawl tal-miri tal-klima tal-2030 tal-Unjoni u l-miri tan-newtralità klimatika tal-2050 (ara l-eżempju fin-nota ta' qiegħ il-paġna 156 tas-CEEAG).

……

([417]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri.

32. Jekk il-proġett jinċentiva investimenti ġodda fil-gass naturali jew it-tħaddim ta' assi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija bbażati fuq il-gass naturali, spjega jekk il-proġett jiżgurax dan li ġej, f'konformità mal-punt 397 tas-CEEAG:

(a) il-kontribut tal-għajnuna għall-kisba tal-mira klimatika tal-2030 tal-Unjoni u l-mira tan-newtralità klimatika tal-2050;

(b) kif se jiġi evitat effett ta' intrappolament tal-ġenerazzjoni tal-enerġija li taħdem bil-gass;

(c) kif l-għajnuna ma tispostax l-investimenti f'alternattivi aktar nodfa li diġà huma disponibbli fis-suq, u ma tfixkilx l-iżvilupp ta' teknoloġiji aktar nodfa u l-użu tagħhom.

.....

33. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 398 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk is-sistema tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali hijiex miftuħa għal aċċess minn partijiet terzi u jekk ikunx possibbli li jintużaw soluzzjonijiet ta' tisħin alternattivi sostenibbli.

.....

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 76(a) u t-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

34. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew ehmeż Anness ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari li jinkludi abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG. ([418])

.....

35. Jekk jiġi pprovdut abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

.....

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rrispettat.

.....

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

.....

36. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

.....

37. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

.....

([418]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

38. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew hux se jintgħażel fil-futur.

……

(b) Jekk jogħġbok agħti informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

……

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

……

39. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi li qed tipproponi għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Jekk jogħġbok kun af li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fiż-żmien debitu biex tkun tista' tiġi vvalutata l-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna, u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel ma tiskadi, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

Taqsima D: Rappurtar u Monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464-465) tas-CEEAG.

40. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ stipulati fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……

PARTI III.6.M

Skeda ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (minn hawn 'il quddiem "CEEAG") – Taqsima 4.11 – Għajnuna f'forma ta' tnaqqis mill-imposti fuq l-elettriku għall-utenti li jużaw ħafna enerġija

Din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari tikkonċerna l-miżuri koperti fit-Taqsima 4.11 tas-CEEAG. Jekk in-notifika tinkludi miżuri li huma koperti minn aktar minn taqsima waħda tas-CEEAG, jekk jogħġbok, ladarba tkun disponibbli, qis li timla wkoll l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari rispettiva li tikkonċerna t-taqsima rispettiva tas-CEEAG.

Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari jridu jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari.

Taqsima A: Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura/i notifikata/i

1. L-isfond u l-objettiv(i) tal-miżura/i notifikata/i.

1.1. Jekk jogħġbok indika jekk din hijiex miżura ġdida jew emenda għal miżura eżistenti. Jekk hija emenda, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar il-bidliet fl-iskema.

……

1.2. Jekk mhux diġà diskuss fit-Taqsima 5.2 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-isfond u l-objettiv prinċipali, inkluża kwalunkwe mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport li l-miżura hija maħsuba li tappoġġa.

……

1.3. Jekk jogħġbok indika kwalunkwe objettiv ieħor tal-miżura. Għal kwalunkwe objettiv li mhuwiex purament ambjentali, jekk jogħġbok spjega jekk jistax jirriżulta f'xi distorsjoni fis-suq intern.

……

2. Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien:

2.1. Jekk ma tkunx diġà pprovduta fit-Taqsima 5.5 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok indika:

(a) Għal skema tal-għajnuna:

— id-data li fiha huwa ppjanat li l-iskema se tidħol fis-seħħ:

……

— It-tul ta' żmien tal-iskema ([419]).

……

(b) Għal għajnuna individwali:

— id-data tal-għoti tal-għajnuna (ippjanata) (weġħda ta' għajnuna):

……

u

— id-data tal-pagament (l-ewwel data tal-pagament jekk ikunu previsti diversi pagamenti suċċessivi).

……

3. Benefiċjarju/i

3.1. Jekk mhux diġà pprovdut(i) fit-Taqsima 3 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok iddeskrivi l-benefiċjarju/i (potenzjali) tal-miżura/i.

……

3.2. Jekk jogħġbok indika l-post tal-benefiċjarju/i (potenzjali) (jiġifieri jekk l-entitajiet ekonomiċi li jinsabu biss fl-Istati Membri rispettivi jew ukoll dawk fi Stati Membri oħra jkunu eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżura).

……

3.3. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt 15 tas-CEEAG, jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna tingħatax taħt il-miżura/i favur impriża (individwali jew parti minn skema) li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

……

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-ammont ta' għajnuna li għad irid jiġi rkuprat sabiex il-Kummissjoni tqisha fil-valutazzjoni tal-miżura/i ta' għajnuna.

……

4. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura/i ma tinvolvix/jinvolvux għajnuna għal attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CEEAG (ara l-punt 13 tas-CEEAG). Inkella, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

……

([419]) Jekk jogħġbok innota li għal skema ta' għajnuna, it-tul ta' żmien huwa l-perjodu li matulu tista' ssir applikazzjoni għall-għajnuna u tittieħed deċiżjoni dwarha (jinkludi wkoll b'hekk iż-żmien meħtieġ għall-awtoritajiet biex japprovaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna). It-tul ta' żmien li hemm referenza għalih f'din id-domanda ma jirrigwardax it-tul tal-kuntratti konklużi taħt l-iskema ta' għajnuna, li jistgħu jitkomplew wara t-tul ta' żmien tal-miżura.

5. Baġit u finanzjament tal-miżura/i.

5.1. Jekk mhux diġà msemmi fit-tabella taħt it-Taqsima 7.1 tal-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I), jekk jogħġbok ipprovdi l-baġit annwali u/jew totali għat-tul ta' żmien kollu tal-miżura/i; jekk il-baġit totali mhuwiex magħruf (pereżempju minħabba li jiddependi fuq ir-riżultati tal-offerti), jekk jogħġbok indika stima tal-baġit, inklużi s-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-baġit stmat rispettiv. ([420])

.....

5.2. Peress li l-miżura tikkonċerna imposta, speċifika jekk:

(a) l-imposta hijiex stabbilita bil-liġi jew bi kwalunkwe att leġiżlattiv ieħor; jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-att legali, in-numru u d-data meta ġie adottat u daħal fis-seħħ, il-link tal-internet għall-att legali;

.....

(b) it-tnaqqis fl-imposta huwiex iffinanzjat billi tiżdied l-imposta għal konsumaturi oħra.

.....

(c) l-imposta tiffinanzjax kompletament il-miżura jew parzjalment biss. Jekk l-imposta tiffinanzja biss parzjalment il-miżura, indika s-sorsi l-oħra ta' finanzjament tal-miżura u l-proporzjon rispettiv tagħhom;

.....

(d) l-imposta li tiffinanzja l-miżura notifikata tiffinanzjax ukoll miżuri oħra ta' għajnuna. Jekk iva, indika l-miżuri l-oħra ta' għajnuna ffinanzjati mill-imposta kkonċernata.

.....

Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna

1. KUNDIZZJONI POŻITTIVA: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' attività ekonomika u effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.11.1 tas-CEEAG.

6. L-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara kompatibbli "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni". Għaldaqstant, l-għajnuna kompatibbli skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċertu attività ekonomika.

Barra minn hekk, għajnuna mill-Istat tista' titqies li tiffaċilita attività ekonomika biss jekk ikollha effett ta' inċentiv. Effett ta' inċentiv iseħħ meta l-għajnuna ġġiegħel lill-benefiċjarju jibdel l-imġiba tiegħu lejn l-iżvilupp ta' attività ekonomika segwita mill-għajnuna, u jekk din il-bidla fl-imġiba ma sseħħx mingħajr l-għajnuna.

(a) Jekk jogħġbok spjega kif il-mekkaniżmu għat-tnaqqis tal-imposti jipprovdi inċentivi lill-impriżi eliġibbli biex jevitaw ir-riskju ta' attivitajiet li jiċċaqalqu barra mill-Unjoni fejn id-dixxiplini ambjentali huma nieqsa jew inqas ambizzjużi jew inċentivi biex jinkoraġġixxu l-elettrifikazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni f'konformità mal-punt 400 tas-CEEAG.

.....

(b) Jekk jogħġbok identifika f'liema parti mill-(abbozz) tal-baži legali hija riflessa din il-konsiderazzjoni.

.....

([420]) Jekk jogħġbok kun af li bidla fil-baġit effettiv jew stmat tista' tkun bidla fl-għajnuna, li teħtieġ notifika ġdida.

1.2. **Ebda ksur ta' ebda dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punt 33) tas-CEEAG.

7. Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex tikkonferma l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-punt 33 tas-CEEAG.

……

2. KUNDIZZJONI NEGATTIVA: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

2.1. **Minimizzazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ**

2.1.1. *Il-ħtieġa u l-adegwatezza għall-intervent ta' għajnuna mill-Istat*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.11.2 u l-punt 413 tas-CEEAG.

8. Il-punt 403 tas-CEEAG japplika għat-tnaqqis tal-imposti fuq il-konsum tal-elettriku li jiffinanzja l-objettivi ambjentali u tal-enerġija. Għal kull imposta li fuqha huwa previst li jingħata tnaqqis, ipprovdi deskrizzjoni kompluta u dettaljata dwar in-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-applikazzjoni tal-imposti billi tispjega kif taħdem is-sistema tal-imposti fil-prattika (il-funzjonament tal-iskema u l-awtorità awtorizzanti) u billi tagħmel referenzi dettaljati għall-qafas regolatorju tagħha (il-bażi legali).

……

B'mod partikolari, aqsam informazzjoni dwar l-elementi li ġejjin:

(a) l-iskop ta' kull imposta (li jispjega kif jintuża d-dħul miġbur minn kull imposta);

……

(b) kif u fuq min tiġi imposta l-imposta; x'inhi l-bażi li fuqha titħallas l-imposta għal impriża; il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rata tal-imposta; jekk japplikawx, u għaliex u kif japplikaw, rati differenti tal-imposti fuq il-bażi mitluba; kemm ta' spiss u fuq liema bażi tiġi riveduta r-rata tal-imposta;

……

(c) jiddeskrivu d-diversi entitajiet involuti fl-istabbiliment u r-reviżjoni tal-imposta kif ukoll dawk involuti fil-ġbir u l-ġestjoni tad-dħul miġbur permezz tal-imposta;

……

(d) iddeskrivi kif taħdem is-sistema tal-ġbir u tad-distribuzzjoni mill-ġdid tal-imposti;

……

(e) ipprovdi l-aktar ċifri annwali riċenti dwar ir-rati tal-imposti applikati u d-dħul totali miġbur. Jekk disponibbli, ipprovdi projezzjonijiet għall-futur;

……

9. Il-punt 404 tas-CEEAG jiddikjara li l-Istati Membri għandhom jinkludu t-tnaqqis kollu fuq l-imposti tal-elettriku potenzjalment multipli għall-utenti li jużaw ħafna enerġija fi skema waħda u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-effett kumulattiv tal-imposti eliġibbli kollha u t-tnaqqis kollu propost.

(a) Jekk jogħġbok ikkonferma li t-tnaqqis kollu fl-imposti li għandu jingħata abbażi tat-Taqsima 4.11 tas-CEEAG huwa kopert mill-miżura notifikata, u li tnaqqis possibbli fil-futur fuq l-imposti għajr dawk koperti se jiġi notifikat permezz ta' emenda għall-miżura notifikata.

……

(b) Fuq il-bażi tas-snin reċenti u l-projezzjonijiet possibbli, ipprovdi informazzjoni dwar l-effett kumulattiv tal-imposti rilevanti kollha (kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi, meta mqabbla mal-kostijiet globali tal-elettriku u l-imposti, l-imposti u t-taxxi globali tal-elettriku) u tat-tnaqqis relatat għall-benefiċjarji taħt l-iskema notifikata.

……

10. Jekk jogħġbok iddeskrivi jekk l-għajnuna taħt il-miżura notifikata hijiex se tkun fil-forma ta' tnaqqis *ex ante* fl-imposti, ammont ta' kumpens *ex post* (rifużjoni) jew taħlita tat-tnejn. Jekk jogħġbok agħmel referenzi speċifiċi fit-tweġiba tiegħek għall-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3).

……

(a) Skont il-punt 413 tas-CEEAG, jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' tnaqqis fl-imposti, ikkonferma:

(i) li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmu ta' monitoraġġ *ex post*;

……

(ii) u li kwalunkwe ħlas żejjed ta' għajnuna jitħallas lura qabel l-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara. Indika fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha).

……

(b) Skont il-punt 413, l-aħħar sentenza, tas-CEEAG, jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' rifużjoni, ikkonferma li din tiġi kkalkulata abbażi tal-livelli osservati tal-konsum tal-elettriku u, jekk applikabbli, il-valur miżjud gross matul il-perjodu ta' żmien li matulu ġew applikati l-imposti eliġibbli.

……

2.2. **Eliġibbiltà**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.11.3.1 (il-punti 405-407) tas-CEEAG.

11. Il-punt 405 tas-CEEAG jiddefinixxi s-setturi elettrointensivi "f'riskju sinifikanti" (il-punt (a)) u "f'riskju" (il-punt (b)). Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 405 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li s-setturi elettrointensivi eliġibbli kollha "f'riskju" u "f'riskju sinifikanti" skont il-miżura notifikata huma elenkati f'partijiet relatati tal-Anness I tas-CEEAG u pprovdi fl-Anness ta' din il-formola l-listi tas-setturi tan-NACE-4 "f'riskju" u "f'riskju sinifikanti" li huma eliġibbli għall-għajnuna skont il-miżura, filwaqt li tindika fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3).

……

12. Il-punt 406 tas-CEEAG jiddikjara li settur jew sottosettur ([421]) mhux inkluż fl-Anness I tas-CEEAG se jitqies eliġibbli wkoll dment li jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-punt 405. Jekk l-għajnuna skont il-miżura notifikata hija maħsuba li tingħata wkoll lil setturi u/jew subsetturi mhux inklużi fl-Anness I tas-CEEAG:

(a) uri konformità mal-metodoloġija skont il-punt 405 tas-CEEAG għal kull (sub)settur;

……

([421]) Skont id-definizzjoni tal-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (klassifikazzjoni "NACE Rev.2"), sa livell ta' diżaggregazzjoni mhux oġħla minn tmien ċifri (livell "PRODCOM").

(b) f'anness ma' din il-formola pprovdi data li hija rappreżentattiva tas-settur jew tas-sottosettur fil-livell tal-Unjoni ([422]), ivverifikata minn espert indipendenti u bbażata fuq perjodu ta' żmien ta' mill-inqas tliet snin konsekuttivi li jibda mhux qabel l-2013.

……

13. Jekk jogħġbok iddeskrivi kif l-applikanti se jkollhom juru li joperaw f'settur eliġibbli, filwaqt li tindika fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3).

……

14. Jekk jogħġbok elenka l-kundizzjonijiet l-oħra kollha biex tkun eliġibbli għall-għajnuna skont il-miżura notifikata, filwaqt li tindika fejn din l-informazzjoni tista' tinstab fil-bażi legali (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3). B'mod partikolari, jekk jogħġbok spjega (a) jekk il-benefiċjarji jew is- (sub) setturi fil-prinċipju eliġibbli skont l-Anness I tas-CEEAG humiex esklużi, (b) jekk hemmx kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali li japplikaw u mhumiex imsemmija fit-Taqsima 4.11 tas-CEEAG jew (c) jekk huwiex previst tnaqqis differenti fl-imposta għall-benefiċjarji fl-istess kategorija.

……

15. F'konformità mal-punt 407 tas-CEEAG, huwa possibbli li l-benefiċjarji eliġibbli tal-miżura jiġu ristretti aktar. Jekk dan huwa l-każ, spjega għal kull kundizzjoni ta' eliġibbiltà addizzjonali bħal din ir-raġunament sottostanti u uri li (i) il-kundizzjoni rispettiva hija bbażata fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji u trasparenti u li (ii) l-għajnuna tingħata, fil-prinċipju, bl-istess mod għall-benefiċjarji eliġibbli kollha fl-istess settur jekk ikunu f'sitwazzjoni fattwali simili.

……

2.3. **Il-proporzjonalità tal-għajnuna (l-għajnuna limitata għall-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tagħha) inkluża l-akkumulazzjoni**

2.3.1. *Il-prinċipju tal-proporzjonalità tal-għajnuna*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.11.3.2 u l-punt 407 tas-CEEAG.

16. Bl-għan li tiġi ppruvata l-konformità mat-Taqsima 4.11.3.2 u mal-punt 407 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni kompluta u dettaljata tal-metodoloġija għall-kalkolu tat-tnaqqis fl-imposti applikabbli għall-benefiċjarji eliġibbli, filwaqt li tindika fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3). B'mod partikolari:

(a) Jekk jogħġbok indika r-rata massima ta' tnaqqis tal-imposta applikabbli għal impriżi li joperaw f'setturi "f'riskju" u "f'riskju sinifikanti", rispettivament;

……

(b) Jekk jogħġbok indika jekk il-miżura notifikata tipprevedix, meta mqabbla mal-punt "i" hawn fuq, tkompli tillimita l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-imposti tal-elettriku rilevanti. Jekk dan huwa l-każ, jekk jogħġbok ipprovdi wkoll (a) il-valur ta' dawn il-limiti fir-rigward tal-valur miżjud gross ("GVA") ta' impriżi li joperaw f'setturi "f'riskju" u "f'riskju sinifikanti" u (b) iddeskrivi kif jiġi kkalkolat il-GVA tal-impriżi eliġibbli li joperaw f'setturi "f'riskju" u "f'riskju sinifikanti";

……

(c) Jekk jogħġbok ikkonferma li, fi kwalunkwe każ, it-tnaqqis fl-imposti mhux se jirriżulta f'imposta ta' inqas minn EUR 0.5/MWh.

……

([422]) Pereżempju data li tkopri perċentwal sinifikanti tal-valur miżjud gross fil-livell tal-UE tas-settur jew sottosettur ikkonċernat.

17. Indika jekk il-miżura notifikata tipprevedix, f'konformità mal-punt 410 tas-CEEAG, intensitajiet ogħla ta' għajnuna għal dawk l-impriżi li joperaw f'setturi "f'riskju" li jnaqqsu l-impronta tal-karbonju tal-konsum tal-elettriku tagħhom.

Jekk iva:

(a) Jekk jogħġbok iddeskrivi l-intensitajiet ogħla tal-għajnuna u kkonferma l-kundizzjonijiet relatati li għandhom jiġu ssodisfati mill-impriżi kkonċernati (jiġifieri 50 % tal-konsum tal-elettriku minn sorsi ħielsa mill-karbonju, li minnhom jew mill-inqas 10 % minn strument forward bħal PPA jew mill-inqas 5 % mill-ġenerazzjoni fuq il-post jew qrib is-sit), filwaqt li tindika fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3);

……

(b) Jekk jogħġbok iddeskrivi kif l-issodisfar ta' dawn il-kundizzjonijiet se jiġi mmonitorjat u, fil-każ ta' monitoraġġ *ex post*, x'ikun l-effett f'każ ta' nuqqas ta' konformità minn impriża.

……

18. Jekk applikabbli, jekk jogħġbok iddeskrivi kwalunkwe modulazzjoni ulterjuri tar-rata ta' tnaqqis tal-imposta fost il-benefiċjarji li joperaw f'setturi "f'riskju" u "f'riskju sinifikanti", rispettivament, filwaqt li tindika fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3). Jekk jogħġbok uri li (a) tnaqqis differenti fl-imposti huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji u trasparenti u li (b) l-għajnuna tingħata, fil-prinċipju, bl-istess mod għall-benefiċjarji eliġibbli kollha fl-istess settur jekk ikunu f'sitwazzjoni fattwali simili.

……

2.3.2. *Il-verifiki tal-enerġija u s-sistemi ta' ġestjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.11.3.4 tas-CEEAG.

19. F'konformità mal-punt 414 tas-CEEAG, iddeskrivi kif l-awtoritajiet nazzjonali se jivverifikaw skont il-miżura notifikata li l-benefiċjarji jikkonformaw mal-obbligu li jwettqu awditu tal-enerġija fis-sens tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE. Jekk jogħġbok indika fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3).

……

20. Il-punt 415 tas-CEEAG jipprevedi li l-benefiċjarji meħtieġa jwettqu awditu tal-enerġija jridu jikkonformaw ma' mill-inqas waħda mit-tliet għażliet li ġejjin, jiġifieri (a) l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar, sal-punt li ż-żmien għall-ħlas lura jkun massimu ta' 3 snin u li l-kostijiet tal-investimenti tagħhom ikunu proporzjonati, jew (b) ikopru mill-inqas 30 % tal-konsum tal-elettriku tagħhom minn sorsi mingħajr karbonju, jew (c) jinvestu mill-inqas 50 % tal-għajnuna fi proġetti li jwasslu għal tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Jekk jogħġbok iddeskrivi kif l-awtoritajiet nazzjonali se jimmonitorjaw skont il-miżura notifikata li l-benefiċjarji meħtieġa jwettqu awditu tal-enerġija skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE jikkonformaw ma' waħda jew aktar mit-tliet għażliet elenkati fil-punt 415 tas-CEEAG, u indika fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3). B'mod partikolari, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji għal kull għażla prevista fil-miżura notifikata:

(a) kif eżattament il-benefiċjarji se jkollhom juru l-konformità;

……

(b) meta l-iskadenza tkun trid tikkonforma mar-rekwiżiti (eż., li l-investimenti rilevanti jitlestew fi żmien sena mill-għoti tal-għajnuna) u kemm spiss il-benefiċjarji jkollhom jagħtu prova tal-konformità (eż., fuq bażi annwali);

……

(c) kif u kemm spiss se jiġi mmonitorjat l-issodisfar tal-kundizzjonijiet (eż., fuq bażi annwali);

……

(d) x'se jkunu l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità għall-benefiċjarji (eż. rifjut li tingħata l-għajnuna, jekk verifika *ex ante*, jew rimborż tal-għajnuna diġà mogħtija, jekk verifika *ex post*).

……

2.3.3. *Akkumulazzjoni*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punti 56-57 tas-CEEAG.

21. Sakemm ma jkunx diġà pprovdut skont il-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali (il-Parti I) u sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 56 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk l-għajnuna skont il-miżura/i notifikata/i tistax tingħata fl-istess ħin taħt diversi skemi ta' għajnuna jew akkumulata ma' għajnuna *ad hoc* jew *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli. Jekk dan huwa l-każ, jekk jogħġbok agħti dettalji dwar dawk l-iskemi ta' għajnuna, l-għajnuna *ad hoc* jew l-għajnuna *de minimis* u kif l-għajnuna se tiġi akkumulata.

……

22. Jekk il-punt 56 tas-CEEAG huwa applikabbli għall-miżura/i ta' għajnuna notifikata/i, iġġustifika kif l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija skont il-miżura/i notifikata/i għal attività ma jwassalx għal kumpens żejjed jew jaqbeż l-ammont massimu ta' għajnuna permess skont il-punti 408 sa 410 tas-CEEAG. Għal kull miżura li l-għajnuna mogħtija skont il-miżura/i ta' għajnuna notifikata tista' tiġi akkumulata magħha, jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 56 tas-CEEAG.

……

23. F'każ li l-punt 57 tas-CEEAG ikun applikabbli, jiġifieri l-għajnuna mogħtija taħt il-miżura/i notifikata/i tkun ikkombinata ma' finanzjament tal-Unjoni mmaniġġjat ċentralment ([423]), jekk jogħġbok iġġustifika kif l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli ma jwassalx għal kumpens żejjed.

……

2.3.4. *Regoli tranżizzjonali*

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 4.11.3.5 tas-CEEAG.

24. Jekk jogħġbok indika jekk in-notifika preżenti tinkludix għajnuna mhux notifikata mogħtija fil-forma ta' imposti mnaqqsa fuq l-elettriku għall-utenti li jużaw ħafna enerġija fil-perjodu qabel il-pubblikazzjoni tas-CEEAG. Jekk iva, spjega kif l-għajnuna mhux notifikata tikkonforma mal-punt 419 tas-CEEAG, il-paragrafi (a) u (b).

……

25. Jekk jogħġbok indika jekk il-miżura notifikata tistabbilixxix pjan tranżitorju biex jiġu evitati bidliet ta' tfixkil fil-piż tal-imposta għal impriżi individwali li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 4.11 tas-CEEAG. Jekk iva, jekk jogħġbok wieġeb il-mistoqsijiet li jmiss ta' din it-Taqsima.

……

26. F'konformità mal-punt 416 tas-CEEAG, spjega kif l-eliġibbiltà għall-pjan tranżitorju se tkun limitata għal impriżi li (i) issodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà tat-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014–2020, u (ii) irċevew għajnuna fil-forma ta' imposti mnaqqsa f'mill-inqas waħda mit-2 snin qabel l-emenda tal-iskemi ta' għajnuna eżistenti sabiex jinġiebu f'konformità mas-CEEAG. Jekk jogħġbok indika fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3)

……

([423]) Il-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment huwa l-finanzjament tal-Unjoni ġestit ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri.

27. Jekk jogħġbok iddeskrivi kif il-pjan tranżizzjonali se jinvolvi aġġustament progressiv u komplet għall-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-proporzjonalità tat-taqsima 4.11 tas-CEEAG, u b'mod partikolari kif l-intensità tal-għajnuna tonqos maż-żmien u kif il-limitu massimu tal-GVA jiżdied maż-żmien f'konformità mal-iskeda msemmija fil-punt 417 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok agħmel referenzi speċifiċi għal fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3).

.....

28. Jekk jogħġbok indika jekk il-pjan tranżitorju hux se jippermetti b'mod eċċezzjonali intensitajiet ta' għajnuna fissa matul il-perjodu tranżitorju kollu, dment li l-impriżi kkonċernati jnaqqsu l-impronta tal-karbonju tal-konsum tal-elettriku tagħhom f'konformità mal-kundizzjonijiet fil-punt 418 tas-CEEAG (jiġifieri 50 % tal-konsum tal-elettriku minn sorsi ħielsa mill-karbonju, li minnhom jew mill-inqas 10 % minn strument forward bħal PPA jew mill-inqas 5 % mill-ġenerazzjoni fuq il-post jew qrib). Jekk iva, jekk jogħġbok indika fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni fil-bażi legali (l-abbozz tagħha) (eż. l-Artikolu 7, il-paragrafu 3) u spjega kif il-konformità mal-punt 418 tas-CEEAG hija żgurata u mmonitorjata mill-awtoritajiet nazzjonali.

.....

2.4. **Trasparenza**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.1.4 (il-punti 58-62) tas-CEEAG.

29. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fil-punti 58-61 tas-CEEAG.

.....

30. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 61 tas-CEEAG, jekk jogħġbok ikkonferma li l-informazzjoni pprovduta fil-punt 58(b) se tkun disponibbli għal mill-inqas 10 snin mid-data li fiha ngħatat l-għajnuna sabiex tippermetti l-infurzar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat skont it-Trattat,

.....

2.5. **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u l-ibbilanċjar**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.2.2 tas-CEEAG.

31. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 70 tas-CEEAG:

(a) jekk jogħġbok ikkonferma li t-tul ta' żmien tal-iskema huwa ta' massimu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli;

.....

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li jekk l-Istat Membru jixtieq jestendi t-tul ta' żmien tal-miżura lil hinn minn dak il-perjodu massimu ta' 10 snin, dan se jirrinotifika l-miżura/i.

.....

3. L-IBBILANĊJAR TAL-EFFETTI POŻITTIVI TAL-GĦAJNUNA MAL-EFFETTI NEGATTIVI FUQ IL-KOMPETIZZJONI U L-KUMMERĊ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3.3 (il-punti 71-76) u l-punti 400-402 tas-CEEAG.

32. F'konformità mal-punt 75 tas-CEEAG, jekk jogħġbok iċċara jekk il-miżura/i notifikata/i tinkludix karatteristiċi li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs. Jekk iva, ipprovdi informazzjoni dwar dawk il-karatteristiki u ġġustifika kif l-effetti pożittivi tal-iżgurar tal-parteċipazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-SMEs fil-miżura/i notifikata/i jegħlbu l-effetti distorsivi possibbli.

.....

33. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-punt 76 (c) tas-CEEAG, speċifika jekk il-miżura/i ta' għajnuna hijiex/humiex soġġetta/i għal limitu ta' żmien.

……

Taqsima C: Evalwazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 76(a) u t-Taqsima 5 (il-punti 455-463) tas-CEEAG.

34. Jekk il-miżura/i notifikata/i taqbeż/jaqbżu l-limiti tal-baġit/tan-nefqa fil-punt 456 tas-CEEAG, jekk jogħġbok spjega għaliex fil-fehma tiegħek għandha tapplika l-eċċezzjoni fil-punt 457 tas-CEEAG, jew ehmeż Anness ma' din l-iskeda ta' informazzjoni supplimentari li jinkludi abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-punt 458 tas-CEEAG. ([424])

……

35. Jekk jiġi pprovdut abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni, jekk jogħġbok:

(a) hawn taħt ipprovdi sommarju ta' dak l-abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni inkluż fl-Anness.

……

(b) ikkonferma li l-punt 460 tas-CEEAG se jiġi rrispettat.

……

(c) agħti d-data u l-link tal-internet fejn il-pjan ta' evalwazzjoni se jkun disponibbli għall-pubbliku.

……

36. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(b) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* u t-tul ta' żmien tagħha jaqbeż it-tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma li se tinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara modifika sinifikanti li żżid il-baġit tal-iskema għal aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew EUR 750 miljun matul it-tul ta' żmien totali tal-iskema.

……

37. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 459(c) tas-CEEAG, f'każ li l-iskema ta' għajnuna attwalment ma tkunx soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, jekk jogħġbok hawn taħt ipprovdi impenn li l-Istat Membru se jinnotifika abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fi żmien 30 jum tax-xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-kontijiet uffiċjali ta' nfiq ta' aktar minn EUR 150 miljun fis-sena preċedenti.

……

38. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok iċċara jekk l-espert indipendenti diġà ntgħażilx jew jekk hux se jintgħażel fil-futur.

……

(b) Jekk jogħġbok agħti informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla tal-espert.

……

(c) Jekk jogħġbok iġġustifika kif l-espert huwa indipendenti mill-awtorità tal-għotjiet.

……

([424]) Il-mudell għall-iskeda ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika tal-pjan ta' evalwazzjoni (il-Parti III.8) huwa aċċessibbli hawnhekk: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en#evaluation-plan.

39. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-punt 461 tas-CEEAG:

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi l-iskadenzi proposti tiegħek għas-sottomissjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali. Innota li r-rapport ta' evalwazzjoni finali jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xieraq biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-estensjoni possibbli tal-iskema ta' għajnuna u mhux aktar tard minn 9 xhur qabel l-iskadenza tagħha, f'konformità mal-punt 463 tas-CEEAG. Jekk jogħġbok kun af li din l-iskadenza tista' titnaqqas għal skemi li għalihom jiskatta r-rekwiżit ta' evalwazzjoni fl-aħħar sentejn ta' implimentazzjoni tagħhom.

……

(b) Jekk jogħġbok ikkonferma li r-rapport ta' evalwazzjoni interim u finali se jsir pubbliku. Jekk jogħġbok ipprovdi d-data u l-link tal-internet fejn dawn ir-rapporti se jkunu disponibbli għall-pubbliku.

……

Taqsima D:Rappurtar u Monitoraġġ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-Taqsima, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 (il-punti 464-465) tas-CEEAG.

40. Jekk jogħġbok ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ previsti fit-Taqsima 6, il-punti 464 u 465 tas-CEEAG.

……"

(e) Il-Parti III.7 hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI III.7

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-FINANZJAMENT TA' RISKJU

Imla din il-formola ta' informazzjoni supplimentari, flimkien mal-formola ta' "Informazzjoni ġenerali", sabiex tinnotifika kwalunkwe skema ta' għajnuna koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' finanzjament ta' riskju ("RFG") ([425]). *Ikkonsulta l-paragrafu 35 tal-RFG għad-definizzjonijiet.*

Flimkien ma' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, ibgħat "valutazzjoni ex ante" fil-fond li tagħti prova tal-falliment speċifiku tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor, u li tiġġustifika kif l-iskema notifikata hija meħtieġa, xierqa u proporzjonata biex tindirizzahom ([426]).

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. **Raġunijiet għan-notifika tal-iskema:**

(a) ☐ L-iskema ma tikkonformax mar-Regolament (UE) Nru 651/2014 ([427]). Identifika d-dispożizzjonijiet fil-bażi legali tal-iskema li jmorru lil hinn mir-Regolament (UE) Nru 651/2014 u indika liema huma dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jmorru lil hinn minnu:

……

([425]) Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju (ĠU C 508 tas-16.12.2021, p. 1) disponibbli f'https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2021.508.01.0001.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2021%3A508%3ATOC.

([426]) Ara t-Taqsima 3 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari.

([427]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj). Ara b'mod partikolari t-taqsima 3 intitolata "Għajnuna għall-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs" u l-Artikoli 21, 21a, 22, 23, 24.

(b) ☐ L-iskema ma tikkonformax mar-Regolament *de minimis* ([428]). Indika r-raġunijiet għaliex:

……

(c) ☐ L-iskema ma tikkonformax mat-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq f'livell wieħed jew aktar (fil-livell tal-investituri, fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju u l-maniġer tiegħu, u fil-livell tal-impriżi li fihom isir l-investiment) (Ara l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' Għajnuna ([429]); għas-self, issir referenza għall-Komunikazzjoni dwar ir-Rata ta' Referenza ([430]); għall-garanziji, issir referenza għall-Avviż dwar il-Garanziji ([431])). Speċifika r-raġunijiet għaliex:

……

(d) ☐ L-iskema ma fihiex għajnuna u hija notifikata għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

1.2. **Il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema notifikata: Immarka kif xieraq biex tikkonforma:**

(a) ☐ L-iskema notifikata tintuża permezz ta' intermedjarji finanzjarji jew pjattaformi ta' negozjar alternattivi, għajr għall-inċentivi fiskali fuq investimenti diretti f'impriżi eliġibbli, (il-paragrafu 22 tal-RFG).

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

(b) ☐ L-iskema notifikata teskludi kumpaniji kbar, ħlief għal ditti b'kapitalizzazzjoni medja ("mid-caps") li huma jew mid-caps żgħar jew mid-caps innovattivi (il-paragrafu 23 tal-RFG).

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

(c) ☐ L-iskema notifikata teskludi għajnuna ta' finanzjament ta' riskju lil kumpaniji elenkati fil-lista uffiċjali ta' suq regolat (il-paragrafu 24 tal-RFG).

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

(d) ☐ L-iskema notifikata tinvolvi l-parteċipazzjoni minn investituri privati indipendenti (il-paragrafu 25 tal-RFG).

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

(e) ☐ L-iskema notifikata tipprovdi li, fir-rigward ta' qsim asimetriku tar-riskji u l-gwadanji bejn l-Istat u investituri privati, hemm riskju sostanzjali mġarrab mill-investituri privati jew li l-Istat jirċievi ċertu gwadann mill-investiment tiegħu (il-paragrafu 26 tal-RFG).

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

(f) ☐ L-iskema notifikata ma tistax tintuża sabiex tappoġġa akkwiżizzjonijiet maġġoritarji (il-paragrafu 27 tal-RFG).

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

([428]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2831/oj).

([429]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1.

([430]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6).

([431]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

(g) ☐ L-iskema notifikata tipprovdi li l-ebda għajnuna finanzjarja ta' riskju mhi se tingħata lil impriżi f'diffikultà, kif definit fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ([432]) (Kun af li skont l-RFG, SMEs li kienu qed joperaw fi kwalunkwe suq għal mhux itwal mill-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jikkwalifikaw għal investimenti ta' finanzjament ta' riskju wara diliġenza dovuta mill-intermedjarju finanzjarju magħżul ma jiġux ikkunsidrati bħala impriżi f'diffikultà, sakemm ma jkunux soġġetti għal proċeduri ta' insolvenza jew jissodisfaw il-kriterji skont il-liġi domestika tagħhom talli tqiegħdu fi proċedimenti kollettivi ta' insolvenza fuq talba tal-krediturі tagħhom) (il-paragrafu 28(a) tal-RFG).

Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

(h) ☐ L-iskema notifikata teskludi għajnuna lil impriżi li rċevew għajnuna illegali li għadha ma ġietx irkuprata bis-sħiħ (il-paragrafu 28(b) tal-RFG).

(i) ☐ L-iskema notifikata ma tikkonċernax għajnuna għal attivitajiet marbutin mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta b'mod dirett mal-kwantitajiet esportati, l-istabbiliment u t-tħaddim ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' kostijiet oħrajn marbutin mal-attività ta' esportazzjoni, kif ukoll għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' prodotti domestiċi minflok dawk importati (il-paragrafu 29 tal-RFG).

(j) ☐ L-iskema notifikata ma tagħmilx l-għajnuna soġġetta għall-obbligu li jintużaw prodotti li jsiru fuq livell nazzjonali jew servizzi nazzjonali; ma tiksirx il-libertà tal-istabbiliment, meta l-għajnuna tkun soġġetta għall-obbligu tal-intermedjarji finanzjarji, il-maniġers jew il-benefiċjarji finali tagħhom li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew iċaqalquh lejn it-territorju ta' dak l-Istat Membru; u ma timponix kundizzjonijiet li jiksru l-Artikolu 63 tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital (il-paragrafu 41 tal-RFG)

2. DESKRIZZJONI TAL-ISKEMA

2.1. **Baġit tal-iskema:**

(a) X'inhu l-ammont ta' investiment totali (inkluż kemm is-sehem pubbliku kif ukoll privat) għal kull impriża destinatarja tul iċ-ċiklu ta' investiment sħiħ għal kull impriża li tibbenefika mill-iskema (jiġifieri: mhux fis-sena)? Speċifika l-parti pubblika u privata:

……

(b) X'inhu d-daqs tal-baġit annwali tal-iskema?

……

(c) X'inhu d-daqs globali tal-baġit tal-iskema għad-durata kollha tagħha?

……

(d) X'ammont jinvolvi l-fond ta' investiment imwaqqaf bl-iskema?

……

(e) L-iskema se tiġi kofinanzjata minn fondi tal-Unjoni (Fond InvestEU, Fond Soċjali Ewropew, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, oħrajn)? Speċifika liema fond tal-Unjoni:

……

2.2. **Durata tal-iskema:**

(a) X'inhi d-durata tal-iskema? (Speċifika d-dati tad-dħul fis-seħħ tagħha u d-data ta' tmiem tagħha)

(b) X'inhi d-durata prevista tal-perjodu ta' investiment?

(c) X'inhi d-durata prevista tal-perjodu ta' parteċipazzjoni?

([432]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

(d) Hemm dati ta' tmiem differenti għal forom differenti ta' għajnuna skont l-iskema?

……

2.3. **Impriżi destinatarji li huma l-benefiċjarji finali tal-iskema notifikata: Il-valutazzjoni *ex ante* ([433]) turi l-ħtieġa li l-impriżi li ġejjin ikunu d-destinatarji tal-iskema bħala benefiċjarji finali (il-paragrafi 53 sa 66 tal-RFG)**

(a) ☐ Mid-caps żgħar (impriża li mhix SME u (i) li n-numru ta' impjegati tagħha ma jaqbiżx 499, ikkalkulat skont l-Artikoli 3 sa 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 651/2014, u (ii) li l-fatturat annwali tagħha ma jaqbiżx EUR 100 miljun jew li l-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma taqbiżx EUR 86 miljun). B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

(b) ☐ Mid-caps innovattivi kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014. B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni xierqa:

……

(c) ☐ Impriżi li jirċievu l-investiment ta' finanzjament ta' riskju inizjali waqt li jkunu ilhom joperaw fi kwalunkwe suq għal aktar mill-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit fl-Artikolu 21, il-paragrafu 3, l-ittra b tar-Regolament (UE) Nru 651/2014. B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

(d) ☐ Negozji ġodda u SMEs li jeħtieġu investiment ta' finanzjament ta' riskju (inklużi pubbliċi u privati) ta' ammont li jaqbeż l-ammont massimu ta' EUR 16,5 miljun għal kull impriża eliġibbli stabbilit fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014. B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

(e) ☐ Pjattaformi ta' negozjar alternattivi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014. B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

(f) ☐ Oħrajn:

……

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

2.4. **Strumenti finanzjarji: il-valutazzjoni *ex ante* turi ħtieġa għall-parametri ta' tfassil li ġejjin li ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) Nru 651/2014 (il-paragrafu 82 sa 88 tal-RFG):**

(a) ☐ Parteċipazzjoni tal-investituri privati indipendenti inqas mill-proporzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 21, il-paragrafu 12 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 (il-paragrafi 82 u 83 tal-RFG).

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

([433]) L-RFG (il-paragrafu 50) jeħtieġu li ssir valutazzjoni *ex ante* u li tiġi ppreżentata għall-miżuri kollha ta' finanzjament ta' riskju notifikabbli.

(b) ☐ Strumenti finanzjarji b'parametri ta' tfassil ogħla mil-limiti massimi pprovduti fl-Artikolu 21, il-paragrafu 10, l-ittri b (l-ewwel telf tal-Istat) u c (rata ta' garanzija), tar-Regolament (UE) Nru 651/2014. jiġifieri meta l-investitur pubbliku jieħu iktar riskju minn dak awtorizzat mir-Regolament (UE) Nru 651/2014 (il-paragrafi 84 u 85 tal-RFG).

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

(c) ☐ Strumenti finanzjarji għajr garanziji fejn l-investituri, l-intermedjarji finanzjarji u l-maniġers tagħhom jintgħażlu billi tingħata preferenza lill-protezzjoni minn telf possibbli (jiġifieri protezzjoni kontra t-telf) fuq inċentivi pożittivi (jiġifieri redditi mill-profitti (il-paragrafi 86 sa 88 tal-RFG).

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

(d) ☐ Oħrajn:

……

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

2.5. **Strumenti fiskali: il-valutazzjoni *ex ante* turi li huma meħtieġa l-parametri ta' tfassil li ġejjin li ma jikkonformawx mar-Regolament (UE) Nru 651/2014:**

(a) ☐ Inċentivi fiskali għal investituri korporattivi (inklużi intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers tagħhom li jaġixxu bħala koinvestituri) (il-paragrafi 89 u 90 tal-RFG).

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

(b) ☐ Inċentivi fiskali għal investituri korporattivi għall-investiment fl-SMEs permezz ta' pjattaforma tan-negozjar alternattiva (il-paragrafu 81 tal-RFG).

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

(c) ☐ Oħrajn:

……

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……

2.6. **Investituri privati li jipparteċipaw fl-iskema notifikata b'ekwità, self jew garanziji:**

(Ara d-definizzjoni ta' "investitur privat indipendenti" fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014).

(a) Ipprovdi l-karatteristiċi tal-investituri privati li jieħdu sehem fil-miżura (pereżempju investituri korporattivi, persuni fiżiċi, eċċ.):

……

(b) L-investituri privati jipprovdu ekwità, self jew garanziji fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju (pereżempju fond tal-fondi) jew fil-livell tal-benefiċjarji finali? Speċifika l-livell u kemm:

……

(c) L-intermedjarji finanzjarji li jimplimentaw l-iskema (ara t-taqsima 2.7. li ġejja) jikkoinvestu huma wkoll (u b'hekk huma meqjusin ukoll bħala investituri privati)?

☐ Iva. Speċifika: .....

☐ Le.

2.7. **Intermedjarji finanzjarji u entità fdata li timplimenta l-iskema notifikata:**

(Ara d-definizzjoni wiesgħa ta' intermedjarju finanzjarju fil-paragrafu 35(11) tal-RFG; din tinkludi wkoll fondi b'personalità legali u mingħajrha)

(a) Speċifika n-natura tal-intermedjarji finanzjarji li jimplimentaw l-iskema:

.....

(b) L-implimentazzjoni tal-miżura tinvolvi "entità fdata" (kif definita fil-paragrafu 35(5) tal-RFG)?

☐ Iva. Agħti d-dettalji:

☐ Le.

(c) L-entità fdata tinvesti hi wkoll mal-Istat Membru mir-riżorsi tagħha stess?

☐ Iva. Ipprovdi r-referenza għall-bażi legali li tawtorizza lill-entità fdata tagħmel dak il-koinvestiment:

.....

☐ Le.

(d) Kif tintgħażel l-entità fdata?

☐ Permezz ta' proċedura tal-għażla miftuħa, trasparenti, mhux diskriminatorja u oġġettiva. Speċifika:

.....

☐ Permezz ta' ħatra diretta. Spjega l-metodu għall-kalkolu tal-kumpens tagħha biex timplimenta l-miżura, sabiex jiġi żgurat li mhijiex ikkumpensata żżejjed (il-paragrafu 150 tal-RFG):

.....

(e) L-entità fdata tmexxi fond(i) li minnu/hom huwa pprovdut finanzjament skont l-iskema notifikata?

☐ Iva. ☐ Le.

(f) Il-karatteristiċi tal-kumpanija maniġerjali inkarigata mill-implimentazzjoni tal-miżura fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju:

.....

(g) Fil-każ ta' bosta livelli ta' intermedjarji finanzjarji involuti fl-iskema (inklużi fondi tal-fondi), ipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha għal kull livell tal-intermedjarju finanzjarju:

.....

2.8. **Hemm xi parti oħra involuta fl-iskema notifikata (ħlief l-awtorità pubblika li tagħti l-għajnuna, l-impriżi fil-mira, l-intermedjarji finanzjarji, u l-investituri privati)?**

☐ Iva. Speċifika: .....

☐ Le.

2.9. **Deskrizzjoni dettaljata tal-istrateġija ta' investiment u tal-istrument(i) ta' investiment:**

— X'inhi l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarju finanzjarju?

— Liema objettivi ta' politika pubblika huma segwiti b'din l-istrateġija ta' investiment?

— Ehmeż tpinġija sabiex turi l-istruttura tal-iskema u l-istrument(i) tagħha, fejn ikunu indikati l-partijiet involuti kollha, kemm huma involuti, kif ukoll, jekk xieraq, l-Anness li jiġbor fil-qosor it-tifsila kumplessiva tal-iskema notifikata.

.....

— Iddeskrivi l-parametri ta' tfassil biex tissollečita investituri privati u intermedjarji finanzjarji biex juru l-interess tagħhom li jipparteċipaw fl-iskema notifikata, billi twieġeb għall-mistoqsijiet f'din it-taqsima.

.....

2.9.1. *Strumenti finanzjarji*

Il-miżuri ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju fil-forma ta' strumenti finanzjarji jridu:

(1) *jintużaw permezz ta' intermedjarji finanzjarji (il-paragrafu 22 tal-RFG) u*

(2) *jippreveduparteċipazzjoni ta' investituri privati (il-paragrafu 25 tal-RFG). Għalhekk, dawk il-miżuri huma magħmula minn tliet livelli: (i) intervent mill-Istat għal intermedjarji finanzjarji, (ii) investimenti minn intermedjarji finanzjarji f'impriżi benefiċjarji finali, u (iii) investiment minn investituri privati f'wieħed miż-żewġ livelli preċedenti.*

2.9.1.1. Intervent fil-livell ta' intermedjarji finanzjarji

A. **Intervent mill-Istat fil-livell ta' intermedjarji finanzjarji**

L-Istat jipprovdi dawn li ġejjin lill-intermedjarji finanzjarji (Immarka u imla kif xieraq):

☐ **INJEZZJONI TA' EKWITÀ (INKLUŻA KWAŻI EKWITÀ) MILL-ISTAT FIL-LIVELL TA' INTERMEDJARJI FINANZJARJI**

1. Ipprovdi l-informazzjoni segwenti:

— Termini tal-injezzjoni ta' ekwità (inkludi paragun mat-termini tas-suq għat-tali injezzjoni ta' ekwità):

.....

— Tip ta' intermedjarju finanzjarju:

.....

— Tip ta' struttura ta' finanzjament tal-intermedjarju finanzjarju (eż. fond ta' investiment b'perċentwal ta' parteċipazzjoni privata u pubblika; fond ta' fondi bi struttura f'diversi stadji b'subfondi speċjalizzati, fond pubbliku li jikkoinvesti ma' investituri privati fuq bażi ta' kull tranżazzjoni) Spjega fid-dettall:

.....

2. Fil-każ ta' kważi ekwità, iddeskrivi fid-dettall in-natura tal-istrument previst:

.....

3. Jekk hemm parteċipazzjoni privata f'dan il-livell (pereżempju investituri privati jipprovdu ekwità lill-intermedjarju finanzjarju flimkien mal-Istat):

— Indika l-proporzjonijiet ta' parteċipazzjoni tal-investituri pubbliċi u privati:

.....

— Indika t-tip ta' trattament preferenzjali previst għall-benefiċċju tal-investituri privati li jieħdu sehem, kif deskritt fis-sejħa għal espressjoni ta' interess (aġħti dettalji):

……

☐ Inċentivi pożittivi (kisba ta' profitti aħjar): ……

☐ Protezzjoni minn telf possibbli: ……

— Jekk karatteristiċi ta' kondiviżjoni tat-telf mhux *pari passu* jmorru lil hinn mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 21, il-paragrafu 10 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014, ipprovdi evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni, b'referenza għall-valutazzjoni *ex ante* (il-paragrafu 113 tal-RFG):

……

— Jekk rilevanti, indika jekk il-biċċa mill-ewwel telf imġarrba mill-investitur pubbliku għandhiex limitu massimu (il-paragrafu 113 tal-RFG):

☐ Iva. speċifika kif ġie stabbilit dan il-limitu massimu:

……

☐ Le. Spjega:

……

4. Iddeskrivi kif inhu mfassal l-istrument sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-interessi bejn l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarju finanzjarju u l-objettivi tal-politika pubblika:

……

5. Ipprovdi spjegazzjoni dettaljata tad-durata tal-istrument jew tal-istrateġija ta' ħruġ fil-bażi tal-investiment fl-ekwità, u kif il-ħruġ huwa ppjanat b'mod strateġiku mill-investitur pubbliku:

……

6. Informazzjoni rilevanti oħra:

……

☐ **STRUMENTI TA' DEJN IFFINANZJATI: STRUMENTI TA' SELF (MINN HAWN 'IL QUDDIEM "SELF") FIL-LIVELL TA' INTERMEDJARJI FINANZJARJI**

1. Ipprovdi l-informazzjoni segwenti:

— Tip ta' self (pereżempju subordinat, kondiviżjoni tar-riskju ta' portafoll): ipprovdi dettalji:

……

— Termini tas-self fil-miżura (inkludi paragun mat-termini tas-suq għat-tali self ukoll):

……

— Daqs massimu tas-self: ……

— Durata massima tas-self: ……

— Kollateral jew rekwiżiti oħrajn: ……

— Informazzjoni rilevanti oħra: ……

2. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi legali li jipprojbixxu l-użu tal-għajnuna sabiex terġa' tiffinanzja self eżistenti (il-paragrafu 46 tal-RFG):

……

3. Jekk f'dan il-livell isseħħ parteċipazzjoni privata (pereżempju investituri privati jipprovdu self lill-intermedjarju finanzjarju flimkien mal-Istat):

— Indika l-proporzjonijiet ta' parteċipazzjoni tal-investituri/tas-selliefa pubbliċi u privati:

……

B'mod partikolari, fil-każ ta' self ta' kondiviżjoni tar-riskju tal-portafoll, x'inhi r-rata ta' kofinanzjament tal-intermedjarju finanzjarju partikolari? Qed tingħibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li r-rata ma għandhiex tkun inqas minn 30 % tal-valur tal-portafoll ta' self sottostanti (il-paragrafu 117 tal-RFG): Ir-rata hija ……%

— Iddeskrivi l-kondiviżjoni tar-riskju u l-gwadanji bejn l-investituri jew is-selliefa pubbliċi u privati:

……

Meta l-investitur/is-sellief pubbliku jassumi pożizzjoni tal-ewwel telf li tkun iktar mil-limitu massimu stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 651/2014 (jiġifieri 25 %), għandu jiġi ġġustifikat b'referenza għal falliment serju tas-suq identifikat fil-valutazzjoni *ex ante* (il-paragrafu 116 tal-RFG). Ipprovdi sommarju ta' tali ġustifikazzjoni:

……

— Jekk hemm mekkaniżmi oħrajn ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-benefiċċju tal-investituri/tas-selliefa privati, spjega:

……

4. X'inhu l-mekkaniżmu ta' trasferiment (kif meħtieġ mill-paragrafu 106 tal-RFG) li jiżgura li l-intermedjarju finanzjarju jgħaddi l-vantaġġ li jirċievi mingħand l-Istat lill-impriżi benefiċjarji finali? X'rekwiżiti jrid japplika l-intermedjarju finanzjarju (pereżempju f'termini tar-rata tal-imgħax, il-kollateral, il-klassi tar-riskju) għall-benefiċjarji finali (ipprovdi dettalji preċiżi ħafna)? Agħti wkoll dettalji rigward kemm il-portafoll li se jinbena bil-miżura se jmur lil hinn mill-politika standard ta' riskju ta' kreditu tal-intermedjarju finanzjarju.

……

5. Iddeskrivi kif inhu mfassal l-istrument sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-interessi bejn l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarju finanzjarju u l-objettivi tal-politika pubblika:

……

6. Spjega fid-dettall id-durata tal-istrument jew tal-istrateġija ta' ħruġ fil-bażi tal-investiment fi strumenti ta' dejn, u kif il-ħruġ huwa ppjanat b'mod strateġiku mill-investitur pubbliku:

……

7. Informazzjoni rilevanti oħra:

……

☐ **STRUMENTI TA' DEJN MHUX IFFINANZJATI: GARANZIJI MILL-ISTAT FIL-LIVELL TAL-INTERMEDJARJI FINANZJARJI FUQ TRANŻAZZJONIJIET SOTTOSTANTI MAL-BENEFIĊJARJI FINALI**

1. Agħti referenza għad-dispożizzjoni finali tal-bażi legali li teħtieġ li t-tranżazzjonijiet eliġibbli koperti mill-garanzija jridu jkunu tranżazzjonijiet ta' self ta' finanzjament tar-riskju eliġibbli oriġinati ġodda, inklużi strumenti ta' lokazzjoni, kif ukoll strumenti ta' investiment ta' kważi ekwità, iżda mhux strumenti ta' ekwità (il-paragrafu 118 tal-RFG): ……

2. Il-garanziji għall-intermedjarji finanzjarji jkopru portafoll ta' tranżazzjonijiet sottostanti u, mhux tranżazzjoni sottostanti waħda?

☐ Iva. ☐ Le.

3. It-tip ta' garanzija:

☐ Limitu massimu: il-limitu massimu garantit huwa ……%

(Qed tingħibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li dan il-limitu massimu japplika għal portafolli miżmuma minn intermedjarji finanzjarji u huwa rrakkomandat li r-rata massima ma tkunx iktar minn 35 % (il-paragrafu 120 tal-RFG); Agħti r-raġunijiet għal dik ir-rata:

……

Barra minn hekk, immarka sabiex tispeċifika jekk:

(a) ☐ Ir-rata massima tkopri biss it-telf mistenni; jew

(b) ☐ Ir-rata massima tkopri telf mhux mistenni wkoll; F'dan il-każ, uri kif l-ipprezzar tal-garanzija jirrifletti din il-kopertura addizzjonali tar-riskju: ……

☐ Mingħajr limitu; f'dan il-każ, iġġustifika l-bżonn u kif l-ipprezzar tal-garanzija jirrifletti din il-kopertura addizzjonali tar-riskju mill-garanzija:

……

☐ Kontrogaranzija (garanzija għall-istituzzjonijiet ta' garanzija)

☐ Oħrajn: speċifika: ……

4. Rata ta' garanzija (perċentwal tat-telf kopert mill-investitur pubbliku ta' kull tranżazzjoni sottostanti (Ara d-definizzjoni fil-paragrafu 35(18) tal-RFG u kun af li r-rata ta' garanzija ma tistax tkun iktar minn 90 % (il-paragrafu 119 tal-RFG)): …… %;

Agħti r-raġuni għal dan il-livell ta' kopertura:

……

5. It-tranżazzjonijiet sottostanti koperti mill-garanzija:

— In-natura tat-tranżazzjonijiet sottostanti: ……

— Daqs nominali totali tat-tranżazzjonijiet sottostanti (f'EUR): ……

— L-ammont nominali massimu tat-tranżazzjoni sottostanti għal kull benefiċjarju finali:

……

— Durata tat-tranżazzjonijiet sottostanti: ……

— Karatteristiċi rilevanti oħrajn tat-tranżazzjonijiet sottostanti (klassifikazzjoni tar-riskju, oħrajn):

……

6. Iddeskrivi l-karatteristiċi l-oħrajn tal-garanzija (inkludi paragun mat-termini tas-suq għat-tali garanzija wkoll):

— Durata massima tal-garanzija: ……(Kun af li normalment din ma għandhiex taqbeż l-10 snin (il-paragrafu 121 tal-RFG))

— Ipprovdi referenza għad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi legali li tistipula li l-garanzija trid titnaqqas jekk l-intermedjarju finanzjarju ma jinkludix ammont minimu ta' investiment fil-portafoll matul perjodu speċifiku; u li t-tariffi impenjati huma meħtieġa għall-ammonti mhux użati: ……

— Huwa previst li tintalab tariffa ta' garanzija?

☐ Iva. ☐ Le.

Speċifika liema parti se jkollha tħallas it-tariffa ta' garanzija:

……

Iddeskrivi fid-dettall l-ipprezzar: ……

— Oħrajn: ……

7. X'inhu l-mekkaniżmu ta' trasferiment (kif meħtieġ mill-paragrafu 106 tal-RFG) li jiżgura li l-intermedjarju finanzjarju jgħaddi l-vantaġġ li jirċievi mingħand l-Istat lill-impriżi benefiċjarji finali? X'rekwiżiti jrid japplika l-intermedjarju finanzjarju (pereżempju f'termini tar-rata tal-imgħax, tal-kollateral, tal-klassi tar-riskju) għall-benefiċjarji finali? Ipprovdi dettalji preċiżi ħafna. Spjega wkoll fid-dettall kemm il-portafoll li se jinbena bil-miżura se jmur lil hinn mill-politika standard ta' riskju ta' kreditu tal-intermedjarju finanzjarju.

……

8. Iddeskrivi kif inhu mfassal l-istrument sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-interessi bejn l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarju finanzjarju u l-għanijiet tal-politika pubblika:

……

9. Ipprovdi spjegazzjoni dettaljata tad-durata tal-istrument jew tal-istrateġija ta' ħruġ li ssostni l-investiment fi strumenti ta' dejn, u kif il-ħruġ huwa ppjanat b'mod strateġiku mill-investitur pubbliku:

……

10. Informazzjoni rilevanti oħra:

……

☐ **STRUMENTI FINANZJARJI OĦRA (IDDESKRIVI):**

……

B. **INTERVENT MILL-INTERMEDJARJI FINANZJARJI F'LIVELLI ULTERJURI TA' INTERMEDJARJI FINANZJARJI**

Jista' jkun hemm soluzzjonijiet (inklużi strutturi tal-fond ta' fondi), li bihom, pereżempju, l-Istat jipprovdi ekwità, self jew garanziji lil intermedjarju finanzjarju, li, min-naħa tiegħu, jipprovdi ekwità, self jew garanziji lil intermedjarju finanzjarju ieħor, li eventwalment jipprovdi investimenti ta' finanzjament ta' riskju lil benefiċjarji finali. F' każijiet bħal dawk fejn hemm it-tieni livell, jew livelli oħrajn ta' intermedjarji finanzjarji involuti fl-iskema, ipprovdi hawn l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa fit-Taqsima 2.9.1.1.A) dwar Ekwità/Self/Garanziji/ Strumenti finanzjarji oħrajn, kif applikabbli, għal kull livell addizzjonali ta' intermedjarju finanzjarju:

……

2.9.1.2. Investiment ta' finanzjament ta' riskju minn intermedjarji finanzjarji f'benefiċjarji finali

L-investiment ta' finanzjament ta' riskju fil-benefiċjarji finali jieħu l-forma li ġejja (Immarka u imla kif xieraq):

☐ **INVESTIMENT TA' EKWITÀ (INKL. KWAŻI EKWITÀ) MINN INTERMEDJARJI FINANZJARJI FIL-BENEFIĊJARJI FINALI**

(a) Fil-każ ta' kważi ekwità, iddeskrivi fid-dettall in-natura tal-istrument previst:

……

(b) Ipprovdi t-termini tal-investiment ta' ekwità fid-dettall (inkludi wkoll paragun mat-termini tas-suq għat-tali investiment ta' ekwità):

……

(c) Iddeskrivi l-karatteristiċi kollha tal-investimenti li jridu jsiru mill-intermedjarju finanzjarju fid-dettall, inklużi r-rekwiżiti li l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarji finanzjarji eliġibbli għandha tirrispetta:

……

(d) Ipprovdi spjegazzjoni dettaljata tad-durata tal-istrument jew tal-istrateġija ta' ħruġ li hija fil-bażi tal-investiment f'ekwità:

……

(e) Jekk isseħħ parteċipazzjoni privata f'dan il-livell (pereżempju investituri privati jipprovdu ekwità lill-benefiċjarji finali wkoll):

— Indika l-proporzjon tal-parteċipazzjoni privata: ……

— Indika t-tip ta' trattament preferenzjali previst għall-benefiċċju tal-investituri privati li jieħdu sehem, kif deskritt fis-sejħa għal espressjoni ta' interess (agħti dettalji):

……

☐ Inċentivi pożittivi: ……

☐ Protezzjoni minn telf possibbli: ……

— Jekk karatteristiċi ta' kondiviżjoni tat-telf mhux *pari passu* jmorru lil hinn mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 21, il-paragrafu 10 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014, ipprovdi evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni, b'referenza għall-valutazzjoni *ex ante* (il-paragrafu 113 tal-RFG):

……

— Jekk rilevanti, indika jekk il-biċċa mill-ewwel telf imġarrba mill-investitur pubbliku għandhiex limitu massimu (il-paragrafu 113 tal-RFG):

☐ Iva. Speċifika kif ġie stabbilit il-limitu massimu:

……

☐ Le. Spjega:

……

☐ **STRUMENTI TA' DEJN IFFINANZJATI: SELF MINN INTERMEDJARJI FINANZJARJI LIL BENEFIĊJARJI FINALI**

— Tip ta' self: ipprovdi dettalji:

……

— Termini tas-self fil-miżura (inkludi paragun mat-termini tas-suq għat-tali self ukoll):

……

— Daqs massimu tas-self għal kull benefiċjarju:

……

— Durata massima tas-self:

……

— Ipprovdi spjegazzjoni dettaljata tad-durata tal-istrument jew tal-istrateġija ta' ħruġ li hija l-bażi tal-investiment fl-istrumenti ta' dejn:

……

— Klassifikazzjoni tar-riskju tal-benefiċjarji finali:

……

— Kollateral jew rekwiżiti oħrajn:

……

— Informazzjoni rilevanti oħra:

……

— Jekk isseħħ parteċipazzjoni privata f'dan il-livell (pereżempju investituri privati jipprovdu self lill-benefiċjarji finali wkoll):

Indika l-proporzjon tal-parteċipazzjoni privata:

……

Iddeskrivi l-kondiviżjoni ta' riskju u gwadann bejn l-investituri pubbliċi u dawk privati:

……

B'mod partikolari, jekk l-investitur pubbliku jassumi l-ewwel telf, f'liema livell huwa stabbilit il-limitu massimu? Limitu massimu ta' ……%. (Kun af li huwa rakkomandat li dan il-livell massimu ma jaqbiżx il-35 % (il-paragrafu 116 tal-RFG))

Meta l-investitur jew is-sellief pubbliku jassumi pożizzjoni tal-ewwel telf li taqbeż il-limitu massimu stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 651/2014 (jiġifieri 25 %), iġġustifika dan b'referenza għal miżuri mmirati esklussivament lejn negozji ġodda u SMEs qabel l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom jew fl-istadju tal-prova tal-kunċett, b'referenza għal falliment serju tas-suq identifikat fil-valutazzjoni *ex ante* jew ostaklu rilevanti ieħor (il-paragrafu 116 tal-RFG) u pprovdi sommarju għal tali ġustifikazzjoni:

……

Jekk hemm mekkaniżmi oħrajn ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-benefiċċju tal-investituri/tas-selliefa privati, spjega:

……

☐ **Strumenti ta' dejn mhux iffinanzjati: garanziji minn intermedjarji finanzjarji lil benefiċjarji finali:**

1. Ipprovdi n-natura u t-termini tal-garanziji fid-dettall (inkludi paragun mat-termini tas-suq għat-tali garanziji wkoll):

……

2. Agħti referenza għad-dispożizzjoni finali tal-bażi legali li teħtieġ li t-tranżazzjonijiet eliġibbli koperti mill-garanzija jridu jkunu tranżazzjonijiet ta' self ta' finanzjament tar-riskju eliġibbli oriġinati ġodda, inklużi strumenti ta' lokazzjoni, kif ukoll strumenti ta' investiment ta' kważi ekwità, iżda mhux strumenti ta' ekwità (il-paragrafu 118 tal-RFG):

……

3. Ipprovdi n-natura u t-termini tat-tranżazzjonijiet sottostanti:

……

☐ **Strumenti finanzjarji oħra**

— Iddeskrivi l-istrument finanzjarju li għandu jiġi implimentat bil-miżura:

……

— Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-elementi kollha li jinsabu fit-taqsima 2.9.1.2 hawn fuq sa fejn huma applikabbli għall-istrument finanzjarju magħżul:

……

2.9.2. *Strumenti fiskali:*

Imla din it-taqsima kollha għal kull inċentiv fiskali. F'każ li l-miżura tkun tipprovdi għal bosta forom ta' inċentivi fiskali, imla s-sett ta' mistoqsijiet għal kull forma ta' għajnuna.

— Inċentiv fiskali mogħti għal:

(a) ☐ Investimenti diretti f'impriżi

(b) ☐ Investimenti indiretti f'impriżi (jiġifieri permezz ta' intermedjarji finanzjarji)

(c) ☐ Investimenti indiretti f'impriżi li jsiru permezz ta' pjattaforma tan-negozjar alternattiva

— Inċentiv fiskali mogħti lil:

(a) ☐ investituri korporattivi

(b) ☐ investituri li huma persuni fiżiċi, għal investimenti li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 651/2014:

……

— Forma ta' inċentiv fisklai:

(a) ☐ ħelsien mit-taxxa fuq id-dħul applikabbli fuq il-bażi taxxabbli

(b) ☐ waqfien temporanju tat-taxxa fuq id-dħul applikabbli fuq l-obbligazzjoni ta' taxxa pagabbli

(c) ☐ ħelsien mit-taxxa fuq il-gwadanji kapitali

(d) ☐ ħelsien mit-taxxa fuq id-dividendi

(e) ☐ oħrajn: ……

— Iddeskrivi fid-dettall il-kundizzjonijiet li l-investiment irid jissodisfa biex ikun jista' jibbenefika mill-inċentiv fiskali:

……

— Iddeskrivi fid-dettall il-kalkolu tal-inċentiv fiskali inkluż: (i) il-perċentwal massimu tal-ammont investit li l-investitur jista' jitlob bi skop ta' ħelsien mit-taxxa, (ii) l-ammont massimu tal-waqfien temporanju tat-taxxa li jista' jitnaqqas mill-obbligazzjonijiet ta' taxxa tal-investitur, u (iii) l-ammont massimu għal kull benefiċjarju:

……

— B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni għall-kategorija ta' impriżi eliġibbli (il-paragrafu 123 tal-RFG):

……

— Ipprovdi evidenza li l-għażla tal-impriżi eliġibbli hija bbażata fuq sett strutturat sew ta' rekwiżiti ta' investiment, li jsir pubbliku permezz ta' pubbliċità xierqa, u li jistabbilixxi l-karatteristiċi tal-impriżi eliġibbli li huma soġġetti għal falliment tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor (il-paragrafu 125 RFG):

.....

— Durata massima tal-inċentiv fiskali previst:

.....

Kun af li l-iskemi fiskali għandu jkollhom durata massima ta' 10 snin (il-paragrafu 126 tal-RFG).

(a) Dan l-inċentiv fiskali huwa l-estensjoni ta' miżura eżistenti?

☐ Iva. Ipprovdi n-numru tal-każ tal-miżura eżistenti: .....

☐ Le.

(b) Id-durata totali tal-iskema fiskali (inklużi l-iskemi predeċessuri tagħha, jekk hemm) jaqbeż l-10 snin?

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, speċifika jekk:

— twettqet valutazzjoni *ex ante* ġdida:

☐ Iva ☐ Le

— il-miżura eżistenti kienet soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*:

☐ Iva ☐ Le

(c) Spjega l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistema fiskali nazzjonali li huma rilevanti għal fehim sħiħ tal-inċentiv fiskali:

.....

(d) Iddeskrivi kull inċentiv fiskali relatat / simili / rilevanti li diġà jeżisti fl-Istat Membru kif ukoll ir-rabta bejniethom u l-inċentiv fiskali nnotifikat:

.....

(e) L-inċentiv fiskali huwa miftuħ għall-investituri kollha li jissodisfaw il-kriterji applikabbli, mingħajr diskriminazzjoni fir-rigward tal-post ta' stabbiliment tagħhom (il-paragrafu 128 tal-RFG)?

☐ Iva ☐ Le

Ġib prova tal-pubbliċità adegwata rigward il-kamp ta' applikazzjoni u l-parametri tekniċi (inklużi limiti massimi u livelli massimi, ammont massimu tal-investiment) tal-miżura (il-paragrafu 128 tal-RFG):

(f) L-investiment totali għal kull impriża benefiċjarja huwa iktar mill-ammont massimu ta' EUR 16,5 miljun għal kull impriża eliġibbli stabbilit fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 (il-paragrafu 151 tal-RFG)?

☐ Iva ☐ Le

(g) Jekk dan l-ammont huwa ogħla, iġġustifika dan b'referenza għall-falliment tas-suq identifikat fil-valutazzjoni *ex ante*:

.....

(h) L-ishma eliġibbli huma ishma b'riskju sħiħ, ordinarji li jinħarġu ġodda minn impriża eliġibbli kif definiti fil-valutazzjoni *ex ante*, u jridu jkunu ilhom miżmuma tal-inqas tliet snin (il-paragrafu 152 tal-RFG)?

☐ Iva.

☐ Le. Agħti d-dettalji dwar dan:

.....

(i) Il-ħelsien mit-taxxa huwa disponibbli għal investituri li huma indipendenti mill-kumpanija li fiha jsir l-investiment (il-paragrafu 152 tal-RFG)?

☐ Iva.

☐ Le. Agħti d-dettalji dwar dan: ……

(j) Fil-każ ta' ħelsien mit-taxxa fuq id-dħul, x'inhu l-perċentwal massimu tal-ammont investit f'impriżi eliġibbli jista' jilħaq il-ħelsien mit-taxxa? Kun af li limitu massimu tal-ħelsien mit-taxxa ta' 30 % tal-ammont investit huwa meqjus raġonevoli (il-paragrafu 153 tal-RFG): ……%

Il-ħelsien mit-taxxa jista' jaqbeż l-obbligazzjoni massima ta' taxxa fuq id-dħul tal-investitur, kif stabbilit qabel il-miżura fiskali?

☐ Iva. Agħti dettalji: ……

☐ Le

2.9.3. *Miżuri li jappoġġaw pjattaformi ta' negozjar alternattivi:*

— Pjattaforma eżistenti:

☐ Iva.

☐ Le, trid tiġi stabbilita mill-ġdid

— Hemm pjan ta' direzzjoni tan-negozju li juri li l-pjattaforma megħjuna tista' ssir awtosostenibbli f'inqas minn 10 snin (il-paragrafu 129 tal-RFG)?

……

— Il-pjattaforma hija jew se tkun subpjattaforma jew sussidjarja ta' borża eżistenti?

☐ Iva. Identifika: ……

☐ Le

— Diġà hemm pjattaformi ta' negozjar alternattivi eżistenti fl-Istat Membru (il-paragrafu 131 tal-RFG)?

☐ Iva. Identifika: ……

☐ Le

— Il-pjattaforma hija stabbilita minn diversi Stati Membri u topera fihom (il-paragrafu 130 tal-RFG)?

☐ Iva. Speċifika: ……

☐ Le

Tip ta' impriżi nnegozjati fuq il-pjattaforma:

……

— Liema perċentwal tal-kostijiet ta' investiment imġarrba għall-istabbiliment tal-pjattaforma qed jiġi appoġġat? L-għajnuna mill-Istat tista' tingħata sabiex tkopri sa 50 % tal-kostijiet tal-investiment imġarrba għall-istabbiliment ta' pjattaforma bħal din (il-paragrafu 156 tal-RFG).

……

FLIMKIEN MA' DIN IN-NOTIFIKA, IPPROVDI:

— Evidenza li l-maġġoranza tal-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar fuq il-pjattaformi ta' negozjar alternattivi huma maħruġin jew se jinħarġu mill-SMEs.

— Kopja tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-operatur tal-pjattaforma li juri li l-pjattaforma tista' ssir awtosostenibbli f'inqas minn 10 snin (il-paragrafu 129 tal-RFG).

— Xenarji kontrafattwali plawżibbli li jqabblu s-sitwazzjonijiet li kieku jkollhom jaffaċċaw l-impriżi negozjabbli fin-nuqqas tal-pjattaforma, f'termini ta' aċċess għall-finanzjament meħtieġ (il-paragrafu 129 tal-RFG).

— Għal pjattaformi eżistenti, kopja tal-istrateġija ta' negozju proposta tal-pjattaforma trid turi li, minħabba nuqqas persistenti ta' elenkar, u għalhekk nuqqas ta' likwidità, il-pjattaforma jeħtieġ li tiġi appoġġata għal perjodu ta' żmien qasir, minkejja l-vijabbiltà fit-tul tagħha (il-paragrafu 131 RFG).

FORMA TAL-MIŻURA:

☐ Inċentivi fiskali għal investituri korporattivi fir-rigward tal-investimenti ta' finanzjament ta' riskju tagħhom li jsiru permezz ta' pjattaforma ta' negozjar alternattiva f'impriżi eliġibbli: Imla t-Taqsima 2.9.2 dwar l-Istrumenti finanzjarji iktar 'il fuq.

☐ Appoġġ għal operaturi tal-pjattaforma:

— L-operatur tal-pjattaforma huwa:

☐ Intrapriża żgħira.

☐ Intrapriża akbar minn żgħira.

— Ammont massimu tal-miżura: …… EUR.

— L-ammont massimu huwa aktar mill-għajnuna tal-bidu permessa mir-Regolament (UE) Nru 651/2014?

☐ Iva ☐ Le

— Kostijiet ta' investiment imġarrbin għall-istabbiliment tal-pjattaforma: ……EUR

— L-għajnuna lill-operatur taqbeż il-50 % ta' dawk il-kostijiet ta' investiment (il-paragrafu 156 tal-RFG)?

☐ Iva ☐ Le

— L-għajnuna hija permessa għal kemm-il sena mill-bidu tal-pjattaforma?

……

— Għal pjattaformi li huma jew se jkunu subpjattaforma jew sussidjarja ta' borża eżistenti, ipprovdi evidenza għan-nuqqas ta' finanzjament li taffaċċa subpjattaforma bħal dik:

……

— Informazzjoni rilevanti oħra:

……

3. INFORMAZZJONI OĦRA DWAR IL-VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBBILTÀ TAL-ISKEMA TA' GĦAJNUNA

3.1. **Ħtieġa għal intervent mill-Istat (it-Taqsima 3.2.2 tal-RFG)**

(a) Skema ta' għajnuna għall-finanzjament ta' riskju tista' tiġi ġġustifikata biss jekk tkun immirata biex tindirizza l-falliment speċifiku tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor fl-aċċess għall-finanzjament muri fil-valutazzjoni *ex ante* ([434]).

(b) Ippreżenta **l-valutazzjoni *ex ante* fil-fond** li tagħti prova tal-falliment speċifiku tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor, flimkien ma' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari (il-paragrafi 50 u 56 tal-RFG).

3.1.1. *Informazzjoni dwar il-valutazzjoni ex ante (it-Taqsima 3.2.1 tal-RFG):*

(a) Data tal-valutazzjoni *ex ante*: .....

(b) Il-valutazzjoni saret minn (il-paragrafu 57 tal-RFG):

☐ entità indipendenti .....

☐ entità assoċjata mal-awtorità pubblika li ġejja:

.....

(c) Evidenza u metodoloġiji li fuqhom hija bbażata l-valutazzjoni (il-paragrafu 57 tal-RFG):

.....

(d) ☐ Immarka biex tikkonferma li l-valutazzjoni *ex ante* tmur lura għal inqas minn 3 snin qabel in-notifika (il-paragrafu 57 tal-RFG):

(e) ☐ L-iskema notifikata hija ffinanzjata parzjalment mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment u l-valutazzjoni tħejjiet skont l-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ([435]) jew l-Artikolu 58(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060 ([436]) (ir-Regolamenti tad-Dispożizzjonijiet Komuni) (il-paragrafu 60 tal-RFG).

3.1.2. *L-għajnuna tiffaċilita l-iżvilupp ta' attività ekonomika (it-Taqsima 3.1 tal-RFG)*

(a) Identifika l-attività ekonomika appoġġata (il-paragrafu 42 tal-RFG), inkluż jekk tqisx li hija settur b'riskju għoli jew intensiv fil-kapital u għaliex (il-paragrafi 75 u 77 tal-RFG):

.....

(b) Iddeskrivi n-natura tal-falliment tas-suq jew ostaklu rilevanti ieħor u uri l-preżenza tiegħu (il-paragrafu 61 tal-RFG)

.....

(c) L-effett ta' inċentiv: L-iskema notifikata kif twassal (i) lill-benefiċjarju tal-għajnuna u/jew (ii) lill-investituri privati, biex jibdlu l-imġiba tagħhom billi jwettqu attivitajiet li kieku ma jwettqux mingħajr l-għajnuna jew li kieku jwettqu b'mod aktar restrittiv (il-paragrafi 43 sa 47 tal-RFG)?

.....

([434]) L-RFG jirrikjedu li titwettaq u tiġi sottomessa valutazzjoni *ex ante* fil-fond għall-miżuri kollha ta' finanzjament ta' riskju notifikabbli (il-paragrafi 50 sa 56). L-RFG jiċċaraw l-elementi bażiċi ta' tali valutazzjoni *ex ante* (il-paragrafi 61sa 65, 164).

([435]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([436]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

3.1.3. *Identifikazzjoni tal-objettivi speċifiċi u tal-indikaturi tal-prestazzjoni għall-iskema notifikata abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni ex ante (il-paragrafi 164 u 165 tal-RFG):*

(a) Elenka l-għanijiet identifikati speċifiċi u agħmel referenza għat-taqsima rilevanti fil-valutazzjoni *ex ante*:

……

(b) Elenka l-indikaturi tal-prestazzjoni definiti (ara l-eżempji fil-paragrafu 164 tal-RFG) u agħmel referenza għat-taqsima rilevanti fil-valutazzjoni *ex ante*:

……

3.1.4. *Evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni fil-valutazzjoni ex ante għall-ħtieġa ta' intervent mill-Istat (it-Taqsima 3.2.2 tal-RFG): ara t-taqsimiet 2.3, 2.4 u 2.5 ta' din il-formola.*

3.2. **L-adegwatezza tal-iskema notifikata (it-Taqsima 3.2.3 tal-RFG)**

3.2.1. *Ġenerali:*

(a) B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, spjega għaliex l-azzjonijiet politiċi eżistenti u previsti tal-Unjoni u dawk nazzjonali (il-paragrafu 58 tal-RFG) li jimmiraw lejn l-istess fallimenti identifikati tas-suq ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat il-fallimenti identifikati tas-suq (il-paragrafi 92 u 93 tal-RFG):

……

(b) Spjega għaliex l-istrument propost ta' għajnuna mill-Istat huwa dak imfassal l-aħjar sabiex tiġi żgurata struttura ta' finanzjament effiċjenti (il-paragrafi 94 u 95 tal-RFG):

……

3.2.2. *Kundizzjonijiet tal-adegwatezza għall-istrumenti finanzjarji (it-taqsima 3.2.3.2 RFG):*

1. Proporzjonijiet minimi ta' investiment privat (il-paragrafi 97 sa 99 tal-RFG):

— X'inhi r-rata aggregata minima tal-parteċipazzjoni tal-investiment privat (jiġifieri t-total, inklużi l-livelli kollha) fl-investiment ta' finanzjament ta' riskju fil-benefiċjarju finali?: …… % tal-finanzjament (pubbliku u privat) ta' riskju pprovdut lill-benefiċjarju finali.

— Fil-każ ta' parteċipazzjoni ta' investituri privati indipendenti inqas mill-proporzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 21, il-paragrafu 12, tar-Regolament (UE) Nru 651/2014, agħti sommarju tal-evidenza ekonomika u pprovdi ġustifikazzjoni dettaljata għal dak il-proporzjon (skont il-paragrafu 97 tal-RFG), b'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*:

……

— Il-parteċipazzjoni privata fl-iskema notifikata ta' natura mhux indipendenti hija aċċettabbli (il-paragrafu 98 tal-RFG)?

☐ Iva. Ipprovdi evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni:

……

☐ Le.

— Fil-każ ta' impriżi li jirċievu l-investiment inizjali ta' finanzjament ta' riskju waqt li jkunu ilhom joperaw fi kwalunkwe suq għal aktar mill-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit fl-Artikolu 21, il-paragrafu 3, l-ittra b, tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 fiż-żmien tal-ewwel investiment ta' finanzjament ta' riskju (il-paragrafu 99 tal-RFG), x'restrizzjonijiet adegwati tinkludi l-iskema notifikata? ……

— Il-proporzjon tal-parteċipazzjoni privata jilħaq mill-inqas 60 % (il-paragrafu 99 tal-RFG)?

☐ Iva ☐ Le

2. Bilanċ tar-riskji u l-gwadanji bejn l-investituri pubbliċi u privati (il-paragrafi 100 sa 102 tal-RFG):

— Spjega għaliex l-allokazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji bejn l-investituri pubbliċi u privati kif deskritti hawn fuq fit-taqsimiet dwar l-istrumenti finanzjarji rilevanti tista' titqies ibbilanċjata (il-paragrafi 100 sa 102 tal-RFG):

……

3. In-natura tal-inċentivi li trid tiġi stabbilita bl-għażla tal-intermedjarji finanzjarji, kif ukoll maniġers tal-fondi jew investituri (il-paragrafi 103 u 104 tal-RFG)

Ikkonferma billi tagħżel kif xieraq:

A. **GĦAŻLA TAL-INTERMEDJARJI FINANZJARJI LI JIMPLIMENTAW L-ISKEMA:**

(a) Kull intermedjarju finanzjarju jintgħażel permezz ta' proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju, li bih tiġi stabbilita n-natura eżatta tal-inċentivi.

☐ Iva.

☐ Le. Spjega r-raġuni (li tispjega l-għażla tal-investituri):

……

— Iddeskrivi l-proċess kompetittiv u ddeskrivi kif il-proċess tal-għażla jikkonforma mar-rekwiżiti, inklużi (i) il-kriterji tal-għażla elenkati fis-sejħa għal interess, (ii) il-grilja tal-evalwazzjoni użata għall-iskrinjar u (iii) il-proċess ta' diliġenza dovuta:

……

— Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

— Iddeskrivi kif inhi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' ġestjoni kummerċjali u teħid ta' deċiżjonijiet orjentati lejn il-profitt stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 651/2014 (l-Artikolu 21, il-paragrafi 15 u 16 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014) (il-paragrafu 172 tal-RFG):

……

— Ipprovdi evidenza, u referenza għall-bażi legali:

……

(b) Bħala parti mill-proċess tal-għażla, l-intermedjarji finanzjarji jridu juru kif l-istrateġija ta' investiment li pproponew tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-politika (fuq il-bażi tal-indikaturi tal-prestazzjoni identifikati fil-valutazzjoni *ex ante*). Flimkien ma' din in-notifika, ippreżenta:

— Id-dokumenti ppreżentati minn kull intermedjarju finanzjarju li jagħtu dettalji dwar l-istrateġija ta' investiment tiegħu, inkluża l-politika tal-ipprezzar u kif din tikkontribwixxi għal kull wieħed mill-objettivi u l-miri ta' politika

— Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-mekkaniżmu previst fl-iskema notifikata, li biha l-Istat Membru se jiżgura li l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarji dejjem tibqa' allinjata mal-objettivi tal-politika li dwarhom intlaħaq qbil (pereżempju permezz ta' monitoraġġ, rapportar, parteċipazzjoni fil-korpi ta' rappreżentazzjoni), u li l-bidliet materjali fl-istrateġija ta' investiment jeħtieġu li l-ewwel l-Istat Membru jagħti l-kunsens:

……

— Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali:

……

(c) Il-maniġer tal-intermedjarju finanzjarju jew il-kumpanija maniġerjali ("il-maniġer") jintgħażel permezz ta' proċedura tal-għażla miftuħa, trasparenti, mhux diskriminatorja u oġġettiva jew ir-remunerazzjoni tal-maniġer tirrifletti bis-sħiħ il-livelli tas-suq.

☐ Iva

☐ Le. Spjega r-raġuni (inkluża spjegazzjoni dwar l-għażla tal-investituri):

……

— Iddeskrivi l-proċess kompetittiv u ddeskrivi kif il-proċess tal-għażla jirrispetta r-rekwiżiti ta' dan il-punt:

……

— Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi legali li fiha dawk ir-rekwiżiti:

……

(d) ☐ Il-maniġers tal-fond ta' fondi huma meħtieġa jieħdu impenn legali bħala parti mill-mandat tal-investiment tagħhom, li jistabbilixxu bi proċess kompetittiv l-kundizzjonijiet preferenzjali li jistgħu japplikaw fil-livell tas-subfondi (il-paragrafu 103 tal-RFG).

B. **GĦAŻLA TAL-INVESTITURI PRIVATI**

☐ L-investituri privati jintgħażlu permezz ta' proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju li bih tiġi stabbilita n-natura preċiża tal-inċentivi (il-paragrafu 103 tal-RFG).

— Iddeskrivi l-modalitajiet ta' kif jingħażlu u jiġu identifikati l-investituri privati:

……

4. Intermedjarju finanzjarju jew maniġer tal-fond li jikkoinvestu u li jieħdu mill-inqas 10 % tal-biċċa mill-ewwel telf (il-paragrafu 105 tal-RFG)

— Meta l-intermedjarju finanzjarju jew il-maniġer tal-fond jikkoinvesti mal-Istat Membru, kwalunkwe kunflitt ta' interess għandu jiġi evitat u tal-inqas irid jieħu 10 % tal-biċċa mill-ewwel telf (il-paragrafu 105 tal-RFG). Ikkonferma li dan huwa l-każ (jekk applikabbli):

……

5. Mekkaniżmu ta' trasferiment fil-każ ta' strumenti ta' dejn (self jew garanziji) (il-paragrafu 106 tal-RFG):

(a) ☐ L-iskema notifikata tipprovdi għal mekkaniżmu ta' trasferiment (kif deskritt fit-Taqsima 2.9.1.1.A.) li jiżgura li l-intermedjarju finanzjarju jgħaddi l-vantaġġ li jirċievi mingħand l-Istat, lill-impriżi benefiċjarji finali. Indika d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali:

……

(b) ☐ Il-mekkaniżmu ta' trasferiment jinkludi arranġamenti ta' monitoraġġ, kif ukoll mekkaniżmu ta' rkupru jew mekkaniżmu kuntrattwali ekwivalenti. Iddeskrivi u indika d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali:

……

3.2.3. *Kundizzjonijiet tal-adegwatezza għall-istrumenti fiskali (it-Taqsima 3.2.3.3 tal-RFG):*

Għall-finijiet ta' dawn ir-rekwiżiti, se tiġi kkunsidrata l-informazzjoni li pprovdejt fit-Taqsima 2.9.2.

— Indika kull informazzjoni oħra li tqis li hija rilevanti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-adegwatezza:

……

3.2.4. *Kundizzjonijiet tal-adegwatezza għal miżuri li jappoġġaw lil pjattaformi ta' negozjar alternattivi (it-Taqsima 3.2.3.4 tal-RFG):*

Għall-finijiet ta' dawn ir-rekwiżiti, se tiġi kkunsidrata l-informazzjoni li pprovdejt fit-Taqsima 2.9.3.

— Indika kull informazzjoni oħra li tqis li hija rilevanti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-adegwatezza:

……

3.3. **Proporzjonalità tal-għajnuna (it-Taqsima 3.2.4 tal-RFG)**

3.3.1. *Proporzjonalità b'rabta mal-falliment identifikat tas-suq:*

— Għal miżuri ta' finanzjament ta' riskju li jikkonċernaw strumenti finanzjarji b'parteċipazzjoni ta' investitur privat indipendenti taħt il-proporzjonijiet previsti fl-Artikolu 21, il-paragrafu 12, tar-Regolament (UE) Nru 651/2014:

☐ Immarka biex tikkonferma u pprovdi sommarju tal-valutazzjoni li turi li l-valutazzjoni *ex ante* tipprovdi valutazzjoni dettaljata biżżejjed tal-livell u l-istruttura tal-provvista ta' finanzjament privat għat-tip ta' impriża eliġibbli fiż-żona ġeografika rilevanti u uri li l-falliment tas-suq identifikat jew ostaklu rilevanti ieħor ma jistgħux jiġu indirizzati b'miżuri li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 651/2014 dwar il-parteċipazzjoni privata (il-paragrafu 63 tal-RFG):

Sommarju:

……

— Għal investimenti ta' finanzjament ta' riskju ta' ammont li jaqbeż l-ammont massimu għal kull impriża eliġibbli ta' EUR 16,5 miljun stabbilit fl-Artikolu 21(8) tar-Regolament (UE) Nru 651/2014:

Hemm konformità ma' dan il-limitu massimu stabbilit fl-Artikolu 21(8) tar-Regolament (UE) Nru 651/2014?

☐ Iva. Speċifika:

……

☐ Le. Speċifika:

……

Jekk applikabbli, il-valutazzjoni *ex ante* tikkwantifika d-diskrepanza fil-finanzjament (jiġifieri, il-livell tad-domanda għall-finanzjament attwalment mhux issodisfata minn impriżi eliġibbli) minħabba l-falliment tas-suq identifikat jew ostaklu rilevanti ieħor?

☐ Iva. Iġbor fil-qosor il-valutazzjoni u l-kalkolu applikati li juru li d-diskrepanza fil-finanzjament fil-livell tal-impriżi eliġibbli taqbeż l-ammont massimu msemmi hawn fuq. Tali kwantifikazzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-aħjar prattiki u metodoloġiji disponibbli li jippermettu l-istima tal-punt sa fejn ikun hemm domanda mhux issodisfata għall-finanzi, mill-impriżi fil-mira (il-paragrafi 64 u 65 tal-RFG):

……

☐ Le

Jekk applikabbli, kif jiġi żgurat li l-ammont totali tal-finanzjament ta' riskju ma jaqbiżx id-diskrepanza fil-finanzjament ikkwantifikata? Spjega:

……

— Iddeskrivi kif l-ammont totali ta' finanzjament ta' riskju (pubbliku u privat) ipprovdut taħt il-miżura ta' għajnuna huwa proporzjonat (il-paragrafu 133 u134 tal-RFG):

……

— Spjega, b'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, kif it-trattament preferenzjali tal-investituri privati huwa limitat għall-minimu meħtieġ biex jintlaħqu l-proporzjonijiet minimi ta' parteċipazzjoni kapitali privata meħtieġa mill-iskema (il-paragrafi 135 u136 tal-RFG):

……

3.3.2. *Kundizzjonijiet tal-proporzjonalità għall-istrumenti finanzjarji (it-Taqsima 3.2.4.1 tal-RFG):*

1. B'rabta mal-intermedjarji finanzjarji / maniġers tal-fondi:

— Il-valur preċiż tal-inċentivi huwa stabbilit fil-proċess tal-għażla tal-intermedjarji finanzjarji jew tal-maniġers tal-fond (il-paragrafu 137 tal-RFG)?

☐ Iva ☐ Le

— Ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar ir-remunerazzjoni tal-intermedjarji finanzjarji jew tal-maniġers tal-fond (il-paragrafu 145 tal-RFG):

— Tinkludi t-tariffa maniġerjali annwali skont l-RFG (il-paragrafu 145 tal-RFG)?

☐ Iva

☐ Le. Agħti d-dettalji dwar dan:

……

— Tinkludi inċentivi bbażati fuq il-prestazzjoni, inklużi inċentivi għall-prestazzjoni finanzjarja u inċentivi marbutin mal-politika, skont l-RFG (il-paragrafu 146 tal-RFG)?

☐ Iva

☐ Le. Agħti d-dettalji dwar dan:

……

— Speċifika x'penali huma stabbiliti fil-każ li ma jintlaħqux il-miri politiċi:

……

— Speċifika r-remunerazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni u pprovdi paragun mal-prattika tas-suq (il-paragrafu 147 tal-RFG):

……

— Speċifika t-tariffi maniġerjali totali u pprovdi paragun mal-prattika tas-suq (il-paragrafu 148 tal-RFG):

……

— L-istruttura globali tat-tariffi evalwata bħala parti mill-punteġġ tal-proċess tal-għażla u r-remunerazzjoni massima hija stabbilita b'riżultat ta' din l-għażla (il-paragrafu 149 tal-RFG)?

☐ Iva

☐ Le. Spjega għaliex: ……

Jekk l-intermedjarju finanzjarju u l-maniġer tiegħu jkunu entitajiet pubbliċi u ma ntgħażlux permezz ta' proċedura tal-għażla miftuħa, trasparenti, mhux diskriminatorja u oġġettiva, immarka biex tikkonferma u pprovdi evidenza ta' dawn li ġejjin:

(a) ☐ Spjega għaliex tqis li kien meħtieġ li tinħatar entità fdata direttament bħala intermedjarju finanzjarju jew maniġer ta' fond:

……

(b) ☐ L-intermedjarji finanzjarji pubbliċi huma ġestiti b'mod kummerċjali u l-maniġers tagħhom jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment b'mod orjentat lejn il-profitt u distakkati mill-Istat. Spjega b'mod partikolari l-mekkaniżmi stabbiliti sabiex tiġi eskluża kull interferenza mill-Istat fil-ġestjoni ta' kuljum tal-fond pubbliku:

……

(c) Fil-każ ta' ħatra diretta ta' entità fdata, x'inhi t-tariffa maniġerjali annwali tagħha, bl-esklużjoni tal-inċentivi bbażati fuq il-prestazzjoni?: ……% tal-kapital li jrid jiġi kontribwit lill-entità. Qed tingħibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li ma għandhiex tkun iktar minn 3 % (il-paragrafu 150 tal-RFG).

2. B'rabta mal-investituri privati:

— Fil-każ ta' koinvestiment minn fond pubbliku ma' investituri privati li jipparteċipaw skont it-tranżazzjoni, l-investituri privati ntgħażlu permezz ta' proċess kompetittiv separat fir-rigward ta' kull tranżazzjoni, sabiex tiġi stabbilita r-rata tar-redditu ġusta (il-paragrafu 139 tal-RFG)?

☐ Iva. Ipprovdi evidenza tal-appoġġ.

☐ Le.

— Jekk l-investituri privati ma ntgħażlux permezz ta' proċess bħal dan, ir-rata ta' redditu ġusta ġiet stabbilita minn espert indipendenti fuq il-bażi ta' analiżi tal-parametri referenzjarji tas-suq u r-riskju tas-suq bl-użu ta' metodoloġija ta' valutazzjoni tal-fluss tal-flus skontat, u bi spjegazzjoni dettaljata tal-kalkolu ta' livell minimu tar-rata ta' redditu minima u marġni xieraq li jirrifletti r-riskji (il-paragrafu 140 tal-RFG), u l-kundizzjonijiet kollha tal-paragrafu 141 tal-RFG ġew issodisfati?

☐ Iva. Ipprovdi r-rapport li fih hemm l-evalwazzjoni, identifika l-espert, iddeskrivi r-regoli eżistenti għall-ħatra tiegħu, u pprovdi l-evidenza rilevanti:

……

☐ Le.

☐ Immarka biex tikkonferma li l-istess espert indipendenti ma jistax jintuża darbtejn fl-istess perjodu ta' tliet snin

— Spjega kif ir-redditu aġġustat għar-riskju għall-investituri privati huwa limitat għar-rata ġusta ta' redditu (il-paragrafu 142 tal-RFG):

……

— Spjega, fuq il-bażi tal-valutazzjoni *ex ante*, il-ġustifikazzjoni ekonomika għall-parametri finanzjarji speċifiċi li huma l-bażi tal-miżura:

……

3.3.3. *Kundizzjonijiet tal-proporzjonalità għall-istrumenti fiskali (it-Taqsima 3.2.4.2 tal-RFG):*

Għall-iskopijiet ta' dawn ir-rekwiżiti, se titqies l-informazzjoni pprovduta fit-Taqsima 2.9.2.

— Indika kull informazzjoni li tqis rilevanti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-proporzjonalità: ……

3.3.4. *Il-kundizzjonijiet tal-proporzjonalità għall-pjattaformi ta' negozjar alternattivi (it-Taqsima 3.2.4.3 tal-RFG):*

Għall-finijiet ta' dawn ir-rekwiżiti, se titqies l-informazzjoni pprovduta fit-Taqsima 2.9.3.

— Indika kull informazzjoni li tqis rilevanti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-proporzjonalità: ……

3.4. **Evitar ta' effetti negattivi mhux dovuti fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ (it-Taqsima 3.2.5 tal-RFG)**

— Ipprovdi, bħala parti mill-valutazzjoni *ex ante*, informazzjoni dwar l-effetti negattivi potenzjali tal-iskema notifikata. Għandha tinkludi l-effetti negattivi li potenzjalment jista' jkun hemm fit-tliet livelli kollha, jiġifieri fis-suq għall-forniment ta' finanzjament ta' riskju (pereżempju ir-riskju ta' eliminazzjoni ta' investituri privati), fil-livell ta' intermedjarji finanzjarji u l-maniġers tagħhom, u l-livell tal-benefiċjarji finali (inkluż fis-swieq fejn huma attivi l-benefiċjarji):

……

— L-iskema notifikata tiżgura li l-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament ta' riskju hija mmirata biss lejn impriżi potenzjalment vijabbli (paragrafu 171 tal-RFG)?

☐ Iva. Iddeskrivi kif dan ikun żgurat u indika d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi legali: ……

☐ Le

— L-iskema notifikata hija ġeografikament jew reġjonalment limitata (il-paragrafu 173 tal-RFG)?

☐ Iva. Speċifika: ……

☐ Le.

— Il-bażi legali tal-iskema notifikata hija limitata (*de jure*) għal setturi speċifiċi (paragrafu 174 tal-RFG)?

☐ Iva. Speċifika: ……

☐ Le.

— L-iskema notifikata hija mmirata lejn ċerti setturi fil-prattika?

☐ Iva. Speċifika: ……

☐ Le

— L-effetti negattivi kif inhuma minimizzati kemm jista' jkun?

……

3.5. **Trasparenza (it-Taqsima 3.2.6 tal-RFG)**

Ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza previsti fit-taqsima 3.2.6 tal-RFG u fl-anness.

☐ Iva

4. L-AKKUMULAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

L-għajnuna għal finanzjament ta' riskju tista' tiġi kumulata ma' miżuri ta' għajnuna mill-Istat oħrajn mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli, jew b'għajnuna *de minimis*, sal-ogħla limitu massimu tal-finanzjament totali rilevanti stabbilit fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ permezz ta' regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija adottat mill-Kummissjoni (il-paragrafu 159 tal-RFG).

☐ Immarka biex tikkonferma l-konformità ma' din ir-regola.

— Ipprovdi referenza għall-bażi legali:

……

— Spjega b'liema mod tintlaħaq konformità mar-regoli dwar il-kumulazzjoni:

……

5. INFORMAZZJONI OĦRA

Indika hawn kull informazzjoni oħra li tqis rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura/i kkonċernata/i mill-RFG:

……"

(f) Il-Parti III.8 hija ssostitwita b'dan li ġej:

"PARTI III.8

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI GĦAN-NOTIFIKA TA' PJAN TA' EVALWAZZJONI

L-Istati Membri għandhom jużaw din il-formola għan-notifika ta' pjan ta' evalwazzjoni skont l-Artikolu 1(2), il-punt (a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([437])*, l-Artikolu 1(3), il-punt (a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2472* ([438]) *jew l-Artikolu 1(7), il-punt (a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2473* ([439]) *u fil-każ ta' skema ta' għajnuna notifikata soġġetta għal evalwazzjoni kif previst fil-linji gwida rilevanti tal-Kummissjoni.*

Irreferi għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Metodoloġija komuni għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat" ([440]) *għal gwida dwar kif jiġi abbozzat pjan ta' evalwazzjoni.*

([437]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj).

([438]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2472 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 327, 21.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2472/oj).

([439]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2473 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 327, 21.12.2022, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2473/oj).

([440]) SWD(2014)179 final tat-28.5.2014.

1. IDENTIFIKAZZJONI TAL-ISKEMA TA' GĦAJNUNA LI SE TIĠI EVALWATA

1. It-titolu tal-iskema ta' għajnuna:

……

2. Il-pjan ta' evalwazzjoni jikkonċerna:

(a) ☐ skema soġġetta għal evalwazzjoni skont l-Artikolu 1(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 651/2014?

(b) ☐ skema soġġetta għal evalwazzjoni skont l-Artikolu 1(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2022/2472?

(c) ☐ skema soġġetta għal evalwazzjoni skont l-Artikolu 1(7), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2022/2473?

(d) ☐ skema nnotifikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat?

Indika n-numru SA tal-iskema: ……

3. Indika n-numru SA tal-iskemi kollha ta' għajnuna mill-Istat preċedenti u li għadhom għaddejjin li għandhom objettiv u żona ġeografika simili. Jekk jogħġbok speċifika jekk xi waħda minn dawn l-iskemi hijiex predeċessur tal-iskema ta' għajnuna attwali.

……

Xi waħda mill-iskemi ta' għajnuna mill-Istat elenkati hawn fuq ġiet evalwata *ex post*?

☐ Iva ☐ Le

3.1. Jekk iva, ipprovdi sommarju qasir tar-riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni(jiet) *ex post* (fejn rilevanti, b'referenza u b'link).

……

3.2. Jekk jogħġbok iddeskrivi kif ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet tqiesu fit-tfassil tal-iskema l-ġdida.

……

4. Elenka kwalunkwe evalwazzjonijiet *ex ante* jew valutazzjonijiet tal-impatt eżistenti għall-iskema ta' għajnuna. Għal kull wieħed minn dawn l-istudji, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja: (a) ipprovdi deskrizzjoni fil-qosor tal-objettivi, tal-istudju, il-metodoloġiji użati, ir-riżultati u l-konklużjonijiet, u (b) l-isfidi speċifiċi li l-evalwazzjonijiet u l-istudji setgħu sabu minn perspettiva metodoloġika, pereżempju d-disponibbiltà ta' data li hija rilevanti għall-valutazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni attwali. Jekk xieraq, identifika ż-żoni jew suġġetti mhux koperti mill-pjanijiet ta' evalwazzjoni preċedenti li għandhom ikunu s-suġġett tal-evalwazzjoni attwali. Ipprovdi s-sommarji ta' dawk l-evalwazzjonijiet u studji fl-anness u, fejn disponibbli, il-links tal-Internet għad-dokumenti kkonċernati:

……

2. L-GĦANIJIET TAL-ISKEMA TA' GĦAJNUNA LI TRID TIĠI EVALWATA

1. Ipprovdi deskrizzjoni tal-iskema ta' għajnuna li tispeċifika l-ħtiġijiet u l-problemi li l-iskema bihsiebha tindirizza u l-kategoriji ta' benefiċjarji destinatarji tal-iskema, pereżempju daqs, setturi, post, għadd indikattiv:

……

2. Indika l-objettivi tal-iskema u l-impatt mistenni, kemm fil-livell tal-benefiċjarji intenzjonati kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-objettiv tal-interess komuni:

……

3. Indika l-effetti negattivi li possibilment jista' jkun hemm, fuq il-benefiċjarji tal-għajnuna jew fuq l-ekonomija ġenerali, li jistgħu jkunu assoċjati b'mod dirett jew indirett mal-iskema ta' għajnuna ([441]):

……

4. Indika (a) l-baġit annwali ppjanat skont l-iskema, (b) it-tul ta' żmien maħsub tal-iskema ([442]), (c) l-istrument jew l-istrumenti ta' għajnuna u (d) l-ispejjeż eliġibbli:

……

5. Ipprovdi sommarju tal-kriterji tal-eliġibbiltà u l-metodi għall-għażla tal-benefiċjarji tal-għajnuna. B'mod partikolari, iddeskrivi dan li ġej: (a) il-metodi tal-għażla tal-benefiċjarji (pereżempju l-mod kif jiġi allokat il-punteġġ), (b) il-baġit indikattiv disponibbli għal kull grupp ta' benefiċjarji, (c) il-probabbiltà li l-baġit jintuża kollu għal ċerti gruppi ta' benefiċjarji, (d) ir-regoli dwar il-punteġġ, jekk jintuża fl-iskema, (e) il-limiti tal-intensità tal-għajnuna u (f) il-kriterji li l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tqis meta tivvaluta l-applikazzjonijiet:

……

6. Semmi r-restrizzjonijiet jew ir-riskji speċifiċi li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-iskema, l-impatti mistennija tagħha u l-ilħuq tal-għanijiet tagħha:

……

3. MISTOQSIJIET TAL-EVALWAZZJONI

1. Indika l-mistoqsijiet speċifiċi li l-evalwazzjoni għandha tindirizza billi tipprovdi evidenza kwantitattiva tal-impatt tal-għajnuna. Iddistingwi bejn (a) mistoqsijiet dwar l-impatt dirett ta' din l-għajnuna fuq il-benefiċjarji, (b) mistoqsijiet relatati ma' impatti indiretti u (c) mistoqsijiet relatati mal-proporzjonalità u l-adegwatezza tal-għajnuna. Spjega kif il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni huma marbutin mal-għanijiet tal-iskema:

……

4. INDIKATURI TAR-RIŻULTATI

1. Uża t-tabella li ġejja biex tiddeskrivi liema indikaturi se jinbnew biex jitkejlu r-riżultati tal-iskema, kif ukoll il-fatturi ta' kontroll rilevanti, inklużi s-sorsi ta' data, u kif kull indikatur tar-riżultat jikkorrispondi għal mistoqsijiet dwar l-evalwazzjoni. B'mod partikolari, jekk jogħġbok semmi (a) il-mistoqsija rilevanti tal-evalwazzjoni, (b) l-indikatur, (c) is-sors tad-data, (d) il-frekwenza tal-ġbir tad-data (pereżempju, annwali, kull xahar, eċċ.), (e) il-livell li fih tinġabar id-data (pereżempju, il-livell tad-ditta, tal-stabbiliment, reġjonali, eċċ.), (f) il-popolazzjoni koperta fis-sors tad-data (pereżempju, il-benefiċjarji tal-għajnuna, dawk li mhumiex benefiċjarji, l-intrapriżi kollha, eċċ.):

Mistoqsija tal-evalwazzjoni	Indikatur	Sors	Frekwenza	Livell	Popolazzjoni

([441]) Eżempji ta' effetti negattivi huma l-preġudizzji reġjonali u settorjali jew l-eliminazzjoni ta' investimenti privati minħabba l-iskema ta' għajnuna.

([442]) Skemi ta' għajnuna definiti fl-Artikolu 1(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament sitt xhur wara li jidħlu fis-seħħ. Wara li tkun ivvalutat il-pjan ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-applikazzjoni tar-Regolament għal dawn l-iskemi għal perjodu itwal. L-Istati Membri huma mistiedna jindikaw b'mod preċiż it-tul ta' żmien maħsub tal-iskema.

Mistoqsija tal-evalwazzjoni	Indikatur	Sors	Frekwenza	Livell	Popolazzjoni

Spjega għaliex l-indikaturi magħżulin huma l-iktar rilevanti sabiex jitkejjel l-impatt mistenni tal-iskema:

……

5. METODI PREVISTI SABIEX ISSIR L-EVALWAZZJONI

1. Fid-dawl tal-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni, jekk jogħġbok iddeskrivi l-metodi previsti li għandhom jintużaw fl-evalwazzjoni sabiex jiġi identifikat l-impatt kawżali tal-għajnuna fuq il-benefiċjarji u biex jiġu vvalutati impatti indiretti oħra. B'mod partikolari, spjega r-raġunijiet għall-għażla ta' dawk il-metodi u għar-rifjut ta' metodi oħra (pereżempju, raġunijiet relatati mat-tfassil tal-iskema) ([443]):

……

2. Iddeskrivi preċiżament l-istrateġija tal-identifikazzjoni għall-evalwazzjoni tal-impatt kawżali tal-għajnuna u s-suppożizzjonijiet li fuqhom tiddependi l-istrateġija. Iddeskrivi f'ċertu dettall il-kompożizzjoni u l-importanza tal-grupp ta' kontroll:

……

3. Spjega kif il-metodi previsti jindirizzaw il-preġudizzji potenzjali fl-għażla. Jista' jingħad b'biżżejjed ċertezza li d-differenzi fl-eżiti osservati fl-eżiti fir-rigward tal-benefiċjarji tal-għajnuna huma proprju minħabba l-għajnuna?

……

4. Jekk rilevanti, spjega kif il-metodi previsti bihsiebhom jindirizzaw sfidi speċifiċi marbutin ma' skemi kumplessi, pereżempju skemi li huma implimentati b'mod differenzjat f'livell reġjonali u skemi li jużaw bosta strumenti ta' għajnuna:

……

6. ĠBIR TA' DATA

1. Ipprovdi informazzjoni dwar il-mekkaniżmi u s-sorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' data dwar il-benefiċjarji tal-għajnuna u dwar il-kontrafattwali previsti. ([444]) Ipprovdi deskrizzjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha li hija marbuta mal-faži tal-għażla: data miġbura fuq applikanti għall-għajnuna, data ppreżentata mill-applikanti, eżiti tal-għażla. Spjega wkoll kull kwistjoni li potenzjalment jista jkun hemm fir-rigward tad-disponibbiltà tad-data:

……

2. Ipprovdi informazzjoni dwar il-frekwenza tal-ġbir tad-data rilevanti għall-evalwazzjoni. Hemm osservazzjonijiet disponibbli fuq livell disaggregat biżżejjed jiġifieri fil-livell tal-impriżi individwali?

……

([443]) Agħmel referenza għal SWD(2014)179 final tat-28.5.2014.

([444]) Kun af li l-evalwazzjoni tista' teħtieġ il-kisba kemm ta' data storika kif ukoll ta' data li se ssir disponibbli b'mod progressiv matul it-tħaddim tal-iskema ta' għajnuna. Identifika s-sorsi għaż-żewġ tipi ta' informazzjoni. Preferibilment għandek tiġbor iż-żewġ tipi ta' data mill-istess sors sabiex tiġi ggarantita konsistenza maż-żmien.

3. Indika jekk l-aċċess għad-data meħtieġa sabiex issir l-evalwazzjoni jistax ikun imxekkel minn liġijiet u regolamenti li jirregolaw il-kunfidenzjalità tad-data u kif jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet. Semmi sfidi oħrajn possibbli marbutin mal-ġbir tad-data u kif jistgħu jingħelbu:

……

4. Indika jekk huwiex previst li jsir stħarriġ dwar il-benefiċjarji tal-għajnuna jew ta' impriżi oħrajn u jekk hemmx il-ħsieb li jintużaw sorsi komplimentari ta' informazzjoni:

……

7. PERJODU TA' ŻMIEN PROPOST GĦALL-EVALWAZZJONI

1. Indika l-perjodu ta' żmien propost għall-evalwazzjoni, inklużi dati importanti għall-ġbir tad-data, ir-rapporti interim u l-involviment tal-partijiet interessati. Jekk rilevanti, ipprovdi anness li jispjega fid-dettall il-perjodu ta' żmien propost:

……

2. Indika d-data sa meta se jintbagħat ir-rapport tal-evalwazzjoni finali lill-Kummissjoni:

……

3. Semmi l-fatturi li jistgħu jaffettwaw il-perjodu ta' żmien previst.

……

8. IL-KORP LI JAGĦMEL L-EVALWAZZJONI

1. Ipprovdi informazzjoni speċifika dwar il-korp li jagħmel l-evalwazzjoni jew, jekk ma jkunx għadu ntgħażel, dwar il-perjodu ta' żmien, il-proċedura u l-kriterji għall-għażla tiegħu:

……

2. Ipprovdi informazzjoni dwar l-indipendenza tal-korp li jagħmel l-evalwazzjoni u dwar kif se jiġu esklużi l-possibilitajiet ta' kunflitti ta' interess fil-proċess tal-għażla:

……

3. Indika l-esperjenza u l-ħiliet rilevanti tal-korp li jagħmel l-evalwazzjoni jew kif dawk l-esperjenzi u l-ħiliet se jiġu żgurati fil-proċess tal-għażla:

……

4. Indika x'arranġamenti se tagħmel l-awtorità li tagħti l-għajnuna biex timmaniġġa u tissorvelja t-twettiq tal-evalwazzjoni:

……

5. Ipprovdi informazzjoni, anki jekk ta' għamla indikattiva biss, fuq ir-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa li se jkunu disponsibbli għat-twettiq tal-evalwazzjoni:

……

9. REKLAMAR TAL-EVALWAZZJONI

1. Ipprovdi informazzjoni dwar il-mod li permezz tiegħu l-evalwazzjoni se ssir disponibbli għall-pubbliku, jiġifieri bil-pubblikazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni u r-rapport tal-evalwazzjoni finali fuq paġna tal-Internet:

……

2. Indika kif se jiġi żgurat li jkunu involuti l-partijiet interessati. Indika jekk hijiex prevista l-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet pubbliċi jew avvenimenti marbutin mal-evalwazzjon:

……

3. Speċifika kif inhu maħsub li l-awtorità li tagħti l-għajnuna jew korpi oħrajn biħsiebhom jużaw ir-riżultati tal-evalwazzjoni, pereżempju għat-tfassil tas-suċċessuri tal-iskema jew għal skemi simili:

……

4. Indika jekk u skont liema kundizzjonijiet id-data miġbura bi skop tal-evalwazzjoni jew użata għaliha se tkun aċċessibbli għal aktar studji u analiżi:

……

5. Indika jekk il-pjan ta' evalwazzjoni fihx informazzjoni kunfidenzjali li l-Kummissjoni ma għandhiex tiżvela:

……

10. INFORMAZZJONI OĦRA

1. Indika hawn kull informazzjoni oħra li tqis rilevanti għall-valutazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni:

……

2. Elenka d-dokumenti kollha meħmużin man-notifika u pprovdi kopji fuq karti jew links diretti tal-Internet għad-dokumenti kkonċernati:

……"

(g) Il-Parti III.12 hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI III.12

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI ĠENERALI GĦAL-LINJI GWIDA DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT FIS-SETTURI TAL-AGRIKOLTURA U TAL-FORESTRIJA U FIŻ-ŻONI RURALI

Innota li din il-formola ta' informazzjoni ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat tapplika għas-setturi kollha koperti mil-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ([445]) *("il-Linji Gwida"). Barra minn hekk, għall-miżuri kollha koperti mil-Linji Gwida, imla l-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari rilevanti.*

VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBBILTÀ SKONT L-ARTIKOLU 107(3), IL-PUNT (C) TAT-TRATTAT

Fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"), il-Kummissjoni tista' tqis kompatibbli mas-suq intern l-għajnuna mill-Istat li tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, meta din l-għajnuna ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni. Sabiex tagħmel il-valutazzjoni, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-aspetti deskritti f'din il-formola.

1. Il-miżura ta' għajnuna mill-Istat tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin?

L-ewwel kundizzjoni:

☐ l-identifikazzjoni tal-attività ekonomika kkonċernata;

☐ l-effett ta' inċentiv: l-għajnuna trid tbiddel l-imġiba tal-impriża/i kkonċernata/i b'tali mod li dawn jidħlu għal attività addizzjonali li mingħajr l-għajnuna ma kinux jagħmlu jew kienu jagħmlu b'mod ristrett jew differenti;

([445]) ĠU C 485, 21.12.2022, p. 1.

☐ l-għajnuna ma tmurx kontra d-dispożizzjonijiet u l-prinċipji ġenerali rilevanti tad-dritt tal-Unjoni.

It-tieni kundizzjoni:

☐ il-ħtieġa għal intervent mill-Istat: il-miżura ta' għajnuna trid toħloq titjib materjali li s-suq ma jistax jipprovdi waħdu, pereżempju billi jiġi rrimedjat falliment tas-suq jew jiġi indirizzat thassib dwar l-ekwità jew il-koeżjoni fejn applikabbli;

☐ l-adegwatezza tal-għajnuna: il-miżura ta' għajnuna proposta trid tkun strument ta' politika xieraq biex jiffaċilita l-iżvilupp tal-attività ekonomika;

☐ il-proporzjonalità tal-għajnuna (għajnuna limitata għall-minimu meħtieġ): l-ammont u l-intensità tal-għajnuna jridu jkunu limitati għall-minimu meħtieġ biex jinbdew l-investiment jew l-attività addizzjonali mill-impriża/i kkonċernata/i;

☐ it-trasparenza tal-għajnuna: l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-pubbliku jeħtiġilhom ikollhom aċċess faċli għall-atti rilevanti u għall-informazzjoni pertinenti kollha dwar l-għajnuna li tingħata kif jidher hawn taħt;

☐ l-evitar ta' effetti negattivi tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ;

☐ kunsiderazzjoni tal-effetti pożittivi u negattivi li l-għajnuna jista' jkollha fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri (test ta' bbilanċjar).

1. L-EWWEL KUNDIZZJONI: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. Il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' attività ekonomika megħjuna

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.1.1 (il-punti 42 – 45) tal-Linji Gwida.

1.1.1. L-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara bħala kompatibbli "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni". Għalhekk, l-għajnuna kompatibbli skont dik id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċerta attività ekonomika.

Sabiex tivvaluta l-konformità mal-punt (42) tal-Linji Gwida, ipprovdi informazzjoni, li tippermetti lill-Kummissjoni tidentifika l-attività jew l-attivitajiet ekonomiċi li se jiġu ffaċilitati bħala riżultat tal-għajnuna u uri kif l-għajnuna tiffaċilita l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet:

……

1.1.2. Iddeskrivi jekk l-għajnuna tikkontribwixxix għall-ilħuq tal-objettivi tal-PAK u jekk iva, kif tikkontribwixxi u fi ħdan dik il-politika għall-objettivi tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([446]), u ddeskrivi b'mod aktar speċifiku l-benefiċċji mistennija tal-għajnuna:

……

Innota li din l-informazzjoni hija meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex tivvaluta l-konformità tal-għajnuna mal-punt (44) tal-Linji Gwida.

1.1.3. L-għajnuna mogħtija favur miżuri ta' ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet hija mogħtija f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.2 tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

([446]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika l-miżura/i ta' ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet ikkonċernata/i:

……

Innota li skont il-punt (45) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna favur il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet mogħtija f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.2 tal-Linji Gwida tista' tiffaċilita l-iżvilupp tal-attività jew tal-qasam ekonomiku identifikat, peress li mingħajr għajnuna, dan l-żvilupp ma jistax isir bl-istess mod.

1.1.4. L-għajnuna mogħtija għal proġetti ta' investiment notifikati individwalment hija abbażi ta' skema?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li l-proġett magħżul se jikkontribwixxi lejn l-objettivi tal-iskema u b'hekk lejn l-objettivi tal-għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali. Għal dak l-għan, irreferi għall-mistoqsija 2.6 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni, li fiha hija meħtieġa l-informazzjoni dwar l-effetti pożittivi tal-għajnuna għall-investiment.

……

1.2. Effett ta' inċentiv

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.1.2 (il-punti 47 – 60) tal-Linji Gwida.

L-għajnuna mill-Istat tista' titqies kompatibbli mas-suq intern biss jekk ikollha effett ta' inċentiv. Effett ta' inċentiv jeżisti biss meta l-għajnuna tbiddel l-imġiba ta' impriża b'tali mod li din tkun involuta f'attività addizzjonali li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur li ma kinitx tkun involuta fiha mingħajr l-għajnuna jew li fiha kienet tkun involuta biss b'mod ristrett jew differenti.

1.2.1. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt (47) tal-Linji Gwida, spjega kif il-miżura/i twassal/iwasslu lill-impriża tal-benefiċjarju biex tbiddel l-imġiba tagħha b'tali mod li tinvolvi ruħha f'attività ekonomika addizzjonali li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur, li l-benefiċjarju ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna jew iwettaqha b'mod ristrett jew differenti.

……

1.2.2. Ikkonferma li l-għajnuna mhix se tissussidja sempliċiment il-kostijiet ta' attività li impriża xorta waħda kienet iġġarrab u mhix se tagħti kumpens għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (47) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx tissussidja l-kostijiet ta' attività li impriża xorta waħda kienet iġġarrab u ma tridx tagħti kumpens għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika.

1.2.3. Ikkonferma li l-miżura ta' għajnuna mill-Istat notifikata mhix maħsuba biex sempliċiment ittejjeb il-qagħda finanzjarja tal-impriżi, mingħajr ebda kontribuzzjoni għall-iżvilupp tas-settur:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (48) tal-Linji Gwida, sakemm l-eċċezzjonijiet ma jkunux previsti b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dawn il-Linji Gwida, il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li huma sempliċiment maħsuba sabiex itejbu l-qagħda finanzjarja tal-impriżi iżda li bl-ebda mod ma jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-settur, u b'mod partikolari għajnuna li tingħata biss fuq il-bażi tal-prezz, tal-kwantità, tal-unità tal-produzzjoni jew tal-unità tal-mezzi ta' produzzjoni, jitqiesu li jikkostitwixxu għajnuna operatorja, li hija inkompatibbli mas-suq intern. Barra minn hekk, min-natura tagħha, għajnuna bħal din aktarx li xxekkel ukoll il-mekkaniżmi li jirregolaw l-organizzazzjoni tas-suq intern.

1.2.4. L-għajnuna mogħtija skont il-Parti II, it-Taqsimiet 1.2 u 2.8.5 tal-Linji Gwida hija limitata biex tgħin lill-impriżi attivi fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija li jiffaċċaw diversi diffikultajiet minkejja li jkunu wettqu sforz raġonevoli sabiex jimminimizzaw dawn ir-riskji?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (49) tal-Linji Gwida, għajnuna mogħtija skont il-Parti II, it-Taqsimiet 1.2 u 2.8.5 għandha tkun limitata biex tgħin lill-impriżi attivi fis-setturi agrikoli u tal-forestrija li jiffaċċaw diversi diffikultajiet minkejja li jkunu wettqu sforz raġonevoli sabiex jimminimizzaw dawn ir-riskji. L-għajnuna mill-Istat ma għandux ikollha bħala effett li tħajjar lil impriżi jieħdu riskju bla bżonn. L-impriżi attivi fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija għandhom iġorru huma stess il-konsegwenzi ta' għażliet mhux prudenti ta' metodi ta' produzzjoni jew prodotti.

1.2.5. Il-benefiċjarju jissottometti applikazzjoni għall-għajnuna mingħand l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma tkun bdiet kwalunkwe ħidma fuq il-proġett jew l-attività?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (50) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tippreżentax inċentiv għall-benefiċjarju kull meta l-ħidma fuq il-proġett jew l-attività rilevanti tkun diġà bdiet qabel ma l-benefiċjarju jkun applika għall-għajnuna mingħand l-awtoritajiet nazzjonali.

1.2.6. L-applikazzjoni għall-għajnuna se tinkludi tal-anqas l-isem tal-applikant u d-daqs tal-impriża, deskrizzjoni tal-proġett jew tal-attività, inkluż il-post u d-dati ta' bidu u tat-tmiem tagħhom, l-ammont tal-għajnuna meħtieġa sabiex jitwettqu u l-kostijiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

1.2.7. L-għajnuna se tingħata lill-intrapriżi kbar?

☐ iva ☐ le

1.2.8. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, il-benefiċjarji, li huma intrapriżi kbar, fl-applikazzjoni għall-għajnuna se jispjegaw is-sitwazzjoni mingħajr l-għajnuna (imsejħa x-xenarju kontrofattwali jew il-proġett jew l-attività alternattiva) u jippreżentaw evidenza dokumentarja b'appoġġ għax-xenarju kontrofattwali deskritt fl-applikazzjoni?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (52) tal-Linji Gwida, dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-muniċipalitajiet, li huma awtoritajiet lokali awtonomi li għandha baġit annwali ta' anqas minn EUR 10 miljun u anqas minn 5 000 abitant.

1.2.9. L-awtorità tal-għoti se twettaq kontroll tal-kredibbiltà tax-xenarju kontrofattwali u tikkonferma li l-għajnuna għandha l-effett ta' inċentiv meħtieġ?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (53) tal-Linji Gwida, xenarju kontrofattwali huwa kredibbli jekk dan ikun ġenwin u marbut mal-fatturi tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jkunu prevalenti waqt it-teħid ta' deċiżjonijiet mill-benefiċjarji rigward il-proġett jew l-attività kkonċernata.

1.2.10. Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, hemm konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin?

(a) l-iskema ta' għajnuna tistabbilixxi dritt għall-għajnuna f'konformità mal-kriterji oġġettivi u mingħajr eżerċitar ulterjuri ta' diskrezzjoni mill-Istat Membru; u

(b) l-iskema ta' għajnuna ġiet adottata u daħlet fis-seħħ qabel ma beda x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività megħjuna ([447])?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (54) tal-Linji Gwida, l-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa titqies li għandha effett ta' inċentiv jekk iż-żewġ kundizzjonijiet ta' hawn fuq ikunu ssodisfati. Skont il-punt (54) tal-Linji Gwida, ir-rekwiżit imsemmi fil-punt (b) ta' din il-mistoqsija ma japplikax fil-każ ta' skemi ta' suċċessur fiskali dment li l-attività tkun diġà koperta mill-iskemi preċedenti fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa.

1.2.11. L-għajnuna taqa' f'xi waħda minn dawn il-kategoriji ta' għajnuna tal-Linji Gwida?

(a) ☐ skemi ta' għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.3.6 u t-Taqsima 2.9.2 tal-Linji Gwida u l-iskemi ta' għajnuna b'objettivi ekoloġiċi, protettivi u rikreattivi f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 2.8 tal-Linji Gwida u bil-kundizzjonijiet li ġejjin issodisfati:

(i) ☐ l-iskema ta' għajnuna tistabbilixxi dritt għall-għajnuna f'konformità mal-kriterji oġġettivi u mingħajr eżerċitar ulterjuri ta' diskrezzjoni mill-Istat Membru;

(ii) ☐ l-iskema ta' għajnuna tkun ġiet adottata u tkun fis-seħħ qabel ma l-benefiċjarju jġarrab il-kostijiet eliġibbli f'konformità mal-Parti II, it-Taqsimiet 1.3.6 u 2.9.2 u t-Taqsima 2.8 tal-Linji Gwida; u

(iii) ☐ l-iskema ta' għajnuna tkopri biss lill-SMEs.

(b) ☐ għajnuna għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.1.6 tal-Linji Gwida;

(c) ☐ għajnuna għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.1.7 tal-Linji Gwida;

(d) ☐ għajnuna għal azzjonijiet ta' informazzjoni fis-settur tal-agrikoltura f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.1.10.1 tal-Linji Gwida, li tikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni għal għadd mhux definit ta' benefiċjarji;

(e) ☐ għajnuna li tirrimedja l-ħsara kkaġunata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.1 tal-Linji Gwida;

(f) ☐ għajnuna li tikkumpensa għall-ħsara kkaġunata minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.2 tal-Linji Gwida;

(g) ☐ għajnuna li tikkumpensa għall-kostijiet tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali, tal-pesti tal-pjanti u tal-infestazzjoni minn speċijiet aljeni invażivi u għajnuna li tirrimedja l-ħsara kkaġunata minn mard tal-annimali, pesti tal-pjanti u speċijiet aljeni invażivi f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.3 tal-Linji Gwida;

(h) ☐ għajnuna li tkopri l-kostijiet tat-tneħħija u l-qerda ta' bhejjem mejta f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.4 tal-Linji Gwida;

(i) ☐ għajnuna li tikkumpensa għall-ħsara kkaġunata minn annimali protetti f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.5 tal-Linji Gwida;

(j) ☐ għajnuna li tirrimedja l-ħsara fil-foresti kkawżata minn annimali protetti f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 2.8.5 tal-Linji Gwida;

(k) ☐ għajnuna għal azzjonijiet ta' informazzjoni fis-settur tal-forestrija f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 2.4 tal-Linji Gwida, li tikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni għal għadd mhux definit ta' benefiċjarji;

([447]) Innota li dan rekwiżit ma japplikax fil-każ ta' skemi ta' suċċessur fiskali sakemm l-attività tkun diġà koperta mill-iskemi preċedenti fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa.

(l) ☐ għajnuna għall-investimenti favur il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali fl-azjenda agrikola f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 1.1.1.2 tal-Linji Gwida, bl-eċċezzjoni ta' għajnuna individwali li taqbeż EUR 500 000 għal kull impriża għal kull proġett ta' investiment;

(m) ☐ għajnuna għal miżuri ta' promozzjoni f'konformità mal-punt (468)(b), (c) u (d) tal-Linji Gwida;

(n) ☐ għajnuna li tikkumpensa għall-kostijiet addizzjonali tat-trasport f'konformità mal-punti (480) u (481) tal-Linji Gwida;

(o) ☐ għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija f'konformità mal-Parti II, it-Taqsimiet 1.3.7 u 2.9.1 tal-Linji Gwida;

(p) ☐ għajnuna għar-restawr tal-ħsara lill-foresti minn nirien, diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi, pesti tal-pjanti, mard tal-annimali, eventi katastrofiċi u eventi relatati mat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 2.1.3 tal-Linji Gwida;

(q) ☐ għajnuna għall-kostijiet tat-trattament u tal-prevenzjoni tat-tixrid ta' pesti, mard tas-siġar u speċijiet aljeni invażivi u għajnuna li tirrimedja l-ħsara kkaġunata mill-pesti, mill-mard tas-siġar u mill-ispeċijiet aljeni invażivi f'konformità mal-Parti II, it-Taqsima 2.8.1 tal-Linji Gwida;

Innota li skont il-punt (55) tal-Linji Gwida, il-kategoriji ta' għajnuna ta' hawn fuq ma humiex meħtieġa li jkollhom jew jitqiesu li għandhom effett ta' inċentiv. Għalhekk, jekk l-għajnuna tingħata għal waħda mill-kategoriji ta' hawn fuq, il-punti (50) sa (53) tal-Linji Gwida ma japplikawx.

Kundizzjonijiet addizzjonali għal għajnuna għall-investiment notifikabbli individwalment

Jekk l-għajnuna tingħata għal investiment individwali, kompli bil-mistoqsijiet 1.2.12 sa 1.2.16 hawn taħt.

1.2.12. Ipprovdi fin-notifika evidenza ċara li l-għajnuna għandha impatt fuq l-għażla tal-investiment b'mod effettiv.

Speċifika dan l-impatt:

……

Innota li skont il-punt (56) tal-Linji Gwida, biex tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva, l-Istat Membru jeħtieġlu jipprovdi mhux biss informazzjoni dwar il-proġett megħjun, iżda anke deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju kontrofattwali, li fih ma tkun ingħatat l-ebda għajnuna lill-benefiċjarju minn ebda awtorità pubblika.

1.2.13. Ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju kontrofattwali, li fih ma tingħata l-ebda għajnuna lill-benefiċjarju minn ebda awtorità pubblika:

……

Innota li skont il-punt (59) tal-Linji Gwida, meta ma jkun magħruf l-ebda xenarju kontrofattwali speċifiku, l-effett ta' inċentiv jista' jiġi preżunt meta jkun hemm diskrepanza fil-finanzjament, jiġifieri meta l-kostijiet tal-investiment jaqbżu l-valur preżenti nett (VPN) tal-introjtu operatorju mistenni tal-investiment abbażi ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante*.

1.2.14. Speċifika liema dokument(i) relatati mal-proġett ta' investiment li qed jiġi vvalutat huma ppreżentati bħala parti min-notifika:

……

Innota li skont il-punt (57) tal-Linji Gwida, l-Istati Membri huma mistiedna jibbażaw fuq dokumenti ġenwini u uffiċjali tal-bord, valutazzjonijiet tar-riskji, inkluża l-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-post, rapporti finanzjarji, pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju interni, opinjonijiet esperti u studji oħra relatati mal-proġett ta' investiment li jkun qiegħed jiġi vvalutat. Dawk id-dokumenti jeħtieġ li jkunu kontemporanji għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investiment jew dwar il-post tiegħu. Dokumenti ta' tagħrif dwar tbassir tad-domanda, tbassir tal-kostijiet, tbassir finanzjarju, dokumenti li jiġu ppreżentati lill-kumitat ta' investiment u li jelaboraw fuq diversi xenarji ta' investiment, jew dokumenti pprovduti lill-istituzzjonijiet finanzjarji, jistgħu jgħinu lill-Istati Membri juru l-effett ta' inċentiv.

1.2.15. Speċifika kif se jkun evalwat il-livell ta' profittabbiltà:

.....

Innota li skont il-punt (58) tal-Linji Gwida, il-livell ta' profittabbiltà jista' jiġi evalwat bl-użu ta' metodi li huma prattika standard fis-settur ikkonċernat, u li jistgħu jinkludu metodi għall-evalwazzjoni tal-valur preżenti nett (VPN) ([448]) tal-proġett, tar-rata ta' redditu interna (IRR, internal rate of return) ([449]) jew tar-redditu medju fuq il-kapital imħaddem (ROCE, return on capital employed). Il-profittabbiltà tal-proġett għandha tiġi mqabbla mar-rati normali ta' redditu applikati mill-benefiċjarju fi proġetti oħra ta' investiment ta' natura simili. Meta dawn ir-rati ma humiex disponibbli, il-profittabbiltà tal-proġett għandha titqabbel mal-kost tal-kapital tal-impriża kollha kemm hi jew mar-rati ta' redditu komuni osservati fis-settur ikkonċernat.

1.2.16. Il-proġett ta' investiment jippreżenta diskrepanza fil-finanzjament, jiġifieri meta l-kostijiet tal-investiment jaqbżu l-VPN tal-introjtu operatorju mistenni tal-investiment abbażi ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante*?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hi iva, agħti d-dettalji:

.....

Innota li skont il-punt (59) tal-Linji Gwida, meta l-proġett ta' investiment jippreżenta diskrepanza fil-finanzjament, jiġifieri meta l-kostijiet tal-investiment jaqbżu l-VPN tal-introjtu operatorju mistenni tal-investiment abbażi ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante*, jista' jiġi preżunt l-effett ta' inċentiv.

1.3. L-ebda ksur tad-dispożizzjonijiet rilevanti u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.1.3 (il-punti 61 - 64) tal-Linji Gwida.

1.3.1. Ikkonferma li l-miżura ta' għajnuna mill-Istat, il-kundizzjonijiet marbuta magħha, inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta l-metodu ta' finanzjament jifforma parti integrali mill-miżura ta' għajnuna mill-Istat, jew l-attività li tiffinanzja ma tinvolvix ksur tad-dritt tal-Unjoni rilevanti:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (61) tal-Linji Gwida, jekk miżura ta' għajnuna mill-Istat, il-kundizzjonijiet marbuta magħha, inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta l-metodu ta' finanzjament jifforma parti integrali mill-miżura ta' għajnuna mill-Istat, jew l-attività li tiffinanzja, tinvolvi ksur tad-dritt tal-Unjoni rilevanti, l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

Sabiex tivvaluta l-konformità mal-punt (61) tal-Linji Gwida, ipprovdi informazzjoni li turi li l-miżura ta' għajnuna ma tinvolvix ksur tad-dritt tal-Unjoni rilevanti:

.....

([448]) Il-VPN ta' proġett huwa d-differenza bejn il-flussi tal-flus pożittivi u negattivi matul il-ħajja tal-investiment, imnaqqsa għall-valur kurrenti tagħhom (normalment billi jintuża l-kost tal-kapital).

([449]) L-IRR mhijiex ibbażata fuq qligħ kontabilistiku f'sena partikolari, imma tqis il-fluss futur ta' flus li l-investitur jistenna li jirċievi matul il-ħajja kollha tal-investiment. Hija definita bħala r-rata ta' skont li għaliha l-VPN tal-flussi tal-flus ikun żero.

1.3.2. Is-sistema ta' finanzjament tifforma parti integrali mill-miżura ta' għajnuna?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika s-sistema ta' finanzjament:

.....

Innota li skont il-punt (26) tal-Linji Gwida, meta s-sistema ta' finanzjament, pereżempju permezz ta' imposti parafiskali tifforma parti integrali mill-miżura ta' għajnuna, din trid tiġi nnotifikata.

1.3.3. Meta l-miżura ta' għajnuna tikkonċerna prodotti agrikoli ([450]), l-għajnuna hija kompatibbli mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli?

☐ iva ☐ le

Innota li f'konformità mal-punt (62) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni mhux se tawtorizza għajnuna mill-Istat li tkun inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-suq jew li tfixkel il-funzjonament xieraq tal-organizzazzjoni komuni.

1.3.4. L-għajnuna hija soġġetta għall-obbligu min-naħa tal-impriża benefiċjarja li tuża prodotti jew servizzi nazzjonali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (63) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tistax titqies kompatibbli mas-suq intern.

1.3.5. L-għajnuna tillimita l-possibbiltà li l-impriża benefiċjarja tisfrutta r-riżultati tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fi Stati Membri oħra?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (63) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tistax titqies kompatibbli mas-suq intern.

1.3.6. L-għajnuna hija mogħtija għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lil pajjiżi terzi jew lil Stati Membri li jkunu marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, jew hija kontinġenti fuq l-użu ta' prodotti domestiċi fuq dawk importati, jew hija mogħtija sabiex jiġi stabbilit u mħaddem network ta' distribuzzjoni jew biex tiġi koperta xi nefqa oħra marbuta mal-attivitajiet ta' esportazzjoni?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (64) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni ma tawtorizzax għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lil pajjiżi terzi jew lil Stati Membri li jkunu marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, għajnuna li tiddependi mill-użu ta' prodotti domestiċi aktar minn dawk importati, għajnuna mogħtija sabiex jiġi stabbilit u mħaddem network ta' distribuzzjoni jew biex tiġi koperta xi nefqa oħra marbuta mal-attivitajiet ta' esportazzjoni. Madankollu, l-għajnuna għall-kost tal-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali, jew għal studji jew servizzi ta' konsulenza meħtieġa għat-tnedija ta' prodott ġdid jew li diġà jeżisti f'suq ġdid fil-prinċipju ma tikkostitwixxix għajnuna għall-esportazzjoni.

2. IT-TIENI KUNDIZZJONI: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD MHUX XIERAQ IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

Skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat, l-għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi tista' tiġi ddikjarata kompatibbli biss "basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni".

([450]) Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-prodotti agrikoli huma l-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattati bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kif iddefiniti fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Min-natura tagħha stess, kwalunkwe miżura ta' għajnuna tiġġenera distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u jkollha effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, sabiex jiġi stabbilit jekk l-effetti ta' distorsjoni tal-għajnuna jkunux limitati għall-minimu, il-Kummissjoni tivverifika jekk l-għajnuna tkunx meħtieġa, xierqa, proporzjonata u trasparenti.

Imbagħad, il-Kummissjoni tivvaluta l-effett distorsiv tal-għajnuna inkwistjoni fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ. Il-Kummissjoni mbagħad tibbilanċja l-effetti pożittivi tal-għajnuna mal-effetti negattivi tagħha fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ. Meta l-effetti pożittivi jegħlbu l-effetti negattivi, il-Kummissjoni tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli.

2.1. Ħtieġa għal intervent mill-Istat

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.1 (il-punti 70 - 71) tal-Linji Gwida.

2.1.1. Skont il-punt 70 tal-Linji Gwida, l-għajnuna mill-Istat trid tkun immirata lejn sitwazzjonijiet fejn l-għajnuna tista' ġġib żvilupp materjali li s-suq ma jkunx kapaċi jġib waħdu, pereżempju billi tirrimedja falliment tas-suq għall-attività megħjuna jew l-investiment inkwistjoni. Il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat jistgħu tabilħaqq, taħt ċerti kundizzjonijiet, jikkoreġu fallimenti tas-suq u b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament effiċjenti tas-swieq u jsaħħu l-kompetittività.

Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt (70) tal-Linji Gwida, ipprovdi l-informazzjoni kollha li turi li l-għajnuna tista' ġġib żvilupp materjali li s-suq ma jistax iwassal, jew li tista' tikkoreġi l-fallimenti tas-suq, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti tas-swieq u għat-tisħiħ tal-kompetittività:

……

Innota li għall-finijiet tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li s-suq mhux qiegħed iwassal l-objettivi mistennija mingħajr l-intervent tal-Istat fir-rigward tal-miżuri ta' għajnuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fit-Parti I ta' dawn il-Linji Gwida. Għalhekk, din l-għajnuna għandha titqies bħala meħtieġa.

2.2. Adegwatezza tal-għajnuna

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.2 (il-punti 72 - 82) tal-Linji Gwida.

Il-miżura ta' għajnuna proposta trid tkun strument ta' politika adegwat sabiex jiġi indirizzat l-objettiv ta' politika kkonċernat. L-Istat Membru jeħtieġlu juri li l-għajnuna u t-tfassil tagħha huma xierqa biex jintlaħaq l-objettiv tal-miżura li l-huwa l-mira tal-għajnuna.

Adegwatezza fost l-istrumenti ta' politika alternattivi

2.2.1. L-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fit-Taqsimiet rilevanti tal-Parti II tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika t-Taqsima rilevanti:

……

Innota li skont il-punt (73) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mogħtija fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, li tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fit-Taqsimiet rilevanti tal-Parti II tal-Linji Gwida, hija strument ta' politika xieraq.

2.2.2. L-għajnuna tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna simili għall-iżvilupp rurali ffinanzjata esklużivament minn fondi nazzjonali, filwaqt li fl-istess ħin l-istess intervent huwa previst fil-Pjan Strateġiku tal-PAK rilevanti?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri l-vantaġġi ta' dan l-istrument ta' għajnuna nazzjonali meta mqabbel mal-intervent tal-Pjan Strateġiku tal-PAK inkwistjoni:

……

Adegwatezza fost strumenti ta' għajnuna differenti

Skont il-punt (75) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tingħata f'diversi forom. Madankollu l-Istat Membru għandu jiżgura li l-għajnuna tingħata fil-forma li hija l-aktar probabbli li tiġġenera l-anqas distorsjonijiet fil-kummerċ u fil-kompetizzjoni.

2.2.3. Skont il-punt (82) tal-Linji Gwida, il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna mas-suq intern hija mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-akkwist pubbliku u għall-prinċipji ta' trasparenza u aċċess miftuħ u n-nondiskriminazzjoni fil-proċess tal-għażla ta' fornitur ta' servizzi. Sabiex tivvaluta l-konformità mal-punt (75) tal-Linji Gwida, speċifika l-forma tal-għajnuna u uri li din il-forma x'aktarx li tiġġenera l-anqas distorsjonijiet fil-kummerċ u fil-kompetizzjoni:

.....

2.2.4. Jekk tiġi stabbilita forma speċifika ta' għajnuna għal għajnuna notifikata f'Taqsima applikabbli tal-Parti II tal-Linji Gwida, il-forma ta' għajnuna tikkorrispondi għal dik il-forma ta' għajnuna?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika l-forma ta' għajnuna kkonċernata:

.....

Innota li skont il-punt (76) tal-Linji Gwida, fejn tiġi stabbilita forma speċifika għal miżura ta' għajnuna kif deskritt fil-Parti II tal-Linji Gwida, din il-forma titqies bħala strument ta' għajnuna xieraq.

2.2.5. L-għajnuna ngħatat fil-forma prevista fl-intervent rispettivgħall-iżvilupp rurali, ikkofinanzjata mill-FAEŻR jew ingħatat bħala finanzjament addizzjonali għal dawn l-interventi kofinanzjati għall-iżvilupp rurali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (78) tal-Linji Gwida, l-għajnuna mogħtija fil-forma prevista fl-interventi rispettivi għall-iżvilupp rurali, ikkofinanzjata mill-FAEŻR jew mogħtija bħala finanzjament addizzjonali għal dawn l-interventi kofinanzjati għall-iżvilupp rurali, hija strument xieraq ta' għajnuna.

2.2.6. Fir-rigward tal-għajnuna għall-investiment, mhux inkluża fil-pjan strateġiku tal-PAK jew bħala finanzjament addizzjonali għal dan l-intervent għall-iżvilupp rurali, l-għajnuna hija mogħtija f'forom li jipprovdu vantaġġ pekunjarju dirett (pereżempju għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis fit-taxxi, fis-sigurtà soċjali jew f'imposti obbligatorji oħra, eċċ.)?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri għaliex forom oħra ta' għajnuna potenzjalment anqas distorsivi, bħal self bil-quddiem li jista' jitħallas lura jew forom ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ta' ekwità (pereżempju, self b'rata tal-imgħax baxxa jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-gvern jew provvista alternattiva ta' kapital b'termini favorevoli) huma anqas xierqa:

.....

2.2.7. L-għajnuna ngħatat għall-miżuri tal-forestrija msemmija fil-Parti II, it-Taqsima 2.8 tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li l-objettivi ekoloġiċi, protettivi u rikreattivi mmirati ma jistgħux jintlaħqu bl-iżvilupp rurali bħall-miżuri tal-forestrija msemmija fil-Parti II, it-Taqsimiet 2.1 sa 2.7 tal-Linji Gwida.

.....

2.2.8. L-għajnuna ngħatat għal xi waħda mill-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin?

☐ għajnuna għall-kostijiet ta' attivitajiet ta' riċerka dwar is-suq, il-ħolqien u d-disinn tal-prodott u għat-tħejjija ta' applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' skemi tal-kwalità;

☐ għajnuna għall-iskambju tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni;

☐ għajnuna għal servizzi ta' konsulenza;

☐ għajnuna għal servizzi ta' sostituzzjoni fl-azjendi agrikoli;

☐ għajnuna għal miżuri ta' promozzjoni;

☐ għajnuna li tikkumpensa għall-kostijiet tal-prevenzjoni u l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali, tal-pesti tal-pjanti u tal-ispeċijiet aljeni invażivi;

☐ għajnuna lis-settur tat-trobbija tal-bhejjem.

2.2.9. Jekk l-għajnuna tingħata għal kwalunkwe waħda mill-kategoriji speċifikati fil-mistoqsija preċedenti, ikkonferma li din l-għajnuna tingħata lill-benefiċjarji finali tal-għajnuna permezz ta' servizzi ssussidjati:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (81) tal-Linji Gwida, l-għajnuna mogħtija għal kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' hawn fuq trid tingħata lill-benefiċjarji finali tal-għajnuna permezz ta' servizzi ssussidjati. F'dawn il-każijiet l-għajnuna trid titħallas lill-fornitur ta' servizz jew tal-attività inkwistjoni.

2.3. Il-proporzjonalità tal-għajnuna u l-akkumulazzjoni

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.3 (il-punti 83 - 111) tal-Linji Gwida.

B'mod ġenerali, l-għajnuna hija meqjusa bħala proporzjonata jekk l-ammont tal-għajnuna għal kull benefiċjarju jkun limitat għall-minimu meħtieġ sabiex titwettaq l-attività megħjuna.

2.3.1. L-ammont tal-għajnuna jaqbeż il-kostijiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (84) tal-Linji Gwida, l-għajnuna titqies bħala proporzjonata jekk ma taqbiżx il-kostijiet eliġibbli.

2.3.2. L-għajnuna taqa' taħt il-Parti II, it-Taqsimiet 1.3.1.1 u 2.3 tal-Linji Gwida, li jipprevedu b'mod espress inċentivi ambjentali jew pubbliċi oħra?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li l-punt (84) tal-Linji Gwida ma japplikax.

2.3.3. L-intensità massima tal-għajnuna u l-ammont tal-għajnuna tiġi kkalkulata mill-awtorità tal-għoti meta tagħti l-għajnuna?

☐ iva ☐ le

2.3.4. Il-kostijiet eliġibbli jiġu appoġġjati mill-evidenza dokumentarja ċara, speċifika u kontemporanja?

☐ iva ☐ le

2.3.5. Meta jiġu kkalkulati l-intensità tal-għajnuna u l-kostijiet eliġibbli, iċ-ċifri kollha se jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis fit-taxxa jew imposta oħra?

☐ iva ☐ le

2.3.6. It-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT, value added tax) hija eliġibbli għall-għajnuna?

☐ iva ☐ le

2.3.7. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, il-VAT tista' tiġi rkuprata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (88) tal-Linji Gwida, it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) mhijiex eliġibbli għall-għajnuna, ħlief fejn ma tkunx tista' tiġi rkuprata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-VAT.

2.3.8. Jekk l-għajnuna tingħata f'forma oħra li mhijiex għotja, l-ammont tal-għajnuna jkun l-ekwivalenti gross tal-għotja tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

2.3.9. L-għajnuna tista' titħallas f'bosta pagamenti parzjali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, l-għajnuna se tiġi skontata għall-valur tagħha waqt l-għoti tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (90) tal-Linji Gwida, il-kostijiet eliġibbli jridu jiġu skontati għall-valur tagħhom fil-mument tal-għoti tal-għajnuna. Barra minn hekk, ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża għall-finijiet ta' skontijiet hija r-rata ta' skont applikabbli dakinhar li tingħata l-għajnuna.

2.3.10. Jekk l-għajnuna tista' titħallas fil-futur, se tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (91) tal-Linji Gwida, għajnuna li tista' titħallas fil-futur, inkluża l-għajnuna li tista' titħallas f'bosta pagamenti parzjali, tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata.

2.3.11. L-għajnuna se tingħata permezz ta' benefiċċji fuq it-taxxa?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, l-iskont fuq segmenti tal-għajnuna jsir fuq il-bażi tar-rati ta' skont applikabbli fil-bosta waqtiet li fihom jidħol fis-seħħ il-benefiċċju fuq it-taxxa?

☐ iva ☐ le

2.3.12. L-ammont tal-għajnuna għall-miżuri jew it-tipi ta' operazzjonijiet imsemmija fil-Parti II, it-Taqsimiet 1.1.4, 1.1.5, 1.1.6, 1.1.7, 1.1.8, 2.1.1, 2.1.2, 2.1.4, 2.2 u 2.3 tal-Linji Gwida huwa stabbilit abbażi ta' suppożizzjonijiet standard ta' kostijiet addizzjonali u introjtu mitluf?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ikkonferma li l-kalkolu u l-għajnuna korrispondenti:

(a) ☐ jinkludu biss elementi li jkunu verifikabbli;

(b) ☐ ikunu bbażati fuq ċifri stabbiliti b'kompetenza xierqa;

(c) ☐ jindikaw b'mod ċar is-sors taċ-ċifri użati;

(d) ☐ huma differenzjati biex iqisu l-kundizzjonijiet tas-sit reġjonali jew lokali u l-użu attwali tal-art, fejn applikabbli;

(e) ☐ ma jkunx fihom elementi marbutin mal-kostijiet tal-investiment.

Innota li l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq huma kumulattivi u jridu jiġu ssodisfati kollha.

2.3.13. L-għajnuna tingħata f'waħda mill-għażliet ta' kostijiet issimplifikati li ġejjin?

(a) ☐ il-kostijiet unitarji;

(b) ☐ is-somom f'daqqa;

(c) ☐ il-finanzjament b'rata fissa.

Innota li l-għajnuna li taqa' taħt il-Parti II, it-Taqsimiet 1.2 u 2.8.5 tal-Linji Gwida ma tistax tingħata fl-għażliet tal-kostijiet issimplifikati ta' hawn fuq.

2.3.14. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, indika l-metodu li bih jiġi stabbilit l-ammont tal-għajnuna:

(a) ☐ metodu ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli bbażat fuq wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) ☐ data tal-istatistika, informazzjoni oġġettiva oħra jew ġudizzju espert;

(ii) ☐ data storika vverifikata tal-benefiċjarji individwali;

(iii) ☐ l-applikazzjoni tal-prattiki kontabilistiċi normali tal-kostijiet tal-benefiċjarji individwali;

(b) ☐ f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni tal-kostijiet unitarji, tas-somom f'daqqa u tar-rati fissi korrispondenti applikabbli fil-politiki tal-Unjoni għal tip simili ta' operazzjoni.

Bħala parti min-notifika, issottometti d-dokumenti ġustifikattivi rilevanti.

2.3.15. Jekk il-miżura hija kofinanzjata, l-ammonti tal-kostijiet eliġibbli huma kkalkulati f'konformità mal-għażliet ta' kostijiet issimplifikati stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060 ([451]) u fir-Regolament (UE) 2021/2115?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi aktar dettalji u ssottometti d-dokumenti ta' sostenn rilevanti:

……

2.3.16. Hemm assigurazzjoni marbuta mal-miżura li għaliha l-għajnuna tingħata?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi aktar dettalji:

……

Innota li skont il-punt (97) tal-Linji Gwida, meta tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna, il-Kummissjoni se tqis kwalunkwe assigurazzjoni meħuda, jew li setgħet ittieħdet mill-benefiċjarju tal-għajnuna. Fir-rigward tal-għajnuna għall-kumpens ta' telf ikkawżat minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastru naturali, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, l-għajnuna fl-intensità massima tal-għajnuna għandha tingħata biss lil impriża li ma tistax tkun koperta minn assigurazzjoni għal dan it-telf.

Kundizzjonijiet addizzjonali għal għajnuna għall-investiment notifikabbli individwalment u għajnuna tal-investiment għal intrapriżi kbar skont l-iskemi notifikati

2.3.17. Fil-każ tal-għajnuna għall-investiment notifikabbli individwalment, l-ammont tal-għajnuna jikkorrispondi għall-kostijiet addizzjonali netti tal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali mingħajr l-għajnuna?

☐ iva ☐ le

Iddeskrivi x-xenarju kontrofattwali:

……

Innota li skont il-punt (98) tal-Linji Gwida, bħala regola ġenerali, l-għajnuna għall-investiment notifikabbli individwalment se titqies bħala limitata għall-minimu jekk l-ammont tal-għajnuna jikkorrispondi għall-kostijiet addizzjonali netti tal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali mingħajr l-għajnuna ([452]), flimkien mal-intensitajiet massimi tal-għajnuna bħala limitu massimu.

([451]) EUR-Lex - 32021R1060 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

([452]) Meta jiġu mqabbla x-xenarji kontrofattwali, l-għajnuna għandha tiġi skontata bl-istess fattur bħax-xenarji tal-investiment u dawk kontrofattwali korrispondenti.

2.3.18. Agħti l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kalkolu tal-IRR tal-investiment bl-għajnuna u mingħajrha:

……

(b) informazzjoni dwar punti ta' riferiment rilevanti tas-suq għall-impriża (eż. rati normali ta' redditu meħtieġa mill-benefiċjarju sabiex iwettaq proġetti simili, il-kost tal-kapital tal-kumpanija kollha):

……

(c) spjegazzjoni tar-raġuni għaliex, fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-għajnuna hija l-minimu meħtieġ sabiex il-proġett isir profittabbli biżżejjed:

……

2.3.19. L-ammont tal-għajnuna huwa limitat għall-minimu meħtieġ biex il-proġett isir profittabbli biżżejjed?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (99) tal-Linji Gwida, l-ammont tal-għajnuna ma għandux jaqbeż il-minimu meħtieġ biex il-proġett isir profittabbli biżżejjed. Pereżempju, l-ammont tal-għajnuna ma għandux iwassal sabiex iżid ir-Rata ta' Redditu Interna (IRR) tiegħu aktar mir-rati normali ta' redditu applikati mill-impriża kkonċernata fi proġetti oħra tal-investiment ta' tip simili jew, jekk dawn ir-rati ma jkunux disponibbli, sabiex iżid l-IRR tiegħu aktar mill-kost tal-kapital tal-impriża b'mod sħiħ jew aktar mir-rati ta' redditu osservati b'mod komuni fis-settur ikkonċernat.

2.3.20. Meta l-għajnuna tingħata għall-investiment lill-intrpariżi kbar taħt skemi notifikati, huwa żgurat li l-ammont tal-għajnuna jikkorrispondi għall-kostijiet addizzjonali netti marbuta mal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali mingħajr l-għajnuna?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (100) tal-Linji Gwida, sabiex jiġi żgurat li l-ammont tal-għajnuna jikkorrispondi għall-kostijiet addizzjonali netti tal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali mingħajr l-għajnuna, il-metodu stabbilit fil-punt (99) tal-Linji Gwida jrid jintuża flimkien mal-intensitajiet massimi tal-għajnuna bħala limitu massimu.

2.3.21. Il-benefiċjarju huwa muniċipalità li hija awtorità lokali awtonoma li għandha baġit annwali ta' anqas minn EUR 10 miljun u anqas minn 5 000 abitant?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li l-punti (98) sa (101) tal-Linji Gwida ma japplikawx.

Akkumulazzjoni ta' għajnuna

2.3.22. L-għajnuna notifikata tingħata fl-istess waqt ma' diversi skemi oħra jew flimkien ma' għajnuna *ad hoc*?

☐ iva ☐ le

2.3.23. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, l-ammont totali tal-għajnuna mill-Istat għal attività jew għal proġett huwa limitat għal-limiti massimi tal-għajnuna stabbiliti fil-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

2.3.24. L-għajnuna notifikata għandha kostijiet eliġibbli identifikabbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, din l-għajnuna se tingħaqad ma' xi għajnuna oħra mill-Istat?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, dik l-għajnuna se tingħata għal kostijiet eliġibbli identifikabbli differenti?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija le, innota li f'konformità mal-punt (104) tal-Linji Gwida, l-għajnuna b'kostijiet eliġibbli identifikabbli tista' tiġi akkumulata ma' kwalunkwe għajnuna oħra mill-Istat, fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli, li jikkoinċidu parzjalment jew għalkollox, biss jekk din l-akkumulazzjoni ma twassalx sabiex tinqabeż l-ogħla intensità tal-għajnuna jew l-ammont tal-għajnuna applikabbli għal dan it-tip ta' għajnuna skont il-Linji Gwida.

2.3.25. L-għajnuna mogħtija skont il-Parti II, it-Taqsima 1.1.2, li ma għandha l-ebda kost eliġibbli identifikabbli, hija magħquda ma' miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat b'kostijiet eliġibbli identifikabbli?

☐ iva ☐ le

2.3.26. Meta l-għajnuna mogħtija għal Parti II, it-Taqsima 1.1.2 ma tridx kostijiet eliġibbli identifikabbli, tiġi akkumulata ma' miżura ta' għajnuna mill-Istat oħra mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli, din l-għajnuna hija limitata sal-livell limitu ta' finanzjament totali rilevanti stabbilit fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ mill-Linji Gwida jew minn linji gwida oħra dwar l-għajnuna mill-Istat, regolament ta' eżenzjoni ġenerali jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-limitu massimu tal-istrument ta' għajnuna applikabbli:

.....

Innota li skont il-punt (105) tal-Linji Gwida, l-għajnuna mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli skont il-Parti II, it-Taqsima 1.1.2, tista' tiġi akkumulata ma' kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat b'kostijiet eliġibbli identifikabbli. L-għajnuna mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna mill-Istat oħra mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli, sal-livell limitu ta' finanzjament totali rilevanti stabbilit fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ mill-Linji Gwida jew linji gwida oħra dwar l-għajnuna mill-Istat, regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.

2.3.27. L-għajnuna favur is-settur tal-agrikoltura hija akkumulata mal-pagamenti msemmija fl-Artikoli 145 u 146 tar-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, din l-akkumulazzjoni se tirrispetta l-intensità tal-għajnuna jew l-ammont tal-għajnuna stabbilit fil-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

2.3.28. L-għajnuna mogħtija skont il-Parti II, it-Taqsimiet 1.1.4, 1.1.5 u 1.1.8 tal-Linji Gwida hija akkumulata mal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, din l-akkumulazzjoni se tirrispetta l-intensità tal-għajnuna jew l-ammont tal-għajnuna stabbilit fil-Linji Gwida?

2.3.29. L-għajnuna hija kkombinata ma' fondi tal-Unjoni ġestiti ċentralment mill-istituzzjonijiet, mill-aġenziji, minn impriżi konġunti jew minn korpi oħra tal-Unjoni li ma humiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (108) tal-Linji Gwida, jekk il-fondi tal-Unjoni ma jkunux fil-kontroll dirett jew indirett tal-Istat Membru, l-għajnuna mill-Istat biss se titqies biex jiġi ddeterminat jekk humiex rispettati l-livelli limitu ta' notifika u l-intensitajiet massimi tal-għajnuna, dment li l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti b'rabta mal-istess kostijiet eliġibbli ma jkunx jaqbeż l-aktar rata/i ta' finanzjament favorevoli stabbiliti fir-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni. Ikkonferma li dan huwa l-każ:

☐ iva ☐ le

Ipprovdi informazzjoni dwar id-dritt tal-Unjoni applikabbli, imsemmi fil-punt (108) tal-Linji Gwida:

.....

2.3.30. Meta l-għajnuna awtorizzata skont il-Linji Gwida tiġi akkumulata ma' għajnuna *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli, tali akkumulazzjoni tirrispetta intensità tal-għajnuna jew ammont tal-għajnuna stabbilit fil-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

2.3.31. Meta l-għajnuna tingħata għal investimenti maħsuba għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola kif imsemmi fil-punt (152)(d) tal-Linji Gwida, din l-għajnuna tiġi akkumulata b'għajnuna li tikkumpensa għal ħsara materjali msemmija fil-Parti II, it-Taqsimiet 1.2.1.1, 1.2.1.2 u 1.2.1.3 tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (110) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-investimenti maħsuba għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola kif imsemmija fil-punt (152)(d) tal-Linji Gwida ma għandhiex tiġi akkumulata ma' għajnuna għall-kumpens ta' ħsara materjali msemmija fil-Parti II, it-Taqsimiet 1.2.1.1, 1.2.1.2 u 1.2.1.3.

2.3.32. Meta l-għajnuna tingħata bħala għajnuna tal-bidu għal gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet fis-settur tal-agrikoltura kif imsemmi fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.3 tal-Linji Gwida, din l-għajnuna tiġi akkumulata mal-appoġġ korrispondenti għall-gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet fis-settur tal-agrikoltura kif imsemmi fl-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2021/2115?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (111) tal-Linji Gwida, għajnuna tal-bidu għal gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet fis-settur tal-agrikoltura kif imsemmi fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.3 ma għandhiex tiġi akkumulata mal-appoġġ korrispondenti għall-gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet fis-settur tal-agrikoltura kif imsemmi fl-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

2.3.33. Meta l-għajnuna mogħtija bħala għajnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażagħ, għajnuna tal-bidu għall-iżvilupp ta' farms żgħar u għajnuna tal-bidu għal attivitajiet agrikoli kif imsemmija fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.2 tal-Linji Gwida tiġi akkumulata mal-appoġġ korrispondenti kif imsemmi fl-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) 2021/2115, din l-akkumulazzjoni tirrispetta l-ammont tal-għajnuna stabbilit fil-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (111) tal-Linji Gwida, għajnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażagħ, għajnuna tal-bidu għall-iżvilupp ta' farms żgħar u għajnuna tal-bidu għal attivitajiet agrikoli kif imsemmija fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.2, ma għandhomx jiġu akkumulati mal-appoġġ korrispondenti kif imsemmi fl-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jekk din l-akkumulazzjoni tirriżulta f'ammont tal-għajnuna li jaqbeż dawk stabbiliti fil-Linji Gwida.

2.4. Trasparenza

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.4 (il-punti 112 - 115) tal-Linji Gwida.

2.4.1. L-Istat Membru se jiżgura li l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni li ġejja fil-modulu għall-għoti bi trasparenza tal-Kummissjoni Ewropea fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat, fuq livell nazzjonali jew reġjonali?

☐ it-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha jew il-bażi legali għall-għajnuna individwali, jew link għaliha;

☐ l-identità tal-awtorità/jiet tal-għoti;

☐ l-identità tal-benefiċjarji individwali, il-forma u l-ammont tal-għajnuna mogħtija lil kull benefiċjarju, id-data tal-għoti, it-tip ta' impriża (SME/intrapriża kbira), ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju (fil-livell II tan-NUTS (klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika)) u s-settur ekonomiku prinċipali li fih il-benefiċjarju għandu l-attivitajiet tiegħu (fil-livell tal-grupp NACE (klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea)). Rekwiżit bħal dan jista' jiġi rrinunzjat fir-rigward ta' għotjiet ta' għajnuna individwali li ma jaqbżux dawn li l-livelli limitu:

i. EUR 10 000 għal benefiċjarji fil-produzzjoni agrikola primarja;

ii. EUR 100 000 għal benefiċjarji fis-setturi tal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, is-settur tal-forestrija jew l-attivitajiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.

2.4.2. Jekk jogħġbok ikkonferma li għall-iskemi tal-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, l-informazzjoni fuq l-ammont tal-għajnuna individwali tingħata f'dawn il-meded (f'miljuni ta' EUR):

☐ minn 0,01 sa 0,1 għall-produzzjoni agrikola primarja biss;

☐ 0,1 sa 0,5;

☐ 0,5 sa 1;

☐ 1 sa 2;

☐ 2 sa 5;

☐ 5 sa 10;

☐ 10 sa 30;

☐ 30 u aktar.

2.4.3. Speċifika jekk l-informazzjoni stabbilita fil-punt (112) tal-Linji Gwida hijiex se tiġi ppubblikata:

(a) ☐ fil-modulu għall-għoti bi trasparenza tal-Kummissjoni Ewropea ([453]);

(b) ☐ fuq is-sit web komprensiv nazzjonali jew reġjonali dwar l-għajnuna mill-Istat.

2.4.4. Ikkonferma li din l-informazzjoni:

☐ se tiġi ppubblikata meta tittieħed id-deċiżjoni li se tingħata l-għajnuna;

☐ se tinżamm għal mill-anqas 10 snin;

☐ se tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali mingħajr restrizzjonijiet ([454]).

2.4.5. Ipprovdi l-link tas-sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat fejn se tiġi ppubblikata l-informazzjoni msemmija f'din it-taqsima:

……

([453]) "Tiftix Pubbliku tal-Bażi tad-Data dwar it-Trasparenza tal-Għajnuna mill-Istat", jinsab fuq is-sit web li ġej: https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public?lang=mt.

([454]) Din l-informazzjoni trid tiġi ppubblikata fi żmien sitt xhur mid-data tal-għoti tal-għajnuna (jew fi żmien sena mid-data tad-dikjarazzjoni tat-taxxa fil-każ tal-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa). Fil-każ ta' għajnuna illegali, l-Istati Membri se jintalbu jiżguraw li din l-informazzjoni *ex post* tiġi ppubblikata mill-anqas fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-informazzjoni trid tkun disponibbli f'format li jippermetti li d-data tkun tista' tinstab, tiġi estratta u faċilment ippubblikata fuq l-internet, pereżempju f'format CSV jew XML.

2.4.6. Ikkonferma li r-rapportar u r-reviżjoni kif meħtieġ fil-Parti III, it-Taqsima 3 se jitwettqu:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (115) tal-Linji Gwida, għal raġunijiet ta' trasparenza, l-Istati Membri jeħtiġilhom iwettqu rapportar u reviżjoni kif meħtieġ fil-Parti III, it-Taqsima 3.

2.5. L-evitar ta' effetti negattivi avversi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.5 (il-punti 116 – 133) tal-Linji Gwida.

L-għajnuna għas-setturi agrikoli u tal-forestrija u għaż-żoni rurali tista' potenzjalment tikkawża distorsjonijiet fis-suq tal-prodotti. Sabiex l-għajnuna tkun kompatibbli, l-effetti negattivi tal-miżura ta' għajnuna f'termini ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri jridu jiġu minimizzati.

Skont il-punt (117) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni se tidentifika s-suq/swieq affettwat(i) mill-għajnuna, filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru fis-suq/swieq tal-prodotti kkonċernat(i), jiġifieri s-suq/swieq affettwat(i) mill-bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna.

2.5.1. F'konformità mal-punt (117) tal-Linji Gwida, ipprovdi informazzjoni dwar is-suq tal-prodotti affettwat mill-għajnuna:

.....

2.5.2. L-għajnuna hija mmirata tajjeb, proporzjonata u limitata għall-kostijiet addizzjonali netti?

☐ iva ☐ le

Skont il-punt (118) tal-Linji Gwida, jekk l-għajnuna tkun immirata sew, proporzjonata u limitata għall-kostijiet addizzjonali netti, l-impatt negattiv tal-għajnuna jitnaqqas u r-riskju li l-għajnuna tfixkel il-kompetizzjoni b'mod avvers ikun aktar limitat. Sabiex tipprovdi din l-informazzjoni, irreferi għat-Taqsima 2.1.1 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni.

2.5.3. L-intensità massima tal-għajnuna jew l-ammont massimu tal-għajnuna, kif stabbilit f'Taqsima speċifika tal-Linji Gwida, huma rrispettati?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-intensità massima tal-għajnuna jew l-ammont tal-għajnuna:

.....

Il-Kummissjoni tqis li jekk l-intensità massima tal-għajnuna jew l-ammont massimu tal-għajnuna jiġu rispettati, l-impatt negattiv tal-għajnuna jittaffa u r-riskju li l-għajnuna tfixkel il-kompetizzjoni jkun aktar limitat.

L-iskemi ta' għajnuna għall-investiment għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u fis-settur tal-forestrija

2.5.4. Iddeskrivi s-suq jew is-swieq tal-prodott ikkonċernati, jiġifieri s-suq jew swieq affettwati mill-bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna.

.....

Innota li fil-valutazzjoni tal-effetti negattivi tal-miżura ta' għajnuna, il-Kummissjoni se tiffoka l-analiżi tagħha tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fuq l-impatt prevedibbli li għandha l-għajnuna fis-setturi agrikolu u tal-forestrija u fiż-żoni rurali fuq il-kompetizzjoni bejn l-impriżi fis-suq/swieq tal-prodotti affettwati ([455]).

([455]) Għadd ta' swieq jistgħu jiġu affettwati mill-għajnuna, għaliex l-impatt tal-għajnuna jista' ma jkunx limitat għas-suq li jikkorrispondi għall-attività appoġġjata, iżda jista' jestendi għal swieq oħra li huma marbutin ma' dak is-suq għaliex ikunu f'faži upstream, downstream jew kumplimentari, jew għaliex il-benefiċjarju jkun diġà preżenti fihom jew se jkun preżenti fihom fil-futur qrib.

2.5.5. Għal skemi ta' għajnuna għall-investiment għall-ipproċessar u/jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott agrikolu u fis-settur tal-forestrija, uri li kwalunkwe effett negattiv se jkun limitat għall-minimu filwaqt li jitqies, pereżempju, id-daqs tal-proġetti kkonċernati, l-ammonti tal-għajnuna individwali u kumulattiva, il-benefiċjarji mistennija kif ukoll il-karatteristiċi tas-setturi fil-mira.

.....

2.5.6. Fir-rigward ta' skemi ta' għajnuna għall-investiment għall-ipproċessar u/jew għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u fis-settur tal-forestrija, l-Istati Membri huma mħeġġa jippreżentaw valutazzjoni tal-impatt għad-dispożizzjoni tagħhom kif ukoll evalwazzjonijiet *ex post* imwettqa għal skemi simili sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-effetti negattivi probabbli tal-iskema ta' għajnuna.

— Qed tkun ippreżentata valutazzjoni tal-impatt flimkien man-notifika?

☐ iva ☐ le

— Qed tkun ippreżentata evalwazzjoni *ex post* flimkien man-notifika?

☐ iva ☐ le

Għajnuna għall-investimenti notifikabbli individwalment għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u fis-settur tal-forestrija

Skont il-punt (123) tal-Linji Gwida, fl-istima tal-effetti negattivi tal-għajnuna għall-investiment individwali, il-Kummissjoni tenfasizza b'mod partikolari l-effetti negattivi marbuta mal-bini tal-kapaċità żejda fi swieq li jkunu sejrin lura, mal-prevenzjoni tal-ħruġ, u mal-kunċett tas-setgħa sostanzjali fis-suq. Dawn l-effetti negattivi jridu jiġu kontrobilanċjati bl-effetti pożittivi tal-għajnuna.

2.5.7. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tidentifika u tivvaluta d-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ, ipprovdi evidenza li tippermetti lill-Kummissjoni tidentifika s-swieq tal-prodotti kkonċernati (jiġifieri, il-prodotti affettwati mill-bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna) u tidentifika l-kompetituri u l-klijenti/konsumaturi affettwati:

.....

Skont il-punt (124) tal-Linji Gwida, il-prodott ikkonċernat huwa tipikament il-prodott kopert mill-proġett ta' investiment ([456]). Meta l-proġett jikkonċerna prodott intermedjarju u parti sinifikanti mill-output ma jkunx mibjugħ fis-suq, il-prodott ikkonċernat jista' jkun il-prodott downstream. Is-suq tal-prodotti rilevanti jinkludi l-prodott ikkonċernat u s-sostituti tiegħu meqjusin bħala tali, jew mill-konsumatur (minħabba l-karatteristiċi, il-prezzijiet, jew l-użu maħsub tal-prodott) jew mill-produttur (minħabba l-flessibbiltà tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni).

Is-suq tal-prodott rilevanti jinkludi l-prodott ikkonċernat u s-sostituti tiegħu fin-naħa tad-domanda, jiġifieri prodotti meqjusin li huma hekk mill-konsumatur (minħabba l-karatteristiċi, il-prezzijiet u l-użu intenzjonat tal-prodott) u s-sostituti tiegħu fin-naħa tal-provvista, jiġifieri prodotti meqjusin li huma hekk mill-produtturi (permezz tal-flessibbiltà tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-benefiċjarju u tal-kompetituri tiegħu). Indika xi tqis bħala s-sostituti rilevanti tan-naħa tad-domanda u tal-provvista f'dan il-każ. Ipprovdi evidenza, jekk possibbli, minn parti terza indipendenti, biex issostni l-konklużjonijiet tiegħek dwar dan il-punt.

.....

2.5.8. Bħala riżultat tal-għajnuna, il-proġett joħloq kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi stima tal-kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali maħluqa (f'termini ta' volum u valur):

.....

([456]) Għal proġetti ta' investiment li jinvolvu l-produzzjoni ta' diversi prodotti differenti, kull prodott irid jiġi vvalutat.

2.5.9. Ipprovdi informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-suq tal-prodotti affettwat mill-għajnuna, jiġifieri jekk hux qed jikber jew għandu prestazzjoni agħar minn dik mistennija:

……

2.5.10. Jekk is-suq tal-prodott affettwat mill-għajnuna mhux sejjer tajjeb, speċifika, bi prospettiva fit-tul, jekk is-suq huwiex sejjer lura strutturalment (jiġifieri qed jiċkien) jew sejjer lura b'mod relattiv (jiġifieri għadu qed jikber, iżda ma jaqbiżx rata ta' tkabbir ta' referenza):

……

2.5.11. F'każ li s-suq ġeografiku jkun globali, sabiex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tas-suq tal-prodott affettwat mill-għajnuna, ipprovdi informazzjoni dwar l-effett tal-għajnuna fuq l-istrutturi tas-suq ikkonċernati, b'mod partikolari, il-potenzjal tagħha li teskludi l-produtturi fiż-ŻEE:

……

2.5.12. Ipprovdi informazzjoni, u evidenza ta' sostenn, dwar is-suq ġeografiku rilevanti tal-benefiċjarju.

……

2.5.13. Speċifika l-prodott(i) kollha li se jkun(u) manifatturat(i) malli jkun lest l-investiment u indika, fejn huwa xieraq, il-kodiċi NACE jew in-nomenklatura KPA:

……

2.5.14. Indika jekk il-prodott(i) previsti mill-proġett humiex se jissostitwixxu xi prodott ieħor manifatturat mill-benefiċjarju (fil-livell ta' grupp):

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika l-prodott(i) li se jiġi sostitwit/jiġu sostitwiti. Jekk dawn il-prodotti sostitwiti mhumiex manifatturati fil-post tal-proġett, indika fejn qed jiġu manifatturati bħalissa. Ipprovdi deskrizzjoni tar-rabta bejn il-produzzjoni sostitwita u l-investiment kurrenti u agħti skeda ta' żmien għas-sostituzzjoni:

……

2.5.15. Indika liema prodott(i) oħra jistgħu jiġu manifatturati bl-istess faċilitajiet ġodda (permezz tal-flessibbiltà tal-installazzjoni tal-produzzjoni tal-benefiċjarju) b'kost addizzjonali żgħir jew bl-ebda kost addizzjonali:

……

2.5.16. Spjega jekk il-proġett jikkonċernax prodott intermedju u jekk parti sinifikanti mill-produzzjoni tinbiegħx mod ieħor milli fis-suq (skont il-kundizzjonijiet tas-suq). Abbażi tal-ispjegazzjoni ta' hawn fuq, biex ikunu kkalkulati s-sehem mis-suq u ż-żieda fil-kapaċità fil-bqija ta' din it-taqsima, indika jekk il-prodott ikkonċernat huwiex il-prodott previst mill-proġett jew jekk huwiex prodott downstream.

……

2.5.17. Sabiex tivvaluta s-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar il-pożizzjoni fis-suq tiegħu (matul perjodu ta' żmien qabel ma jirċievi l-għajnuna u l-pożizzjoni mistennija fis-suq wara li jiffinalizza l-investiment):

(a) stima tal-bejgħ kollu (f'termini ta' valur u volum) tal-benefiċjarju tal-għajnuna fis-suq rilevanti (fil-livell ta' grupp):

……

(b) stima tal-bejgħ globali tal-produtturi kollha fis-suq rilevanti (f'termini ta' valur u volum). Jekk disponibbli, inkludi statistika mħejjija minn sorsi pubbliċi u/jew indipendenti:

……

2.5.18. Ipprovdi informazzjoni dwar l-ishma mis-suq tal-benefiċjarju, kif ukoll dwar l-ishma mis-suq tal-kompetituri tiegħu:

……

2.5.19. Ipprovdi valutazzjoni tal-istruttura tas-suq rilevanti billi tinkludi, pereżempju, il-livell ta' konċentrazzjoni fis-suq, ostakli possibbli għad-dħul, is-saħħa tax-xerrej u ostakli għall-espansjoni jew il-ħruġ. Ipprovdi evidenza, jekk possibbli, minn parti terza indipendenti, biex issostni l-konklużjonijiet tiegħek dwar dan il-punt.

……

2.6. Kunsiderazzjoni tal-effetti pożittivi u negattivi tal-għajnuna (test ta' bbilanċjar)

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.6 (il-punti 134 – 141) tal-Linji Gwida.

Il-Kummissjoni tivvaluta jekk l-effetti pożittivi tal-miżura ta' għajnuna jegħlbux l-effetti negattivi identifikati fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ. Il-Kummissjoni tista' tikkonkludi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna mas-suq intern biss meta l-effetti pożittivi jegħlbu l-effetti negattivi. F'każijiet fejn il-miżura ta' għajnuna proposta ma tindirizzax falliment tas-suq identifikat sew b'mod xieraq u proporzjonat, l-effetti distorsivi negattivi fuq il-kompetizzjoni għandhom it-tendenza li jisbqu l-effetti pożittivi tal-miżura; għalhekk, il-Kummissjoni x'aktarx tikkonkludi li l-miżura ta' għajnuna proposta hija inkompatibbli.

2.6.1. Speċifika l-impatt tal-għajnuna fuq l-ilħuq tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (UE) 2021/2115:

……

Speċifika għal liema mill-objettivi tal-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (UE) 2021/2115 se tikkontribwixxi l-għajnuna:

……

Innota li skont il-punt (136) tal-Linji Gwida bħala parti mill-valutazzjoni tal-effetti pożittivi u negattivi tal-għajnuna, il-Kummissjoni se tqis l-impatt tal-għajnuna fuq l-ilħuq tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (UE) 2021/2115, li għandhom l-għan li jrawmu settur tal-agrikoltura intelliġenti, kompetittiv, reżiljenti u diversifikat, jappoġġjaw u jsaħħu l-protezzjoni tal-ambjent, inklużi l-bijodiversità, u l-azzjoni dwar il-klima u jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi ambjentali tal-Unjoni u dawk marbuta mal-klima u li jsaħħu n-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali.

2.6.2. L-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimiet applikabbli tal-Parti II tal-Linji Gwida u tirrispetta l-intensitajiet massimi tal-għajnuna rilevanti jew l-ammonti tal-għajnuna stabbiliti fiha?

☐ iva ☐ le

Irreferi għat-Taqsima applikabbli tal-Parti II tal-Linji Gwida:

……

Innota li skont il-punt (137) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li meta għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet u ma taqbiżx l-intensitajiet massimi rilevanti tal-għajnuna jew l-ammonti massimi tal-għajnuna, stabbiliti fit-Taqsimiet applikabbli tal-Parti II, l-effett negattiv fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ huwa limitat għall-minimu.

2.6.3. L-għajnuna hija kofinanzjata skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 jew finanzjata mill-Unjoni?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (138) tal-Linji Gwida, fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat li hija kofinanzjata skont ir-Regolament (UE) 2021/2115, jew finanzjata mill-Unjoni, il-Kummissjoni se tqis li l-effetti pożittivi relatati ġew stabbiliti.

2.6.4. L-attività megħjuna hija mistennija li jkollha xi impatt ambjentali u/jew klimatiku?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iddeskrivi l-impatt mistenni, filwaqt li tqis il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent elenkata fil-punt (139) tal-Linji Gwida u l-istandards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba (KAAT) skont ir-Regolament (UE) 2021/2115:

……

Innota li skont il-punt (139) tal-Linji Gwida, fejn jintwera li l-għajnuna għandha impatt ambjentali u klimatiku pożittiv, il-Kummissjoni se tqis li l-effetti pożittivi ta' din l-għajnuna ġew stabbiliti.

2.6.5. L-għajnuna tqis il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi biżżejjed informazzjoni biex turi li dan il-prinċipju jiġi kkunsidrat:

……

Innota li l-Artikolu 11 tat-Trattat jiddikjara li "l-ħtiġijiet għall-ħarsien tal-ambjent għandhom ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, partikolarment bl-għan li jinkoraġġixxu żvilupp sostenibbli."

2.6.6. L-għajnuna ġġib effett pożittiv ieħor?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, indika liema politika tal-Unjoni tirrifletti:

☐ Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, (COM/2019/640 final)

☐ L-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt (COM/2020/381final)

☐ L-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima (COM/2013/0216 final u COM/2021/82 final)

☐ Il-Komunikazzjoni dwar ir-Restawr ta' Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli (COM/(2021)800 final)

☐ L-Istrateġija għall-Foresti (COM/2021/572 final)

☐ L-Istrateġija għall-Bijodiversità (COM/2020/380 final)

☐ Oħrajn (speċifika):

……

Ipprovdi aktar dettalji dwar l-effett pożittiv tal-għajnuna u spjega kif l-għajnuna hija allinjata ma' politika/i tal-Unjoni indikata/i:

……

Innota li skont il-punt (140) tal-Linji Gwida, fejn l-effetti pożittivi tal-għajnuna jirriflettu dawk inkorporati fil-politiki tal-Unjoni, allura l-għajnuna allinjata ma' dawn il-politiki tal-Unjoni tista' tiġi preżunta li għandha effett pożittiv usa'.

2.6.7. L-għajnuna tingħata favur l-investimenti?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi informazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 ([457]), inkluż fir-rigward tal-prinċipju "La tagħmilx ħsara sinifikanti", jew metodoloġiji komparabbli oħra.

……

([457]) EUR-Lex - 32020R0852 - MT - EUR-Lex (europa.eu).

2.7. Informazzjoni oħra

Għajnuna għall-Irlanda ta' Fuq

2.7.1. L-għajnuna se tingħata fl-Irlanda ta' Fuq?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (28) tal-Linji Gwida, sabiex l-għajnuna tingħata fl-Irlanda ta' Fuq, meta miżura tirrikjedi konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/2115, trid tiġi pprovduta informazzjoni ekwivalenti fin-notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

Minbarra din il-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali, għall-miżuri kollha koperti mil-Linji Gwida, imla l-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari rilevanti.

Għajnuna favur impriżi f'diffikultà

Skont il-punt (23) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li meta impriża tkun f'diffikultà finanzjarja, minħabba li l-eżistenza tagħha tkun f'periklu, ma tistax titqies bħala mezz xieraq għall-promozzjoni ta' objettivi oħra ta' ordni pubbliku sakemm tiġi żgurata l-vijabbiltà tagħha. Għalhekk, meta l-benefiċjarju tal-għajnuna jkun impriża f'diffikultà kif definita fil-punt (33) u (63) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tiġi vvalutata f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà.

Madankollu, il-punt (23) tal-Linji Gwida jipprovdi ċerti eċċezzjonijiet mill-prinċipju li ma tiġix ipprovduta għajnuna mill-Istat lil impriżi f'diffikultajiet finanzjarji.

2.7.2. L-għajnuna hija mogħtija biex tikkumpensa għall-ħsara kkaġunata minn diżastri naturali u okkorrenzi eċċezzjonali msemmija fil-Parti II, it-Taqsimiet 1.2.1.1 u 2.1.3 tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (23) tal-Linji Gwida, il-prinċipju li ma tiġix ipprovduta għajnuna mill-Istat lil impriżi f'diffikultajiet finanzjarji ma japplikax, dment li l-għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2), il-punt (b), tat-Trattat.

2.7.3. L-għajnuna hija mogħtija biex tikkumpensa għall-ħsara kkaġunata minn event ta' riskju msemmi fil-Parti II, it-Taqsimiet 1.2.1.2, 1.2.1.3, 1.2.1.5, 2.1.3, 2.8.1 jew 2.8.5 tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (23) tal-Linji Gwida, il-prinċipju li ma tiġix ipprovduta għajnuna mill-Istat lil impriżi f'diffikultajiet finanzjarji ma japplikax għal għajnuna biex tikkumpensa għat-telf jew għall-ħsara, dment li dan it-telf jew ħsara tkun ġiet ikkawżata mill-eventi ta' riskju msemmija fil-Parti II, it-Taqsimiet 1.2.1.2, 1.2.1.3, 1.2.1.5, 2.1.3, 2.8.1 jew 2.8.5 tal-Linji Gwida.

2.7.4. L-għajnuna qiegħda tingħata għal xi waħda mill-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin?

☐ għajnuna għall-qerda u t-tneħħija ta' bhejjem mejta, kif stabbilit fil-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.4 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna għal miżuri ta' prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni fil-każ ta' mard tal-annimali u pesti tal-pjanti msemmija fil-punti (370) u (371) tal-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.3 tal-Linji Gwida.

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (23) tal-Linji Gwida, għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika u minħabba l-emerġenza relatata ma' dawn it-tipi ta' għajnuna, is-sitwazzjoni ekonomika ta' impriża ma għandhiex titqies. Għalhekk, il-prinċipju li ma tiġix ipprovduta għajnuna mill-Istat lil impriżi f'diffikultajiet finanzjarji ma japplikax għal din l-għajnuna.

2.7.5. L-għajnuna qiegħda tingħata għal xi waħda mill-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin?

☐ azzjonijiet ta' informazzjoni msemmija fil-Parti II, it-Taqsimiet 1.1.10.1 u 2.4 tal-Linji Gwida;

☐ miżuri ta' promozzjoni li huma ta' natura ġenerika, kif stabbilit fil-Parti II, it-Taqsima 1.3.4 tal-Linji Gwida.

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (23) tal-Linji Gwida, il-prinċipju li ma tiġix ipprovduta għajnuna mill-Istat lil impriżi f'diffikultajiet finanzjarji ma japplikax.

Għajnuna mogħtija lil impriża li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti

2.7.6. L-għajnuna hija mogħtija lil impriża li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala waħda illegali u inkompatibbli mas-suq intern?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li din l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, sakemm ma tapplikax waħda miż-żewġ eċċezzjonijiet stabbiliti hawn taħt.

2.7.7. L-għajnuna hija mogħtija sabiex tirrimedja l-ħsara kkaġunata minn diżastri naturali u minn okkorrenzi eċċezzjonali skont l-Artikolu 107(2), il-punt (b), tat-Trattat?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li l-punt (25) tal-Linji Gwida ma japplikax.

2.7.8. L-għajnuna hija mogħtija għall-kostijiet tal-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali msemmija fil-punti (370) u (371) fil-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.3 tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li l-punt (25) tal-Linji Gwida ma japplikax.

Evalwazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna

2.7.9. Indika jekk l-iskema ta' għajnuna tissodisfa xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) ☐ il-baġit tal-iskema jew in-nefqa kontabbilizzata taqbeż EUR 150 miljun f'sena partikolari jew EUR 750 miljun matul id-durata totali, jiġifieri, id-durata tal-iskema flimkien ma' kwalunkwe skema predeċessur li tkopri objettiv u żona ġeografika simili;

(b) ☐ l-iskema fiha karatteristiċi ġodda;

(c) ☐ l-iskema tikkonċerna suq sinifikanti, jew bidliet teknoloġiċi jew regolatorji huma previsti.

Jekk ikollu x'jaqsam xi wieħed mill-elementi ta' hawn fuq, ipprovdi d-dettalji:

……

Innota li skont il-punt (640) tal-Linji Gwida, tista' tkun meħtieġa evalwazzjoni *ex post* għal skemi li jkollhom baġits kbar għall-għajnuna, jew li fihom karatteristiċi ġodda, jew meta jkunu previsti bidliet sinifikanti fis-suq, fit-teknoloġija jew fir-regolamentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-evalwazzjoni se tkun meħtieġa għal skemi b'baġit tal-għajnuna mill-Istat jew nefqa kontabbilizzata ta' aktar minn EUR 150 miljun fi kwalunkwe sena partikolari jew ta' EUR 750 miljun matul id-durata totali tagħhom, jiġifieri, id-durata kombinata tal-iskema u kwalunkwe skema predeċessur li tkopri objettiv u żona ġeografika simili, mill-1 ta' Jannar 2023. Minħabba l-objettivi tal-evalwazzjoni, u sabiex jiġi evitat li jitqiegħed piż sproporzjonat fuq l-Istati Membri, evalwazzjonijiet *ex post* huma meħtieġa biss għal skemi ta' għajnuna li d-durata totali tagħhom taqbeż it-tliet snin, mill-1 ta' Jannar 2023.

Ikkonferma li jekk ikun meħtieġ, l-Istat Membru se jwettaq l-evalwazzjoni *ex post* f'konformità mal-punti (642) sa (646) tal-Linji Gwida:

☐ iva ☐ le

Kwalunkwe informazzjoni oħra

Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni oħra li tqis li hija importanti/meħtieġa għall-valutazzjoni xierqa tal-miżura ta' għajnuna notifikata:

.....

1.1.1.1. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-INVESTIMENTI F'AZJENDI AGRIKOLI MARBUTA MAL-PRODUZZJONI AGRIKOLA PRIMARJA**

Din il-formola ta' informazzjoni hija relatata mal-għajnuna mill-Istat għal investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli fuq azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.1.1 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-investimenti li l-għajnuna hija maħsuba għalihom jirrispettaw il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ([458]), inkluż fejn tali projbizzjonijiet u restrizzjonijiet jirreferu biss għall-appoġġ tal-Unjoni previst f'dak ir-Regolament?

☐ iva ☐ le

2. L-għajnuna tingħata għal investimenti f'assi tanġibbli u assi intanġibbli mwettqa minn benefiċjarju wieħed jew aktar jew li jikkonċernaw assi tanġibbli jew assi intanġibbli użati minn benefiċjarju wieħed jew aktar f'azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

3. L-għajnuna tingħata għal investiment f'assi tanġibbli u assi intanġibbli marbuta mal-produzzjoni ta' bijofjuwils jew mal-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'azjendi?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, wieġeb il-mistoqsijiet minn 3.1 sa 3.15:

3.1. L-investiment isir għall-produzzjoni tal-bijofjuwils kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (33) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 ([459])?

☐ iva ☐ le

3.2. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 3.1 hija iva, il-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jkunu eliġibbli għall-għajnuna biss jekk il-kapaċità ta' produzzjoni tagħhom ma tkunx aktar minn ekwivalenti għall-konsum medju annwali tal-fjuwil tal-azjenda agrikola?

☐ iva ☐ le

3.3. Il-bijofjuwil prodott qed jinbiegħ fis-suq?

☐ iva ☐ le

3.4. L-investiment sar fil-produzzjoni tal-enerġija termali u/jew tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli f'azjendi agrikoli?

☐ iva ☐ le

([458]) EUR-Lex - 32013R1308 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([459]) EUR-Lex - 32018L2001 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

3.5. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 3.4 hija iva:

(a) il-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjenda agrikola eliġibbli għall-għajnuna għandhom l-għan biss li jaqdu l-ħtiġijiet tal-enerġija tagħhom stess?

☐ iva ☐ le

(b) il-kapaċità ta' produzzjoni tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli hija eliġibbli għall-għajnuna mhux aktar minn ekwivalenti għall-konsum tal-enerġija annwali medju kkombinat tal-enerġija termali u tal-elettriku fl-azjenda agrikola, inkluż l-unità domestika tal-farm?

☐ iva ☐ le

3.6. L-elettriku prodott jinbiegħ fil-grilja?

☐ iva ☐ le

3.7. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 3.6 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni hija iva, il-limitu medju annwali tal-awtokonsum se jiġi rrispettat?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (146)(b) tal-Linji Gwida, meta l-investiment isir għall-produzzjoni tal-enerġija termali u/jew tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli f'azjendi agrikoli, il-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jkunu eliġibbli għall-għajnuna biss jekk l-għan ikun li jaqdu l-ħtiġijiet tal-enerġija tagħhom stess u jekk il-kapaċità ta' produzzjoni annwali tagħhom ma tkunx aktar mill-ekwivalenti tal-konsum tal-enerġija annwali medju kkombinat tal-enerġija termali u tal-elettriku fl-azjenda agrikola, inkluż fl-unità domestika tal-farm; rigward l-elettriku, huwa permess il-bejgħ tal-elettriku fil-grilja dment li jiġi rispettat il-limitu medju annwali tal-awtokonsum.

3.8. Meta aktar minn azjenda agrikola waħda twettaq l-investiment għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli bl-għan li taqdi l-ħtiġijiet tal-enerġija tagħha stess jew għall-produzzjoni ta' bijofjuwils f'azjendi, il-konsum medju annwali huwa ekwivalenti għas-somma tal-konsum medju annwali tal-benefiċjarji kollha?

☐ iva ☐ le

3.9. Hemm xi standards minimi fil-livell nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika għal investimenti f'infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli li tikkonsma jew tipproduċi l-enerġija?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iddeskrivi l-istandards minimi nazzjonali rilevanti:

……

3.10. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 3.9 hija iva, hemm rekwiżit fil-livell nazzjonali li l-istandards minimi msemmija f'dik il-mistoqsija jridu jiġu osservati?

☐ iva ☐ le

3.11. L-għajnuna tingħata favur investimenti f'installazzjonijiet, li l-għan primarju tagħhom huwa l-produzzjoni tal-elettriku mill-bijomassa?

☐ iva ☐ le

3.12. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 3.11 hija iva, dawn l-installazzjonijiet jużaw perċentwal minimu tal-enerġija termali ġġenerata kif stipulat mill-Istat Membru?

☐ iva ☐ le

3.13. Hemm livelli limitu stabbiliti fil-livell tal-Istat Membru għall-proporzjon massimu ta' ċereali u għelejjel oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, għelejjel taz-zokkor u taż-żejt użati għall-produzzjoni tal-bijoenerġija, inklużi l-bijofjuwils, għal tipi differenti ta' installazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2018/2001?

☐ iva ☐ le

Speċifika dawn il-livelli limitu:

……

Innota li skont il-punt (150) tal-Linji Gwida, l-Istati Membri jeħtiġilhom jistabbilixxu livelli limitu għall-proporzjonijiet massimi ta' ċereali u għelejjel oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, għelejjel taz-zokkor u taż-żejt li jintużaw għall-produzzjoni tal-bijoenerġija, inkluż il-bijofjuwils għal tipi differenti ta' installazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

3.14. L-għajnuna għall-proġetti tal-bijoenerġija hija limitata għall-bijoenerġija li tissodisfa l-kriterji applikabbli ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkluż l-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (150) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-proġetti tal-bijoenerġija trid tkun limitata għall-bijoenerġija li tissodisfa l-kriterji applikabbli ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluż l-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

3.15. Il-kapaċità ta' produzzjoni tal-installazzjoni taqbeż il-konsum medju annwali tal-benefiċjarju/i?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 ([460]) sakemm tali għajnuna ma tkunx eżentata mill-obbligu ta' notifika (eż. permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([461])).

4. Indika l-objettiv(i) li l-investiment jixtieq jikseb:

(a) ☐ it-titjib fil-prestazzjoni u s-sostenibbiltà ġenerali tal-azjenda agrikola, b'mod partikolari permezz ta' tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni jew it-titjib u t-tqassim mill-ġdid tal-produzzjoni;

(b) ☐ it-titjib tal-ambjent naturali, tal-iġjene jew tal-istandards tal-benesseri tal-annimali;

(c) ☐ il-ħolqien u t-titjib tal-infrastruttura relatata mal-iżvilupp, l-adattament u l-modernizzazzjoni tal-agrikoltura, inkluż l-aċċess għar-raba', il-konsolidazzjoni tal-art u t-titjib tal-art, il-provvista tal-enerġija sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika, il-provvista u l-iffrankar tal-ilma;

(d) ☐ ir-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritlu ħsara minn diżastri naturali, okkorrenzi eċċezzjonali jew eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, mard tal-annimali u pesti tal-pjanti, annimali protetti u l-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju ta' ħsara kkaġunata minn dawk l-eventi u l-fatturi msemmija qabel.

(e) ☐ il-kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluż billi jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jittejjeb is-sekwestru tal-karbonju, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli u l-effiċjenza enerġetika;

(f) ☐ il-kontribuzzjoni għall-bijoekonomija ċirkolari sostenibbli u t-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, inkluż billi titnaqqas id-dipendenza fuq is-sustanzi kimiċi;

(g) ☐ il-kontribuzzjoni għat-twaqqif u t-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità, li ttejjeb is-servizzi tal-ekosistema u l-preservazzjoni tal-ħabitats u tal-pajsaġġi;

Innota li skont il-punt (152) tal-Linji Gwida, l-investiment irid isegwi mill-anqas wieħed mill-objettivi ta' hawn fuq.

([460]) EUR-Lex - 52022XC0218(03) - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([461]) EUR-Lex - 02014R0651-20170710 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

5. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostruzzjoni, l-akkwiżizzjoni, inkluż il-lokazzjoni, jew it-titjib ta' proprjetà immobbli, inklużi investimenti f'wajers passivi interni jew f'kejbils strutturati għan-networks tad-data u, jekk meħtieġ, il-parti anċillari tan-network passiv fuq il-proprjetà privata barra mill-bini;

Jekk l-għajnuna tingħata sabiex tiffaċilita l-kostijiet tax-xiri tal-art, l-art mixtrija tkun eliġibbli biss għall-għajnuna sa punt li ma jaqbiżx l-10 % tal-kostijiet eliġibbli totali tal-operazzjoni kkonċernata?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija le, l-operazzjoni għandha x'taqsam:

☐ mal-konservazzjoni ambjentali u l-preservazzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju?

☐ ma' art mixtrija minn bdiewa żgħażagħ permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji?

Innota li f'dawk iż-żewġ każijiet biss, perċentwal ogħla mill-10 % tal-kostijiet eliġibbli totali tal-operazzjoni kkonċernata msemmija hawn fuq jista' jiġi permess b'mod eċċezzjonali u f'ċirkostanzi debitament ġustifikati.

Jekk dan huwa l-każ, ipprovdi informazzjoni dwar l-okkorrenzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-każ inkwistjoni.

……

(b) ☐ ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(c) ☐ il-kostijiet ġenerali marbutin man-nefqa msemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma' pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji tal-fattibbiltà; l-istudji tal-fattibbiltà jibqgħu kostijiet eliġibbli anke meta, abbażi tar-riżultati tagħhom, ma tkun saret l-ebda nefqa msemmija fil-punti (a) u (b);

(d) ☐ it-tariffi tal-akkwiżizzjoni, tal-iżvilupp jew tal-użu ta' software tal-kompjuter, cloud u soluzzjonijiet simili, u l-akkwiżizzjoni ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u trademarks;

(e) ☐ l-ispejjeż għal investimenti li ma jiġġenerawx id-dħul marbutin mal-objettivi msemmija fil-punt (152)(e), (f) u (g) tal-Linji Gwida;

(f) ☐ fil-każ ta' investiment bl-għan tar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritlu ħsara minn diżastri naturali, okkorrenzi eċċezzjonali jew eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti u annimali protetti: il-kostijiet imġarrba għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni, inkluż ix-xogħol kapitalizzat, sal-livell kif kien qabel ma seħħew dawk l-eventi;

Innota li skont il-punt (153)(f) tal-Linji Gwida, fejn xieraq, il-benefiċjarji għandhom jagħmlu ħilithom biex fir-restawr jinkludu miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima.

(g) ☐ fil-każ ta' investimenti bl-għan li jipprevjenu ħsara kkaġunata minn diżastri naturali, okkorrenzi eċċezzjonali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, mard tal-annimali u pesti tal-pjanti u minn annimali protetti: il-kostijiet ta' azzjonijiet speċifiċi ta' prevenzjoni bl-għan li jnaqqsu l-konsegwenzi tat-tali eventi probabbli;

Innota li skont il-punt (153)(g) tal-Linji Gwida, f'każ ta' ħsara minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali jew minn pesti tal-pjanti, il-benefiċjarji għandhom, fejn xieraq, jagħmlu ħilithom biex fir-restawr jinkludu miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima, sabiex jimminimizzaw il-ħsara u t-telf prodotti minn eventi simili fil-futur.

(h) ☐ ix-xiri u tħawwil ta' pjanti annwali:

☐ imwettqa għall-objettiv stabbilit fil-punt (152)(d) tal-Linji Gwida;

☐ imwettqa għall-preservazzjoni ta' varjetajiet ta' pjanti mhedda b'erożjoni ġenetika, kif imsemmi fil-punt (210) tal-Linji Gwida;

(i) ☐ ix-xiri ta' annimali;

☐ ix-xiri mwettaq għall-objettiv tal-punt (152)(d) tal-Linji Gwida;

☐ ix-xiri ta' annimali ta' razez fil-periklu kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (24) tar-Regolament (UE) 2016/1012 ([462]) skont l-impenji msemmija fil-punt (207) tal-Linji Gwida;

☐ ix-xiri ta' klieb tal-għassa li jipproteġu l-bhejjem kontra predaturi kbar.

6. L-għajnuna tingħata għal xi wieħed mill-kostijiet li ġejjin?

(a) ix-xiri ta' drittijiet ta' produzzjoni agrikola u ta' intitolamenti għall-pagament;

(b) ix-xiri u t-tħawwil ta' pjanti annwali għal finijiet oħra għajr dawk imsemmija fil-mistoqsija 5(h) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari;

(c) ix-xiri ta' annimali għal finijiet oħra għajr dawk imsemmija fil-mistoqsija 5(i) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari;

(d) investimenti sabiex tinżamm konformità ma' standards nazzjonali jew tal-Unjoni li huma fis-seħħ;

(e) il-kostijiet, ħlief dawk imsemmija fil-punt (153) tal-Linji Gwida marbutin ma' kuntratti ta' lokazzjoni, bħall-marġni tal-lokatur, il-kostijiet ta' rifinanzjament tal-imgħax, il-kostijiet ġenerali u l-imposti tal-assigurazzjoni;

(f) il-kapital operatorju;

(g) il-wajers jew il-kejbils għan-networks tad-data barra mill-proprjetà privata.

☐ iva ☐ le

Jekk ikun inkluż xi wieħed mill-kostijiet imsemmija fil-punti (a) sa (g), innota li l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

7. L-għajnuna qed tingħata favur investimenti fl-irrigazzjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, wieġeb il-mistoqsijiet minn 7.1 sa 7.7:

7.1. Ġie nnotifikat pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara lill-Kummissjoni, f'konformità mat-termini tad-Direttiva 2000/60/KE ([463]), għaż-żona kollha li fiha se jsir l-investiment, kif ukoll fi kwalunkwe żona oħra li l-ambjent tagħha jista' jiġi affettwat mill-investiment?

☐ iva ☐ le

7.2. Il-miżuri li jidħlu fis-seħħ skont il-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/60/KE u ta' rilevanza għas-settur tal-agrikoltura, ġew speċifikati fil-programm ta' miżuri rilevanti?

☐ iva ☐ le

7.3. Il-kejl tal-ilma qed jippermetti l-kejl tal-użu tal-ilma fil-livell tal-investiment appoġġjat fis-seħħ jew se jiġi stabbilit bħala parti mill-investiment?

☐ iva ☐ le

([462]) EUR-Lex - 32016R1012 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([463]) EUR-Lex - 32000L0060 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

7.4. Meta l-għajnuna tingħata għal investiment f'titjib għal installazzjoni eżistenti ta' irrigazzjoni jew element ta' infrastruttura ta' irrigazzjoni, jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin?

(a) huwa vvalutat *ex-ante* li l-investiment joffri ffrankar potenzjali tal-ilma li jirrifletti l-parametri tekniċi tal-installazzjoni jew tal-infrastruttura eżistenti?

☐ iva ☐ le

(b) jekk l-investiment jaffettwa korpi tal-ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ li l-istatus tagħhom ikun ġie identifikat bħala anqas milli tajjeb fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara rilevanti għal raġunijiet relatati mal-kwantità ta' ilma jew jekk il-vulnerabbiltà tal-klima u l-valutazzjonijiet tar-riskju l-aktar avvanzati ddeterminaw li l-korpi tal-ilma milquta fi stat tajjeb ikunu jistgħu jitilfu l-istatus tagħhom għal raġunijiet relatati mal-kwantità tal-ilma kkawżati mill-impatti tat-tibdil fil-klima, se jinkiseb tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma li jikkontribwixxi għall-kisba u ż-żamma ta' stat tajjeb ta' dawn il-korpi tal-ilma, kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/60/KE?

☐ iva ☐ le

(c) L-Istat jeħtieġlu jistabbilixxi perċentwali għall-iffrankar potenzjali tal-ilma u t-tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma bħala kundizzjoni tal-eliġibbiltà. Dawn il-perċentwali jiżguraw li:

(i) il-perċentwal tal-iffrankar potenzjali tal-ilma jammonta għal mill-anqas 5 % meta l-parametri tekniċi tal-installazzjoni jew tal-infrastruttura eżistenti diġà jiżguraw grad għoli ta' effiċjenza, u għal tal-anqas 25 % meta l-grad attwali ta' effiċjenza (qabel l-investiment) ikun baxx u/jew għal investimenti li jseħħu f'żoni fejn l-iffrankar tal-ilma huwa l-aktar meħtieġ biex tiġi żgurata l-kisba ta' stat tajjeb tal-ilma (fejn għadu ma ntlaħaqx) u jiġi evitat id-deterjorament tal-istatus tal-korpi tal-ilma;

☐ iva ☐ le

(ii) il-perċentwal ta' tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma, fil-livell tal-investiment kollu kemm hu, jammonta għal mill-anqas 50 % tal-iffrankar potenzjali tal-ilma li jsir possibbli bl-investiment fl-installazzjoni eżistenti tal-irrigazzjoni jew l-element tal-infrastruttura.

☐ iva ☐ le

Innota li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-mistoqsija 7.4 ma japplikawx għal investiment f'installazzjoni eżistenti, li tolqot biss l-effiċjenza enerġetika jew għal investiment fil-ħolqien ta' riżerva jew għal investiment fl-użu ta' ilma riċiklat li la jolqot korp tal-ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ.

7.5. Meta l-għajnuna tingħata għal investimenti fl-użu tal-ilma reklamat bħala provvista alternattiva tal-ilma, il-provvista u l-użu ta' tali ilma jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2020/741 ([464]);

☐ iva ☐ le

7.6. Meta l-għajnuna tingħata għal investimenti li jirriżultaw f'żieda netta taż-żona irrigata li taffettwa korp partikolari ta' ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ, hemm konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin?

(i) l-istatus tal-korp tal-ilma ma ġiex identifikat li hu anqas minn tajjeb fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara minħabba raġunijiet marbutin mal-kwantità tal-ilma; u

☐ iva ☐ le

([464]) EUR-Lex - 32020R0741 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

(ii) analiżi ambjentali turi li l-investiment ma huwa se jħalli l-ebda impatt negattiv sinifikanti fuq l-ambjent. Analiżi tal-impatt ambjentali bħal din trid jew issir mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tiġi approvata minnha u tista' tirreferi wkoll għal gruppi ta' azjendi.

☐ iva ☐ le

7.7. L-għajnuna tingħata għal investimenti fil-ħolqien jew l-espansjoni ta' ġibjun għall-fini ta' irrigazzjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 7.7 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni hija iva, l-għajnuna se tingħata biss jekk ma twassalx għal impatt ambjentali negattiv sinifikanti?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (158) tal-Linji Gwida, investiment fil-ħolqien jew l-espansjoni ta' riżerva għall-finijiet ta' irrigazzjoni huwa eliġibbli biss sakemm ma jwassalx għal impatt ambjentali negattiv sinifikanti.

8. Indika l-intensità tal-għajnuna:

— ….. % tal-kostijiet eliġibbli;

Innota li skont il-punt (159) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-65 %, sakemm l-għajnuna tingħata b'rabta ma' waħda mis-sitwazzjonijiet ta' hawn taħt.

— ..... % tal-kostijiet tal-investimenti marbutin ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punt (152)(e), (f) u (g) tal-Linji Gwida jew mal-benesseri tal-annimali;

Innota li skont il-punt (160)(a) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż it-80 % ta' dawn il-kostijiet eliġibbli.

— ..... % tal-kostijiet tal-investimenti mill-bdiewa żgħażagħ;

Innota li skont il-punt (160)(b) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż it-80 % ta' dawn il-kostijiet eliġibbli.

— ..... % tal-kostijiet tal-investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew;

Innota li skont il-punt (160)(c) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż it-80 % ta' dawn il-kostijiet eliġibbli.

— ..... % tal-kostijiet eliġibbli fil-każ ta' investimenti ta' bdiewa żgħar skont it-tifsira tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([465]);

Innota li skont il-punt (161) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-investimenti ta' bdiewa żgħar skont it-tifsira tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/2115 ma tridx taqbeż il-85 % tal-kostijiet eliġibbli.

— ..... % tal-kostijiet tal-investimenti li ma jiġġenerawx id-dħul marbutin ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punt (152)(e), (f) u (g) tal-Linji Gwida;

Innota li skont il-punt (162)(a) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % ta' dawn il-kostijiet eliġibbli.

([465]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

— .... % tal-kostijiet tal-investimenti għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni msemmija fil-punt (152)(d) tal-Linji Gwida u investimenti relatati mal-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju ta' ħsara kkaġunata minn diżastri naturali, okkorrenzi eċċezzjonali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, jew annimali protetti.

Innota li skont il-punt (162)(b) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ Għajnuna għall-investimenti fl-irrigazzjoni:

— ..... % tal-kostijiet eliġibbli għall-investimenti fl-irrigazzjoni fil-farms skont il-punt (157)(c) tal-Linji Gwida;

Innota li skont il-punt (163)(a) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż it-80 % tal-kostijiet eliġibbli għall-investimenti fl-irrigazzjoni fil-farms magħmula skont il-punt (157)(c).

— ..... % tal-kostijiet eliġibbli għall-investimenti fl-infrastruttura mhux tal-farms fl-agrikoltura li jridu jintużaw għall-irrigazzjoni;

Innota li skont il-punt (163)(b) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli għall-investimenti fl-infrastruttura mhux tal-farms fl-agrikoltura li jridu jintużaw għall-irrigazzjoni.

— ..... % tal-kostijiet eliġibbli għal investimenti oħra fl-irrigazzjoni fil-farms.

Innota li skont il-punt (163)(c) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma għndhiex taqbeż il-65 % tal-kostijiet eliġibbli għal investimenti oħra fl-irrigazzjoni fil-farms.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.1.1.2. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-INVESTIMENTI FAVUR IL-KONSERVAZZJONI TAL-WIRT KULTURALI U NATURALI LI JKUN JINSAB F'AZJENDI AGRIKOLI**

Din il-formola ta' informazzjoni hija relatata mal-għajnuna mill-Istat għall-investimenti favur il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali li jkun jinsab f'azjendi agrikoli kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.1.2 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-investimenti li l-għajnuna hija maħsuba għalihom se jirrispettaw il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ([466]), inkluż fejn tali projbizzjonijiet u restrizzjonijiet jirreferu biss għall-appoġġ tal-Unjoni previst f'dak ir-Regolament?

☐ iva ☐ le

2. L-għajnuna tingħata għall-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali fil-forma ta' pajsaġġi naturali u bini, li hija formalment rikonoxxuta bħala wirt kulturali jew naturali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru?

☐ iva ☐ le

([466]) EUR-Lex - 32013R1308 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

3. Indika l-kostijiet eliġibbli favur il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali li jkun jinsab f'azjendi agrikoli:

(a) ☐ kostijiet tal-investiment f'assi tanġibbli;

(b) ☐ xogħlijiet kapitalizzati.

4. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (167) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

5. Meta l-għajnuna tingħata għal xogħlijiet kapitalizzati, indika l-ammont tal-għajnuna:

.....

Innota li skont il-punt (168) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għax-xogħlijiet kapitalizzati trid tkun limitata għal EUR 10 000 fis-sena.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.1.1.3. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-INVESTIMENT B'RABTA MAL-IPPROĊESSAR TA' PRODOTTI AGRIKOLI JEW MAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TA' PRODOTTI AGRIKOLI**

Din il-formola ta' informazzjoni hija relatata mal-għajnuna mill-Istat għall-investimenti b'rabta mal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli jew mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, kif deskritt fit-Taqsima 1.1.1.3 tal-Parti II tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-investimenti li l-għajnuna hija maħsuba għalihom se jirrispettaw il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ([467]), inkluż fejn tali projbizzjonijiet u restrizzjonijiet jirreferu biss għall-appoġġ tal-Unjoni previst f'dak ir-Regolament?

☐ iva ☐ le

2. L-għajnuna qiegħda tingħata għal bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern fid-dawl tal-għan li tiġi inċentivata l-bidla lejn il-produzzjoni ta' forom aktar avvanzati ta' bijofjuwils, kif previst mil-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022.

3. L-għajnuna tingħata għal investimenti f'assi tanġibbli u f'assi intanġibbli relatati mal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli jew mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli kif imsemmija fil-punti (33)47 u (33)38 tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

([467]) EUR-Lex - 32013R1308 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna għall-investimenti relatati mal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, diment li din l-għajnuna tissodisfa kull kundizzjoni ta' wieħed mill-istrumenti ta' għajnuna li ġejjin:

   (a) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 (GBER) ([468]);

   (b) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat ([469]);

   (c) il-kundizzjonijiet tal-Parti II, it-Taqsima 1.1.1.3 tal-Linji Gwida.

   Meta l-għajnuna tingħata skont id-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat, il-valutazzjoni ta' dik l-għajnuna għandha titwettaq abbażi ta' dawk il-Linji Gwida. Għalhekk, imla l-parti rilevanti tal-formola ta' notifika ġenerali tal-Parti I u l-formola speċifika tal-Parti III tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 794/2004, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1627/2006 ([470]), jew kwalunkwe dispożizzjoni li tissostitwixxih.

5. Jekk l-għajnuna tingħata abbażi tal-Parti II, it-Taqsima 1.1.1.3 tal-Linji Gwida, indika l-kostijiet eliġibbli:

   (a) ☐ il-kostruzzjoni, l-akkwiżizzjoni, inkluż il-lokazzjoni, jew it-titjib ta' proprjetà immobbli, inklużi investimenti f'wajers passivi interni jew kejbils strutturati għan-networks tad-data u, jekk meħtieġ, il-parti anċillari tan-network passiv fuq il-proprjetà privata barra l-bini;

   Jekk l-għajnuna tingħata sabiex tiffaċilita l-kostijiet tax-xiri tal-art, l-art mixtrija hija eliġibbli biss għall-għajnuna sa punt li ma jaqbiżx l-10 % tal-kostijiet eliġibbli totali tal-operazzjoni kkonċernata?

   ☐ iva ☐ le

   (b) ☐ ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

   (c) ☐ il-kostijiet ġenerali marbutin man-nefqa msemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma' pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji tal-fattibbiltà;

   Innota li l-istudji tal-fattibbiltà jibqgħu nefqa eliġibbli anki fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ma tkun iġġarrbet l-ebda nefqa msemmija fil-punti (a) u (b).

   (d) ☐ it-tariffi tal-akkwiżizzjoni, tal-iżvilupp jew tal-użu ta' software tal-kompjuter, cloud u soluzzjonijiet simili, u l-akkwiżizzjoni ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u trademarks.

6. L-għajnuna tingħata għal xi wieħed mill-kostijiet li ġejjin?

   (a) il-kostijiet minbarra dawk imsemmija fil-mistoqsija 7 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari marbuta ma' kuntratti ta' lokazzjoni, bħall-marġni tal-lokatur, il-kostijiet ta' rifinanzjament tal-imgħax, il-kostijiet ġenerali u l-imposti tal-assigurazzjoni;

   (b) il-kapital operatorju;

   (c) il-wajers jew il-kejbils għan-networks tad-data barra mill-proprjetà privata;

   (d) il-kostijiet relatati ma' investimenti sabiex tinżamm konformità mal-istandards tal-Unjoni u dawk nazzjonali li hemm fis-seħħ.

   ☐ iva ☐ le

   Innota li jekk tkun inkluża xi waħda mill-ispejjeż imsemmija fil-punti (a) sa (d), l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

([468]) EUR-Lex - 32014R0651 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([469]) EUR-Lex - 52021XC0429(01) - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([470]) EUR-Lex - 32006R1627 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

7. Indika l-intensità tal-għajnuna:

— ..... % tal-kostijiet eliġibbli;

Innota li skont il-punt (175) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-65 % tal-kostijiet eliġibbli.

— ..... % tal-investimenti marbutin ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punt (152)(e), (f) u (g) tal-Linji Gwida jew, fir-rigward tal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, mal-benesseri tal-annimali;

Innota li skont il-punt (176)(a) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna għal dawn il-kostijiet ma għandiex taqbeż it-80 % tal-kostijiet eliġibbli.

— ..... % tal-investimenti mill-bdiewa żgħażagħ;

Innota li skont il-punt (176)(b) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna għall-investimenti mwettqa minn bdiewa żgħażagħ ma tridx taqbeż it-80 % tal-kostijiet eliġibbli.

— ..... % tal-investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew;

Innota li skont il-punt (176)(c) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna għall-investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew ma tridx taqbeż it-80 % tal-kostijiet eliġibbli.

8. L-għajnuna tingħata bħala l-għajnuna għall-investiment individwali?

☐ iva ☐ le

9. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 10 ta' din il-Formola ta' informazzjoni supplimentari hija fl-affermattiv, indika l-ammont tal-kostijiet eliġibbli u/jew l-ekwivalenti ta' għotja gross:

.....

Innota li skont il-punt (177) tal-Linji Gwida, l-għajnuna individwali għall-investiment għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, li taqbeż il-livell limitu ta' notifika stabbilit fil-punt (35)(a) tal-Linji Gwida, jiġifieri l-kostijiet eliġibbli li jaqbżu EUR 25 miljun, jew l-ekwivalenti ta' għotja gross li jaqbeż EUR 12-il miljun, trid tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni separatament.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.1.2. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA TAL-BIDU GĦAL BDIEWA ŻGĦAŻAGĦ U L-GĦAJNUNA TAL-BIDU GĦAL ATTIVITAJIET AGRIKOLI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri sabiex jinnotifikaw il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li huma mfassla biex jagħti għajnuna tal-bidu lil bdiewa żgħażagħ u għajnuna tal-bidu għal attivitajiet agrikoli kif deskritt fit-Taqsima 1.1.2 tal-Parti II tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-Għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata biss lil impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

2. L-għajnuna mogħtija hija favur:

☐ bdiewa żgħażagħ kif definiti fil-punt (33)65 tal-Linji Gwida?

☐ il-bidu ta' attivitajiet agrikoli?

3. L-għajnuna hija limitata għall-benefiċjarji li huma SMEs?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (181) tal-Linji Gwida, l-għajnuna pprovduta skont il-Parti II, it-Taqsima 1.1.2 tal-Linji Gwida, din it-taqsima trid tkun limitata għall-SMEs.

4. L-għajnuna hija bil-kundizzjoni li jkun ippreżentat pjan ta' direzzjoni tan-negozju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat?

☐ iva ☐ le

5. Indika l-ammont tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (183) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż EUR 100 000.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.1.3. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA TAL-BIDU GĦAL GRUPPI U ORGANIZZAZZJONIJIET TA' PRODUTTURI FIS-SETTUR TAL-AGRIKOLTURA**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri sabiex jinnotifikaw miżuri ta' għajnuna mill-Istat li huma mfassla sabiex jagħtu għajnuna tal-bidu lil gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-agrikoltura deskritti fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.3 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-Għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata biss lil gruppi jew organizzazzjonijiet ta' produtturi li ġew rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat?

☐ iva ☐ le

2. Il-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u prattiki oħra fil-qafas tal-grupp jew tal-organizzazzjoni ta' produtturi jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni kif japplikaw bis-saħħa tal-Artikoli 206 sa 210a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ([471])?

☐ iva ☐ le

3. Jekk l-għajnuna tingħata direttament lill-produtturi biex tpaċi l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-kostijiet tat-tmexxija tal-gruppi jew l-organizzazzjonijiet, l-għajnuna tingħata sal-istess ammont globali bħall-għajnuna lil gruppi jew organizzazzjonijiet ta' produtturi?

☐ iva ☐ le

4. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 3 hija iva, l-għoti tal-għajnuna huwa limitat għall-ewwel ħames snin wara l-formazzjoni tal-grupp jew tal-organizzazzjoni?

☐ iva ☐ le

([471]) EUR-Lex - 32013R1308 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

5. L-għajnuna tingħata lil gruppi ta' produtturi, li ġew rikonoxxuti bħala organizzazzjonijiet ta' produtturi skont il-kundizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013?

☐ iva ☐ le

6. L-għajnuna hija limitata għal gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi fi ħdan id-definizzjoni ta' SMEs?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (190) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni ma tawtorizzax l-għajnuna għall-kostijiet koperti f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida favur intrapriżi kbar.

7. Il-benefiċjarji tal-għajnuna skont din it-Taqsima tal-Linji Gwida huma meħtieġa li jaġġustaw sabiex iqisu kwalunkwe bidla fir-regolamenti li jirregolaw l-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli?

☐ iva ☐ le

8. Indika l-kostijiet eliġibbli:

☐ il-kostijiet tal-kiri ta' bini xieraq;

Meta jinxtara bini, il-kostijiet eliġibbli għal bini huma limitati għal kostijiet ta' kera b'rati tas-suq?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (192) tal-Linji Gwida, meta jinxtara bini, il-kostijiet eliġibbli għal bini jridu jkunu limitati għall-kostijiet ta' kera b'rati tas-suq.

☐ il-kostijiet tal-akkwiżizzjoni ta' tagħmir tal-uffiċċju;

☐ il-kostijiet tal-persunal amministrattiv;

☐ il-kostijiet ġenerali;

Jekk l-kostijiet tal-kostijiet ġenerali huma eliġibbli, speċifika dawn l-kostijiet:

.....

☐ miżati legali u amministrattivi;

☐ il-kostijiet tal-akkwiżizzjoni ta' hardware tal-kompjuter, il-kostijiet tal-akkwiżizzjoni jew tat-tariffi tal-użu ta' software tal-kompjuter, clouds u soluzzjonijiet simili.

Innota li skont il-punt (195) tal-Linji Gwida, l-għajnuna, li tingħata lil gruppi jew organizzazzjonijiet ta' produtturi biex ikopru l-ispejjeż li ma humiex marbuta ma' spejjeż tal-bidu, bħall-investimenti jew l-attivitajiet ta' promozzjoni, tiġi vvalutata f'konformità mar-regoli li jirregolaw dan it-tip ta' għajnuna.

9. Ikkonferma li ma ngħatat l-ebda għajnuna lil xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) organizzazzjonijiet tal-produzzjoni, entitajiet jew korpi bħalma huma kumpaniji jew kooperattivi, li l-objettiv tagħhom huwa l-ġestjoni ta' azjenda agrikola waħda jew aktar u li huma għalhekk produtturi uniċi;

(b) assoċjazzjonijiet agrikoli, li jagħmlu kompiti, bħalma huma appoġġ reċiproku u servizzi ta' sostituzzjoni fl-azjendi agrikoli u servizzi ta' ġestjoni tal-farms, fl-azjendi tal-membri mingħajr ma jkunu involuti fl-adattament konġunt tal-provvista lis-suq;

(c) gruppi ta' produtturi li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 67(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jew gruppi, organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet ta' produtturi, li l-objettivi tagħhom huma inkompatibbli mal-Artikolu 152(1)(c), l-Artikolu 156 u l-Artikolu 161 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (193) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx tingħata lill-benefiċjarji kif speċifikat fil-punti minn (a) sa (c) ta' din il-mistoqsija.

10. L-għajnuna titħallas b'rata fissa f'pagamenti parzjali annwali digressivi għall-ewwel ħames snin mid-data meta l-grupp jew l-organizzazzjoni ta' produtturi ġew rikonoxxuti b'mod uffiċjali mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħha?

☐ iva ☐ le

11. L-Istat Membru għandu jħallas l-aħħar pagament parzjali biss wara li tkun ġiet ivverifikata l-implimentazzjoni xierqa tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju?

☐ iva ☐ le

12. Indika l-intensità tal-għajnuna u l-ammont tal-għajnuna fis-sena:

……

Innota li skont il-punt (196) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż l-10 % tal-produzzjoni kkummerċjalizzata annwali tal-grupp jew tal-organizzazzjoni b'massimu ta' EUR 100 000 fis-sena.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.1.4. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-IMPENJI AGROAMBJENTALI KLIMATIĊI**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' xi miżura ta' għajnuna mill-Istat li tgħin lill-metodi ta' produzzjoni agrikola mfassla sabiex jipproteġu l-ambjent u jżommu l-kampanja (impenji agroambjentali klimatiċi) koperti mill-Parti II, it-Taqsima 1.1.4 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata biss lil impriżi u gruppi ta' tali impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja, li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'impenn agroambjentali klimatiku wieħed jew aktar?

☐ iva ☐ le

2. Il-miżuri megħjuna għandhom l-għan li jippreservaw u jippromwovu l-bidliet meħtieġa fil-prattiki agrikoli li jagħtu kontribuzzjoni pożittiva għall-ambjent u l-klima?

☐ iva ☐ le

3. Indika jekk l-impenji volontarji li għalihom tingħata l-għajnuna jmorrux lil hinn minn:

(a) ☐ ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-istandards tal-KAAT stabbiliti skont it-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([472]);

(b) ☐ ir-rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-liġi nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni;

(c) ☐ il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-Artikolu 4(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Innota li skont il-punt (201) tal-Linji Gwida, dawn l-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji kollha jridu jiġu identifikati u deskritti fin-notifika lill-Kummissjoni.

([472]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

4. Meta l-liġi nazzjonali timponi standards u rekwiżiti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, l-għajnuna tingħata għal impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' tali standards u rekwiżiti nazzjonali?

☐ iva ☐ le

5. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 4 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari hija iva, din l-għajnuna se tingħata għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha l-istandards u r-rekwiżiti imposti mil-liġi nazzjonali jsiru obbligatorji għall-azjenda?

☐ iva ☐ le

6. L-impriżi li jwettqu operazzjonijiet skont din it-Taqsima tal-Linji Gwida, għandhom aċċess għall-għarfien u l-informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet, u huwa disponibbli taħriġ xieraq għal dawk li jeħtiġuh, kif ukoll aċċess għall-għarfien espert biex jgħinu lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jbiddlu s-sistemi ta' produzzjoni tagħhom?

☐ iva ☐ le

7. L-impenji jittieħdu għal perjodu ta' bejn ħames u seba' snin?

☐ iva ☐ le

Speċifika d-durata: .....

8. Jekk l-għajnuna tingħata għal impenji li jittieħdu għal perjodu itwal minn seba' snin: id-durata itwal hija meħtieġa sabiex jinkisbu jew jinżammu l-benefiċċji ambjentali mfittxija?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi l-ġustifikazzjoni għaliex huwa meħtieġ perjodu itwal għat-tip megħjun tal-impenn/tal-impenji:

.....

Innota li skont il-punt (204) tal-Linji Gwida, meta jkun hemm bżonn li jinkisbu jew jinżammu l-benefiċċji ambjentali mfittxija, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu itwal għal tipi partikolari ta' impenji, inkluż billi jipprevedu l-estensjoni annwali tagħhom wara t-terminazzjoni tal-perjodu inizjali.

9. L-għajnuna tingħata għal impenji li ttieħdu għal perjodu iqsar minn ħames snin?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, indika għal liema tip ta' impenji tingħata l-għajnuna:

☐ għall-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi;

☐ għal impenji ġodda direttament wara l-impenn imwettaq fil-perjodu inizjali;

☐ għal każijiet oħra debitament ġustifikati.

Jekk l-għajnuna tikkonċerna "każ ieħor debitament ġustifikat", uri li huwa meħtieġ perjodu iqsar:

.....

Speċifika t-tul ta' tali perjodu iqsar:

.....

Innota li f'konformità mal-punt (204) tal-Linji Gwida, perjodu iqsar bħal dan irid jiġi stabbilit għal mill-anqas sena waħda.

10. Ikkonferma li l-impenji sabiex tiġi estiża t-trobbija tal-bhejjem jikkonformaw tal-anqas mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ☐ il-mergħa kollha tal-azjenda trid tiġi titmexxa u tinżamm b'tali mod li jiġi evitat ragħa żejjed jew nieqes;

(b) ☐ id-densità tal-bhejjem trid tiġi definita filwaqt li jitqiesu l-bhejjem kollha li jirgħaw miżmuma fil-farm jew, fil-każ ta' impenn għal limiti tal-lissija tan-nutrijenti, l-annimali kollha miżmuma fir-farm li huma rilevanti għall-impenn inkwistjoni.

11. Ikkonferma li l-impenji għat-trobbija ta' razez lokali f'periklu li jintilfu minħabba l-biedja jew sabiex jiġu ppreservati riżorsi ġenetiċi tal-pjanti mhedda b'erożjoni ġenetika, iridu jeħtieġu wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ☐ li jitrabbew annimali tar-razzett ta' razez lokali, adattati ġenetikament għal sistema jew ambjent wieħed jew aktar ta' produzzjoni tradizzjonali fil-pajjiż, f'periklu li jintilfu minħabba l-biedja;

(b) ☐ li jiġu ppreservati r-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti adattati għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u li jinsabu mhedda b'erożjoni ġenetika.

12. Ikkonferma li l-ispeċijiet ta' annimali tar-razzett li ġejjin biss huma eliġibbli għall-għajnuna: il-baqar, in-nagħaġ, il-mogħoż, l-ekwidi, il-ħnieżer, l-għasafar, l-fniek u n-naħal:

☐ iva ☐ le

Speċifika liema speċijiet ta' annimali tar-razzett huma eliġibbli għall-għajnuna:

……

13. Meta l-għajnuna tingħata għal razez lokali meqjusa f'periklu li jintilfu minħabba l-biedja, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin?

(a) l-għadd, fil-livell nazzjonali, ta' bhejjem nisa kkonċernati tat-tnissil ikun iddikjarat;

(b) dak l-għadd u l-istatus bħala fil-periklu, tar-razez elenkati, ikun iċċertifikat minn korp xjentifiku rilevanti debitament rikonoxxut;

(c) korp tekniku rilevanti debitament rikonoxxut jirreġistra u jżomm aġġornat il-ktieb tat-tnissil għar-razza;

(d) il-korpi kkonċernati jkollhom il-ħiliet u l-għarfien neċessarji sabiex jidentifikaw l-annimali tar-razez fil-periklu.

☐ iva ☐ le

Innota li l-kundizzjonijiet kollha ta' hawn fuq iridu jiġu rispettati.

Innota li f'konformità mal-punt (209) tal-Linji Gwida, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta u tapprova din l-għajnuna, iridu jiġu deskritti u inklużi fin-notifika lill-Kummissjoni l-kundizzjonijiet li r-razez lokali li għalihom tingħata l-għajnuna jitqiesu bħala fil-periklu li jintilfu minħabba l-biedja.

14. Meta l-għajnuna tingħata għal riżorsi ġenetiċi mhedda b'erożjoni ġenetika, in-notifika tinkludi provi suffiċjenti ta' erożjoni ġenetika, abbażi ta' riżultati xjentifiċi jew indikaturi għat-tnaqqis ta' razez lokali jew varjetajiet lokali primittivi, id-diversità tal-popolazzjoni tagħhom u, fejn ikun rilevanti, għall-modifiki fil-prattiki agrikoli prevalenti fil-livell lokali?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (210) tal-Linji Gwida, ir-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti jistgħu jitqiesu bħala mhedda b'erożjoni ġenetika bil-kundizzjoni li jiġu deskritti u inklużi fin-notifika lill-Kummissjoni provi suffiċjenti ta' erożjoni ġenetika, abbażi ta' riżultati xjentifiċi jew indikaturi għat-tnaqqis ta' razez lokali jew varjetajiet lokali primittivi, id-diversità tal-popolazzjoni tagħhom u, fejn rilevanti, għal modifiki fil-prattiki agrikoli prevalenti fil-livell lokali.

15. L-għajnuna prevista għall-konservazzjoni u għall-użu u l-iżvilupp sostenibbli ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura għal operazzjonijiet mhijiex koperta mill-punti (198) sa (210) tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi aktar dettalji dwar l-operazzjonijiet megħjuna:

……

16. L-għajnuna tingħata favur skemi kollettivi u skemi ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati, bħal skemi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi aktar dettalji dwar l-operazzjonijiet megħjuna:

……

Innota li skont il-punt (212) tal-Linji Gwida, l-għajnuna skont it-Taqsima 1.1.4 tal-Linji Gwida tista' tkopri skemi kollettivi u skemi ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati, bħal skemi ta' kultivazzjoni karbonika, sabiex il-bdiewa jiġu mħeġġa jtejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tal-ambjent fuq skala akbar jew b'mod li jista' jitkejjel.

17. Indika l-kostijiet eliġibbli għal operazzjonijiet għajr il-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi:

(a) ☐ il-kumpens għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom li jirriżultaw mill-impenji;

(b) ☐ l-introjtu mitluf li jirriżulta mill-impenji;

(c) ☐ il-kostijiet tat-tranżazzjoni.

Jekk l-għajnuna tingħata wkoll favur il-kostijiet tal-investiment relatati mal-impenji agroambjentali klimatiċi skont din it-Taqsima, imla l-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari 1.1.1.1 dwar l-għajnuna għall-investiment f'azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja.

Jekk l-għajnuna ssegwi objettivi oħra bħal servizzi ta' taħriġ u ta' konsulenza sabiex tgħin lill-produtturi agrikoli, imla l-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari 1.1.10. dwar l-għajnuna għall-għoti ta' appoġġ tekniku fis-settur tal-agrikoltura.

18. Indika l-intensità tal-għajnuna: ……

Innota li skont il-punt (220) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

19. Ikkonferma li l-għajnuna tingħata kull sena:

☐ iva ☐ le

20. Jekk l-għajnuna tingħata għall-kostijiet tat-tranżazzjoni, ipprovdi ġustifikazzjoni u d-deskrizzjoni speċifika ta' dawn il-kostijiet:

……

21. Indika l-intensità tal-għajnuna għall-kostijiet tat-tranżazzjoni: ……

Innota li skont il-punt (215) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tkopri l-kostijiet tat-tranżazzjoni meħtieġa, sa valur sa 20 % tal-primjum imħallas għall-impenji agroambjentali klimatiċi, jew sa 30 %, meta l-impenji jittieħdu minn gruppi ta' impriżi.

22. L-għajnuna tingħata favur il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet ikkawżati mid-dħul f'impenji agroambjentali klimatiċi?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi prova konvinċenti ta' dawn il-kostijiet, pereżempju billi tippreżenta tqabbil tal-kostijiet ma' impriżi li ma jidħlux f'impenji bħal dawn:

……

23. L-għajnuna tingħata favur il-kostijiet tat-tranżazzjoni għall-issoktar tal-impenji li diġà ttieħdu fil-passat?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li dawn il-kostijiet għadhom jiġġarrbu jew li qed jiġġarrbu kostijiet ġodda tat-tranżazzjoni:

……

Innota li skont il-punt (216) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni ma tawtorizzax għajnuna mill-Istat għal kostijiet tat-tranżazzjoni għall-issoktar ta' impenji li Stat Membru jkun diġà daħal għalihom fil-passat, sakemm l-Istat Membru ma jurix li dawk l-kostijiet għadhom iseħħu jew li qegħdin jiġu imposti kostijiet tat-tranżazzjoni ġodda.

24. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni huma kkalkulati fuq il-bażi tal-kostijiet medji?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li, b'mod partikolari, l-intrapriżi l-kbar mhumiex ikkumpensati żżejjed.

……

25. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni huma kkalkulati fuq il-bażi ta' farms medji?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li, b'mod partikolari, l-intrapriżi l-kbar mhumiex ikkumpensati żżejjed.

……

26. Ikkonferma li meta l-kostijiet tat-tranżazzjoni jiġu kkalkulati abbażi tal-kostijiet medji u/jew tal-farms medji, għall-fini tal-kalkolu tal-kumpens, Stat Membru jqis jekk il-kostijiet tat-tranżazzjoni inkwistjoni humiex imġarrba għal kull impriża jew għal kull ettaru:

☐ iva ☐ le

27. Indika l-kostijiet eliġibbli tal-għajnuna favur l-operazzjonijiet għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura:

(a) ☐ azzjonijiet immirati: azzjonijiet li jippromwovu konservazzjoni *in situ* u *ex situ*, karatterizzazzjoni, ġbir u użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura, inklużi inventarji bbażati fuq l-internet ta' riżorsi ġenetiċi li bħalissa huma kkonservati *in situ*, inkluża konservazzjoni *in situ*/fil-farm u ta' ġabriet u bażijiet tad-data *ex situ*;

(b) ☐ azzjonijiet konċertati: azzjonijiet li jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni għall-konservazzjoni, il-karatterizzazzjoni, il-ġbir u l-utilizzazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura tal-Unjoni, fost organizzazzjonijiet kompetenti fl-Istati Membri;

(c) ☐ azzjonijiet ta' akkumpanjament: azzjonijiet ta' informazzjoni, disseminazzjoni u konsulenza li jinvolvu organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, korsijiet ta' taħriġ u l-preparazzjoni ta' rapporti tekniċi.

28. L-għajnuna tingħata għal kull ettaru?

☐ iva ☐ le

29. L-għajnuna tingħata bħala somma f'daqqa?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iġġustifika:

……

Innota li skont il-punt (221) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tingħata bħala somma f'daqqa biss f'każijiet debitament ġustifikati.

30. L-għajnuna tingħata bħala pagament ta' darba għal kull unità?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iġġustifika:

.....

Innota li skont il-punti (214) u (221) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tingħata bħala pagament ta' darba għal kull unità f'każijiet debitament ġustifikati biss, bħal operazzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni ambjentali jew impenji sabiex jiġi rrinunzjat l-użu kummerċjali taż-żoni.

31. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 30 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari hija iva, din l-għajnuna tiġi kkalkulata abbażi tal-kostijiet addizzjonali mġarrba u tal-introjtu mitluf?

☐ iva ☐ le

KLAWŻOLA TA' REVIŻJONI

32. Hija prevista klawżola ta' reviżjoni għall-operazzjonijiet appoġġjati b'din it-Taqsima tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (647) tal-Linji Gwida, Stat Membru huwa obbligat li jipprovdiha ħalli jiżgura l-aġġustament tal-operazzjonijiet fil-każ ta' emendi tal-istandards obbligatorji, ir-rekwiżiti jew l-obbligi rilevanti msemmija fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.4 tal-Linji Gwida li jridu jinqabżu mill-impenji msemmija f'dik it-Taqsima.

33. L-għajnuna tmur lil hinn mill-perjodu ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali 2023-2027?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, skont il-punt (648) tal-Linji Gwida, trid tiġi inkluża klawżola ta' reviżjoni għall-għajnuna skont il-Parti II, it-Taqsima 1.1.4 tal-Linji Gwida, sabiex l-operazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu aġġustati għall-qafas legali tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali li jmiss.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.1.5. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL IMPENJI GĦAT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' xi miżura ta' għajnuna mill-Istat li tgħin lill-metodi ta' produzzjoni agrikola mfassla biex itejbu l-benesseri tal-annimali li tkopri l-Patri II, it-Taqsima 1.1.5 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna qed tingħata esklużivament lill-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'impenn wieħed jew aktar għat-trattament xieraq tal-annimali?

☐ iva ☐ le

2. L-għajnuna qed tingħata biss għal dawk l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti skont it-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([473]) u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-liġi nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (226) tal-Linji Gwida, l-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji kollha u l-prattiki stabbiliti tal-biedja jridu jiġu identifikati u deskritti fin-notifika lill-Kummissjoni.

3. Meta ma jeżisti l-ebda standard jew rekwiżit obbligatorju rilevanti, l-għajnuna tingħata għall-impenji li jmorru lil hinn mill-prattika stabbilita tal-biedja fil-livell nazzjonali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi deskrizzjoni tal-prattika tal-biedja kkonċernata:

……

Innota li skont il-punt (226) tal-Linji Gwida, tali prattiki tal-biedja stabbiliti jridu jiġu identifikati u deskritti fin-notifika lill-Kummissjoni.

4. L-għajnuna tingħata għal impenji li qed jikkontribwixxi għall-konformità mar-rekwiżiti l-ġodda imposti mil-liġi nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni?

☐ iva ☐ le

5. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 4 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari hija iva, għajnuna bħal din tingħata għal impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha jsiru obbligatorji għall-azjenda?

☐ iva ☐ le

6. Għal liema minn dawn l-oqsma li ġejjin l-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali jipprovdu standards imtejba tal-metodi ta' produzzjoni?

(a) ☐ l-ilma, l-għalf u l-kura tal-annimali f'konformità mal-ħtiġijiet naturali tal-annimali;

(b) ☐ il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni li jtejbu l-kumdità tal-annimali u l-libertà ta' moviment tagħhom, bħal żieda fil-konċessjonijiet ta' spazju, superfiċji tal-art, dawl naturali, kontroll tal-mikroklima, kif ukoll kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni bħall-ħlas fil-miftuħ jew l-akkomodazzjoni fi gruppi, skont il-ħtiġijiet naturali tal-annimali;

(c) ☐ kundizzjonijiet li jippermettu l-espressjoni ta' mġiba naturali, bħall-arrikkiment tal-ambjent tal-għajxien jew il-ftam tard;

(d) ☐ aċċess u ragħa fil-beraħ;

(e) ☐ prattiki li jżidu r-robustezza u t-tul tal-ħajja tal-annimali, inklużi razez li jikbru aktar bil-mod;

(f) ☐ prattiki li jevitaw il-mutilazzjoni jew il-kastrazzjoni tal-annimali;

(g) ☐ miżuri sanitarji, li jipprevjenu l-mard mhux trażmissibbli, li ma jeħtiġux l-użu ta' sustanzi mediċi bħal vaċċini, insettiċidi jew mediċini kontra l-parassiti.

Ippreżenta deskrizzjoni dettaljata:

……

([473]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

7. Meta l-mutilazzjoni jew il-kastrazzjoni tal-annimali jitqiesu meħtieġa, jintużaw l-anestetiċi, l-analġeżija u l-mediċina antiinfjammatorja jew l-immunokastrazzjoni?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (228)(f) tal-Linji Gwida, f'każijiet speċifiċi meta l-mutilazzjoni jew il-kastrazzjoni tal-annimali jitqiesu meħtieġa, iridu jintużaw l-anestetiċi, l-analġeżija u l-mediċina antiinfjammatorja jew l-immunokastrazzjoni.

8. L-għajnuna tingħata għall-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali għal perjodu ta' bejn sena u seba' snin?

☐ iva ☐ le

Speċifika d-durata: .....

9. L-Istat Membru jiddetermina perjodu itwal minn seba' snin għal tipi partikolari ta' impenji?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iġġustifika:

.....

Innota li skont il-punt (229) tal-Linji Gwida, Stat Membru jista' jiddetermina perjodu itwal biss meta dan ikun meħtieġ sabiex jinkisbu jew jinżammu ċerti benefiċċji għall-benesseri tal-annimali, inkluż billi tiġi prevista l-estensjoni annwali tagħhom wara t-tmiem tal-perjodu inizjali.

10. Il-kuntratt jiġġedded b'mod awtomatiku?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (230) tal-Linji Gwida, id-dettalji tat-tiġdid iridu jiġu deskritti fil-kuntratt u l-mekkaniżmu tat-tiġdid irid jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni bħala parti minnotifika.

11. It-tiġdid tal-kuntratt huwa soġġett għar-rispett tal-kundizzjonijiet approvati mill-Kummissjoni għall-għajnuna skont din it-Taqsima tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (230) tal-Linji Gwida, it-tiġdid dejjem irid ikun soġġett għar-rispett tal-kundizzjonijiet approvati mill-Kummissjoni għall-għajnuna skont it-Taqsima 1.1.5 tal-Linji Gwida.

12. L-impriżi li jwettqu operazzjonijiet skont din it-Taqsima tal-Linji Gwida, għandhom aċċess għall-għarfien u l-informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet, u huwa disponibbli taħriġ xieraq għal dawk li jeħtiġuh, kif ukoll aċċess għall-għarfien espert biex jgħinu lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jbiddlu s-sistemi ta' produzzjoni tagħhom?

☐ iva ☐ le

13. L-għajnuna tingħata kull sena?

☐ iva ☐ le

14. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kumpens għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom li jirriżultaw mill-impenji;

(b) ☐ l-introjtu mitluf li jirriżulta mill-impenji;

(c) ☐ il-kostijiet tat-tranżazzjoni.

Jekk l-għajnuna tingħata wkoll favur il-kostijiet tal-investiment relatati mal-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali skont din it-Taqsima, irreferi għall-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari 1.1.1.1 dwar l-għajnuna għall-investiment f'azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja.

Jekk l-għajnuna ssegwi objettivi oħra bħal servizzi ta' taħriġ u ta' konsulenza biex tgħin lill-produtturi agrikoli, irreferi għall-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari 1.1.10. dwar l-għajnuna għall-għoti ta' appoġġ tekniku fis-settur tal-agrikoltura.

15. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (235) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

16. Jekk l-għajnuna tingħata għall-kostijiet tat-tranżazzjoni, iġġustifika u pprovdi d-deskrizzjoni speċifika ta' dawn il-kostijiet:

.....

17. Indika l-intensità tal-għajnuna għall-kostijiet tat-tranżazzjoni: .....

Innota li skont il-punt (233) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tkopri l-kostijiet tat-tranżazzjoni meħtieġa sal-valur sa 20 % tal-primjum imħallas għall-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali.

18. L-għajnuna tingħata għall-kostijiet tat-tranżazzjoni kkawżati mid-dħul f'impenji għat-trattament xieraq tal-annimali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi prova konvinċenti ta' dawn il-kostijiet, pereżempju billi tippreżenta tqabbil tal-kostijiet ma' impriżi li ma jidħlux f'impenji bħal dawn:

.....

19. L-għajnuna tingħata għall-kostijiet tat-tranżazzjoni għall-issoktar tal-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali li diġà ttieħdu fil-passat?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li dawn il-kostijiet għadhom jiġġarrbu jew li qed jiġġarrbu kostijiet ġodda tat-tranżazzjoni:

.....

Innota li skont il-punt (233) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni ma tawtorizzax għajnuna mill-Istat għal kostijiet tat-tranżazzjoni għall-issoktar ta' impenji għat-trattament xieraq tal-annimali li Stat Membru jkun diġà daħal għalihom fil-passat, sakemm l-Istat Membru ma jurix li dawk il-kostijiet għadhom iseħħu jew li qegħdin jiġu imposti kostijiet tat-tranżazzjoni ġodda.

20. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni huma kkalkulati fuq il-bażi tal-kostijiet medji?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li, b'mod partikolari, l-intrapriżi l-kbar mhumiex ikkumpensati żżejjed.

.....

21. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni huma kkalkulati fuq il-bażi ta' farms medji?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li, b'mod partikolari, l-intrapriżi l-kbar mhumiex ikkumpensati żżejjed.

.....

22. L-għajnuna tingħata għal kull unità?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji:

.....

23. L-għajnuna tingħata bħala somma f'daqqa?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iġġustifika:

.....

Innota li skont il-punt (236) tal-Linji Gwida, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ bħala somma f'daqqa biss f'każijiet debitament ġustifikati.

24. L-għajnuna tingħata bħala pagament ta' darba għal kull unità?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iġġustifika:

.....

Innota li skont il-punt (236) tal-Linji Gwida, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ bħala pagament ta' darba għal kull unità biss f'każijiet debitament ġustifikati.

25. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 24 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari hija iva, il-kumpens huwa kkalkulat fuq il-bażi tal-kostijiet addizzjonali mġarrba u tal-introjtu mitluf?

☐ iva ☐ le

KLAWŻOLA TA' REVIŻJONI

26. Hija prevista klawżola ta' reviżjoni għall-operazzjonijiet appoġġjati f'din it-Taqsima?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (647) tal-Linji Gwida, Stat Membru hu obbligat li jipprovdi klawżola ta' reviżjoni ħalli jiżgura l-aġġustament tal-operazzjonijiet fil-każ ta' emendi tal-istandards obbligatorji, ir-rekwiżiti jew l-obbligi rilevanti msemmija fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.5 tal-Linji Gwida li jridu jinqabżu mill-impenji msemmija f'dik it-Taqsima.

27. L-għajnuna tmur lil hinn mill-perjodu ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali 2023-2027?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, skont il-punt (648) tal-Linji Gwida, trid tiġi inkluża klawżola ta' reviżjoni għall-għajnuna skont il-Parti II, it-Taqsima 1.1.5 tal-Linji Gwida, sabiex l-operazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu aġġustati għall-qafas legali tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali li jmiss.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.1.6. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL ŻVANTAĠĠI SPEĊIFIĊI GĦAŻ-ŻONA LI JIRRIŻULTAW MINN ĊERTI REKWIŻITI OBBLIGATORJI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri sabiex jinnotifikaw l-għajnuniet mill-Istat għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji, kif indirizzat fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.6 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata biss lil impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

2. Il-miżura għandha l-għan li tikkumpensa lill-bdiewa għall-kostijiet imġarrba u l-introjtu mitluf minħabba żvantaġġi fiż-żoni kkonċernati li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([474]) ("id-Direttiva dwar il-Ħabitats"), id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([475]) ("id-Direttiva dwar l-Għasafar") u d-Direttiva 2000/60/KE ([476]) ("id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma")?

☐ iva ☐ le

3. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet addizzjonali;

(b) ☐ l-introjtu mitluf;

(c) ☐ il-kostijiet tat-tranżazzjoni.

4. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (247) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

5. Jekk l-għajnuna tingħata għall-kostijiet tat-tranżazzjoni, ipprovdi l-ġustifikazzjoni u d-deskrizzjoni speċifika ta' dawn l-kostijiet:

.....

6. Indika l-intensità tal-għajnuna għall-kostijiet tat-tranżazzjoni:

.....

7. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni huma kkalkulati fuq il-bażi tal-kostijiet medji?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li, b'mod partikolari, l-intrapriżi l-kbar mhumiex ikkumpensati żżejjed:

.....

8. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni huma kkalkulati fuq il-bażi ta' farms medji?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li, b'mod partikolari, l-intrapriżi l-kbar mhumiex ikkumpensati żżejjed:

.....

9. Ikkonferma li għall-fini ta' kalkolu tal-kumpens, l-Istat Membru jrid iqis jekk il-kostijiet tat-tranżazzjoni inkwistjoni humiex imġarrba għal kull impriża jew għal kull ettaru:

☐ iva ☐ le

10. L-għajnuna marbuta mad-Direttiva 92/43/KEE u mad-Direttiva 2009/147/KE tingħata biss fir-rigward ta' żvantaġġi li jirriżultaw minn rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-istandards rilevanti tal-KAAT stabbiliti skont it-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([477]) kif ukoll il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-Artikolu 4(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/2115?

☐ iva ☐ le

([474]) EUR-Lex - 31992L0043 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([475]) EUR-Lex - 32009L0147 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([476]) EUR-Lex - 32000L0060 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([477]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

11. L-għajnuna marbuta mad-Direttiva 2000/60/KE tingħata biss b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn minn wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin? Indika:

(a) ☐ ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti, bl-eċċezzjoni tal-SMR 1 elenkat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, u l-istandards tal-KAAT stabbiliti skont it-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(b) ☐ il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola ddeterminati minn Stat Membru fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu f'konformità mal-Artikolu 4(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Innota li skont il-punt (245) tal-Linji Gwida, ir-rekwiżiti msemmija fil-mistoqsijiet 10 u 11 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari jridu jiġu identifikati u deskritti fin-notifika lill-Kummissjoni.

12. Speċifika ż-żoni eliġibbli għall-għajnuna:

(a) ☐ iż-żoni agrikoli ta' Natura 2000 iddeżinjati skont id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE;

(b) ☐ żoni delimitati oħra ta' protezzjoni tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-biedja li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE; dawk iż-żoni ma jridux jaqbżu l-5 % taż-żoni ddeżinjati ta' Natura 2000 koperti mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Pjan Strateġiku rilevanti tal-PAK;

(c) ☐ żoni agrikoli inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara skont id-Direttiva 2000/60/KE.

13. L-għajnuna tingħata kull sena għal kull ettaru?

☐ iva ☐ le

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.1.7. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL ŻONI LI JIFFAĊĊJAW RESTRIZZJONIJIET NATURALI JEW RESTRIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI OĦRA TAŻ-ŻONA**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat bl-għan li tikkumpensa għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona f'ċerti żoni, li hija koperta mill-Parti II, it-Taqsima 1.1.7 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida"). Din it-Taqsima tapplika għall-għajnuna f'żoni muntanjużi u żoni oħra li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra.

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata lil impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja li huma bdiewa attivi u li jimpenjaw ruħhom li jwettqu l-attività tal-biedja tagħhom fiż-żona/i ddeżinjati skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 ([478])?

☐ iva ☐ le

2. Speċifika ż-żoni ddeżinjati skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 li għalihom tingħata l-għajnuna:

……

([478]) EUR-Lex - 32013R1305 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

3. L-għajnuna tingħata għal eżerċizzju ta' rfinar skont il-kundizzjonijiet previsti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi aktar dettalji, inkluża d-deskrizzjoni tal-kriterji użati għal tali rfinar:

……

Barra minn hekk, iddeskrivi r-restrizzjoni inkwistjoni:

……

4. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet addizzjonali relatati mar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona għall-produzzjoni agrikola fiż-żona kkonċernata;

(b) ☐ l-introjtu mitluf relatat mar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona għall-produzzjoni agrikola fiż-żona kkonċernata.

Uri r-restrizzjonijiet inkwistjoni u pprovdi prova li l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas ma jmurx lil hinn mit-telf tal-introjtu u l-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw minn dawk ir-restrizzjonijiet:

……

5. Il-kostijiet addizzjonali u l-introjtu mitluf huma kkalkulati fir-rigward tar-restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona, meta mqabbla ma' żoni li mhumiex affettwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona?

☐ iva ☐ le

6. Indika l-intensità tal-għajnuna: ……

Innota li skont il-punt (254) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

7. L-għajnuna tingħata kull sena għal kull ettaru ta' żona agrikola?

☐ iva ☐ le

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.1.8. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-BIEDJA ORGANIKA**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat favur il-biedja organika kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.8 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata biss lil impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

2. Il-benefiċjarji huma impriżi agrikoli jew gruppi ta' impriżi agrikoli li jimpenjaw ruħhom b'mod volontarju li jikkonvertu jew li jżommu prattiki u metodi tal-biedja organika kif inhu definit fir-Regolament (UE) 2018/848 ([479])?

☐ iva ☐ le

([479]) EUR-Lex - 32018R0848 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

3. L-għajnuna tingħata biss għal impenji li jmorru lil hinn minn dawn l-istandards u r-rekwiżiti? Indika:

(a) ☐ ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni rilevanti u l-istandards tal-KAAT stabbiliti skont it-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([480]);

(b) ☐ ir-rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-benesseri tal-annimali, u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-liġi nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni;

(c) ☐ il-kundizzjonijiet stabbiliti għaż-żamma taż-żona agrikola f'konformità mal-Artikolu 4(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Innota li skont il-punt (258) tal-Linji Gwida, l-istandards u r-rekwiżiti rilevanti jridu jiġu identifikati u deskritti fin-notifika dwar l-għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni.

4. Meta l-liġi nazzjonali timponi standards u rekwiżiti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi korrispondenti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, l-għajnuna tingħata għal impenji li jikkontribwixxu għall-konformità ma' tali standards u rekwiżiti nazzjonali?

☐ iva ☐ le

5. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 4 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari hija iva, din l-għajnuna tingħata għal massimu ta' 24 xahar mid-data li fiha ssir obbligatorja għall-azjenda?

☐ iva ☐ le

6. L-għajnuna tingħata għal impenji li se jitwettqu matul perjodu inizjali ta' ħames sa seba' snin?

☐ iva ☐ le

Speċifika d-durata: .....

7. Jekk l-għajnuna tingħata għal impenji meħuda għal perjodu itwal minn seba' snin, id-durata itwal hija meħtieġa sabiex jinkisbu jew jinżammu l-benefiċċji ambjentali mfittxija?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi l-ġustifikazzjoni għaliex huwa meħtieġ perjodu itwal għat-tip meġjun tal-impenn/tal-impenji:

.....

Innota li skont il-punt (260) tal-Linji Gwida, meta jkun hemm bżonn li jinkisbu jew li jinżammu l-benefiċċji ambjentali mfittxija, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal għal tipi partikolari ta' impenji, anki billi jipprovdu għall-estensjoni annwali tagħhom wara tmiem il-perjodu inizjali.

8. Jekk l-għajnuna tingħata għall-konverżjoni għall-biedja organika, se tiddetermina perjodu inizjali iqsar minn dak imsemmi fil-mistoqsija 6 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika d-durata: .....

Innota li skont il-punt (260) tal-Linji Gwida, meta tingħata għajnuna għall-konverżjoni għall-biedja organika, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu iqsar ta' mill-anqas sena.

([480]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

9. Jekk l-għajnuna tingħata għal impenji ġodda li jikkonċernaw iż-żamma direttament wara l-impenn imwettaq fil-perjodu inizjali msemmi fil-mistoqsija 6 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, se tiddetermina perjodu iqsar minn dak stabbilit fil-mistoqsija 6?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika d-durata ta' dak il-perjodu:

……

Innota li skont il-punt (260) tal-Linji Gwida, fir-rigward ta' impenji ġodda li jikkonċernaw iż-żamma direttament wara l-impenn imwettaq fil-perjodu inizjali, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu iqsar ta' mill-anqas sena.

10. L-impriżi li jwettqu operazzjonijiet skont din it-Taqsima tal-Linji Gwida, għandhom aċċess għall-għarfien u l-informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet, u huwa disponibbli taħriġ xieraq għal dawk li jeħtiġuh, kif ukoll aċċess għall-għarfien espert biex jgħinu lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jbiddlu s-sistemi ta' produzzjoni tagħhom?

☐ iva ☐ le

11. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kumpens għall-kostijiet addizzjonali kollha jew parti minnhom li jirriżultaw mill-impenji;

(b) ☐ l-introjtu mitluf li jirriżulta mill-impenji;

(c) ☐ il-kostijiet tat-tranżazzjoni.

Jekk l-għajnuna tingħata wkoll favur il-kostijiet tal-investiment, irreferi għall-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari 1.1.1.1 dwar l-għajnuna għall-investiment f'azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja jew 1.1.1.3 dwar l-għajnuna għall-investimenti għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.

12. Indika l-intensità tal-għajnuna: ……

Innota li skont il-punt (268) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

13. Jekk l-għajnuna tingħata għall-kostijiet tat-tranżazzjoni, ipprovdi ġustifikazzjoni u d-deskrizzjoni speċifika ta' dawn il-kostijiet:

……

14. Indika l-intensità tal-għajnuna għall-kostijiet tat-tranżazzjoni:

……

Innota li skont il-punt (263) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tkopri l-kostijiet tat-tranżazzjoni meħtieġa, sa valur sa 20 % tal-primium imħallas għall-impenji, jew sa 30 %, meta l-impenji jittieħdu minn gruppi ta' impriżi.

15. L-għajnuna tingħata għal kostijiet tat-tranżazzjoni kkawżati mill-parteċipazzjoni f'impenji tal-biedja organika?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi prova konvinċenti ta' dawn il-kostijiet, pereżempju billi tippreżenta tqabbil tal-kostijiet ma' impriżi agrikoli li ma jidħlux f'impenji bħal dawn.

……

16. L-għajnuna tingħata favur il-kostijiet tat-tranżazzjoni għall-issoktar tal-impenji li diġà ttieħdu fil-passat?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li dawn il-kostijiet għadhom jiġġarrbu jew li qed jiġġarrbu kostijiet ġodda tat-tranżazzjoni:

……

Innota li skont il-punt (264) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni ma tawtorizzax għajnuna mill-Istat għal kostijiet tat-tranżazzjoni għall-issoktar ta' impenji tal-biedja organika li Stat Membru jkun diġà daħal għalihom fil-passat, sakemm l-Istat Membru ma jurix li dawk il-kostijiet għadhom iseħħu jew li qegħdin jiġu imposti kostijiet ġodda tat-tranżazzjoni.

17. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni huma kkalkulati fuq il-bażi tal-kostijiet medji?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li, b'mod partikolari, l-intrapriżi l-kbar mhumiex ikkumpensati żżejjed:

……

18. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni huma kkalkulati fuq il-bażi ta' farms medji?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li, b'mod partikolari, l-intrapriżi l-kbar mhumiex ikkumpensati żżejjed:

……

19. Ikkonferma li meta l-kostijiet tat-tranżazzjoni jiġu kkalkulati abbażi tal-kostijiet medji u/jew tal-farms medji, għall-fini tal-kalkolu tal-kumpens, Stat Membru jqis jekk il-kostijiet tat-tranżazzjoni inkwistjoni humiex imġarrba għal kull impriża jew għal kull ettaru:

☐ iva ☐ le

20. Ikkonferma li ma ngħatat l-ebda għajnuna skont din it-Taqsima għal impenji koperti minn miżura agroambjentali klimatika, jew għal kostijiet koperti minn għajnuna maħsuba li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni f'sistemi tal-kwalità:

☐ iva ☐ le

21. L-għajnuna titħallas għal kull ettaru?

☐ iva ☐ le

22. L-għajnuna tingħata bħala somma f'daqqa?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iġġustifika:

……

Innota li skont il-punt (269) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tingħata bħala somma f'daqqa biss f'każijiet debitament ġustifikati.

23. L-għajnuna tingħata bħala pagament ta' darba għal kull unità?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iġġustifika:

……

Innota li skont il-punt (269) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tingħata bħala pagament ta' darba għal kull unità biss f'każijiet debitament ġustifikati.

KLAWŻOLA TA' REVIŻJONI

24. Hija prevista klawżola ta' reviżjoni għall-operazzjonijiet appoġġjati b'din it-Taqsima tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Innota li f'konformità mal-punt (647) tal-Linji Gwida, Stat Membru huwa obbligat li jipprovdi klawżola ta' reviżjoni ħalli jiżgura l-aġġustament tal-operazzjonijiet fil-każ ta' emendi tal-istandards obbligatorji, ir-rekwiżiti jew l-obbligi rilevanti msemmija fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.8 tal-Linji Gwida li jridu jinqabżu mill-impenji msemmija f'dik it-Taqsima.

25. L-għajnuna tmur lil hinn mill-perjodu ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali 2023-2027?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li, f'konformità mal-punt (648) tal-Linji Gwida, trid tiġi inkluża klawżola ta' reviżjoni għall-għajnuna skont il-Parti II, it-Taqsima 1.1.8 tal-Linji Gwida, sabiex ikun jista' jsir l-aġġustament tagħhom fil-qafas legali tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali li jmiss.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.1.9. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TA' PRODUTTURI TA' PRODOTTI AGRIKOLI FI SKEMI TAL-KWALITÀ**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat li hija mfassla sabiex tħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' produtturi ta' prodotti agrikoli fi skemi tal-kwalità kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.9 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata biss lill-produtturi ta' prodotti agrikoli?

☐ iva ☐ le

2. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet għal parteċipazzjoni ġdida fi skemi tal-kwalità, b'mod partikolari l-kostijiet li jiġġarrbu għad-dħul fi skema tal-kwalità appoġġjata u l-kontribuzzjoni annwali għall-parteċipazzjoni f'dik l-iskema tal-kwalità, inkluż, fejn ikun meħtieġ, in-nefqa fuq il-verifiki meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-iskema tal-kwalità;

(b) ☐ il-kostijiet għall-miżuri ta' kontroll obbligatorji b'rabta mal-iskemi tal-kwalità li tkun daħlet għalihom l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew f'isimha, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew dik nazzjonali;

(c) ☐ il-kostijiet għall-attivitajiet ta' riċerka dwar is-suq, il-konċezzjoni u d-disinn tal-prodotti u għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' iskemi tal-kwalità.

3. L-għajnuna għall-kostijiet ta' parteċipazzjoni ġdida fi skemi tal-kwalità, imsemmija fil-mistoqsija 2(a) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari u l-għajnuna għall-kostijiet ta' miżuri ta' kontroll obbligatorji msemmija fil-mistoqsija 2(b) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari se jingħataw għall-kostijiet ta' kontroll li jsiru mill-benefiċjarji stess, jew meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiddikjara li l-kostijiet tal-kontroll għandhom jiġġarrbu mill-produtturi ta' prodotti agrikoli u l-gruppi tagħhom, mingħajr ma tispeċifika l-livell attwali ta' imposti?

☐ iva ☐ le

4. Indika t-tip ta' skema tal-kwalità li għaliha tingħata l-għajnuna għal parteċipazzjoni ġdida:

(a) ☐ Skemi tal-kwalità tal-Unjoni;

Speċifika l-iskema tal-kwalità tal-Unjoni kkonċernata:

……

(b) ☐ Skemi tal-kwalità, inklużi skemi ta' ċertifikazzjoni tal-farms, għal prodotti agrikoli rikonoxxuti mill-Istati Membri li jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

(i) l-ispeċifiċità tal-prodott finali prodott skont tali skemi ta' kwalità trid tinħoloq minn obbligi ċari li jiggarantixxu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

— karatteristiċi speċifiċi tal-prodott, jew

— metodi speċifiċi ta' biedja jew produzzjoni, jew

— kwalità tal-prodott finali li teċċedi b'mod sinifikanti l-istandards tal-komoditajiet kummerċjali fir-rigward tas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti, il-benesseri tal-annimali jew il-protezzjoni tal-ambjent;

(ii) l-iskema tal-kwalità trid tkun miftuħa għall-produtturi kollha;

(iii) l-iskema ta' kwalità trid tkun tinvolvi speċifikazzjonijiet vinkolanti tal-prodott finali u l-konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet trid tiġi vverifikata minn awtoritajiet pubbliċi jew minn korp ta' spezzjoni indipendenti;

(iv) l-iskema tal-kwalità trid tkun trasparenti u tiżgura t-traċċabbiltà sħiħa tal-prodotti agrikoli.

Speċifika l-iskema tal-kwalità kkonċernata, kif ukoll l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-farm, jekk rilevanti:

……

(c) ☐ Skemi volontarji ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti agrikoli rikonoxxuti mill-Istat Membru bħala li jissodisfaw il-linji gwida tal-Unjoni dwar l-aħjar prattiki msemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2010 bit-titolu "Linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel" relatati ma' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([481]).

Speċifika l-iskema ta' ċertifikazzjoni kkonċernata:

……

5. L-għajnuna hi aċċessibbli għall-impriżi kollha eliġibbli fiż-żona kkonċernata, abbażi ta' kundizzjonijiet definiti b'mod oġġettiv?

☐ iva ☐ le

6. L-għajnuna għall-kostijiet ta' miżuri obbligatorji ta' kontroll, imsemmija fil-punt (272)(b) tal-Linji Gwida u l-għajnuna għall-kostijiet għall-attivitajiet ta' riċerka dwar is-suq, il-konċezzjoni u d-disinn tal-prodotti u għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' iskemi tal-kwalità, imsemmija fil-punt (272)(c) tal-Linji Gwida mogħtija fil-forma ta' servizzi ssussidjati u mħallsa lill-korp responsabbli għall-miżuri ta' kontroll, lill-fornitur tar-riċerka jew lill-fornitur tal-konsulenza?

☐ iva ☐ le

([481]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (europa.eu)

7. Indika l-intensità tal-għajnuna għall-kostijiet tal-miżuri obbligatorji ta' kontroll, imsemmija fil-punt (272)(b) tal-Linji Gwida:

……

Skont il-punt (278) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-kostijiet tal-miżuri obbligatorji ta' kontroll, imsemmija fil-punt (272)(b) tal-Linji Gwida, tista' tilħaq il-100 % tal-kostijiet reali mġarrba.

8. Indika l-intensità tal-għajnuna għall-kostijiet għall-attivitajiet ta' riċerka dwar is-suq, il-konċezzjoni u d-disinn tal-prodotti u għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' iskemi tal-kwalità, imsemmija fil-punt (272)(c) tal-Linji Gwida:

……

Skont il-punt (278) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-kostijiet għall-attivitajiet ta' riċerka dwar is-suq, il-konċezzjoni u d-disinn tal-prodotti u għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' skemi tal-kwalità, imsemmija fil-punt (272)(c) tal-Linji Gwida, tista' tilħaq il-100 % tal-kostijiet reali mġarrba.

9. Indika l-intensità tal-għajnuna għall-kostijiet għal parteċipazzjoni ġdida fi skemi tal-kwalità:

……

Innota li skont il-punt (277) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-kostijiet għal parteċipazzjoni ġdida fi skemi tal-kwalità, imsemmija fil-punt (272)(a) tal-Linji Gwida, ma tridx taqbeż il-100 % tal-kost eliġibbli.

10. Indika d-durata li għaliha se tingħata l-għajnuna għall-kostijiet għal parteċipazzjoni ġdida fi skemi tal-kwalità, imsemmija fil-punt (272)(a) tal-Linji Gwida:

……

Innota li skont il-punt (277) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-kostijiet għal parteċipazzjoni ġdida fl-iskemi tal-kwalità msemmija fil-punt (272)(a) trid tingħata għal perjodu massimu ta' seba' snin.

11. L-għajnuna għall-kostijiet għal parteċipazzjoni ġdida fi skemi tal-kwalità, imsemmija fil-punt (272)(a) tal-Linji Gwida se titħallas kull sena?

☐ iva ☐ le

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.1.10. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-GĦOTI TA' APPOĠĠ TEKNIKU FIS-SETTUR TAL-AGRIKOLTURA**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat li għandha l-għan li tagħti appoġġ tekniku fis-settur tal-agrikoltura kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.10 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

1.1. L-għajnuna skont din it-Taqsima tal-Linji Gwida, bl-eċċezzjoni tal-għajnuna għal servizzi ta' sostituzzjoni fl-azjendi agrikoli, tingħata għall-għoti ta' appoġġ tekniku fis-settur tal-agrikoltura?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (279) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għal servizzi ta' sostituzzjoni fl-azjendi agrikoli tista' tingħata biss lil impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja (ara l-mistoqsija 4.1 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari).

1.2. Indika l-benefiċjarji tal-għajnuna:

(a) ☐ bdiewa;

(b) ☐ gruppi ta' produtturi;

(c) ☐ organizzazzjonijiet oħra;

Jekk l-għajnuna tingħata lill-benefiċjarji msemmija fil-punt (c) ta' din il-mistoqsija, speċifika:

……

1.3. L-għajnuna hija disponibbli għal min hu eliġibbli fiż-żona kkonċernata b'kundizzjonijiet definiti b'mod oġġettiv?

☐ iva ☐ le

1.4. Meta l-appoġġ tekniku jagħtuh gruppi ta' produtturi jew organizzazzjonijiet oħra, l-aċċess għas-servizz qed jingħata bil-patt u l-kundizzjoni ta' sħubija fi gruppi jew organizzazzjonijiet bħal dawn?

☐ iva ☐ le

1.5. Meta l-appoġġ tekniku jagħtuh gruppi jew organizzazzjonijiet ta' produtturi, il-kontribuzzjoni ta' dawk li mhumiex membri għall-kostijiet amministrattivi tal-grupp jew tal-organizzazzjoni ta' produtturi kkonċernata hija limitata għall-kostijiet tal-forniment tas-servizz?

☐ iva ☐ le

Minbarra l-mistoqsijiet minn 1.1 sa 1.5 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, li huma relatati mal-kundizzjonijiet komuni tat-Taqsima 1.1.10 tal-Linji Gwida, imla t-taqsima/iet rilevanti ta' hawn taħt, applikabbli għall-għajnuna notifikata.

2. GĦAJNUNA GĦALL-ISKAMBJU TAL-GĦARFIEN U AZZJONIJIET TA' INFORMAZZJONI (IT-TAQSIMA 1.1.10.1)

2.1. L-għajnuna hija konsistenti mad-deskrizzjoni tas-Sistema tal-Għarfien u l-Innovazzjoni Agrikola (Agricultural Knowledge and Innovation System, AKIS) ipprovduta fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji:

……

2.2. Liema mill-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jiġi ffinanzjati bl-għajnuna?

(a) ☐ it-taħriġ vokazzjonali u l-kisba ta' ħiliet, inklużi korsijiet ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi u coaching;

(b) ☐ l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni;

(c) ☐ l-azzjonijiet ta' informazzjoni;

(d) ☐ il-promozzjoni tal-innovazzjoni;

(e) ☐ skambji ta' ġestjoni tal-farms fuq perjodu qasir u żjarat fil-farms.

2.3. L-għajnuna tikkontribwixxi għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([482])?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-objettiv tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 li għalih tikkontribwixxi l-għajnuna:

……

([482]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

2.4. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet tal-organizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali u l-kisba ta' ħiliet, inklużi korsijiet ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi u coaching, attivitajiet ta' dimostrazzjoni jew azzjonijiet ta' informazzjoni;

(b) ☐ il-kostijiet tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u l-ispejjeż *per diem* tal-parteċipanti;

(c) ☐ il-kostijiet tal-provvista tas-servizzi ta' sostituzzjoni meta l-parteċipanti jkunu assenti;

(d) ☐ il-kostijiet marbutin ma' proġetti ta' dimostrazzjoni.

2.5. Meta l-għajnuna tingħata għall-kostijiet ta' proġetti ta' dimostrazzjoni, indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostruzzjoni, l-akkwiżizzjoni, inkluż il-lokazzjoni, jew it-titjib tal-proprjetà immobbli, bl-art eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx l-10 % tal-kostijiet totali eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata (ara wkoll il-mistoqsija 2.11 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari hawn taħt);

(b) ☐ ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(c) ☐ il-kostijiet ġenerali marbutin mal-infiq imsemmi fil-punt (286)(d)(i) u (ii) tal-Linji Gwida, bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk tal-konsultazzjoni, tariffi relatati ma' pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji tal-fattibbiltà;

(d) ☐ it-tariffi tal-akkwiżizzjoni, tal-iżvilupp jew tal-użu ta' software tal-kompjuter, cloud u soluzzjonijiet simili, u l-akkwiżizzjoni ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u trademarks;

(e) ☐ l-ispejjeż addizzjonali u l-introjtu mitluf relatati mal-proġett ta' dimostrazzjoni fuq skala żgħira.

Innota li skont il-punt (286)(d)(v) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għal proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala żgħira tista' tingħata għal spejjeż addizzjonali u introjtu mitluf relatati mal-proġett ta' dimostrazzjoni biss f'każijiet debitament ġustifikati.

F'konformità ma' dak il-punt tal-Linji Gwida, jekk l-għajnuna tingħata għall-ispejjeż addizzjonali u għall-introjtu mitluf relatati mal-proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala żgħira, iġġustifika:

……

2.6. Meta l-għajnuna tingħata għall-kostijiet ta' proġetti ta' dimostrazzjoni, imsemmija fil-punt 2.5(a) sa (d) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, dawn il-kostijiet huma eliġibbli biss sal-punt li jintużaw għal proġett ta' dimostrazzjoni u għad-durata tal-proġett ta' dimostrazzjoni?

☐ iva ☐ le

2.7. Meta l-għajnuna tingħata għall-kostijiet ta' proġetti ta' dimostrazzjoni, imsemmija fil-punt 2.5((a) sa (d) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, din l-għajnuna hija limitata għal kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett ta' dimostrazzjoni, kif ikkalkulata fuq il-bażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (287) tal-Linji Gwida, jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett ta' dimostrazzjoni, kif ikkalkulati fuq il-bażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati.

2.8. Huwa meħtieġ li l-korpi li jipprovdu servizzi ta' skambju tal-għarfien u ta' informazzjoni jkollhom il-kapaċitajiet xierqa fil-forma ta' kwalifiki tal-persunal u taħriġ regolari sabiex iwettqu dawk il-kompiti?

☐ iva ☐ le

2.9. Indika l-forma li biha tingħata l-għajnuna:

(a) ☐ servizz issussidjat;

(b) ☐ pagamenti diretti lil benefiċjarju tal-għajnuna.

Innota li skont il-punt (289) tal-Linji Gwida, l-għajnuna msemmija fil-punti (286)(a), (c) u (d)(i) sa (iv) trid tiġi pprovduta fil-forma ta' servizzi ssussidjati. L-għajnuna għall-kostijiet tal-provvista tas-servizzi ta' sostituzzjoni msemmija fil-punt (286)(c) tista', alternattivament, titħallas direttament lill-fornitur ta' servizzi ta' sostituzzjoni. L-għajnuna msemmija fil-punt (286)(d)(v) trid titħallas direttament lill-benefiċjarji. L-għajnuna għal proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala żgħira skont il-punt (286)(d)(i) sa (iv), tista' titħallas direttament lill-benefiċjarji.

2.10. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (290) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

2.11. Jekk l-għajnuna tingħata għall-akkwiżizzjoni tal-art imsemmi fil-punt 2.5(a) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, indika l-intensità tal-għajnuna:

.....

Innota li skont il-punt (286)(d)(i) tal-Linji Gwida, il-kost tal-akkwiżizzjoni tal-art hija eliġibbli għall-għajnuna biss sa limitu li ma jaqbiżx l-10 % tal-kostijiet eliġibbli totali tal-operazzjoni kkonċernata. Jekk din l-għajnuna taqbeż l-10 % tal-kostijiet eliġibbli totali tal-operazzjoni kkonċernata, kompli mill-mistoqsija 2.12 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari.

2.12. Jekk l-għajnuna mogħtija għall-akkwiżizzjoni tal-art taqbeż l-10 % tal-kostijiet eliġibbli totali tal-operazzjoni kkonċernata, indika liema minn dawn l-eċċezzjonijiet li ġejjin japplikaw:

(a) ☐ l-operazzjoni tikkonċerna l-konservazzjoni ambjentali;

(b) ☐ l-operazzjoni tikkonċerna l-preservazzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju;

Innota li skont il-punt (286)(d)(i) tal-Linji Gwida, f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati biss, jista' jiġi permess perċentwal ogħla minn 10 % tal-kostijiet eliġibbli totali tal-operazzjoni kkonċernata għal operazzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni ambjentali u l-preservazzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju.

Fid-dawl tal-punt (286)(d)(i) tal-Linji Gwida, jekk l-għajnuna għall-kost tal-akkwiżizzjoni tal-art taqbeż l-10 % tal-kostijiet eliġibbli totali tal-operazzjoni kkonċernata, iġġustifika:

.....

2.13. Indika l-ammont massimu tal-għajnuna għall-kostijiet tal-investimenti marbuta mal-proġett ta' dimostrazzjoni kif imsemmi fil-punt (286)(d) tal-Linji Gwida:

.....

Innota li skont il-punt (291) tal-Linji Gwida, l-ammont massimu tal-għajnuna għall-kostijiet eliġibbli msemmija fil-punt (286)(d) tal-Linji Gwida jrid ikun limitat għal EUR 100 000 fuq 3 snin fiskali.

3. GĦAJNUNA GĦAL SERVIZZI TA' KONSULENZA (IT-TAQSIMA 1.1.10.2.)

3.1. Il-parir huwa appoġġjat skont din it-Taqsima konsistenti mad-deskrizzjoni tal-AKIS ipprovduta fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (293) tal-Linji Gwida, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-azzjonijiet appoġġjati skont din it-Taqsima jkunu konsistenti mad-deskrizzjoni tal-AKIS ipprovduta fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

3.2. Il-parir huwa marbut ma' mill-anqas wieħed mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-objettiv tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 li miegħu huwa marbut il-parir:

.....

3.3. Indika liema mill-elementi li ġejjin ikopru l-parir:

(a) ☐ l-obbligi li jirriżultaw mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u mill-istandards tal-KAAT stabbiliti skont it-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(b) ☐ il-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent kif imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/2115 u ż-żamma taż-żona agrikola msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(c) ☐ ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE ([483]), id-Direttiva 92/43/KEE ([484]), id-Direttiva 2009/147/KE ([485]), id-Direttiva 2008/50/KE ([486]), id-Direttiva (UE) 2016/2284 ([487]), ir-Regolament (UE) 2016/2031, ir-Regolament (UE) 2016/429 ([488]), l-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ([489]) u d-Direttiva 2009/128/KE ([490]);

(d) ☐ il-prattiki tal-farms li jipprevjenu l-iżvilupp ta' reżistenza għall-antimikrobiċi kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi";

(e) ☐ il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju;

(f) ☐ il-miżuri mmirati għall-modernizzazzjoni tal-farms, it-tiswir tal-kompetittività, l-integrazzjoni settorjali, l-innovazzjoni u l-orjentazzjoni tas-suq kif ukoll il-promozzjoni tal-intraprenditorija;

(g) ☐ it-teknoloġiji diġitali fl-agrikoltura kif imsemmija fl-Artikolu 114, il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(h) ☐ il-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti, inkluż, mhux aktar tard mit-2024, l-użu tal-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti msemmi fl-Artikolu 15(4), il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(i) ☐ il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-obbligi tal-impjegatur kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u l-appoġġ soċjali fil-komunitajiet tal-agrikoltura;

(j) ☐ il-produzzjoni sostenibbli tal-għalf, l-evalwazzjoni tal-għalf f'termini ta' kontenut ta' nutrijenti u valuri tal-għalf, id-dokumentazzjoni, l-ippjanar u l-kontroll tal-għalf tal-annimali tal-razzett abbażi tal-ħtiġijiet.

Innota li skont il-punt (294) tal-Linji Gwida, il-parir irid ikopri bħala minimu, wieħed mill-elementi ta' hawn fuq.

([483]) EUR-Lex - 32000L0060 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([484]) EUR-Lex - 01992L0043-20130701 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([485]) EUR-Lex - 32009L0147 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([486]) EUR-Lex - 32008L0050 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([487]) EUR-Lex - 32016L2284 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([488]) EUR-Lex - 32016R2031 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([489]) EUR-Lex - 32009R1107 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([490]) EUR-Lex - 32009L0128 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

3.4. L-għajnuna tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati?

☐ iva ☐ le

3.5. Huwa meħtieġ li l-korpi magħżula sabiex jipprovdu pariri jkollhom ir-riżorsi xierqa fil-forma ta' taħriġ regolari u persunal ikkwalifikat u esperjenza konsultattiva u affidabbiltà fir-rigward tal-oqsma li jagħtu pariri fihom?

☐ iva ☐ le

3.6. Huwa żgurat li l-parir ikun imparzjali u li l-forniturі ta' servizzi ta' konsulenza ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess?

☐ iva ☐ le

3.7. Il-konsulenza tingħata b'mod parzjali fi grupp?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iġġustifika:

.....

Innota li skont il-punt (298) tal-Linji Gwida, il-parir jista' jingħata parzjalment fi grupp biss f'każijiet debitament ġustifikati u xierqa.

3.8. Jekk il-parir jingħata parzjalment fi grupp, titqies is-sitwazzjoni tal-utent individwali tas-servizzi ta' konsulenza?

☐ iva ☐ le

3.9. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (299) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

3.10. Indika l-ammont tal-għajnuna għal kull impriża attiva fil-produzzjoni agrikola primarja: .....

Innota li skont il-punt (300)(a) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għal kull impriża attiva fil-produzzjoni agrikola primarja ma tridx taqbeż EUR 25 000 fi kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

3.11. Indika l-ammont tal-għajnuna għal kull impriża attiva fl-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom: .....

Innota li skont il-punt (300)(b) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għal kull impriża attiva fl-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u fil-kummerċjalizzazzjoni tagħhom ma tridx taqbeż EUR 200 000 fi kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

4. GĦAJNUNA GĦAL SERVIZZI TA' SOSTITUZZJONI FL-AZJENDI AGRIKOLI (IT-TAQSIMA 1.1.10.3)

4.1. L-uniċi benefiċjarji tal-għajnuna mogħtija skont din it-Taqsima, huma l-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

4.2. L-għajnuna tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati?

☐ iva ☐ le

4.3. L-għajnuna tingħata biss għall-kostijiet reali mġarrba għas-sostituzzjoni ta' bidwi, persuna fiżika li hija membru ta' unità domestika ta' farm, jew ħaddiem fuq farm, matul l-assenza tagħhom mix-xogħol minħabba mard, inkluż mard ta' wliedhom, jew mard serju ta' persuna li tgħix magħhom, li tkun teħtieġ kura kostanti, btala, leave tal-maternità u tal-ġenituri, servizz militari obbligatorju, f'każ ta' mewt jew għall-kostijiet deskritti fil-punt (286)(c) tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Speċifika r-raġuni għas-sostituzzjoni:

.....

4.4. Indika d-durata totali tas-sostituzzjoni: .....

Innota li skont il-punt (304) tal-Linji Gwida, id-durata totali tas-sostituzzjoni għandha tkun limitata għal tliet xhur kull sena għal kull benefiċjarju, ħlief fil-każ ta' sostituzzjoni għal-leave tal-maternità u tal-ġenituri u s-sostituzzjoni waqt servizz militari obbligatorju.

4.5. Jekk l-għajnuna tingħata għall-kostijiet ta' sostituzzjoni minħabba leave tal-maternità u tal-ġenituri, indika d-durata: .....

Innota li skont il-punt (304) tal-Linji Gwida, id-durata tas-sostituzzjoni minħabba leave tal-maternità u tal-ġenituri għandha tkun limitata għal sitt xhur.

4.6. Jekk l-għajnuna tingħata għall-kostijiet ta' sostituzzjoni matul is-servizz militari obbligatorju, indika d-durata:

.....

4.7. Id-durata totali tas-sostituzzjoni minħabba s-servizz militari obbligatorju hija limitata għad-durata tas-servizz?

☐ iva ☐ le

Speċifika t-tul tas-servizz militari obbligatorju:

.....

Innota li skont il-punt (304) tal-Linji Gwida, id-durata tas-sostituzzjoni matul is-servizz militari obbligatorju għandha tkun limitata għad-durata tas-servizz.

4.8. Jekk id-durata totali tas-sostituzzjoni taqbeż il-perjodi ta' tliet xhur u ta' sitt xhur rispettivament, kif imsemmi hawn fuq fil-mistoqsijiet 4.4 u 4.5 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, iġġustifika:

.....

Innota li skont il-punt (304) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tista' tawtorizza estensjoni tal-perjodi ta' tliet xhur u sitt xhur biss f'każijiet debitament ġustifikati.

4.9. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (305) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.1.11. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-KOOPERAZZJONI FIS-SETTUR TAL-AGRIKOLTURA**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat li l-għan tagħha huwa l-kooperazzjoni fis-settur tal-agrikoltura kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.11 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. TIP TA' GĦAJNUNA

1.1. Ikkonferma li l-għajnuna qed tingħata biex tippromwovi l-kooperazzjoni li tikkontribwixxi għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([491]):

☐ iva ☐ le

Speċifika għal liema objettiv tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 tikkontribwixxi l-miżura megħjuna:

……

1.2. L-għajnuna tingħata għall-kooperazzjoni, li tinvolvi mill-anqas żewġ atturi?

☐ iva ☐ le

1.3. Ikkonferma li mhu se tingħata l-ebda għajnuna għall-kooperazzjoni li tinvolvi biss korpi ta' riċerka:

☐ iva ☐ le

1.4. Ikkonferma li meta l-għajnuna tingħata għal kooperazzjoni li tinvolvi atturi attivi fis-settur tal-agrikoltura u f'setturi oħra, atturi attivi fis-settur tal-agrikoltura se jibbenefikaw prinċipalment mill-għajnuna:

☐ iva ☐ le

1.5. Speċifika l-forma tal-kooperazzjoni:

(a) ☐ kooperazzjoni fost impriżi differenti fis-settur tal-agrikoltura, fil-katina alimentari u atturi oħra attivi fis-settur tal-agrikoltura li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi u tal-prijoritajiet tal-politika ta' żvilupp rurali, inklużi gruppi ta' produtturi, kooperattivi u organizzazzjoni interprofessjonali;

(b) ☐ il-ħolqien ta' raggruppamenti u networks;

(c) ☐ is-suċċessjoni tal-farms, b'mod partikolari għat-tiġdid ġenerazzjonali fil-livell tal-farms (l-għajnuna tista' tingħata biss lil bdiewa li jkollhom, jew li sa tmiem l-operazzjoni se jkunu laħqu l-età tal-irtirar, iddeterminata mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu);

(d) ☐ oħra.

Speċifika:

……

1.6. Indika l-attivitajiet ta' kooperazzjoni li għalihom qed tingħata l-għajnuna:

(a) ☐ proġetti pilota;

(b) ☐ l-iżvilupp ta' prodotti, prattiki, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-setturi tal-agrikoltura u tal-ikel, biss sa fejn huma kkonċernati l-prodotti agrikoli;

(c) ☐ kooperazzjoni bejn operaturi żgħar fis-settur tal-agrikoltura fl-organizzazzjoni ta' proċessi ta' ħidma konġunta u l-qsim ta' faċilitajiet u riżorsi;

(d) ☐ kooperazzjoni orizzontali u vertikali fost l-atturi tal-katina tal-provvista għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;

(e) ☐ attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntest lokali relatati mal-iżvilupp ta' katina tal-provvista qasira u swieq lokali;

(f) ☐ azzjoni kollettiva li ssir għall-għanijiet ta' mitigazzjoni jew ta' adattament għat-tibdil fil-klima;

([491]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

(g) ☐ approċċi konġunti għall-proġetti ambjentali u prattiki ambjentali li qegħdin jitħaddmu, fosthom il-ġestjoni effiċjenti tal-ilma, l-użu tal-enerġija rinnovabbli ([492]) u l-preservazzjoni tal-pajsaġġi agrikoli;

(h) ☐ kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn l-atturi tal-katina tal-provvista fil-produzzjoni sostenibbli tal-bijomassa għall-użu fil-produzzjoni tal-ikel jekk ir-riżultat ikun prodott agrikolu u produzzjoni tal-enerġija għall-konsum proprju;

(i) ☐ l-implimentazzjoni, b'mod partikolari minn gruppi ta' sħab pubbliċi u privati għajr dawk definiti fl-Artikolu 31(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/1060 ([493]), ta' strateġiji ta' żvilupp lokali għajr dawk definiti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(j) ☐ forom oħra ta' kooperazzjoni.

Speċifika:

……

1.7. L-għajnuna tingħata biss għal forom ġodda ta' kooperazzjoni, inklużi dawk eżistenti jekk tinbeda attività ġdida?

☐ iva ☐ le

1.8. L-għajnuna għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra, kif imsemmi fil-punt 1.6(d) u (e) tal-Linji Gwida, se tkopri biss ktajjen tal-provvista li jinvolvu xejn aktar minn intermedjarju wieħed bejn bidwi u konsumatur?

☐ iva ☐ le

2. KOSTIJIET ELIĠIBBLI U INTENSITÀ TAL-GĦAJNUNA

2.1. Indika l-kostijiet eliġibbli (sa fejn dawn jikkonċernaw l-attività agrikola):

(a) ☐ il-kostijiet ta' studji taż-żona kkonċernata, studji tal-fattibbiltà, u t-tfassil ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew strateġija ta' żvilupp lokali minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(b) ☐ il-kostijiet operatorji tal-kooperazzjoni, bħas-salarju ta' "koordinatur";

(c) ☐ il-kostijiet tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu implimentati;

(d) ☐ il-kostijiet tal-attivitajiet ta' promozzjoni.

2.2. Indika d-durata li għaliha se tingħata l-għajnuna: ……

Innota li skont il-punt (316) tal-Linji Gwida, l-għajnuna trid tkun limitata għal perjodu massimu ta' seba' snin, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati. Jekk l-għajnuna se tingħata għal perjodu itwal minn seba' snin, kompli mill-mistoqsija 2.3 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari.

2.3. Jekk l-għajnuna se tingħata għal perjodu itwal minn seba' snin, indika r-raġuni:

(a) ☐ l-għajnuna tingħata għal azzjonijiet ambjentali u dwar il-klima kollettivi sabiex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fl-Artikolu 6(1), il-punti (d), (e) u (f) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

Iġġustifika l-ħtieġa għal perjodu itwal:

……

([492]) Dan japplika wkoll għall-kooperazzjoni relatata mal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jew il-produzzjoni tal-bijofjuwils f'azjendi, dment li jitħarsu l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 1.1.1.1 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.

([493]) EUR-Lex - 32021R1060 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

(b) ☐ l-għajnuna tingħata għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari minn gruppi ta' sħab pubbliċi u privati għajr dawk definiti fl-Artikolu 31(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/1060, ta' strateġiji ta' żvilupp lokali għajr dawk definiti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060;

Iġġustifika l-ħtieġa għal perjodu itwal:

……

2.4. Indika l-intensità tal-għajnuna: ……

Innota li skont il-punt (317) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

2.5. Indika l-intensità tal-għajnuna tal-kostijiet tal-investiment tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu implimentati:

……

Skont il-punt (318) tal-Linji Gwida, meta l-għajnuna tingħata għall-kostijiet tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu implimentati li jikkonsistu f'investimenti, l-għajnuna trid tkun limitata għall-intensità massima tal-għajnuna għall-investiment, kif speċifikat fit-Taqsima rilevanti dwar l-għajnuna għall-investiment.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.2.1.1. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA LI TIRRIMEDJA L-ĦSARA KKAĠUNATA MINN DIŻASTRI NATURALI JEW OKKORRENZI EĊĊEZZJONALI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat li hija mfassla biex tikkumpensa għall-ħsara lill-produzzjoni agrikola jew lill-mezzi ta' produzzjoni agrikola kkaġunata minn diżastru naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali kif deskritti fil-Parti II. it-Taqsima 1.2.1.1 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. Speċifika d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali li kkaġunat il-ħsara li għaliha qed jintalab il-kumpens:

……

Skont il-punt (324) tal-Linji Gwida, sal-lum il-ġurnata, il-Kummissjoni aċċettat li terremoti, valangi, uqigħ tal-art u għargħar jistgħu jikkostitwixxu diżastri naturali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis l-inizjattiva tal-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat li tippermetti li ssir eżenzjoni ġenerali ta' dawn il-kategoriji li ġejjin ta' eventi ta' diżastri naturali: trombi tal-arja, uragani, żbroff vulkaniku, u nirien fis-selvaġġ b'oriġini naturali.

Okkorrenzi eċċezzjonali li l-Kummissjoni aċċettat fl-imgħoddi kienu jinkludu gwerer, disturbi interni jew strajkijiet u, b'ċerti riżervi u skont il-kobor tagħhom, aċċidenti nukleari jew industrijali kbar u nirien li jirriżultaw f'telf fuq skala kbira.

Innota li skont il-punt (324) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni se tkompli tevalwa pjanijiet sabiex tingħata għajnuna mill-Istat f'konformità mal-Artikolu 107(2), il-punt (b), tat-Trattat fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li tqis il-prattika preċedenti tagħha f'dan il-qasam.

Kun af ukoll li skont il-punt (330) tal-Linji Gwida, l-għajnuna mogħtija biex tikkumpensa għall-ħsara kkaġunata mit-tip(i) ta' diżastri naturali mhux imsemmija fil-punt (324) tal-Linji Gwida u għall-ħsara kkaġunata minn okkorrenzi eċċezzjonali, trid tiġi nnotifikata individwalment lill-Kummissjoni.

2. L-iskema ta' għajnuna tfasslet bħala skema ta' għajnuna qafas *ex ante*?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika t-tip ta' diżastru naturali kopert mill-iskema *ex ante*:

……

Innota li skont il-punt (329) tal-Linji Gwida, sabiex jitħaffef l-immaniġġar ta' kriżijiet, il-Kummissjoni se tawtorizza skemi ta' għajnuna qafas *ex ante* li jikkumpensaw għall-ħsara kkaġunata minn terremoti, valangi, uqigħ tal-art u għargħar kif ukoll minn trombi tal-arja, uragani, żbroff vulkaniku u nirien fis-selvaġġ ta' oriġini naturali dment li l-kundizzjonijiet li bihom tista' tingħata l-għajnuna f'każijiet bħal dawn ikunu definiti b'mod ċar.

3. Fil-każ ta' skema *ex ante*, ikkonferma li l-kundizzjonijiet li bihom tista' tingħata l-għajnuna huma definiti b'mod ċar:

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji dwar dawk il-kundizzjonijiet:

……

4. Fil-każ ta' skema *ex ante*, ikkonferma li se jkun hemm konformità mal-obbligu ta' rapportar stabbilit fil-punt (651) tal-Linji Gwida:

☐ iva ☐ le

5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rrikonoxxiet formalment l-okkorrenza ta' diżastru naturali jew okkorrenza eċċezzjonali?

☐ iva ☐ le

6. Uri rabta kawżali diretta bejn id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali u l-ħsara mġarrba mill-impriża benefiċjarja:

……

Innota li skont il-punt (325) tal-Linji Gwida, il-kundizzjoni msemmija f'din il-mistoqsija u l-kundizzjoni msemmija fil-mistoqsija 5 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari huma kumulattivi.

7. Il-kriterji li abbażi tagħhom jitqies li ngħata r-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru huma stabbiliti minn qabel?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li huwa xieraq li dawk il-kriterji jiġu stabbiliti minn qabel:

……

8. L-għajnuna titħallas direttament lill-impriża agrikola kkonċernata?

☐ iva ☐ le

9. L-għajnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi li l-impriża agrikola hija membru tagħha?

☐ iva ☐ le

10. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi, huwa żgurat li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża agrikola?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (327) tal-Linji Gwida, meta l-għajnuna titħallas lil grupp u organizzazzjoni ta' produtturi, l-ammont tal-għajnuna ma jridx jaqbeż l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża.

11. L-iskema ta' għajnuna hija stabbilita fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-event?

☐ iva ☐ le

Indika d-data tal-event(i) dannuż(i) li wassal/wasslu għall-ħsara:

……

Innota li skont il-punt (328) tal-Linji Gwida, l-iskema ta' għajnuna trid tiġi stabbilita fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-event dannuż.

12. Indika l-aħħar data li fiha tista' titħallas l-għajnuna:

……

Innota li skont il-punt (328) tal-Linji Gwida, l-għajnuna trid titħallas fi żmien erba' snin wara d-data tal-okkorrenza tal-event dannuż.

Fir-rigward ta' diżastru naturali speċifiku jew okkorrenza eċċezzjonali, il-Kummissjoni se tawtorizza għajnuna notifikata separatament li tidderoga minn din ir-regola biss f'każijiet debitament ġustifikati, pereżempju minħabba n-natura u/jew il-firxa tal-event jew in-natura mdewma jew kontinwa tal-ħsara.

Jekk dan huwa l-każ, spjega għaliex huwa meħtieġ żmien itwal għall-ħlas tal-għajnuna:

……

13. Huma eliġibbli għall-għajnuna biss il-kostijiet tal-ħsara li huma konsegwenza diretta tad-diżastru naturali jew tal-okkorrenza eċċezzjonali?

☐ iva ☐ le

14. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kumpens għall-ħsara materjali lil bini, tagħmir, makkinarju, ħażniet u mezzi tal-produzzjoni;

(b) ☐ il-kumpens għat-telf fid-dħul li tikkawża l-qerda sħiħa jew parzjali tal-produzzjoni agrikola u tal-mezzi ta' produzzjoni agrikola primarja.

15. Il-ħsara hija vvalutata minn awtorità pubblika, minn espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità tal-għoti jew minn impriża tal-assigurazzjoni?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-entità li tivvaluta l-ħsara:

……

16. Ippreżenta l-valutazzjoni preċiża tal-ħsara mġarrba mill-benefiċjarji potenzjali:

……

17. Il-ħsara hija kkalkulata fil-livell tal-benefiċjarju individwali?

☐ iva ☐ le

18. Meta l-għajnuna tingħata għal ħsara materjali, il-kalkolu ta' tali ħsara huwa bbażat fuq il-kost tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-assi affettwat qabel id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali?

☐ iva ☐ le

19. Ikkonferma li meta l-għajnuna tingħata għal ħsara materjali, il-ħsara ma taqbiżx il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżat mid-diżastru naturali jew mill-okkorrenza eċċezzjonali:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (334) tal-Linji Gwida, il-kalkolu tal-ħsara materjali ma jridx jaqbeż il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur ġust tas-suq ikkawżat mid-diżastru naturali jew mill-okkorrenza eċċezzjonali, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi immedjatament qabel u eżattament wara d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali.

20. It-telf tal-introjtu huwa kkalkulat billi jitnaqqas:

(a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti agrikoli prodotti fis-sena tad-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali, jew f'kull sena ta' wara affettwata mill-qerda sħiħa jew parzjali tal-mezzi ta' produzzjoni, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena

minn

(b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja ta' prodotti agrikoli prodotti fil-perjodu ta' tliet snin qabel id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin qabel id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezjonali, ħlief l-ogħla u l-anqas entrata bil-prezz medju tal-bejgħ miksub.

☐ iva ☐ le

21. It-telf tal-introjtu se jiżdied b'kostijiet oħra mġarrba mill-benefiċjarju minħabba d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika kostijiet oħra kkonċernati:

……

22. Ikkonferma li t-telf tal-introjtu se jitnaqqas b'kull kost mhux imġarrab minħabba d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali li b'mod ieħor xorta waħda kien iġarrabhom il-benefiċjarju.

☐ iva ☐ le

23. Jekk jintuża metodu ieħor ta' kalkolu tal-ħsara, dan il-metodu se jkun rappreżentattiv, mhux ibbażat fuq rendimenti għoljin b'mod anormali u ma jirriżultax f'kumpens eċċessiv għal xi benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

Il-kejl tal-firxa tat-telf ikkawżat se jitfassal skont il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull tip ta' prodott, bl-użu ta':

(a) ☐ indiċijiet bijoloġiċi (kwantità ta' telf ta' bijomassa) jew indiċijiet ta' telf ta' rendiment ekwivalenti stabbilit fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, tal-farm jew

(b) ☐ indiċijiet meteoroloġiċi (inkluża l-kwantità ta' xita u t-temperatura) stabbiliti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali?

24. Se jintużaw l-indiċijiet biex tiġi kkalkulata l-produzzjoni agrikola annwali tal-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

25. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 24 hija iva, il-metodu ta' kalkolu użat se jippermetti li jiġi ddeterminat it-telf reali ta' benefiċjarju individwali f'sena partikolari?

☐ iva ☐ le

26. Indika l-intensità tal-għajnuna:

..... % tal-ħsara kkaġunata minn diżastru naturali jew okkorrenza eċċezzjonali.

Innota li skont il-punt (339) tal-Linji Gwida, l-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut bħala kumpens għall-ħsara, inklużi pagamenti minn poloz tal-assigurazzjoni, ma jridux jaqbżu l-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.2.1.2. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA LI TIKKUMPENSA GĦALL-ĦSARA KKAĠUNATA MINN EVENT KLIMATIKU AVVERS LI JISTA' JIĠI ASSIMILAT MA' DIŻASTRU NATURALI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat li hija mfassla biex tikkumpensa għall-ħsara lill-produzzjoni agrikola jew lill-mezzi ta' produzzjoni agrikola kkaġunata minn event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.2 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. Speċifika l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali li kkawża l-ħsara li għaliha qed jintalab il-kumpens:

.....

2. L-għajnuna hija limitata għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (341) tal-Linji Gwida, it-Taqsima 1.2.1.2 tal-Linji Gwida tapplika biss għall-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.

3. L-iskema ta' għajnuna hija mfassla bħala skema ta' għajnuna qafas *ex ante*?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika t-tip ta' event(i) klimatiku/ċi avvers(i) li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali kopert mill-iskema *ex ante*:

.....

4. Jekk l-iskema ta' għajnuna hija mfassla bħala skema *ex ante*, ikkonferma li se jkun hemm konformità mal-obbligu ta' rapportar stabbilit fil-punt (651) tal-Linji Gwida:

☐ iva ☐ le

5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rrikonoxxiet formalment l-okkorrenza tal-event bħala event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali?

☐ iva ☐ le

6. Uri rabta kawżali diretta bejn l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali u l-ħsara mġarrba mill-impriża benefiċjarja:

.....

Innota li skont il-punt (342) tal-Linji Gwida, il-kundizzjoni msemmija f'din il-mistoqsija u l-kundizzjoni msemmija fil-mistoqsija 5 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari huma kumulattivi.

7. Il-kriterji li abbażi tagħhom jitqies li ngħata r-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru huma stabbiliti minn qabel?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri li huwa xieraq li dawk il-kriterji jiġu stabbiliti minn qabel:

.....

8. L-għajnuna titħallas direttament lill-impriża agrikola kkonċernata?

☐ iva ☐ le

9. L-għajnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi li l-impriża agrikola hija membru tagħha?

☐ iva ☐ le

10. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi, huwa żgurat li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża agrikola?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (345) tal-Linji Gwida, meta l-għajnuna titħallas lil grupp u organizzazzjoni ta' produtturi, l-ammont tal-għajnuna ma jridx jaqbeż l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża.

11. L-iskema ta' għajnuna qed tiġi stabbilita fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali?

☐ iva ☐ le

Indika d-data tal-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali li wassal għall-ħsara:

……

Innota li sont il-punt (346) tal-Linji Gwida, l-iskema ta' għajnuna trid tiġi stabbilita fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-event dannuż.

12. Indika l-aħħar data li fiha tista' titħallas l-għajnuna:

……

Innota li skont il-punt (346) tal-Linji Gwida, l-għajnuna trid titħallas fi żmien erba' snin mid-data tal-okkorrenza tal-event ta' ħsara.

13. Ipprovdi informazzjoni meteoroloġika ta' appoġġ fir-rigward tal-event klimatiku avvers inkwistjoni:

……

14. Huma eliġibbli għall-għajnuna biss il-kostijiet tal-ħsara li huma konsegwenza diretta tal-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali?

☐ iva ☐ le

15. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kumpens għal ħsara materjali lill-binjiet tal-farms u lit-tagħmir u lill-makkinarju tal-farms, lill-ħażniet u lill-mezzi ta' produzzjoni kkawżati minn event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali;

(b) ☐ il-kumpens għat-telf tal-introjtu mill-qerda sħiħa jew parzjali tal-produzzjoni agrikola u tal-mezzi ta' produzzjoni kkawżata minn event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

16. Il-ħsara hija vvalutata minn awtorità pubblika, minn espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità tal-għoti jew minn impriża tal-assigurazzjoni?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-entità li tivvaluta l-ħsara:

……

17. Ippreżenta l-valutazzjoni preċiża tal-ħsara mġarrba mill-benefiċjarji potenzjali:

……

18. Il-ħsara hija kkalkulata fil-livell tal-benefiċjarju individwali?

☐ iva ☐ le

19. Il-ħsara materjali lill-assi kkawżata mill-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali hija kkalkulata abbażi tal-kost tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-assi affettwat qabel l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali?

☐ iva ☐ le

20. Ikkonferma li meta l-għajnuna tingħata sabiex tikkumpensa għall-ħsara materjali, il-ħsara kkalkulata b'dan il-mod ma taqbiżx il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżat mill-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (350) tal-Linji Gwida, il-ħsara materjali kkalkulata ma tridx taqbeż il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżat mill-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi immedjatament qabel u immedjatament wara l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

21. Meta t-telf tal-introjtu tal-benefiċjarju jiġi kkalkulat abbażi tal-livell tal-għelejjel jew tal-bhejjem, titqies biss il-ħsara materjali relatata ma' dik l-għalla jew il-bhejjem?

☐ iva ☐ le

22. It-telf tal-introjtu huwa kkalkulat billi jitnaqqas:

(a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti agrikoli prodotti fis-sena tal-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, jew kull sena sussegwenti milquta mill-qerda totali jew parzjali tal-mezzi tal-produzzjoni, skont il-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena

minn

(b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja tal-prodotti agrikoli prodotti fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu preċedenti ta' ħames snin (li jeskludi l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa) bil-prezz medju tal-bejgħ miksub?

☐ iva ☐ le

23. It-telf tal-introjtu se jiżdied b'kostijiet oħra mġarrba mill-benefiċjarju minħabba l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika kostijiet oħra kkonċernati:

……

24. Ikkonferma li t-telf tal-introjtu se jitnaqqas bi kwalunkwe kost mhux imġarrab minħabba l-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, li kieku kien jiġġarrab mill-benefiċjarju:

☐ iva ☐ le

25. L-indiċijiet se jintużaw sabiex tiġi kkalkulata l-produzzjoni agrikola annwali tal-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

26. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 25 hija iva, il-metodu ta' kalkolu użat se jippermetti li jiġi ddeterminat it-telf reali tal-benefiċjarju f'sena partikolari?

☐ iva ☐ le

27. Jekk jintuża metodu ieħor ta' kalkolu tal-ħsara, dan il-metodu se jkun rappreżentattiv, mhux ibbażat fuq rendimenti għoljin b'mod anormali u ma jirriżultax f'kumpens eċċessiv għal xi benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

Il-kejl tal-firxa tal-ħsara kkawżata se jitfassal skont il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull tip ta' prodott, bl-użu ta':

(a) ☐ indiċijiet bijoloġiċi (kwantità ta' telf ta' bijomassa) jew indiċijiet ta' telf ta' rendiment ekwivalenti stabbilit fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, tal-farm jew

(b) ☐ indiċijiet meteoroloġiċi (inkluża l-kwantità ta' xita u t-temperatura) stabbiliti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali?

28. Il-benefiċjarju huwa SME li ġiet stabbilita anqas minn tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li r-referenza għall-kwantità annwali medja matul il-perjodi ta' tliet jew ħames snin fil-punt (352)(b) tal-Linji Gwida trid tinftiehem bħala li tirreferi għall-fatturat iġġenerat jew għall-kwantità prodotta u mibjugħa minn impriża medja tal-istess daqs bħall-applikant, jiġifieri mikrointrapriża jew intrapriża żgħira jew intrapriża medja, rispettivament, fis-settur nazzjonali jew reġjonali affettwat mill-event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali.

29. Indika l-intensità tal-għajnuna:

— ..... % tal-kostijiet eliġibbli,

Innota li skont il-punt (357) tal-Linji Gwida, l-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut bħala kumpens għall-ħsara, inklużi pagamenti skont miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni oħra jew minn poloz tal-assigurazzjoni għall-ħsara li tirċievi l-għajnuna, ma jridux jaqbżu t-80 % tal-kostijiet eliġibbli.

— ..... % tal-kostijiet eliġibbli mġarrba f'żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona.

Innota li skont il-punt (357) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ta' 80 %, imsemmija hawn fuq tista' tiżdied sa 90 % f'żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona.

30. L-ammont tal-għajnuna se jitnaqqas b'mill-anqas 50 % jekk il-benefiċjarji ma jkunux ħadu assigurazzjoni jew ma jkunux ħallsu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi akkreditati fl-Istat Membru li jkopru mill-anqas 50 % tal-produzzjoni annwali medja jew tal-introjtu relatat mal-produzzjoni tagħhom u r-riskji klimatiċi statistikament l-aktar frekwenti fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat?

☐ iva ☐ le

Innota li deroga minn dik il-kundizzjoni hija possibbli biss jekk l-Istat Membru jkun jista' juri b'mod konvinċenti li, minkejja l-isforz raġonevoli kollu, assigurazzjoni affordabbli li tkopri l-aktar riskji klimatiċi statistikament frekwenti fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat ma kinitx disponibbli fiż-żmien meta seħħet il-ħsara.

Jekk dan huwa l-każ, ipprovdi biżżejjed dettalji li juru li dik id-deroga tista' tapplika:

.....

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida:

.....

1.2.1.3. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-MARD TAL-ANNIMALI, IL-PESTI TAL-PJANTI U L-ISPEĊIJIET ALJENI INVAŻIVI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat għall-kostijiet tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali, tal-pesti tal-pjanti u tal-ispeċijiet aljeni invażivi u għajnuna mill-Istat li tirrimedja l-ħsara kkaġunata minn mard tal-annimali, mill-pesti tal-pjanti u mill-ispeċijiet aljeni invażivi kif deskritta fil-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.3 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna hija limitata għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (360) tal-Linji Gwida, it-Taqsima 1.2.1.3 tal-Linji Gwida tapplika biss għall-għajnuna mogħtija lill-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.

2. L-iskema ta' għajnuna hija mfassla bħala skema *ex ante*?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika t-tip ta' mard tal-annimali, pesti tal-pjanti u speċijiet aljeni invażivi koperti mill-iskema *ex ante*:

.....

3. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, l-Istat Membru jista' jikkonferma li se jkun hemm konformità mal-obbligu ta' rapportar stabbilit fil-punt (651) tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

4. Ikkonferma li l-għajnuna se titħallas biss:

(a) ☐ fir-rigward ta' mard tal-annimali, pesti tal-pjanti u infestazzjoni minn speċijiet aljeni invażivi li għalihom jeżistu regoli tal-Unjoni jew nazzjonali, kemm jekk stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva;

(b) ☐ dawn ir-regoli tal-Unjoni jew nazzjonali jikkonċernaw alternattiva minn dawn li ġejjin:

(i) ☐ programm pubbliku fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew reġjonali għall-prevenzjoni, il-kontroll jew l-eradikazzjoni tal-marda tal-annimali, tal-pest tal-pjanti jew tal-ispeċi aljena invażiva kkonċernata;

(ii) ☐ miżuri ta' emerġenza imposti minn awtorità pubblika kompetenti;

(iii) ☐ miżuri sabiex jinqered jew jiġi kkontrollat pest tal-pjanti, implimentati f'konformità mal-Artikoli 17 u 18, l-Artikolu 28(1) u (2), l-Artikolu 29(1) u (2), l-Artikolu 30(1) u l-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 ([494]);

(iv) ☐ miżuri għall-eradikazzjoni jew għall-konteniment ta' speċi aljena invażiva implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 ([495]).

Man-notifika ehmeż deskrizzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni kkonċernati.

([494]) EUR-Lex - 32016R2031 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([495]) EUR-Lex - 32014R1143 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

5. Fir-rigward tal-ħsara kkaġunata mill-pesti tal-pjanti, l-Istat Membru implimenta l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2009/128/KE ([496]) u l-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ([497]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill?

☐ iva ☐ le

6. L-għajnuna hija relatata ma' miżura li fir-rigward tagħha l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiddikjara li l-imposti għall-miżuri meħuda għandhom jiġġarrbu mill-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

7. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, il-kost ta' tali miżuri ta' għajnuna huwa kkumpensat kompletament minn imposti obbligatorji fuq il-benefiċjarji?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (363) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx tkun relatata ma' miżuri li fir-rigward tagħhom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiddikjara li l-kost ta' tali miżuri għandu jiġġarrab mill-benefiċjarju, sakemm il-kost ta' tali miżuri ta' għajnuna ma jkunx ikkumpensat kompletament minn imposti obbligatorji fuq il-benefiċjarji.

8. L-għajnuna titħallas direttament lill-impriża kkonċernata?

☐ iva ☐ le

9. L-għajnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi li l-impriża hija membru fihom?

☐ iva ☐ le

10. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi, huwa żgurat li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża agrikola?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (364) tal-Linji Gwida, meta l-għajnuna titħallas lil grupp u organizzazzjoni ta' produtturi, l-ammont tal-għajnuna ma jridx jaqbeż l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża.

11. Ikkonferma li mhu se tingħata l-ebda għajnuna individwali meta jiġi stabbilit li l-marda jew l-infestazzjoni bil-pest tal-pjanti jew bl-ispeċi aljena invażiva ġiet ikkawżata deliberatament jew minħabba n-negliġenza tal-benefiċjarju:

☐ iva ☐ le

12. Meta l-għajnuna tingħata fir-rigward ta' marda tal-annimali, din il-marda tal-annimali hija msemmija fil-lista ta' mard tal-annimali tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 ([498]), fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/690 ([499]) jew fil-lista ta' mard tal-annimali tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-marda tal-annimali kkonċernata:

……

13. L-għajnuna tingħata fir-rigward ta' mard emerġenti?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika l-marda emerġenti kkonċernata:

……

([496]) EUR-Lex - 32009L0128 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([497]) EUR-Lex - 32009R1107 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([498]) EUR-Lex - 32016R0429 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([499]) EUR-Lex - 32021R0690 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

14. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, dik il-marda għandha l-potenzjal li tissodisfa l-kriterji għall-elenkar tal-mard previsti fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2016/429?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

……

15. Meta l-għajnuna tingħata fir-rigward ta' mard emerġenti, minbarra l-kundizzjoni stabbilita fil-mistoqsija 14 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, il-kriterji li ġejjin, stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 huma ssodisfati?

(a) ☐ il-marda tirriżulta mill-evoluzzjoni jew mill-bidla ta' aġent eżistenti tal-marda;

(b) ☐ hija marda magħrufa li tinfirex lejn żona ġeografika, speċi jew popolazzjoni ġdida;

(c) ☐ hija dijanjostikata għall-ewwel darba fl-Unjoni; jew

(d) ☐ hija kkawżata minn aġent tal-marda mhux rikonoxxut jew li qabel ma kienx rikonoxxut.

16. L-iskema ta' għajnuna qed tiġi introdotta fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-kost jew tal-ħsara kkaġunata mill-marda tal-annimali, mill-pest tal-pjanti jew mill-ispeċi aljena invażiva?

☐ iva ☐ le

Indika d-data tal-okkorrenza tal-marda tal-annimali, tal-pest tal-pjanti jew tal-ispeċi aljena invażiva li wasslu għall-ħsara:

……

Innota li skont il-punt (368) tal-Linji Gwida, l-iskema ta' għajnuna trid tiġi introdotta fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-kost jew tal-ħsara kkaġunata mill-marda tal-annimali, mill-pest tal-pjanti jew mill-ispeċi aljena invażiva.

17. Indika l-aħħar data li fiha tista' titħallas l-għajnuna:

……

Innota li skont il-punt (368) tal-Linji Gwida, l-għajnuna trid titħallas fi żmien erba' snin mid-data tal-okkorrenza tal-event ta' ħsara.

18. L-għajnuna tingħata favur il-miżuri ta' prevenzjoni, imsemmija fil-punt (370) tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (368) tal-Linji Gwida, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-mistoqsijiet 16 u 17 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari ma japplikawx għall-miżuri ta' prevenzjoni msemmija fil-punt (370) tal-Linji Gwida.

19. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet tal-miżuri ta' prevenzjoni:

(i) ☐ il-miżuri ta' bijosigurtà, inkluż għall-prevenzjoni ta' speċijiet aljeni invażivi;

(ii) ☐ il-verifiki tas-saħħa;

(iii) ☐ l-analiżijiet, inkluż fid-djanjostika *in vitro*;

(iv) ☐ it-testijiet u miżuri oħra ta' skrinjar;

(v) ☐ ix-xiri, il-ħżin, l-amministrazzjoni u d-distribuzzjoni ta' vaċċini, mediċini, sustanzi għat-trattament tal-annimali u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali;

(vi) ☐ it-tbiċċir jew il-qtil preventiv tal-annimali jew il-qerda ta' prodotti tal-annimali u pjanti;

(vii) ☐ it-tindif, id-diżinfezzjoni jew id-diżinfestazzjoni tal-azjenda u tat-tagħmir ibbażati fuq l-epidemjoloġija u l-karatteristiċi tal-patoġenu jew tal-vettur.

(b) ☐ il-kostijiet ta' miżuri ta' kontroll jew eradikazzjoni:

(i) ☐ it-testijiet u l-miżuri l-oħra ta' skrinjar fil-każ ta' mard tal-annimali, inklużi testijiet tal-enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli (TSE, transmissible spongiform encephalopathy) u tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE, bovine spongiform encephalopathy);

(ii) ☐ ix-xiri, il-ħżin, l-amministrazzjoni u d-distribuzzjoni ta' vaċċini, mediċini, u sustanzi għat-trattament tal-annimali u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(iii) ☐ it-tbiċċir jew il-qtil u l-qerda tal-annimali u l-qerda ta' prodotti marbutin magħhom jew il-qerda ta' pjanti, inklużi dawk li jmutu jew jinqerdu bħala riżultat tat-tilqim jew miżuri oħra ordnati mill-awtorità kompetenti u t-tindif, id-diżinfezzjoni jew id-diżinfestazzjoni tal-azjenda u tat-tagħmir;

(iv) ☐ ix-xiri, il-ħżin, l-amministrazzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti sabiex jiġu indirizzati speċijiet aljeni invażivi tal-pjanti;

(v) ☐ ix-xiri, il-ħżin, l-użu u d-distribuzzjoni ta' nases jew tagħmir ieħor sabiex jiġu indirizzati speċijiet aljeni invażivi tal-annimali.

(c) ☐ l-għajnuna li tirrimedja l-ħsara kkaġunata minn marda tal-annimali, pest tal-pjanti jew speċi aljena invażiva;

(d) ☐ kostijiet oħra. Speċifika: .....

Innota li skont il-punt (377) tal-Linji Gwida, f'każijiet eċċezzjonali u debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-kostijiet imġarrba fit-twettiq tal-miżuri meħtieġa għajr dawk imsemmija fit-Taqsima 1.2.1.3 tal-Linji Gwida.

Jekk l-għajnuna hija relatata ma' kostijiet oħra għajr dawk imsemmija fit-Taqsima 1.2.1.3 tal-Linji Gwida, spjega għaliex tqis li s-sitwazzjoni hija eċċezzjonali u li tali kostijiet huma debitament iġġustifikati:

.....

20. Speċifika l-forma tal-għajnuna mogħtija għall-miżuri ta' prevenzjoni u eradikazzjoni:

(a) ☐ servizz issussidjat.

Ikkonferma li din l-għajnuna titħallas lill-fornitur tal-miżuri ta' prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni:

☐ iva ☐ le

(b) ☐ għotja diretta.

Innota li skont il-punt (372) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tingħata bħala għotja diretta għall-kostijiet eliġibbli msemmija fil-punti (370)(e) u (371)(b) tal-Linji Gwida biss u l-kostijiet eliġibbli msemmija fil-punti (370)(f) u (371)(c) tal-Linji Gwida fil-każ ta' pesti tal-pjanti u għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-azjenda u tat-tagħmir.

(c) ☐ rimborż tal-kostijiet reali lill-benefiċjarju mal-preżentazzjoni lill-awtorità tal-għoti ta' prova tal-kostijiet imġarrba.

Innota li skont il-punt (372) tal-Linji Gwida, l-għajnuna b'rabta ma' kostijiet oħra msemmija fil-punti (370) u (371) tal-Linji Gwida tista' titħallas direttament lil benefiċjarju bħala rimborż tal-kostijiet reali mġarrba biss f'każijiet debitament ġustifikati u mal-preżentazzjoni lill-awtorità tal-għoti ta' prova tal-kostijiet imġarrba.

Jekk dan huwa l-każ, ipprovdi l-ġustifikazzjoni:

.....

21. Meta l-għajnuna tingħata sabiex tirrimedja l-ħsara kkaġunata minn marda tal-annimali, pest tal-pjanti jew speċi aljena invażiva, il-kumpens jiġi kkalkulat fir-rigward ta':

(a) il-valur tas-suq tal-annimali mbiċċra jew maqtula jew li mietu jew il-prodotti marbuta magħhom, jew il-pjanti meqruda:

(i) bħala riżultat tal-marda tal-annimali, tal-pest tal-pjanti jew tal-infestazzjoni mill-ispeċi aljena invażiva,

(ii) bħala parti minn programm pubbliku jew miżura msemmija fil-punt (361)(b) tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

(b) it-telf tal-introjtu minħabba obbligi ta' kwarantina u diffikultajiet fir-riforestazzjoni, it-tħawwil mill-ġdid u n-newba obbligatorja tal-għelejjel imposti bħala parti minn programm pubbliku jew miżura msemmija fil-punt (361)(b) tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

22. Il-valur tas-suq imsemmi fil-mistoqsija preċedenti huwa stabbilit abbażi tal-valur tal-annimali, tal-prodotti u tal-pjanti immedjatament qabel ma jkun inħoloq jew ġie kkonfermat kwalunkwe suspett tal-marda tal-annimali jew tal-pest tal-pjanti jew tal-infestazzjoni minn speċi aljena invażiva?

☐ iva ☐ le

23. Ikkonferma li l-ammont tal-għajnuna li tirrimedja l-ħsara kkaġunata minn marda tal-annimali, pest tal-pjanti jew speċi aljena invażiva se jitnaqqas bi:

(a) kwalunkwe kost mhux imġarrab direttament minħabba l-marda tal-annimali, il-pest tal-pjanti jew l-ispeċi aljena invażiva, li kieku kien jiġġarrab mill-benefiċjarju;

(b) kwalunkwe dħul magħmul mill-bejgħ ta' prodotti marbuta mal-annimali mbiċċra jew maqtula u mal-pjanti meqruda għal finijiet preventivi jew ta' eradikazzjoni fuq ordni tal-awtorità tal-Istat Membru.

☐ iva ☐ le

24. L-ammont tal-għajnuna li tirrimedja l-ħsara msemmija fil-mistoqsija 21 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari huwa limitat għall-kostijiet u l-ħsara kkaġunata minn mard tal-annimali, pesti tal-pjanti jew speċijiet aljeni invażivi li għalihom l-awtorità kompetenti:

(a) ☐ tkun irrikonoxxiet formalment tifqigħa, fil-każ ta' marda tal-annimali, jew

(b) ☐ tkun irrikonoxxiet formalment il-preżenza tagħhom, fil-każ ta' pesti tal-pjanti u speċijiet aljeni invażivi?

25. Indika l-intensità tal-għajnuna:

…. % tal-kostijiet eliġibbli.

Innota li skont il-punt (378) tal-Linji Gwida, l-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut mill-benefiċjarju, inklużi pagamenti skont miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni oħra jew minn poloz tal-assigurazzjoni jew fondi mutwi għall-istess kostijiet eliġibbli, ma jridux jaqbżu l-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.2.1.4. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL BHEJJEM MEJTA**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat għal bhejjem mejta kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.4 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata biss lil impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (380) tal-Linji Gwida, it-Taqsima 1.2.1.4 tal-Parti II tal-Linji Gwida hija limitata għall-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.

2. L-għajnuna tiddependi mill-eżistenza ta' programm ta' monitoraġġ konsistenti li jiżgura r-rimi sikur tal-bhejjem mejta kollha fl-Istat Membru?

☐ iva ☐ le

3. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet tat-tneħħija ta' bhejjem mejta;

(b) ☐ il-kostijiet tal-qerda tal-bhejjem mejta;

4. Indika l-intensità tal-għajnuna:

— ..... % tal-kostijiet tat-tneħħija ta' bhejjem mejta;

— ..... % tal-kostijiet tal-qerda tal-bhejjem mejta;

— ..... % tal-kostijiet tat-tneħħija u tal-qerda tal-bhejjem mejta meta l-għajnuna hija ffinanzjata permezz ta' tariffi jew permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji maħsuba għall-finanzjament tat-tneħħija u tal-qerda tal-bhejjem mejta, dment li tali tariffi jew kontribuzzjonijiet ikunu limitati għas-settur tal-laħam u imposti direttament fuqu;

Ikkonferma li dawn it-tariffi jew kontribuzzjonijiet huma limitati għas-settur tal-laħam u imposti direttament fuqu:

☐ iva ☐ le

☐ …..% tal-kostijiet tat-tneħħija u tal-qerda tal-bhejjem mejta fejn hemm obbligu li jitwettqu testijiet tat-TSE fuq il-bhejjem mejta kkonċernati jew fil-każ ta' tifqigħa ta' marda tal-annimali msemmija fil-lista ta' mard tal-annimali msemmija fil-punt (366) tal-Linji Gwida.

5. L-għajnuna tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (383) tal-Linji Gwida, l-għajnuna trid tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati, ħlief meta min irabbi l-bhejjem li huwa l-benefiċjarju tal-għajnuna jaġixxi wkoll bħala fornitur ta' servizzi.

6. Jekk l-għajnuna tingħata f'forma oħra għajr is-servizz issussidjat, min irabbi l-bhejjem li huwa l-benefiċjarju tal-għajnuna jaġixxi wkoll bħala fornitur ta' servizzi?

☐ iva ☐ le

Innota li din hija l-unika eċċezzjoni tal-kundizzjoni tal-għoti tal-għajnuna fil-forma ta' servizzi ssussidjati.

7. L-għajnuna se titħallas lill-operaturi ekonomiċi jew lill-korpi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin?

(a) ikunu attivi downstream mill-impriżi attivi fis-settur tat-trobbija tal-bhejjem, u

(b) jipprovdu servizzi marbutin mat-tneħħija u mal-qerda tal-bhejjem mejta?

☐ iva ☐ le

8. L-għajnuna tingħata għall-kostijiet tar-rimi tal-iskart tal-biċċeriji?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (385) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni mhijiex se tawtorizza għajnuna għall-bhejjem mejta mogħtija lill-operaturi attivi fl-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u għajnuna għall-kostijiet tar-rimi tal-iskart tal-biċċeriji.

9. L-għajnuna tingħata għal investimenti li jsiru fir-rigward tar-rimi tal-iskart tal-biċċeriji?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (385) tal-Linji Gwida, l-għajnuna mill-Istat għall-investimenti li jsiru b'rabta mar-rimi tal-iskart tal-biċċeriji se tiġi eżaminata skont ir-regoli rilevanti li japplikaw għall-għajnuna għall-investiment. Għalhekk, imla l-formola ta' notifika rilevanti.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.2.1.5. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA BĦALA KUMPENS GĦALL-ĦSARA KKAĠUNATA MINN ANNIMALI PROTETTI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat li hija mfassla biex tikkumpensa għall-ħsara kkaġunata mill-annimali protetti kif deskritt fil-Parti II, fit-Taqsima 1.2.1.5 tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tapplika biss għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

2. Benefiċjarju ħa miżuri preventivi, li huma proporzjonati għar-riskju ta' ħsara kkaġunata minn annimali protetti fiż-żona kkonċernata?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-miżuri preventivi meħuda (bħal ċnut tas-sikurezza fejn possibbli, klieb tal-għassa tal-bhejjem):

.....

Innota li skont il-punt (388) tal-Linji Gwida, sabiex jittaffa r-riskju ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u biex jiġi pprovdut inċentiv biex jitnaqqas ir-riskju, il-benefiċjarji jridu jipprovdu kontribuzzjoni minima. Din il-kontribuzzjoni trid tieħu l-forma ta' miżuri preventivi, li huma proporzjonati għar-riskju ta' ħsara kkaġunata minn annimali protetti fiż-żona kkonċernata. Dan il-punt ma għandux japplika għall-ewwel attakk ta' annimal protett f'żona partikolari. Barra minn hekk, jekk il-miżuri preventivi ma jkunux raġonevolment possibbli, l-Istat Membru kkonċernat irid juri l-impossibbiltà li jieħu tali miżuri preventivi sabiex l-għajnuna titqies kompatibbli.

Jekk ma ddaħħlu fis-seħħ l-ebda miżuri preventivi, spjega għaliex mhuwiex possibbli li jittieħdu miżuri bħal dawn jew ikkonferma li l-għajnuna tikkonċerna l-ewwel attakk:

……

3. Liema annimal protett ikkawża l-ħsara li għaliha huwa previst il-kumpens?

……

4. Iddeskrivi l-ħsara mġarrba:

……

5. L-għajnuna titħallas direttament lill-impriża agrikola kkonċernata?

☐ iva ☐ le

6. L-għajnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi li l-impriża hija membru fihom?

☐ iva ☐ le

7. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp jew lil organizzazzjoni ta' produtturi, ikkonferma li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli l-impriża.

☐ iva ☐ le

8. L-iskema ta' għajnuna hija stabbilita fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-event dannuż?

☐ iva ☐ le

Speċifika meta seħħ l-event dannuż: ……

Innota li sont il-punt (391) tal-Linji Gwida, l-iskema ta' għajnuna trid tiġi stabbilita fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-event dannuż.

9. Indika l-aħħar data li fiha tista' titħallas l-għajnuna:

……

Innota li skont il-punt (391) tal-Linji Gwida, l-għajnuna trid titħallas fi żmien erba' snin mid-data tal-okkorrenza tal-event ta' ħsara.

10. L-għajnuna tingħata biss għall-kostijiet imġarrba bħala konsegwenza diretta tal-event li kkawża l-ħsara, kif ivvalutat jew minn awtorità pubblika, minn espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità awtorizzanti jew minn impriża tal-assigurazzjoni?

☐ iva ☐ le

11. Uri rabta kawżali diretta bejn il-ħsara mġarrba minn benefiċjarju tal-għajnuna u l-imġiba tal-annimali protetti.

……

12. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-ħsara għall-annimali maqtula jew għall-pjanti meqruda;

(b) ☐ il-kostijiet indiretti: il-kostijiet tal-veterinarju li jirriżultaw mill-kura tal-annimali mwegġgħin u l-kostijiet tax-xogħol marbuta mat-tiftix għal annimali mitlufin; it-telf tal-introjtu minħabba rendimenti tal-produzzjoni aktar baxx marbut ma' attakki minn annimali protetti;

(c) ☐ il-ħsara materjali lit-tagħmir tal-farms, lill-makkinarju u lill-binjiet u lill-ħażniet tal-farms;

(d) ☐ it-telf tal-introjtu.

Innota li l-għajnuna għall-investimenti relatati ma' miżuri għall-prevenzjoni tal-ħsara kkawżata minn annimali protetti tista' tingħata f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Parti II, it-Taqsima 1.1.1.1 tal-Linji Gwida relatati mal-għajnuna għall-investimenti f'azjendi agrikoli.

13. Jekk l-għajnuna tingħata biex tikkumpensa għall-ħsara lill-annimali maqtula jew il-pjanti meqruda, kif imsemmi fil-mistoqsija 12(a) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, il-kostijiet eliġibbli huma kkalkulati fuq il-bażi tal-valur tas-suq tal-annimali maqtula jew tal-pjanti meqruda?

☐ iva ☐ le

14. Jekk l-għajnuna tingħata biex tikkumpensa għall-kostijiet indiretti, kif imsemmi fil-mistoqsija 12(b) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, indika b'mod eżawrjenti l-kostijiet indiretti kollha li jistgħu jiġu rimborżati:

.....

15. Jekk l-għajnuna tingħata bħala kumpens għall-ħsara materjali, kif imsemmi fil-mistoqsija 12(c) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, il-kalkolu tal-ħsara materjali huwa bbażat fuq il-kost tat-tiswija jew tal-valur ekonomiku tal-assi affettwat qabel l-event li kkawża l-ħsara?

☐ iva ☐ le

16. Ikkonferma li l-għajnuna ma taqbiżx il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżat mill-event li kkawża l-ħsara, jiġifieri, id-differenza bejn il-valur tal-assi immedjatament qabel u immedjatament wara l-event:

☐ iva ☐ le

17. It-telf tal-introjtu huwa kkalkulat fil-livell tal-produzzjoni annwali tal-farms jew fil-livell tal-popolazzjoni tal-bhejjem jew tal-għelejjel billi jitnaqqas:

(a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti agrikoli prodotti fis-sena tal-event dannuż, bil-prezz tal-bejgħ medju akkwistat matul dik is-sena minn

(b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja ta' prodotti agrikoli prodotti fil-perjodu ta' tliet snin qabel l-event dannuż, jew il-medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin qabel l-event dannuż, eskluża l-ogħla u l-anqas entrata bil-prezz medju tal-bejgħ medju miksub?

☐ iva ☐ le

18. Il-ħsara hija kkalkulata fil-livell tal-benefiċjarju individwali?

☐ iva ☐ le

19. Il-kostijiet mhux imġarrba mill-event dannuż, li kieku kienu jiġġarrbu mill-benefiċjarju, u kull dħul magħmul mill-bejgħ tal-prodotti marbuta mal-annimali maqtula jew mal-pjanti meqruda mill-annimali protetti, jitnaqqsu mill-ammont tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

20. Indika l-intensità tal-għajnuna:

— ….. % tal-kostijiet eliġibbli;

— ….. % tat-total tal-kostijiet eliġibbli indiretti.

21. L-għajnuna, inklużi pagamenti skont miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni jew minn poloz tal-assikurazzjoni għall-ħsara li għaliha tingħata l-għajnuna, hija limitata għall-100 % tal-kostijiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.2.1.6. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-PAGAMENT TA' PRIMJUMS TAL-ASSIGURAZZJONI**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe skema ta' għajnuna mill-Istat imfassla biex tikkumpensa għall-pagament ta' primjums tal-assigurazzjoni kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.6 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna hija limitata għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja agrikola?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (403) tal-Linji Gwida, it-Taqsima 1.2.1.6 tal-Linji Gwida tapplika biss għall-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja agrikola.

2. Ikkonferma li l-miżura ma tikkostitwixxix ostaklu għall-operat tas-suq intern għas-servizzi tal-assigurazzjoni:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (404) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx tikkostitwixxi ostaklu għall-operat tas-suq intern għas-servizzi tal-assigurazzjoni.

3. L-għajnuna hija limitata għall-assigurazzjoni pprovduta minn kumpanija waħda jew grupp ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (404) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma trids tkun limitata għall-assigurazzjoni pprovduta minn kumpanija waħda jew minn grupp ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni.

4. L-għajnuna tingħata soġġetta għall-kundizzjoni li jiġi ffirmat il-kuntratt ta' assigurazzjoni ma' kumpanija stabbilita fl-Istat Membru?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (404) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx tkun soġġetta għall-kundizzjoni li jiġi ffirmat kuntratt ta' assigurazzjoni ma' kumpanija stabbilita fl-Istat Membru kkonċernat.

5. L-għajnuna tkopri r-riassigurazzjoni?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (405) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni se teżamina l-iskemi ta' riassigurazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ.

Għalhekk, jekk it-tweġiba għal din il-mistoqsija hija iva, ipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika l-komponenti ta' għajnuna possibbli fil-livelli differenti involuti (jiġifieri, fil-livell tal-assiguratur u/jew tar-riassiguratur) u l-kompatibbiltà tal-għajnuna proposta mas-suq intern. B'mod partikolari, issottometti biżżejjed informazzjoni biex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika li l-benefiċċju finali tal-għajnuna jiġi mgħoddi lill-bidwi.

6. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet tal-primjum tal-assigurazzjoni għall-assigurazzjoni biex tkopri l-ħsara kkaġunata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, mard tal-annimali, pesti tal-pjanti u speċijiet aljeni invażivi, it-tneħħija u l-qerda ta' bhejjem mejta u l-ħsara kkaġunata minn annimali protetti, kif imsemmi fit-Taqsimiet 1.2.1.1, 1.2.1.2, 1.2.1.3, 1.2.1.4 u 1.2.1.5 tal-Linji Gwida, kif ukoll minn eventi klimatiċi avversi oħra;

Speċifika l-event ta' riskju kopert mill-assigurazzjoni: .....

(b) ☐ il-kostijiet tal-primjum tal-assigurazzjoni għall-assigurazzjoni biex ikopri t-telf ikkawżat minn inċidenti ambjentali;

7. L-assigurazzjoni li għaliha tingħata l-għajnuna hija limitata għal kumpens għal mhux aktar mill-kost li tirremedja l-ħsara kkaġunata mill-eventi msemmija fil-mistoqsija 6?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (407) tal-Linji Gwida, l-assigurazzjoni tista' tikkumpensa biss għall-kost li tirremedja l-ħsara msemmija fil-punt (406) tal-Linji Gwida.

8. L-assigurazzjoni teħtieġ jew tispeċifika t-tip jew il-kwantità ta' produzzjoni futura?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (407) tal-Linji Gwida, l-assigurazzjoni tista' ma teħtieġx jew ma tispeċifikax it-tip jew il-kwantità ta' produzzjoni futura.

9. Jekk l-għajnuna tingħata għal primjums tal-assigurazzjoni għal assigurazzjoni kontra telf ikkawżat minn inċidenti ambjentali, l-okkorrenza tal-inċident ambjentali ġiet rikonoxxuta formalment bħala tali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru?

☐ iva ☐ le

10. Meta l-għajnuna tingħata għal primjums tal-assigurazzjoni għal assigurazzjoni kontra telf ikkawżat minn inċidenti ambjentali, l-Istat Membru stabbilixxa minn qabel kriterji li abbażi tagħhom jitqies li ngħata r-rikonoxximent formali msemmi fil-mistoqsija 9 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari?

☐ iva ☐ le

11. L-indiċijiet, imsemmija fil-punti (337) u (338) tal-Linji Gwida, intużaw sabiex tiġi kkalkulata l-produzzjoni agrikola annwali tal-benefiċjarju u l-firxa tat-telf?

☐ iva ☐ le

12. Speċifika l-intensità tal-għajnuna:

— ….. % tal-kostijiet tal-primjum tal-assigurazzjoni;

— ….. % tal-kostijiet tal-primjum tal-assigurazzjoni għall-assigurazzjoni li tkopri t-tneħħija ta' bhejjem mejta;

— ….. % tal-kost tal-primjum tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-primjums tal-assigurazzjoni għall-qerda ta' tali bhejjem mejta.

Innota li skont il-punt (411) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż is-70 % tal-kost tal-primjum tal-assigurazzjoni. Fir-rigward tal-għajnuna għat-tneħħija u l-qerda tal-bhejjem mejta, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kost tal-primjum tal-assigurazzjoni fir-rigward ta' primjums tal-assigurazzjoni għat-tneħħija ta' bhejjem mejta u l-75 % tal-kost tal-primjum tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-primjums tal-assigurazzjoni għall-qerda ta' tali bhejjem mejta.

13. L-ammont tal-primjum tal-assigurazzjoni eliġibbli għall-għajnuna se jkun limitat bl-applikazzjoni ta' limitu massimu?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika l-limitu massimu:

.....

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.2.1.7. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-KONTRIBUZZJONIJIET FINANZJARJI GĦAL FONDI MUTWI**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe skema ta' għajnuna mill-Istat imfassla biex tikkumpensa għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.2.1.7 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna hija limitata għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja agrikola?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (414) tal-Linji Gwida, it-Taqsima 1.2.1.7 tal-Linji Gwida tapplika biss għall-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja agrikola.

2. Il-fond mutwu ġie akkreditat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali?

☐ iva ☐ le

3. Il-fond mutwu għandu politika trasparenti dwar pagamenti fil-fond u l-ġbid minnu?

☐ iva ☐ le

4. Il-fond mutwu għandu regoli ċari li jattribwixxu r-responsabbiltajiet għal kwalunkwe dejn imġarrab?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (415) tal-Linji Gwida, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-mistoqsijiet 2, 3 u 4 huma kumulattivi.

5. Ġew definiti regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fond mutwu, b'mod partikolari għall-għoti ta' pagamenti bħala kumpens, kif ukoll għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-regoli?

☐ iva ☐ le

6. L-arranġamenti tal-fond mutwu jipprevedu penali f'każ ta' negliġenza min-naħa tal-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

7. Speċifika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi biex jitħallas kumpens lill-bdiewa għall-ħsara kkaġunata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, mard tal-annimali, pesti tal-pjanti u speċijiet aljeni invażivi, it-tneħħija u l-qerda ta' bhejjem mejta u l-ħsara kkaġunata minn annimali protetti, kif imsemmi fit-Taqsimiet 1.2.1.1, 1.2.1.2, 1.2.1.3, 1.2.1.4 u 1.2.1.5, u minn eventi klimatiċi avversi oħra;

Speċifika l-event ta' riskju kopert mill-kontribuzzjoni finanzjarja għal fond mutwu:

……

(b) ☐ il-kostijiet tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi biex jitħallas kumpens lill-bdiewa għal ħsara kkaġunata minn inċidenti ambjentali.

8. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jirreferu biss għall-ammonti mħallsa mill-fond mutwu bħala kumpens finanzjarju lill-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

9. Meta l-għajnuna tingħata għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi biex jitħallas kumpens għall-ħsara kkaġunata minn inċidenti ambjentali, l-okkorrenza tal-inċident ambjentali tkun ġiet rikonoxxuta formalment bħala tali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (418) tal-Linji Gwida, l-okkorrenza tal-inċident ambjentali trid tiġi rikonoxxuta formalment bħala tali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

10. Meta l-għajnuna tingħata għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi biex jitħallas kumpens għall-ħsara kkaġunata minn inċidenti ambjentali, l-Istat Membru stabbilixxa minn qabel kriterji li abbażi tagħhom jitqies li ngħata r-rikonoxximent formali msemmi?

☐ iva ☐ le

11. L-indiċijiet imsemmija fil-punti (337) u (338) tal-Linji Gwida ntużaw sabiex tiġi kkalkulata l-produzzjoni agrikola annwali tal-benefiċjarju u l-firxa tat-telf?

☐ iva ☐ le

12. Speċifika l-intensità tal-għajnuna:

….. % tal-kostijiet eliġibbli.

Innota li skont il-punt (421) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż is-70 % tal-kostijiet eliġibbli.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.3.1. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI GĦALL-GĦAJNUNA GĦALL-GĦELUQ TAL-KAPAĊITÀ TA' PRODUZZJONI**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat għall-għeluq tal-kapaċità ta' produzzjoni kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.3.1 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. GĦELUQ TAL-KAPAĊITÀ GĦAL RAĠUNIJIET TA' SAĦĦA TAL-ANNIMALI, TAL-PJANTI JEW TAL-BNIEDEM, KIF UKOLL GĦAL RAĠUNIJIET SANITARJI, ETIĊI, AMBJENTALI JEW KLIMATIĊI (il-Parti II, it-Taqsima 1.3.1.1 tal-Linji Gwida)

1.1. Speċifika r-raġuni għall-għeluq tal-kapaċità:

(a) ☐ is-saħħa tal-annimali;

(b) ☐ is-saħħa tal-pjanti;

(c) ☐ is-saħħa tal-bniedem;

(d) ☐ raġunijiet sanitarji;

(e) ☐ raġunijiet etiċi;

(f) ☐ raġunijiet ambjentali jew klimatiċi.

Iddeskrivi r-raġuni(jiet) f'aktar dettall:

……

1.2. Il-miżura hija maħsuba bħala l-iskema ta' għajnuna jew bħala għajnuna individwali?

(a) ☐ skema ta' għajnuna;

(b) ☐ għajnuna individwali.

Jekk il-miżura hija l-iskema ta' għajnuna, ikkonferma li l-għajnuna se tkun aċċessibbli għall-impriżi eliġibbli kollha:

☐ iva ☐ le

1.3. Speċifika jekk l-għajnuna tingħatax għal:

(a) ☐ l-għeluq sħiħ tal-kapaċità;

(b) ☐ l-għeluq parzjali tal-kapaċità.

Jekk l-għajnuna tingħata għall-għeluq parzjali tal-kapaċità, iġġustifika:

……

1.4. Il-benefiċjarju jipprovdi kontribuzzjoni minima fil-forma ta' impenn definittiv u irrevokabbli biex ineħħi jew jagħlaq b'mod irrevokabbli l-kapaċità ta' produzzjoni kkonċernata?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (425) tal-Linji Gwida, il-benefiċjarju jrid jipprovdi kontribuzzjoni minima fil-forma ta' deċiżjoni definittiva u irrevokabbli biex ineħħi jew jagħlaq b'mod irrevokabbli l-kapaċità ta' produzzjoni kkonċernata. Iridu jinkisbu impenji legalment vinkolanti mill-benefiċjarju li l-għeluq tal-kapaċità ta' produzzjoni huwa definittiv u ma jistax jitreġġa' lura u li l-benefiċjarju mhux se jibda l-istess attività xi mkien ieħor. Dawk l-impenji jridu jkunu vinkolanti wkoll għal kwalunkwe xerrej ieħor tal-art jew faċilità kkonċernata fil-futur.

1.5. L-għajnuna hija limitata għal impriżi li fil-fatt kienu qed jipproduċu, u għal kapaċitajiet ta' produzzjoni li fil-fatt kienu qed jintużaw b'mod kostanti matul l-aħħar ħames snin qabel l-għeluq tal-kapaċità?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (426) tal-Linji Gwida, huma eliġibbli għall-għajnuna biss l-impriżi li fil-fatt kienu qegħdin jipproduċu, u huma biss il-kapaċitajiet ta' produzzjoni li fil-fatt kienu qegħdin jintużaw b'mod kostanti matul l-aħħar ħames snin qabel l-għeluq tal-kapaċità. F'każijiet fejn il-kapaċità ta' produzzjoni tkun diġà għalqet b'mod definittiv, jew fejn tali għeluq jidher li jkun inevitabbli, ma jkun hemm l-ebda sforz minimu (suffiċjenti) ta' kontribuzzjoni mill-benefiċjarju, u l-għajnuna ma tistax tingħata.

1.6. L-għajnuna hija limitata għal impriżi li jissodisfaw l-istandards tal-Unjoni?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (428) tal-Linji Gwida, huma biss l-impriżi li jissodisfaw l-istandards tal-Unjoni li huma eliġibbli għall-għajnuna. Impriżi li ma jissodisfawx l-istandards tal-Unjoni u li jkunu obbligati jwaqqfu l-produzzjoni xorta waħda huma esklużi.

1.7. Ir-raba' miftuħ li jitwaqqaf mill-produzzjoni se jinsaġar jew jinqeleb f'żona naturali fi żmien sentejn?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (429) tal-Linji Gwida, sabiex jiġu evitati l-erożjoni u effetti negattivi oħra fuq l-ambjent, ir-raba' miftuħ li jitwaqqaf mill-produzzjoni jrid fil-prinċipju jinsaġar jew jinqeleb f'żona naturali fi żmien sentejn u b'tali mod li jiġi żgurat li jiġu evitati effetti negattivi fuq l-ambjent. Sabiex jiġu evitati effetti klimatiċi negattivi, l-art agrikola kkonvertita mill-ġdid għal art mistagħdra jew torbiera ma għandhiex tinsaġar b'mod mhux xieraq.

1.8. Meta r-raba' miftuħ jista' jerġa' jintuża wara 20 sena wara l-għeluq effettiv tal-kapaċità, dan ir-raba' se jinżamm, sa dak iż-żmien, f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba f'konformità mal-istandards tal-KAAT stabbiliti fit-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([500]) u mar-regoli ta' implimentazzjoni rilevanti b'tali mod li jiġi żgurat li jiġu evitati effetti negattivi fuq l-ambjent?

☐ iva ☐ le

1.9. Ikkonferma li meta l-għeluq tal-installazzjonijiet jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75 ([501]), tali għeluq se jitwettaq f'konformità mal-Artikoli 11 u 22 ta' dik id-Direttiva.

☐ iva ☐ le

1.10. Speċifika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ it-telf fil-valur tal-assi mkejjel bħala l-valur tal-bejgħ attwali tal-assi;

(b) ☐ il-pagament ta' inċentiv ta' massimu ta' 20 % tal-valur tal-assi, fejn il-kapaċità tingħalaq għal raġunijiet ambjentali jew klimatiċi;

(c) ☐ il-kostijiet sabiex tinqered il-kapaċità ta' produzzjoni;

(d) ☐ il-kostijiet soċjali obbligatorji li jiġġarrbu bl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-għeluq.

Innota li l-għajnuna għat-tisġir u l-konverżjoni tal-art f'żoni naturali trid tingħata f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-Parti II, it-Taqsimiet 2.1.1 u 2.1.2 tal-Linji Gwida u mar-regoli dwar l-għajnuna għall-investiment li ma jiġġenerax id-dħul stabbiliti fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.1.1 tal-Linji Gwida.

1.11. Indika l-intensità tal-għajnuna:

(a) ….. % għall-kumpens għat-telf tal-valur tal-assi, għall-kumpens għall-kostijiet tal-qerda tal-kapaċità ta' produzzjoni u sabiex il-kostijiet soċjali obbligatorji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-għeluq jiġu paċuti;

(b) ….. % għall-kumpens għat-telf tal-valur tal-assi fejn il-kapaċità tingħalaq għal raġunijiet ambjentali jew klimatiċi.

2. GĦELUQ TAL-KAPAĊITÀ GĦAL RAĠUNIJIET OĦRAJN (IL-PARTI II, IT-TAQSIMA 1.3.1.2 TAL-LINJI GWIDA)

2.1. Speċifika r-raġuni għall-għeluq tal-kapaċità:

(a) ☐ ir-ristrutturar ta' settur;

(b) ☐ id-diversifikazzjoni;

(c) ☐ l-irtirar bikri.

([500]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), ĠU L 435, 6.12.2021, p.1.

([501]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

2.2. Il-miżura hija maħsuba bħala l-iskema ta' għajnuna jew bħala għajnuna individwali?

(a) ☐ skema ta' għajnuna;

(b) ☐ għajnuna individwali.

Jekk il-miżura hija l-iskema ta' għajnuna, ikkonferma li l-għajnuna se tkun aċċessibbli għall-operaturi ekonomiċi kollha fis-settur ikkonċernat bl-istess kundizzjonijiet:

☐ iva ☐ le

2.3. Speċifika jekk l-għajnuna tingħatax għal:

(a) ☐ l-għeluq sħiħ tal-kapaċità;

(b) ☐ l-għeluq parzjali tal-kapaċità.

Jekk l-għajnuna tingħata għall-għeluq parzjali tal-kapaċità, iġġustifika:

.....

2.4. Il-benefiċjarju jipprovdi kontribuzzjoni minima fil-forma ta' impenn definittiv u irrevokabbli biex ineħħi jew jagħlaq b'mod irrevokabbli l-kapaċità ta' produzzjoni kkonċernata?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (425) tal-Linji Gwida, il-benefiċjarju jrid jipprovdi kontribuzzjoni minima fil-forma ta' deċiżjoni definittiva u irrevokabbli biex ineħħi jew jagħlaq b'mod irrevokabbli l-kapaċità ta' produzzjoni kkonċernata. Iridu jinkisbu impenji legalment vinkolanti mill-benefiċjarju li l-għeluq tal-kapaċità ta' produzzjoni huwa definittiv u ma jistax jitreġġa' lura u li l-benefiċjarju mhux se jibda l-istess attività xi mkien ieħor. Dawk l-impenji jridu jkunu vinkolanti wkoll għal kwalunkwe xerrej ieħor tal-art jew faċilità kkonċernata fil-futur.

2.5. L-għajnuna hija limitata għal impriżi li fil-fatt kienu qed jipproduċu, u għal kapaċitajiet ta' produzzjoni li fil-fatt kienu qed jintużaw b'mod kostanti matul l-aħħar ħames snin qabel l-għeluq tal-kapaċità?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (426) tal-Linji Gwida, huma eliġibbli għall-għajnuna biss l-impriżi li fil-fatt kienu qegħdin jipproduċu, u huma biss il-kapaċitajiet ta' produzzjoni li fil-fatt kienu qegħdin jintużaw b'mod kostanti matul l-aħħar ħames snin qabel l-għeluq tal-kapaċità. F'każijiet fejn il-kapaċità ta' produzzjoni tkun diġà għalqet b'mod definittiv, jew fejn tali għeluq jidher li jkun inevitabbli, ma jkun hemm l-ebda sforz minimu (suffiċjenti) ta' kontribuzzjoni mill-benefiċjarju, u l-għajnuna ma tistax tingħata.

2.6. L-għajnuna hija limitata għal impriżi li jissodisfaw l-istandards tal-Unjoni?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (428) tal-Linji Gwida, huma biss l-impriżi li jissodisfaw l-istandards tal-Unjoni li huma eliġibbli għall-għajnuna. Impriżi li ma jissodisfawx l-istandards tal-Unjoni u li jkunu obbligati jwaqqfu l-produzzjoni xorta waħda huma esklużi.

2.7. Ir-raba' miftuħ li jitwaqqaf mill-produzzjoni se jinsaġar jew jinqeleb f'żona naturali fi żmien sentejn?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (429) tal-Linji Gwida, sabiex jiġu evitati l-erożjoni u effetti negattivi oħra fuq l-ambjent, ir-raba' miftuħ li jitwaqqaf mill-produzzjoni jrid fil-prinċipju jinsaġar jew jinqeleb f'żona naturali fi żmien sentejn u b'tali mod li jiġi żgurat li jiġu evitati effetti negattivi fuq l-ambjent. Sabiex jiġu evitati effetti klimatiċi negattivi, l-art agrikola kkonvertita mill-ġdid għal art mistagħdra jew torbiera ma għandhiex tinsaġar b'mod mhux xieraq.

2.8. Meta r-raba' miftuħ jista' jerġa' jintuża wara 20 sena wara l-għeluq effettiv tal-kapaċità, dan ir-raba' se jinżamm, sa dak iż-żmien, f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba f'konformità mal-istandards tal-KAAT stabbiliti fit-Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2021/2115 u mar-regoli ta' implimentazzjoni rilevanti b'tali mod li jiġi żgurat li jiġu evitati effetti negattivi fuq l-ambjent?

☐ iva ☐ le

2.9. Ikkonferma li meta l-għeluq tal-installazzjonijiet jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75, tali għeluq se jitwettaq f'konformità mal-Artikoli 11 u 22 ta' dik id-Direttiva:

☐ iva ☐ le

2.10. Ikkonferma li ma ngħatat l-ebda għajnuna li tinterferixxi mal-mekkaniżmi tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli:

☐ iva ☐ le

2.11. L-għajnuna tingħata għal settur li huwa soġġett għal limiti jew kwoti tal-produzzjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (440) tal-Linji Gwida, l-iskemi ta' għajnuna li japplikaw għal setturi li huma soġġetti għal limiti jew kwoti tal-produzzjoni se jiġu evalwati fuq bażi ta' każ b'każ.

2.12. L-għajnuna hija parti minn programm li għandu objettivi definiti u skeda speċifika mmirata lejn ir-ristrutturar tas-settur(i), id-diversifikazzjoni jew l-irtirar bikri:

☐ iva ☐ le

Iddeskrivi l-programm:

.....

2.13. Id-durata tal-iskema ta' għajnuna ppjanata hija limitata għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur għall-ġbir ta' applikazzjonijiet għal parteċipazzjoni u 12-il xahar ieħor għall-għeluq proprju?

☐ iva ☐ le

Jekk id-durata hija itwal minn dik preskritta hawn fuq, iġġustifikaha:

.....

Innota li skont il-punt (442) tal-Linji Gwida, sabiex jiġi żgurat impatt rapidu fuq is-suq, il-Kummissjoni mhijiex se taċċetta skemi ta' għajnuna b'durata ta' aktar minn tliet snin, peress li l-esperjenza wriet li skemi ta' għajnuna bħal dawn jistgħu jwasslu biex jiġu posposti l-bidliet meħtieġa.

2.14. L-Istat Membru juża sistema trasparenti u miftuħa ta' sejħiet għal interess li tistieden pubblikament lill-impriżi kollha potenzjalment interessati sabiex jieħdu sehem?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (443) tal-Linji Gwida, sabiex jinkiseb impatt massimu, l-Istat Membru jrid juża sistema trasparenti u miftuħa ta' sejħiet għal interess li tistieden pubblikament lill-impriżi kollha potenzjalment interessati sabiex jieħdu sehem.

2.15. L-organizzazzjoni tal-iskema ta' għajnuna għandha titmexxa b'tali mod li la tkun teħtieġ u lanqas ma tiffaċilita ftehimiet mhux kompetittivi jew prattiki miftiehma bejn l-impriżi kkonċernati?

☐ iva ☐ le

2.16. Indika l-intensità tal-għajnuna:

….. % għall-kumpens għat-telf tal-valur tal-assi, għall-kumpens għall-kostijiet tal-qerda tal-kapaċità ta' produzzjoni u sabiex il-kostijiet soċjali obbligatorji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-għeluq jiġu paċuti;

Innota li skont il-punti (436)(a) u (444) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tingħata sa 100 % għall-kumpens għat-telf tal-valur tal-assi, għall-kumpens għall-kostijiet tal-qerda tal-kapaċità ta' produzzjoni u sabiex il-kostijiet soċjali obbligatorji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-għeluq jiġu paċuti

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'dawn it-Taqsimiet tal-Linji Gwida.

……

1.3.2. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAR-RILOKAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET TAL-BIEDJA**

Din il-formola ta' informazzjoni hija relatata mal-għajnuna mill-Istat għar-rilokazzjoni tal-attivitajiet tal-biedja kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.3.2 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata lil impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (446) tal-Linji Gwida, it-Taqsima 1.3.2 tal-Linji Gwida tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.

2. Ir-rilokazzjoni tal-attivitajiet tal-biedja ssegwi objettiv ta' interess pubbliku?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-interess pubbliku segwit mill-miżura ta' għajnuna:

……

Innota li skont il-punt (447) tal-Linji Gwida, l-interess pubbliku invokat sabiex jiġġustifika l-għoti tal-għajnuna skont din it-Taqsima jrid jiġi speċifikat fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-benefiċjarju jimpenja ruħu li jbiddel is-sit abbandunat għal stat ambjentalment sodisfaċenti, inklużi ż-żarmar u l-qerda tal-faċilitajiet preżenti fis-sit abbandunat?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (447) tal-Linji Gwida, bħala kontribuzzjoni minima, il-benefiċjarju jrid jipprovdi impenn biex ibiddel is-sit abbandunat għal stat ambjentalment sodisfaċenti, inklużi ż-żarmar u l-qerda tal-faċilitajiet preżenti fis-sit abbandunat.

4. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet tal-operazzjonijiet ta' żarmar, tneħħija u bini mill-ġdid jew tal-akkwiżizzjoni ta' faċilitajiet eżistenti oħra;

(b) ☐ il-kostijiet tat-tibdil tas-sit abbandunat fi stat ambjentalment sodisfaċenti;

(c) ☐ l-investimenti fil-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet u f'żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni;

(d) ☐ l-attivitajiet qrib stabbilimenti rurali, bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja jew tiżdied il-prestazzjoni ambjentali tal-istabbilimenti rurali u li jikkonċernaw infrastrutturi fuq skala żgħira.

5. Indika l-intensità massima tal-għajnuna:

— ….. % tal-kostijiet reali tal-operazzjonijiet ta' żarmar, tneħħija u bini mill-ġdid jew tal-akkwiżizzjoni ta' faċilitajiet eżistenti oħra u tal-kostijiet tat-tibdil tas-sit abbandunat fi stat ambjentalment sodisfaċenti;

Innota li skont il-punt (449)(a) tal-Linji Gwida, fejn ir-rilokazzjoni tal-attivitajiet tal-biedja tikkonsisti f'operazzjonijiet ta' żarmar, tneħħija u bini mill-ġdid jew fl-akkwiżizzjoni faċilitajiet eżistenti oħra, u fit-tibdil tas-sit abbandunat fi stat ambjentalment sodisfaċenti, l-intensità tal-għajnuna tista' tilħaq sa 100 % tal-kostijiet reali mġarrba.

— ….. % tal-kostijiet tal-investiment relatati mal-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet jew maż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni;

Innota li skont il-punt (449)(b) tal-Linji Gwida, meta r-rilokazzjoni tirriżulta f'modernizzazzjoni tal-faċilitajiet jew f'żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni, l-intensitajiet tal-għajnuna għall-investimenti, imsemmija fil-punti (159), (160), (161) u (162) tal-Linji Gwida japplikaw fir-rigward tal-kostijiet relatati mal-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet jew maż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni.

— ….. % tal-kostijiet tal-attivitajiet ta' rilokazzjoni qrib l-istabbilimenti rurali, bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja jew tiżdied il-prestazzjoni ambjentali tal-istabbiliment, u li jikkonċernaw infrastrutturi fuq skala żgħira:

Innota li skont il-punt (449)(c) tal-Linji Gwida, meta r-rilokazzjoni tikkonċerna attivitajiet qrib stabbilimenti rurali, bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja jew tiżdied il-prestazzjoni ambjentali tal-istabbilimenti rurali u li jikkonċernaw infrastrutturi fuq skala żgħira, l-intensità tal-għajnuna tista' tilħaq sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.3.3. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA LIS-SETTUR TAT-TROBBIJA TAL-BHEJJEM**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat imfassla biex tappoġġja s-settur tat-trobbija tal-bhejjem kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.3.3 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata biss lil impriżi li huma SMEs attivi fil-produzzjoni primarja agrikola?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punti (22) u (451) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni mhijiex se tawtorizza għajnuna mill-Istat għall-kostijiet koperti mill-Parti II, it-Taqsima 1.3.3 tal-Linji Gwida favur intrapriżi kbar.

2. L-għajnuna tingħata fil-forma ta' servizz issussidjat?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (452) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati u ma għandhiex tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji.

3. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet amministrattivi għall-istabbiliment u għaż-żamma ta' kotba tal-merħla:

☐ il-kostijiet għall-ġbir u l-amministrazzjoni tad-data dwar l-annimali, pereżempju, l-oriġini ta' annimal, id-data tat-twelid tiegħu, id-data tal-inseminazzjoni tiegħu, id-data tal-mewt tiegħu u r-raġunijiet għala seħħ u l-evalwazzjoni ta' espert, l-attwalizzazzjoni u l-ipproċessar tad-data meħtieġa għall-istabbiliment u ż-żamma tal-kotba tat-tnissil;

☐ il-kostijiet għax-xogħlijiet amministrattivi relatati mar-reġistrazzjoni tad-data rilevanti dwar l-annimali fil-kotba tat-tnissil;

☐ il-kostijiet għall-aġġornament ta' software għall-ġestjoni tad-data fil-kotba tat-tnissil;

☐ il-kostijiet għall-pubblikazzjoni online ta' informazzjoni dwar il-kotba tat-tnissil u ta' data mill-kotba tat-tnissil;

☐ il-kostijiet amministrattivi oħra relatati;

(b) ☐ it-testijiet sabiex tiġi ddeterminata l-kwalità ġenetika jew ir-rendiment tal-bhejjem, imwettqa minn jew f'isem partijiet terzi:

☐ il-kostijiet tat-testijiet jew tal-kontrolli;

☐ il-kostijiet relatati tal-ġbir u l-evalwazzjoni tad-data riċevuta minn tali testijiet u kontrolli fir-rigward taż-żieda tas-saħħa tal-annimali u l-livell ta' protezzjoni tal-ambjent;

☐ il-kostijiet relatati tal-ġbir u l-evalwazzjoni tad-data riċevuta minn tali testijiet u kontrolli li għandhom l-għan li jivvalutaw il-kwalità ġenetika tal-annimali għall-implimentazzjoni ta' tekniki avvanzati ta' tnissil u għaż-żamma tad-diversità ġenetika;

☐ il-kostijiet amministrattivi relatati mat-tliet kategoriji ta' kostijiet stabbiliti hawn fuq f'dan il-punt.

F'konformità mal-punt (453) tal-Linji Gwida, il-kontrolli mwettqa mis-sid tal-bhejjem u l-kontrolli ta' rutina tal-kwalità tal-ħalib huma esklużi mill-għajnuna.

4. Speċifika l-intensità massima tal-għajnuna:

☐ ….. % tal-kostijiet ta' finanzjament tal-kostijiet amministrattivi tal-istabbiliment u ż-żamma tal-kotba tat-tnissil imsemmija fil-mistoqsija 3(a) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari;

☐ ….. % tal-kostijiet tat-testijiet imwettqa minn jew f'isem partijiet terzi, biex tiġi ddeterminata l-kwalità ġenetika jew ir-rendimenti tal-bhejjem, imsemmija fil-mistoqsija 3(b) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.3.4. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL MIŻURI TA' PROMOZZJONI FAVUR PRODOTTI AGRIKOLI**

Din il-formola trid tintuża għall-għajnuna mill-Istat għall-miżuri ta' promozzjoni favur il-prodotti agrikoli kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.3.4 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. Indika jekk l-għajnuna tingħatax favur:

   (a) ☐ prodotti agrikoli;

   (b) ☐ prodotti tal-ikel ibbażati fuq prodotti agrikoli, elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 ([502]).

   Jekk l-għajnuna tingħata għall-promozzjoni tal-prodott(i) bbażat(i) fuq l-ikel elenkat(i) fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014, speċifika dawk il-prodotti:

   .....

2. Speċifika jekk l-attività ta' promozzjoni hijiex maħsuba sabiex:

   (a) ☐ tinforma lill-pubbliku dwar il-karatteristiċi tal-prodotti agrikoli, pereżempju, bl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet, bil-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali u f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, bil-popolarizzazzjoni tal-għarfien xjentifiku, jew bil-pubblikazzjonijiet b'informazzjoni fattwali; jew

   (b) ☐ tħeġġeġ lill-operaturi ekonomiċi jew lill-konsumaturi jixtru l-prodott agrikolu inkwistjoni permezz ta' kampanji ta' promozzjoni.

3. Fejn se titwettaq l-attività ta' promozzjoni?

   (a) ☐ fis-suq intern;

   (b) ☐ f'pajjiżi terzi;

4. L-għajnuna mogħtija għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet, fieri kummerċjali jew wirjiet hija limitata għall-SMEs?

   ☐ iva ☐ le

5. Indika jekk l-għajnuna tingħatax favur il-promozzjoni li:

   (a) ☐ tkun relatata speċifikament ma' prodotti koperti minn skemi tal-kwalità; jew

   (b) ☐ hija ta' natura ġenerika u ta' benefiċċju għall-produtturi kollha tat-tip ta' prodott ikkonċernat.

6. Il-kampanja ta' promozzjoni tikkonforma mar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 ([503]), u, fejn xieraq, mar-regoli speċifiċi dwar it-tikkettar stabbiliti għal diversi prodotti?

   ☐ iva ☐ le

   Speċifika r-regoli applikabbli dwar it-tikkettar:

   .....

7. In-notifika tinkludi kampjuni jew mudelli tal-materjali ta' promozzjoni?

   ☐ iva ☐ le

8. Jekk tali materjal ta' promozzjoni għadu mhux disponibbli, l-Istat Membru jimpenja ruħu li jipprovdi dan il-materjal fi stadju aktar tard u fi kwalunkwe każ qabel it-tnedija tal-kampanja ta' promozzjoni?

   ☐ iva ☐ le

9. Meta l-attività ta' promozzjoni titwettaq minn gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi, il-parteċipazzjoni hija kondizzjonali għal sħubija ta' dawk il-gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi?

   ☐ iva ☐ le

   Innota li skont il-punt (464) tal-Linji Gwida, il-provvista ta' miżuri ta' promozzjoni jista' jsir minn gruppi ta' produtturi jew minn organizzazzjoni oħra irrispettivament mid-daqs tagħhom. Meta l-miżura ta' promozzjoni titwettaq minn gruppi ta' produtturi jew minn organizzazzjonijiet oħra, il-parteċipazzjoni ma tridx tkun kondizzjonali għal sħubija ta' dawk il-gruppi jew organizzazzjonijiet.

([502]) EUR-Lex - 32014R1144 - MT - EUR-Lex (europa.eu).
([503]) EUR-Lex - 32011R1169 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

10. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, kwalunkwe kontribuzzjoni fir-rigward tat-tariffi amministrattivi għall-grupp jew għall-organizzazzjoni hija limitata għall-kost tal-għoti tal-miżura ta' promozzjoni?

☐ iva ☐ le

11. Il-baġit annwali tal-kampanja ta' promozzjoni megħjuna jaqbeż EUR 5 miljun?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li, skont il-punt (463) tal-Linji Gwida, il-kampanja ta' promozzjoni li taqbeż il-livell limitu ta' notifika ta' EUR 5 miljun, imsemmija fil-punt (35)(b) trid tiġi nnotifikata individwalment.

12. Indika l-forma tal-għajnuna:

(a) ☐ servizz issussidjat;

(b) ☐ rimborż tal-kostijiet reali mġarrba mill-benefiċjarju;

(c) ☐ fi flus, fejn tingħata għajnuna għal premju simboliku.

Innota li skont il-punt (466) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-kampanji ta' promozzjoni trid tingħata biss fil-forma ta' servizzi ssussidjati.

13. Meta l-għajnuna għal premjijiet simboliċi titħallas lill-fornitur tal-miżura ta' promozzjoni, din l-għajnuna titħallas biss jekk il-premju jkun fil-fatt ikun ingħata u mal-preżentazzjoni ta' prova tal-għoti?

☐ iva ☐ le

14. Il-kampanja promozzjonali se tiġi allokata għal prodotti ta' kwalità koperti minn skema tal-kwalità kif imsemmi fil-punt (274) tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

15. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet relatati mal-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet, fieri kummerċjali u wirjiet:

☐ it-tariffi tal-parteċipazzjoni;

☐ il-kostijiet tal-ivvjaġġar u l-kostijiet għat-trasport ta' prodotti kkonċernati mill-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet, fieri kummerċjali u wirjiet;

☐ il-kostijiet ta' pubblikazzjonijiet u siti web li jħabbru l-event;

☐ il-kera ta' bini u stands u l-kostijiet għall-installazzjoni u ż-żarmar tagħhom;

☐ il-premjijiet simboliċi sa valur ta' EUR 3 000 għal kull premju u għal kull rebbieħ ta' kompetizzjoni.

(b) ☐ il-kostijiet tal-pubblikazzjonijiet f'mezzi stampati u elettroniċi, siti web, u riklami f'mezzi elettroniċi, fuq ir-radju jew it-televiżjoni, bl-għan li jippreżentaw informazzjoni fattwali dwar il-produtturi minn reġjun partikolari jew produtturi ta' prodott partikolari;

Ikkonferma li tali informazzjoni hija newtrali u l-produtturi kollha jingħataw l-istess opportunità li jkunu rappreżentati fil-pubblikazzjoni:

☐ iva ☐ le

(c) ☐ il-kostijiet għad-disseminazzjoni tal-għarfien xjentifiku u ta' informazzjoni fattwali dwar:

☐ skemi tal-kwalità msemmija fil-punt (274) miftuħin għal prodotti agrikoli minn Stati Membri oħra u pajjiżi terzi;

☐ prodotti agrikoli ġeneriċi u l-benefiċċji nutrizzjonali tagħhom u l-użu ssuġġerit għalihom;

(d) ☐ il-kostijiet għall-kampanji ta' promozzjoni mmirati lejn il-konsumatur organizzati fil-media jew fil-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u l-kostijiet għall-materjal ta' promozzjoni kollu li jiġi distribwit direttament lill-konsumaturi.

16. L-għajnuna għall-kostijiet relatati mal-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet, fieri kummerċjali u wirjiet, imsemmija fil-mistoqsija 15(a) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari hija aċċessibbli għal dawk kollha eliġibbli fiż-żona kkonċernata, ibbażata fuq kundizzjonijiet definiti b'mod oġġettiv?

☐ iva ☐ le

Referenza għal impriża, isem tad-ditta jew oriġini partikolari:

17. Ikkonferma li meta l-għajnuna tingħata għall-attivitajiet ta' promozzjoni msemmija fil-punt (468)(c) tal-Linji Gwida u għall-kampanji ta' promozzjoni msemmija fil-punt (468)(d) tal-Linji Gwida, b'mod partikolari dawk li huma ġeneriċi fin-natura tagħhom u għall-benefiċċju tal-produtturi kollha tat-tip ta' prodott ikkonċernat kif imsemmi fil-punt (468)(b) tal-Linji Gwida, dawn l-attivitajiet ta' promozzjoni ma jiddikjaraw l-ebda impriża, isem tad-ditta jew oriġini partikolari:

☐ iva ☐ le

18. Ikkonferma li meta l-għajnuna tingħata għall-kampanji ta' promozzjoni mmirati lejn il-konsumatur organizzati fil-media jew fil-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut, imsemmija fil-punt (468)(d) tal-Linji Gwida, din l-attività ta' promozzjoni mhux se tiġi allokata għal prodotti ta' kumpanija partikolari waħda jew aktar:

☐ iva ☐ le

19. B'deroga mill-mistoqsijiet 17 u 18 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, jekk l-għajnuna tingħata favur l-attivitajiet ta' promozzjoni li fihom ir-referenza għall-oriġini, indika r-raġuni:

(a) ☐ l-għajnuna tingħata għall-attivitajiet ta' promozzjoni u għall-kampanji ta' promozzjoni msemmija rispettivament fil-punt (468)(c) u (d) tal-Linji Gwida, li huma relatati speċifikament ma' prodotti koperti minn skemi tal-kwalità kif imsemmi fil-punt (274) tal-Linji Gwida u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ☐ l-attività ta' promozzjoni jew il-kampanja ta' promozzjoni hija relatata speċifikament mad-denominazzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni msemmija fit-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ([504]). F'dan il-każ, ir-referenza għall-oriġini tal-prodotti fl-attività jew fil-kampanja ta' promozzjoni trid tikkorrispondi eżattament ma' dik irreġistrata mill-Unjoni;

(ii) ☐ l-attività ta' promozzjoni jew il-kampanja ta' promozzjoni tikkonċerna prodotti koperti minn skemi tal-kwalità għajr skemi għal denominazzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni msemmija fit-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012. F'dan il-każ, l-oriġini tal-prodotti għandha tkun sekondarja fil-messaġġ.

(b) ☐ l-għajnuna tingħata għall-attivitajiet ta' promozzjoni u kampanji ta' promozzjoni fis-swieq lokali jew li huma relatati ma' prodotti fis-swieq lokali, li l-objettiv tagħhom huwa li tiġi ppreservata l-komunità agrikola u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ☐ l-indikazzjoni tal-oriġini tal-prodott hija sekondarja fil-messaġġ prinċipali;

(ii) ☐ l-attività ta' promozzjoni jew il-kampanja ta' promozzjoni hija proporzjonata għall-objettiv segwit.

([504]) EUR-Lex - 32012R1151 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

20. Ikkonferma li kwalunkwe referenza għall-oriġini:

☐ mhux se tkun diskriminatorja;

☐ mhux se jkollha l-għan li tħeġġeġ il-konsum tal-prodott agrikolu unikament minħabba tal-oriġini tiegħu;

☐ se tirrispetta l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni; u

☐ mhux se twassal għal restrizzjoni tal-moviment liberu tal-prodotti agrikoli bi ksur tal-Artikolu 34 tat-Trattat.

21. Indika l-intensità tal-għajnuna:

— ….. % tal-kostijiet eliġibbli msemmija fil-punt (468)(a), (b) u (c) tal-Linji Gwida;

Innota li skont il-punt (471) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna għall-kostijiet eliġibbli msemmija fil-punt (468)(a), (b) u (c) tal-Linji Gwida, ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibblli.

— ….. % tal-kostijiet eliġibbli tal-kampanji ta' promozzjoni relatati speċifikament mal-prodotti koperti mill-iskemi tal-kwalità, kif imsemmi fil-punt (468)(d) tal-Linji Gwida;

Innota li skont il-punt (472) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna għall-kampanji ta' promozzjoni relatati speċifikament ma' prodotti koperti mill-iskemi tal-kwalità, kif imsemmi fil-punt (468)(d) tal-Linji Gwida flimkien mal-punt (460)(a) tal-Linji Gwida, ma tridx taqbeż il-50 % tal-kostijiet eliġibbli tal-kampanja. L-għajnuna tista' tingħata sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli jekk is-settur jikkontribwixxi mill-anqas 50 % tal-kostijiet.

— ….. % tal-kostijiet eliġibbli tal-kampanji ta' promozzjoni relatati speċifikament mal-prodotti koperti mill-iskemi tal-kwalità, kif imsemmi fil-punt (468)(d) tal-Linji Gwida, meta l-attività ta' promozzjoni titwettaq f'pajjiżi terzi;

Innota li skont il-punt (472) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna għall-kampanji ta' promozzjoni f'pajjiżi terzi relatati speċifikament ma' prodotti koperti mill-iskemi tal-kwalità, kif imsemmi fil-punt (468)(d) tal-Linji Gwida flimkien mal-punt (460)(a) tal-Linji Gwida, ma tridx taqbeż it-80 % tal-kostijiet eliġibbli.

— ….. % tal-kostijiet eliġibbli tal-kampanji ta' promozzjoni ġeneriċi msemmija fil-punt (468)(d) tal-Linji Gwida;

Innota li skont il-punt (473) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna għall-kampanji ta' promozzjoni ġeneriċi, imsemmija fil-punt (468)(d) tal-Linji Gwida flimkien mal-punt (460)(b) tal-Linji Gwida, ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.3.5. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAR-REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI U L-GŻEJJER MINURI TAL-EĠEW**

Din il-formola trid tintuża mill-Istat Membru sabiex jinnotifika l-għajnuniet mill-Istat għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer minuri tal-Eġew, kif imsemmi fil-Parti II, it-Taqsima 1.3.5 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

Jekk l-għajnuna għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer minuri tal-Eġew hija relatata ma' Taqsima oħra tal-Linji Gwida, imla l-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari li tikkorrispondi mat-tip ta' għajnuna nnotifikata.

1. L-għajnuna tingħata favur is-settur tal-agrikoltura kif definit fil-punt (33)9 tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Skont il-punt (475) tal-Linji Gwida, it-Taqsima 1.3.5 tal-Linji Gwida tapplika għas-settur tal-agrikoltura kollu kif definit fil-punt (33)(9) tal-Linji Gwida.

2. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet addizzjonali tat-trasport ta' prodotti agrikoli li ġew prodotti fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew;

(b) ☐ kostijiet oħra.

3. Meta l-għajnuna tingħata għall-kostijiet addizzjonali tat-trasport, imsemmija fil-mistoqsija 2(a) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, din l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin?

(a) ☐ il-benefiċjarji għandhom l-attività ta' produzzjoni tagħhom fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew;

(b) ☐ l-għajnuna hija kwantifikabbli b'mod oġġettiv bil-quddiem fuq il-bażi ta' somma fissa jew proporzjon għal kull tunnellata/kilometru jew xi unità rilevanti oħra;

(c) ☐ il-kostijiet addizzjonali tat-trasport jiġu kkalkulati skont il-vjaġġ tal-prodotti fil-fruntieri nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat bil-mezz ta' trasport li jġarrab l-anqas kostijiet għall-benefiċjarju, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet esterni għall-ambjent;

(d) ☐ għar-reġjuni ultraperiferiċi, il-kostijiet addizzjonali tat-trasport jistgħu jinkludu l-kostijiet għat-trasport tal-prodotti agrikoli mill-post tal-produzzjoni tagħhom sal-postijiet fiż-żoni ultraperiferiċi fejn ikomplu jiġu proċessati.

4. Meta l-għajnuna tingħata għall-kostijiet l-oħra, imsemmija fil-mistoqsija 2(b) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni Supplimentari, speċifika l-kostijiet li għalihom tista' tingħata l-għajnuna:

……

Innota li skont il-punt (481) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni se teżamina pjanijiet għall-għoti ta' għajnuna mill-Istat għal kostijiet oħra għajr kostijiet addizzjonali tat-trasport li hija mfassla sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer minuri tal-Eġew fuq bażi ta' każ b'każ, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti I, il-Kapitolu 3 tal-Linji Gwida u d-dispożizzjonijiet legali speċifiċi li japplikaw għal dawk ir-reġjuni, u, filwaqt li tiġi kkunsidrata, jekk ikun applikabbli, il-kompatibbiltà tal-miżuri kkonċernati mal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għar-reġjuni kkonċernati, u l-effetti tagħhom fuq il-kompetizzjoni kemm fir-reġjuni kkonċernati kif ukoll f'partijiet oħra tal-Unjoni.

Ipprovdi l-informazzjoni kollha, li se tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta dawn il-kostijiet kif imsemmi fil-punt (481) tal-Linji Gwida:

……

5. Indika l-ammont massimu ta' għajnuna (fuq il-bażi ta' proporzjon ta' għajnuna għal kull kilometru jew fuq il-bażi ta' proporzjon ta' għajnuna għal kull kilometru u ta' għajnuna għal kull unità ta' piż) u l-perċentwal tal-kostijiet addizzjonali koperti mill-għajnuna:

……

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.3.6. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-KONSOLIDAZZJONI TAL-ART AGRIKOLA**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat sabiex tkopri l-kostijiet tal-konsolidazzjoni tal-art agrikola kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.3.6 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. Il-miżura ta' għajnuna hija parti minn programm ġenerali ta' operazzjonijiet ta' konsolidazzjoni tal-art agrikola mwettqin f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru?

☐ iva ☐ le

2. Il-kostijiet eliġibbli jinkludu b'mod esklużiv il-kostijiet legali, amministrattivi u tal-istħarriġ tal-konsolidazzjoni tal-art?

☐ iva ☐ le

3. Indika l-intensità tal-għajnuna:

….. % tal-kostijiet eliġibbli.

Innota li skont il-punt (484) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet reali mġarrba.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

1.3.7. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP FIS-SETTUR TAL-AGRIKOLTURA**

Din il-formola ta' informazzjoni hija relatata mal-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tal-agrikoltura kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 1.3.7 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat.

1. L-għajnuna tingħata favur is-settur tal-agrikoltura kif definit fil-punt (33)9 tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (486) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, li mhijiex għajnuna mogħtija favur is-settur tal-agrikoltura kif definit fil-punt (33)(9) tal-Linji Gwida u għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tal-agrikoltura li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti II, it-Taqsima 1.3.7 tal-Linji Gwida se tiġi vvalutata f'konformità mal-Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

2. Il-proġett megħjun huwa ta' interess għall-impriżi kollha attivi fis-settur jew fis-subsettur tal-agrikoltura partikolari kkonċernat?

☐ iva ☐ le

3. Ikkonferma li qabel il-bidu tal-proġett megħjun, l-informazzjoni li ġejja se tiġi ppubblikata fuq l-internet:

(a) id-data tal-bidu tal-proġett megħjun:

☐ iva ☐ le

(b) l-għanijiet tal-proġett megħjun:

☐ iva ☐ le

(c) id-data approssimattiva tal-pubblikazzjoni tar-riżultati mistennija mill-proġett megħjun:

☐ iva ☐ le

(d) il-post tal-pubblikazzjoni fuq l-internet tar-riżultati mistennija mill-proġett megħjun:

☐ iva ☐ le

(e) referenza li r-riżultati huma disponibbli għall-impriżi kollha attivi fis-settur jew fis-subsettur tal-agrikoltura partikolari kkonċernat mingħajr ħlas:

☐ iva ☐ le

Ipprovdi l-indirizz tal-internet:

……

4. Ir-riżultati tal-proġett megħjun se jkunu:

(a) disponibbli fuq l-internet mid-data ta' tmiem il-proġett megħjun jew mid-data meta tingħata xi informazzjoni dwar dawk ir-riżultati lill-membri ta' xi organizzazzjoni partikolari, skont liema data tiġi l-ewwel?

☐ iva ☐ le

(b) disponibbli fuq l-internet għal perjodu ta' mill-anqas ħames snin mid-data tat-tmiem tal-proġett megħjun?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi l-indirizz tal-internet, jekk differenti mill-indirizz fejn se tiġi ppubblikata l-informazzjoni msemmija fil-mistoqsija 3 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni:

……

5. L-għajnuna tingħata direttament lill-organizzazzjoni ta' riċerka u disseminazzjoni tal-għarfien?

☐ iva ☐ le

6. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet tal-persunal relatati mar-riċerkaturi, ma' persunal tekniku u ma' persunal ieħor ta' sostenn sa fejn dawn ikunu impjegati fuq il-proġett;

(b) ☐ il-kostijiet tal-istrumenti u t-tagħmir sa fejn jintużaw għall-proġett u għall-perjodu użati għall-proġett. Jekk tali strumenti u tagħmir ma jintużawx għat-tul ta' ħajjithom kollha għall-proġett, jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif ikkalkulati abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati;

(c) ☐ il-kostijiet tal-binjiet u tal-art, sa fejn jintużaw għall-proġett u għat-tul ta' żmien użati għall-proġett. Fir-rigward tal-binjiet, jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif ikkalkulati abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati. Fir-rigward tal-artijiet, huma eliġibbli l-kostijiet tat-trasferiment kummerċjali jew il-kostijiet tal-kapital realment imġarrba;

(d) ☐ il-kostijiet tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u l-privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet normali tas-suq, kif ukoll il-kostijiet tal-konsulenza u s-servizzi ekwivalenti użati esklużivament għall-proġett;

(e) ☐ il-kostijiet ġenerali addizzjonali u spejjeż operattivi oħra, li jinkludu kostijiet ta' materjali, fornimenti u prodotti simili, magħmula direttament bħala riżultat tal-proġett.

7. Indika l-intensità tal-għajnuna:

….. % tal-kostijiet eliġibbli.

Innota li skont il-punt (493) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida:

……

2. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNIET GĦAS-SETTUR TAL-FORESTRIJA**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat ([505]) *għas-settur tal-forestrija koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 2 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").*

Minbarra din il-formola, imla l-Formola ta' Informazzjoni Ġenerali ([506]) *għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali, filwaqt li turi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat, kif ukoll il-formola/i tal-forestrija korrispondenti 2.1 sa 2.9 skont it-tip speċifiku ta' għajnuna* ([507]).

Jekk l-għajnuna għas-settur tal-forestrija għandha tingħata skont ir-regoli tal-Unjoni komuni għas-setturi kollha jew speċifiċi għall-kummerċ u l-industrija, uża l-formola ta' notifika applikabbli għal dawk is-setturi meta tinnotifika miżura ta' għajnuna mill-Istat.

1. KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ ĠENERALI

1.1. L-għajnuna tingħata fil-qafas ta' pjan strateġiku f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115 ([508])?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, kompli bil-mistoqsijiet li ġejjin.

Jekk it-tweġiba hija le u l-għajnuna hija ffinanzjata esklużivament minn riżorsi nazzjonali, imla l-formola ġenerali (il-Parti I, il-Kapitolu 3 tal-Linji Gwida) u l-formola/i speċifika/ċi rigward it-taqsimiet 2.1 sa 2.9 ta' dawn il-Linji Gwida.

1.2. Indika l-pjan strateġiku (SP, strategic plan) rilevanti u l-miżura li biha tingħata l-għajnuna:

— SP: ……

— Miżura: ……

1.3. L-għajnuna tingħata favur il-kapital operatorju?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, din l-għajnuna tingħata fil-forma ta' strument finanzjarju?

☐ iva ☐ le

([505]) Innota li għandhom jiġu nnotifikati biss dawk il-miżuri li jissodisfaw id-definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat u r-regoli dwar l-interpretazzjoni ta' dik id-definizzjoni stabbiliti fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar in-nozzjoni tal-għajnuna mill-Istat. Fil-każ ta' inċertezza dwar jekk il-miżura tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' għajnuna mill-Istat, din tista' titressaq għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Fil-prinċipju, il-miżuri tal-forestrija fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jitqiesu li jissodisfaw il-kriterji kollha tal-għajnuna mill-Istat.

([506]) Din il-kundizzjoni ma tapplikax għall-għajnuna mogħtija fil-qafas ta' pjan strateġiku f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115.

([507]) Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal għajnuna mogħtija fil-qafas ta' pjan strateġiku f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115.

([508]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

Innota li skont il-punt (499)(b) tal-Linji Gwida, l-għajnuna favur il-kapital operatorju tista' tingħata biss jekk tiġi pprovduta fil-forma ta' strumenti finanzjarji.

Speċifika l-istrument(i) finanzjarju/i użat(i):

……

1.4. L-għajnuna tingħata bħala għajnuna operatorja?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (499)(c) tal-Linji Gwida, din l-għajnuna tista' titqies kompatibbli mas-suq intern biss jekk din l-għajnuna hija prevista b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Jekk dan huwa l-każ, irreferi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kkonċernata:

……

1.5. L-għajnuna hija disponibbli għall-impriżi f'diffikultà kif definit fil-punt (33)(63) tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (23) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li meta impriża tkun f'diffikultà finanzjarja, minħabba li l-eżistenza tagħha tkun fil-periklu, ma tistax titqies bħala mezz xieraq għall-promozzjoni ta' objettivi oħra ta' ordni pubbliku sakemm tiġi żgurata l-vijabbiltà tagħha. Għalhekk, tali għajnuna trid tikkonforma mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà, sakemm ma tkunx eżentata mill-obbligu li tinnotifikaha.

1.6. L-għajnuna hija disponibbli għall-impriżi li huma soġġetti għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna bħala waħda illegali u inkompatibbli mas-suq intern?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li din l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

1.7. L-għajnuna hija maħsuba għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġiji rinnovabbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li f'konformità mal-punt (496) tal-Linji Gwida, din l-għajnuna hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti II, il-Kapitolu 2 tal-Linji Gwida peress li tali għajnuna trid tikkonforma mal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 ([509]), għajr l-għajnuna relatata mal-użu tal-injam bħala materja prima jew sors ta' enerġija, li huma limitati għall-operazzjonijiet kollha ta' ħidma qabel l-ipproċessar industrijali, previsti fil-punt (529) tal-Linji Gwida, jew sakemm ma tkunx eżentata mill-obbligu ta' notifika.

1.8. L-għajnuna tilħaq l-objettivi u tissodisfa kull kundizzjoni, inklużi dawk il-kundizzjonijiet dwar il-benefiċjarji tal-għajnuna stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/2115, u kull att delegat u ta' implimentazzjoni adottat skont dak ir-Regolament?

☐ iva ☐ le

Innota li l-Kummissjoni se tiddikjara l-għajnuna mill-Istat għas-settur tal-forestrija kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat biss jekk l-għajnuna tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, ħlief għall-miżuri tat-Taqsimiet 2.8 u 2.9 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Linji Gwida.

1.9. Ikkonferma li l-għajnuna mhijiex maħsuba għall-industriji bbażati fuq il-foresti.

☐ iva ☐ le

([509]) EUR-Lex - C:2022:080:TOC - MT - EUR-Lex (europa.eu)

2. TIP TA' GĦAJNUNA

2.1. ☐ Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali u t-titjib tal-vijabbiltà tal-foresti.

Imla l-formola .2.1

2.2. ☐ Għajnuna għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji fiż-żoni forestali

Imla l-formola .2.2

2.3. ☐ Għajnuna għal servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti u għall-konservazzjoni tal-foresti

Imla l-formola 2.3

2.4. ☐ Għajnuna għall-iskambju tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni fis-settur tal-forestrija

Imla l-formola 2.4

2.5. ☐ Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza fis-settur tal-forestrija

Imla l-formola 2.5

2.6. ☐ Għajnuna għall-koperazzjoni fis-settur tal-forestrija

Imla l-formola 2.6

2.7. ☐ għajnuna tal-bidu għal gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-forestrija

Imla l-formola 2.7

2.8. ☐ Għajnuna oħra lis-settur tal-forestrija b'objettivi ekoloġiċi, protettivi u rikreattivi

Imla l-formola 2.8

2.9. ☐ Għajnuna fis-settur tal-forestrija allinjata mal-miżuri ta' għajnuna agrikola

Imla l-formola 2.9

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata.

.....

2.1. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-INVESTIMENTI FL-IŻVILUPP TAŻ-ŻONI FORESTALI U T-TITJIB TAL-VIJABBILTÀ TAL-FORESTI**

Din il-formola ta' informazzjoni trid tintuża b'rabta mal-għajnuna mill-Istat għall-investimenti fl-iżvilupp taż-żona forestali u t-titjib tal-vijabbiltà tal-foresti kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 2.1 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

1. Ikkonferma li l-għajnuna mhijiex se tingħata għal:

(a) ☐ il-kapital operatorju;

(b) ☐ ix-xiri ta' intitolamenti għal pagament;

(c) ☐ ix-xiri ta' art għal ammont li jaqbeż l-10 % tan-nefqa eliġibbli totali għall-operazzjoni kkonċernata, ħlief għax-xiri tal-art għall-konservazzjoni ambjentali u għall-preservazzjoni tal-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju, li jistgħu jkunu eliġibbli għal rata ogħla minn 10 %;

(d) ☐ ir-rata tal-imgħax fuq id-dejn, ħlief fir-rigward ta' għotjiet mogħtija fil-forma ta' sussidju tar-rata tal-imgħax jew sussidju għat-tariffa ta' garanzija.

2. Ma' xiex għandha x'taqsam l-għajnuna?

☐ **Għajnuna għat-tisġir u l-ħolqien ta' msaġar. (It-Taqsima 2.1.1 tal-Linji Gwida)**

1. Indika jekk il-kostijiet eliġibbli jikkonċernawx:

(a) ☐ l-istabbiliment ta' foresti u l-imsaġar fuq:

☐ art agrikola,

☐ art mhux agrikola

(b) ☐ primjum annwali għal kull ettaru li jkopri l-kostijiet tal-introjtu agrikolu mitluf u ż-żamma, inkluż tindif bikri u tard, għal perjodu massimu ddeterminat mill-Istat Membru.

Ipprovdi aktar informazzjoni dwar l-ammonti tal-għajnuna, il-metodi ta' kalkolu u l-perjodu massimu għall-għoti tal-għajnuna fil-forma ta' primjum annwali għal kull ettaru:

……

2. Ikkonferma li mhux se tingħata għajnuna għat-tħawwil ta' siġar għall-imsajġar ta' rotazzjoni qasira, Christmas trees jew siġar li jikbru malajr għall-produzzjoni tal-enerġija u għal investimenti fit-tisġir li mhumiex konsistenti mal-objettivi klimatiċi u ambjentali u lanqas mal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif żviluppati fil-Pan-European Guidelines for Afforestation and Reforestation ([510]):

☐ iva ☐ le

3. Ikkonferma li l-ispeċijiet imħawla huma adattati għall-kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi taż-żona u jikkonformaw mar-rekwiżiti ambjentali minimi:

☐ iva ☐ le

4. Ikkonferma u agħti informazzjoni u deskrizzjoni addizzjonali, li l-għajnuna tikkonforma ma' dawn ir-rekwiżiti ambjentali minimi:

(a) ☐ l-għażla ta' speċijiet li għandhom jitħawlu, ta' żoni u ta' metodi li għandhom jintużaw iridu jevitaw it-tisġir mhux xieraq ta' ħabitats sensittivi bħal torbieri u artijiet mistagħdra u effetti negattivi fuq żoni ta' valur ekoloġiku għoli inklużi żoni b'biedja ta' valur naturali għoli. Fis-siti indikati bħala ta' Natura 2000 skont id-Direttiva 92/43/KEE ([511]) u d-Direttiva 2009/147/KE ([512]) jrid jiġi permess biss tisġir konsistenti mal-objettivi ta' ġestjoni tas-siti kkonċernati u miftiehma mal-awtorità tal-Istat Membru responsabbli għall-implimentazzjoni ta' Natura 2000;

(b) ☐ l-għażla tal-ispeċijiet, tal-varjetajiet, tal-ekotipi u tal-provenjenza tas-siġar trid tqis il-ħtieġa għar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u għad-diżastri naturali u l-kundizzjoni pedoloġika u idroloġika taż-żona kkonċernata, kif ukoll il-karattru invażiv potenzjali tal-ispeċijiet f'kundizzjonijiet lokali kif definiti mill-Istati Membri. Il-benefiċjarju jrid jintrabat li jipproteġi u jieħu ħsieb il-foresti tal-anqas matul il-perjodu li għalih jitħallas il-primjum għad-dħul agrikolu mitluf u għaż-żamma. Dan irid jinkludi l-indukrar, it-tnaqqis jew ir-ragħa, kif xieraq, fl-interess tal-iżvilupp tal-foresta fil-futur u r-regolamentazzjoni tal-kompetizzjoni b'veġetazzjoni erbaċea u tiġi evitata tal-akkumulazzjoni ta' materjal li jikber minn taħt li huwa suxxettibbli għan-nar. Għall-ispeċijiet li jikbru malajr, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiddefinixxu ż-żmien minimu u massimu qabel il-qtugħ. Iż-żmien minimu ma jistax ikun anqas minn tmien snin u ż-żmien massimu ma jistax jaqbeż l-20 sena;

([510]) Adottata mill-Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa fit-12–13 ta' Novembru 2008 (https://foresteurope.org/wp-content/uploads/2016/08/Pan-EuropeanAfforestationReforestationGuidelines.pdf).

([511]) EUR-Lex - 31992L0043 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

([512]) EUR-Lex - 32009L0147 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

(c) ☐ f'każijiet fejn, minħabba kundizzjonijiet tal-ħamrija, ambjentali jew klimatiċi diffiċli, inklużi d-degradazzjoni ambjentali, it-tħawwil ta' speċijiet perenni tal-injam ma jistax ikun mistenni li jwassal għall-istabbiliment ta' kopertura ta' foresta kif definit f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, l-Istat Membru kkonċernat jista' jippermetti lill-benefiċjarju jistabbilixxi kopertura ta' veġetazzjoni ta' siġar oħra bħalma huma l-arbuxelli jew buxxijiet xierqa għall-kundizzjonijiet lokali. Il-benefiċjarju jrid jiżgura l-istess livell ta' attenzjoni u protezzjoni kif applikabbli għall-foresti;

(d) ☐ fil-każ ta' operazzjonijiet ta' tisġir li jwasslu sabiex il-foresti jikbru aktar minn ċertu livell limitu, li għandu jiġi definit mill-Istati Membri, l-operazzjoni trid tikkonsisti minn dan li ġej:

(i) it-tħawwil ta' speċijiet adatti għall-ekoloġija u/jew speċijiet reżiljenti għat-tibdil fil-klima fiż-żona bijoġeografika kkonċernata, u li valutazzjoni tal-impatti tkun sabithom li ma jheddux il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema, jew li jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem; jew

(ii) taħlita ta' speċijiet ta' siġar li tinkludi tal-anqas 10 % tas-siġar b'weraq wesgħin fiż-żona, jew minimu ta' tliet speċijiet ta' siġar jew varjetajiet, bl-anqas waħda abbundanti fosthom li tieħu tal-anqas 10 % taż-żona.

5. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (508) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ **Għajnuna għall-istabbiliment, ir-riġenerazzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' sistemi agroforestali. (It-Taqsima 2.1.2 tal-Linji Gwida)**

1. Ikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata għall-istabbiliment ta' sistemi agroforestali kif definit fil-punt (33)(10) tal-Linji Gwida.

☐ iva ☐ le

Iddeskrivi l-miżura ta' għajnuna:

.....

2. Indika jekk il-kostijiet eliġibbli jikkonċernaw dawn li ġejjin:

(a) ☐ l-istabbiliment, ir-riġenerazzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' sistemi agroforestali.

(b) ☐ primjum annwali għal kull ettaru għall-manutenzjoni.

3. Iddefinixxi d-durata massima ta' primjum annwali għal kull ettaru għall-manutenzjoni:

.....

4. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (513) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

5. Indika l-għadd minimu u massimu ta' siġar għal kull ettaru li għandhom jitħawlu, u uri li dan iqis il-kundizzjonijiet pedoklimatiċi u l-kundizzjonijiet ambjentali lokali, l-ispeċijiet tal-forestrija u l-ħtieġa li jiġi żgurat użu agrikolu sostenibbli tal-art.

.....

☐ **Għajnuna għall-prevenzjoni u r-restawr tal-ħsara lill-foresti. (It-Taqsima 2.1.3 tal-Linji Gwida)**

1. Indika jekk il-kostijiet eliġibbli jikkonċernawx:

(a) ☐ l-istabbiliment ta' infrastruttura protettiva (fil-każ ta' tifqigħat ta' nar, l-għajnuna tista' tkopri wkoll l-kostijiet tal-manutenzjoni);

Ikkonferma li mhu se tingħata l-ebda għajnuna għal attivitajiet relatati mal-agrikoltura f'żoni koperti mill-impenji agroambjentali klimatiċi msemmija fil-Parti II, it-Taqsima 1.1.4 tal-Linji Gwida.

☐ iva ☐ le

(b) ☐ attivitajiet lokali fuq skala żgħira ta' prevenzjoni kontra n-nirien jew perikli naturali oħra, inklużi l-kostijiet tal-użu ta' annimali li jirgħaw, u trasport tal-annimali;

(c) ☐ l-istabbiliment u t-titjib ta' faċilitajiet ta' monitoraġġ tan-nirien forestali, pesti, speċijiet aljeni invażivi u mard u tat-tagħmir ta' komunikazzjoni;

(d) ☐ ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija li sofrew ħsara minħabba nirien, diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi oħra, pesti tal-pjanti, speċijiet aljeni invażivi, eventi katastrofiċi u eventi relatati mat-tibdil fil-klima.

Ikkonferma li meta l-ħsara minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali jew pesti tal-pjanti jew speċijiet aljeni invażivi, tista' tkun marbuta mat-tibdil fil-klima, il-benefiċjarji se jagħmlu ħilithom sabiex jinkludu fir-restawr miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima, sabiex jiġu mminimizzati l-ħsara u t-telf prodotti minn eventi simili fil-futur:

☐ iva ☐ le

(e) ☐ il-kostijiet tal-investimenti relatati maż-żamma tas-saħħa tal-foresti.

2. Ikkonferma li meta tingħata għajnuna favur ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija li saritlu ħsara minn nirien, diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, eventi klimatiċi avversi oħra, pesti tal-pjanti, speċijiet aljeni invażivi, eventi katastrofiċi u eventi relatati mat-tibdil fil-klima, l-għajnuna se tkun soġġetta għar-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun seħħ mill-anqas wieħed mill-eventi msemmija fil-mistoqsija 1(d) ta' dan il-punt u għas-sottomissjoni mill-benefiċjarji ta' prova ta' għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju sabiex tiġi indirizzata l-okkorrenza potenzjali tal-event dannuż fil-futur, meta dan ikun xieraq:

☐ iva ☐ le

3. Fil-każ ta' għajnuna għall-prevenzjoni ta' ħsara lil foresta minn pesti tal-pjanti jew speċijiet aljeni invażivi, ipprovdi l-evidenza xjentifika u r-rikonoxximent minn organizzazzjoni pubblika xjentifika tar-riskju tal-okkorrenza tal-pest tal-pjanti jew tal-ispeċi aljena invażiva. Fejn rilevanti, ipprovdi l-lista ta' organiżmi ta' ħsara li jistgħu jsiru l-pest tal-pjanti:

.....

4. Ikkonferma li l-operazzjonijiet eliġibbli, relatati ma' ħsara minn nirien forestali jew aġenti bijotiċi huma konsistenti mal-pjan għall-protezzjoni tal-foresti stabbilit mill-Istat Membru u speċjalment mal-azzjonijiet ta' prevenzjoni u restawr ipprovduti fil-pjan għall-protezzjoni tal-foresti:

☐ iva ☐ le

5. Ikkonferma li huma biss iż-żoni forestali li jappartjenu għall-pjan għall-protezzjoni tal-foresti stabbilit mill-Istat Membru li huma eliġibbli għall-għajnuna għall-prevenzjoni tan-nirien:

☐ iva ☐ le

6. Ikkonferma li mhux se tingħata għajnuna għat-telf tal-introjtu li jirriżulta minn nirien, diżastri naturali, event klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, eventi klimatiċi avversi oħra, pesti tal-pjanti, speċijiet aljeni invażivi, eventi katastrofiċi u eventi relatati mat-tibdil fil-klima:

☐ iva ☐ le

7. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (521) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

Skont il-punt (522) tal-Linji Gwida, l-għajnuna mogħtija għall-kostijiet eliġibbli msemmija fil-punt (515)(d) tal-Linji Gwida u kwalunkwe pagament ieħor riċevut mill-benefiċjarju, inklużi pagamenti skont miżuri oħra nazzjonali jew tal-Unjoni jew poloz tal-assigurazzjoni għall-istess kostijiet eliġibbli, huma limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

8. Se jittieħdu miżuri biex jiġi evitat il-kumpens żejjed, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-għajnuna mogħtija għall-kostijiet eliġibbli msemmija fil-punt (515)(d) tal-Linji Gwida u kwalunkwe pagament ieħor riċevut mill-benefiċjarju, inklużi pagamenti skont miżuri oħra nazzjonali jew tal-Unjoni jew poloz tal-assigurazzjoni għall-istess kostijiet eliġibbli jkunu limitati għal 100 %?

☐ iva ☐ le

9. Iddeskrivi l-miżuri msemmija fil-punt preċedenti, meħuda sabiex jiġi evitat il-kumpens żejjed:

……

☐ **Għajnuna għall-investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi forestali. (It-Taqsima 2.1.4 tal-Linji Gwida)**

1. Indika jekk il-kostijiet eliġibbli jikkonċernaw dawn li ġejjin:

☐ investimenti li għandhom l-għan li jissodisfaw l-impenji ambjentali bil-ħsieb li jipprovdu servizzi tal-ekosistema;

☐ investimenti li għandhom l-għan li jtejbu l-valur tal-amenità pubblika tal-foresti u tal-imsaġar fiż-żona kkonċernata;

☐ investimenti li għandhom l-għan li jtejbu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-potenzjal ta' adattament tal-ekosistemi.

Jekk hemm xi benefiċċju ekonomiku fit-tul, iddeskrivih:

……

2. Indika l-intensità tal-għajnuna: ……

Innota li skont il-punt (525) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ **Għajnuna għall-investimenti f'teknoloġiji tal-forestrija u fl-ipproċessar, fil-mobilizzazzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-foresta. (It-Taqsima 2.1.5 tal-Linji Gwida)**

1. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ investimenti li jsaħħu l-potenzjal tal-forestrija:

(i) ☐ investimenti għal makkinarju u prattiki tal-ħsad li ma jagħmlux ħsara lill-ħamrija u lir-riżorsi;

(ii) ☐ investimenti oħra.

(b) ☐ investimenti relatati mal-ipproċessar, mal-mobilizzazzjoni u mal-kummerċjalizzazzjoni li jżidu l-valur tal-prodotti tal-foresta.

2. Iddeskrivi l-miżura aktar fid-dettall:

……

3. Meta l-investimenti jkunu relatati mat-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti, ipprovdi ġustifikazzjoni fir-rigward tat-titjib mistenni għall-foresti fuq azjenda waħda jew aktar u speċifika jekk humiex inklużi investimenti għal makkinarju u prattiki tal-ħsad li ma jagħmlux ħsara lill-ħamrija u li ma jagħmlux ħsara lir-riżorsi:

……

4. Meta l-investimenti huma relatati mal-użu tal-injam bħala materja prima jew sors ta' enerġija, dawk l-investimenti huma limitati għall-operazzjonijiet kollha ta' ħidma qabel l-ipproċessar industrijali?

☐ iva ☐ le

5. Indika l-intensità massima tal-għajnuna:

(a) ……% tal-ammont tal-kostijiet eliġibbli;

(b) ..... % tal-ammont tal-kostijiet eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew;

(c) ..... % tal-ammont tal-kostijiet eliġibbli għall-investimenti marbuta ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fl-Artikolu 73(4), il-punt (a)(i), tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([513]).

Innota li skont il-punt (530) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx taqbeż il-65 % tal-ammont tal-kostijiet eliġibbli. Tista' tiżdied għal massimu ta' 80 % għal investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew u għal investimenti marbuta ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fl-Artikolu 73(4), il-punt (a)(i), tar-Regolament (UE) 2021/2115.

☐ **Għajnuna għall-investimenti fl-infrastruttura relatata mal-iżvilupp, mal-modernizzazzjoni jew mal-adattament tal-forestrija. (It-Taqsima 2.1.6 tal-Linji Gwida)**

1. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(i) ☐ assi tanġibbli;

(ii) ☐ assi mhux tanġibbli,

li jikkonċernaw l-infrastruttura relatata mal-iżvilupp, mal-modernizzazzjoni jew mal-adattament tal-forestrija, inkluż l-aċċess għall-art forestali, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, id-diġitalizzazzjoni tal-forestrija, l-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' ħżin temporanju u l-provvista ta' enerġija sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika, il-provvista u l-iffrankar tal-ilma, u l-użu tal-bhejjem minflok il-makkinarju.

2. Indika liema minn dawn li ġejjin jikkonċernaw l-investimenti fl-infrastruttura:

(a) ☐ l-iżvilupp tal-foresti;

(b) ☐ il-modernizzazzjoni tal-foresti;

(c) ☐ l-adattament tal-foresti.

3. Indika liema minn dawn li ġejjin jinkludu l-investimenti fl-infrastruttura:

(a) ☐ l-aċċess għall-art forestali;

(b) ☐ il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art;

(c) ☐ id-diġitalizzazzjoni tal-forestrija;

(d) ☐ l-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' ħżin temporanju;

(e) ☐ il-provvista ta' enerġija sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika u l-provvista u l-iffrankar tal-ilma;

(f) ☐ l-użu ta' bhejjem minflok makkinarju.

4. Iddeskrivi l-miżura aktar fid-dettall:

……;……

5. Indika l-intensità tal-għajnuna:

— …… % tal-kostijiet eliġibbli ta' investimenti li ma jiġġenerawx id-dħul, investimenti bl-għan esklużiv li jtejbu l-valur ambjentali tal-foresti u investimenti għal toroq forestali, li huma miftuħa għall-pubbliku mingħajr ħlas u li jservu l-aspetti multifunzjonali tal-foresti;

([513]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

Innota li skont il-punt (533) tal-Linji Gwida, fil-każ ta' investimenti li ma jiġġenerawx id-dħul, investimenti bl-għan esklużiv li jtejbu l-valur ambjentali tal-foresti u investimenti għat-toroq tal-foresti, li huma miftuħa għall-pubbliku mingħajr ħlas u li jservu l-aspetti multifunzjonali tal-foresti, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż 100 % tal-kost eliġibbli.

— …… % tal-kostijiet eliġibbli tal-investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew;

Innota li skont il-punt (534) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż it-80 % għall-investimenti fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer minuri tal-Eġew.

— …… % tal-kostijiet eliġibbli tal-investimenti marbutin ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fl-Artikolu 73(4), il-punt (a)(i), tar-Regolament (UE) 2021/2115;

Innota li skont il-punt (534) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż it-80 % tal-kostijiet eliġibbli tal-investimenti marbuta ma' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fl-Artikolu 73(4), il-punt (a)(i), tar-Regolament (UE) 2021/2115.

— …… % ta' kostijiet eliġibbli oħra.

Innota li skont il-punt (535) tal-Linji Gwida, fil-każijiet l-oħra kollha l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-65 % tal-kostijiet eliġibbli.

6. Fil-każ li jiġu appoġġjati investimenti fl-aċċess għall-art forestali, indika d-densità mejda tal-mogħdijiet/toroq tal-foresta fiż-żona kkonċernata, qabel u wara l-investiment (f'metri għal kull ettaru) ……

☐ **Għajnuna għall-investimenti favur il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali li jinsab fil-foresti. (It-Taqsima 2.1.7 tal-Linji Gwida)**

1. Ikkonferma li l-għajnuna se tingħata għall-wirt kulturali u naturali fil-forma ta' pajsaġġi naturali u bini, li hija rikonoxxuta formalment bħala wirt kulturali jew naturali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

☐ iva ☐ le

2. Indika l-kostijiet eliġibbli:

☐ investimenti f'assi tanġibbli;

☐ xogħol kapitalizzat.

3. Indika l-intensità tal-għajnuna: ……

Innota li skont il-punt (539) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-investimenti f'assi tanġibbli ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

4. Indika l-ammont tal-għajnuna għal xogħol kapitalizzat: ……

Innota li skont il-punt (539) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għax-xogħlijiet kapitalizzati trid tkun limitata għal EUR 10 000 fis-sena.

☐ **Għajnuna għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi fil-forestrija. (It-Taqsima 2.1.8 tal-Linji Gwida)**

1. Ikkonferma li l-għajnuna se tingħata lil impriżi attivi fil-forestrija:

☐ iva ☐ le

2. Il-fond mutwu ġie akkreditat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali?

☐ iva ☐ le

3. Il-fond mutwu għandu politika trasparenti dwar pagamenti fil-fond u l-ġbid minnu?

☐ iva ☐ le

4. Il-fond mutwu għandu regoli ċari li jattribwixxu r-responsabbiltajiet għal kwalunkwe dejn imġarrab?

☐ iva ☐ le

Innota li f'konformità mal-punt (542) tal-Linji Gwida, il-mistoqsijiet 2, 3 u 4 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni jridu jitwieġbu fl-affermattiv sabiex il-Kummissjoni tapprova l-għajnuna.

5. Ġew definiti regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fond mutwu, b'mod partikolari għall-għoti ta' pagamenti bħala kumpens, kif ukoll għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-regoli?

☐ iva ☐ le

6. L-arranġamenti tal-fond mutwu jipprevedu penali fil-każ ta' negliġenza min-naħa tal-impriża?

☐ iva ☐ le

Innota li f'konformità mal-punt (543) tal-Linji Gwida, il-mistoqsijiet 5 u 6 ta' din il-Formola ta' Informazzjoni jridu jitwieġbu fl-affermattiv sabiex il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni li tapprova l-għajnuna.

7. Speċifika liema ħsarat se jkopri l-fond mutwu li għalih se titħallas b'mod parzjali l-kontribuzzjoni finanzjarja skont il-miżura ta' għajnuna notifikata:

☐ Ħsara kkaġunata minn nirien forestali;

☐ Ħsara kkaġunata minn diżastri naturali;

☐ Ħsara kkaġunata minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali jew eventi klimatiċi avversi oħra;

☐ Ħsara kkaġunata minn pesti tal-pjanti jew speċijiet aljeni invażivi;

☐ Ħsara kkaġunata minn eventi katastrofiċi u eventi relatati mat-tibdil fil-klima kif imsemmi fil-punt (514) tal-Linji Gwida;

☐ Ħsara fil-foresti kkaġunata minn annimali protetti, kif imsemmi fit-Taqsima 2.8.5 tal-Linji Gwida;

☐ Ħsarat ikkaġunati minn inċidenti ambjentali.

8. Ikkonferma li għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi biex jitħallas kumpens għall-ħsara kkaġunata minn inċidenti ambjentali, l-okkorrenza tal-inċident ambjentali se tiġi rikonoxxuta formalment bħala tali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, l-Istat Membru uża kriterji stabbiliti minn qabel li abbażi tagħhom jitqies li ngħata r-rikonoxximent formali msemmi?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi dettalji addizzjonali dwar dawk il-kriterji stabbiliti minn qabel:

……

9. Indika l-kostijiet eliġibbli:

☐ Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi biex jitħallas kumpens lis-sidien tal-foresti u lill-forestiera għall-ħsara msemmija fil-mistoqsija 7 ta' din il-formola ta' informazzjoni, li huma relatati mal-ammonti mħallsa mill-fond mutwu bħala kumpens finanzjarju lill-impriżi attivi fil-forestrija.

Innota li ma hemm ebda kost eliġibbli ieħor.

10. Indika l-intensità massima tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (547) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż is-70 % tal-kostijiet eliġibbli:

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

2.2. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL ŻVANTAĠĠI SPEĊIFIĊI GĦAŻ-ŻONA LI JIRRIŻULTAW MINN ĊERTI REKWIŻITI OBBLIGATORJI F'ŻONI FORESTALI**

Din il-formola ta' informazzjoni trid tintuża b'rabta mal-għajnuna mill-Istat għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji f'żoni forestali kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

1. Ikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata biss lis-sidien tal-foresti, lill-forestiera u/jew lill-assoċjazzjonijiet tagħhom:

☐ iva ☐ le

2. L-għajnuna tingħata kull sena u għal kull ettaru ta' foresta?

☐ iva ☐ le

3. Indika ż-żoni eliġibbli għall-għajnuna:

(a) ☐ żoni forestali ta' Natura 2000 iddeżinjati skont id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE;

(b) ☐ żoni delimitati oħra ta' protezzjoni tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-foresti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE, li ma jaqbżux il-5 % taż-żoni dežinjati ta' Natura 2000 koperti mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' kull Pjan Strateġiku tal-PAK.

4. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw minn żvantaġġi speċifiċi għaż-żona fiż-żoni kkonċernati;

(b) ☐ l-introjtu mitluf li jirriżulta mill-iżvantaġġi speċifiċi għaż-żona fiż-żoni kkonċernati;

(c) ☐ il-kostijiet tat-tranżazzjoni.

5. Ikkonferma li l-kostijiet addizzjonali u l-introjtu mitluf imsemmija fil-mistoqsija 4(a) u (b) ta' din il-formola ta' informazzjoni se jiġu kkalkulati abbażi tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw mid-Direttivi 92/43/KEE, 2009/147/KE u 2000/60/KE:

☐ iva ☐ le

Iddeskrivi l-metodu ta' kalkolu:

.....

6. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (553) tal-Linji Gwida, l-intensità massima tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

Indika l-ammont għal kull ettaru fis-sena:

.....

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

2.3. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL SERVIZZI AMBJENTALI U KLIMATIĊI TAL-FORESTI U L-KONSERVAZZJONI TAL-FORESTI**

Din il-formola ta' informazzjoni trid tintuża b'rabta mal-għajnuna mill-Istat għal servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti u għall-konservazzjoni tal-foresti kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 2.3 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

1. DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

1.1. Iddeskrivi l-impenn(i) ta' ġestjoni volontarji li għandhom jitwettqu u indika jekk dawn imorrux lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji rilevanti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-forestrija jew minn leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni rilevanti oħra.

……

1.2. Indika r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti u ddeskrivihom f'aktar dettall jew fid-dokumentazzjoni mehmuża:

……

1.3. Id-durata tal-impenji meħuda hija prevista bejn 5 u 7 snin?

Speċifika: ……

1.4. Jekk id-durata tal-perjodu ta' impenn hija itwal, iġġustifika għaliex huwa meqjus neċessarju fil-każ tat-tip partikolari ta' impenn:

……

1.5. Jekk id-durata tal-perjodu ta' impenn hija iqsar, iġġustifika għaliex huwa meqjus neċessarju fil-każ tat-tip partikolari ta' impenn. Innota li d-durata tal-perjodu ta' impenn trid tkun mill-anqas ta' sena:

……

1.6. Indika jekk il-kostijiet eliġibbli humiex se jiġu kkalkulati:

(a) ☐ bħala kumpens għal:

☐ kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-impenji ta' ġestjoni volontarji;

☐ introjtu mitluf li jirriżulta mill-impenji ta' ġestjoni volontarji;

☐ kostijiet tat-tranżazzjoni sa valur sa 20 % tal-primjum tal-għajnuna mħallas għall-impenji ambjentali tal-foresti.

Iddikjara r-raġunijiet għaliex l-kostijiet tat-tranżazzjoni huma kkunsidrati bħala meħtieġa:

……

(b) ☐ abbażi tal-valur tas-servizzi ambjentali tal-foresti u tal-klima li mhumiex remunerati mis-suq, inklużi skemi kollettivi u skemi ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati, bħal skemi ta' kultivazzjoni karbonika.

(c) ☐ f'każijiet debitament ġustifikati, bħal operazzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni ambjentali, l-għajnuna għal impenji biex jiġi rrinunzjat l-użu kummerċjali ta' siġar u foresti tista' tiġi kkalkulata bħala pagament b'rata fissa jew pagament ta' darba għal kull unità kkalkulat abbażi tal-kostijiet addizzjonali mġarrba u l-introjtu mitluf.

Iġġustifika din l-għajnuna:

……

1.7. L-għajnuna tingħata għal operazzjonijiet għall-konservazzjoni u l-promozzjoni ta' riżorsi ġenetiċi tal-foresti?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ikkonferma li l-operazzjonijiet jinkludu dawn li ġejjin:

(a) ☐ azzjonijiet immirati: azzjonijiet li jippromwovu l-konservazzjoni *in situ* u *ex situ*, il-karatterizzazzjoni, il-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fil-forestrija, inklużi inventarji bbażati fuq l-internet ta' riżorsi ġenetiċi li bħalissa huma kkonservati *in situ*, inkluż il-konservazzjoni f'azjenda fil-foresta, ta' ġabriet u bażijiet tad-data *ex situ*;

(b) ☐ azzjonijiet konċertati: azzjonijiet li jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni għall-konservazzjoni, il-karatterizzazzjoni, il-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fil-forestrija tal-Unjoni, fpst l-organizzazzjonijiet kompetenti fl-Istati Membri;

(c) ☐ azzjonijiet ta' akkumpanjament: azzjonijiet ta' informazzjoni, disseminazzjoni u konsulenza li jinvolvu organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, korsijiet ta' taħriġ u l-preparazzjoni ta' rapporti tekniċi.

Iddeskrivi fid-dettall l-operazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni u mal-promozzjoni ta' riżorsi ġenetiċi tal-foresti msemmija fil-punti (a), (b) u (c):

……

1.8. Indika l-intensità tal-għajnuna:

— ..... % tal-kostijiet eliġibbli għal servizzi relatati mal-bijodiversità, il-klima, l-ilma jew il-ħamrija, skemi kollettivi u skemi ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati, bħal skemi ta' kultivazzjoni karbonika;

Innota li skont il-punt (561)(a) tal-Linji Gwida, l-intensità massima tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-120 % tal-kostijiet eliġibbli għas-servizzi relatati mal-bijodiversità, il-klima, l-ilma jew il-ħamrija, l-iskemi kollettivi u l-iskemi ta' pagamenti bbażati fuq ir-riżultati, bħal skemi ta' kultivazzjoni karbonika.

— …….. % tal-valur tas-servizzi ambjentali u klimatiċi tal-foresti li mhumiex remunerati mis-suq, fil-każ ta' skemi li jikkalkulaw il-kostijiet eliġibbli abbażi tal-punt (557)(b) tal-Linji Gwida;

Innota li skont il-punt (561)(b) tal-Linji Gwida, l-intensità massima tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-valur tas-servizzi ambjentali tal-foresti u tal-klima li mhumiex remunerati mis-suq, fil-każ ta' skemi li jikkalkulaw il-kostijiet eliġibbli abbażi tal-punt (557)(b) tal-Linji Gwida.

— …….. % tal-kostijiet eliġibbli għall-konservazzjoni u l-promozzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti u fil-każijiet l-oħra kollha.

Innota li skont il-punt (561)(c) tal-Linji Gwida, l-intensità massima tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli għall-konservazzjoni u l-promozzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti u fil-każijiet l-oħra kollha.

2. KLAWŻOLA TA' REVIŻJONI

2.1. Ikkonferma li hija prevista klawżola ta' reviżjoni għall-operazzjonijiet inklużi f'din l-għajnuna:

☐ iva ☐ le

Innota li f'konformità mal-punt (647) tal-Linji Gwida, l-Istat Membru huwa meħtieġ jipprovdi klawżola ta' reviżjoni ħalli jiżgura l-aġġustament tal-operazzjonijiet fil-każ ta' emendi tal-istandards obbligatorji, ir-rekwiżiti jew l-obbligi rilevanti msemmija fit-Taqsima 2.3 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Linji Gwida li jridu jinqabżu mill-impenji msemmija f'dik it-Taqsima.

2.2. Din l-għajnuna tmur lil hinn mill-perjodu ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali 2023–2027?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li f'konformità mal-punt (648) tal-Linji Gwida, trid tiġi inkluża klawżola ta' reviżjoni sabiex tippermetti l-aġġustament tal-operazzjonijiet għall-qafas legali tal-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

2.4. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-ISKAMBJU TAL-GĦARFIEN U AZZJONIJIET TA' INFORMAZZJONI FIS-SETTUR TAL-FORESTRIJA**

Din il-formola ta' informazzjoni trid tintuża b'rabta mal-għajnuna mill-Istat għall-iskambju tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni fis-settur tal-forestrija kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 2.4 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

1. Ikkonferma li l-azzjonijiet appoġġjati huma konsistenti mad-deskrizzjoni tal-AKIS ipprovduta fil-Pjan Strateġiku tal-PAK:

☐ iva ☐ le

2. Liema minn dawn it-tipi ta' azzjonijiet jistgħu jiġu ffinanzjati bl-għajnuna?

(a) ☐ l-azzjoni għall-promozzjoni tal-innovazzjoni;

(b) ☐ it-taħriġ;

(c) ☐ it-tfassil u l-aġġornament ta' pjanijiet u studji;

(d) ☐ l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-għarfien u l-informazzjoni li jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([514]);

(e) ☐ l-iskambji ta' ġestjoni tal-foresti għal żmien qasir u żjarat fil-foresti li jiffukaw, b'mod partikolari, fuq metodi jew teknoloġiji sostenibbli tal-forestrija, l-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju u teknoloġiji ġodda, u fuq it-titjib tar-reżiljenza tal-foresti;

(f) ☐ l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni.

Speċifika jekk l-għajnuna għal attivitajiet ta' dimostrazzjoni tkoprix l-kostijiet tal-investiment rilevanti:

☐ iva ☐ le

Jekk le, speċifika l-kostijiet eliġibbli tal-investiment:

.....

3. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (566) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

2.5. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL SERVIZZI TA' KONSULENZA FIS-SETTUR TAL-FORESTRIJA**

Din il-formola ta' informazzjoni trid tintuża b'rabta mal-għajnuna mill-Istat għal servizzi ta' konsulenza fis-settur tal-forestrija kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 2.5 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

([514]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

1. Ikkonferma li l-azzjonijiet appoġġjati huma konsistenti mad-deskrizzjoni tal-AKIS ipprovduta fil-Pjan Strateġiku tal-PAK:

☐ iva ☐ le

2. Ikkonferma li s-servizzi ta' konsulenza jkopru dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali u jwasslu informazzjoni teknoloġika u xjentifika aġġornata żviluppata mir-riċerka u l-innovazzjoni:

☐ iva ☐ le

3. Ikkonferma li l-pariri lis-sidien tal-foresti huwa marbut ma' mill-anqas objettiv speċifiku wieħed stabbilit fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([515]):

☐ iva ☐ le

4. Speċifika l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 ikkonċernat:

……

5. Ikkonferma li l-pariri lis-sidien tal-foresti jkopru bħala minimu l-obbligi rilevanti skont id-Direttiva 92/43/KEE ([516]), id-Direttiva 2009/147/KE ([517]) u d-Direttiva 2000/60/KE ([518]):

☐ iva ☐ le

6. Speċifika l-obbligi rilevanti skont id-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva 2009/147/KE u d-Direttiva 2000/60/KE li l-pariri jkopru:

……

7. Speċifika jekk l-għajnuna tkoprix kwistjonijiet marbuta mal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tal-azjenda forestali:

☐ iva ☐ le

Speċifika:

……

8. Ikkonferma li l-parir mogħti huwa imparzjali u li l-konsulenti ma għandhom l-ebda kunflitt ta' interess:

☐ iva ☐ le

9. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ l-għajnuna li tgħin lill-impriżi attivi fis-settur tal-forestrija jibbenefikaw mill-użu ta' servizzi ta' konsulenza bl-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ekonomika u ambjentali kif ukoll il-kapaċità tal-azjenda, l-intraprizà u/jew l-investiment tagħhom li ma jagħmlux ħsara lill-klima u li jkunu reżistenti għat-tibdil fil-klima;

(b) ☐ il-kostijiet biex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti;

Iddeskrivi l-miżuri previsti:

……

10. Ikkonferma li l-għajnuna tingħata lill-fornitur ta' servizzi ta' konsulenza u ma tinvolvix pagamenti diretti lil impriżi attivi fis-settur tal-forestrija (benefiċjarji):

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (572) tal-Linji Gwida, l-għajnuna li tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati.

([515]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([516]) EUR-Lex - 31992L0043 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([517]) EUR-Lex - 32009L0147 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([518]) EUR-Lex - 32000L0060 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

11. Speċifika l-intensità tal-għajnuna u l-ammont tal-għajnuna:

.....

Innota li skont il-punt (574) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli u ma tridx taqbeż EUR 200 000 għal kull impriża fi kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida:

.....

2.6. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-KOOPERAZZJONI FIS-SETTUR TAL-FORESTRIJA**

Din il-formola ta' informazzjoni trid tintuża b'rabta mal-għajnuna mill-Istat għall-kooperazzjoni fis-settur tal-forestrija kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 2.6 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

1. TIP TA' GĦAJNUNA

1.1. L-għajnuna tingħata biex tippromwovi l-kooperazzjoni li tikkontribwixxi għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([519])?

☐ iva ☐ le

Speċifika għal liema objettiv tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jikkontribwixxi l-miżura megħjuna:

.....

1.2. Il-kooperazzjoni tinvolvi mill-anqas żewġ atturi?

☐ iva ☐ le

1.3. Ikkonferma li huma biss l-atturi attivi fis-settur tal-forestrija jew fis-setturi tal-forestrija u tal-agrikoltura li jibbenefikaw mill-għajnuna:

☐ iva ☐ le

Innota li f'konformità mal-punt (577) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tingħata biex tippromwovi l-kooperazzjoni li tinvolvi mill-anqas żewġ atturi irrispettivament minn jekk humiex attivi fis-settur tal-forestrija jew fis-setturi tal-forestrija u tal-agrikoltura iżda soġġetta għall-kooperazzjoni li minnha jibbenefikaw biss is-settur tal-forestrija jew is-setturi tal-forestrija u tal-agrikoltura.

1.4. Indika l-forma tal-miżura ta' kooperazzjoni megħjuna:

(a) ☐ approċċi ta' kooperazzjoni fost impriżi differenti fis-settur tal-forestrija u atturi oħra attivi fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija li jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115, inklużi gruppi ta' produttturi u kooperattivi;

(b) ☐ il-ħolqien ta' raggruppamenti u networks.

1.5. Ikkonferma li ma ngħatat l-ebda għajnuna għall-kooperazzjoni li tinvolvi biss korpi ta' riċerka:

☐ iva ☐ le

([519]) EUR-Lex - 32021R2115 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

2. KOSTIJIET ELIĠIBBLI U INTENSITÀ TAL-GĦAJNUNA

2.1. L-għajnuna tingħata għall-kooperazzjoni relatata mal-attivitajiet li ġejjin:

(a) ☐ proġetti pilota;

(b) ☐ l-iżvilupp ta' prodotti, prattiki, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur tal-forestrija;

(c) ☐ kooperazzjoni bejn operaturi żgħar fis-settur tal-forestrija fl-organizzazzjoni ta' proċessi ta' ħidma konġunta u l-qsim ta' faċilitajiet u riżorsi;

(d) ☐ kooperazzjoni orizzontali u vertikali fost l-atturi tal-katina tal-provvista għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;

(e) ☐ attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntest lokali relatati mal-iżvilupp ta' katina tal-provvista qasira u swieq lokali;

(f) ☐ azzjoni kollettiva li ssir għall-għanijiet ta' mitigazzjoni jew ta' adattament għat-tibdil fil-klima;

(g) ☐ l-implimentazzjoni, b'mod partikolari minn gruppi ta' sħab pubbliċi u privati għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 31(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/1060 ([520]), ta' strateġiji ta' żvilupp lokali għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

2.2. Meta l-għajnuna tingħata għall-ħolqien ta' raggruppamenti u networks, din l-għajnuna tingħata biss lil raggruppamenti u networks iffurmati ġodda u lil dawk li jibdew attività li hija ġdida għalihom?

☐ iva ☐ le

Jekk le, innota li skont il-Linji Gwida tal-Unjoni, din l-għajnuna ma tistax tingħata.

2.3. Fil-każ ta' għajnuna għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra, l-għajnuna tkopri biss ktajjen tal-provvista li jinvolvu mhux aktar minn intermedjarju wieħed bejn is-sid tal-foresti/il-forestier u l-konsumatur?

☐ iva ☐ le

2.4. Indika l-kostijiet eliġibbli, sa fejn dawn jikkonċernaw attivitajiet fis-settur tal-forestrija:

(a) ☐ il-kostijiet ta' studji taż-żona kkonċernata, studji tal-fattibbiltà, u tat-tfassil ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew strateġija ta' żvilupp lokali minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(b) ☐ il-kostijiet operazzjonali tal-kooperazzjoni, bħall-paga tal-"koordinatur";

(c) ☐ il-kostijiet tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu implimentati;

(d) ☐ il-kostijiet tal-attivitajiet ta' promozzjoni;

(e) ☐ il-kostijiet għat-tfassil ta' pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti jew strumenti ekwivalenti.

2.5. L-għajnuna hija limitata għal perjodu massimu ta' seba' snin?

☐ iva ☐ le

2.6. Meta l-għajnuna ma tkunx limitata għal perjodu massimu ta' seba' snin, indika r-raġuni għal durata differenti:

(a) ☐ l-għajnuna tingħata favur l-implimentazzjoni, b'mod partikolari minn gruppi ta' sħab pubbliċi u privati għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 31(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/1060, ta' strateġiji ta' żvilupp lokali għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2021/1060;

([520]) EUR-Lex - 32021R1060 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

(b) ☐ l-għajnuna tingħata favur azzjonijiet ambjentali u dwar il-klima kollettivi f'każijiet debitament ġustifikati biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima stabbiliti fl-Artikolu 6(1), il-punti (d), (e) u (f) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Iġġustifika l-azzjonijiet ambjentali kollettivi li jaqbżu s-seba' snin:

.....

2.7. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (585) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli, bl-eċċezzjoni tal-kostijiet tal-operazzjoni, li jikkonsistu f'investimenti.

2.8. Indika l-intensità massima tal-għajnuna tal-kostijiet tal-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (582)(c) tal-Linji Gwida, li jikkonsistu f'investimenti:

.....

Innota li skont il-punt (584) tal-Linji Gwida, il-kostijiet tal-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (582)(c) tal-Linji Gwida, li jikkonsistu f'investimenti, b'mod partikolari kostijiet diretti ta' proġetti speċifiċi marbuta mal-implimentazzjoni ta' pjan ta' ġestjoni tal-foresti jew ekwivalenti, iridu jkunu limitati għall-kostijiet eliġibbli u għall-intensitajiet massimi tal-għajnuna għall-investiment fis-settur tal-forestrija, kif speċifikat fit-Taqsima 2.1 tal-Parti II tal-Linji Gwida relatati mal-għajnuna għall-investiment.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

2.7. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA TAL-BIDU GĦAL GRUPPI U ORGANIZZAZZJONIJIET TA' PRODUTTURI FIS-SETTUR TAL-FORESTRIJA**

Din il-formola ta' informazzjoni trid tintuża b'rabta mal-għajnuna tal-bidu għal gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-forestrija kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 2.7 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

1. Ikkonferma li huma biss il-gruppi jew l-organizzazzjonijiet ta' produtturi li ġew uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat fuq il-bażi ta' sottomissjoni ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju li huma eliġibbli għall-għajnuna:

☐ iva ☐ le

2. L-Istat Membru huwa obbligat jivverifika li ntlaħqu l-objettivi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju matul perjodu ta' ħames snin mid-data tar-rikonoxximent tal-grupp jew tal-organizzazzjoni ta' produtturi?

☐ iva ☐ le

3. Ikkonferma li l-ftehimiet, id-deċiżjonijiet u prattiki oħra konklużi fil-qafas tal-grupp jew tal-organizzazzjoni ta' produtturi jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni kif japplikaw skont l-Artikoli 206 sa 210a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013:

☐ iva ☐ le

4. Ikkonferma li ma ngħatat l-ebda għajnuna lil:

(a) organizzazzjonijiet tal-produzzjoni, entitajiet jew korpi, bħalma huma kumpaniji jew kooperattivi, li l-objettiv tagħhom huwa l-ġestjoni ta' azjenda tal-forestrija waħda jew aktar u li għalhekk għandhom jitqiesu bħala produtturi uniċi;

(b) assoċjazzjonijiet tal-forestrija oħra, li jagħmlu kompiti, bħalma huma appoġġ reċiproku u servizzi maniġerjali tal-forestrija, fl-azjenda tal-membri mingħajr ma jkunu involuti fl-adattament konġunt tal-provvista lis-suq.

☐ iva ☐ le

5. L-għajnuna tingħata lil gruppi jew organizzazzjonijiet ta' produtturi jew, sal-istess ammont globali, direttament lill-produtturi biex tpaċi l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-kostijiet tat-tmexxija tal-gruppi jew l-organizzazzjonijiet matul l-ewwel ħames snin wara l-formazzjoni tal-grupp?

☐ iva ☐ le

6. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kiri ta' bini xieraq;

(b) ☐ l-akkwiżizzjoni ta' tagħmir tal-uffiċċju, il-kostijiet tal-persunal amministrattiv, il-kostijiet ġenerali, it-tariffi legali u amministrattivi, l-akkwiżizzjoni ta' hardware tal-kompjuter u t-tariffi tal-akkwiżizzjoni jew tal-użu ta' software tal-kompjuter, cloud u soluzzjonijiet simili;

7. Fejn l-għajnuna tingħata għax-xiri ta' bini msemmi fil-mistoqsija 6(a) ta' din il-Formola ta' Informazzjoni, il-kostijiet huma limitati għall-kostijiet tal-kiri bir-rati tas-suq?

☐ iva ☐ le

8. Ikkonferma li l-ebda għajnuna mhi se titħallas fir-rigward tal-kostijiet imġarrba wara l-ħames sena mir-rikonoxximent tal-grupp jew l-organizzazzjoni ta' produtturi mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fuq il-bażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tiegħu:

☐ iva ☐ le

9. Meta l-għajnuna titħallas f'pagamenti parzjali annwali, l-Istat Membru jħallas l-aħħar pagament parzjali biss wara li jkun ivverifika l-implimentazzjoni korretta tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju?

☐ iva ☐ le

10. Indika l-intensità tal-għajnuna u l-ammont tal-għajnuna:

……

Innota li skont il-punt (593) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli u skont il-punt (594) tal-Linji Gwida, l-ammont totali tal-għajnuna jrid ikun limitat għal EUR 500 000:

11. Fil-każ ta' għoti ta' għajnuna b'mod dirett lill-produtturi biex jitpaċew il-kontribuzzjonijiet tagħhom għat-tmexxija tal-grupp jew tal-organizzazzjonijiet matul l-ewwel ħames snin minn meta jitwaqqaf it-twaqqif tal-grupp jew l-organizzazzjoni, tista' tikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata sal-istess ammont ġenerali?

☐ iva ☐ le

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

2.8. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA OĦRA GĦAS-SETTUR TAL-FORESTRIJA B'OBJETTIVI EKOLOĠIĊI, PROTETTIVI U RIKREATTIVI**

Din il-formola ta' informazzjoni trid tintuża b'rabta mal-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-forestrija b'objettivi ekoloġiċi, protettivi u rikreattivi kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 2.8 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

1. DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

1.1. Ikkonferma li l-objettiv primarju tal-miżura ta' għajnuna mill-Istat huwa li żżomm, ittejjeb jew tirrestawra l-funzjonijiet ekoloġiċi, protettivi u rikreattivi tal-foresti, il-bijodiversità u ekosistema tal-foresti b'saħħitha:

☐ iva ☐ le

1.2. Iddeskrivi kif il-miżuri jikkontribwixxu direttament għaż-żamma jew ir-restawr tal-funzjonijiet ekoloġiċi, protettivi u rikreattivi tal-foresti, il-bijodiversità u ekosistema tal-foresti b'saħħitha:

……

1.3. Ikkonferma li mhu se tingħata l-ebda għajnuna lill-industriji bbażati fuq il-foresti jew għall-estrazzjoni kummerċjalment vijabbli tal-injam jew għat-trasport tal-injam jew għall-ipproċessar tal-injam jew riżorsi oħra tal-forestrija fi prodotti jew għall-ġenerazzjoni tal-enerġija.

☐ iva ☐ le

1.4. Huwa minnu li mhu se tingħata l-ebda għajnuna għall-qtugħ li l-għan primarju tiegħu huwa l-estrazzjoni kummerċjalment vijabbli tal-injam jew għall-istokkjar mill-ġdid meta s-siġar maqtugħa jinbidlu b'oħra bħalhom.

☐ iva ☐ le

1.5. Indika l-intensità tal-għajnuna: ……

Innota li skont il-punt (598) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-miżuri kollha msemmija fit-Taqsima 2.8 tal-Linji Gwida ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

1.6. L-għajnuna tingħata lil impriżi attivi fis-settur tal-forestrija?

☐ iva ☐ le

2. KATEGORIJI TA' GĦAJNUNA

2.1. ☐ **Għajnuna għal azzjonijiet u interventi speċifiċi tal-foresta bl-objettiv primarju li jikkontribwixxu għaż-żamma jew ir-restawr tal-ekosistema u l-bijodiversità tal-foresti jew il-pajsaġġ tradizzjonali**.

2.1.1. Ikkonferma li l-objettiv primarju tal-għajnuna għat-tħawwil, iż-żbir, qtugħ li jnaqqas l-ammont ta' siġar u tqaċċit tas-siġar u veġetazzjoni oħra f'foresti eżistenti, it-tneħħija ta' siġar li waqgħu, u l-kostijiet tal-ippjanar ta' tali miżuri, l-għajnuna għall-kostijiet tat-trattament u l-prevenzjoni tat-tixrid ta' pesti, mard tas-siġar u speċijiet aljeni invażivi u għajnuna li tirrimedja l-ħsara kkaġunata mill-pesti u l-mard tas-siġar u l-ispeċijiet aljeni invażivi, huwa li tikkontribwixxi għaż-żamma jew ir-restawr tal-ekosistema u l-bijodiversità tal-foresti jew il-pajsaġġ tradizzjonali:

☐ iva ☐ le

2.1.2. Iddeskrivi l-miżura aktar fid-dettall:

……

2.1.3. Speċifika l-kostijiet eliġibbli tal-għajnuna għat-trattament u l-prevenzjoni tat-tixrid ta' pesti, mard tas-siġar u speċijiet aljeni invażivi u għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkaġunata mill-pesti, il-mard tas-siġar u l-ispeċijiet aljeni invażivi:

(a) ☐ kostijiet għal miżuri preventivi u ta' trattament, inkluża l-preparazzjoni tal-ħamrija għat-tħawwil mill-ġdid, u l-prodotti, l-apparat u l-materjali meħtieġa għal tali miżuri.

Meta l-għajnuna tingħata għal dawn l-kostijiet, ikkonferma li hemm konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni integrata tal-pesti stabbiliti fl-Artikolu 14 fl-Anness III tad-Direttiva 2009/128/KE ([521]), b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif meħtieġ mill-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ([522]):

☐ iva ☐ le

([521]) EUR-Lex - 32009L0128 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([522]) EUR-Lex - 32009R1107 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

(b) ☐ telf tal-istokk u kostijiet tal-istokkjar mill-ġdid sal-valur tas-suq tal-istokk meqrud fuq l-ordni tal-awtoritajiet biex jiġġieldu l-marda jew il-pest inkwistjoni. Meta jiġi kkalkulat it-telf tal-inkrement, l-inkrement potenzjali tal-istokk meqrud sal-età normali tal-qtugħ jista' jitqies.

2.2. ☐ **Għajnuna għaż-żamma u t-titjib tal-kwalità tal-ħamrija u sabiex ikun żgurat tkabbir bilanċjat u b'saħħtu tas-siġar fis-settur tal-forestrija.**

2.2.1. L-għajnuna tingħata tinżamm u titjieb il-kwalità tal-ħamrija fil-foresti u biex ikun żgurat tkabbir bilanċjat u b'saħħtu tas-siġar?

☐ iva ☐ le

2.2.2. Iddeskrivi l-miżura aktar fid-dettall:

……

2.2.3. Il-miżuri jinkludu t-titjib fil-ħamrija bil-fertilizzazzjoni u bi trattamenti oħra biex jinżamm il-bilanċ naturali tagħha, tonqos id-densità eċċessiva tal-veġetazzjoni u biex ikun żgurat li jinżamm biżżejjed ilma u li dan ikollu mnejn jgħaddi sew, inklużi l-kostijiet tal-ippjanar tagħhom?

☐ iva ☐ le

2.2.4. L-għajnuna tingħata għall-kostijiet tal-ippjanar ta' miżuri bħal dawn?

☐ iva ☐ le

2.2.5. Spjega kif inhu żgurat li l-miżuri ma jtaffux il-bijodiversità, ma jikkawżawx lissija tan-nutrijenti jew ma jolqtux ħażin lill-ekosistemi naturali tal-ilma jew liż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma.

……

2.3. ☐ **Għajnuna għar-restawr u ż-żamma tal-mogħdijiet naturali, l-elementi u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u l-ħabitat naturali għall-annimali fis-settur tal-forestrija.**

2.3.1. Il-kostijiet eliġibbli huma marbutin mar-restawr u ż-żamma tal-pajsaġġi naturali, l-elementi u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u l-ħabitat naturali għall-annimali, inklużi l-kostijiet tal-ippjanar?

☐ iva ☐ le

2.3.2. Iddeskrivi l-miżura u l-kostijiet eliġibbli f'aktar dettall:

……

2.3.3. Ikkonferma li l-miżuri li għandhom l-għan li jimplimentaw id-Direttiva 92/43/KEE ([523]) u d-Direttiva 2009/147/KE ([524]) huma esklużi minn din it-tip ta' għajnuna (dawk il-miżuri jridu jkunu koperti mill-formola relatata mat-Taqsima 2.2 tal-Parti II tal-Linji Gwida).

☐ iva ☐ le

2.4. ☐ **Għajnuna għaż-żamma tat-toroq sabiex jiġu evitati n-nirien forestali**

2.4.1. Ikkonferma li l-għajnuna għaż-żamma tat-toroq għandha l-għan li tipprevjeni n-nirien forestali:

☐ iva ☐ le

2.4.2. Iddeskrivi l-miżura ta' għajnuna:

……

([523]) EUR-Lex - 31992L0043 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([524]) EUR-Lex - 32009L0147 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

2.4.3. Iddeskrivi r-rabta bejn l-objettiv tal-għajnuna (il-prevenzjoni tan-nirien forestali) u l-manutenzjoni tat-toroq:

……

2.5. ☐ **Għajnuna li tirrimedja l-ħsara fil-foresti kkawżata minn annimali protetti.**

2.5.1. Ittieħdu miżuri preventivi raġonevoli proporzjonati għar-riskju ta' ħsara mill-annimali protetti fiż-żona forestali kkonċernata?

☐ iva ☐ le

Jekk inhu impossibbli li jittieħdu dawn il-miżuri preventivi raġonevoli, spjega għalfejn ma tista' tittieħed l-ebda miżura preventiva:

……

2.5.2. Ikkonferma li r-rabta kawżali diretta bejn il-ħsara mġarrba u l-imġiba tal-annimali hija stabbilita:

☐ iva ☐ le

2.5.3. Ikkonferma li l-iskema ta' għajnuna ġiet stabbilita fi żmien tliet snin minn meta seħħ l-event li kkawża l-ħsara u li l-għajnuna se titħallas fi żmien erba' snin minn dik id-data.

☐ iva ☐ le

2.5.4. Il-ħsara hija kkalkulata fil-livell tal-benefiċjarju individwali?

☐ iva ☐ le

2.5.5. Il-kostijiet tal-ħsara mġarrba bħala konsegwenza diretta tal-event li kkaġuna l-ħsara ġew ivvalutata minn awtorità pubblika, minn espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità awtorizzanti jew minn impriża tal-assigurazzjoni?

☐ iva ☐ le

2.5.6. Indika t-tip ta' ħsara:

(a) ☐ ħsara lil siġar ħajjin. L-għajnuna tista' tingħata sabiex tikkumpensa għat-telf tal-istokk u għall-kostijiet tal-istokkjar mill-ġdid sal-valur tas-suq tal-istokk meqrud mill-annimali protetti. Meta jiġi kkalkulat il-valur tas-suq tat-telf tal-inkrement, l-inkrement potenzjali tal-istokk meqrud sal-età normali tal-qtugħ jista' jitqies.

(b) ☐ kostijiet oħra mġarrba mill-benefiċjarju minħabba l-event li kkawża l-ħsara, bħal miżuri ta' trattament, inkluż it-tħejjija tal-ħamrija għat-tħawwil mill-ġdid u l-prodotti, l-apparati u l-materjali meħtieġa għal tali operazzjonijiet.

(c) ☐ il-ħsara materjali għall-assi li ġejjin: tagħmir tal-forestrija, makkinarju u binjiet. Il-kalkolu tal-ħsara materjali jrid ikun ibbażat fuq l-kost tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-ass affettwat qabel ma l-event ikkawża l-ħsara. Dan ma jistax jaqbeż il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżat mill-event, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi eżatt qabel u eżatt wara l-event li kkawża l-ħsara.

2.5.7. L-ammont jitnaqqas bi kwalunkwe kost mhux imġarrab minħabba l-event dannuż, li kieku kien jiġġarrab mill-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

2.5.8. L-għajnuna u kull ħlas ieħor li wasal biex jikkumpensaw għall-ħsara, inklużi l-ħlasijiet minn miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni jew minn poloz tal-assigurazzjoni, huma limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

2.9. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA FIS-SETTUR TAL-FORESTRIJA ALLINJATA MAL-MIŻURI TA' GĦAJNUNA AGRIKOLA**

Din il-formola ta' informazzjoni trid tintuża b'rabta mal-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-forestrija allinjata mal-miżuri ta' għajnuna agrikola kif deskritt fil-Parti II, it-Taqsima 2.9 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

☐ **Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tal-forestrija.**

1. Il-proġett megħjun huwa ta' interess għall-impriżi kollha attivi fis-settur jew fis-subsettur tal-forestrija partikolari kkonċernat?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi evidenza:

.....

2. L-informazzjoni li ġejja se tiġi ppubblikata fuq l-internet qabel id-data tal-bidu tal-proġett megħjun?

(a) id-data tal-bidu tal-proġett megħjun;

(b) l-għanijiet tal-proġett megħjun;

(c) data approssimattiva tal-pubblikazzjoni tar-riżultati mistennija mill-proġett megħjun;

(d) il-post tal-pubblikazzjoni fuq l-internet tar-riżultati mistennija mill-proġett megħjun;

(e) dikjarazzjoni li r-riżultati tal-proġett megħjun huma disponibbli bla ħlas għall-impriżi kollha attivi fis-settur jew f'sottosettur tal-forestrija kkonċernat.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi evidenza u agħti d-dettalji tal-indirizz tal-internet:

.....

3. Ir-riżultati tal-proġett megħjun se jkunu:

(a) disponibbli fuq l-internet mid-data ta' tmiem il-proġett megħjun jew mid-data meta tingħata xi informazzjoni dwar dawk ir-riżultati lill-membri ta' xi organizzazzjoni partikolari, skont liema data tiġi l-ewwel;

☐ iva ☐ le

(b) disponibbli fuq l-internet, għal perjodu ta' mill-anqas ħames snin li jibda mid-data tat-tmiem tal-proġett megħjun?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba għall-punt (a) jew (b) hija iva, ipprovdi evidenza:

.....

4. L-għajnuna tingħata direttament lill-organizzazzjoni ta' riċerka u disseminazzjoni tal-għarfien?

☐ iva ☐ le

5. Ikkonferma li l-għajnuna ma tinvolvix l-għoti ta' għajnuna abbażi tal-prezz tal-prodotti tal-forestrija lil impriżi attivi fis-settur tal-forestrija:

☐ iva ☐ le

6. Indika l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-kostijiet tal-persunal relatati mar-riċerkaturi, ma' persunal tekniku u ma' persunal ieħor ta' sostenn sa fejn dawn ikunu impjegati fuq il-proġett;

(b) ☐ il-kostijiet tal-istrumenti u t-tagħmir sa fejn jintużaw għall-proġett u għall-perjodu użati għall-proġett. Jekk tali strumenti u tagħmir ma jintużawx għat-tul ta' ħajjithom kollha għall-proġett, jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif ikkalkulati abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati;

(c) ☐ il-kostijiet tal-binjiet u tal-art, sa fejn jintużaw għall-proġett u għall-perjodi użati għall-proġett. Fir-rigward tal-binjiet, jitqiesu eliġibbli biss il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif ikkalkulati abbażi ta' prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati. Għall-artijiet, huma eliġibbli l-kostijiet tat-trasferiment kummerċjali jew il-kostijiet tal-kapital realment imġarrba;

(d) ☐ il-kostijiet tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u l-privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet normali tas-suq, kif ukoll il-kostijiet tal-konsulenza u s-servizzi ekwivalenti użati esklużivament għall-proġett;

(e) ☐ il-kostijiet ġenerali addizzjonali u spejjeż operattivi oħra, li jinkludu kostijiet ta' materjali, fornimenti u prodotti simili, magħmula direttament bħala riżultat tal-proġett.

7. Indika l-intensità massima tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (623) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ **Għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art tal-forestrija.**

1. L-kostijiet eliġibbli huma limitati għall-kostijiet reali legali, amministrattivi u tal-istħarriġ tal-konsolidazzjoni tal-art?

☐ iva ☐ le

2. Iddeskrivi l-miżura aktar fid-dettall:

.....

3. Indika l-intensità tal-għajnuna: .....

Innota li skont il-punt (623) tal-Linji Gwida, l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

.....

3. **FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA FIŻ-ŻONI RURALI**

Din il-formola trid tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe miżura ta' għajnuna mill-Istat għaż-żoni rurali koperti mill-Parti II, il-Kapitolu 3 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ("il-Linji Gwida").

Jekk l-għajnuna għaż-żoni rurali għandha tingħata skont ir-regoli tal-Unjoni komuni għas-setturi kollha jew speċifiċi għall-kummerċ u l-industrija, uża l-formola ta' notifika applikabbli għal dawk is-setturi meta tinnotifika miżura ta' għajnuna mill-Istat.

KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ ĠENERALI

1. Indika l-kategorija tal-għajnuna:

☐ għajnuna għal servizzi bażiċi f'żoni rurali;

☐ għajnuna tal-bidu għal attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali;

☐ għajnuna għal impenji agroambjentali klimatiċi f'żoni rurali lil benefiċjarji għajr il-bdiewa;

☐ għajnuna għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żona li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji għal benefiċjarji għajr il-bdiewa;

☐ għajnuna għall-promozzjoni u l-appoġġ ta' skemi tal-kwalità għall-qoton jew l-oġġetti tal-ikel u l-użu tagħhom mill-bdiewa;

☐ għajnuna għall-kooperazzjoni f'żoni rurali, inkluża għajnuna għall-parteċipazzjoni fi proġetti ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità ("CLLD", community-led local development) u tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli ("EIP", European Innovation Partnership);

☐ għajnuna sabiex jiġu stabbiliti fondi mutwi.

2. L-għajnuna tingħata fil-qafas ta' pjan strateġiku f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115?

☐ iva ☐ le

Jekk le, innota li l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Linji Gwida.

3. Indika l-pjan strateġiku rilevanti u l-miżura li taħtha tingħata l-għajnuna:

— Pjan strateġiku: .....

— Miżura: .....

4. Il-miżura hija kofinanzjata mill-FAEŻR jew tikkostitwixxi finanzjament nazzjonali addizzjonali?

(a) ☐ kofinanzjata mill-FAEŻR;

(b) ☐ finanzjament nazzjonali addizzjonali.

5. L-għajnuna tingħata favur il-kapital operatorju?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, din l-għajnuna tingħata fil-forma ta' strument finanzjarju?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (635)(b) tal-Linji Gwida, l-għajnuna favur il-kapital operatorju tista' tingħata biss jekk tiġi pprovduta fil-forma ta' strumenti finanzjarji.

Speċifika l-istrument(i) finanzjarju/i użat(i):

.....

6. L-għajnuna tingħata bħala għajnuna operatorja?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (635)(c) tal-Linji Gwida, din l-għajnuna tista' titqies kompatibbli mas-suq intern biss jekk din l-għajnuna hija prevista b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Jekk dan huwa l-każ, irreferi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kkonċernata:

.....

7. L-għajnuna hija disponibbli għall-impriżi f'diffikultà kif definiti fil-punt (33)(63) tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (23) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li meta impriża tkun f'diffikultà finanzjarja, minħabba li l-eżistenza tagħha tkun fil-periklu, ma tistax titqies bħala mezz xieraq għall-promozzjoni ta' objettivi oħra ta' ordni pubbliku sakemm tiġi żgurata l-vijabbiltà tagħha. Għalhekk, tali għajnuna trid tikkonforma mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà, sakemm ma tkunx eżentata mill-obbligu li tinnotifikaha.

8. L-għajnuna hija disponibbli għall-impriżi li huma soġġetti għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna bħala waħda illegali u inkompatibbli mas-suq intern?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li din l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

9. L-għajnuna hija maħsuba għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġiji rinnovabbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li l-Linji Gwida ma japplikawx għal din l-għajnuna. F'konformità mal-punt (637) tal-Linji Gwida, tali għajnuna trid tikkonforma mal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, il-protezzjoni tal-ambjent u l-enerġija 2022 ([525]), sakemm ma tkunx eżentata mill-obbligu ta' notifika.

INFORMAZZJONI OĦRA

Indika kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura kkonċernata.

……"

(h) Il-Parti III.13.B hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI III.13.B

FORMOLA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA OPERATORJA LILL-AJRUPORTI

Huwa rakkomandat li din il-formola ta' informazzjoni supplimentari timtela, flimkien mal-formola ta' "Informazzjoni ġenerali", għan-notifika ta' kull għajnuna għall-ġestjoni individwali koperta mil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru ([526]).

1. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI DWAR IL-BENEFIĊJARJU U L-ATTIVITAJIET TIEGĦU

Huwa rakkomandat li din il-formola ta' informazzjoni supplimentari timtela, flimkien mal-formola ta' "Informazzjoni ġenerali", għan-notifika ta' kull għajnuna għall-ġestjoni individwali koperta mil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru ([527]).

1.1. **Benefiċjarju**

1.1.1. *L-għajnuna tingħata direttament lill-operatur tal-ajruport?*

☐ Iva ☐ Le

1.1.2. *Jekk it-tweġiba għall-punt 1.1.1 hija "le" iddeskrivi, jekk applikabbli, (i) l-entità(jiet) legali li tirċievi/jirċievu l-għajnuna, u (ii) responsabbli għat-trasferiment tal-għajnuna bħala intermedjarju/intermedjarji lill-ajruport li jipprovdi s-servizzi eliġibbli għall-għajnuna.*

……

1.1.3. *Jekk it-tweġiba għall-punt 1.1.1 hija "le", spjega kif l-awtoritajiet jiżguraw li ma jingħata l-ebda vantaġġ fil-livelli intermedjarji.*

……

1.1.4. *Il-benefiċjarju tal-għajnuna huwa sid l-ajruport ukoll?*

☐ Iva ☐ Le

1.1.5. *Jekk it-tweġiba għall-punt 1.1.4 hija "le": speċifika min hu sid l-ajruport u ddeskrivi l-istruttura tas-sjieda.*

……

([525]) EUR-Lex - C:2022:080:TOC - MT - EUR-Lex (europa.eu)
([526]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3)
([527]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3)

1.1.6. *Fil-każ ta' għajnuna individwali, iddeskrivi r-relazzjonijiet legali, organizzazzjonali u finanzjarji bejn il-benefiċjarju tal-għajnuna u (i) l-impriżi li magħhom jifforma parti minn grupp ta' impriżi; (ii) is-sussidjarji tagħha; (iii) kull intrapriża assoċjata oħra, inklużi impriżi konġunti.*

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, iddeskrivi l-metodu li bih l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tivvaluta r-relazzjonijiet legali, organizzazzjonali u finanzjarji msemmijin fil-punti 1.1.1 sa 1.1.5.

.....

1.2. **Informazzjoni ġenerali dwar l-operatur tal-ajruport**

1.2.1. *Fejn l-ajruport jew l-ajruporti jintużaw mill-forzi armati nazzjonali, il-korp tal-pulizija, servizzi ta' salvataġġ tal-ajru mhux ekonomiċi, jew kull servizz ieħor tal-ajru ta' għamla mhux ekonomika, speċifika (a) l-għamla tas-servizz(i); u (b) ir-rata ta' użu tal-kapaċità tal-ajruport (eż. użu tar-runway u faċilitajiet oħrajn tal-ajruport, mogħti bħala perċentwal taċ-ċaqliq annwali tal-inġenji tal-ajru).*

.....

1.2.2. *Ipprovdi d-data li ġejja dwar it-traffiku tal-passiġġieri tal-ajruport(i) li jirċievi/u l-għajnuna:*

(a) Ajruporti b'esperjenza ta' iktar minn sentejn finanzjarji ta' traffiku tal-passiġġieri kummerċjali: traffiku annwali medju tal-passiġġieri matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha hija notifikata l-għajnuna jew li fiha ngħatat.

(b) Ajruporti b'esperjenza ta' inqas minn sentejn finanzjarji ta' traffiku tal-passiġġieri kummerċjali: traffiku annwali medju tal-passiġġieri previst matul is-sentejn finanzjarji wara l-bidu tal-operat tal-flussi tat-traffiku tal-ajru tal-passiġġieri kummerċjali.

Ipprovdi d-data fil-forma ta' tabella, kif ġej: [ikkupjat mill-paġna 188, il-punt 2.2.3]

Sena	Numru totali ta' passiġġieri

In-numri ta' passiġġieri jridu jingħaddu "f'direzzjoni waħda" u għal kull rotta individwali. Pereżempju: passiġġier li jtir lejn l-ajruport u lura jgħodd darbtejn. Jekk l-ajruport huwa parti minn grupp ta' ajruporti, id-data dwar it-traffiku tal-passiġġieri trid tkun stabbilita fuq il-bażi ta' kull ajruport individwali.

1.2.3. *Fil-każ ta' għajnuna għall-ġestjoni individwali: jekk jogħġbok ipprovdi l-pjan ta' negozju li l-benefiċjarju implimenta fil-perjodu 2009–2013, u li beħsiebu jimplimenta sal-4 ta' April 2027. Jekk jogħġbok iddeskrivi s-suppożizzjonijiet sottostanti għal dawk il-pjanijiet ta' tan-negozju.*

Il-pjan ta' negozju għanju jkollu informazzjoni dwar it-traffiku u l-previżjonijiet tat-traffiku l-ispejjeż u l-previżjonijiet tal-ispejjeż; data finanzjarja u previżjonijiet finanzjarji fir-rigward tal-livell ta' profittabbiltà u l-flussi tal-flus (b'referenza għall-metodoloġiji li huma użati b'mod ċar mill-ajruport, eż. bl-użu ta' metodi għall-evalwazzjoni tal-valur preżenti nett ta' investiment (VPN), ir-rata interna ta' redditu (IRR), u r-redditu medju fuq il-kapital użat (ROCE). Il-pjan ta' negozju jrid ikun ipprovdut f'format excel inklużi spjegazzjonijiet tal-formuli sottostanti kollha.

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, speċifika fid-dettall (a) il-kriterji formali u materjali li magħhom iridu jikkonformaw il-pjanijiet ta' negozju tal-ajruporti eliġibbli; (b) il-metodu li l-awtoritajiet nazzjonali se jużaw biex jivvalutaw il-pjanijiet ta' negozju.

.....

1.2.4. *Fil-każ ta' għajnuna għall-ġestjoni individwali, ipprovdi ħarsa ġenerali fil-qosor lejn it-telf operatorju ([528]) li ġarrab il-benefiċjarju fil-perjodu 2009–2013, kif ukoll lejn it-telf mill-ġestjoni previst fil-perjodu li baqa' sal-4 ta' April 2027. Ipprovdi d-data fil-forma ta' tabella, imqassma kif ġej:*

Dħul				
…				
Spejjeż operatorji				
…				
Oħrajn				
…				
Riżultati operatorji				

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, speċifika l-metodu li se jużaw l-awtoritajiet biex jistabbilixxu t-telf operatorju ta' ajruporti eliġibbli.

1.2.5. *Fil-każ ta' għajnuna għall-ġestjoni individwali, jekk jogħġbok ipprovdi kopji tar-rapproti finanzjarji tal-ajruporti ([529]) eliġibbli għall-ħames snin ta' qabel is-sena li fiha ssir l-applikazzjoni għall-għajnuna għall-ġestjoni.*

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, ħu impenn li tinkludi r-rapporti finanzjarji deskritti hawn fuq fil-valutazzjoni tal-għajnuna individwali.

……

1.2.6. *Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, ħu impenn li tinkludi r-rapporti finanzjarji deskritti hawn fuq fil-valutazzjoni tal-għajnuna individwali.*

……

1.3. **Attivitajiet tas-servizzi tal-ajruport**

1.3.1. *Speċifika s-servizzi tal-ajruport eliġibbli ([530]) u l-kategoriji ta' spejjeż ta' ġestjoni eliġibbli ([531]) fir-rigward tal-forniment ta' dawk is-servizzi.*

……

1.4. **Attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-mandat tal-politika pubblika**

1.4.1. *L-għajnuna għall-ġestjoni tkopri attivitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat uffiċjali tiegħu bħala awtorità pubblika (pereżempju kontroll tat-traffiku tal-ajru, pulizija, dwana, tifi tan-nar, attivitajiet meħtieġa għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' xkiel illegali)? Spejjeż ta' ġestjoni marbutin mal-infrastruttura u t-tagħmir meħtieġa sabiex jitwettqu dawk l-attivitajiet ġeneralment jitqiesu li huma ta' għamla mhux ekonomika u b'hekk ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.*

☐ Iva ☐ Le

([528]) "Diskrepanza tal-likwidità ta' ġestjoni" tfisser it-telf mill-ġestjoni ta' ajruport matul il-perjodu relevanti, skontat għall-valur kurrenti tagħhom bl-użu tal-ispiża kapitali, jiġifieri n-nuqqas (f'termini tal-valur preżenti nett) bejn id-dħul tal-ajruport u l-spejjeż ta' ġestjoni tal-ajruport.

([529]) Il-karta bilanċjali, ir-rapport tal-introjtu, id-dikjarazzjoni tal-kontabilist ikkwalifikat jew id-ditta tal-awditjar.

([530]) Is-servizzi pprovduti minn ajruport jew xi waħda mis-sussidjarji tiegħu, sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni tal-inġenji tal-ajru, mill-inżul sat-tlugħ, u tal-passiġġieri u l-merkanzija, sabiex il-linji tal-ajru jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' trasport bl-ajru, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' ground handling u l-forniment ta' infrastruttura ċentralizzata tal-ground handling.

([531]) L-ispejjeż sottostanti ta' ajruport fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tal-ajruport, inklużi l-kategoriji ta' spejjeż bħall-ispiża tal-persunal, is-servizzi kuntrattati, il-komunikazzjonijiet, l-iskart, l-enerġija, il-manutenzjoni, il-kirja u l-amministrazzjoni, iżda esklużi l-ispejjeż kapitali, l-appoġġ tal-kummerċjalizzazzjoni jew kull inċentiv ieħor mogħti lil-linji tal-ajru mill-ajruport, u spejjeż li jaqgħu fl-ambitu ta' mandat tal-politika pubblika.

1.4.2. *Ipprovdi l-istrument nazzjonali, reġjonali jew kwalunkwe strument ieħor rilevanti dwar il-kunċett ta' attivitajiet fil-mandat tal-politika pubblika u l-finanzjament tagħhom. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe strument legali bħal dan, iċċara kif dawk l-attivitajiet normalment jiġu ffinanzajti mill-awtoritajiet rilevanti.*

……

1.4.3. *Ipprovdi evidenza li turi li l-finanzjament pubbliku tal-attivitajiet mhux ekonomiċi ma jwassalx għal diskriminazzjoni żejda bejn l-ajruporti. Tirriżulta diskriminazzjoni f'sitwazzjonijiet li fihom, skont l-ordinament ġuridiku rilevanti, l-ajruporti ċivili normalment ikollhom iġarrbu ċerti spejjeż inerenti għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tagħhom, filwaqt li ċerti ajruporit ċivili ma jkollhomx iġarrbu dawk l-ispejjeż. Speċifika l-materjal u l-applikabbiltà territorjali tar-regoli nazzjonali applikabbli għall-finanzjament ta' attivitajiet mhux ekonomiċi tal-ajruporti u, jekk applikabli, il-livell ta' kompetenzi reġjonali f'dik il-kwistjoni.*

……

1.4.4. *Filwaqt li ssostni l-argument bl-evidenza rilevanti, ikkonferma li l-kumpens tal-ispejjeż imġarrbin b'rabta mal-attivitajiet mhux ekonomiċi se jkun strettament limitat għal dawk l-ispejjeż, u li kull sussidjar reċiproku tal-attivitajiet ekonomiċi permezz ta' dak il-kumpens huwa eskluż b'mod effettiv.*

……

1.4.5. *Ikkonferma li l-ajruport se jkollu sistema ta' kontabilità separata għall-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi u dawk mhux ekonomiċi.*

……

2. VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBILITÀ TAL-MIŻURA

2.1. **L-għajnuna ngħatat qabel l-4 ta' April 2014?**

☐ Iva ☐ Le

2.2. **Il-kontribut lejn mira ta' interess komuni definit sew**

2.2.1. *L-għajnuna għall-ġestjoni:*

(a) ☐ Iżżid il-mobilità taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi tistabbilixxi punti ta' aċċess għal titjiriet fl-Unjoni?

(b) ☐ Tikkumbatti l-konġestjoni tat-traffiku tal-ajru f'ajruporti ċentrali ewlenin tal-Unjoni?

(c) ☐ Tħaffef l-iżvilupp reġjonali?

Speċifika kif l-għajnuna għall-ġestjoni: tikkontribwixxi għall-mira/i magħżul(in).

……

2.2.2. *Il-miżura notifikata tikkonċerna l-operatur ta' ajruport ġdid?*

☐ Iva ☐ Le

2.2.3. *Fil-każ ta' għajnuna għall-ġestjoni individwali: L-ajruport benefiċjarju jinsab fl-istess żona ta' lħuq ([532]) ta' ajruport ieħor b'kapaċità disponibbli?*

☐ Iva ☐ Le

2.2.4. *Fil-każ ta' għajnuna għall-ġestjoni individwali: Jekk it-tweġiba għall-punt 2.2.3 hija iva, speċifika d-daqs u l-forma taż-żona ta' lħuq. Ipprovdi informazzjoni, li tidentifika l-effett probabbli fuq it-traffiku tal-ajruport l-ieħor li jinsab fiż-żona ta' lħuq. Din l-informazzjoni għandha tkun parti mill-pjan ta' negozju tal-ajruport benefiċjarju u għandha tkun ibbażata fuq previżjonijiet solidi ta' traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija.*

([532]) "Żona ta' lħuq ta' ajruport" tfisser periferija tas-suq ġeografiku li normalment tkun stabbilita għal madwar 100 kilometru jew madwar 60 minuta vvjaġġar bil-karozza, karozza tal-linja, ferrovija jew ferrovija b'veloċità għolja; madankollu, iż-żona ta' lħuq ta' ajruport partikolari tista' tkun differenti u jeħtieġ li tqis l-ispeċifiċitajiet ta' kull ajruport partikolari. Id-daqs u l-forma taż-żona ta' lħuq tvarja minn ajruport għal ieħor, u tiddependi fuq diversi karatteristiċi tal-ajruport, inklużi l-mudell tan-negozju tiegħu, il-post u d-destinazzjonijiet li jaqdi.

Fil-każ ta' skemi tal-għajnuna: Jekk jogħġbok (a) ikkonferma li l-awtoritajiet huma impenjati sabiex jivvalutaw l-effett probabbli fuq it-traffiku ta' kull ajruport ieħor li jinsab fiż-żona ta' lħuq bħala ajruport eliġibbli fuq il-bażi tal-informazzjoni li hija parti mill-pjan ta' negozju tal-ajruport benefiċjarju u li hija bbażata fuq previżjonijiet attendibbli dwar it-traffiku tal-passiġġieri u l-merkanzija; (b) spjega l-metodu u l-kriterji li l-awtoritajiet nazzjonali se jużaw biex jivvalutaw l-effett probabbli fuq it-traffiku ta' dak l-ajruport l-ieħor jew dawk l-ajruporti l-oħra.

……

2.3. **Ħtieġa għal intervent mill-Istat**

2.3.1. *Ikkonferma li t-traffiku annwali tal-ajruport(i) eliġibbli ma jaqbiżx iktar minn 3 miljun passiġġier (ara wkoll il-mistoqsija 1.2.2).*

……

2.4. **L-adegwatezza tal-miżura**

2.4.1. *Uri li l-għajnuna inkwistjoni hija xierqa sabiex tinkiseb il-mira maħsuba jew jiġu solvuti l-problemi li huma maħsuba li jiġu indirizzati. B'mod partikolari, spjega kif l-awtoritajiet stabbilixxew li ma tistax tinkiseb l-istess mira, jew li l-istess problema ma tistax tissolva, permezz ta' politika jew strumenti ta' għajnuna inqas distorsivi. Pereżempju, jekk l-għajnuna tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ pekunarju dirett* ([533])*, uri għaliex forom potenzjalment inqas distorsivi ta' għajnuna bħal self bil-quddiem li jithallas lura jew forom ta' għajnuna bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ta' ekwità* ([534]) *mhumiex adegwati:*

……

2.4.2. *Fil-każ ta' għajnuna għall-ġestjoni individwali: L-ammont tal-għajnuna ġie stabbilit ex-ante bħala somma fissa li tkopri d-diskrepanza tal-likwidità operatorja mistennija ddeterminata abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-benefiċjarju?*

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, ipprovdi l-informazzjoni rilevanti fil-pjan ta' negozju.

2.4.3. *Fil-każ ta' skemi tal-għajnuna: l-ammont tal-għajnuna f'kull każ individwali se jiġi stabbilit ex ante bħala somma fissa li tkopri d-diskrepanza tal-likwidità ta' ġestjoni mistennija ddeterminata abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-benefiċjarju?*

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, il-benefiċjarju jenħtieġlu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti fil-pjan ta' negozju.

2.4.4. *Jekk it-tweġiba għall-punti Nru 2.4.2 u 2.4.3 hija "le", speċifika: (a) il-grad ta' inċertezza tal-previżjonijiet tal-kostijiet u d-dħul, (b) kwalunkwe nuqqas ta' qbil fl-informazzjoni li mhux iħalli lill-awtoriatjiet nazzjonali jikkalkolaw l-ammont tal-għajnuna ex ante fuq il-bażi ta' pjan ta' negozju.*

……

2.4.5. *Jekk it-tweġiba għall-punti 2.4.2 u 2.4.3 hija "le", ikkonferma li l-ammont massimu ta' għajnuna għall-ġestjoni kompatibbli kienet/se tkun stabbilita skont il-mudell ibbazat fuq il-medja tad-diskrepanzi tal-likwidità ta' ġestjoni* ([535]) *matul il-ħames snin mill-2009 sal-2013.*

……

([533]) Pereżempju, għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxi, sigurtà soċjali jew imposti obbligatorji oħrajn, jew il-provvista ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet favorevoli, eċċ.

([534]) Pereżempju, selfiet b'rati baxxi tal-imgħax jew tnaqqisiet tal-imgħax, garanziji tal-istat, ix-xiri ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew il-forniment b'modi oħra ta' kapital b'termini vantaġġużi.

([535]) "Diskrepanza tal-likwidità ta' ġestjoni" tfisser it-telf mill-ġestjoni ta' ajruport matul il-perjodu relevanti, skontat għall-valur kurrenti tagħhom bl-użu tal-ispiża kapitali, jiġifieri n-nuqqas (f'termini tal-valur preżenti nett) bejn id-dħul tal-ajruport u l-spejjeż ta' ġestjoni tal-ajruport.

2.4.6. *Ikkonferma li l-ammont tal-għajnuna għall-ġestjoni mhux se jiżdied ex post.*

☐ Iva ☐ Le

2.4.7. *Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija ta' hawn fuq hija "le", spjega għaliex fil-fehma tiegħek il-possibbiltà ta' żieda ex post ma tnaqqasx l-inċentivi għall-ġestjoni effiċjenti tal-ajruport.*

……

2.5. **Effett ta' inċentiv u l-proporzjonalità tal-għajnuna**

2.5.1. *Fil-każ ta' għajnuna għall-ġestjoni individwali, iddeskrivi għaliex teżisti l-probabbiltà li fin-nuqqas tal-għajnuna, il-livell ta' attività ekonomika tal-ajruport ikkonċernat jonqos b'mod sinifikanti. Ipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fuq il-bażi tal-pjan ta' negozju (ara wkoll il-punt 1.2.3), billi tqabbel il-livelli tal-attività maħsuba bl-għajnuna u mingħajr l-għajnuna (ix-xenarju kontrafattwali), filwaqt li titqies il-possibbiltà li jkun hemm għajnuna għall-investiment u l-livell ta' traffiku.*

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, iddeskrivi l-metodu applikat mill-awtorità li tagħti l-għajnuna sabiex tivvaluta l-pjanijiet ta' negozju kif ukoll il-probabbiltà li fin-nuqqas tal-għajnuna, il-livell ta' attività ekonomika tal-ajruport ikkonċernat jonqos b'mod sinifikanti, filwaqt li titqies il-possibbiltà li jkun hemm għajnuna għall-investiment u l-livell ta' traffiku.

……

2.5.2. *Fil-każ ta' għajnuna għall-ġestjoni individwali, uri li l-pjan ta' negozju tal-ajruport se jwassal biex l-ispejjeż ta' ġestjoni jiġu koperti kollha sal-4 ta' April 2027. Speċifika l-parametri ewlenin rilevanti tal-pjan ta' negozju.*

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, ikkonferma li l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tagħti l-għajnuna għall-ġestjoni individwali biss jekk tkun ikkonkludiet li l-pjan ta' negozju tal-ajruport benefiċjarju se jwassal biex l-ispejjeż ta' ġestjoni jiġu koperti kollha sal-4 ta' April 2027. Speċifika liema parametri ewlenin tal-pjan ta' negozju se jiġu vvalutati mill-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna sabiex jaslu għal dik il-konklużjoni f'kull każ.

……

2.5.3. *Jekk jogħġbok indika:*

Fil-każ ta' għajnuna għall-ġestjoni individwali: Id-diskrepanza tal-likwidità inizjali tal-ajruport benefiċjarju tul 13-il sena, filwaqt li tibda bil-kopertura tal-ispejjeż ta' ġestjoni fl-4 ta' April 2014 fil-bidu tal-perjodu tranżitorju u tilħaq l-ilħuq tal-kopertura sħiħa tal-ispejjeż ta' ġestjoni sal-4 ta' April 2027, fi tmiem il-perjodu tranżitorju.

Fil-każ ta' skemi tal-għajnuna: ħu impenn li (a) id-diskrepanza tal-likwidità tal-ajruporti eliġibbli se tiġi stabbilita permezz tal-metodu msemmi fil-punt 2.5.2; (b) l-ajruporti eliġibbli jridu juru li se jilħqu l-kopertura sħiħa tal-kostijiet ta' ġestjoni sal-4 ta' April 2027.

……

— L-ammont massimu permissibbli tal-għajnuna:

……

— Il-perċentwal tad-diskrepanza tal-finanzjament se jkun kopert mill-għajnuna ta' ġestjoni:

……

— Il-perjodu li matulu se tingħata l-għajnuna għall-ġestjoni:

……

2.6. **L-evitar ta' effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ**

2.6.1. *Jekk jogħġbok uri li l-ajruporti kollha li jinsabu fl-istess żona ta' lhuq bħall-ajruport jew ajruporti eliġibbli se jkunu jistgħu jkopru kompletament l-ispejjeż ta' ġestjoni sal-4 ta' April 2027.*

.....

2.6.2. *Ikkonferma li l-ajruport, inklużi l-infrastruttura u t-tagħmir kollha kemm huma li għalihom tingħata l-għajnuna għall-investiment, se jkun miftuħ għall-utenti potenzjali kollha u mhux iddedikat għal utent speċifiku wieħed.*

☐ Iva ☐ Le

2.6.3. *Ikkonferma liema huma d-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom ikun żgurat li l-kapaċita tal-ajruport se titqassam bejn l-utenti fuq il-bażi ta' kriterji rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.*

....."

(i) Il-Parti III.14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI III.14

SKEDA TA' INFORMAZZJONI ĠENERALI GĦAL-LINJI GWIDA DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦAS-SETTUR TAS-SAJD U TAL-AKKWAKULTURA

Innota li din l-iskeda ta' informazzjoni ġenerali għan-notifika tal-għajnuna mill-Istat tapplika għas-setturi kollha koperti mil-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([536]) ("il-Linji Gwida"). Barra minn hekk, għall-miżuri kollha koperti mil-Linji Gwida, imla l-Iskeda ta' Informazzjoni Supplimentari rilevanti.

VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBBILTÀ SKONT L-ARTIKOLU 107(3), IL-PUNT (C) TAT-TRATTAT

Abbażi tal-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"), il-Kummissjoni tista' tqis kompatibbli mas-suq intern l-għajnuna mill-Istat li tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, meta din l-għajnuna ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni. Biex tagħmel il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra l-aspetti deskritti f'din il-formola.

Il-miżura ta' għajnuna mill-Istat, tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin?

L-ewwel kundizzjoni:

☐ l-identifikazzjoni tal-attività ekonomika kkonċernata;

☐ l-effett tal-inċentiv: l-għajnuna trid tbiddel l-imġiba tal-impriża/i kkonċernata/i b'tali mod li dawn jidħlu għal attività addizzjonali li ma kinux jagħmluha mingħajr l-għajnuna, jew li kienu jagħmluha b'mod ristrett jew differenti;

☐ l-għajnuna ma tmurx kontra d-dispożizzjonijiet u l-prinċipji ġenerali rilevanti tad-dritt tal-Unjoni.

It-tieni kundizzjoni:

☐ il-ħtieġa għal intervent mill-Istat: il-miżura ta' għajnuna trid toħloq titjib materjali li s-suq ma jistax jipprovdi waħdu, pereżempju billi jiġi rrimedjat falliment tas-suq jew jiġi indirizzat tħassib dwar l-ekwità jew dwar il-koeżjoni fejn applikabbli;

☐ l-adegwatezza tal-għajnuna: il-miżura ta' għajnuna proposta trid tkun strument ta' politika xieraq li jiffaċilita l-iżvilupp tal-attività ekonomika;

☐ il-proporzjonalità tal-għajnuna (għajnuna limitata għall-minimu meħtieġ): l-ammont u l-intensità tal-għajnuna jridu jkunu limitati għall-minimu meħtieġ biex jinbdew l-investiment jew l-attività addizzjonali mill-impriża/i kkonċernata/i;

([536]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, 2023/C 107/01 (ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1).

☐ it-trasparenza tal-għajnuna: l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-pubbliku jrid ikollhom aċċess faċli għal kull att rilevanti u informazzjoni dwar l-għajnuna li tingħatalhom;

☐ l-evitar ta' effetti negattivi avversi tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ;

☐ jitqiesu l-effetti pożittivi u negattivi li l-għajnuna jista' jkollha fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri (it-test tal-ibbilanċjar).

1. L-EWWEL KUNDIZZJONI: L-GĦAJNUNA TRID TIFFAĊILITA L-IŻVILUPP TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

1.1. **Attività ekonomika megħjuna**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.1.1 (il-punti (39)–(44)) tal-Linji Gwida.

1.1.1. L-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat jistabbilixxi li l-Kummissjoni tista' tiddikjara bħala kompatibbli "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni". Għalhekk, l-għajnuna kompatibbli skont dik id-dispożizzjoni tat-Trattat trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċerta attività ekonomika.

Biex tivvaluta l-konformità mal-punti (39) u (40) tal-Linji Gwida, ipprovdi informazzjoni li tippermetti lill-Kummissjoni tidentifika l-attività/l-attivitajiet ekonomika/ekonomiċi li se tiġi/jiġu appoġġata/i b'riżultat tal-għajnuna u uri kif l-għajnuna tiffaċilita l-iżvilupp ta' dik l-attività/dawk l-attivitajiet:

……

Ara li skont il-punt (41) tal-Linji Gwida, l-għajnuna għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis tal-effetti negattivi tal-attivitajiet ekonomiċi fuq il-klima jew l-ambjent jew fuq l-objettiv ta' konservazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd ("PKS") tista' tiffaċilita l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi billi żżid is-sostenibbiltà tal-attività ekonomika kkonċernata.

1.1.2. Iddeskrivi jekk u, jekk hu hekk, kif l-għajnuna tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-PKS, inklużi l-objettivi tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura ("il-*FEMSA*") u ddeskrivi b'mod aktar speċifiku l-benefiċċji mistennija tal-għajnuna:

……

Innota li din l-informazzjoni hija meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-għajnuna mal-punt (42) tal-Linji Gwida.

Innota li skont il-punti (43) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mogħtija f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsimiet 1.1, 1.2, 1.3 u 1.4, il-Parti II, il-Kapitolu 3, it-Taqsimiet 3.4, 3.5 u 3.6 ta' dawn il-Linji Gwida tista' tiffaċilita l-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura peress li mingħajr l-għajnuna, tali żvilupp ma jistax iseħħ bl-istess mod.

1.1.3. L-għajnuna tingħata għal proġetti ta' investiment notifikabbli individwalment fuq il-bażi ta' skema?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, spjega kif il-proġett magħżul se jikkontribwixxi għall-objettivi tal-iskema. Għal dan l-għan, irreferi għall-informazzjoni pprovduta mill-applikant għall-għajnuna.

……

1.2. **Effett ta' inċentiv**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-Taqsima 3.1.2 (il-punti (45) - (59)) tal-Linji Gwida.

L-għajnuna mill-Istat tista' tinstab kompatibbli mas-suq intern biss jekk ikollha effett ta' inċentiv. Effett ta' inċentiv jeżisti meta l-għajnuna tbiddel l-imġiba ta' impriża b'tali mod li din tkun involuta f'attività addizzjonali li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur li ma kinitx tkun involuta fiha mingħajr l-għajnuna jew li kienet tkun involuta fiha b'mod ristrett jew differenti biss.

1.2.1. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità mal-punt (45) tal-Linji Gwida, spjega kif il-miżura/i twassal/iwasslu lill-impriża tal-benefiċjarju biex tbiddel l-imġiba tagħha b'tali mod li tinvolvi ruħha f'attività ekonomika addizzjonali li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur, li l-benefiċjarju kieku ma jwettaqx mingħajr l-għajnuna jew iwettaq b'mod ristrett jew differenti.

.....

1.2.2. Ikkonferma li l-għajnuna mhijiex sempliċiment se tissussidja l-kostijiet ta' attività li impriża xorta waħda kienet iġġarrab fi kwalunkwe każ, u ma tikkumpensax għar-riskju kummerċjali normali ta' attività ekonomika:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (45) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridtx tissussidja l-kostijiet ta' attività li impriża xorta waħda kienet iġġarrab fi kwalunkwe każ u ma tridtx tikkumpensa għar-riskju tan-negozju normali ta' attività ekonomika.

1.2.3. Ikkonferma li l-miżura ta' għajnuna mill-Istat notifikata ma hijiex maħsuba sempliċiment biex ittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriżi, mingħajr ma tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (46) tal-Linji Gwida, sakemm ma jkunux previsti b'mod espliċitu eċċezzjonijiet fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dawn il-Linji Gwida, miżuri ta' għajnuna mill-Istat li huma sempliċiment maħsuba biex itejbu s-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriżi iżda li bl-ebda mod ma jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, u b'mod partikolari l-għajnuna li tingħata biss abbażi tal-prezz, tal-kwantità, tal-unità tal-produzzjoni jew tal-unità tal-mezzi tal-produzzjoni, jitqiesu li jikkostitwixxu għajnuna operatorja, li hija inkompatibbli mas-suq intern. Barra minn hekk, fis-sustanza tagħha, għajnuna bħal din aktarx li xxekkel ukoll il-mekkaniżmi li jirregolaw l-organizzazzjoni tas-suq intern.

1.2.4. Il-miżura tikkostitwixxi:

— għajnuna operatorja?

☐ iva ☐ le

— għajnuna biex tiffaċilita l-kisbiet ta' standards obbligatorji?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (47) tal-Linji Gwida, l-għajnuna operatorja u l-għajnuna biex jiġu ffaċilitati l-kisbiet ta' standards obbligatorji huma fil-prinċipju inkompatibbli mas-suq intern, sakemm ma jkunux previsti eċċezzjonijiet espliċiti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dawn il-Linji Gwida u f'każijiet oħra debitament ġustifikati.

Jekk iva, semmi d-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida jew ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, li jawtorizzaw b'mod espliċitu din l-għajnuna u pprovdi ġustifikazzjoni.

.....

1.2.5. L-għajnuna mogħtija skont il-Parti II, il-Kapitolu 1 tal-Linji Gwida, hija limitata biex tgħin lill-impriżi li huma attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura u li qed jiffaċċjaw diversi diffikultajiet minkejja li jkunu wettqu sforzi raġonevoli biex jimminimizzaw dawn ir-riskji?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (48) tal-Linji Gwida, l-għajnuna mogħtija skont il-Parti II, il-Kapitolu 1 jenħtieġ li tkun limitata biex tgħin lill-impriżi attivi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura u li qed jiffaċċjaw diversi diffikultajiet minkejja li jkunu wettqu sforzi raġonevoli biex jimminimizzaw dawn ir-riskji.

L-għajnuna mill-Istat jenħtieġ li ma jkollhiex bħala effett li tħajjar lill-impriżi jieħdu riskju bla bżonn. L-impriżi attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura jenħtieg li huma stess iġarrbu l-konsegwenzi ta' għażliet imprudenti ta' metodi ta' produzzjoni jew ta' prodotti. Pereżempju, dan il-prinċipju japplika għall-Parti II, il-Kapitolu 3, it-Taqsimiet 3.4, 3.5 u 3.6.

1.2.6. Il-benefiċjarju se jippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna għand l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma tkun bdiet kwalunkwe ħidma fuq il-proġett jew l-attività?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (49) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tippreżentax inċentiv għall-impriża benefiċjarja kull meta l-ħidma fuq il-proġett jew l-attività rilevanti tkun diġà bdiet, qabel ma l-benefiċjarju jkun applika għall-għajnuna mingħand l-awtoritajiet nazzjonali.

1.2.7. L-applikazzjoni għall-għajnuna se tinkludi tal-anqas l-isem tal-applikant u d-daqs tal-impriża, deskrizzjoni tal-proġett jew tal-attività, inkluż il-post u d-dati tal-bidu u tat-tmiem tagħhom, l-ammont ta' għajnuna meħtieġa sabiex jitwettqu u l-kostijiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

1.2.8. L-għajnuna se tingħata lil intrapriżi kbar ([537])?

☐ iva ☐ le

1.2.9. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti tkun iva, il-benefiċjarji, li huma intrapriżi kbar, se jispjegaw fl-applikazzjoni għall-għajnuna s-sitwazzjoni mingħajr l-għajnuna (imsejħa x-xenarju kontrofattwali jew il-proġett jew l-attività alternattiva) u se jippreżenta evidenza dokumentarja b'appoġġ għax-xenarju kontrofattwali deskritt fl-applikazzjoni?

☐ iva ☐ le

([537]) "Intrapriżi kbar" tfisser kwalunkwe impriża li ma tissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2022/2473, ĠU L 327, 21.12.2022, p. 82.

Innota li skont il-punt (51) tal-Linji Gwida, dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-muniċipalitajiet, li huma awtoritajiet lokali awtonomi b'baġit annwali ta' anqas minn EUR 10 miljun u b'anqas minn 5 000 abitant. Il-muniċipalità benefiċjarja tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-punt (51) tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

1.2.10. L-awtorità tal-għoti se twettaq kontroll tal-kredibbiltà tax-xenarju kontrofattwali u tikkonferma li l-għajnuna għandha l-effett ta' inċentiv meħtieġ?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (52) tal-Linji Gwida, ix-xenarju kontrafattwali jkun kredibbli jekk ikun ġenwin u jekk ikun jirrigwarda l-fatturi prevalenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet fiż-żmien li fih l-impriża benefiċjarja tieħu d-deċiżjoni dwar il-proġett jew l-attività kkonċernata.

1.2.11. L-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskema ta' għajnuna tistabbilixxi dritt għal għajnuna f'konformità mal-kriterji oġġettivi u mingħajr eżerċizzju ulterjuri ta' diskrezzjoni mill-Istat Membru; kif ukoll

☐ iva ☐ le

(b) l-iskema ta' għajnuna ġiet adottata u daħlet fis-seħħ qabel ma beda x-xogħol fuq il-proġett jew l-attività li ngħataw l-għajnuna ([538])?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (53) tal-Linji Gwida, din l-għajnuna titqies li jkollha effett ta' inċentiv.

1.2.12. Din l-għajnuna taqa' f'xi waħda minn dawn il-kategoriji ta' għajnuna tal-Linji Gwida li ġejjin?

☐ għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew minn okkorrenzi eċċezzjonali f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.1 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.2 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna għall-kostijiet tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali fl-akkwakultura u ta' infestazzjonijiet minn speċijiet aljeni invażivi, u l-għajnuna biex tirrimedja għall-ħsara kkawżata minn dan il-mard tal-annimali u dawn l-infestazzjonijiet, f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.3 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti, f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.4 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna għall-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd, f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 3.5 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna ta' likwidità lis-sajjieda, f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 3.6 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna operatorja fir-reġjuni ultraperiferiċi, f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.1 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna għat-tiġdid tal-flotta tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi, f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida;

([538]) Innota li dan ir-rekwiżit ma japplikax fil-każ ta' skemi suċċessuri fiskali sakemm l-attività ma tkunx diġà koperta mill-iskemi preċedenti fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa.

☐ għajnuna għal investimenti f'tagħmir li jikkontribwixxi għaż-żieda fis-sikurezza, inkluż tagħmir li jippermetti lill-bastimenti jestendu ż-żoni tas-sajd tagħhom għas-sajd kostali fuq skala żgħira fir-reġjuni ultraperiferiċi, f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.3 tal-Linji Gwida.

Innota li skont il-punt (54) tal-Linji Gwida, il-kategoriji ta' għajnuna ta' hawn fuq ma humiex meħtieġa li jkollhom jew jitqiesu li għandhom effett ta' inċentiv.

Kundizzjonijiet addizzjonali għal għajnuna għall-investiment individwalment notifikabbli u għajnuna għall-investiment għal intrapriżi kbar skont skemi notifikati

Jekk l-għajnuna tingħata għal investiment individwali, kompli bil-mistoqsijiet minn 1.2.13 sa 1.2.17 hawn taħt.

Skont il-punt (59) tal-Linji Gwida, jekk l-għajnuna ma tbiddilx l-imġiba tal-impriża benefiċjarja billi tistimula investiment addizzjonali, ma għandha l-ebda effett pożittiv għall-iżvilupp tas-settur ikkonċernat. Għalhekk, l-għajnuna ma titqiesx kompatibbli mas-suq intern jekk jidher li l-istess investiment xorta jseħħ mingħajr l-għajnuna.

1.2.13. Fin-notifika pprovdi evidenza ċara li l-għajnuna effettivament għandha impatt fuq l-għażla tal-investiment. Speċifika dan l-impatt:

.....

Innota li skont il-punt (55) tal-Linji Gwida, biex tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva, l-Istat Membru ma jridx jipprovdi biss l-informazzjoni dwar il-proġett megħjun, iżda anke deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju kontrofattwali, li fih l-ebda awtorità pubblika ma tagħti xi għajnuna lill-impriża benefiċjarja.

1.2.14. Ipprovdi deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju kontrofattwali, li fih ma tkun ingħatat l-ebda għajnuna lill-benefiċjarju minn xi awtorità pubblika:

.....

Innota li skont il-punt (58) tal-Linji Gwida, fejn ma jkun magħruf l-ebda xenarju kontrofattwali speċifiku, l-effett ta' inċentiv jista' jiġi preżunt meta jkun hemm diskrepanza fil-finanzjament. Dan huwa l-każ meta l-kostijiet tal-investiment jaqbżu l-valur preżenti nett (VPN) tal-introjtu operatorju mistenni tal-investiment fuq il-bażi ta' pjan ta' negozju *ex ante*.

1.2.15. Speċifika liema dokument(i) relatat(i) mal-proġett ta' investiment li qiegħed jiġi vvalutat huwa/huma ppreżentat(i) bħala parti min-notifika:

.....

Innota li skont il-punt (56) tal-Linji Gwida, l-Istati Membri huma mistiedna jibbażaw fuq dokumenti ġenwini u uffiċjali tal-bord, valutazzjonijiet tar-riskji, inkluża l-valutazzjoni ta' riskji speċifiċi għall-post, rapporti finanzjarji, pjanijiet interni ta' direzzjoni tan-negozju, opinjonijiet esperti u studji oħrajn relatati mal-proġett ta' investiment li jkun qiegħed jiġi vvalutat. Dawk id-dokumenti għandhom ikunu kontemporanji għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jirrigwarda l-investiment jew fejn jinsab. Dokumenti b'tagħrif dwar tbassir tad-domanda, tbassir tal-kostijiet, tbassir finanzjarju, dokumenti li jiġu ppreżentati lill-kumitat ta' investiment u li jelaboraw fuq diversi xenarji ta' investiment, jew dokumenti pprovduti lill-istituzzjonijiet finanzjarji, jistgħu jgħinu lill-Istati Membri juru l-effett ta' inċentiv.

1.2.16. Speċifika kif se jiġi evalwat il-livell ta' profittabbiltà:

……

Innota li skont il-punt (57) tal-Linji Gwida, il-livell ta' profittabbiltà jista' jiġi evalwat permezz ta' metodi li huma prattika standard fis-settur ikkonċernat u li jistgħu jinkludu metodi għall-evalwazzjoni tal-valur preżenti nett (VPN) ([539]) tal-proġett, tar-rata ta' redditu interna (IRR) ([540]) jew tar-redditu medju fuq il-kapital investit (ROCE). Il-profitabbiltà tal-proġett trid titqabbel mar-rati normali ta' redditu applikati mill-benefiċjarju fi proġetti oħrajn ta' investiment ta' natura simili. Fejn dawn ir-rati ma jkunux disponibbli, il-profitabbiltà tal-proġett għandha titqabbel mal-kost tal-kapital tal-impriża kollha kemm hi jew mar-rati ta' redditu osservati komunement fis-settur ikkonċernat.

1.2.17. Il-proġett ta' investiment jippreżenta diskrepanza tal-finanzjament, jiġifieri meta l-kostijiet tal-investiment jaqbżu l-VPN tal-introjtu operatorju mistenni tal-investiment abbażi ta' pjan ta' negozju *ex ante*?

☐ iva ☐ le

Jekk ir-risposta hija iva, agħti d-dettalji:

……

Innota li skont il-punt (58) tal-Linji Gwida, meta l-proġett ta' investiment jippreżenta diskrepanza fil-finanzjament, jiġifieri meta l-kostijiet tal-investiment jaqbżu l-VPN tal-introjtu operatorju mistenni tal-investiment abbażi ta' pjan ta' negozju *ex ante*, jista' jiġi preżunt l-effett ta' inċentiv.

1.3. **Ebda ksur tad-dispożizzjoniijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-Taqsima 3.1.3 (il-punti (60) – (64)) tal-Linji Gwida.

1.3.1. Ikkonferma li l-miżura ta' għajnuna mill-Istat, il-kundizzjonijiet marbuta magħha, inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta l-metodu ta' finanzjament jifforma parti integrali mill-miżura ta' għajnuna mill-Istat, jew l-attività li hija tiffinanzja, ma tinvolvix ksur tad-dritt tal-Unjoni rilevanti:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (60) tal-Linji Gwida, jekk miżura ta' għajnuna mill-Istat, il-kundizzjonijiet mehmużin magħha, inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta l-metodu ta' finanzjament ikun jifforma parti integrali minn tali miżura, jew l-attività li tiffinanzja tkun tinvolvi ksur tad-dritt tal-Unjoni rilevanti, l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

Ipprovdi informazzjoni li tikkonferma li l-miżura ta' għajnuna ma tinvolvix ksur tad-dritt tal-Unjoni rilevanti:

……

([539]) Il-VPN ta' proġett huwa d-differenza bejn il-flussi ta' flus pożittivi u negattivi matul il-ħajja tal-investiment, imnaqqsa għall-valur attwali tagħhom (normalment billi jintuża l-kost tal-kapital).

([540]) L-IRR mhijiex ibbażata fuq qligħ kontabilizzat f'sena partikolari, iżda tqis il-flussi futuri tal-flus li l-investitur jistenna li jirċievi matul il-ħajja kollha tal-investiment. Hija definita bħala r-rata ta' skont li għaliha l-VPN tal-fluss ta' flussi ta' flus ikun żero.

1.3.2. Ikkonferma li l-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ma tingħatax:

(a) ☐ b'appoġġ għall-attivitajiet tas-sajd li jinvolvu ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ([541]) jew l-Artikolu 90 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([542]) u li jikkostitwixxu jew jappoġġaw sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) ([543]);

(b) ☐ b'appoġġ għall-operazzjoni, il-ġestjoni jew is-sjieda ta' bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni msemmija l-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jew ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx kif stipulat fl-Artikolu 33 ta' dak Regolament.

Innota li skont il-punt (60) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni mhijiex se tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern, jekk tkun tappoġġa xi waħda mill-attivitajiet elenkati fil-punt (61) tal-Linji Gwida.

1.3.3. Ikkonferma li l-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ma tinvolvix:

(a) ☐ nuqqas ta' konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([544]) li jirregola l-organizzazzjoni komuni tas-suq;

(b) ☐ żieda fil-kapaċità tas-sajd jew il-bini ta' bastimenti ġodda li direttament u awtomatikament iwasslu għal nuqqas ta' konformità mill-Istat Membru mal-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd stabbiliti fl-Anness II tiegħu.

Innota li skont il-punt (60) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni mhijiex se tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern, jekk tkun tappoġġa xi waħda mill-attivitajiet elenkati fil-punt (61) tal-Linji Gwida.

1.3.4. L-għajnuna hija soġġetta għall-obbligu min-naħa tal-impriża benefiċjarja li tuża prodotti jew servizzi nazzjonali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (62) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tistax titqies kompatibbli mas-suq intern.

1.3.5. L-għajnuna tillimita l-possibbiltà li l-impriża benefiċjarja tisfrutta r-riżultati tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fi Stati Membri oħrajn?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (62) tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tistax titqies kompatibbli mas-suq intern.

1.3.6. Ikkonferma jekk l-għajnuna hijiex

(a) mogħtija għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, li jkunu marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati?

☐ iva ☐ le

([541]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 286, 29.10.2008, p 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj).

([542]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([543]) Pereżempju, sajd mingħajr liċenzja tas-sajd valida, sajd f'żona magħluqa, matul staġun magħluq, mingħajr jew wara l-kisba ta' kwota; sajd lil hinn minn fond magħluq; sajd għal stokk li huwa suġġett għal moratorju jew li s-sajd tiegħu huwa pprojbit; l-użu ta' rkaptu tas-sajd ipprojbit jew mhux konformi; is-sajd fiż-żona ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd b'mod li mhuwiex konsistenti mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni ta' dik l-organizzazzjoni jew bi ksur tagħhom, eċċ.

([544]) Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1379/oj).

(b) dipendenti mill-użu ta' prodotti domestiċi minflok dawk importati?

☐ iva ☐ le

(c) mogħtija biex jiġi stabbilit u mħaddem network ta' distribuzzjoni?

☐ iva ☐ le

(d) mogħtija biex tkopri xi nefqa oħra marbuta ma' attivitajiet ta' esportazzjoni?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (63) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni mhux se tawtorizza għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lil pajjiżi terzi jew lil Stati Membri li jkunu marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' oġġetti domestiċi fuq dawk importati, jew għajnuna biex jiġi stabbilit u operat network ta' distribuzzjoni jew biex tiġi koperta kwalunkwe nefqa oħra marbuta ma' attivitajiet ta' esportazzjoni. Madankollu, għajnuna għall-kost tal-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali, jew għal studji jew għal servizzi ta' konsulenza meħtieġa għat-tnedija ta' prodott ġdid jew eżistenti f'suq ġdid, fil-prinċipju ma tikkostitwix għajnuna għall-esportazzjoni.

1.3.7. Is-sistema ta' finanzjament tifforma parti integrali mill-miżura ta' għajnuna?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika s-sistema ta' finanzjament:

……

Innota li skont il-punt (29) tal-Linji Gwida, meta s-sistema ta' finanzjament, pereżempju permezz ta' taxxi parafiskali tifforma parti integrali mill-għajnuna, din trid tiġi nnotifikata.

1.3.8. Ipprovdi informazzjoni dwar kif l-awtoritajiet nazzjonali se jivverifikaw il-konformità mal-punti (61), (62) u (63) tal-Linji Gwida:

……

2. IT-TIENI KUNDIZZJONI: L-GĦAJNUNA MA TISTAX TAFFETTWA B'MOD NEGATTIV IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ SA PUNT LI JMUR KONTRA L-INTERESS KOMUNI

Skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat, l-għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi tista' tiġi ddikjarata kompatibbli biss "*basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni*".

Min-natura tagħha stess, kwalunkwe miżura ta' għajnuna tiġġenera distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u jkollha effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, sabiex jiġi stabbilit jekk l-effetti ta' distorsjoni tal-għajnuna humiex limitati għall-minimu, il-Kummissjoni tivverifika jekk l-għajnuna tkunx meħtieġa, xierqa, proporzjonata u trasparenti.

Il-Kummissjoni tivvaluta l-effett ta' distorsjoni tal-għajnuna inkwistjoni fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ. Il-Kummissjoni mbagħad tibbilanċja l-effetti pożittivi tal-għajnuna mal-effetti negattivi tagħha fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ. Meta l-effetti pożittivi jegħlbu l-effetti negattivi, il-Kummissjoni tiddikjara l-għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern.

2.1. **Il-ħtieġa ta' intervent mill-Istat**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.1 (il-punti (69)-(71)) tal-Linji Gwida.

2.1.1. Skont il-punti (69) u (70) tal-Linji Gwida, l-għajnuna mill-Istat trid tkun immirata lejn sitwazzjonijiet fejn l-għajnuna tista' ġġib żvilupp materjali li s-suq ma jkunx kapaċi jġib waħdu, pereżempju billi tirrimedja falliment tas-suq għall-attività jew l-investiment megħjuna inkwistjoni. Tabilħaqq, il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, jikkoreġu fallimenti tas-suq, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament effiċjenti tas-swieq u jsaħħu l-kompetittività. Dan japplika speċjalment f'kuntest fejn ir-riżorsi pubbliċi jkunu skarsi.

Biex tivvaluta l-konformità mal-punti (69) u (70) tal-Linji Gwida, ipprovdi l-informazzjoni kollha li turi l-ħtieġa għal intervent mill-Istat:

.....

Innota li skont il-punt (71) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li s-suq ma huwiex qed jilħaq l-objettivi mistennija mingħajr intervent mill-Istat rigward l-għajnuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Parti I, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.3, u fil-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsimiet 1.1, 1.2, 1.3 u 1.4, u l-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida. Għalhekk, tali għajnuna se titqies bħala meħtieġa.

2.2. **L-adegwatezza tal-għajnuna**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.2 (il-punti (72)-(79)) tal-Linji Gwida.

L-għajnuna proposta trid tkun strument ta' politika xieraq biex jiffaċilita l-iżvilupp tal-attività ekonomika. Jista' jkun hemm strumenti oħrajn u f'pożizzjoni aħjar, bħar-regolamentazzjoni, l-istrumenti bbażati fuq is-suq, l-iżvilupp tal-infrastruttura u t-titjib fl-ambjent tan-negozju, biex jintlaħqu l-objettivi tal-għajnuna. L-Istat Membru jrid juri li l-għajnuna u t-tfassil tagħha huma xierqa biex jintlaħaq l-objettiv tal-miżura li lejha mmirata l-għajnuna.

2.2.1. Indika jekk l-għajnuna tissodisfax il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti għall-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin:

☐ għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew minn okkorrenzi eċċezzjonali f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.1 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara li jikkawżaw eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.2 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna għall-kostijiet ta' prevenzjoni, kontroll u ta' eradikazzjoni tal-mard tal-annimali fl-akkwakultura u ta' infestazzjonijiet minn speċijiet aljeni invażivi, u l-għajnuna sabiex tirrimedja għall-ħsara kkawżata minn dak il-mard tal-annimali u dawk l-infestazzjonijiet, f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.3 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti, f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.4 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna għat-tiġdid tal-flotta tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi, f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida;

☐ għajnuna għall-kategoriji ta' miżuri koperti mir-Regolamenti dwar l-eżenzjonijiet ta' kategorija, f'konformità mal-Parti I, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.3 tal-Linji Gwida;

☐ miżura ta' għajnuna tal-istess tip bħal operazzjoni li hija eliġibbli għal finanzjament skont ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([545]).

– Skont il-punt (73) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Parti I, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.3, u fil-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsimiet 1.1, 1.2, 1.3, 1.4 u 1.5, u fil-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.2, huma strument ta' politika xieraq. Miżura ta' għajnuna tal-istess tip bħal operazzjoni li hija eliġibbli għal finanzjament skont ir-Regolament (UE) 2021/1139 hija adegwata jekk tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak ir-Regolament.

([545]) Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1139/oj).

L-adegwatezza fost strumenti ta' politika alternattivi

2.2.2. Skont il-punt (73) tal-Linji Gwida, uri li ma jeżisti l-ebda strument ta' politika ieħor li joħloq inqas distorsjoni:

……

2.2.3. L-għajnuna se tingħata għal miżura tal-flotta jew għall-waqfien mill-attivitajiet tas-sajd, f'konformità ma' kategorija ta' għajnuna skont il-Parti II, il-Kapitolu 3 tal-Linji Gwida, filwaqt li l-istess intervent huwa previst fl-istess ħin fil-programm rilevanti tal-FEMSA?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, agħti l-vantaġġi ta' strument ta' għajnuna nazzjonali bħal dan meta mqabbel mal-intervent rilevanti fil-programm tal-FEMSA:

……

Adegwatezza fost forom differenti ta' għajnuna

Skont il-punt (76) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tista' tingħata f'diversi forom. Madankollu, l-Istat Membru jenħtieġ li jiżgura li l-għajnuna tingħata fil-forma li hija l-aktar probabbli li tiġġenera l-inqas distorsjonijiet fil-kummerċ u fil-kompetizzjoni.

Skont il-punt (79) tal-Linji Gwida, il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq intern hija mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku u għall-prinċipji tat-trasparenza u l-ftuħ u n-nondiskriminazzjoni fil-proċess tal-għażla ta' fornitur ta' servizz.

2.2.4. Sabiex tivvaluta l-konformità mal-punt (76) tal-Linji Gwida, speċifika l-forma tal-għajnuna u uri li din il-formola x'aktarx li tiġġenera l-anqas distorsjonijiet fil-kummerċ u fil-kompetizzjoni:

……

2.2.5. Ikkonferma jekk l-għajnuna għandhiex tingħata fil-forma prevista:

☐ fit-Taqsima applikabbli tal-Linji Gwida

☐ fl-intervent rispettiv tal-FEMSA f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1139.

Identifika l-kategorija tal-għajnuna rilevanti, kif ukoll il-forma tal-għajnuna:

……

Innota li skont il-punt (77) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mogħtija fil-forma prevista f'dawn il-Linji Gwida jew fl-intervent rispettiv tal-FEMSA skont ir-Regolament (UE) 2021/1139 hija forma xierqa ta' għajnuna.

2.2.6. L-għajnuna tingħata fil-forma/forom li tipprovdi/jipprovdu vantaġġ pekunarju dirett (pereżempju, għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis fit-taxxi, is-sigurtà soċjali jew imposti obbligatorji oħra)?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri għaliex forom oħra ta' għajnuna potenzjalment inqas distorsivi (pereżempju, self bil-quddiem li jitħallas lura jew forom ta' għajnuna li huma bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ekwità ([546])) huma inqas xierqa:

……

2.3. **Il-proporzjonalità tal-għajnuna u l-akkumulazzjoni**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.3 (il-punti (80) - (104)) tal-Linji Gwida.

([546]) Pereżempju, self b'imgħax baxx jew ribassi fuq l-imgħax, garanziji mill-Istat jew provvediment alternattiv ta' kapital b'termini favorevoli.

L-għajnuna fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura titqies bħala proporzjonata jekk l-ammont tal-għajnuna għal kull impriża benefiċjarja jkun limitat għall-minimu meħtieġ għat-twettiq tal-attività megħjuna. Biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, il-Linji Gwida jipprevedu l-applikazzjoni ta' intensitajiet massimi tal-għajnuna.

2.3.1. L-ammont tal-għajnuna jaqbeż il-kostijiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (81) tal-Linji Gwida, l-għajnuna titqies bħala proporzjonata jekk ma taqbiżx il-kostijiet eliġibbli.

2.3.2. L-intensitajiet massimi tal-għajnuna u l-ammonti massimi tal-għajnuna huma kkalkulati kif stabbilit fit-taqsima applikabbli tal-Parti II tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Spjega kif jiġu kkalkulati l-kostijiet eliġibbli:

.....

Innota li skont il-punt (83) tal-Linji Gwida, il-kriterju tal-proporzjonalità jitqies li ġie ssodisfat biss jekk il-kostijiet eliġibbli u l-intensitajiet massimi tal-għajnuna jew l-ammonti massimi tal-għajnuna jiġu kkalkulati kif stabbilit fit-Taqsimiet tal-Parti II tal-Linji Gwida.

2.3.3. L-ammont ta' għajnuna jirrispetta l-intensità massima applikabbli tal-għajnuna pubblika kif stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2473 ([547]) għall-kategoriji ta' miżuri koperti minn dan ir-Regolament kif stabbilit fil-Parti I, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.3 tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Innota li l-prinċipju tal-proporzjonalità jitqies li ġie rrispettat jekk ma tinqabiżx l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli fir-Regolament (UE) 2022/2473 biss. Jekk it-tweġiba hija le, innota li skont il-punt (84) tal-Linji Gwida, jekk miżura ta' għajnuna tmur lil hinn mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/2473, l-Istat Membru jrid juri l-ġustifikazzjoni għall-għajnuna u l-indispensabbiltà tagħha. Ipprovdi l-ġustifikazzjoni għall-intensità massima tal-għajnuna u uri l-indispensabbiltà tal-għajnuna.

.....

2.3.4. Meta tiġi biex tagħti l-għajnuna, l-awtorità tal-għoti se tikkalkula l-intensità massima tal-għajnuna u l-ammont tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

2.3.5. Il-kostijiet eliġibbli se jiġu appoġġati mill-evidenza dokumentarja ċara, speċifika u kontemporanja?

☐ iva ☐ le

2.3.6. Meta jiġu kkalkolati l-intensità tal-għajnuna u l-kostijiet eliġibbli, iċ-ċifri kollha se jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis fit-taxxa jew imposta oħra?

☐ iva ☐ le

2.3.7. It-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) hija eliġibbli għall-għajnuna?

☐ iva ☐ le

([547]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/2473 tal-14 ta' Diċembru 2022 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 327, 21.12.2022, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2473/oj).

2.3.8. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, il-VAT tista' tiġi rkuprata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (86) tal-Linji Gwida, it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ma hijiex eliġibbli għall-għajnuna, ħlief meta ma tkunx tista' tiġi rkuprata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT.

2.3.9. Jekk l-għajnuna tingħata f'forma oħra li ma hijiex għotja, l-ammont tal-għajnuna jkun l-ekwivalenti gross tal-għotja tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

2.3.10. L-għajnuna tista' titħallas f'diversi ħlasijiet parzjali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, l-għajnuna tiġi skontata għall-valur tagħha waqt l-għoti tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (88) tal-Linji Gwida, il-kostijiet eliġibbli jridu jiġu skontati għall-valur tagħhom fil-mument tal-għoti tal-għajnuna. Barra minn hekk, ir-rata tal-imgħax li trid tintuża għall-finijiet ta' skontijiet hija r-rata ta' skont applikabbli dakinhar li tingħata l-għajnuna.

2.3.11. Jekk l-għajnuna hija pagabbli fil-futur, se tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata?

☐ iva ☐ le

2.3.12. L-għajnuna se tingħata permezz ta' benefiċċji fuq it-taxxa?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, l-iskont fuq segmenti tal-għajnuna jseħħ abbażi tar-rati ta' skont applikabbli fil-bosta waqtiet li fihom jidħol fis-seħħ il-benefiċċju fuq it-taxxa?

☐ iva ☐ le

2.3.13. L-ammont ta' għajnuna għall-miżura/i huwa ffissat abbażi ta' suppożizzjonijiet standard ta' kostijiet addizzjonali u ta' introjtu mitluf?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, iddeskrivi l-kategorija tal-għajnuna li għaliha se tiġi applikata:

.....

Innota li skont il-punt (90) tal-Linji Gwida, l-għażliet ta' kostijiet simplifikati ma jistgħux japplikaw għall-għajnuna stabbilita fil-Parti II, il-Kapitolu 1 u l-Kapitolu 3 tal-Linji Gwida.

2.3.14. L-għajnuna tingħata f'waħda mill-għażliet ta' kostijiet simplifikati li ġejjin?

☐ kostijiet unitarji;

☐ somom f'daqqa;

☐ finanzjament b'rata fissa.

Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, indika l-metodu li bih jiġi stabbilit l-ammont tal-għajnuna:

☐ metodu ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli bbażat fuq wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) data statistika, informazzjoni oġġettiva oħra jew ġudizzju espert; jew

(ii) data storika vverifikata ta' impriżi benefiċjarji individwali; jew

(iii) l-applikazzjoni tal-prattiki kontabilistiċi normali tal-kostijiet tal-impriżi benefiċjarji individwali;

☐ f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni tal-kostijiet ta' unità, tas-somom f'daqqa u tar-rati fissi korrispondenti applikabbli fil-politiki tal-Unjoni għal tip ta' operazzjoni simili.

Bħala parti min-notifika, ippreżenta d-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti.

2.3.15. Jekk il-miżura hija kofinanzjata mill-Unjoni, l-ammonti tal-kostijiet eliġibbli huma kkalkulati f'konformità mal-għażliet ta' kostijiet simplifikati stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([548])?

☐ iva ☐ le

Iddeskrivi l-kalkolu tal-kostijiet eliġibbli u ibgħat id-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti:

……

2.3.16. Hemm assigurazzjoni disponibbli fis-suq għall-event ta' riskju li fir-rigward tiegħu tingħata l-għajnuna?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ikkonferma jekk il-benefiċjarju għamilx din l-assigurazzjoni.

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija le għal xi waħda miż-żewġ mistoqsijiet ta' hawn fuq, agħti aktar dettalji:

……

2.3.17. Fir-rigward tal-għajnuna għall-kumpens ta' telf ikkawżat minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali, ikkonferma li l-intensità massima tal-għajnuna se tingħata biss lil impriżi li ma jistgħux ikunu koperti minn assigurazzjoni għal dan it-telf.

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (93) tal-Linji Gwida, meta tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna, il-Kummissjoni se tikkunsidra kwalunkwe assigurazzjoni li tkun saret, jew li setgħet saret mill-impriża benefiċjarja. Fir-rigward tal-għajnuna għall-kumpens ta' telf ikkawżat minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali, biex jiġi evitat ir-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, l-għajnuna fl-intensità massima tagħha jenħtieġ li tingħata biss lil impriża li ma tistax tkun koperta minn assigurazzjoni għal dan it-telf.

Kundizzjonijiet addizzjonali għal għajnuna għall-investiment notifikata individwalment u għal għajnuna għall-investiment lill-intrapriżi l-kbar skont skemi notifikati

2.3.18. Fil-każ tal-għajnuna għall-investiment notifikata individwalment, l-ammont ta' din l-għajnuna jikkorrispondi għall-kostijiet addizzjonali netti marbuta mal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, apparagun ta' dak li seta' jiġri mingħajr l-għajnuna f'xenarju kontrofattwali?

☐ iva ☐ le

Iddeskrivi x-xenarju kontrofattwali:

……

([548]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

Innota li skont il-punt (94) tal-Linji Gwida, bħala regola ġenerali, l-għajnuna se titqies bħala limitata għall-minimu jekk l-ammont tal-għajnuna jikkorrispondi għall-kostijiet żejda netti tal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas ta' għajnuna ([549]), bl-intensitajiet massimi tal-għajnuna bħala limitu massimu.

2.3.19. Agħti l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kalkolu tar-Rata Interna ta' Redditu ("IRR") tal-investiment bl-għajnuna u mingħajrha:

.....

(b) informazzjoni dwar punti ta' riferiment rilevanti tas-suq għall-impriża (pereż. rati normali ta' redditu meħtieġa mill-benefiċjarju sabiex iwettaq proġetti simili, il-kost tal-kapital tal-kumpanija kollha):

.....

(c) spjegazzjoni tar-raġuni għaliex, fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-għajnuna hija l-minimu meħtieġ sabiex il-proġett isir profittabbli biżżejjed:

.....

2.3.20. L-ammont tal-għajnuna huwa limitat għall-minimu meħtieġ biex il-proġett isir profittabbli biżżejjed?

☐ iva ☐ le

Iġġustifika l-valutazzjoni tiegħek:

.....

Innota li skont il-punt (95) tal-Linji Gwida, jenħtieġ li l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx il-minimu meħtieġ biex il-proġett ikun profittabbli biżżejjed. Pereżempju, l-ammont tal-għajnuna jenħtieġ li ma jwassalx biex iżid l-IRR tiegħu aktar mir-rati normali ta' redditu applikati mill-impriża kkonċernata fi proġetti oħrajn tal-investiment ta' tip simili jew, jekk dawn ir-rati ma jkunux disponibbli, biex iżid l-IRR tiegħu aktar mill-kost tal-kapital tal-impriża b'mod sħiħ jew aktar mir-rati ta' redditu osservati b'mod komuni fis-settur ikkonċernat

2.3.21. L-analiżi dwar il-proporzjonalità ta' għajnuna għall-investiment notifikabbli individwalment tuża l-kalkoli għall-analiżi tal-effett ta' inċentiv (il-punti minn (55) sa (58) tal-Linji Gwida)?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi l-analiżi u uri l-proporzjonalità fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni ta' sostenn (pereżempju permezz tad-dokumentazzjoni stipulata fil-punt (56) tal-Linji Gwida):

.....

2.3.22. Meta l-għajnuna tingħata għall-investiment lill-intrpariżi kbar taħt skemi notifikati, huwa żgurat li l-ammont tal-għajnuna jikkorrispondi għall-kostijiet żejda netti marbuta mal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

Iġġustifika l-valutazzjoni tiegħek:

.....

Innota li skont il-punt (96) tal-Linji Gwida, sabiex jiġi żgurat li l-ammont tal-għajnuna jikkorrispondi għall-kostijiet addizzjonali netti tal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbel max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas ta' għajnuna, il-metodu stabbilit fil-punt (95) tal-Linji Gwida jrid jintuża flimkien mal-intensitajiet massimi tal-għajnuna bħala limitu massimu.

([549]) Meta jiġu mqabbla x-xenarji kontrofattwali, l-għajnuna trid tiġi skontata bl-istess fattur bħax-xenarji tal-investiment u dawk kontrofattwali korrispondenti.

2.3.23. Il-benefiċjarju huwa muniċipalità, li hija awtorità lokali awtonoma b'baġit annwali ta' inqas minn EUR 10 miljun u b'inqas minn 5 000 abitant?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li l-punti minn (94) sa (97) tal-Linji Gwida ma japplikawx.

Akkumulazzjoni ta' għajnuna

2.3.24. L-għajnuna notifikata tingħata fl-istess waqt ma' bosta skemi oħrajn jew tiġi akkumulata ma' għajnuna *ad hoc*?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija iva, l-ammont totali ta' għajnuna mill-Istat għal attività jew proġett huwa limitat għall-intensità massima tal-għajnuna jew għall-ammont massimu tal-għajnuna stabbilit fil-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

2.3.25. In-notifika tikkonċerna għajnuna b'kostijiet eliġibbli identifikabbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, dik l-għajnuna tiġi akkumulata ma' għajnuna oħra li tikkonċerna kostijiet eliġibbli identifikabbli differenti?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, agħti ġustifikazzjoni:

……

2.3.26. L-għajnuna b'kostijiet eliġibbli identifikabbli tiġi akkumulata ma' għajnuna oħra mill-Istat fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ikkonferma li din l-akkumulazzjoni ma twassalx biex jinqabżu l-ogħla intensità tal-għajnuna jew l-ogħla ammont tal-għajnuna applikabbli għat-tip ta' għajnuna skont il-Linji Gwida.

☐ iva ☐ le

Skont il-punt (100) tal-Linji Gwida, l-għajnuna b'kostijiet eliġibbli identifikabbli tista' tiġi akkumulata ma' kwalunkwe għajnuna oħra mill-Istat, fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli, li jitrikkbu parzjalment jew kompletament biss jekk tali akkumulazzjoni ma twassalx biex tinqabeż l-ogħla intensità ta' għajnuna jew ammont ta' għajnuna applikabbli għal dan it-tip ta' għajnuna skont dawn il-Linji Gwida.

2.3.27. In-notifika tikkonċerna għajnuna mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, dik l-għajnuna tiġi akkumulata ma' għajnuna oħra mill-Istat b'kostijiet eliġibbli identifikabbli?

☐ iva ☐ le

2.3.28. L-għajnuna mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli tiġi akkumulata ma' għajnuna oħra mill-Istat mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ikkonferma li din l-akkumulazzjoni ma twassalx biex jinqabżu l-ogħla intensità ta' għajnuna rilevanti jew ammont ta' għajnuna stabbilit fil-Linji Gwida jew f'linji gwida oħra dwar l-għajnuna mill-Istat, jew f'regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija jew f'deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika l-limitu massimu tal-istrument ta' għajnuna applikabbli:

……

Skont il-punt (101) tal-Linji Gwida, l-għajnuna mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna mill-Istat oħra mingħajr kostijiet eliġibbli identifikabbli, sal-ogħla livell limitu ta' finanzjament totali rilevanti stabbilit fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ minn dawn il-Linji Gwida jew linji gwida oħra dwar l-għajnuna mill-Istat, regolament ta' eżenzjoni ġenerali jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.

2.3.29. L-għajnuna favur is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura hija akkumulata mal-pagamenti msemmija fir-Regolament (UE) 2021/1139 fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, din l-akkumulazzjoni tirrispetta l-intensità tal-għajnuna jew l-ammont tal-għajnuna stabbiliti fil-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

2.3.30. L-għajnuna kkombinata ma' fond(i) tal-Unjoni hija ġestita ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni li mhumiex direttament jew indirettament fil-kontroll tal-Istati Membri?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (103) tal-Linji Gwida, jekk il-fondi tal-Unjoni ma jkunux fil-kontroll dirett jew indirett tal-Istat Membru, l-għajnuna mill-Istat biss se titqies biex jiġi stabbilit jekk il-limiti ta' notifika u l-intensitajiet massimi u l-ammonti tal-għajnuna ġewx irrispettati, dment li l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti għal dawn l-istess kostijiet eliġibbli ma jaqbiżx ir-rata/i ta' finanzjament l-aktar favorevoli stabbilita/i fir-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni. Ikkonferma li dan huwa l-każ:

☐ iva ☐ le

Ipprovdi informazzjoni dwar id-dritt tal-Unjoni applikabbli, imsemmi fil-punt (103) tal-Linji Gwida:

……

2.3.31. Meta l-għajnuna awtorizzata skont il-Linji Gwida tiġi akkumulata ma' għajnuna *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli, din l-akkumulazzjoni tirrispetta l-intensità ta' għajnuna jew l-ammont ta' għajnuna stabbilit fil-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Skont il-punt (104) tal-Linji Gwida, l-għajnuna awtorizzata skont il-Linji Gwida jenħtieġ li ma tkunx akkumulata ma' kwalunkwe għajnuna *de minimis* fir-rigward tal-istess kostijiet eliġibbli jekk tali akkumulazzjoni tirriżulta f'intensità ta' għajnuna jew ammont ta' għajnuna li jaqbeż dak stabbilit f'dawn il-Linji Gwida.

2.4. **Trasparenza**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.4 (il-punti 105 - 108) tal-Linji Gwida.

2.4.1. L-Istat Membru se jiżgura li jippubblika l-informazzjoni li ġejja fil-pjattaforma Transparency Award Module tal-Kummissjoni Ewropea jew fuq sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat fil-livell nazzjonali jew reġjonali?

☐ it-test sħiħ tal-iskema tal-għajnuna u d-dispożizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħha, jew il-bażi legali għall-għajnuna individwali, jew link għaliha;

☐ l-identità tal-awtorità/awtoritajiet tal-għoti;

☐ l-identità tal-benefiċjarji individwali, il-forma u l-ammont ta' għajnuna mogħtija lil kull benefiċjarju, id-data tal-għoti, it-tip tal-impriża (SME/kumpanija kbira), ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju (fil-Livell II NUTS) u s-settur ekonomiku prinċipali li fih il-benefiċjarju għandu l-attivitajiet tiegħu (fil-livell tal-grupp NACE). Tali rekwiżit jista' jiġi rrinunzjat fir-rigward ta' għotjiet ta' għajnuna individwali li ma jaqbżux il-limitu ta' EUR 10 000.

2.4.2. Ikkonferma li għall-iskemi tal-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, l-informazzjoni fuq l-ammont tal-għajnuna individwali tingħata f'dawn il-meded (f'miljuni ta' EUR):

☐ 0,01 sa 0,03

☐ 0,03 sa 0,5;

☐ 0,5 sa 1;

☐ 1 sa 2;

☐ 2 u aktar.

2.4.3. Speċifika jekk l-informazzjoni stabbilita fil-punt (105) tal-Linji Gwida hijiex se tiġi ppubblikata:

☐ fil-pjattaforma Transparency Award Module tal-Kummissjoni Ewropea ([550]);

☐ fuq sit web komprensiv nazzjonali jew reġjonali dwar l-għajnuna mill-Istat.

Ipprovdi l-link tas-sit web komprensiv nazzjonali jew reġjonali dwar l-għajnuna mill-Istat fejn se tiġi ppubblikata l-informazzjoni:

……

2.4.4. Ikkonferma li din l-informazzjoni:

☐ se tiġi ppubblikata wara li tittieħed id-deċiżjoni li se tingħata l-għajnuna ([551]);

☐ se tinżamm għal mill-inqas 10 snin;

☐ se tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali mingħajr restrizzjonijiet.

2.4.5. Ikkonferma li r-rapportar u r-reviżjoni kif meħtieġ fil-Parti III, it-Taqsima 4 se jitwettqu:

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (108) tal-Linji Gwida, għal raġunijiet ta' trasparenza, l-Istati Membri jridu jwettqu r-rapportar u r-reviżjoni kif meħtieġ fil-Parti III, it-Taqsima 4 tal-Linji Gwida.

2.5. **L-evitar ta' effetti negattivi avversi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-Taqsima 3.2.5 (il-punti (109) - (124)) tal-Linji Gwida.

L-għajnuna għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tista' potenzjalment tikkawża distorsjonijiet fis-suq tal-prodotti. Ċerta għajnuna tista' tqajjem tħassib dwar il-bini ta' kapaċità żejda fi swieq li sejrin lura fir-rigward tal-produzzjoni primarja tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom. Biex l-għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern, l-effetti negattivi tal-għajnuna f'termini ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri jridu jiġu mminimizzati jew evitati.

Madankollu, anki meta l-għajnuna tkun meħtieġa u proporzjonata, din tista' tirriżulta f'bidla fl-imġiba tal-impriża benefiċjarja li tfixkel il-kompetizzjoni. Dan huwa aktar probabbli fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura li jvarja minn swieq oħra minħabba l-istruttura speċifika tiegħu, peress li huwa kkaratterizzat minn għadd kbir ta' impriżi żgħar involuti u minn stokkijiet ta' ħut li huma riżorsa komuni, limitata. F'dawn is-swieq, ir-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni huwa għoli anki meta jingħataw biss ammonti żgħar ta' għajnuna.

([550]) "Tiftix Pubbliku għat-Trasparenza tal-Għajnuna mill-Istat", jinsab fuq is-sit web li ġej: https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public?lang=en.

([551]) Din l-informazzjoni trid tiġi ppubblikata fi żmien 6 xhur mid-data tal-għoti tal-għjnuna (jew fi żmien sena mid-data tad-dikjarazzjoni tat-taxxa fil-każ tal-għajnuna fil-forma ta' benefiċċju fuq it-taxxa). Fil-każ ta' għajnuna mhux skont il-liġi, l-Istati Membri se jintalbu jiżguraw li din l-informazzjoni tiġi ppubblikata *ex post* tal-anqas fi żmien 6 xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-informazzjoni trid tkun disponibbli f'format li jippermetti li d-*data* titfittex, tiġi estratta, u tiġi ppubblikata faċilment fuq l-Internet, pereżempju f'format CSV jew XML.

Skont il-punt (110) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tidentifika s-suq/swieq affettwati mill-għajnuna, filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru fis-suq/swieq tal-prodotti kkonċernati, jiġifieri s-suq/swieq affettwati mill-bidla fl-imġiba tal-impriża benefiċjarja.

2.5.1. Iddeskrivi s-suq/swieq tal-prodotti kkonċernat(i), jiġifieri s-suq/swieq affettwat(i) mill-bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna.

.....

Innota li fil-valutazzjoni tal-effetti negattivi tal-miżura ta' għajnuna, il-Kummissjoni tiffoka l-analiżi tagħha tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fuq l-impatt prevedibbli li l-għajnuna fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għandha fuq il-kompetizzjoni bejn l-impriżi fis-suq/swieq tal-prodotti affettwat(i) ([552]).

2.5.2. L-għajnuna hija mmirata tajjeb, proporzjonata u limitata għall-kostijiet addizzjonali netti?

☐ iva ☐ le

Skont il-punt (111) tal-Linji Gwida, jekk l-għajnuna tkun immirata sew, proporzjonata u limitata għall-kostijiet addizzjonali netti, l-impatt negattiv tal-għajnuna jitnaqqas u r-riskju li l-għajnuna tfixkel il-kompetizzjoni b'mod avvers ikun aktar limitat. Biex tipprovdi din l-informazzjoni, irreferi wkoll għat-Taqsima 2.1.1. ta' din l-Iskeda ta' Informazzjoni. Iġġustifika l-valutazzjoni tiegħek.

.....

2.5.3. L-intensità massima tal-għajnuna jew l-ammont tal-għajnuna kif stabbilit f'Taqsima speċifika tal-Linji Gwida hija rispettata?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi l-intensità massima tal-għajnuna jew l-ammont tal-għajnuna:

.....

Il-Kummissjoni tqis li jekk l-intensità massima tal-għajnuna jew l-ammont massimu tal-għajnuna jiġu rispettati, l-impatt negattiv tal-għajnuna jitnaqqas u r-riskju li l-għajnuna tfixkel il-kompetizzjoni b'mod avvers ikun aktar limitat.

Skemi ta' għajnuna għall-investiment għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura

2.5.4. Għal skemi ta' għajnuna għall-investiment għall-ipproċesar u/jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, uri li kwalunkwe effett negattiv ikun limitat għall-minimu filwaqt li jitqies, pereżempju, id-daqs tal-proġetti kkonċernati, l-ammonti tal-għajnuna individwali u kumulattiva, il-benefiċjarji mistennija kif ukoll il-karatteristiċi tas-setturi fil-mira.

.....

2.5.5. Fir-rigward tal-iskemi ta' għajnuna għall-investiment għall-ipproċessar u/jew għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, l-Istati Membri huma mħeġġa jippreżentaw valutazzjoni tal-impatt għad-dispożizzjoni tagħhom kif ukoll evalwazzjonijiet *ex post* imwettqa għal skemi simili biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-effetti negattivi potenzjali tal-iskema ta' għajnuna.

— Qed tkun ippreżentata valutazzjoni tal-impatt flimkien man-notifika?

☐ iva ☐ le

— Hija ppreżentata evalwazzjoni *ex post* flimkien man-notifika?

☐ iva ☐ le

([552]) Għadd ta' swieq jistgħu jiġu affettwati mill-għajnuna, għax l-impatt tal-għajnuna jista' ma jkunx limitat għas-suq li jikkorrispondi għall-attività appoġġata, iżda jista' jestendi għal swieq oħra li huma marbuta ma' dak is-suq għax ikunu upstream, downstream jew kumplimentari, jew għax il-benefiċjarju jkun diġà fihom jew se jkun fihom fil-futur qrib.

Għajnuna għall-investiment notifikabbli individwalment għall-ipproċessar u/jew għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u għajnuna għall-investiment lil intrapriżi kbar taħt skemi notifikati

Skont il-punt (116) tal-Linji Gwida, fl-evalwazzjoni tal-effetti negattivi tal-għajnuna għall-investiment individwali l-Kummissjoni tagħmel enfasi partikolari fuq l-effetti negattivi marbuta mal-bini ta' kapaċità żejda fi swieq li sejrin lura, il-prevenzjoni tal-ħruġ, u l-kunċett ta' saħħa sinifikanti fis-suq. Dawn l-effetti negattivi huma deskritti fil-punti minn (117) sa (124) tal-Linji Gwida u jridu jkunu kontrobilanċjati bl-effetti pożittivi tal-għajnuna.

2.5.6. Biex il-Kummissjoni tkun tista' tidentifika u tivvaluta d-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ, ipprovdi evidenza li tippermetti lill-Kummissjoni tidentifika s-swieq tal-prodotti kkonċernati (jiġifieri, il-prodotti affettwati mill-bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna) u tidentifika l-kompetituri u l-klijenti/l-konsumaturi affettwati:

……

Skont il-punt (117) tal-Linji Gwida, il-prodott ikkonċernat huwa tipikament il-prodott kopert mill-proġett ta' investiment ([553]). Meta l-proġett jittratta prodott intermedju u parti sinifikanti tal-produzzjoni ma tinbiegħx fis-suq, il-prodott ikkonċernat jista' jkun il-prodott downstream. Is-suq tal-prodotti rilevanti jinkludi l-prodott ikkonċernat u s-sostituti tiegħu jkunu meqjusin bħala tali, jew mill-konsumatur (minħabba l-karatteristiċi, il-prezzijiet, jew l-użu maħsub tal-prodott) jew mill-produttur (minħabba l-flessibbiltà tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni).

Indika xi tqis bħala s-sostituti rilevanti mil-lat ta' domanda u ta' provvista f'dan il-każ. Ipprovdi evidenza, jekk possibbli minn parti terza indipendenti, sabiex issostni l-konklużjonijiet tiegħek dwar dan il-punt.

……

2.5.7. Bħala riżultat tal-għajnuna, il-proġett joħloq kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi stima tal-kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali maħluqa (f'termini ta' volum u ta' valur):

……

2.5.8. Ipprovdi informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-suq tal-prodotti affettwat mill-għajnuna, jiġifieri jekk huwiex qed jikber jew jekk huwiex qed jagħti riżultati ħżiena:

……

2.5.9. Jekk is-suq tal-prodotti affettwat mill-għajnuna qed jagħti riżultati ħżiena, speċifika jekk, fi prospettiva fit-tul, is-suq huwiex strutturalment qed jonqos (jiġifieri qed jiċkien) jew fi tnaqqis relattiv (jiġifieri għadu qed jikber, iżda ma jaqbiżx rata ta' tkabbir ta' referenza):

……

2.5.10. F'każ li s-suq ġeografiku jkun globali, sabiex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tas-suq tal-prodotti affettwat mill-għajnuna, ipprovdi informazzjoni dwar l-effett tal-għajnuna fuq l-istrutturi tas-suq ikkonċernati, b'mod partikolari l-potenzjal tagħhom li jeskludu l-produtturi fiż-ŻEE:

……

2.5.11. Ipprovdi informazzjoni, u evidenza ta' sostenn, dwar is-suq ġeografiku rilevanti tal-benefiċjarju.

……

([553]) Għal proġetti ta' investiment li jinvolvu l-produzzjoni ta' diversi prodotti differenti, kull prodott irid jiġi vvalutat.

2.5.12. Speċifika l-prodotti kollha li se jiġu prodotti malli jkun lest l-investiment u indika, fejn huwa xieraq, il-kodiċi NACE jew in-nomenklatura tas-CPA:

……

2.5.13. Indika jekk il-prodott jew prodotti previsti mill-proġett humiex se jissostitwixxu xi prodott ieħor li jkun prodott mill-benefiċjarju (fil-livell ta' grupp):

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, speċifika l-prodott(i) li se jiġi/u sostitwit(i). Jekk dawn il-prodotti sostitwiti ma humiex prodotti fil-post tal-proġett, indika fejn qed jiġu prodotti bħalissa. Ipprovdi deskrizzjoni tar-rabta bejn il-produzzjoni sostitwita u l-investiment attwali u agħti skeda ta' żmien għas-sostituzzjoni:

……

2.5.14. Indika liema prodott jew prodotti oħrajn jistgħu jiġu prodotti fl-istess faċilitajiet ġodda (permezz tal-flessibbiltà tal-installazzjoni tal-produzzjoni tal-benefiċjarju) b'kost addizzjonali żgħir jew bl-ebda kost addizzjonali:

……

2.5.15. Spjega jekk il-proġett jikkonċernax prodott intermedju u jekk parti sinifikanti mill-produzzjoni tinbiegħx band'oħra u mhux fis-suq (taħt kundizzjonijiet tas-suq). Abbażi tal-ispjegazzjoni ta' hawn fuq, biex ikunu kkalkolati s-sehem mis-suq u ż-żieda fil-kapaċità fil-bqija ta' din it-taqsima, indika jekk il-prodott ikkonċernat huwiex il-prodott previst mill-proġett jew jekk huwiex prodott downstream.

……

2.5.16. Biex tiġi vvalutata s-saħħa fis-suq tal-benefiċjarju, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar il-pożizzjoni fis-suq tal-benefiċjarju (fuq perjodu ta' żmien qabel ma jirċievi l-għajnuna u l-pożizzjoni mistennija fis-suq wara li jitlesta l-investiment):

(a) stima tal-bejgħ kollu (f'termini ta' valur u volum) tal-benefiċjarju tal-għajnuna fis-suq rilevanti (fil-livell ta' grupp):

……

(b) stima tal-bejgħ globali tal-produtturi kollha fis-suq rilevanti (f'termini ta' volum u valur). Jekk ikunu disponibbli, inkludi statistika ppreparata minn sorsi pubbliċi u/jew indipendenti:

……

2.5.17. Ipprovdi informazzjoni dwar l-ishma mis-suq tal-benefiċjarju, kif ukoll dwar l-ishma mis-suq tal-kompetituri tiegħu:

……

2.5.18. Ipprovdi valutazzjoni tal-istruttura tas-suq rilevanti billi tinkludi, pereżempju, il-livell ta' konċentrazzjoni fis-suq, l-ostakli possibbli għad-dħul, is-saħħa tax-xerrej u l-ostakli għall-espansjoni jew il-ħruġ. Ipprovdi evidenza, jekk possibbli minn parti terza indipendenti, biex issostni l-konklużjonijiet tiegħek dwar dan il-punt.

……

2.6. **L-evalwazzjoni tal-effetti pożittivi u negattivi tal-għajnuna (test tal-ibbilanċjar)**

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.6 (il-punti (125) - (138)) tal-Linji Gwida.

Il-Kummissjoni tivvaluta jekk l-effetti pożittivi tal-miżura ta' għajnuna jegħlbux l-effetti negattivi identifikati fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ. Il-Kummissjoni tista' tikkonkludi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna mas-suq intern biss meta l-effetti pożittivi jegħlbu l-effetti negattivi. F'każijiet fejn il-miżura tal-għajnuna proposta ma tindirizzax falliment tas-suq identifikat sew b'mod xieraq u proporzjonat, l-effetti ta' distorsjoni negattivi fuq il-kompetizzjoni għandhom it-tendenza li jegħlbu l-effetti pożittivi tal-miżura u b'hekk il-Kummissjoni x'aktarx tikkonkludi li l-miżura ta'għajnuna proposta hija inkompatibbli mas-suq intern.

Skont il-punt (138) tal-Linji Gwida, għall-kategoriji fil-Parti I, il-Kapitolu 2, it-Taqsimiet 2.1.2, 2.2 u l-punt (24) tat-Taqsima 2.3 u l-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.1 u t-Taqsima 2.3, il-Kapitolu 3 tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni se tibbilanċja l-effetti negattivi identifikati fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u l-kummerċ tal-miżuri ta' għajnuna bl-effetti pożittivi tal-għajnuna ippjanata fuq l-attivitajiet ekonomiċi mgħejuna, inkluż il-kontribuzzjoni tagħha għall-objettivi tal-PKS u, fi ħdan dik il-politika, mal-objettivi tal-FEMSA.

2.6.1. Speċifika l-impatti pożittivi u negattivi tal-għajnuna fuq il-kisba tal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([554]) u tar-Regolament (UE) 2021/1139:

……

2.6.2. L-għajnuna tikser l-objettiv li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'mod li jkun konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u fil-qasam tal-impjiegi, u li jingħata kontribut għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel (l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013)?

☐ iva ☐ le

Iġġustifika l-valutazzjoni tiegħek:

……

2.6.3. L-għajnuna tmur kontra l-objettiv li tiġi żgurata l-koerenza mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni (l-Artikolu 2(5), il-punt (j) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013).

☐ iva ☐ le

Iġġustifika l-valutazzjoni tiegħek:

……

Jekk it-tweġiba tiegħek hija iva għall-mistoqsija 2.6.2 jew għall-mistoqsija 2.6.3 ta' hawn fuq, innota li skont il-punt (127) tal-Linji Gwida, il-miżuri li jmorru kontra xi wieħed minn dawk l-objettivi x'aktarx li ma joħolqux effetti pożittivi għall-PKS u jista' jkollhom effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ minħabba r-riżorsi limitati li għalihom qed jikkompetu l-impriżi fis-settur. Dan iwassal biex x'aktarx ma jinkisibx bilanċ pożittiv.

2.6.4. Skont il-punti (127) u (134) tal-Linji Gwida, ipprovdi informazzjoni dwar l-impatt tal-għajnuna fuq kwalunkwe riskju ta' titjib fil-kapaċità tas-sajd tal-bastimenti kkonċernati u tal-flotta (f'kW jew f'TG), fuq is-sajd żejjed jew l-ispostament tal-isforzi tas-sajd li jistgħu jwasslu għal tali sajd żejjed, kif ukoll dwar il-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli:

……

([554]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

Innota li skont il-punt (134) tal-Linji Gwida, l-għajnuna li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità tas-sajd jew li tirriżulta f'sajd żejjed jew fi spostament tal-isforzi tas-sajd x'aktarx li timmina l-objettivi tal-PKS. Filwaqt li jitqies il-kuntest legali u ekonomiku tas-settur tas-sajd, fejn l-impriżi jikkompetu għal riżorsi limitati, miżuri b'dawn l-effetti li fil-prinċipju jitqiesu bħala dannużi x'aktarx li ma jagħtux riżultat pożittiv fl-eżerċizzju ta' bbilanċjar.

2.6.5. L-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet li ġejjin tal-Linji Gwida?

☐ għajnuna għall-kategoriji ta' miżuri koperti mir-Regolamenti dwar l-eżenzjoni ta' kategorija (il-Parti I, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.3);

☐ għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali (il-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.1);

☐ għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali (il-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.2);

☐ għajnuna għall-kostijiet tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali fl-akkwakultura u ta' infestazzjoni minn speċijiet aljeni invażivi, u l-għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn dak il-mard tal-annimali u dawk l-infestazzjonijiet (il-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.3);

☐ għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti (il-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.4);

☐ għajnuna għal investimenti għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-ħsara kkawżata minn eventi ta' riskju(il-Part II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.5);

☐ għajnuna għat-tiġdid tal-flotta tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi (il-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.2).

Innota li skont il-punt (128) tal-Linji Gwida, minħabba l-effetti pożittivi tagħha fuq l-iżvilupp tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, il-Kummissjoni tqis li għal għajnuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti I, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.3 u l-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsimiet 1.1, 1.2, 1.3, 1.4 u 1.5 u l-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.2, l-effett negattiv fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri huwa limitat għall-minimu.

2.6.6. L-għajnuna hija kofinanzjata mill-FEMSA?

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (129) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li l-effetti pożittivi relatati ġew stabbiliti, fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat li hija kofinanzjata mill-FEMSA.

2.6.7. L-għajnuna tikkontribwixxi għall-objettiv(i) tal-politika ta' konservazzjoni billi telimina gradwalment id-derogi li bħalissa huma permessi skont ir-regoli tal-PKS (pereż. derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art)?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, irreferi għar-regoli tal-PKS li jippermettu d-deroga u spjega kif l-għajnuna tikkontribwixxi għall-objettivi ta' konservazzjoni tal-PKS?

……

Skont il-punt (130) tal-Linji Gwida, l-għajnuna li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika ta' konservazzjoni bit-tneħħija gradwali tad-derogi attwalment permessi skont ir-regoli tal-PKS, bħal derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art, se titqies li għandha effett pożittiv għall-objettivi tal-PKS.

2.6.8. L-għajnuna tappoġġa l-objettivi tal-politika ambjentali li jistgħu jkunu marbuta ma' xi wieħed mill-isforzi ta' konservazzjoni li ġejjin billi:

☐ tikkontribwixxi għal status ambjentali tajjeb, kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([555]);

☐ timplimenta u timmonitorja żoni marini protetti, f'konformità mad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([556]), id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([557]) u d-Direttiva 2008/56/KE;

☐ timplimenta azzjonijiet li jikkontribwixxu għar-restawr tal-kontinwità tax-xmajjar skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([558]);

☐ timplimenta azzjonijiet relatati mad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([559]) għall-irkaptu tas-sajd/għall-plastik;

☐ tistabbilixxi miżuri qafas ta' azzjoni prijoritarja għas-siti ta' Natura 2000 ([560]).

Ipprovdi informazzjoni dwar l-isforz ta' konservazzjoni.

……

Skont il-punt (131) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuniet elenkati hawn fuq jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-objettivi tal-PKS.

2.6.9. L-għajnuna tingħata favur l-investimenti?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, ipprovdi informazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([561]) (kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli), inkluż fir-rigward tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", jew metodoloġiji oħra komparabbli, (bħall-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema applikat għall-ġestjoni tas-sajd fil-baħar f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013).

……

2.6.10. L-għajnuna ġġib effett pożittiv ieħor?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, indika liema politika tal-Unjoni tirrifletti:

☐ Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final)

☐ Ekonomija blu sostenibbli (COM/2021/240 final)

☐ L-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt (COM/2020/381final)

☐ Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari (COM/2020/98 final).

☐ L-Istrateġija għall-Bijodiversità (COM/2020/380 final)

☐ Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" (COM/2021/400 final)

([555]) Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

([556]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

([557]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

([558]) Id-Direttiva 2000/60 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p 1).

([559]) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent (ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1).

([560]) Id-Direttivi 92/43/KEE (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7) u 2009/147/KE (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

([561]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

☐ Strateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima (COM/2013/0216 final u COM/2021/82 final)

☐ Kunsiderazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fir-rigward tal-ewwel prinċipju tal-effiċjenza enerġetika ([562])

☐ l-inizjattiva dwar Insawru l-Komunikazzjoni dwar il-Futur Diġitali tal-Ewropa (COM/2020/67 final)

☐ Oħrajn (speċifika):

……

Ipprovdi aktar dettalji dwar l-effett pożittiv tal-għajnuna u spjega kif l-għajnuna hija allinjata mal-politika/i tal-Unjoni indikata/i hawn fuq:

……

2.6.11. Il-miżura tikkostitwixxi għajnuna:

☐ li żżid il-kapaċità tas-sajd ta' bastiment tas-sajd;

☐ għall-akkwist ta' tagħmir li jżid il-kapaċità ta' bastiment tas-sajd biex isib il-ħut;

☐ għall-bini, l-akkwist jew l-importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd;

☐ għat-trasferiment jew il-bdil tal-bandiera ta' bastimenti tas-sajd lejn pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-ħolqien ta' impriżi konġunti ma' sħab minn pajjiżi terzi;

☐ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd;

☐ għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd;

☐ għas-sajd esploratorju;

☐ għat-trasferiment tas-sjieda ta' negozju;

☐ għall-istokkjar mill-ġdid dirett, ħlief skont x'ikun il-każ fil-każ ta' stokkjar mill-ġdid sperimentali;

☐ għall-bini ta' portijiet ġodda jew swali tal-irkant ġodda, bl-eċċezzjoni ta' postijiet ġodda ta' ħatt l-art;

☐ għal mekkaniżmi ta' intervent fis-suq li l-għan tagħhom ikun li jirtiraw il-prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura mis-suq b'mod temporanju jew permanenti biex tonqos il-provvista biex ma jonqsux il-prezzijiet jew biex jogħlew l-prezzijiet li ma jkunux konformi mal-Artikoli 30 u 31 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([563]);

☐ għall-investimenti abbord bastimenti tas-sajd li jkunu meħtieġa li jikkonformaw mar-rekwiżiti skont id-dritt tal-Unjoni li jkunu fis-seħħ meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għal għajnuna, inkluż ir-rekwiżiti skont l-obbligi tal-Unjoni fil-kuntest ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd;

☐ għall-investimenti abbord bastimenti tas-sajd li jkunu ilhom iwettqu attivitajiet tas-sajd għal inqas minn 60 jum fl-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel is-sena ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna;

☐ għas-sostituzzjoni jew l-immodernizzar ta' magna prinċipali jew anċillari ta' bastiment tas-sajd.

Innota li t-tipi ta' miżuri ta' għajnuna ta' hawn fuq huma fil-prinċipju meqjusa bħala ta' ħsara, għalhekk skont il-punt (135) tal-Linji Gwida, bl-eċċezzjoni tal-għajnuna prevista b'mod espliċitu fil-Linji Gwida, it-test tal-ibbilanċjar x'aktarx li ma jkunx pożittiv fir-rigward tat-tipi ta' miżuri ta' għajnuna msemmija hawn fuq.

([562]) Kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/27/oj).

([563]) Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1379/oj).

Jekk immarkajt kaxxa li tirrigwarda xi waħda mill-kategoriji ta' għajnuna ta' hawn fuq, spjega taħt liema taqsima tal-Linji Gwida din l-għajnuna hija pprovduta għal:

.....

2.6.12. Ikkonferma jekk il-miżura ta' għajnuna tinkludix il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ☐ salvagwardi li jiżguraw li l-applikant għall-għajnuna mill-Istat, jew jekk ma jkunx hemm bżonn ta' applikazzjoni att ekwivalenti, jkun jipprevedi li l-impriża benefiċjarja tkun tikkonforma mar-regoli tal-PKS, u tibqa' hekk matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġett ("perjodu tal-għoti") u għal perjodu ta' 5 snin wara l-pagament finali tal-għajnuna lill-impriża;

(b) ☐ tipprevedi li impriża benefiċjarja ssir inammissibbli biex tapplika għall-għajnuna meta matul il-perjodu tal-għotja u għal perjodu ta' 5 snin wara l-pagament finali, l-impriża benefiċjarja

☐ ma tkunx ikkonformat mar-regoli tal-PKS; jew

☐ meta l-applikazzjoni għall-għajnuna tiġi ppreżentata skont l-Artikoli minn 32 sa 39 tar-Regolament (UE) 2022/2473: impriża benefiċjarja tkun wettqet wieħed jew aktar mir-reati ambjentali stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([564]), kif determinat mill-awtorità nazzjonali kompetenti

Jekk inti kkonfermajt il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq, indika jekk f'dawk il-każijiet il-benefiċjarju għandux jirrimborża l-għajnuna b'mod proporzjonali għan-nuqqas ta' konformità jew ir-reat:

☐ iva ☐ le

Speċifika l-kriterji li skonthom l-awtoritajiet nazzjonali se jistabbilixxu l-proporzjonalità għan-nuqqas ta' konformità jew ir-reat:

.....

Innota li skont il-punt (136) tal-Linji Gwida, it-test tal-ibbilanċjar x'aktarx li ma jkunx pożittiv fir-rigward tal-miżuri ta' għajnuna li ma jinkludux il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq. Skont il-punt (137) tal-Linji Gwida, żewġ eċċezzjonijiet biss huma permessi.

F'każ li ma tkunx inkludejt il-kundizzjonijiet ((a) u (b)) ta' hawn fuq għall-miżura ta' għajnuna, ikkonferma jekk l-għajnuna tissodisfax il-kundizzjonijiet speċifiċi għal:

☐ għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew minn okkorrenzi eċċezzjonali (stabbilita fil-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.1 tal-Linji Gwida);

☐ għajnuna għall-kostijiet tal-prevenzjoni, tal-kontroll u tal-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali fl-akkwakultura (stabbilita fil-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.3 tal-Linji Gwida).

2.7. **Informazzjoni oħra**

Strumenti orizzontali ta' għajnuna, u strumenti oħra, applikabbli għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għall-Parti I, it-Taqsima 2.2 (il-punti (8), (20)-(22)) tal-Linji Gwida.

Għall-għajnuna kollha mogħtija lis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, il-Linji Gwida japplikaw skont il-punt (8) tagħhom. Dan jinkludi l-komponenti tal-għajnuna reġjonali li huma relatati mas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura. Dawn japplikaw ukoll għall-għajnuna l-oħra kollha li tingħata lis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fil-qafas tal-fondi tal-Unjoni Ewropea.

([564]) Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/99/oj).

Il-linji gwida orizzontali u strumenti oħrajn, jinkludu l-Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat għat-taħriġ soġġetta għal notifika individwali ([565]), il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' finanzjament ta' riskju ([566]), il-Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni ([567]), il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 ([568]), il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà ([569]), ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-implimentazzjoni ta' networks tal-broadband ([570]) u l-Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat lil ħaddiema żvantaġġati u b'diżabilità soġġetta għal notifika individwali ([571]). Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2022-2027 ([572]) ma japplikawx għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, ħlief meta tingħata għajnuna mill-Istat f'dak is-settur bħala parti minn skema ta' għajnuna operatorja reġjonali orizzontali.

Meta l-għajnuna taqa' taħt strumenti orizzontali jew strumenti oħra ta' għajnuna, il-Kummissjoni tivvaluta din l-għajnuna fuq il-bażi tal-prinċipji stabbiliti fit-Taqsimiet rilevanti ta' dawk l-istrumenti orizzontali u ta' strumenti oħrajn ta' għajnuna mill-Istat flimkien mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti I, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 3.1.3 u t-Taqsima 3.2.6 tal-Linji Gwida. Imla t-Taqsimiet 1.3 u 2.6 ta' din l-iskeda ta' informazzjoni ġenerali u barra minn hekk, imla u ehmeż man-notifika tiegħek il-formoli l-oħra applikabbli għal dawk il-linji gwida jew l-istrumenti orizzontali.

2.7.1. L-għajnuna taqa' fl-ambitu ta' ċerti linji gwida orizzontali jew strumenti oħrajn adottati mill-Kummissjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, uri l-linji gwida orizzontali jew strumenti rilevanti u d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk l-atti u uri li l-għajnuna tissodisfa l-kriterji kollha stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn l-atti.

.....

Għajnuna għal kategoriji ta' miżuri koperti minn Regolamenti dwar eżenzjonijiet ta' kategorija

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għall-Parti I, it-Taqsima 2.3 (il-punti (23)-(25) u (28)) tal-Linji Gwida.

Meta l-għajnuna li minnha jibbenefikaw l-SMEs jew l-intrapriżi l-kbar tkun tal-istess tip ta' għajnuna li taqa' f'kategorija ta' għajnuna li tista' titqies kompatibbli mas-suq intern jew skont ir-Regolament (UE) 2022/2473 jew skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([573]), imla t-taqsimiet kollha tal-Parti 1 (l-Ewwel kundizzjoni) u l-Parti 2 (it-Tieni kundizzjoni) ta' din l-iskeda ta' informazzjoni ġenerali (mit-Taqsima 1.1 sat-Taqsima 2.6) flimkien ma' din it-taqsima. Innota li, skont il-punti (23) u (24) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tivvaluta din l-għajnuna filwaqt li tqis il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat (il-Parti I, il-Kapitolu 3 tal-Linji Gwida) u l-kriterji stabbilit għal kull kategorija ta' għajnuna stipulata fir-regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija applikabbli.

([565]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat għat-taħriġ soġġetta għal notifika individwali (ĠU C 188, 11.8.2009, p. 1).

([566]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju (ĠU C 508, 16.12.2021, p. 1).

([567]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni (ĠU C 414, 28.10.2022, p. 1).

([568]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (ĠU C 80, 18.2.2022, p. 1).

([569]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà, (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

([570]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-networks tal-broadband (ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1).

([571]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat għall-impjieg ta' ħaddiema żvantaġġati u b'diżabilità soġġetta għal notifika individwali (ĠU C 188, 11.8.2009, p. 6).

([572]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat (ĠU C 153, 29.4.2021, p. 1).

([573]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/oj).

2.7.2. L-għajnuna hija tal-istess tip ta' għajnuna li taqa' f'kategorija ta' għajnuna li tista' titqies kompatibbli mas-suq intern skont ir-Regolament (UE) 2022/2473?

☐ iva ☐ le

2.7.3. L-għajnuna hija l-istess tip li tista' taqa' taħt l-Artikoli tar-Regolament (UE) 2022/2473 li ġejjin?

☐ għajnuna tal-istess tip bħal għajnuna li taqa' fil-kategorija ta' għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali stabbilita fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2022/2473;

Għal din il-kategorija ta' għajnuna, imla wkoll il-formola ta' notifika speċifika relatata mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.1 tal-Linji Gwida.

☐ għajnuna tal-istess tip bħal għajnuna li taqa' fil-kategorija ta' għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali stabbilit fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2022/2473;

Għal din il-kategorija ta' għajnuna, imla wkoll il-formola ta' notifika speċifika relatata mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.2 tal-Linji Gwida.

☐ għajnuna tal-istess tip bħal għajnuna li taqa' fil-kategorija ta' għajnuna għall-kostijiet ta' prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni tal-mard tal-annimali, kif stabbilit fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2022/2473;

Għal din il-kategorija ta' għajnuna, imla wkoll il-formola ta' notifika speċifika relatata mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.3 tal-Linji Gwida.

☐ għajnuna tal-istess tip bħal għajnuna li taqa' fil-kategorija ta' għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn annimali protetti stabbilita fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2022/2473;

Għal din il-kategorija ta' għajnuna, imla wkoll il-formola ta' notifika speċifika relatata mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.4 tal-Linji Gwida.

☐ għajnuna tal-istess tip bħal għajnuna li taqa' fil-kategorija ta' għajnuna għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-ħsara kkawżata minn mard tal-annimali, diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali u minħabba annimali protetti, stabbilita fl-Artikoli 43, 48, 50 u 52 tar-Regolament (UE) 2022/2473;

Għal din il-kategorija ta' għajnuna, imla wkoll il-formola ta' notifika speċifika relatata mal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.5 tal-Linji Gwida.

☐ għajnuna tal-istess tip bħal għajnuna li taqa' fil-kategorija ta' għajnuna għall-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd stabbilita fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2022/2473.

Għal din il-kategorija ta' għajnuna, imla wkoll il-formola ta' notifika speċifika relatata mal-Parti II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 3. tal-Linji Gwida.

2.7.4. Fir-rigward ta' kategoriji oħra ta' għajnuna taħt ir-Regolament (UE) 2022/2473, l-għajnuna tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-artikolu/i rilevanti tar-Regolament (UE) 2022/2473?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, indika l-artikolu rilevanti tar-Regolament (UE) 2022/2473 u uri konformità mal-kundizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) 2022/2473 għal dik il-kategorija ta' għajnuna:

……

Jekk it-tweġiba hija le, indika l-artikolu tar-Regolament (UE) 2022/2473 u speċifika liema kundizzjoni ma ġietx osservata u ġġustifika r-raġuni għad-deroga u uri l-indispensabbiltà tal-għajnuna:

……

2.7.5. L-għajnuna hija tal-istess tip ta' għajnuna li taqa' f'kategorija ta' għajnuna li tista' titqies kompatibbli mas-suq intern skont ir-Regolament (UE) Nru 651/2014?

☐ iva ☐ le

2.7.6. L-għajnuna tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-artikolu/i rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 651/2014?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, indika l-artikolu rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 u uri konformità mal-kundizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 għal dik il-kategorija ta' għajnuna.

……

Jekk it-tweġiba hija le, indika l-artikolu tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 u speċifika liema kundizzjoni ma ġietx osservata u ġġustifika r-raġuni għad-deroga u uri l-indispensabbiltà tal-għajnuna.

……

Għajnuna għal miżuri oħrajn

Biex tipprovdi l-informazzjoni f'din it-taqsima, irreferi għall-Parti I, it-Taqsima 2.1.2 (il-punt (13)) tal-Linji Gwida.

2.7.7. L-għajnuna tikkorrispondi għal wieħed mit-tipi ta' għajnuna msemmija fil-Parti II, il-Kapitoli 1, 2 jew 3, u fil-Parti I, il-Kapitolu 2, it-Taqsimiet 2.2 u 2.3, tal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li l-Kummissjoni tivvaluta l-għajnuna skont il-kriterji ta' kompatibbiltà applikabbli għal dik il-kategorija ta' għajnuna.

Jekk it-tweġiba hija le, l-għajnuna fil-prinċipju mhijiex kompatibbli mas-suq intern. Meta Stat Membru madankollu, ikun beħsiebu jipprovdi tali għajnuna, jew jipprovdi tali għajnuna, il-Kummissjoni tivvalutaha fuq il-bażi ta' każ b'każ direttament abbażi tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat, filwaqt li tqis ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat, u b'analoġija, il-Linji Gwida.

Biex turi li din l-għajnuna tikkonforma mal-prinċipji stabbiliti fil-Parti I, il-Kapitolu 3 tal-Linji Gwida, imla t-taqsimiet kollha tal-Parti 1 (l-Ewwel kundizzjoni) u tal-Parti 2 (it-Tieni kundizzjoni) ta' din l-iskeda ta' informazzjoni ġenerali (mit-Taqsima 1.1 sat-Taqsima 2.6), flimkien ma' din it-taqsima.

Barra minn hekk, ipprovdi kull informazzjoni oħra li turi b'mod ċar li l-effett pożittiv tal-għajnuna jegħleb l-effett negattiv identifikat fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ:

……

Għajnuna għall-Irlanda ta' Fuq

2.7.8. L-għajnuna se tingħata fl-Irlanda ta' Fuq?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li skont il-punt (12) tal-Linji Gwida, għal għajnuna biex tingħata fl-Irlanda ta' Fuq, meta miżura tkun teħtieġ konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew fir-Regolament (UE) 2021/1139, trid tiġi pprovduta informazzjoni ekwivalenti fin-notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

Inkludi din l-informazzjoni fil-formola ta' notifika speċifika għall-kategorija kkonċernata ta' għajnuna.

Għajnuna favur impriżi f'diffikultà

Skont il-punt (10) tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li meta impriża tkun f'diffikultà finanzjarja, minħabba li l-eżistenza tagħha tkun f'periklu, ma tistax titqies bħala mezz xieraq għall-promozzjoni ta' objettivi oħra tal-ordni pubbliku qabel ma tiġi żgurata l-vijabbiltà tagħha.

2.7.9. L-impriża benefiċjarja/L-impriżi benefiċjarji hija/huma f'diffikultà?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li meta l-benefiċjarju tal-għajnuna tkun impriża f'diffikultà kif definita fil-punt (31)(bb) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tiġi vvalutata f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà ([574]).

Jekk it-tweġiba hija le, ipprovdi r-referenza għall-bażi legali nazzjonali dwar dan il-punt:

.....

2.7.10. Il-punt (10) tal-Linji Gwida jipprovdi ċerti eċċezzjonijiet mill-prinċipju li ma tingħatax għajnuna mill-Istat lil impriżi f'diffikultajiet finanzjarji. Indika fil-kaxxa jekk xi waħda mill-eċċezzjonijiet tapplika għall-għajnuna notifikata:

☐ għajnuna biex tikkumpensa għat-telf jew għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali u okkorrenzi eċċezzjonali msemmija fil-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.1, tal-Linji Gwida, dment li l-għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2), il-punt (b), tat-Trattat;

☐ għajnuna biex tikkumpensa għat-telf jew għall-ħsara kkawżata minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali, mard tal-annimali u infestazzjonijiet minn speċijiet aljeni invażivi u minn annimali protetti msemmija fil-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsimiet 1.2, 1.3 jew 1.4, tal-Linji Gwida, fejn id-diffikultà finanzjarja ta' impriża attiva fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura kienet ikkawżata minn dawk l-eventi, dment li l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat;

☐ għajnuna għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali fl-akkwakultura msemmija fil-punt (188) minn (a) sa (c) u minn (e) sa (h) tal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.3, tal-Linji Gwida, fejn is-sitwazzjoni ekonomika tal-impriża jenħtieġ li ma titqiesx minħabba sitwazzjoni ta' emerġenza u l-ħtieġa li tiġi protetta s-saħħa pubblika, dment li l-għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c) tat-Trattat;

☐ għajnuna relatata ma' azzjonijiet ta' informazzjoni u għal miżuri ta' promozzjoni li huma ta' natura ġenerika, dment li dawn jaqgħu fil-Parti I, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.3 tal-Linji Gwida.

Għajnuna mogħtija lil impriża li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti

2.7.11. L-għajnuna hija mogħtija lil impriża li hija soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara Deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna bħala waħda illegali u inkompatibbli mas-suq intern?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, innota li din l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, sakemm ma tapplikax waħda mill-eċċezzjonijiet stabbiliti hawn taħt.

Jekk it-tweġiba hija le, ipprovdi r-referenza għall-bażi legali nazzjonali dwar dan il-punt:

.....

2.7.12. Indika fil-kaxxa jekk xi waħda mill-eċċezzjonijiet tapplika għall-għajnuna notifikata:

☐ għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali u okkorrenzi eċċezzjonali skont l-Artikolu 107(2), il-punt (b), tat-Trattat (il-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.1, tal-Linji Gwida);

☐ għajnuna għall-kostijiet tal-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali fl-akkwakultura skont il-punt (188) minn (a) sa (c) u minn (e) sa (h) tal-Parti II, il-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.3, tal-Linji Gwida.

([574]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà, (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

Kwalunkwe informazzjoni oħra

2.7.13. Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni oħra li tqis li hija importanti/meħtieġa għall-valutazzjoni xierqa tal-miżura ta' għajnuna notifikata:

.....

1.1. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA LI TAGĦMEL TAJJEB GĦALL-ĦSARA KKAWŻATA MINN DIŻASTRI NATURALI JEW OKKORRENZI EĊĊEZZJONALI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kull għajnuna mill-Istat biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali kif deskritt fit-Taqsima 1.1 tal-Kapitolu 1 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([575]) *("il-Linji Gwida").*

1. Il-miżura hija skema qafas *ex ante* biex tikkumpensa għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, injora l-mistoqsijiet 10 u 11.

Innota li l-għajnuna mogħtija biex tikkumpensa l-ħsara kkawżata minn diżastri naturali għajr dawk imsemmija fil-punt (141) tal-Linji Gwida, u l-ħsara kkawżata minn okkorrenzi eċċezzjonali ma tistax tiġi nnotifikata bħala parti minn qafas *ex ante* u trid dejjem tiġi nnotifikata separatament lill-Kummissjoni. Innota wkoll li, skont il-punt (147) tal-Linji Gwida, il-miżuri li jidderogaw mir-regoli ġenerali dwar iż-żmien tal-istabbiliment tal-iskemi u l-pagament tal-għajnuna jridu jiġu nnotifikati separatament.

2. Fil-każ ta' skemi qafas *ex ante*, ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mal-obbligu ta' rappurtar stipulat fil-punt (345) tal-Linji Gwida.

☐ iva ☐ le

3. Identifika liema tip ta' diżastru naturali jew okkorrenza eċċezzjonali li kkawżaw – jew, li fil-każ ta' skema qafas *ex ante*, jistgħu jikkawżaw – il-ħsara li għaliha huwa previst kumpens?

(a) diżastri naturali:

☐ maltempati qawwija

☐ għargħar qawwi

☐ terremoti

☐ valangi

☐ uqigħ tal-art

☐ trombi tal-arja

☐ uragani

☐ żbroffi vulkaniċi

☐ nirien fis-selvaġġ ta' oriġini naturali

☐ diżastri naturali oħra,

(b) okkorrenzi eċċezzjonali:

☐ gwerer

☐ inkwiet intern

☐ strajks

☐ inċidenti industrijali kbar

☐ inċidenti nukleari kbar

☐ nirien li rriżultaw f'telf mifrux

☐ okkorrenzi eċċezzjonali oħra.

([575]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

Innota li fil-prinċipju, it-tifqigħa ta' marda tal-annimali jew ta' pesti tal-pjanti ma jikkostitwixxux okkorrenza straordinarja.

3.1. Iddeskrivi fid-dettall id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali.

……

4. Ikkonferma li l-awtorità/l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rrikonoxxiet/irrikonoxxew b'mod formali l-karattru tal-event bħala diżastru naturali jew okkorrenza eċċezzjonali?

☐ iva ☐ le

4.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5. Jekk l-Istati Membri notifikanti stabbilew minn qabel kriterji li fuq il-bażi tagħhom ir-rikonoxximent formali msemmi fil-mistoqsija 4 jitqies li ngħata, ipprovdi dawn il-kriterji u identifika l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilihom.

……

6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li hemm rabta ta' kawżalità diretta bejn id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali u l-ħsara mġarrba mill-impriża.

☐ iva ☐ le

6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7. Uri r-rabta ta' kawżalità diretta bejn id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali u l-ħsara mġarrba mill-impriżi:

……

8. Ikkonferma li l-għajnuna trid titħallas direttament lil:

(a) ☐ l-impriża kkonċernata,

(b) ☐ grupp jew organizzazjzoni ta' produtturi li dik l-impriża tkun membru tagħhom.

9. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp u lil organizzazzjoni ta' produtturi, ikkonferma li l-ammont tal-għajnuna ma jridx jaqbeż l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża.

☐ iva ☐ le

9.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

10. Spjega meta seħħ l-event, inklużi d-dati tal-bidu u tat-tmiem tiegħu (kif applikabbli).

……

11. Ikkonferma li l-miżura tkun stabbilita fi żmien 3 snin mid-data tal-okkorrenza tal-event.

☐ iva ☐ le

11.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

12. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna se titħallas fi żmien 4 snin mid-data tal-okkorrenza tal-event?

☐ iva ☐ le

12.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

13. Innota li, fir-rigward ta' diżastru naturali speċifiku jew ta' okkorrenza eċċezzjonali, il-Kummissjoni tawtorizza separatament l-għajnuna nnotifikata li tidderoga mir-regola stipulata fil-punt (147) tal-Linji Gwida f'każijiet debitament ġustifikati, (pereżempju minħabba n-natura u/jew il-firxa tal-event jew in-natura mdewma jew kontinwa tal-ħsara).

13.1. Jekk dan huwa l-każ, ipprovdi ġustifikazzjoni dettaljata l-għaliex deroga mir-regola dwar iż-żmien tal-istabbiliment tal-iskemi u/jew il-pagament tal-għajnuna hija ġġustifikata.

……

14. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli huma l-kostijiet tal-ħsara mġarrba bħala konsegwenza diretta tad-diżastru naturali jew tal-okkorrenza eċċezzjonali.

☐ iva ☐ le

14.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

15. Ikkonferma li l-ħsara se tiġi vvalutata minn:

(a) ☐ awtorità pubblika

(b) ☐ espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità tal-għoti

(c) ☐ impriża tal-assigurazzjoni

15.1. Identifika l-korp(i) li jivvaluta/jivvalutaw il-ħsara.

……

16. Ikkonferma jekk il-ħsara tinkludix:

(a) ☐ ħsara materjali f'assi (bħal binjiet, tagħmir, makkinarju, stokkijiet u mezzi ta' produzzjoni)

(b) ☐ telf ta' dħul minħabba l-qerda sħiħa jew parzjali tal-produzzjoni tas-sajd jew tal-akkwakultura jew tal-mezzi ta' tali produzzjoni

(c) ☐ it-tnejn li huma, jiġifieri l-ħsara tinkludi (a) u (b)

16.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tirrifletti/jirriflettu l-ħsara. ……

17. Ippreżenta valutazzjoni preċiża kemm jista' jkun tat-tip u l-firxa tad-dannu mġarrab – jew li jista' jiġġarrab fil-każ ta' skemi qafas *ex ante* – mill-impriżi.

……

18. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-ħsara tiġi kkalkulata fil-livell tal-benefiċjarju individwali.

☐ iva ☐ le

18.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

19. F'każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu ħsara materjali lill-assi, ikkonferma li l-kalkolu tal-ħsara materjali huwa bbażat fuq il-kostijiet tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-assi affettwat qabel id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali.

☐ iva ☐ le

19.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

20. Fil-każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu ħsara materjali għall-assi, ikkonferma li l-kalkolu tal-ħsara materjali ma jridx jaqbeż l-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur ġust tas-suq ikkawżat mid-diżastru naturali jew mill-okkorrenza eċċezzjonali, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi eżatt qabel u eżatt wara d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali.

☐ iva ☐ le

20.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

21. F'każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu telf ta' introjtu, ikkonferma li huwa kkalkulat skont il-punt (154) tal-Linji Gwida, jiġifieri billi tnaqqas: (a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura prodotti fis-sena tad-diżastru naturali jew tal-okkorrenza eċċezzjonali, jew f'kull sena sussegwenti affettwata mill-qerda sħiħa jew parzjali tal-mezzi ta' produzzjoni, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena, minn (b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura prodotti fil-perjodu ta' 3 snin qabel id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali, jew medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu ta' 5 snin qabel id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali, minbarra l-ogħla valur u dak l-aktar baxx, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub.

☐ iva ☐ le

21.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

22. Ikkonferma jekk l-ammont tal-kumpens jistax jiżdied b'kostijiet oħra mġarrba mill-impriża benefiċjarja minħabba d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali.

☐ iva ☐ le

22.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

22.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

23. Ikkonferma li l-ammont tal-kumpens irid jitnaqqas bi kwalunkwe kost mhux imġarrab minħabba d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali, li inkella kien jiġġarrab mill-impriża benefiċjarja.

☐ iva ☐ le

23.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

23.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

24. Innota li l-Kummissjoni tista' taċċetta metodi oħra għall-kalkolu tal-ħsara dment li dawk ikunu rappreżentattivi, mhux ibbażati fuq qabdiet jew rendimenti għoljin wisq u li ma jirriżultawx f'kumpens żejjed lil xi impriża benefiċjarja.

Meta l-Istat Membru notifikanti jkun beħsiebu jipproponi metodu ta' kalkolu alternattiv, ipprovdi r-raġunijiet l-għaliex il-metodu stabbilit fil-Linji Gwida mhuwiex xieraq fil-każ inkwistjoni u spjega kif il-metodu ta' kalkolu alternattiv jindirizza aħjar il-ħtiġijiet identifikati

……

Ippreżenta, bħala anness tan-notifika, il-metodoloġija alternattiva proposta, flimkien ma' dimostrazzjoni li hija rappreżentattiva, mhux ibbażata fuq qabdiet/rendimenti għoljin wisq u li ma tirriżultax fil-kumpens żejjed lil xi benefiċjarju.

……

25. Ikkonferma jekk il-miżura tistipulax li, meta SME tkun ġiet stabbilita inqas minn 3 snin mid-data tal-okkorrenza tal-event, ir-referenza għall-perjodi ta' 3 snin jew ta' 5 snin fil-punt (154)(b) trid tinftiehem bħala li tirreferi għall-kwantità prodotta u mibjugħa minn impriża medja tal-istess daqs bħall-applikant, jiġifieri mikrointrapriża jew intrapriża żgħira jew intrapriża medja, rispettivament, fis-settur nazzjonali jew reġjonali affettwat mid-diżastru naturali jew mill-okkorrenza eċċezzjonali.

☐ iva ☐ le

25.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

26. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut bħala kumpens għall-ħsara, inklużi pagamenti minn poloz tal-assigurazzjoni, iridu jkunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

26.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

26.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-limitu ta' 100 % u l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

INFORMAZZJONI OĦRA

27. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.2. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA LI TAGĦMEL TAJJEB GĦALL-ĦSARA KKAWŻATA MINN EVENTI KLIMATIĊI AVVERSI LI JISTGĦU JITQABBLU MA' DIŻASTRU NATURALI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kull għajnuna mill-Istat biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali kif deskritt fit-Taqsima 1.2 tal-Kapitolu 1 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([576]) *("il-Linji Gwida").*

([576]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

1. Il-miżura hija skema qafas *ex ante* li tikkumpensa għall-ħsara kkawżata minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, injora l-mistoqsijiet 10 u 11.

Innota li skont il-punt 167 tal-Linji Gwida, l-għajnuna mogħtija biex tikkumpensa l-ħsara kkawżata minn tipi oħra ta' eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali li ma jissemmiex fil-punt (161) tal-Linji Gwida trid tiġi nnotifikata separatament lill-Kummissjoni.

2. Fil-każ ta' skemi qafas *ex ante*, ikkonferma li l-Istat Membru se jikkonforma mal-obbligu ta' rappurtar stipulat fil-punt (345) tal-Linji Gwida.

☐ iva ☐ le

3. Identifika t-tip ta' event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali li kkawża – jew, fil-każ ta' skema qafas *ex ante*, li jista' jikkawża – il-ħsara li għaliha huwa previst kumpens?

(a) ☐ maltempati

(b) ☐ buffuri tar-riħ li jikkawżaw mewġ eċċezzjonalment għoli

(c) ☐ xita qawwija u persistenti

(d) ☐ għargħar

(e) ☐ temperaturi tal-ilma eċċezzjonalment elevati fuq perjodu itwal

(f) ☐ ġlata

(g) ☐ boċċi tas-silg

(h) ☐ silg

(i) ☐ nixfiet severi

(j) ☐ eventi klimatiċi avversi oħra li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali

3.1. Iddeskrivi fid-dettall l-event klimatiku avvers inkwistjoni.

……

4. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-ħsara kkawżata mill-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali trid tammonta għal aktar minn 30 % tal-produzzjoni annwali medja, ammont ikkalkolat fuq il-bażi tat-3 snin kalendarji preċedenti jew fuq medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu ta' 5 snin ta' qabel l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali, minbarra l-ogħla valur u dak l-aktar baxx

☐ iva ☐ le

4.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li jrid ikun hemm rabta kawżali diretta bejn l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali u l-ħsara mġarrba mill-impriża.

☐ iva ☐ le

5.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

6. Uri r-rabta kawżali diretta bejn l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali u l-ħsara mġarrba mill-impriża.

……

7. Fil-każ ta' telf ikkawżat minn eventi klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali li jistgħu jiġu koperti minn fondi mutwi ffinanzjati permezz tar-Regolament (UE) 2021/1139, iġġustifika l-għaliex hemm il-ħsieb li tingħata l-għajnuna minflok ma jitħallas kumpens finanzjarju permezz ta' dawn il-fondi mutwi.

……

8. Ikkonferma li l-għajnuna trid titħallas direttament lil:

(a) ☐ l-impriża kkonċernata

(b) ☐ grupp jew organizzazjzoni ta' produtturi li dik l-impriża tkun membru tagħhom.

9. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp u lil organizzazzjoni ta' produtturi, ikkonferma li l-ammont tal-għajnuna ma jridx jaqbeż l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża.

☐ iva ☐ le

9.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

10. Spjega meta seħħ l-event, inklużi d-dati tal-bidu u tat-tmiem tiegħu (kif applikabbli).

……

11. Ikkonferma li l-miżura hija stabbilita fi żmien 3 snin mid-data tal-okkorrenza tal-event?

☐ iva ☐ le

11.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

12. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna titħallas fi żmien 4 snin mid-data tal-okkorrenza tal-event.

☐ iva ☐ le

12.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

13. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli huma l-kostijiet tal-ħsara mġarrba bħala konsegwenza diretta tal-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali.

☐ iva ☐ le

13.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

14. Ikkonferma li l-ħsara se tiġi vvalutata minn:

(a) ☐ awtorità pubblika

(b) ☐ espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità tal-għoti

(c) ☐ impriża tal-assigurazzjoni

14.1. Identifika l-korp(i) li jivvaluta/jivvalutaw il-ħsara.

……

14.2. Ikkonferma jekk il-ħsara tinkludix:

(a) ☐ ħsara materjali lill-assi (bħal bini, bastimenti, tagħmir, makkinarju, stokkijiet, u mezzi ta' produzzjoni)

(b) ☐ telf ta' dħul minħabba l-qerda sħiħa jew parzjali tal-produzzjoni tas-sajd jew tal-akkwakultura jew tal-mezzi ta' tali produzzjoni

(c) ☐ it-tnejn li huma, jiġifieri l-ħsara tinkludi (a) u (b).

14.3. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tirrifletti/jirriflettu l-kaxxa magħżula bi tweġiba għall-mistoqsija.

……

15. Ippreżenta valutazzjoni preċiża kemm jista' jkun tat-tip u l-firxa tad-dannu mġarrab – jew li jista' jiġġarrab fil-każ ta' skemi qafas *ex ante* – mill-impriżi.

……

16. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-ħsara tiġi kkalkulata fil-livell tal-benefiċjarju individwali.

☐ iva ☐ le

16.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

17. Fil-każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu ħsara materjali lill-assi, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-ħsara trid tkun irriżultat f'telf ta' aktar minn 30 % tal-produzzjoni annwali medja, ikkalkulat fuq il-bażi tat-3 snin kalendarji preċedenti jew medja ta' 3 snin fuq il-bażi tal-perjodu ta' 5 snin qabel l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali, minbarra l-ogħla valur u dak l-aktar baxx.

☐ iva ☐ le

17.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

18. F'każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu ħsara materjali lill-assi, ikkonferma li l-kalkolu tal-ħsara materjali huwa bbażat fuq il-kost tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-assi affettwat qabel l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali.

☐ iva ☐ le

18.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

19. F'każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu ħsara materjali lill-assi, ikkonferma li l-kalkolu tal-ħsara materjali ma jridx jaqbeż il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur ġust tas-suq ikkawżat mill-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi eżatt qabel u eżatt wara l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali.

☐ iva ☐ le

19.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

20. F'każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu telf ta' introjtu, ikkonferma li dan huwa kkalkulat skont il-punt (173) tal-Linji Gwida, jiġifieri billi jitnaqqas: (a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura prodotti fis-sena tal-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali, jew f'kull sena sussegwenti affettwat mill-qerda sħiħa jew parzjali tal-mezzi ta' produzzjoni, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena, minn (b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura prodotti fil-perjodu ta' 3 snin qabel l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali, jew medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu ta' 5 snin ta' qabel l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali, minbarra l-ogħla valur u dak l-aktar baxx, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub.

☐ iva ☐ le

20.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

21. Ikkonferma jekk l-ammont tal-kumpens jistax jiżdied b'kostijiet oħrajn imġarrba mill-impriża benefiċjarja minħabba l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali.

☐ iva ☐ le

21.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

21.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

22. Ikkonferma li l-ammont tal-kumpens irid jitnaqqas bi kwalunkwe kost mhux imġarrab minħabba l-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali u li inkella kienet iġarrabu l-impriża benefiċjarja.

☐ iva ☐ le

22.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

22.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

23. Innota li skont il-punt 175 tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tista' taċċetta metodi oħra ta' kalkolu dment li dawn ikunu rappreżentattivi, mhux ibbażati fuq qabdiet jew rendimenti għoljin wisq u li ma jirriżultawx f'kumpens żejjed lil xi impriża benefiċjarja.

Meta l-Istat Membru notifikanti jkun beħsiebu jipproponi metodu ta' kalkolu alternattiv, ipprovdi r-raġunijiet għaliex il-metodu stabbilit fil-Linji Gwida mhuwiex xieraq fil-każ inkwistjoni u spjega kif il-metodu ta' kalkolu alternattiv jindirizza aħjar il-ħtiġijiet identifikati

……

Ippreżenta, bħala anness tan-notifika, il-metodoloġija alternattiva proposta, flimkien ma' dimostrazzjoni li hija rappreżentattiva, mhux ibbażata fuq qabdiet/rendimenti għoljin wisq, u li ma tirriżultax fil-kumpens żejjed lil xi benefiċjarju.

……

24. Ikkonferma jekk il-miżura tipprevedix li, meta SME tkun ġiet stabbilita inqas minn 3 snin mid-data tal-okkorrenza tal-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali, ir-referenza għall-perjodi ta' 3 snin jew ta' 5 snin fil-punti (163)(a), (171) u (173)(b) trid tinftiehem bħala li tirreferi għall-kwantità prodotta u mibjugħa minn impriża medja tal-istess daqs bħall-applikant, jiġifieri mikrointrapriża jew intrapriża żgħira jew intrapriża medja, rispettivament, fis-settur nazzjonali jew reġjonali affettwat mill-event klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali.

☐ iva ☐ le

24.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

25. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut bħala kumpens għall-ħsara, inklużi pagamenti minn poloz tal-assigurazzjoni, iridu jkunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

25.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

25.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-limitu ta' 100 % u l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

INFORMAZZJONI OĦRA

26. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.3. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-KOSTIJIET TAL-PREVENZJONI, TAL-KONTROLL U TAL-ERADIKAZZJONI TAL-MARD TAL-ANNIMALI FL-AKKWAKULTURA U TA' INFESTAZZJONIJIET MINN SPEĊIJIET ALJENI INVAŻIVI, U L-GĦAJNUNA LI TAGĦMEL TAJJEB GĦALL-ĦSARA KKAWŻATA MINN DAN IL-MARD TAL-ANNIMALI U DAWN L-INFESTAZZJONIJIET**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kull għajnuna għall-kostijiet tal-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali fl-akkwakultura u tal-infestazzjonijiet minn speċijiet aljeni invażivi, u għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn dak il-mard tal-annimali u infestazzjonijiet kif deskritt fit-Taqsima 1.3 tal-Kapitolu 1 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([577]) *("il-Linji Gwida").*

1. Il-miżura hija skema qafas *ex ante* biex tappoġġa l-kostijiet relatati mal-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali fl-akkwakultura u l-infestazzjonijiet minn speċijiet aljeni invażivi?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, injora l-mistoqsijiet 10 u 12.

2. Fil-każ ta' skemi qafas *ex ante*, ikkonferma li l-Istat Membru jikkonforma mal-obbligu ta' rappurtar stipulat fil-punt (345) tal-Linji Gwida.

☐ iva ☐ le

([577]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

3. Ikkonferma li l-għajnuna tingħata fir-rigward ta' mard tal-annimali u/jew infestazzjonijiet minn speċijiet aljeni invażivi li dwarhom jeżistu regoli tal-Unjoni jew nazzjonali, kemm jekk stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva?

☐ iva ☐ le

3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika r-regoli rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali.

……

3.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-marda/l-mard u/jew infestazzjoni(jiet) li l-miżura qed timmira għalihom u pprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-kawżi u t-tixrid tal-marda jew infestazzjoni.

……

4. Ikkonferma li l-għajnuna qed tingħata bħala parti minn:

☐ programm pubbliku fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew reġjonali għall-prevenzjoni, il-kontroll jew l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali

☐ miżuri ta' emerġenza imposti mill-awtorità nazzjonali kompetenti

☐ miżuri għall-eradikazzjoni jew għall-konteniment ta' speċijiet aljeni invażivi implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014

4.1. Identifika l-programm(i) jew il-miżura/i rilevanti skont il-kaxxa magħżula bi tweġiba għall-mistoqsija.

……

5. Ikkonferma li l-programm(i) jew il-miżura/i rilevanti fih/fihom deskrizzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni kkonċernati.

☐ iva ☐ le

5.1. Identifika d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-programm(i) u l-miżura/i.

……

6. Ikkonferma li l-għajnuna mhijiex relatata ma' miżuri li fir-rigward tagħhom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tistipula li l-kost ta' miżuri bħal dawn għandu jitħallas mill-impriża benefiċjarja, sakemm il-kost ta' miżuri tal-għajnuna bħal dawn ma jiġix paċut kompletament minn imposti obbligatorji fuq l-impriża benefiċjarja.

☐ iva ☐ le

7. Ikkonferma li l-għajnuna trid titħallas direttament lil:

(a) ☐ l-impriża kkonċernata,

(b) ☐ il-grupp jew l-organizzazjzoni ta' produtturi li dik l-impriża tkun membru tagħhom.

8. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp u lil organizzazzjoni ta' produtturi, ikkonferma li l-ammont tal-għajnuna ma jridx jaqbeż l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża.

☐ iva ☐ le

8.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

9. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-ebda għajnuna individwali ma għandha tingħata fejn jiġi stabbilit li l-mard tal-annimali jew l-infestazzjoni minn speċijiet aljeni invażivi kienu kkaġunati deliberatament jew minħabba n-negliġenza tal-impriża benefiċjarja.

☐ iva ☐ le

9.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

10. Identifika l-kategorija/i xierqa li fir-rigward tagħha/tagħhom tista' tingħata l-għajnuna:

(a) ☐ il-mard tal-annimali akkwatiċi elenkat fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([578]), jew inkluż fil-lista ta' mard tal-annimali tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Akkwatiċi tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ([579])

(b) ☐ iż-żoonożi tal-annimali akkwatiċi elenkati fl-Anness III, il-punt 2, tar-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([580])

(c) ☐ mard emerġenti, li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2016/429

(d) ☐ mard għajr marda elenkata msemmija fl-Artikolu 9(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2016/429, u li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 226 ta' dak ir-Regolament.

10.1. Identifika l-kategorija rilevanti ta' mard/żoonożi.

……

11. Spjega meta seħħet il-marda jew l-infestazzjoni tal-annimali, inklużi d-dati tal-bidu u tat-tmiem tagħha (kif applikabbli).

……

Jekk il-miżura għandha għanijiet preventivi, il-mistoqsija ma tapplikax.

12. Ikkonferma li l-iskema ta' għajnuna hija stabbilita fi żmien 3 snin mid-data tal-okkorrenza tal-kostijiet jew tal-ħsara kkawżata mill-mard tal-annimali jew mill-infestazzjoni minn speċijiet aljeni invażivi.

☐ iva ☐ le

Innota li din il-kundizzjoni ma tapplikax għall-kostijiet imġarrba għal skopijiet preventivi kif indikat fil-punt (188) tal-Linji Gwida.

12.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

13. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna trid titħallas fi żmien 4 snin mid-data tal-okkorrenza tal-kostijiet jew tal-ħsara kkawżata mill-mard tal-annimali jew mill-infestazzjoni minn speċijiet aljeni invażivi.

☐ iva ☐ le

13.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

Innota li din il-kundizzjoni ma tapplikax għall-kostijiet imġarrba għal skopijiet preventivi kif indikat fil-punt (188) tal-Linji Gwida.

([578]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([579]) Ara https://www.oie.int/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/aquatic-code-online-access/.

([580]) Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

14. Ippreżenta valutazzjoni preċiża kemm jista' jkun tat-tip u l-firxa tal-ħsara mġarrba – jew li tista' tiġġarrab fil-każ ta' skemi qafas *ex ante* – mill-impriżi.

……

15. Identifika l-kostijiet eliġibbli koperti mill-miżura:

(a) ☐ kontrolli tas-saħħa, analiżijiet, testijiet u miżuri oħra ta' skrinjar

(b) ☐ it-titjib ta' miżuri ta' bijosigurtà

(c) ☐ ix-xiri, il-ħżin, l-amministrazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' vaċċini, mediċini, u sustanzi għat-trattamenti tal-annimali

(d) ☐ ix-xiri, il-ħżin, l-użu u d-distribuzzjoni ta' prodotti jew tagħmir ta' protezzjoni biex jiġu indirizzati l-infestazzjonijiet minn speċijiet aljeni invażivi

(e) ☐ l-iskarnar, il-qtil, u l-qerda tal-annimali

(f) ☐ il-qerda ta' prodotti tal-annimali u ta' prodotti marbuta magħhom

(g) ☐ it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-azjenda u tat-tagħmir

(h) ☐ il-ħsara mġarrba minħabba l-iskarnar, il-qtil jew il-qerda ta' annimali, ta' prodotti tal-annimali, u ta' prodotti marbuta magħhom

(i) ☐ kostijiet oħra mġarrba minħabba mard tal-annimali fl-akkwakultura jew infestazzjonijiet minn speċijiet aljeni invażivi. Speċifika:

……

15.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tirrifletti/jirriflettu l-kostijiet eliġibbli:

……

16. Ikkonferma li l-għajnuna b'rabta mal-verifiki tas-saħħa, l-analiżijiet, it-testijiet u miżuri oħra ta' skrinjar tingħata *in natura* u titħallas lill-fornituri tas-servizzi:

☐ iva ☐ le

16.1. Jekk it-tweġiba hija "le", ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-impriżi benefiċjarji diġà għandhom kapaċitajiet interni xierqa għal dawk il-finijiet.

☐ iva ☐ le

16.2. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 16.1 hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

17. F'każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn mard tal-annimali jew minn infestazzjonijiet minn speċijiet aljeni invażivi msemmija fil-punt (188)(h) tal-Linji Gwida, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-kumpens irid jiġi kkalkulat biss b'rabta ma' dan li ġej:

(a) ☐ il-valur tas-suq tal-annimali skarnati jew maqtula, jew li jkunu mietu, jew tal-prodotti meqruda:

☐ bħala riżultati tal-marda tal-annimali jew l-infestazzjoni minn speċijiet aljeni invażivi

☐ bħala parti minn programm jew miżura pubblika msemmija fil-punt (180)(b) tal-Linji Gwida;

(b) ☐ telf mid-dħul minħabba l-obbligi tal-kwarantina u d-diffikultajiet ta' ripopolazzjoni.

17.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali:

. ……

18. Jekk għażilt il-punt (a) bi tweġiba għall-mistoqsija 17, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-valur tas-suq irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-valur tal-annimali immedjatament qabel ma jkun hemm xi suspett tal-marda tal-annimali jew tal-infestazzjoni minn speċijiet aljeni invażivi, jew meta dan ikun ikkonfermat, u daqslikieku ma kinux ġew affettwati mill-marda jew mill-infestazzjoni.

☐ iva ☐ le

18.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

19. Ikkonferma li l-ammont tal-kumpens irid jitnaqqas bi kwalunkwe kost mhux imġarrab direttament minħabba l-mard tal-annimali jew l-infestazzjoni minn speċijiet aljeni invażivi u li inkella kien jiġġarrab mill-impriża benefiċjarja.

☐ iva ☐ le

19.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

19.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

20. Ikkonferma li l-ammont tal-kumpens irid jitnaqqas bi kwalunkwe dħul magħmul mill-bejgħ ta' prodotti marbuta mal-annimali skarnati, maqtula jew meqruda għal skopijiet preventivi jew ta' eradikazzjoni.

☐ iva ☐ le

20.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

21. Jekk l-Istat Membru notifikanti għażel l-ittra (i) fil-mistoqsija 15, ipprovdi ġustifikazzjoni dettaljata l-għaliex dawk il-kostijiet l-oħra jenħtieġ li jkunu eliġibbli.

……

22. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut mill-impriża benefiċjarja, inklużi pagamenti b'miżuri oħra nazzjonali jew tal-Unjoni jew poloz tal-assigurazzjoni jew fondi mutwi għall-istess kostijiet eliġibbli, iridu jkunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

22.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

22.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-limitu ta' 100 % u l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

INFORMAZZJONI OĦRA

23. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.4. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA LI TAGĦMEL TAJJEB GĦALL-ĦSARA KKAWŻATA MINN ANNIMALI PROTETTI**

Din il-formola trid tintuża minn Stati Membri għan-notifika ta' kull għajnuna biex tirrimedja l-ħsara kkawżata minn annimali protetti kif deskritt fit-Taqsima 1.4 tal-Kapitolu 1 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([581]) *("il-Linji Gwida").*

1. Ikkonferma li "annimal protett" hija definita f'konformità mal-punt 31(w) tal-Linji Gwida.

☐ iva ☐ le

1.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-annimal protett u d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali.

……

2. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li hemm rabta kawżali diretta bejn il-ħsara mġarrba mill-impriżi u l-imġiba tal-annimali protetti.

☐ iva ☐ le

2.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

3. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli huma l-kostijiet tal-ħsara mġarrba bħala konsegwenza diretta tal-annimali protetti.

☐ iva ☐ le

3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

3.2. Ikkonferma li l-ħsara se tiġi vvalutata minn:

(a) ☐ awtorità pubblika

(b) ☐ espert indipendenti rikonoxxut mill-awtorità tal-għoti

(c) ☐ impriża tal-assigurazzjoni

Identifika l-korp(i) li jivvaluta/jivvalutaw il-ħsara.

……

4. Jekk il-miżura tirrigwarda s-settur tas-sajd, ikkonferma li l-għajnuna tikkonċerna biss il-ħsara lill-qabdiet, irrispettivament minn kull impatt tal-annimali protetti fuq il-popolazzjoni selvaġġa ġenerali.

☐ iva ☐ le

4.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5. Ikkonferma li l-għajnuna trid titħallas direttament lil:

(a) ☐ l-impriża kkonċernata

(b) ☐ il-grupp jew l-organizzazjzoni ta' produtturi li dik l-impriża tkun membru tagħhom

([581]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

6. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp u lil organizzazzjoni ta' produtturi, ikkonferma li l-ammont tal-għajnuna ma jridx jaqbeż l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli dik l-impriża.

☐ iva ☐ le

6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7. Spjega meta seħħet il-ħsara, inkluża d-data tal-bidu u dik tat-tmiem (skont il-ħtieġa).

……

8. Ikkonferma li l-iskema hija stabbilita fi żmien 3 snin mid-data tal-okkorrenza tal-ħsara.

☐ iva ☐ le

8.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

9. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna titħallas fi żmien 4 snin mid-data tal-okkorrenza tal-ħsara.

☐ iva ☐ le

9.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

10. Ikkonferma l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ il-valur tas-suq tal-annimali li ndarbu jew li nqatlu mill-annimali protetti

(b) ☐ il-ħsara materjali lill-assi li ġejjin: tagħmir, makkinarju u proprjetà

(c) ☐ it-tnejn li huma, jiġifieri l-kostijiet eliġibbli jinkludu (a) u (b).

10.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tirrifletti/jirriflettu l-kostijiet eliġibbli.

……

11. Ippreżenta valutazzjoni kemm jista' jkun preċiża tat-tip u l-kobor tal-ħsara mġarrba mill-impriżi.

……

12. F'każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu l-valur tas-suq tal-annimali li ndarbu jew li nqatlu, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-valur tas-suq irid ikun stabbilit fuq il-bażi tal-valur tal-annimali immedjatament qabel il-ħsara li tkun seħħet, u daqslikieku ma kinux ġew affettwati mill-imġiba tal-annimali protetti.

☐ iva ☐ le

12.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

13. F'każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu l-ħsara materjali lill-assi, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-kalkolu tal-ħsara materjali jrid ikun ibbażat fuq il-kost tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-assi affettwat qabel ma okkorriet il-ħsara.

☐ iva ☐ le

13.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

14. F'każ li l-kostijiet eliġibbli jinkludu l-ħsara materjali lill-assi, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-kalkolu tal-ħsara materjali ma jridx jaqbeż il-kost tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur ġust tas-suq ikkawżati mill-imġiba tal-annimali protetti, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi immedjatament qabel u immedjatament wara li seħħet il-ħsara.

☐ iva ☐ le

14.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

15. Ikkonferma jekk l-ammont tal-kumpens jistax jiżdied b'kostijiet oħra mġarrba mill-impriża benefiċjarja minħabba l-imġiba tal-annimali protetti.

☐ iva ☐ le

15.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

15.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

16. Ikkonferma li l-ammont tal-kumpens irid jitnaqqas bi kwalunkwe kost li ma kienx imġarrab direttament minħabba l-imġiba tal-annimali protetti, li inkella kien jiġġarrab mill-impriża benefiċjarja.

☐ iva ☐ le

16.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

16.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

17. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-ammont tal-kumpens irid jitnaqqas minn kull introjtu magħmul mill-bejgħ ta' prodotti marbuta mal-annimali li ndarbu jew li nqatlu.

☐ iva ☐ le

17.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

18. Innota li l-Kummissjoni tista' taċċetta metodi oħra għall-kalkolu dment li dawn ikunu rappreżentattivi, mhux ibbażati fuq qabdiet jew rendimenti għoljin wisq u li ma jirriżultawx f'kumpens żejjed lil xi impriża benefiċjarja.

18.1. Meta l-Istat Membru notifikanti jkun beħsiebu jipproponi metodu ta' kalkolu alternattiv, ipprovdi r-raġunijiet l-għaliex il-metodu stabbilit fil-Linji Gwida mhuwiex xieraq fil-każ inkwistjoni u spjega kif il-metodu ta' kalkolu alternattiv jindirizza aħjar il-ħtiġijiet identifikati:

……

18.2. Ippreżenta, bħala anness tan-notifika, il-metodoloġija alternattiva proposta, flimkien ma' dimostrazzjoni li hija rappreżentattiva, mhux ibbażata fuq qabdiet/rendimenti għoljin wisq u li ma tirriżultax f'kumpens żejjed lil xi benefiċjarju.

……

19. Ikkonferma li l-miżura ta' għajnuna tippreskrivi li, ħlief għall-ewwel attakki minn annimali protetti, huwa meħtieġ sforz raġonevoli mill-impriża benefiċjarja fil-forma ta' miżuri preventivi, bħal fences ta' sigurtà, li jkunu proporzjonati għar-riskju ta' ħsara kkawżata minn annimali protetti fiż-żona kkonċernata.

☐ iva ☐ le

19.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", elenka l-miżuri preventivi meħtieġa/rakkomandati fil-qasam ikkonċernat.

……

19.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

19.3. Jekk it-tweġiba hija "le", uri għaliex il-miżuri preventivi mhumiex raġonevolment possibbli u pprovdi evidenza xierqa.

……

20. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut bħala kumpens għall-ħsara, inklużi pagamenti minn poloz tal-assigurazzjoni, iridu jkunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

20.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

20.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-limitu ta' 100 % u l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

INFORMAZZJONI OĦRA

21. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

1.5. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL INVESTIMENTI GĦALL-PREVENZJONI U L-MITIGAZZJONI TAL-ĦSARA KKAWŻATA MINN EVENTI TA' RISKJU**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kwalunkwe għajnuna għal investimenti għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-ħsara kkawżata minn eventi ta' riskju, kif deskritt fit-Taqsima 1.5 tal-Kapitolu 1 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([582]) *("il-Linji Gwida").*

([582]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

1. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-investiment irid primarjament isegwi l-għan għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-ħsara kkawżata minn eventi ta' riskju u, b'mod aktar speċifiku għas-settur tas-sajd, li l-investiment irid ikollu l-għan li jipprevjeni u jimmitiga d-depredazzjoni jew il-ħsara lill-irkaptu tas-sajd jew lil tagħmir ieħor.

☐ iva ☐ le

1.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

2. Meta l-investiment jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([583]), ikkonferma li l-miżura tipprevedi l-għoti tal-għajnuna bil-kundizzjoni li tkun saret tali valutazzjoni u li jkun ingħata l-permess għall-iżvilupp għall-proġett ta' investiment ikkonċernat qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna individwali.

☐ iva ☐ le

2.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

3. Ikkonferma li l-miżura tinkludi biss il-kostijiet eliġibbli li huma diretti u speċifiċi għal miżuri preventivi.

☐ iva ☐ le

3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

4. Ikkonferma jekk il-kostijiet eliġibbli jinkludux:

(a) ☐ il-bini, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib ta' proprjetà immobbli

(b) ☐ ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi

(c) ☐ it-tnejn li huma, jiġifieri l-kostijiet eliġibbli jinkludu (a) u (b)

4.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tirrifletti/jirriflettu l-kostijiet eliġibbli.

……

4.2. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-kostijiet li huma eliġibbli skont il-miżura.

……

5. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-intensità massima tal-għajnuna ma taqbiżx il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

5.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

5.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

([583]) Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

INFORMAZZJONI OĦRA

6. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

2.1. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA OPERATORJA F'REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' għajnuna operatorja fir-reġjuni ultraperiferiċi kif deskritt fit-Taqsima 2.1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([584]) *("il-Linji Gwida"). Innota li, skont il-punt 216 tal-Linji Gwida, l-għajnuna ma tridx tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex ittaffi d-diffikultajiet speċifiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi li jirriżultaw mill-iżolament, l-insularità u l-bogħod estrem.*

1. Identifika r-reġjun(i) ultraperiferiku/ultraperifiċi ikkonċernat(i) mill-miżura msemmi(ja) fl-Artikolu 349 tat-Trattat.

……

2. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tad-diffikultajiet speċifiċi ffaċċjati mir-reġjun(i) ultraperiferiku/ultraperifiċi kkonċernat(i) (l-iżolament, l-insularità, il-bogħod estrem) u spjega kif il-miżura tittratta dawn id-diffikultajiet.

……

3. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' għajnuna operatorja pprovduta u elenka l-kostijiet eliġibbli skont il-miżura.

……

4. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-kostijiet eliġibbli jridu jirriżultaw mid-diffikultajiet speċifiċi mġarrba mir-reġjuni ultraperiferiċi kkonċernati.

☐ iva ☐ le

4.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna ma tridx tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex ittaffi d-diffikultajiet speċifiċi mġarrba mir-reġjuni ultraperiferiċi kkonċernati.

☐ iva ☐ le

5.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-kostijiet eliġibbli jridu jiġu kkalkulati f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1972 ([585]).

☐ iva ☐ le

6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

([584]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

([585]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1972 tal-11 ta' Awwissu 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 billi jistabbilixxi l-kriterji għall-kalkolu tal-kostijiet addizzjonali li jġarrbu l-operaturi mis-sajd, mit-trobbija tal-ħut, mill-ipproċessar u mill-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fir-reġjuni ultraperiferiċi (ĠU L 402, 15.11.2021, p. 1).

7. Iddeskrivi fid-dettall il-metodu ta' kalkolu użat bil-miżura.

……

8. Ikkonferma li l-miżura tqis tipi oħra ta' intervent pubbliku, inkluż, jekk applikabbli, il-kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija tal-ħut, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi mħallsa skont l-Artikoli 24 u minn 35 sa 37 tar-Regolament (UE) 2021/1139, biex ikun evitat kumpens żejjed.

☐ iva ☐ le

8.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", iddeskrivi l-mekkaniżmi ta' kontroll imfassla biex jiġi evitat kumpens żejjed.

……

8.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

9. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna, u kull pagament ieħor riċevut mill-impriża benefiċjarja għall-istess kostijiet eliġibbli, iridu jkunu limitat għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

9.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

9.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-limitu ta' 100 % u l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

INFORMAZZJONI OĦRA

10. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

2.2. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAT-TIĠDID TAL-FLOTTA TAS-SAJD FIR-REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' għajnuna għat-tiġdid tal-flotta tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif deskritt fit-Taqsima 2.2 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([586]) *("il-Linji Gwida").*

1. Identifika r-reġjun(i) ultraperiferiku/ultraperifiċi ikkonċernat(i) mill-miżura msemmi(ja) fl-Artikolu 349 tat-Trattat.

……

2. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd ġodda miksuba bl-għajnuna jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar l-iġjene, is-saħħa, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd u l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd.

☐ iva ☐ le

2.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

([586]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

3. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li, fid-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna, l-impriża benefiċjarja jrid ikollha l-post ewlieni tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġjun ultraperiferiku fejn se jiġi rreġistrat il-bastiment il-ġdid.

☐ iva ☐ le

3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", speċifika l-post ewlieni tar-reġistrazzjoni:

……

4. Skont il-punt (223) tal-Linji Gwida, fid-data tal-għoti tal-għajnuna, ir-rapport imħejji f'konformità mal-Artikolu 22(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([587]) qabel dik id-data jrid juri li hemm bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd fis-segment tal-flotta tar-reġjun ultraperiferiku li għalih jappartjeni l-bastiment il-ġdid (ir-"rapport nazzjonali"). F'dan l-isfond, wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

4.1. Meta tħejja l-aħħar rapport nazzjonali qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna?

……

4.1.1. Ipprovdi l-link għall-aħħar rapport nazzjonali jew ehmżu man-notifika.

……

4.2. Skont il-punt (225) tal-Linji Gwida, ikkonferma li ntlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin biex tingħata l-għajnuna kollha:

4.2.1. Ir-rapport nazzjonali ġie ppreżentat sal-31 ta' Mejju tas-sena N ([588])?

☐ iva ☐ le

4.2.2. Ikkonferma li r-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N, u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fih, tħejja fuq il-bażi tal-indikaturi bijoloġiċi, ekonomiċi u tal-użu tal-bastimenti stabbiliti fil-linji gwida komuni ([589])

☐ iva ☐ le

Innota li skont il-punt (224) tal-Linji Gwida, ma tista' tingħata l-ebda għajnuna jekk ir-rapport nazzjonali, u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fih, ma jkunx tħejja fuq il-bażi tal-indikaturi bijoloġiċi, ekonomiċi u tal-użu tal-bastimenti stabbiliti fil-linji gwida komuni msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

4.2.3. Dan ir-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N, juri li hemm bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd fis-segment tal-flotta li għalih jappartjeni l-bastiment il-ġdid?

☐ iva ☐ le

([587]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([588]) Irreferi għall-punti (225) - (227) tal-Linji Gwida li jiddeskrivu s-sekwenzi tar-rapport nazzjonali tas-sena N u l-azzjoni tal-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1 u l-perjodu biex tingħata l-għajnuna.

([589]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Linji Gwida għall-analiżi tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2014) 545 final).

4.2.4. Spjega kif ir-rapport nazzjonali tqies meta tfasslet il-miżura u kif jinkiseb il-bilanċ.

……

4.2.5. Skont il-punt (226) tal-Linji Gwida, ikkonferma li l-Kummissjoni ma ddubitatx sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1:

(a) ☐ il-konklużjoni tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N

(b) ☐ il-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fir-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N

4.2.6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata fuq il-bażi tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N biss, sal-31 ta' Diċembru tas-sena N+1, jiġifieri s-sena ta' wara s-sena tal-preżentazzjoni tar-rapport.

☐ iva ☐ le

4.2.6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5. Ikkonferma li l-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd ta' kull Stat Membru u ta' kull segment tal-flotta tar-reġjuni ultraperiferiċi stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, filwaqt li tqis kull tnaqqis possibbli ta' dawk il-limiti massimi skont l-Artikolu 22(6) ta' dak ir-Regolament, fl-ebda ħin ma huma se jinqabżu.

☐ iva ☐ le

5.1. Spjega kif din il-kundizzjoni tiġi żgurata.

……

Ikkonferma li d-dħul fil-flotta ta' kapaċità ġdida akkwistata bl-għajnuna jrid jitwettaq b'rispett sħiħ ta' dawn il-limiti massimi ta' kapaċità u ma jridx iwassal għal sitwazzjoni li fiha jinqabżu dawn il-limiti massimi.

6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna ma tridx tkun kundizzjonali fuq l-akkwist tal-bastiment il-ġdid minn tarzna speċifika.

☐ iva ☐ le

6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-kostijiet li huma eliġibbli skont il-miżura.

……

8. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-intensità massima tal-għajnuna għall-bastimenti ma tistax tkun:

(a) aktar minn 60 % tal-kostijiet totali eliġibbli fil-każ ta' bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru

☐ iva ☐ le

(b) aktar minn 50 % tal-kostijiet totali eliġibbli fil-każ ta' bastimenti b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar u inqas minn 24 metru

☐ iva ☐ le

(c) aktar minn 25 % tal-kostijiet totali eliġibbli fil-każ ta' bastimenti b'tul totali ta' 24 metru u aktar

☐ iva ☐ le

8.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

8.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

9. Ikkonferma li l-bastiment miksub bl-għajnuna jrid jibqa' rreġistrat fir-reġjun ultraperiferiku għal mill-inqas 15-il sena mid-data tal-għoti tal-għajnuna u jrid matul dak iż-żmien iħott l-art il-qabdiet kollha tiegħu f'reġjun ultraperiferiku:

☐ iva ☐ le

9.1. Ikkonferma li f'każ li din il-kundizzjoni ma tiġix issodisfata, l-għajnuna trid tiġi rimborżata mill-impriża benefiċjarja f'ammont li jkun proporzjonat għall-perjodu jew għall-firxa tan-nuqqas ta' konformità.

☐ iva ☐ le

9.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

INFORMAZZJONI OĦRA

10. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

2.3. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL INVESTIMENTI F'TAGĦMIR LI JIKKONTRIBWIXXI BIEX TIŻDIED IS-SIKUREZZA, INKLUŻ TAGĦMIR LI JIPPERMETTI LILL-BASTIMENTI JESTENDU Ż-ŻONI TAS-SAJD TAGĦHOM, GĦAS-SAJD KOSTALI FUQ SKALA ŻGĦIRA FIR-REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kull għajnuna għal investimenti f'tagħmir li jikkontribwixxi biex tiżdied is-sikurezza, inkluż tagħmir li jippermetti lill-bastimenti jestendu ż-żoni tas-sajd tagħhom, għas-sajd kostali fuq skala żgħira fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif deskritt fit-Taqsima 2.3 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([590]) *("il-Linji Gwida").*

1. Identifika r-reġjun(i) ultraperiferiku/ultraperifiċi ikkonċernat(i) mill-miżura msemmi(ja) fl-Artikolu 349 tat-Trattat.

……

2. Spjega kif il-miżura tikkontribwixxi għat-tisħiħ ta' attivitajiet tas-sajd sostenibbli ekonomikament, soċjalment u ambjentalment u għat-titjib tal-kundizzjonijiet tas-sikurezza u tax-xogħol abbord, fejn applikabbli, li jippermettu lill-bastimenti tas-sajd jestendu ż-żoni tas-sajd tagħhom sa 20 mil lil hinn mill-kosta għal sajd kostali fuq skala żgħira.

……

3. Ikkonferma jekk, b'deroga mill-punt (47) tal-Linji Gwida, l-għajnuna tistax tingħata biex tissodisfa r-rekwiżiti obbligatorji tal-Unjoni jew nazzjonali:

☐ iva ☐ le

3.1. Iddeskrivi r-rekwiżiti obbligatorji tal-Unjoni jew nazzjonali kkonċernati u pprovdi ġustifikazzjoni għaliex tali deroga hija meħtieġa.

……

4. Ikkonferma li l-miżura *ma* tinvolvix:

☐ is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari ta' bastiment tas-sajd

☐ żieda fit-tunnellaġġ gross ta' bastiment tas-sajd.

([590]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

Innota li skont il-punti 235 u 236 tal-Linji Gwida, l-għajnuna għal investimenti li tinvolvi s-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari ta' bastiment tas-sajd tista' tkun eliġibbli biss skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2021/1139 jew skont il-Parti II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 3.2, tal-Linji Gwida; u l-għajnuna għall-investimenti li jwasslu għal żieda fit-tunnellaġġ gross ta' bastiment tas-sajd tista' tkun eliġibbli biss skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/1139 jew skont il-Parti II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 3.3, tal-Linji Gwida.

5. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-kostijiet li huma eliġibbli skont il-miżura.

……

6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-intensità massima tal-għajnuna ma taqbiżx il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

……

6.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

6.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

INFORMAZZJONI OĦRA

7. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

3.1. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦALL-EWWEL AKKWIST TA' BASTIMENT TAS-SAJD**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kull għajnuna għall-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd kif deskritt fit-Taqsima 3.1 tal-Kapitolu 3 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([591]) *("il-Linji Gwida").*

1. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom tingħata l-għajnuna ma jiġux trasferiti jew jingħataw bandiera ġdida barra mill-Unjoni għal mill-inqas 5 snin mill-pagament finali tal-għajnuna.

☐ iva ☐ le

1.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

2. Ikkonferma lil min tista' tingħata l-għajnuna skont il-miżura:

(a) ☐ persuna fiżika li ma jkollhiex aktar minn 40 sena fid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna u li tkun ħadmet mill-inqas 5 snin bħala sajjied jew tkun kisbet kwalifika adegwata

(b) ☐ entitajiet ġuridiċi kompletament proprjetà ta' persuna fiżika waħda jew aktar li kull waħda minnhom tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)

(c) ☐ f'każ tal-ewwel akkwist konġunt ta' bastiment tas-sajd, diversi persuni fiżiċi li kull waħda minnhom tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)

([591]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

(d) ☐ f'każ ta' akkwist ta' sjieda parzjali ta' bastiment tas-sajd, persuna fiżika li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) u li titqies li għandha drittijiet ta' kontroll fuq dak il-bastiment permezz tas-sjieda ta' mill-inqas 33 % tal-bastiment jew tal-ishma fil-bastiment jew minn entità ġuridika li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) u li titqies li għandha drittijiet ta' kontroll fuq dak il-bastiment permezz tas-sjieda ta' mill-inqas 33 % tal-bastiment jew tal-ishma fil-bastiment

2.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tirrifletti/jirriflettu l-kaxxa magħżula bi tweġiba għall-mistoqsija.

……

3. Skont il-punt (245)(a) tal-Linji Gwida, il-bastimenti tas-sajd iridu jappartjenu għal segment tal-flotta li fir-rigward tiegħu l-aħħar rapport dwar il-kapaċità tas-sajd, imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament(UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([592]), ikun wera bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dak is-segment (minn hawn 'il quddiem "ir-rapport nazzjonali"). Skont il-punt (226) tal-Linji Gwida, il-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn (225) sa (227) tal-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida japplikaw għall-fini tal-punt (245)(a). F'dan l-isfond, wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, ma hemmx għalfejn twieġeb il-mistoqsijiet 3.1-3.2.6.1.

3.1. Meta tħejja l-aħħar rapport nazzjonali qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna?

……

3.1.1. Ipprovdi l-link għall-aħħar rapport nazzjonali jew ehmżu man-notifika.

……

3.2. Ikkonferma li l-kundizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu biex tingħata l-għajnuna kollha:

3.2.1. Ir-rapport nazzjonali ġie ppreżentat sal-31 ta' Mejju tas-sena N ([593])?

☐ iva ☐ le

3.2.2. Ikkonferma li r-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N, u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fih, tħejja fuq il-bażi tal-indikaturi bijoloġiċi, ekonomiċi u tal-użu tal-bastimenti stabbiliti fil-linji gwida komuni ([594]) msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

☐ iva ☐ le

Innota li ma tista' tingħata l-ebda għajnuna jekk ir-rapport nazzjonali, u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fih, ma jkunx tħejja fuq il-bażi tal-indikaturi bijoloġiċi, ekonomiċi u tal-użu tal-bastimenti stabbiliti fil-linji gwida komuni msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

([592]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([593]) Irreferi għall-punti 225 u 226 tal-Linji Gwida li jiddeskrivu s-sekwenzi tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N u l-azzjoni tal-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1.

([594]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Linji Gwida għall-analiżi tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2014) 545 final).

3.2.3. Dan ir-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N, juri li hemm bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd fis-segment tal-flotta li għalih jappartjeni l-bastiment il-ġdid?

☐ iva ☐ le

3.2.4. Spjega kif ir-rapport nazzjonali tqies meta tfasslet il-miżura u kif jinkiseb il-bilanċ.

……

3.2.5. Ikkonferma li l-Kummissjoni ma ddubitatx sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1

(a) ☐ il-konklużjoni tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N

(b) ☐ il-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fir-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N

3.2.6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata fuq il-bażi tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N biss, sal-31 ta' Diċembru tas-sena N+1, jiġifieri s-sena ta' wara s-sena tal-preżentazzjoni tar-rapport.

☐ iva ☐ le

3.2.6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

4. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd iridu jkunu mgħammra għal attivitajiet tas-sajd u ma jaqbżux l-24 metru bħala tul totali.

☐ iva ☐ le

4.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata biss fir-rigward ta' bastiment tas-sajd li jkun ġie rreġistrat fir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni għal mill-inqas 3 snin kalendarji qabel is-sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna fil-każ ta' bastiment tas-sajd kostali fuq skala żgħira, u għal mill-inqas 5 snin kalendarji fil-każ ta' tip ieħor ta' bastiment.

☐ iva ☐ le

5.1. Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata biss fir-rigward ta' bastiment tas-sajd li daħal fis-servizz, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għal mill-inqas 3 snin kalendarji qabel is-sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna fil-każ ta' bastiment tas-sajd kostali fuq skala żgħira, u għal mill-inqas 5 snin kalendarji fil-każ ta' tip ieħor ta' bastiment.

☐ iva ☐ le

5.2. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 5 jew għall-mistoqsija 5.1 hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata biss fir-rigward ta' bastiment tas-sajd li jkun ġie rreġistrat fir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni għal massimu ta' 30 sena kalendarja qabel is-sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

☐ iva ☐ le

6.1. Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata biss fir-rigward ta' bastiment tas-sajd li daħal fis-servizz, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għal massimu ta' 30 sena kalendarja qabel is-sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

☐ iva ☐ le

6.2. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsijiet 6 jew 6.1 hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jinkludu biss il-kostijiet diretti u indiretti relatati mal-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd.

☐ iva ☐ le

7.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7.2. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-kostijiet li huma eliġibbli skont il-miżura.

……

8. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-intensità massima tal-għajnuna ma taqbiżx l-40 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

8.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

8.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

INFORMAZZJONI OĦRA

9. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

3.2. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAS-SOSTITUZZJONI JEW IL-MODERNIZZAZZJONI TA' MAGNA PRINĊIPALI JEW ANĊILLARI**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kull għajnuna għas-sostituzzjoni jew għall-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari tal-bastimenti tas-sajd, kif deskritt fit-Taqsima 3.2 tal-Kapitolu 3 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([595]) *("il-Linji Gwida").*

1. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom tingħata l-għajnuna ma jiġux trasferiti jew jingħataw bandiera ġdida barra mill-Unjoni għal mill-inqas 5 snin mill-pagament finali tal-għajnuna.

☐ iva ☐ le

1.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

([595]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

2. Ikkonferma li l-għajnuna tingħata biss għas-sostituzzjoni jew għall-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari ta' bastiment tas-sajd b'tul totali ta' mhux aktar minn 24 metru.

☐ iva ☐ le

2.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

3. Skont il-punt (253)(a) tal-Linji Gwida, il-bastimenti tas-sajd iridu jappartjenu għal segment tal-flotta li fir-rigward tiegħu l-aħħar rapport dwar il-kapaċità tas-sajd, imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament(UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([596]), ikun wera bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dak is-segment (minn hawn 'il quddiem "ir-rapport nazzjonali"). Skont il-punt (254) tal-Linji Gwida, il-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn (225) sa (227) tal-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.2 japplikaw għall-fini tal-punt (253)(a). F'dan l-isfond, indirizza dan li ġej:

Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, ma hemmx għalfejn twieġeb il-mistoqsijiet 3.1-3.2.6.1.

3.1. Meta tħejja l-aħħar rapport nazzjonali qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna?

……

3.1.1. Ipprovdi l-link għall-aħħar rapport nazzjonali jew ehmżu man-notifika.

……

3.2. Ikkonferma li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati biex tingħata l-għajnuna kollha:

3.2.1. Ir-rapport nazzjonali ġie ppreżentat sal-31 ta' Mejju tas-sena N ([597])?

☐ iva ☐ le

3.2.2. Ikkonferma li r-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N, u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fih, tħejja fuq il-bażi tal-indikaturi bijoloġiċi, ekonomiċi u tal-użu tal-bastimenti stabbiliti fil-linji gwida komuni ([598]) msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

☐ iva ☐ le

Innota li ma tista' tingħata l-ebda għajnuna jekk ir-rapport nazzjonali, u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fih, ma jkunx tħejja fuq il-bażi tal-indikaturi bijoloġiċi, ekonomiċi u tal-użu tal-bastimenti stabbiliti fil-linji gwida komuni msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

3.2.3. Dan ir-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N, juri li hemm bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd fis-segment tal-flotta li għalih jappartjeni l-bastiment?

☐ iva ☐ le

([596]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([597]) Irreferi għall-punti 225 u 226 tal-Linji Gwida li jiddeskrivu s-sekwenzi tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N u l-azzjoni tal-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1.

([598]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Linji Gwida għall-analiżi tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2014) 545 final).

3.2.4. Spjega kif ir-rapport nazzjonali tqies meta tfasslet il-miżura u kif jinkiseb il-bilanċ.

……

3.2.5. Ikkonferma li l-Kummissjoni ma ddubitatx sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1:

(a) ☐ il-konklużjoni tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N

(b) ☐ il-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fir-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N

3.2.6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata fuq il-bażi tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N biss, sal-31 ta' Diċembru tas-sena N+1, jiġifieri s-sena ta' wara s-sena tal-preżentazzjoni tar-rapport.

☐ iva ☐ le

3.2.6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

4. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd iridu jkunu ġew rreġistrati fir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni għal mill-inqas 5 snin kalendarji ta' qabel is-sena ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

☐ iva ☐ le

4.1. Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata biss fir-rigward ta' bastiment tas-sajd li daħal fis-servizz, skont il-liġi nazzjonali, għal mill-inqas 5 snin kalendarji qabel is-sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

☐ iva ☐ le

4.2. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 4 jew 4.1 hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5. Għall-bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira u għall-bastimenti użati għas-sajd fl-ilmijiet interni, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-magna l-ġdida jew modernizzata ma jkollhiex iktar saħħa f'kW minn dik tal-magna attwali.

☐ iva ☐ le

5.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

6. Għal bastimenti oħrajn b'tul totali ta' mhux aktar minn 24 metru, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-magna l-ġdida jew modernizzata ma jkollhiex iktar saħħa f'kW minn dik tal-magna attwali u temetti mill-inqas 20 % inqas CO_2 apparagun tal-magna attwali.

☐ iva ☐ le

6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-kapaċità tas-sajd irtirata minħabba s-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari ma tridx tiġi mibdula.

☐ iva ☐ le

7.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

8. Iddeskrivi fid-dettall il-mekkaniżmi ta' kontroll u infurzar fis-seħħ biex jiggarantixxu l-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 3.2 tal-Kapitolu 3, il-Parti II tal-Linji Gwida.

……

9. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-magni kollha mibdula jew modernizzati jridu jkunu soġġetti għal verifika fiżika.

☐ iva ☐ le

9.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

10. Ikkonferma kif it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 imsemmi fil-mistoqsija 6 se jkun issodisfat permezz tal-miżura:

(a) ☐ permezz ta' informazzjoni rilevanti ċċertifikata mill-manifattur tal-magna kkonċernata, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip jew ċertifikat tal-prodott, li tindika li l-magna l-ġdida tarmi 20 % inqas CO_2 mill-magna li tkun qed tiġi mibdula

(b) ☐ permezz ta' informazzjoni rilevanti ċċertifikata mill-manifattur tal-magna kkonċernata, bħala parti minn approvazzjoni tat-tip jew ċertifikat tal-prodott, li tindika li l-magna l-ġdida tuża 20 % inqas fuel mill-magna li tkun qed tiġi mibdula

10.1. Iddeskrivi l-għażla tiegħek fid-dettall.

……

10.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tirrifletti/jirriflettu l-kaxxa mmarkata bi tweġiba għall-mistoqsija preċedenti.

……

11. Meta l-informazzjoni rilevanti ċċertifikata mill-manifattur tal-magna kkonċernata bħala parti minn approvazzjoni tat-tip jew ċertifikat tal-prodott għal magna waħda jew għaż-żewġ magni ma tippermettix li jsir paragun tal-emissjonijiet ta' CO_2 jew tal-konsum tal-fuel, ikkonferma kif it-tnaqqis tal-emissjonijiet CO_2 imsemmi fil-mistoqsija 6 se jkun issodisfat permezz tal-miżura:

(a) ☐ il-magna l-ġdida tuża teknoloġija effiċjenti fl-enerġija u d-differenza fiż-żmien bejn il-magna l-ġdida u l-magna li tkun qed tiġi mibdula tkun mill-inqas 7 snin

(b) ☐ il-magna l-ġdida tuża tip ta' fuel jew sistema ta' propulsjoni li titqies li tarmi inqas CO_2 mill-magna li tkun qed tiġi mibdula

(c) ☐ l-Istat Membru kkonċernat jikkalkula li l-magna l-ġdida tarmi 20 % inqas CO_2 jew tuża 20 % inqas fuel mill-magna li tkun qed tiġi mibdula skont l-isforz normali tas-sajd tal-bastiment ikkonċernat.

11.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li jirriflettu l-għażla tiegħek.

……

11.2. Skont il-punt (260) tal-Linji Gwida, ikkonferma li tapplika r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/46 ([599]) biex tidentifika t-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija msemmija fil-punt (259)(a) tal-Linji Gwida u biex tispeċifika aktar l-elementi tal-metodoloġija għall-implimentazzjoni tal-punt (259)(c) tiegħu.

☐ iva ☐ le

11.3. Iddeskrivi kif il-miżura tapplika dawk ir-rekwiżiti.

……

([599]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/46 tat-13 ta' Jannar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti fl-enerġija u l-ispeċifikazzjoni tal-elementi ta' metodoloġija biex jiġi ddeterminat l-isforz normali tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd (ĠU L 9, 14.1.2022, p. 27).

12. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jinkludu biss il-kostijiet diretti u indiretti relatati mas-sostituzzjoni jew mal-modernizzazzjoni ta' magna prinċipali jew anċillari.

☐ iva ☐ le

12.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

12.2. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-kostijiet li huma eliġibbli skont il-miżura.

……

13. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-intensità massima tal-għajnuna ma taqbiżx l-40 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

13.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

13.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

INFORMAZZJONI OĦRA

14. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

3.3. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA GĦAL ŻIEDA FIT-TUNNELLAĠĠ GROSS TA' BASTIMENT TAS-SAJD GĦALL-FINIJIET TAT-TITJIB TAS-SIKUREZZA, TAL-KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL JEW TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kull għajnuna għaż-żieda fit-tunnellaġġ gross ta' bastiment tas-sajd għall-finijiet ta' titjib tas-sikurezza, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jew tal-effiċjenza enerġetika, kif deskritt fit-Taqsima 3.3 tal-Kapitolu 3 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([600]) *("il-Linji Gwida").*

1. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom tingħata l-għajnuna ma jiġux trasferiti jew jingħataw bandiera ġdida barra mill-Unjoni għal mill-inqas 5 snin mill-pagament finali tal-għajnuna.

☐ iva ☐ le

([600]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

1.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

2. Skont il-punt (265)(a) tal-Linji Gwida, il-bastimenti tas-sajd iridu jappartjenu għal segment tal-flotta li fir-rigward tiegħu l-aħħar rapport dwar il-kapaċità tas-sajd, imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament(UE) Nru 1380/2013, ikun wera bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dak is-segment (minn hawn 'il quddiem "ir-rapport nazzjonali"). Skont il-punt (266) tal-Linji Gwida, il-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn (225) sa (227) tal-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.2 japplikaw għall-fini tal-punt (265)(a). F'dan l-isfond, ikkonferma dan li ġej:

Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, ma hemmx għalfejn twieġeb il-mistoqsijiet 2.1-2.2.6.1.

2.1. Meta tħejja l-aħħar rapport nazzjonali qabel id-data tal-għoti tal-għajnuna?

……

2.1.1. Ipprovdi l-link għall-aħħar rapport nazzjonali jew ehmżu man-notifika.

……

2.2. Ikkonferma li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati biex tingħata l-għajnuna kollha:

2.2.1. Ir-rapport nazzjonali ġie ppreżentat sal-31 ta' Mejju tas-sena N ([601])?

☐ iva ☐ le

2.2.2. Ikkonferma li r-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N, u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fih, tħejja fuq il-bażi tal-indikaturi bijoloġiċi, ekonomiċi u tal-użu tal-bastimenti stabbiliti fil-linji gwida komuni ([602]) msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

☐ iva ☐ le

Innota li ma tista' tingħata l-ebda għajnuna jekk ir-rapport nazzjonali, u b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fih, ma jkunx tħejja fuq il-bażi tal-indikaturi bijoloġiċi, ekonomiċi u tal-użu tal-bastimenti stabbiliti fil-linji gwida komuni msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

2.2.3. Dan ir-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N, juri li hemm bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd fis-segment tal-flotta li għalih jappartjeni l-bastiment?

☐ iva ☐ le

2.2.4. Spjega kif ir-rapport nazzjonali tqies meta tfasslet il-miżura u kif jinkiseb il-bilanċ.

……

([601]) Irreferi għall-punti 225 u 226 tal-Linji Gwida li jiddeskrivu s-sekwenzi tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N u l-azzjoni tal-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1.

([602]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Linji Gwida għall-analiżi tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2014) 545 final).

2.2.5. Ikkonferma li l-Kummissjoni ma ddubitatx sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1:

(a) ☐ il-konklużjoni tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N

(b) ☐ il-valutazzjoni tal-bilanċ li tinsab fir-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N

2.2.6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata fuq il-bażi tar-rapport nazzjonali ppreżentat fis-sena N biss, sal-31 ta' Diċembru tas-sena N+1, jiġifieri s-sena ta' wara s-sena tal-preżentazzjoni tar-rapport.

☐ iva ☐ le

2.2.6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

3. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd ma jaqbżux l-24 metru bħala tul totali.

☐ iva ☐ le

3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

4. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd iridu jkunu ġew irreġistrati fir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni għal mill-inqas 10 snin kalendarji ta' qabel is-sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

☐ iva ☐ le

4.1. Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata biss fir-rigward ta' bastiment tas-sajd li daħal fis-servizz, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għal mill-inqas 10 snin kalendarji qabel is-sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

☐ iva ☐ le

4.2. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 4 jew 4.1 hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5. Ikkonferma li d-dħul fil-flotta tas-sajd ta' kapaċità tas-sajd ġdida ġġenerata mill-operazzjoni jkun ikkumpensat bl-irtirar minn qabel ta' mill-inqas l-istess ammont ta' kapaċità tas-sajd mingħajr għajnuna pubblika mill-istess segment tal-flotta jew minn segment tal-flotta li fir-rigward tiegħu l-aħħar rapport dwar il-kapaċità tas-sajd, imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ikun wera li l-kapaċità tas-sajd mhijiex f'bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dak is-segment.

☐ iva ☐ le

5.1. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, din il-mistoqsija ma tapplikax.

6. Ikkonferma l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ iż-żieda fit-tunnellaġġ gross meħtieġ għall-installazzjoni jew ir-rinnovazzjoni sussegwenti tal-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni ddedikati għall-użu esklużiv tal-ekwipaġġ, li jinkludu faċilitajiet sanitarji, żoni komuni, faċilitajiet tal-kċina u strutturi ta' kenn fuq il-gverta

(b) ☐ iż-żieda fit-tunnellaġġ gross meħtieġ għat-titjib jew l-installazzjoni sussegwenti ta' sistemi abbord għall-prevenzjoni ta' nirien, sistemi ta' sikurezza u ta' allarm jew sistemi għat-tnaqqis tal-istorbju

(c) ☐ iż-żieda fit-tunnellaġġ gross meħtieġ għall-installazzjoni sussegwenti ta' sistemi integrati tal-kabina tal-kmand għall-ġestjoni tan-navigazzjoni li jtejbu n-navigazzjoni jew il-kontroll tal-magna

(d) ☐ iż-żieda fit-tunnellaġġ gross meħtieġ għall-installazzjoni jew ir-rinnovazzjoni sussegwenti ta' magna jew sistema ta' propulsjoni li turi effiċjenza aħjar fl-enerġija jew emissjonijiet aktar baxxi ta' CO_2 meta mqabbla mas-sitwazzjoni preċedenti, li ma jkollhiex saħħa li taqbeż is-saħħa tal-magna preċedentement iċċertifikata tal-bastiment tas-sajd skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([603]), u li l-potenza massima tal-output tagħha tkun iċċertifikata mill-manifattur ta' dak il-mudell tal-magna jew tas-sistema ta' propulsjoni;

(e) ☐ is-sostituzzjoni jew ir-rinnovazzjoni tal-pruwa bulbali dment li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika kumplessiva tal-bastiment tas-sajd.

6.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li jirriflettu l-għażla tiegħek.

……

6.2. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jinkludu biss il-kostijiet diretti u indiretti relatati mal-għajnuna għall-investiment għat-titjib tas-sikurezza, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jew tal-effiċjenza enerġetika li twassal għaż-żieda fit-tunnellaġġ gross ta' bastiment tas-sajd.

☐ iva ☐ le

6.3. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

6.4. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-kostijiet li huma eliġibbli skont il-miżura. Iddeskrivi liema huma l-kostijiet relatati mat-titjib tas-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol jew l-effiċjenza enerġetika, rispettivament.

……

7. Iddeskrivi fid-dettall il-mekkaniżmi ta' kontroll u infurzar fis-seħħ biex jiggarantixxu l-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 3.3 tal-Kapitolu 3 tal-Parti II tal-Linji Gwida.

……

8. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-karatteristiċi tal-miżura, inkluż l-ammont tal-kapaċità tas-sajd miżjuda u l-iskop ta' dik iż-żieda.

……

Jekk it-tweġiba kienet diġà ngħatat bi tweġiba għal mistoqsija jew taqsima preċedenti, irreferi għal dik it-tweġiba.

9. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-intensità massima tal-għajnuna ma taqbiżx l-40 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

9.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

9.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

([603]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

INFORMAZZJONI OĦRA

10. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

3.4. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA GĦAL WAQFIEN PERMANENTI TA' ATTIVITAJIET TAS-SAJD**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kull għajnuna mill-Istat għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd, kif deskritt fit-Taqsima 3.4 tal-Kapitolu 3 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([604]) ("il-Linji Gwida").

1. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom tingħata l-għajnuna ma jiġux trasferiti jew jingħataw bandiera ġdida barra mill-Unjoni għal mill-inqas 5 snin mill-pagament finali tal-għajnuna.

☐ iva ☐ le

1.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

Jekk il-miżura tinvolvi biss l-iskreppjar ta' bastimenti tas-sajd, din il-kwistjoni ma tapplikax.

2. Ikkonferma li l-waqfien huwa previst bħala għodda ta' pjan ta' azzjoni msemmi fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

☐ iva ☐ le

Jekk il-miżura ssegwi kunsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika jew kunsiderazzjonijiet oħra relatati mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-punt (277) tal-Linji Gwida, din il-kwistjoni ma tapplikax. Bl-istess mod, jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, din il-kwistjoni ma tapplikax.

3. Ikkonferma li l-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd se jinkiseb permezz ta':

(a) ☐ l-iskreppjar tal-bastiment tas-sajd;

(b) ☐ id-dekummissjonar u l-modifiki retroattivi fil-bastimenti tas-sajd għal attivitajiet oħra għajr is-sajd kummerċjali;

(c) ☐ it-tnejn li huma, jiġifieri, il-waqfien permanenti se jinkiseb permezz tal-iskreppjar u d-dekummissjonar u l-modifiki retroattivi fil-bastiment tas-sajd

3.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li jirriflettu l-għażla tiegħek.

……

4. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd iridu jkunu rreġistrati bħala attivi u jkunu wettqu attivitajiet tas-sajd għal mill-inqas 90 jum fis-sena matul l-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

☐ iva ☐ le

4.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

([604]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

4.2. Meta l-attività tas-sajd inkwistjoni tkun ta' natura li ma tistax titwettaq matul is-sena kalendarja kollha, ir-rekwiżit minimu tal-attività tas-sajd stabbilit fil-punt (275)(c) tal-Linji Gwida jista' jitnaqqas sakemm il-proporzjon bejn l-għadd ta' jiem ta' attività u l-għadd ta' jiem ta' sajd ikun l-istess bħall-proporzjon bejn l-għadd ta' jiem ta' attività u l-għadd ta' jiem kalendarji kull sena għall-impriżi benefiċjarji li jistadu s-sena kollha.

4.2.1. F'każ bħal dan, iddeskrivi fid-dettall in-natura tal-attività tas-sajd ikkonċernata mill-miżura, spjega kif ir-rekwiżit minimu tal-attività tas-sajd ġie kkalkulat u identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

4.3. Jekk il-miżura tikkonċerna sajd fl-ilmijiet interni u l-bastimenti tas-sajd ikunu attivi fil-qbid ta' diversi speċijiet li għalihom huwa permess għadd differenti ta' jiem li jistgħu jintużaw għas-sajd fl-ilmijiet interni, l-għadd ta' jiem tas-sajd biex jiġi kkalkulat il-proporzjon stabbilit fil-punt (276) tal-Linji Gwida huwa l-medja tal-għadd ta' jiem li jistgħu jintużaw għas-sajd permessi għall-qabdiet ta' dak il-bastiment. Innota li, madankollu, l-għadd minimu ta' jiem ta' attivitajiet tas-sajd li jirriżulta minn tali aġġustament fl-ebda każ ma għandu jkun inqas minn 30 jum jew aktar minn 90 jum.

4.3.1. F'każ bħal dan, iddeskrivi fid-dettall il-qafas legali u/jew amministrattiv applikabbli għas-sajd fl-ilmijiet interni kkonċernat, spjega kif ġie kkalkulat ir-rekwiżit minimu tal-attività tas-sajd u identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li kapaċità tas-sajd ekwivalenti se titneħħa b'mod permanenti mir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni, u li tali kapaċità mhux se tiġi mibdula.

☐ iva ☐ le

5.1. Jekk il-miżura tikkonċerna sajd fl-ilmijiet interni, ikkonferma li l-kundizzjoni tapplika b'referenza għar-reġistru nazzjonali tal-flotta rilevanti, jekk disponibbli skont il-liġi nazzjonali, minflok ir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni.

☐ iva ☐ le

5.2. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 5 jew 5.1 hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-liċenzji tas-sajd rispettivi u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd se jiġu rtirati b'mod permanenti.

☐ iva ☐ le

6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-impriżi benefiċjarji ma jirreġistraw l-ebda bastiment tas-sajd fi żmien 5 snin minn meta jirċievu l-għajnuna.

☐ iva ☐ le

7.1. Jekk il-miżura tikkonċerna sajd fl-ilmijiet interni, ikkonferma li l-kundizzjoni tapplika b'referenza għar-reġistru nazzjonali tal-flotta rilevanti, jekk disponibbli skont il-liġi nazzjonali, minflok ir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni.

☐ iva ☐ le

7.2. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 7 jew 7.1 hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

8. Jekk il-miżura ssegwi kunsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika jew kunsiderazzjonijiet oħra relatati mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-punt (277) tal-Linji Gwida, jew jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni skont il-punt (280) tagħhom, indirizza dan li ġej:

8.1. Spjega fid-dettall iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-waqfien permanenti, billi tistabbilixxi pereżempju l-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi jew ambjentali segwiti.

……

8.2. Identifika l-objettiv tal-miżura:

☐ miżuri ta' konservazzjoni appoġġati minn evidenza xjentifika

☐ kunsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika

8.2.1. F'każ ta' miżuri ta' konservazzjoni, ipprovdi sommarju tal-evidenza xjentifika li tappoġġa l-miżura.

……

8.2.2. F'każ ta' kunsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika, spjega fid-dettall ir-raġunament ekonomiku tal-waqfien permanenti (sakemm ma jkunx diġà deskritt bi tweġiba għall-mistqosija 8.1).

……

8.3. Fir-rigward tas-sajd fl-ilmijiet interni, ikkonferma li l-għajnuna skont il-miżura tista' tingħata biss lil impriżi benefiċjarji li joperaw esklużivament fl-ilmijiet interni.

☐ iva ☐ le

8.3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

8.4. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-impriżi benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li ma jżidux il-kapaċità tas-sajd attiva tagħhom miż-żmien tal-applikazzjoni għall-għajnuna sa 5 snin wara l-ħlas tal-għajnuna.

☐ iva ☐ le

8.4.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

8.5. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-impriżi benefiċjarji jimpenjaw ruħhom ukoll li ma jużawx l-għajnuna biex jibdlu jew jimmodernizzaw il-magni tagħhom, sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([605]).

☐ iva ☐ le

8.5.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

([605]) Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1).

8.6. Jekk sena qabel in-notifika, Stat Membru notifikanti jkun ta xi għajnuna jew implimenta operazzjonijiet permezz tal-Fond Ewropew Marittimu tas-Sajd (FEMS) jew il-Fond Ewropew Marittimu, tas-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) li jwasslu għal żieda fil-kapaċità tas-sajd f'baċir tal-baħar, jew meta jkun inkluda tali operazzjonijiet fil-programm nazzjonali tal-FEMSA, spjega fid-dettall sa liema punt l-għajnuna għall-waqfien permanenti f'dak l-istess baċir tal-baħar hija kompatibbli ma' tali żieda fil-kapaċità tas-sajd u uri l-ġustifikazzjoni għall-għajnuna u l-indispensabbiltà tagħha.

Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, din il-mistoqsija ma tapplikax.

……

9. Ikkonferma l-benefiċjarji tal-għajnuna:

(a) ☐ sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni kkonċernati mill-waqfien permanenti

(b) ☐ sajjieda li jkunu ħadmu abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni soġġett għall-waqfien permanenti għal mill-inqas 90 jum fis-sena matul l-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel is-sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna

(c) ☐ it-tnejn li huma, jiġifieri, il-kategoriji ta' benefiċjarji li jinkludu (a) u (b)

9.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li jirriflettu l-għażla tiegħek.

……

9.2. Spjega kif ġie kkalkulat l-għadd minimu ta' 90 jum stabbilit hawn fuq għas-sajjieda, f'każ li xi aġġustament kien applikabbli għall-bastimenti tas-sajd rispettivi, filwaqt li jitqiesu l-punti (283), (276) u 281) tal-Linji Gwida.

……

9.3. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li s-sajjieda jwaqqfu l-attivitajiet kollha tas-sajd għal 5 snin wara li jirċievu l-għajnuna, u li - jekk sajjied jerġa' lura għall-attivitajiet tas-sajd f'dak il-perjodu - l-ammonti mħallsa indebitament fir-rigward tal-għajnuna jiġu rkuprati f'ammont proporzjonat għall-perjodu li matulu dik il-kundizzjoni ma tkunx ġiet issodisfata.

☐ iva ☐ le

9.3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

10. Iddeskrivi fi-dettall il-mekkaniżmi ta' kontroll u infurzar fis-seħħ biex jiggarantixxu l-konformità mal-kundizzjonijiet konnessi mal-waqfien permanenti, inkluż biex jiżguraw li l-kapaċità tiġi rtirata b'mod permanenti, u li l-bastiment jew is-sajjieda kkonċernati jkunu waqqfu kwalunkwe attività tas-sajd wara l-miżura. Innota li fin-nuqqas ta' reġistru tal-flotta nazzjonali applikabbli għall-ilmijiet interni, l-Istati Membri jeħtiġilhom juru wkoll li tali mekkaniżmi ta' kontroll u infurzar jiżguraw ġestjoni tal-kapaċità komparabbli ma' dik applikabbli għas-sajd bil-baħar.

……

11. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jridu jiġu kkalkolati fil-livell tal-benefiċjarju individwali.

☐ iva ☐ le

11.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

12. Ikkonferma l-kostijiet eliġibbli:

☐ f'każ ta' skreppjar ta' bastimenti tas-sajd:

☐ il-kostijiet għall-iskreppjar tal-bastimenti tas-sajd

☐ kumpens għat-telf tal-valur tal-bastimenti tas-sajd imkejjel bħala l-valur tal-bejgħ attwali tagħhom

☐ f'każ ta' dekummissjonar u ta' modifiki retroattivi għal attivitajiet għajr is-sajd kummerċjali: il-kostijiet ta' investiment relatati mal-konverżjoni tal-bastiment tas-sajd għall-finijiet ta' attivitajiet ekonomiċi oħra

☐ kostijiet relatati mas-sajjieda, li jistgħu jinkludu wkoll il-kostijiet soċjali obbligatorji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-waqfien permanenti sakemm ma jkunux koperti minn dispożizzjonijiet nazzjonali oħra f'każ ta' waqfien ta' attività kummerċjali

12.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li jirriflettu l-għażla tiegħek.

……

12.2. Iddeskrivi fid-dettall il-kostijiet eliġibbli.

……

12.3. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jridu jitnaqqsu bi kwalunkwe kost mhux imġarrab minħabba l-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd, li inkella kien jiġġarrab mill-impriża benefiċjarja.

☐ iva ☐ le

12.3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

12.3.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

13. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-intensità massima tal-għajnuna ma taqbiżx il-100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

13.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

13.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

14. Innota li l-Kummissjoni tista' taċċetta metodi oħra ta' kalkolu dment li tkun sodisfatta li dawn ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u li ma jirriżultawx fil-kumpens żejjed lil xi impriża benefiċjarja.

Meta l-Istat Membru notifikanti jkun beħsiebu jipproponi metodu ta' kalkolu ieħor, ipprovdi r-raġunijiet għaliex il-metodu stabbilit fil-Linji Gwida mhuwiex xieraq f'dan il-każ u spjega kif il-metodu l-ieħor ta' kalkolu jindirizza aħjar il-ħtiġijiet identifikati.

……

Ippreżenta, bħala anness tan-notifika, il-metodoloġija l-oħra proposta, flimkien ma' dimostrazzjoni li hija bbażata fuq kriterji oġġettivi u li ma tirriżultax f'kumpens żejjed lil xi benefiċjarju.

INFORMAZZJONI OĦRA

15. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

3.5. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA GĦAL WAQFIEN TEMPORANJU TA' ATTIVITAJIET TAS-SAJD**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika ta' kull għajnuna mill-Istat għall-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd, kif deskritt fit-Taqsima 3.5 tal-Kapitolu 3 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([606]) ("il-Linji Gwida").

1. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom tingħata l-għajnuna ma jiġux trasferiti jew jingħataw bandiera ġdida barra mill-Unjoni għal mill-inqas 5 snin mill-pagament finali tal-għajnuna.

☐ iva ☐ le

1.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

2. Identifika l-każ li għalih tingħata l-għajnuna għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd:

(a) ☐ il-miżuri ta' konservazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 7(1), il-punti (a), (b), (c), (i) u (j), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([607]) jew, fejn applikabbli għall-Unjoni, miżuri ta' konservazzjoni ekwivalenti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, dment li jkun meħtieġ tnaqqis tal-isforz tas-sajd, fuq il-bażi ta' parir xjentifiku, biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS, kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) u fl-Artikolu 2(5), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013

(b) ☐ miżuri tal-Kummissjoni f'każ ta' theddida serja għar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kif imsemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013

(c) ☐ miżuri ta' emerġenza tal-Istat Membru skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013

(d) ☐ l-interruzzjoni tal-applikazzjoni ta' ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jew protokoll tiegħu minħabba forza maġġuri

(e) ☐ inċidenti ambjentali jew kriżijiet tas-saħħa, kif rikonoxxuti formalment mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rilevanti.

2.1. Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri, l-inċidenti jew il-kriżijiet inkwistjoni u, jekk applikabbli, identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali li tirrikonoxxi formalment dawk l-eventi.

……

Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, din il-kwistjoni ma tapplikax, ara minflok il-mistoqsija 5.2.

3. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata biss meta l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment jew tas-sajjied ikkonċernat ikunu mwaqqfa għal mill-inqas 30 jum f'sena kalendarja partikolari.

☐ iva ☐ le

3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

([606]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

([607]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

4. Ikkonferma l-benefiċjarji tal-għajnuna:

(a) ☐ is-sidien jew l-operaturi ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu rreġistrati bħala attivi u li jkunu wettqu attivitajiet tas-sajd għal mill-inqas 120 jum matul l-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel is-sena ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna

(b) ☐ fir-rigward tas-sajd fl-ilmijiet interni: is-sidien jew l-operaturi ta' bastimenti tas-sajd li jkunu rreġistrati fir-reġistru tal-flotta nazzjonali (jekk applikabbli skont il-liġi nazzjonali) bħala attivi u li jkunu wettqu attivitajiet tas-sajd għal mill-inqas 120 jum matul l-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel is-sena ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna

(c) ☐ is-sajjieda li jkunu ħadmu abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni soġġett għall-waqfien temporanju għal mill-inqas 120 jum matul l-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel is-sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna

(d) ☐ is-sajjieda tal-miexi li jkunu wettqu attivitajiet tas-sajd għal mill-inqas 120 jum matul l-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel is-sena tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna

4.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li jirriflettu l-għażla tiegħek.

……

4.2. Meta l-attività tas-sajd inkwistjoni tkun ta' natura li ma tistax titwettaq matul is-sena kalendarja kollha, ir-rekwiżit minimu tal-attività tas-sajd, kif stabbilit fil-punt (295) tal-Linji Gwida, jista' jitnaqqas sakemm il-proporzjon bejn l-għadd ta' jiem ta' attività u l-għadd ta' jiem ta' sajd ikun l-istess bħall-proporzjon bejn l-għadd ta' jiem ta' attività u l-għadd ta' jiem kalendarji kull sena għall-impriżi benefiċjarji li jistadu s-sena kollha.

4.2.1. F'każ bħal dan, iddeskrivi fid-dettall in-natura tal-attività tas-sajd ikkonċernata mill-miżura, spjega kif ir-rekwiżit minimu tal-attività tas-sajd ġie kkalkulat u identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

4.3. Jekk il-miżura tikkonċerna sajd fl-ilmijiet interni u l-bastimenti tas-sajd jew is-sajjieda jkunu attivi fil-qbid ta' diversi speċijiet li għalihom huwa permess għadd differenti ta' jiem li jistgħu jintużaw għas-sajd fl-ilmijiet interni, l-għadd ta' jiem ta' sajd biex jiġi kkalkulat il-proporzjon, kif stabbilit fil-punt (296) tal-Linji Gwida huwa l-medja tal-għadd ta' jiem li jistgħu jintużaw għas-sajd permessi għall-qabdiet ta' dak il-bastiment jew sajjied. Innota li, madankollu, l-għadd minimu ta' jiem ta' attivitajiet tas-sajd li jirriżulta minn tali aġġustament fl-ebda każ ma għandu jkun inqas minn 40 jum jew aktar minn 120 jum.

4.3.1. F'każ bħal dan, iddeskrivi fid-dettall il-qafas legali u/jew amministrattiv applikabbli għas-sajd fl-ilmijiet interni kkonċernat, spjega kif ġie kkalkulat ir-rekwiżit minimu tal-attività tas-sajd u identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5. Jekk il-miżura tikkonċerna s-sajd fl-ilmijiet interni, ittratta dan li ġej:

5.1. Ikkonferma li l-għajnuna skont il-miżura tista' tingħata biss lil impriżi benefiċjarji li joperaw esklużivament f'ilmijiet interni.

☐ iva ☐ le

5.1.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

5.2. Identifika l-objettiv tal-miżura:

(a) ☐ miżuri ta' konservazzjoni appoġġati minn evidenza xjentifika

(b) ☐ inċidenti ambjentali jew kriżijiet tas-saħħa, kif rikonoxxuti formalment mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rilevanti

5.2.1. F'każ ta' miżuri ta' konservazzjoni, ipprovdi sommarju tal-evidenza xjentifika li tappoġġa l-miżura.

……

5.2.2. F'każ ta' inċidenti jew kriżijiet, ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-inċidenti jew tal-kriżijiet inkwistjoni u identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali li tirrikonoxxi formalment dawk l-eventi.

……

6. Ikkonferma li l-għajnuna tista' tingħata għal żmien massimu ta' 12-il xahar għal kull bastiment jew għal kull sajjied matul il-perjodu ta' programmazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura, irrispettivament mis-sors tal-finanzjament, kemm jekk iffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll jekk kofinanzjati skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([608]).

☐ iva ☐ le

6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

6.2. Ikkonferma li l-Istati Membri notifikanti jikkonformaw mal-obbligu ta' rapportar stabbilit fil-punt (346) tal-Linji Gwida.

☐ iva ☐ le

7. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-attivitajiet tas-sajd kollha li jwettqu l-bastimenti jew is-sajjieda kkonċernati jridu jiġu sospiżi b'mod effettiv matul il-perjodu kkonċernat mill-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd.

☐ iva ☐ le

7.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

8. Iddeskrivi fid-dettall il-mekkaniżmi ta' kontroll u infurzar li hemm fis-seħħ biex jiggarantixxu l-konformità mal-kundizzjonijiet previsti għall-waqfien temporanju, inkluż biex jiżguraw li l-bastiment jew is-sajjied ikkonċernat ikun waqqaf kwalunkwe attività tas-sajd matul il-perjodu kkonċernat mill-miżura.

……

9. Ikkonferma l-kostijiet eliġibbli:

(a) ☐ telf ta' introjtu minħabba l-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd

(b) ☐ kostijiet oħra relatati mal-manutenzjoni, iż-żamma u l-preservazzjoni ta' assi mhux utilizzati matul il-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd

(c) ☐ it-tnejn li huma, jiġifieri, il-kostijiet eliġibbli jinkludu (a) u (b)

9.1. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li jirriflettu l-għażla tiegħek.

……

([608]) Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1).

9.2. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jridu jiġu kkalkolati fil-livell tal-benefiċjarju individwali.

☐ iva ☐ le

9.2.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

9.3. Ikkonferma li t-telf ta' introjtu jrid jiġi kkalkulat skont il-punt (304) tal-Linji Gwida, jiġifieri billi jitnaqqas: (a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti tas-sajd prodotti fis-sena tal-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena, minn (b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja tal-prodotti tas-sajd prodotti fil-perjodu ta' 3 snin ta' qabel il-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd, jew medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu ta' 5 snin ta' qabel il-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd, minbarra l-ogħla valur u dak l-aktar baxx, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub.

☐ iva ☐ le

9.3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

9.4. Ikkonferma li l-kostijiet relatati mal-manutenzjoni, maż-żamma u mal-preservazzjoni tal-assi mhux utilizzati matul il-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd iridu jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' medja tal-kostijiet imġarrba matul il-perjodu ta' 3 snin ta' qabel il-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd, jew fuq medja ta' 3 snin matul il-perjodu ta' 5 snin ta' qabel il-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd, minbarra l-ogħla valur u dak l-aktar baxx.

☐ iva ☐ le

9.4.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

9.5. Spjega jekk il-kostijiet eliġibbli jistgħux jinkludu kostijiet oħra mġarrba mill-impriża benefiċjarja minħabba l-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd.

☐ iva ☐ le

9.5.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

9.5.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

9.6. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jridu jitnaqqsu b'kull kost mhux imġarrab minħabba l-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd, li inkella kien jiġġarrab mill-impriża benefiċjarja.

9.6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

9.6.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

9.7. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li meta bastiment jintuża matul il-waqfien temporanju għal attivitajiet għajr is-sajd kummerċjali, kull introjtu jrid jiġi ddikjarat u mnaqqas mill-għajnuna mogħtija f'din it-Taqsima, u ma trid tingħata l-ebda għajnuna għal kostijiet oħra relatati mal-manutenzjoni, maż-żamma u mal-preservazzjoni ta' assi mhux utilizzati matul il-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd.

☐ iva ☐ le

9.7.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

10. Innota li l-Kummissjoni tista' taċċetta metodi oħra ta' kalkolu dment li tkun sodisfatta li dawn ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u li ma jirriżultawx fil-kumpens żejjed lil xi impriża benefiċjarja.

Meta l-Istat Membru notifikanti jkun beħsiebu jipproponi metodu ta' kalkolu ieħor, ipprovdi r-raġunijiet għaliex il-metodu stabbilit fil-Linji Gwida mhuwiex xieraq f'dan il-każ u spjega kif il-metodu l-ieħor ta' kalkolu jindirizza aħjar il-ħtiġijiet identifikati.

……

Ippreżenta, bħala anness tan-notifika, il-metodoloġija l-oħra proposta, flimkien ma' dimostrazzjoni li hija bbażata fuq kriterji oġġettivi u li ma tirriżultax f'kumpens żejjed lil xi benefiċjarju.

……

11. Ikkonferma jekk il-miżura tipprevedix li, meta SME tkun ġiet stabbilita inqas minn 3 snin mid-data tal-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd, ir-referenza għall-perjodi ta' 3 snin jew ta' 5 snin fil-punti (304)(b) u (305) tal-Linji Gwida (il-mistoqsijiet 9.3 u 9.4 ta' hawn fuq) trid tinftiehem bħala li tirreferi għall-kwantità prodotta u mibjugħa, jew għall-kostijiet mġarrba, minn impriża medja tal-istess daqs bħall-applikant, jiġifieri mikrointrapriża, intrapriża żgħira jew intrapriża medja, rispettivament, fis-settur nazzjonali jew reġjonali affettwat mill-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd.

☐ iva ☐ le

11.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

12. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna u kull pagament ieħor, inklużi pagamenti minn poloz tal-assigurazzjoni, riċevuti għall-fini ta' waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd iridu jkunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli

☐ iva ☐ le

12.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

……

12.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-limitu ta' 100 % u l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

……

INFORMAZZJONI OĦRA

13. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

……

3.6. **SKEDA TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA TA' LIKWIDITÀ GĦAS-SAJJIEDA**

Din il-formola trid tintuża mill-Istati Membri għan-notifika tal-għajnuna ta' likwidità lis-sajjieda, kif deskritt fit-Taqsima 3.6 tal-Kapitolu 3 tal-Parti II tal-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ([609]) ("il-Linji Gwida"). L-għajnuna f'din it-Taqsima tista' tingħata wkoll lil impriżi attivi fis-sajd fl-ilmijiet interni.

1. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom tingħata l-għajnuna ma jiġux trasferiti jew jingħataw bandiera ġdida barra mill-Unjoni għal mill-inqas 5 snin mill-pagament finali tal-għajnuna.

☐ iva ☐ le

1.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

2. Spjega fid-dettall iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-għajnuna ta' likwidità u ddeskrivi l-eventi eżoġeni li jinvolvu restrizzjoni temporanja tal-attivitajiet tas-sajd.

……

3. Spjega meta seħħ l-event eżoġenju, inklużi d-dati tal-bidu u tat-tmiem tiegħu jekk applikabbli.

……

4. Ikkonferma li l-miżura ma tikkonċerna l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-każijiet ta' waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd elenkati fit-Taqsima 3.5 tal-Parti II, il-Kapitolu 3 tal-Linji Gwida

(b) il-miżuri ta' konservazzjoni meħuda f'konformità mal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli u l-ftehimiet dwar l-iskambju jew il-ġestjoni konġunta

(c) it-tnaqqis jew it-telf tal-opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd

(d) it-tnaqqis jew it-telf ta' opportunitajiet tas-sajd fir-rigward ta' ilmijiet mhux tal-UE, pereż. minħabba nuqqas ta' tiġdid, sospensjoni, terminazzjoni jew negozjar mill-ġdid ta' ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli u ta' ftehimiet dwar skambju jew ġestjoni konġunta jew miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd meħuda f'konformità ma' ftehimiet bħal dawn jew taħt l-awspiċi ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

☐ iva ☐ le

5. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna tista' tingħata biss meta jkun hemm rabta kawżali diretta bejn l-eventi eżoġeni u t-telf tal-introjtu mġarrab.

☐ iva ☐ le

5.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

6. Iddeskrivi fid-dettall il-mekkaniżmi ta' kontroll u infurzar fis-seħħ biex jiggarantixxu l-konformità mal-kundizzjonijiet marbuta mal-għajnuna ta' likwidità lis-sajjieda.

……

([609]) ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

7. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jkopru biss t-telf ta' introjtu minħabba l-eventi eżoġeni.

☐ iva ☐ le

7.1. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7.2. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jridu jiġu kkalkolati fil-livell tal-benefiċjarju individwali.

☐ iva ☐ le

7.2.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7.3. Ikkonferma li t-telf ta' introjtu jrid jiġi kkalkulat skont il-punt (319) tal-Linji Gwida, jiġifieri billi jitnaqqas: (a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti tas-sajd prodotti fis-sena tal-eventi eżoġeni, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena, minn (b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja tal-prodotti tas-sajd prodotti fil-perjodu ta' 3 snin qabel l-eventi eżoġeni, jew medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu ta' 5 snin ta' qabel l-eventi eżoġeni, minbarra l-ogħla valur u dak l-aktar baxx, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub.

☐ iva ☐ le

7.3.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7.4. Spjega jekk il-kostijiet eliġibbli jistgħux jinkludu kostijiet oħra mġarrba mill-impriża benefiċjarja minħabba l-eventi eżoġeni.

☐ iva ☐ le

7.4.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

7.4.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7.5. Ikkonferma li l-kostijiet eliġibbli jridu jitnaqqsu bi kwalunkwe kost mhux imġarrab minħabba l-eventi eżoġeni, li inkella kien jiġġarrab mill-impriża benefiċjarja.

7.5.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika l-kostijiet rilevanti.

……

7.5.2. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

7.6. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li, meta bastiment jintuża matul l-eventi eżoġeni għal attivitajiet għajr is-sajd kummerċjali, kull introjtu jrid jiġi ddikjarat u jitnaqqas mill-għajnuna mogħtija skont din it-Taqsima.

☐ iva ☐ le

7.6.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

……

8. Innota li l-Kummissjoni tista' taċċetta metodi oħra ta' kalkolu dment li tkun sodisfatta li dawn ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u li ma jirriżultawx fil-kumpens żejjed lil xi impriża benefiċjarja.

Jekk l-Istat Membru notifikanti jkun beħsiebu jipproponi metodu ta' kalkolu ieħor, ipprovdi r-raġunijiet għaliex il-metodu stabbilit fil-Linji Gwida mhuwiex xieraq f'dan il-każ u spjega kif il-metodu l-ieħor ta' kalkolu jindirizza aħjar il-ħtiġijiet identifikati.

.....

Ippreżenta, bħala anness tan-notifika, il-metodoloġija l-oħra proposta, flimkien ma' dimostrazzjoni li hija bbażata fuq kriterji oġġettivi u li ma tirriżultax f'kumpens żejjed lil xi benefiċjarju.

9. Ikkonferma li jekk il-miżura tipprevedi li, meta SME tkun ġiet stabbilita inqas minn 3 snin mid-data tal-eventi eżoġeni, ir-referenza għall-perjodi ta' 3 snin jew ta' 5 snin fil-punt (319)(b) tal-Linji Gwida trid tinftiehem bħala li tirreferi għall-kwantità prodotta u mibjugħa minn impriża medja tal-istess daqs bħall-applikant, jiġifieri mikrointrapriża, intrapriża żgħira jew intrapriża medja, rispettivament, fis-settur nazzjonali jew reġjonali affettwata mill-eventi eżoġeni

☐ iva ☐ le

9.1. Jekk it-tweġiba hija "iva", identifika d-dispożizzjoni(jiet) rilevanti fil-bażi legali.

.....

10. Ikkonferma li l-miżura tippreskrivi li l-għajnuna u kull pagament ieħor, inklużi pagamenti minn poloz tal-assigurazzjoni, iridu jkunu limitati għal 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

☐ iva ☐ le

10.1. Ipprovdi l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna applikabbli skont il-miżura.

.....

10.2. Identifika d-dispożizzjoni(jiet) tal-bażi legali li tistabbilixxi/jistabbilixxu l-limitu ta' 100 % u l-intensità/intensitajiet massima/i tal-għajnuna skont il-miżura.

.....

INFORMAZZJONI OĦRA

11. Indika kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura f'din it-Taqsima tal-Linji Gwida.

....."

ANNESS II

"ANNESS III

FORMAT STANDARDIZZAT TAR-RAPPORTAR GĦAL GĦAJNUNA MILL-ISTAT EŻISTENTI

(Dan il-format ikopri s-setturi kollha)

Il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, tibgħat lill-Istati Membri, permezz ta' għodda ta' rapportar iddedikata, il-każijiet ta' għajnuna mill-Istat li n-nefqa tagħhom trid tiġi rrapportata. L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw il-kompletezza tal-każijiet ipprovduti mill-Kummissjoni u jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull każ nieqes billi jipprovdu n-numri ta' għajnuna korrispondenti. Ir-rapporti se jiġu ġġenerati awtomatikament fl-għodda ta' rapportar iddedikata. L-Istati Membri għandhom ilestu r-rapporti bl-informazzjoni tan-nefqa u jivvalidaw il-każijiet, li mbagħad jintbagħtu lura lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena inkwistjoni. Dan jippermetti lill-Kummissjoni sabiex tippubblika d-data dwar l-għajnuna mill-Istat fis-sena t għall-perjodu ta' rapportar t-1 ([1]).

Il-biċċa l-kbira tal-informazzjoni fil-pjattaforma se tkun imtliet bil-lest mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-data pprovduta meta ġiet approvata l-għajnuna. L-Istati Membri se jintalbu jivverifikaw u, fejn hemm bżonn, jimmodifikaw id-dettalji għal kull skema jew għajnuna individwali, u jżidu n-nefqa annwali għall-aħħar sena (t-1). Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jindikaw liema skemi skadew jew li għalihom il-pagamenti kollha waqfu u jekk skema hijiex kofinanzjata mill-Fondi tal-Unjoni jew le.

Informazzjoni bħall-objettiv tal-għajnuna, is-settur li għalih hija diretta l-għajnuna, eċċ għandha tirreferi għaż-żmien li fih l-għajnuna hija approvata u mhux għall-benefiċjarji finali tal-għajnuna. Pereżempju, l-objettiv primarju ta' skema li, fiż-żmien meta l-għajnuna tiġi approvata, tkun esklussivament allokata għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għandu jkun għajnuna għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Madankollu, skema oħra li għaliha l-għajnuna kollha fl-aħħar mill-aħħar tingħata lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ma għandhiex titqies bħala tali jekk, fiż-żmien meta l-għajnuna tiġi approvata, l-iskema tkun miftuħa għall-impriżi kollha.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fir-rapporti:

1. Titolu

2. Numru tal-għajnuna

3. In-numri kollha ta' għajnuna preċedenti (pereżempju, wara t-tiġdid ta' skema)

4. L-iskadenza

   L-Istati Membri għandhom jindikaw dawk l-iskemi li skadew jew li għalihom il-pagamenti kollha waqfu.

5. Il-kofinanzjament

   Għalkemm il-miżuri bbażati biss fuq il-finanzjament tal-Unjoni nnifsu huma eskluży, l-għajnuna totali mill-Istat għal kull Stat Membru għandha tinkludi miżuri ta' għajnuna li huma kofinanzjati mill-finanzjament tal-Unjoni. Sabiex jiġi identifikat liema skemi huma kofinanzjati u jiġi stmat kemm tali għajnuna tirrappreżenta fir-rigward tal-għajnuna ġenerali mill-Istat, l-Istati Membri huma meħtieġa jindikaw jekk l-iskema hijiex kofinanzjata jew le u jekk iva, il-perċentwal ta' għajnuna li hija kofinanzjata. Jekk dan ma jkunx possibbli, għandha tiġi pprovduta stima tal-ammont totali ta' għajnuna li hija kofinanzjata.

6. Is-settur

   Il-klassifikazzjoni settorjali għandha tkun ibbażata l-aktar fuq in-NACE ([2]) fil- [livell ta' tliet ċifri].

7. Għan primarju

([1]) t hija s-sena li fiha tintalab id-data.

([2]) NACE rev.2.1 hija l-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea.

8. Għan sekondarju

Objettiv sekondarju huwa wieħed li għalih, minbarra l-objettiv primarju, l-għajnuna (jew parti distinta minnha) kienet allokata fiż-żmien meta ġiet approvata l-għajnuna. Pereżempju, skema li għaliha l-objettiv primarju huwa r-riċerka u l-iżvilupp jista' jkollha bħala objettiv sekondarju intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jekk l-għajnuna jew parti minnha tkun allokata esklussivament għall-SMEs.

9. Reġjun(i)

L-għajnuna tista', meta tiġi approvata, tkun allokata b'mod esklussiv għal reġjun speċifiku jew grupp ta' reġjuni. Fejn xieraq, għandha ssir distinzjoni bejn ir-reġjuni tal-Artikolu 107(3)a u r-reġjuni tal-Artikolu 107(3)c. Jekk l-għajnuna tkun allokata għal reġjun partikolari wieħed, dan għandu jiġi speċifikat fil-livell II tan-NUTS ([3]).

10. L-istrument tal-għajnuna

11. Tip ta' għajnuna

Għandha ssir distinzjoni bejn tliet kategoriji: Skema, Applikazzjoni individwali ta' skema, Għajnuna individwali mogħtija barra skema (għajnuna ad hoc).

12. Nefqa

L-informazzjoni msemmija fil-punti 1, 2, 3 u 6 sa 11 għandha timtela minn qabel mill-Kummissjoni u tiġi vverifikata mill-Istati Membri. Il-punti 4, 5 u 12 għandhom jimtlew mill-Istati Membri.

Bħala regola ġenerali, iċ-ċifri għandhom jiġu espressi f'termini ta' nefqa reali (jew dħul reali mitluf fil-każ ta' taxxa = miżuri). Meta l-pagamenti ma jkunux disponibbli, l-impenji jew l-approprjazzjonijiet baġitarji għandhom jiġu pprovduti u mmarkati kif xieraq. Għandhom jiġu pprovduti ċifri separati għal kull strument ta' għajnuna fi ħdan skema jew għajnuna individwali (eż. għotja, self b'imgħax baxx, eċċ.). Iċ-ċifri għandhom jiġu espressi fil-munita nazzjonali fl-applikazzjoni fiż-żmien tal-perjodu ta' rapportar. In-nefqa għandha tiġi pprovduta għal t-1. Barra minn hekk, in-nefqa rrappurtata fis-snin preċedenti tista' tiġi aġġornata sa 6 snin fil-passat."

([3]) NUTS hija n-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għal skopijiet statistiċi fl-Unjoni Ewropea.

ANNESS III

"ANNESS IV

FORMOLA BIEX JITRESSQU LMENTI LI JIRRIGWARDAW GĦAJNUNA MILL-ISTAT ALLEGATAMENT ILLEGALI JEW UŻU ĦAŻIN TAL-GĦAJNUNA

It-taqsimiet obbligatorji huma mmarkati bi stilla (*).

1. **Informazzjoni dwar il-persuna li qed tressaq l-ilment**

Isem*:

Kunjom*:

Indirizz linja 1*:

Indirizz linja 2:

Lokalità/Belt*:

Kontea/Stat/Provinċja:

Kodiċi postali*:

Pajjiż*:

Telefon:

Telefon Ċellulari:

Indirizz elettroniku*:

2. **Jien qed inressaq ilment f'isem xi ħaddieħor (persuna jew kumpanija)**

☐ Iva* ☐ Le*

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja

Isem il-persuna/kumpanija li qed tirrappreżenta*:

Numru tar-reġistrazzjoni tal-entità:

Indirizz linja 1*:

Indirizz linja 2:

Lokalità/Belt*:

Kontea/Stat/Provinċja:

Kodiċi postali*:

Pajjiż*:

Telefon 1:

Telefon 2:

Indirizz elettroniku*:

Ehmeż prova li r-rappreżentant huwa awtorizzat li jaġixxi f'isem din il-persuna/kumpanija.*

3. **Aghżel waħda minn dawn li ġejjin biex tiddeskrivi l-identità tiegħek***

(a) ☐ Kompetitur tal-benefiċjarju jew tal-benefiċjarji

(b) ☐ Assoċjazzjoni tan-negozju li tirrappreżenta l-interessi tal-kompetituri

(c) ☐ Organizzazzjoni nongovernattiva

(d) ☐ Trejdjunjin

(e) ☐ Ċittadin tal-UE

(f) ☐ Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika

Spjega għaliex u sa liema punt l-allegata għajnuna mill-Istat taffettwa l-pożizzjoni kompetittiva tiegħek/il-pożizzjoni kompetittiva tal-persuna/kumpanija li tirrappreżenta, jew jekk x'aktarx li jkollha effett speċifiku fuq is-sitwazzjoni tiegħek/tagħha. Ipprovdi l-akbar ammont ta' evidenza konkreta possibbli.

Kun af li, bis-saħħa tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([1])*, partijiet interessati biss fis-sens tal-Artikolu 1, il-punt (h), ta' dan ir-Regolament jistgħu jressqu lmenti formali. Għalhekk, fin-nuqqas ta' prova li int parti interessata, il-formola preżenti mhux se tkun irreġistrata bħala lment, u l-informazzjoni pprovduta fiha se tinżamm bħala informazzjoni tas-suq ġenerali.*

4. **Jekk jogħġbok agħżel waħda minn dawn li ġejjin***

☐ Iva, tistgħu tiżvelaw l-identità tiegħi

☐ Le, ma tistgħux tiżvelaw l-identità tiegħi

Jekk le, jekk jogħġbok speċifika r-raġunijiet:

5. **Informazzjoni dwar l-Istat Membru li qed jagħti l-għajnuna***

Jekk jogħġbok kun af: l-informazzjoni pprovduta f'dan il-punt mhix meqjusa kunfidenzjali.

(a) Pajjiż:

(b) Speċifika liema istituzzjoni jew korp taw l-għajnuna tal-Istat allegatament illegali, jekk hija magħrufa:

— Gvern ċentrali:

— Reġjun (jekk jogħġbok speċifika):

— Oħrajn (speċifika):

6. **Informazzjoni dwar il-miżura tal-allegata għajnuna***

Jekk jogħġbok kun af: l-informazzjoni pprovduta f'dan il-punt mhix meqjusa kunfidenzjali.

F'każ li żżid annessi b'appoġġ għat-talba tiegħek, jekk jogħġbok indika fit-taqsima ta' hawn taħt il-punti/taqsimiet rilevanti tal-anness li jappoġġaw l-allegazzjonijiet tiegħek li l-miżura mhijiex konformi mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni tal-allegata għajnuna, u indika f'liema forma ngħatat (self, għotjiet, garanziji, inċentivi jew eżenzjonijiet mit-taxxa eċċ.).

(b) Għal liema skop ingħatat l-allegata għajnuna (jekk magħruf)?

(c) X'inhu l-ammont tal-allegata għajnuna (jekk magħruf)? Jekk ma għandekx iċ-ċifra eżatta, jekk jogħġbok ipprovdi estimi flimkien mal-evidenza ta' ġustifikazzjoni kollha possibbli.

([1]) ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1589/oj.

(d) Min hu l-benefiċjarju? Jekk jogħġbok agħti l-informazzjoni kollha possibbli, inkluża deskrizzjoni tal-attivitajiet ewlenin tal-benefiċjarju/kumpanija(i) konċernata(i).

(e) Mill-għarfien tiegħek, meta ngħatat l-allegata għajnuna?

(f) Jekk jogħġbok agħżel waħda minn dawn li ġejjin:

☐ Skont l-għarfien tiegħi, l-għajnuna mill-Istat ma ġietx notifikata lill-Kummissjoni.

☐ Skont l-għarfien tiegħi, l-għajnuna mill-Istat ġiet notifikata, iżda ngħatat qabel id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Jekk magħruf, jekk jogħġbok indika n-numru ta' referenza tan-notifika jew indika meta ġiet notifikata l-għajnuna.

☐ Skont l-għarfien tiegħi, l-għajnuna mill-Istat ġiet notifikata u approvata mill-Kummissjoni, iżda l-implimentazzjoni tagħha ma kinitx tirrispetta l-kundizzjonijiet applikabbli. Jekk magħruf, jekk jogħġbok indika n-numru ta' referenza tan-notifika jew indika meta ġiet notifikata u approvata l-għajnuna.

☐ Skont l-għarfien tiegħi, l-għajnuna mill-Istat ingħatat skont regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija, iżda l-implimentazzjoni tagħha ma kinitx tirrispetta l-kundizzjonijiet applikabbli.

7. **Raġunijiet għall-ilment***

Jekk jogħġbok innota li, biex miżura tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, l-allegata għajnuna għandha tingħata minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, trid twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, u tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

F'każ li żżid annessi b'appoġġ għat-talba tiegħek, jekk jogħġbok indika fit-taqsima ta' hawn taħt il-punti/taqsimiet rilevanti tal-anness li jappoġġaw l-allegazzjonijiet tiegħek li l-miżura mhijiex konformi mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

(a) Jekk jogħġbok spjega sa liema punt ir-riżorsi pubbliċi huma involuti (jekk dan huwa magħruf) u, jekk il-miżura ma kinitx adottata minn awtorità pubblika (imma pereżempju minn impriża pubblika), jekk jogħġbok spjega għaliex, fl-opinjoni tiegħek, hija imputabbli għall-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru.

(b) Jekk jogħġbok spjega għaliex, fl-opinjoni tiegħek, l-allegata għajnuna mill-Istat hija selettiva (jiġifieri tiffavorixxi ċerti impriżi kummerċjali jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti).

(c) Jekk jogħġbok spjega kif, fl-opinjoni tiegħek, l-allegata għajnuna mill-Istat tagħti vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarju jew benefiċjarji.

(d) Jekk jogħġbok spjega għaliex, fl-opinjoni tiegħek, twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni.

(e) Jekk jogħġbok spjega għaliex, fl-opinjoni tiegħek, l-allegata għajnuna taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

8. **Kompatibbiltà tal-għajnuna**

Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet għaliex fl-opinjoni tiegħek l-allegata għajnuna mhix kompatibbli mas-suq intern.

F'każ li żżid annessi b'appoġġ għat-talba tiegħek, jekk jogħġbok indika fit-taqsima ta' hawn taħt il-punti/taqsimiet rilevanti tal-anness li jappoġġaw l-allegazzjonijiet tiegħek li l-miżura mhijiex konformi mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

9. **Informazzjoni dwar allegat ksur ta' regoli oħra tal-liġi tal-Unjoni Ewropea u dwar proċeduri oħra**

(a) Jekk magħrufa, jekk jogħġbok indika liema regoli oħra tal-liġi tal-Unjoni Ewropea inti taħseb li ġew miksura permezz tal-għoti tal-allegata għajnuna. Inti mitlub tkun konxju li dan ma jimplikax neċessarjament li dan il-ksur potenzjali se jiġi indirizzat fl-investigazzjoni tal-għajnuna mill-Istat.

(b) Inti diġà kellimt lis-servizzi tal-Kummissjoni jew ta' xi istituzzjoni Ewropea oħra dwar din il-kwistjoni?*

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ehmeż kopji tal-korrispondenza.

(c) Inti diġà kellimt lill-awtoritajiet nazzjonali jew il-qrati nazzjonali dwar din l-istess kwistjoni?*

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika liema awtoritajiet jew qrati;. barra minn hekk, jekk diġà kien hemm deċiżjoni jew sentenza, jekk jogħġbok ehmeż kopja (jekk disponibbli); jekk, min-naħa l-oħra, il-każ għadu pendenti, jekk jogħġbok indika r-referenza tiegħu (jekk din hija disponibbli).

(d) Jekk jogħġbok ipprovdi kull informazzjoni oħra li tista' tkun rilevanti għall-valutazzjoni ta' dan il-każ.

10. **Id-dokumenti ta' sostenn**

Niżżel kull dokument u evidenza ppreżentati b'appoġġ għall-ilment, u żid l-annessi jekk ikun hemm bżonn

— Kull meta possibbli, kopja tal-liġi nazzjonali jew miżuri oħra li jistabbilixxu l-bażi legali għall-ħlas tal-allegata għajnuna għandhom jiġu pprovduti.

— Meta jkun possibbli, jekk jogħġbok ehmeż kwalunkwe evidenza disponibbli li ngħatat l-għajnuna mill-Istat (pereżempju stqarrija għall-istampa, kontijiet ippubblikati).

— Jekk l-ilment qed jitressaq f'isem xi ħadd ieħor (persuna naturali jew kumpanija) jekk jogħġbok ehmeż provi li bħala rappreżentant inti awtorizzat li taġixxi.

— Fejn huwa applikabbli, jekk jogħġbok ehmeż kopji tal-korrispondenza li saret preċedentament mal-Kummissjoni Ewropea jew ma' kwalunkwe istituzzjoni nazzjonali jew Ewropea rigward l-istess kwistjoni.

— Jekk din il-kwistjoni diġà ġiet indirizzata minn qorti/awtorità nazzjonali, jekk jogħġbok ehmeż kopja tas-sentenza/deċiżjoni, jekk hija disponibbli.

11. **Informazzjoni kunfidenzjali**

L-informazzjoni kollha li tinsab f'din il-formola u l-annessi sottomessi mhijiex kunfidenzjali u tista' tiġi kondiviża mal-Istat Membru li allegatament qed jagħti l-għajnuna mill-Istat.

☐ Iva ☐ Le

Jekk le, jekk jogħġbok identifika l-parti(jiet) kunfidenzjali ta' kwalunkwe dokument, spjega r-raġuni għaliex tqis li hija kunfidenzjali u pprovdi verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokument.

Jekk jogħġbok innota li l-informazzjoni li tinsab fil-punti 5 u 6 ta' din il-formola ma tistax tiġi indikata bħala kunfidenzjali.

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni dwar il-kunfidenzjalità ta' ċerti dokumenti jew informazzjoni, dawn l-elementi se jitqiesu bħala mhux kunfidenzjali u jistgħu jintbagħtu lill-Istat Membru li allegatament qed jagħti l-għajnuna mill-Istat.

B'dan qed niddikjara li l-informazzjoni kollha f'din il-formola u fl-annessi qed tiġi pprovduta in bona fide.

Post, data u firma ta' min qed iressaq l-ilment"

ANNESS IV

"ANNESS V

FORMOLA GĦAS-SOTTOMISSJONI TA' TALBIET GĦAL RIEŻAMI INTERN WARA S-SEJBIET TAL-KUMITAT TA' KONFORMITÀ TA' AARHUS FIL-KAWŻA ACCC/C/2015/128 ([1])

It-taqsimiet obbligatorji huma mmarkati bi stilla (*).

1. **INFORMAZZJONI DWAR L-ORGANIZZAZZJONI MHUX GOVERNATTIVA LI QED TISSOTTOMETTI T-TALBA***

Organizzazzjoni mhux governattiva*:

Isem (persuna li tirrappreżenta l-organizzazzjoni mhux governattiva)*:

Kunjom*:

Indirizz linja 1*:

Indirizz Linja 2:

Lokalità/Belt*:

Kontea/Stat/Provinċja:

Kodiċi postali*:

Pajjiż*:

Telefown:

Mowbajl:

Indirizz tal-posta elettronika*:

Qed nissottometti t-talba f'isem organizzazzjoni mhux governattiva oħra, speċifikament .....

☐ Iva* ☐ Le*

Nota: Jekk issir talba konġunta dwar l-istess deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u miżura ta' għajnuna mill-Istat minn diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi, inkludi f'din il-formola d-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi kollha.

Jekk jinħatar punt uniku ta' kuntatt, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji tal-punt uniku ta' kuntatt.*

Punt uniku ta' kuntatt, jekk applikabbli: .....

Isem*:

Kunjom*:

Indirizz linja 1*:

Indirizz Linja 2:

Lokalità/Belt*:

Kontea/Stat/Provinċja:

Kodiċi postali*:

Pajjiż*:

Telefown:

Mowbajl:

Indirizz tal-posta elettronika*:

([1]) Jekk jogħġbok innota li t-talba għal rieżami intern trid issir mill-organizzazzjoni mhux governattiva fi żmien tmien ġimgħat wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li hija s-suġġett tar-rieami mitlub.

2. **AVUKAT LI JISSOTTOMETTI T-TALBA F'ISEM ORGANIZZAZZJONI MHUX GOVERNATTIVA WAĦDA JEW AKTAR***

Qed nissottometti t-talba f'isem organizzazzjoni mhux governattiva waħda jew aktar*

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

Isem l-organizzazzjoni/jiet mhux governattiva/governattivi li int tirrappreżenta*:

Numru tar-reġistrazzjoni tal-entità/entitajiet:

Indirizz linja 1*:

Indirizz Linja 2:

Lokalità/Belt*:

Kontea/Stat/Provinċja:

Kodiċi postali*:

Pajjiż*:

Telefown 1:

Telefown 2:

Indirizz tal-posta elettronika*:

Jekk jogħġbok ehmeż prova li r-rappreżentant huwa awtorizzat li jaġixxi f'isem l-organizzazzjoni/jiet mhux governattiva/governattivi. Jekk organizzazzjoni mhux governattiva tkun irrappreżentata minn avukat, it-talba għandha tinkludi dokumenti u data li juru li l-avukat huwa awtorizzat li jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru. Dan jista' jinkludi ċertifikat maħruġ minn kamra tal-avukati fi Stat Membru jew kwalunkwe dokument ieħor li għandu l-istess effett skont il-prattika nazzjonali. L-avukat irid jipprovdi wkoll prokura li tixhed li huwa/hija intitolat/a jirrappreżenta/tirrappreżenta lill-klijent tiegħu/tagħha.*****

3. **KUNFIDENZJALITÀ***

Għall-persuna li tippreżenta t-talba f'isem l-organizzazzjoni mhux governattiva*:

☐ Iva, tistgħu tiżvelaw l-identità tiegħi

☐ Le, ma tistgħux tiżvelaw l-identità tiegħi

Kunfidenzjalità: Jekk ma tixtieqx li l-identità tiegħek tiġi żvelata, jekk jogħġbok indika dan b'mod ċar.

Ir-rapport se jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Kummissjoni. It-talba se tiġi kondiviża mal-Istat Membru li jagħti l-għajnuna mill-Istat għall-kummenti possibbli tiegħu u tista' tiġi kondiviża wkoll ma' awtoritajiet pubbliċi oħra.

4. **REKWIŻITI TA' ELIĠIBBILTÀ***

4.1. *Status legali tal-organizzazzjoni mhux governattiva **

L-organizzazzjoni mhux governattiva tiegħek hija stabbilita bħala entità legali skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' Stat Membru tal-UE?

☐ Iva ☐ Le

Fl-affermattiv, jekk jogħġbok indika fejn din hija rreġistrata (speċifika l-paġna u l-artikolu/paragrafu): .....

4.2. *Status "mingħajr skop ta' qligħ" tal-organizzazzjoni tiegħek******

L-organizzazzjoni mhux governattiva tiegħek hija organizzazzjoni "mingħajr skop ta' qligħ"? Jekk jogħġbok ipprovdi evidenza għal dan l-għan.

☐ Iva ☐ Le

Fl-affermattiv, jekk jogħġbok indika fejn din hija rreġistrata (speċifika l-paġna u l-artikolu/paragrafu): ..... *(massimu ta' 250 kelma)*

4.3 *Status indipendenti tal-organizzazzjoni tiegħek**:

L-organizzazzjoni mhux governattiva tiegħek hija organizzazzjoni indipendenti?

☐ Iva ☐ Le

Fl-affermattiv, jekk jogħġbok indika fejn din hija rreġistrata (speċifika l-paġna u l-artikolu/paragrafu): ……. *(massimu ta' 250 kelma)*

4.4 *Għan primarju: il-promozzjoni tal-protezzjoni ambjentali fil-kuntest tal-liġi ambjentali**

L-organizzazzjoni mhux governattiva tiegħek għandha bħala l-għan primarju tagħha l-promozzjoni tal-protezzjoni ambjentali fil-kuntest tal-liġi ambjentali?

☐ Iva ☐ Le

Fl-affermattiv, jekk jogħġbok indika fejn din hija rreġistrata (speċifika l-paġna u l-artikolu/paragrafu): ……. *(massimu ta' 250 kelma)*

4.5 *It-tul ta' żmien tal-organizzazzjoni u t-twettiq attiv tal-għan taħt 4.4 hawn fuq*:*

L-organizzazzjoni mhux governattiva tiegħek ilha taħdem u segwiet b'mod attiv l-għan imsemmi f' 4.4 hawn fuq għal aktar minn sentejn?

☐ Iva ☐ Le

Fl-affermattiv, jekk jogħġbok indika fejn din hija rreġistrata (speċifika l-paġna u l-artikolu/paragrafu): ……. *(massimu ta' 250 kelma)*.

4.6 *L-għan tal-organizzazzjoni u s-suġġett tat-talba għal rieżami intern**

X'inhu s-suġġett tat-talba tiegħek? ……*(massimu ta' 250 kelma)*.

Is-suġġett tar-rieżami intern mitlub tiegħek huwa kopert mill-għan u l-attivitajiet tal-organizzazzjoni tiegħek?

☐ Iva ☐ Le

Fl-affermattiv, jekk jogħġbok indika fejn din hija rreġistrata (speċifika l-paġna u l-artikolu/paragrafu): ……. *(massimu ta' 250 kelma)*.

5. **RAĠUNIJIET GĦAT-TALBA***

Jekk jogħġbok indika għal liema deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u l-miżura qed titlob rieżami intern. Jekk possibbli, jekk jogħġbok indika l-premessi fid-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li jiffurmaw il-bażi tat-talba tiegħek.

Indika d-dispożizzjoni/jiet speċifika/speċifiċi tal-liġi ambjentali tal-Unjoni li allegatament inkisru mill-attività li rċeviet l-għajnuna u/jew minn kwalunkwe aspett tal-miżura ta' għajnuna mill-Istat. Spjega għaliex huma marbuta b'mod indissolubbli mal-għan tal-għajnuna u/jew mal-attività megħjuna ([2]).

Kun af li rieżami intern jista' jintalab biss għal deċiżjonijiet finali dwar l-għajnuna mill-Istat li jagħlqu proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat, f'konformità mal-Artikolu 9(3) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, li għandhom bħala bażi legali l-Artikolu 107(3), il-punt (a), l-ewwel parti (għajnuna għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni) tal-punt (b), il-punti (c), (d) u (e) tat-Trattat, l-Artikolu 93 tat-Trattat, l-Artikolu 106(2) tat-Trattat.

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti u strutturati li jappoġġaw kull raġuni għat-talba tiegħek u speċifika liema parti mill-informazzjoni u d-dokumentazzjoni sottomessa tirreferi għal kull raġuni.

([2]) Is-sentenza *ex multis* tat-22 ta' Marzu 1977, *Iannelli & Volpi SpA* vs *Ditta Paolo Meroni*, 74/76, EU:C:1977:51, il-paragrafu 14, *"Dawk l-aspetti tal-għajnuna li jiksru dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat (…) jistgħu jkunu tant marbuta b'mod indissolubbli mal-għan tal-għajnuna li huwa impossibbli li jiġu evalwati separatament sabiex l-effett tagħhom fuq il-kompatibbiltà jew l-inkompatibbiltà tal-għajnuna kkunsidrata fl-interi tagħha għandu għalhekk jiġi ddeterminat fid-dawl tal-proċedura preskritta fl-Artikolu 93"*.

Jekk jogħġbok indika wkoll jekk bdejtx xi azzjoni fil-livell nazzjonali (amministrattiva jew ġudizzjarja) u jekk iva, is-sitwazzjoni attwali.

Jekk jogħġbok ippreżenta fatti u argumenti legali għal kull waħda minn dawn ir-raġunijiet.

…… *(massimu ta' 9 000 kelma)*

6. **ID-DOKUMENTI TA' SOSTENN**

6.1. **Niżżel kwalunkwe dokument u evidenza ppreżentati b'sostenn għat-talba tiegħek u żid l-annessi jekk ikun hemm bżonn.**

L-Annessi kollha jridu jkunu nnumerati, ikollhom intestaturi mmarkati b'mod ċar u jkunu referenzjati fit-talba għal rieżami intern, bħala evidenza tal-argumenti fattwali u/jew legali speċifiċi li saru fit-talba tiegħek.

6.2. **Annessi obbligatorji li għandhom jiġu sottomessi biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà fit-Taqsima 4*:**

(a) statut jew memorandum tal-organizzazzjoni mhux governattiva, jew kwalunkwe dokument ieħor li jissodisfa l-istess rwol skont il-prattika nazzjonali, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri tal-UE fejn il-liġi nazzjonali ma teħtieġx jew ma tipprevedix organizzazzjoni mhux governattiva li tadotta statut jew memorandum;

(b) rapporti tal-attività annwali tal-organizzazzjoni mhux governattiva tal-aħħar sentejn;

(c) fir-rigward ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi stabbiliti f'pajjiżi fejn it-twettiq ta' tali proċeduri huwa prerekwiżit għal organizzazzjoni mhux governattiva biex tikseb personalità ġuridika, kopja tar-reġistrazzjoni ġuridika mal-awtoritajiet nazzjonali;

(d) kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni li l-Kummissjoni preċedentement irrikonoxxiet l-organizzazzjoni mhux governattiva bħala intitolata li tagħmel talba għal rieżami intern skont ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 (ir-"Regolament ta' Aarhus") jew il-paragrafu [xx] tal-Kodiċi tal-Aħjar Prattiki tal-Kummissjoni għat-tmexxija tal-proċeduri ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat; u dikjarazzjoni mill-organizzazzjoni mhux governattiva li huma jkomplu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà.

Nota: jekk kwalunkwe wieħed mid-dokumenti msemmija hawn fuq ma jkunx jista' jiġi pprovdut għal raġunijiet li ma jkunux attribwibbli għall-organizzazzjoni mhux governattiva, l-organizzazzjoni tista' tipprovdi evidenza fil-forma ta' kwalunkwe dokument ekwivalenti ieħor.

Jekk id-dokumenti sottomessi ma jiddikjarawx b'mod ċar li l-organizzazzjoni mhux governattiva għandha l-għan primarju ddikjarat tal-promozzjoni tal-protezzjoni ambjentali fil-kuntest tal-liġi ambjentali, li ilha teżisti għal aktar minn sentejn u li qed issegwi dan l-għan b'mod attiv, jew li s-suġġett li fir-rigward tiegħu ssir it-talba għal rieżami intern huwa kopert mill-għanijiet u l-attivitajiet tal-organizzazzjoni mhux governattiva, l-organizzazzjoni trid tippreżenta kwalunkwe dokument ieħor li jipprovdi evidenza li dan il-kriterju huwa ssodisfat.

7. **RINUNZJA TAL-LINGWA**

Biex jitħaffef l-ipproċessar tat-talba għal rieżami intern, il-Kummissjoni tħeġġeġ bil-qawwa l-użu tar-rinunzja tal-lingwa ta' hawn taħt, datata u ffirmata mill-organizzazzjoni mhux governattiva.

"Is-sottoskritt, li jirrappreżenta lill-organizzazzjoni mhux governattiva li li tippreżenta t-talba għal rieżami intern ta' *[speċifika n-numru u t-titolu tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat]*, jaqbel b'mod eċċezzjonali li jirrinunzja għad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mill-Artikolu 342 tat-Trattat flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1/1958 u li t-tweġiba tal-Kummissjoni tiġi adottata u nnotifikata skont l-Artikolu 297 tat-Trattat bil-lingwa Ingliża biss".

8. **PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI** ([3])

☐ Nifhem li din it-talba għal rieżami tista' tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni, bid-data personali kollha redatta.

☐ Ma naċċettax il-pubblikazzjoni tal-indirizz postali tiegħi fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

☐ Ma naċċettax il-pubblikazzjoni ta' ismi fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

☐ Ma naċċettax li tiġi żvelata l-identità tiegħi lil partijiet terzi.

Il-Kummissjoni se tipproċessa d-data personali tiegħek f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni. Tista' ssib aktar informazzjoni fl-istqarrija ta' privatezza applikabbli.

B'dan qed niddikjara li l-informazzjoni kollha f'din il-formola u fl-annessi qed tiġi pprovduta in bona fide.

Post, data u firma ta' min qed jagħmel it-talba"

([3]) Dan jirreferi għall-isem, l-indirizz postali u l-identità tal-NGO(s) li qed tagħmel/jagħmlu t-talba, mhux ir-rappreżentant legali.